// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 375

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

13 ta' Ottubru 2016

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Awdituri**

2016/C 375/01 Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2015, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet . . . 1

2016/C 375/02 Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2015, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni 287

MT

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1) u (4) tat-TFUE u l-Artikoli 148(1) u 162(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-Artikoli 43, 48 u 60 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 567/2014

**il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea, fil-laqgħa tagħha tal-14 ta' Lulju 2016, adottat**

**IR-RAPPORTI ANNWALI**

**għas-sena finanzjarja 2015.**

Ir-rapporti, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti, intbagħtu lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħra.

Il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri huma:

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA (President), Kersti KALJULAID, Karel PINXTEN, Henri GRETHEN, Szabolcs FAZAKAS, Louis GALEA, Ladislav BALKO, Lazaros S. LAZAROU, Hans Gustaf WESSBERG, Pietro RUSSO, Ville ITÄLÄ, Kevin CARDIFF, Baudilio TOMÉ MUGURUZA, Iliana IVANOVA, George PUFAN, Neven MATES, Alex BRENNINKMEIJER, Danièle LAMARQUE, Nikolaos MILIONIS, Phil WYNN OWEN, Klaus-Heiner LEHNE, Oskar HERICS, Bettina JAKOBSEN, Janusz WOJCIECHOWSKI, Samo JEREB, Jan GREGOR, Mihails KOZLOVS, Rimantas ŠADŽIUS.

# RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

(2016/C 375/01)

# WERREJ

*Paġna*

Introduzzjoni ġenerali . . . . . 7

Kapitolu 1 — Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn . . . . . 9

Kapitolu 2 — Ġestjoni baġitarja u finanzjarja . . . . . 49

Kapitolu 3 — Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE . . . . . 77

Kapitolu 4 — Dħul . . . . . 125

Kapitolu 5 — "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" . . . . . 143

Kapitolu 6 — "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" . . . . . 161

Kapitolu 7 — "Riżorsi naturali" . . . . . 207

Kapitolu 8 — "Ewropa Globali" u "Sigurtà u ċittadinanza" . . . . . 253

Kapitolu 9 — "Amministrazzjoni" . . . . . 275

## INTRODUZZJONI ĠENERALI

0.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-istituzzjoni stabbilita bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1]) biex twettaq l-awditu tal-finanzi tal-Unjoni Ewropea (UE). Bħala l-awditur estern tal-UE aħna għandna rwol ta' gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni u nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Aktar informazzjoni dwar xogħolna tinstab fir-rapport annwali tal-attività tagħna, fir-rapporti speċjali tagħna dwar il-programmi ta' nfiq u d-dħul tal-UE, fl-analiżijiet panoramiċi tagħna u fl-opinjonijiet tagħna dwar liġijiet ġodda jew liġijiet aġġornati tal-UE jew dwar deċiżjonijiet oħra b'implikazzjonijiet fuq il-ġestjoni finanzjarja ([2]).

0.2. Dan huwa d-39 Rapport Annwali tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u jkopri s-sena finanzjarja 2015. Rapport annwali separat ikopri l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

0.3. Il-baġit ġenerali tal-UE jiġi approvat kull sena mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Ir-rapport annwali, flimkien mar-rapporti speċjali tagħna, jipprovdi bażi għall-proċedura ta' kwittanza, li fiha l-Parlament Ewropew, wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jiddeċiedi jekk il-Kummissjoni tkunx wettqet b'mod sodisfaċenti r-responsabbiltajiet tagħha relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit. Wara l-pubblikazzjoni, aħna ngħaddu r-rapport annwali tagħna lill-parlamenti nazzjonali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

0.4. Il-parti ċentrali tar-rapport annwali tagħna hija d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati tal-UE u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet (fir-rapport imsejħa r-"regolarità tat-tranżazzjonijiet"). Aħna nissupplimentaw din id-dikjarazzjoni b'valutazzjonijiet speċifiċi ta' kull qasam prinċipali ta' attività tal-UE.

0.5. L-istruttura tal-kapitoli fir-rapport tirrifletti l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Dan il-qafas daħal fis-seħħ fl-2014, u huwa intenzjonat għad-determinazzjoni tad-daqs u d-distribuzzjoni tal-infiq tal-UE matul il-perjodu li jwassal sal-2020.

0.6. Ma hemmx rapporti finanzjarji separati għal intestaturi individwali tal-QFP, u għalhekk il-konklużjonijiet ippreżentati fil-valutazzjonijiet speċifiċi ma jikkostitwixxux opinjonijiet tal-awditjar. Minflok, dawn il-kapitoli jippreżentaw kwistjonijiet sinifikanti li huma speċifiċi għal kull waħda mill-intestaturi tal-QFP.

0.7. Ir-rapport tagħna din is-sena huwa organizzat kif ġej:

— il-Kapitolu 1 fih id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u sommarju tar-riżultati tal-awditu tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet;

— il-Kapitolu 2 jippreżenta s-sejbiet tagħna dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja;

— il-Kapitolu 3 jikkontribwixxi għall-objettiv strateġiku tagħna li ntejbu l-obbligu ta' rendikont pubbliku tal-UE u jiffoka fuq il-punt sa fejn il-qafas tal-prestazzjoni fil-qasam ta' Orizzont 2020, il-programm tagħha ta' riċerka u innovazzjoni, jippermetti li l-Kummissjoni timmonitorja u tidderieġi l-progress lejn l-objettivi tagħha;

— il-Kapitolu 4 jippreżenta s-sejbiet tagħna dwar id-dħul;

— il-Kapitoli 5 sa 9 juru, għall-intestaturi prinċipali tal-QFP ([3]), ir-riżultati tal-ittestjar li wettaqna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u l-eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività u elementi oħra tas-sistemi ta' kontroll intern, kif ukoll arranġamenti oħra ta' governanza.

0.8. Ir-risposti tal-Kummissjoni (jew ir-risposti ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, fejn xieraq) għall-osservazzjonijiet tagħna huma ppreżentati fir-rapport. Is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna jieħdu inkunsiderazzjoni dawn ir-risposti. Madankollu, tibqa' r-responsabbiltà tagħna, bħala l-awditur estern, li nirrappurtaw is-sejbiet tal-awditjar tagħna, li nisiltu konklużjonijiet minn dawk is-sejbiet, u li b'hekk nipprovdu valutazzjoni indipendenti u imparzjali tal-affidabbiltà tal-kontijiet u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

([1]) L-Artikoli 285 sa 287.
([2]) Disponibbli fuq is-sit web tagħna: http://eca.europa.eu
([3]) Il-Kapitolu 8 "Ewropa Globali" u "Sigurtà u Ċittadinanza" fih żewġ partijiet. Il-Parti 1 dwar l-Intestatura 4 tal-QFP (Ewropa Globali) u l-Parti 2 bl-analiżi tagħna tal-Intestatura 3 tal-QFP (Sigurtà u ċittadinanza). L-analiżi tal-Intestatura 3 tal-QFP ma tinkludix il-livell ta' żball stmat. Aħna ma nipprovdux valutazzjoni speċifika għall-infiq taħt l-Intestatura 6 tal-QFP (Kumpensi) u għal infiq ieħor.

KAPITOLU 1

## Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn

WERREJ


| | *Paragrafu* |
| --- | --- |
| Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti pprovduta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti | I-XII |
| Introduzzjoni | 1.1-1.3 |
| L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika | 1.1-1.3 |
| Il-kontijiet ma kinux affettwati minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali | 1.4-1.7 |
| Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar | 1.8-1.18 |
| Aħna tlabna lill-Kummissjoni tagħtina informazzjoni addizzjonali li tappoġġa l-valwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża | 1.9-1.11 |
| Aħna vvalutajna t-trattament kontabilistiku tal-operazzjonijiet ta' garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) | 1.12-1.16 |
| Aħna vvalutajna ż-żieda fl-imposti dovuti li kienu ppreżentati fil-kontijiet | 1.17-1.18 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet: Għalkemm il-livell ta' żball stmat minna jibqa' materjali, kien hemm xi oqsma fejn sar titjib | 1.19-1.43 |
| Ir-riżultati tal-awditjar tagħna għall-2015 juru stampa li hija simili, b'mod ġenerali, għal dawk tas-snin reċenti | 1.20-1.33 |
| Il-Kummissjoni żiedet sinifikattivament l-istimi tal-livelli ta' żball f'dokumenti suċċessivi… | 1.34-1.36 |
| …u l-kalkolu tal-kapaċità korrettiva jibqa' jippreżenta sfida għall-Kummissjoni | 1.37-1.41 |
| Azzjoni korrettiva f'waqtha naqqset il-livell ta' żball stmat minna | 1.42-1.43 |
| Aħna ngħaddu każijiet ta' frodi suspettata lill-OLAF | 1.44 |
| Konklużjonijiet | 1.45-1.48 |
| Riżultati tal-awditjar | 1.46-1.48 |

Anness 1.1 — Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

Anness 1.2 — Approċċi li jużaw l-Istati Uniti u l-UE għall-ittestjar u r-rappurtar dwar pagamenti li ma jkunux xierqa u pagamenti irregolari

Anness 1.3 — Frekwenza ta' żbalji maqbuda fil-kampjunar tal-awditjar għas-sena 2015

# ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI PPROVDUTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL — RAPPORT TAL-AWDITUR INDIPENDENTI

I. Aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea li jinkludu r-rapporti finanzjarji konsolidati ([1]) u r-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ([2]) għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015, approvati mill-Kummissjoni fil-11 ta' Lulju 2016, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet,

kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

*Ir-responsabbiltà tal-maniġment*

II. Skont l-Artikoli 317 sa 318 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni hija responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku u għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

*Ir-responsabbiltà tal-awditur*

III. Ir-responsabbiltà tagħna hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna mexxejna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li aħna nikkonformaw mar-rekwiżiti etiċi u li nippjanaw u nwettqu l-awditu biex niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea jkunux ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

IV. Awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet konsolidati u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqies il-kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet konsolidati u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jitfasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li tiġi espressa opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jkunu saru, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet konsolidati.

V. Għad-dħul, l-eżaminar tagħna tar-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u fuq l-introjtu nazzjonali gross jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-aggregati makroekonomiċi rilevanti li fuqhom dawn jiġu kkalkulati, u jivvaluta s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sakemm il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijet tal-awtoritajiet doganali u nanalizzaw il-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jiġu riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet.

---

([1]) Ir-rapporti finanzjarji konsolidati jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni (inkluż ir-rappurtar fuq is-segmenti).

([2]) Ir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u noti ta' spjegazzjoni.

VI. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati meta r-riċevitur tal-fondi jkun meħtieġ jipprovdi jew jipprovdi ġustifikazzjoni għall-użu xieraq tagħhom u l-pagament bil-quddiem jiġi approvat jew isir rekuperabbli.

VII. Aħna nqisu li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjonijiet tagħna.

## Affidabbiltà tal-kontijiet

*Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet*

VIII. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2015, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

**Dħul**

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet*

IX. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

**Pagamenti**

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

X. L-infiq irreġistrat fl-2015 taħt l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali, li jkopri n-nefqa operazzjonali ([3]), huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Il-livell ta' żball stmat minna għall-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet huwa ta' 3,8 %. Il-konklużjoni kumplessiva tagħna hija mmotivata mil-livell ogħla ta' żball stmat għall-infiq fuq bażi ta' rimborż ([4]) u hija kkorroborta mill-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni tal-ammonti f'riskju li ġew ippreżentati fir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni għall-baġit tal-UE.

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

XI. Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu li jirrigwarda l-bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 huma milquta minn livell materjali ta' żball.

([3]) Dawn l-intestaturi (1 sa 4) huma koperti mill-Kapitoli 5 sa 8 tar-Rapport Annwali 2015 tagħna.
([4]) EUR 82,7 biljun. Aħna nipprovdu aktar informazzjoni fil-paragrafi 1.21 sa 1.24 tar-Rapport Annwali 2015 tagħna.

*Informazzjoni oħra*

XII. Id-Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju mhijiex parti mir-rapporti finanzjarji. L-informazzjoni mogħtija fid-Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju hija konsistenti mar-rapporti finanzjarji.

L-14 ta' Lulju 2016

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide De Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

### L-infiq tal-UE huwa għodda sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika

1.1. L-infiq tal-UE ammonta għal EUR 145,2 biljun fl-2015. Huwa jirrappreżenta strument sinifikanti għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika. Strumenti sinifikanti oħrajn huma l-użu tal-leġiżlazzjoni u l-moviment liberu tal-oġġetti, tas-servizzi, tal-kapital u tal-persuni madwar l-Unjoni. L-infiq tal-UE jirrappreżenta 2,1 % tan-nefqa totali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE (ara l-***Figura 1.1***), u 1,0 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-UE.

1.2. Kif stipulat fit-Trattat, aħna:

— niċċekkjaw jekk il-baġit tal-UE jintużax skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli;

— nagħtu l-opinjoni tagħna dwar il-kontijiet tal-UE;

— nirrappurtaw dwar jekk l-infiq tal-UE huwiex ekonomiku, effiċjenti u effettiv ([5]); u

— nagħtu parir dwar proposti għal leġiżlazzjoni b'impatt finanzjarju.

Ix-xogħol li aħna nagħmlu għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni jissodisfa l-ewwel u t-tieni objettivi. Jgħinna nidentifikaw ir-riskji li jaffettwaw l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq, u jipprovdi kontribut importanti għall-opinjonijiet tagħna dwar proposti għal leġiżlazzjoni finanzjarja.

([5]) Definiti fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) kif ġej: "Il-prinċipju tal-ekonomija jirrikjedi li r-riżorsi użati mill-istituzzjoni fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha għandhom ikunu disponibbli f'waqt xieraq, fi kwantità u kwalità xierqa u bl-aħjar prezz. Il-prinċipju tal-effiċjenza jikkonċerna l-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u r-riżultati miksuba. Il-prinċipju tal-effikaċja (effettività) jikkonċerna l-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti u li jintlaħqu r-riżultati ppjanati."

**Figura 1.1 — Infiq tal-UE għall-2015 f'kull Stat Membru bħala sehem tal-introjtu nazzjonali gross (ING) u tan-nefqa totali tal-amministrazzjoni pubblika**




ING tal-Istati Membri: Sett maqbul ta' previżjonijiet tar-riżorsi proprji tradizzjonali u tal-bażijiet VAT/ING — 19.5.2016 — il-Kummissjoni Ewropea.

Stati Membri — nefqa tal-amministrazzjoni pubblika — l-Eurostat — il-kontijiet nazzjonali annwali. Ara l-***Anness 1.3*** għal spjegazzjoni tal-kodiċijiet tal-pajjiżi.

(1) Tkopri l-infiq, is-salarji u spejjeż oħra tal-korpi tal-UE li jinsabu fl-Istati Membri.

*Sors*: L-infiq tal-Unjoni Ewropea (*data* kontabilistika tal-Kummissjoni Ewropea, ikkompilata mill-QEA).

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.3. Dan il-kapitolu tar-rapport annwali:

— jiddeskrivi l-isfond għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna u jagħti sommarju tal-approċċ tal-awditjar (ara l-***Anness 1.1***), tas-sejbiet u tal-konklużjonijiet tagħna;

— jiddiskuti kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar li joħorġu mill-awditu tar-rapporti finanzjarji tal-Unjoni;

— iqabbel ir-riżultati tagħna dwar ir-regolarità tal-infiq fl-2015 ma' sejbiet fis-snin reċenti u mal-istimi tal-Kummissjoni Ewropea.

— l-***Anness 1.2*** jiddiskuti l-approċċi li jużaw l-Istati Uniti u l-UE għall-ittestjar u r-rappurtar dwar pagamenti li ma jkunux xierqa u pagamenti irregolari.

## IL-KONTIJIET MA KINUX AFFETTWATI MINN DIKJARAZZJONIJIET SKORRETTI MATERJALI

1.4. L-osservazzjonijiet tagħna jikkonċernaw il-kontijiet konsolidati ([6]) (il-"kontijiet") tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015. Aħna rċevejniehom, flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, fit-12 ta' Lulju 2016 ([7]) ([8]). Il-kontijiet huma akkumpanjati minn Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju ([9]). Din l-analiżi mhijiex koperta mill-opinjoni tal-awditjar tagħna. Madankollu, skont l-istandards tal-awditjar, aħna wettaqna valutazzjoni tal-konsistenza tagħha mal-informazzjoni fil-kontijiet.

1.5. Il-kontijiet ippubblikati mill-Kummissjoni juru li, fil-31 ta' Diċembru 2015, l-obbligazzjonijiet totali kienu jammontaw għal EUR 226,1 biljun meta mqabbla ma' assi totali ta' EUR 153,7 biljun. Id-defiċit għall-2015 jammonta għal EUR 13,0 biljun.

1.6. L-awditu tagħna sab li l-kontijiet ma kinux affettwati minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Fil-Kapitolu 2 nippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħna dwar il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja tal-fondi tal-UE.

---

([6]) Il-kontijiet konsolidati jinkludu:
(a) ir-rapporti finanzjarji konsolidati li jkopru l-karta tal-bilanċ (li tippreżenta l-assi u l-obbligazzjonijiet fi tmiem is-sena), ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja (li jirrikonoxxi l-introjtu u l-ispejjeż tas-sena), ir-rapport tal-flussi tal-flus (li juri kif il-bidliet fil-kontijiet jaffettwaw il-flus kontanti u l-ekwivalenti ta' flus kontanti) u r-rapport tat-tibdil fl-assi netti kif ukoll in-noti relatati;
(b) ir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit li jkopru d-dħul u l-infiq għas-sena kif ukoll in-noti relatati.

([7]) Il-kontijiet proviżorji, flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, ġew riċevuti fil-31 ta' Marzu 2016, id-data finali għall-preżentazzjoni li hija permessa skont ir-Regolament Finanzjarju (ara l-Artikolu 147 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012). Il-kontijiet approvati finali ġew riċevuti fit-12 ta' Lulju, qabel id-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni, jiġifieri l-31 ta' Lulju, kif stipulata fl-Artikolu 148.

([8]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

([9]) Ara l-Linja Gwida ta' Prattika Rakkomandata 2 (RPG 2) intitolata Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSASB).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.7. Fl-2015 il-Kummissjoni saħħet aktar l-allinjament mal-istandards internazzjonali [10] u mal-Linja Gwida ta' Prattika Rakkomandata għat-tħejjija u l-preżentazzjoni tad-Diskussjoni u Analiżi tar-Rapport Finanzjarju [11].

## KWISTJONIJIET EWLENIN TAL-AWDITJAR

1.8. Kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar huma dawk il-kwistjonijiet li, fil-ġudizzju professjonali tagħna, kellhom l-aktar sinifikanza fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati fil-kuntest tal-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji fl-intier tagħhom, u waqt li konna qed niffurmaw l-opinjoni tagħna dwarhom, iżda ma nipprovdux opinjoni separata dwar dawn il-kwistjonijiet [12].

### Aħna tlabna lill-Kummissjoni tagħtina informazzjoni addizzjonali li tappoġġa l-valwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża

1.9. L-awtoritajiet fl-Istati Membri jittrasferixxu parti mill-finanzjament li jsir bil-quddiem mill-Kummissjoni għal ġo strumenti finanzjarji [13] fil-forma ta' self, strumenti ta' ekwità jew garanziji. Għall-QFP tal-2007-2013, il-liġi tal-UE ma kinitx tirrikjedi li dawn l-awtoritajiet jipproduċu rapporti perjodiċi dwar l-ammonti miżmuma f'dawn l-istrumenti biżżejjed fil-ħin għat-tħejjija tal-kontijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni stmat l-użu li sar minn dawn il-pagamenti bil-quddiem, bis-suppożizzjoni li l-fondi jintużaw kompletament u b'mod uniformi matul il-perjodu ta' operat (inizjalment sal-31 ta' Diċembru 2015 iżda aktar tard estiż — mingħajr awtorità legali [14] — sal-31 ta' Marzu 2017). Sa tmiem l-2014 [15], mill-ammont ta' EUR 16-il biljun (inklużi kontribuzzjonijiet nazzjonali) li ġie ttrasferit fl-strumenti finanzjarji ta' koeżjoni taħt ġestjoni kondiviża, EUR 9,2 biljun (57 %) biss kienu ngħaddew għall-proġetti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.9.** *Il-Kummissjoni tfakkar in-nuqqas ta' qbil tagħha mad-dikjarazzjoni tal-Qorti dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' operazzjoni għall-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża (ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.41 u 6.45).*

(10) Pereżempju, għal divulgazzjonijiet dwar pensjonijiet u benefiċċji oħra tal-impjegati.

(11) Pereżempju, bl-espansjoni tat-taqsima li tittratta l-ġestjoni tar-riskji u tal-inċertezzi.

(12) L-awdituri huma meħtieġa jirrappurtaw dwar kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar, b'riżultat tal-introduzzjoni tal-Istandard Internazzjonali tal-Awditjar Nru 701 fl-2015.

(13) "Strumenti finanzjarji" huma miżuri li "jkollhom il-forma ta' self, garanziji, ekwità jew kważi ekwità, investimenti, u strumenti oħrajn ta' qsim tar-riskju". L-Artikolu 2(p) tar-Regolament Finanzjarju dwar definizzjonijiet — ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

(14) Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 6.52.

(15) Din hija d-*data* l-aktar reċenti pprovduta mill-awtoritajiet maniġerjali lill-Kummissjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.10. Aħna tlabna lill-Kummissjoni tikkonferma l-validità tal-metodoloġija li użat biex tagħmel stima tal-ammont ippreżentat fil-karta tal-bilanċ tagħha (EUR 3,3 biljun fil-31 ta' Diċembru 2015). Għalhekk, il-Kummissjoni niedet eżerċizzju ta' ġbir ta' *data*, immirat lejn l-Istati Membri li ppreżentaw l-ogħla bilanċi ([16]).

1.11. Aħna eżaminajna l-proċedura stabbilita għall-ġbir tad-*data* mill-Istati Membri kkonċernati u, b'kont meħud tar-riżultati miksuba, aħna nikkonkludu li l-ammont kumplessiv ta' prefinanzjament, relatat ma' strumenti finanzjarji, li huwa ppreżentat fil-karta tal-bilanċ huwa ddikjarat b'mod ġust.

## Aħna vvalutajna t-trattament kontabilistiku tal-operazzjonijiet ta' garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)

1.12. Fl-2015 tnied il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) ([17]). Il-FEIS huwa inizjattiva konġunta mnedija mill-UE u mill-BEI biex tħeġġeġ l-investiment madwar l-UE, billi iżżid il-kapaċità tal-Grupp tal-BEI li jassumi riskji. Taħt din l-inizjattiva, il-baġit tal-UE se jipprovdi garanzija ta' ammont li jista' jitla' sa EUR 16-il biljun, biex ikopri telf potenzjali fuq operazzjonijiet tal-FEIS ([18]) (EUR 12,3 biljun għal portafoll tad-dejn u EUR 3,7 biljun għal portafoll tal-ekwità) kif spjegat fil-paragrafi 2.32 -2.38. Aħna ffukajna fuq dan il-qasam għaliex l-istruttura tal-FEIS ħolqot għadd ta' problemi kontabilistiċi kumplessi li jirriżultaw mill-arranġamenti bejn l-UE u l-BEI.

([16]) 45 % tal-ammonti mhux użati sal-31 ta' Diċembru 2014 kienu jirrelataw għal Stat Membru wieħed (ara l-paragrafu 2.31).

([17]) Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1) (ir-"Regolament dwar il-FEIS").

([18]) Operazzjonijiet ta' portafoll tad-dejn jinkludu self, garanziji u kontrogaranziji standard. Operazzjonijiet ta' portafoll tal-ekwità jinkludu parteċipazzjonijiet ta' ekwità diretta u indiretta u ta' kważi ekwità, u self subordinat.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.13. Taħt il-portafoll tad-dejn tal-FEIS, il-garanzija tal-baġit tal-UE tkopri l-ewwel telf ta' portafoll, ta' operazzjonijiet ta' finanzjament li l-BEI jkun daħal għalihom. Għalhekk il-Kummissjoni tikkontabilizzah bħala obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja ([19]). Taħt il-portafoll tal-ekwità tal-FEIS, il-BEI jagħmel investimenti ugwali u paralleli, għar-riskju proprju tiegħu u għar-riskju tal-UE. Għall-investimenti ta' ekwità li jsiru mill-BEI għar-riskju tal-UE, il-baġit tal-UE jerfa' r-riskju kollu, u fi tmiem kull sena l-Kummissjoni tittrasferixxi lill-BEI somma li tkun ugwali għall-aġġustamenti negattivi ta' valur (telf mhux realizzat), għat-telf realizzat fid-diżinvestiment u għall-ispejjez ta' finanzjament tal-BEI, nett mid-dħul minn imgħaxijiet, dividendi u gwadanji realizzati. Ma jsir l-ebda trasferiment mill-BEI għall-UE għal gwadanji mhux realizzati li jkunu ogħla mill-valur inizjali tal-investiment. L-investimenti tal-portafoll tal-ekwità (li jikkonċernaw biss l-Opportunità ta' Infrastruttura u Innovazzjoni) li huma koperti mill-garanzija tal-baġit tal-UE ammontaw għal EUR 7,6 miljun fi tmiem is-sena ([20]).

1.14. L-Uffiċjal tal-Kontabbiltà eżerċita ġudizzju sinifikanti meta vvaluta u kkonkluda li l-FEIS ma ssodisfax il-kriterji biex jiġi kklassifikat bħala operazzjoni konġunta ([21]). Problemi kontabilistiċi kumplessi oħra huma relatati mar-rikonoxximent u l-kejl tal-obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja għall-portafoll tad-dejn, mal-garanzija li l-UE tagħti għall-investimenti ta' ekwità u mar-rikonoxximent tal-gwadanji potenzjali taħt il-portafoll tal-ekwità.

1.15. Aħna ffukajna x-xogħol tal-awditjar fuq l-analiżi tal-indikaturi ta' kontroll. Li kieku l-Kummissjoni ttrattat il-FEIS bħala operazzjoni konġunta, dan kien ikun jirrikjedi li jsiru xi divulgazzjonijiet addizzjonali dwar l-interessi tas-sjieda u d-drittijiet tal-vot, l-inklużjoni fin-Nota 9 tar-rapporti finanzjarji (ambitu tal-konsolidazzjoni), u r-rikonoxximent ta' sehem tal-assi, l-obbligazzjonijiet, l-ispejjeż u d-dħul tal-portafoll tal-ekwità għall-UE. Madankollu, fi tmiem l-2015, dan ma kien ikollu l-ebda impatt fuq il-pożizzjoni netta tal-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.14.** *L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni eżerċita, kif ta' sikwit ikun mitlub li jagħmel f'diversi kwistjonijiet oħra ta' kontabilità, il-ġudizzju professjonali tiegħu meta ħa deċiżjoni dwar it-trattament kontabilistiku għall-FEIS. Il-ġudizzju kien ibbażat fuq analiżi fil-fond tal-fatti mis-servizzi ta' kontabilità tal-Kummissjoni u l-appoġġ unanimu tal-grupp konsultattiv tal-UE dwar l-istandards tal-kontabilità.*

**1.15.** *Fin-noti rigward il-kontijiet tal-2015, il-Kummissjoni inkludiet id-divulgazzjonijiet obbligatorji kollha mitluba mir-regoli tal-kontabilità tal-UE li jinsabu fis-seħħ għal dawn il-kontijiet. Barra minn hekk, kemm in-noti kif ukoll id-dokument ta' diskussjoni u analiżi tad-dikjarazzjoni finanzjarja (FSDA – Financial Statement Discussion and Analysis) jipprovdu tagħrif estensiv supplementari dwar in-natura, il-kobor u l-effetti finanzjarji tal-FEIS fuq l-UE.*

([19]) Obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja titkejjel fl-ogħla tal-ammont tat-telf mistenni u l-ammont inizjalment rikonoxxut bit-tnaqqis, fejn xieraq, tal-amortizzament akkumulat tad-dħul.

([20]) Il-kuntratti ffirmati fl-2015 ammontaw għal EUR 125 miljun. Nofs dan l-ammont huwa kopert b'garanzija tal-UE. L-iżborżamenti taħt dawn il-kuntratti ammontaw għal EUR 7,6 miljun.

([21]) Skont l-IPSAS 35 Rapporti finanzjarji konsolidati u l-IPSAS 37 Arranġamenti konġunti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.16. Għall-portafoll tad-dejn, aħna eżaminajna wkoll l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi u sibna li t-trattament kontabilistiku huwa konsistenti u konformi mal-istandards internazzjonali ([22]). Għall-portafoll tal-ekwità, aħna nqisu li jekk is-snin li ġejjin juru żieda fil-valur tal-investimenti ta' ekwità li tkun ogħla mill-valwazzjoni inizjali tagħhom, jenħtieġ li dan jiġi rikonoxxut fil-kontijiet tal-UE. Fi tmiem l-2015, l-ammonti involuti (ara l-paragrafu 1.13) ma għandhomx impatt materjali fuq il-kontijiet konsolidati tal-UE. Fil-ġejjieni, l-impatt ta' kull gwadann fuq il-pożizzjoni netta tal-UE jkun l-istess, sew jekk il-Kummissjoni tikkontabilizza dawn l-operazzjonijiet bħala operazzjoni konġunta u sew jekk tikkontabilizzahom bħala derivattiv ([23]). Filwaqt li se nżommu għajnejna fuq din il-kwistjoni, aħna kkonkludejna li ma għandhiex impatt fuq l-opinjoni tal-awditjar tagħna għall-2015.

**1.16.** *Il-Kummissjoni hija sodisfatta bil-fatt li l-Qorti kkonstatat li t-trattament kontabilistiku tal-portafoll tad-dejn huwa konsistenti u konformi mal-istandards internazzjonali.*

*Id-diskussjonijiet dwar il-portafoll tal-ekwità, li ma ġiex implimentat fl-2015, għadhom għaddejjin bejn il-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI. It-trattament kontabilistiku tal-operazzjonijiet ta' ekwità se jiġi stabbilit mill-Uffiċjal tal-Kontabilità wara li jikkonsulta mal-Grupp Konsultattiv ta' Esperti dwar l-Istandards tal-Kontabilità ġaladarba tkun iffinalizzata l-bażi ġuridika emendata.*

## Aħna vvalutajna ż-żieda fl-imposti dovuti li kienu ppreżentati fil-kontijiet

1.17. Fil-kontijiet finali tal-2015, il-Kummissjoni stmat li l-ispejjeż eliġibbli mġarrba u dovuti lill-benefiċjarji, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati lilha, ammontaw għal EUR 106 biljun. Hija rreġistrat dawn l-ispejjeż bħala spejjeż dovuti ([24]). Dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 18-il biljun fuq l-2014.

**1.17.** *Il-Kummissjoni se tuża l-esperjenza tal-istima tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba sabiex ittejjeb aktar l-eżerċizzju ta' separazzjoni (cut-off) fil-futur.*

1.18. Aħna eżaminajna l-metodoloġija u s-sistemi ta' kontroll applikati, fid-direttorati ġenerali l-aktar sinifikanti, għall-istimi ta' tmiem is-sena u d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż ippreżentati mill-Istati Membri fl-ewwel tliet xhur tal-2016. Aħna ħadna kampjuni ta' fatturi u prefinanzjamenti u wettaqna xogħol fuq dawn l-elementi biex nindirizzaw ir-riskju li d-dovuti kienu ddikjarati b'mod skorrett. Tlabna spjegazzjoni addizzjonali mill-uffiċjal tal-kontabbiltà dwar iż-żieda fl-imposti dovuti kif ippreżentati fil-kontijiet. Ix-xogħol li wettaqna fuq il-kontijiet proviżorji u l-aġġustamenti netti ta' EUR 3,3 biljun ([25]) li saru fil-kontijiet finali jippermettulna nikkonkludu li l-ammont kumplessiv ta' imposti dovuti fil-karta tal-bilanċ konsolidata finali huwa ddikjarat b'mod ġust.

([22]) L-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) huma sett ta' standards tal-kontabbiltà maħruġa mill-Bord tal-IPSAS għall-użu minn entitajiet tas-settur pubbliku madwar id-dinja fit-tħejjija ta' rapporti finanzjarji.

([23]) Skont l-IPSAS 29, il-paragrafu 10, derivattiv huwa strument finanzjarju li għandu t-tliet karatteristiki kollha li ġejjin: (a) il-valur tiegħu jinbidel b'rispons għall-bidla f'rata ta' mgħax speċifikata, prezz ta' strument finanzjarju, prezz ta' komodità jew oġġett varjabbli ieħor, (b) ma jirrikjedi li jsir l-ebda investiment inizjali jew investiment nett inizjali li jkun iżgħar minn dak li jkun rikjest għal tip ieħor ta' kuntratti li jkunu mistennija li jkollhom rispons simili għal bidliet fil-fatturi tas-swieq; (c) is-salda tiegħu ssir f'data futura.

([24]) Dawn jinkludu imposti dovuti ta' EUR 67 biljun fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ, u EUR 39 biljun li jnaqqsu l-valur tal-prefinanzjament fuq in-naħa tal-assi fil-karta tal-bilanċ.

([25]) Tnaqqis ta' imposti dovuti ta' EUR 4,1 biljun għad-DĠ REGIO u żieda ta' EUR 0,8 biljun għad-DĠ EMPL.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET: GĦALKEMM IL-LIVELL TA' ŻBALL STMAT MINNA JIBQA' MATERJALI, KIEN HEMM XI OQSMA FEJN SAR TITJIB

1.19. Aħna neżaminaw id-dħul u l-infiq tal-UE biex nivvalutaw jekk humiex skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Aħna nippreżentaw ir-riżultati tal-awditjar tagħna dwar id-dħul fil-Kapitolu 4 u dwar l-infiq fil-Kapitoli 5 sa 9 (ara l-***Figura 1.2***).

(a) Id-dħul kien ħieles minn żball materjali (ara l-paragrafu 4.22).

(b) Fl-infiq, aħna nkomplu nsibu livell materjali ta' żball. Il-livell ta' żball stmat fl-infiq kien ta' 3,8 %, livell li huwa aktar baxx minn dak fl-2014 (4,4 %) (ara l-***Figura 1.2***).

(i) L-infiq fuq l-Intestatura 5 tal-QFP (Amministrazzjoni) kien ħieles minn żball materjali (ara l-paragrafu 9.16).

(ii) L-infiq operazzjonali kien milqut minn żball materjali (ara l-paragrafi 5.35 sa 5.36, 6.76 sa 6.77, 7.64 sa 7.65 u 8.33 sa 8.34) bl-infiq immotivat mir-rimborż tal-ispejjeż milqut minn livelli ta' żball li kienu ferm ogħla (ara l-paragrafu 1.22).

**Figura 1.2 — Sommarju tar-riżultati tal-awditjar dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

| Kapitolu tar-rapport annwali | Intestaturi tal-QFP | Tranżazzjonijiet suġġetti għall-awditjar *(biljun EUR)* | Livell ta' żball stmat għall-2015 (%) | Intervall ta' fiduċja (%) | | Livell ta' żball stmat għall-2014 (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Limitu inferjuri tal-iżball (LEL) | Limitu superjuri tal-iżball (UEL) | |
| 5. Kompetittività | Intestatura 1a | 14,5 | 4,4 | 2,0 | 6,7 | 5,6 |
| 6. Koeżjoni | Intestatura 1b | 53,9 | 5,2 | 2,8 | 7,6 | 5,7 |
| 7. Riżorsi Naturali | Intestatura 2 | 58,6 | 2,9 | 1,7 | 4,2 | 3,6 ([2]) |
| 8. Ewropa Globali | Intestatura 4 | 6,9 | 2,8 | 1,0 | 4,6 | 2,7 |
| 9. Amministrazzjoni | Intestatura 5 | 9,0 | 0,6 | 0,0 | 1,2 | 0,5 |
| Oħrajn ([1]) | Intestaturi 3, 6 u oħrajn | 3,0 | — | — | — | — |
| **Total** | | **145,9** | **3,8** | **2,7** | **4,8** | **4,4** ([2]) |
| **Dħul** | | **153,8** | **0** | **0** | **0** | **0** |

([1]) Aħna ma nipprovdux valutazzjoni speċifika għall-infiq taħt l-Intestatura 3 ("Sigurtà u ċittadinanza"), l-Intestatura 6 tal-QFP ("Kumpensi"), u lanqas għal infiq ieħor (strumenti speċjali barra l-QFP 2014-2020 bħar-Riżerva għal Għajnuna f'Emerġenza, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u l-Istrument ta' flessibbiltà). Madankollu, ix-xogħol f'dawn l-oqsma jikkontribwixxi għall-konklużjoni kumplessiva tagħna dwar l-infiq għas-sena 2015.

([2]) Fl-2015 inbidel il-qafas legali tal-politika agrikola komuni u ma għadniex ninkludu l-kundizzjonalità fl-ittestjar tat-tranżazzjonijiet li nwettqu. Fl-2014 dawn l-iżbalji kkontribwew 0,6 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat għall-Intestatura 2 tal-QFP. Matul il-perjodu 2011-2014, il-kontribut annwali tagħhom għal-livell kumplessiv ta' żball stmat kien ta' 0,1-0,2 punti perċentwali.

*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Ir-riżultati tal-awditjar tagħna għall-2015 juru stampa li hija simili, b'mod ġenerali, għal dawk tas-snin reċenti**

1.20. Il-livell kumplessiv ta' żball stmat minna, għalkemm tjieb meta mqabbel mas-snin reċenti, għadu sinifikattivament ogħla mill-punt ta' riferiment tagħna għall-materjalità (ara l-*Figura 1.3*).

**Figura 1.3 — Il-livell ta' żball stmat (2013 sa 2015)**




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ara l-*Figura 1.2*).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Ir-rimborż tal-ispejjeż huwa marbut ma' livelli ogħla ta' żball*

1.21. L-infiq tal-UE huwa ddominat minn żewġ tipi ta' programmi ta' nfiq. Id-differenzi bejn żewġ bażijiet għal pagament (rimborż tal-ispejjeż u drittijiet) jispjegaw parti kbira mill-varjazzjoni fil-livell ta' żball stmat.

— Rimborż tal-ispejjeż; fejn l-UE tirrimborża spejjeż eliġibbli għal attivitajiet eliġibbli. Dawn jinkludu proġetti ta' riċerka (il-Kapitolu 5), skemi ta' taħriġ (il-Kapitolu 6), kif ukoll proġetti fl-iżvilupp reġjonali u l-iżvilupp rurali (il-Kapitoli 6 u 7) u proġetti ta' żvilupp (il-Kapitolu 8). F'dawn l-iskemi, ir-riċevituri jridu jipprovdu informazzjoni li ssostni d-dikjarazzjoni tagħhom li jkunu involuti f'attività eliġibbli għall-appoġġ u li jkunu ġarrbu spejjeż li għalihom huma intitolati għal rimborż. Ir-rekwiżit li tiġi pprovduta informazzjoni preċiża jwassal għal regoli ta' eliġibbiltà kkumplikati (x'jista' jiġi kklejmjat) u għal rekwiżiti formali (kif għandhom jiġġarrbu l-ispejjeż, eż regoli dwar l-akkwist pubbliku jew regoli dwar l-għajnuna mill-Istat).

— Drittijiet; fejn il-pagament huwa bbażat fuq l-issodisfar ta' ċerti kundizzjonijiet. Programmi bħal dawn jinkludu boroż ta' studju għall-istudenti u għar-riċerka (il-Kapitolu 5), appoġġ baġitarju [26] (il-Kapitolu 8), salarji u pensjonijiet (il-Kapitolu 9). L-għajnuna diretta għall-bdiewa (il-Kapitolu 7) hija bbażata fuq id-drittijiet u tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' informazzjoni kkonfermata jew iddikjarata mill-bdiewa; ir-riskju marbut ma' dikjarazzjonijiet li potenzjalment ikunu skorretti huwa fil-biċċa l-kbira mitigat min-natura aktar sempliċi tal-informazzjoni mistennija mingħand il-benefiċjarji, li, fil-parti l-kbira tagħha, tista' tiġi vverifikata qabel ma jsir il-pagament, pereżempju, permezz ta' tqabbil ma' databases u ortoritratti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.21.**

*Il-Kummissjoni tqis li l-impatt tar-regoli kkumplikati ta' eliġibbiltà li għalihom il-Qorti għamlet referenza jitnaqqas mhux ftit meta jintużaw l-opzjonijiet ta' kostijiet issimplifikati.*

[26] Il-pagamenti għall-appoġġ baġitarju jikkontribwixxu għall-baġit ġenerali ta' Stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku (ara wkoll il-paragrafu 8.7).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.22. Żbalji ta' eliġibbiltà fl-iskemi ta' rimborż tal-ispejjeż jiddominaw l-iżbalji maqbuda għall-2015.

(a) Għall-infiq ibbażat fuq rimborż, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5,2 % (2014: 5,5 %). Żbalji tipiċi f'dan il-qasam jinkludu:

— spejjeż ineliġibbli inklużi fil-klejms għall-ispejjeż;

— proġetti, attivitajiet u benefiċjarji ineliġibbli; u

— ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku ([27]) (il-***Figura 1.4***).

(b) Għal infiq ibbażat fuq drittijiet, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 1,9 % (2014: 2,7 %). Żbalji tipiċi f'dan il-qasam jinkludu dikjarazzjonijiet eċċessivi żgħar tal-erjas, ta' azjendi agrikoli u ta' għelieqi, li jsiru mill-bdiewa (il-paragrafu 7.16).

**Figura 1.4 — Ripartizzjoni tal-livell kumplessiv ta' żball stmat, skont it-tip ta' żball**




Il-komparatur tal-2014 għal "Żbalji mill-Kummissjoni u mill-korpi intermedjarji" huwa t-total ta' "Żbalji amministrattivi fil-qasam riżorsi naturali" u "Tipi oħra ta' żball".

*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

([27]) http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/Guideline_procurement/Quantification_of_public_procurement_errors.pdf

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.23. Il-***Figura 1.5*** hija bbażata fuq l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet li aħna wettaqna tal-infiq tal-UE matul dawn l-aħħar sentejn għar-rapporti annwali dwar il-baġit ġenerali u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp. B'mod ġenerali, aktar ma tkun kumplessa l-informazzjoni li tkun meħtieġa mingħand il-benefiċjarji, aktar ma jkun ogħli r-riskju ta' żball.

**Figura 1.5 – Ir-relazzjoni bejn il-bażi għal pagament u l-livell ta' żball stmat fit-tranżazzjonijiet tal-UE (2014-2015)**




([1]) Ir-rimborż għal "Ewropa Globali" jinkludi proġetti b'multidonaturi li, fil-prattika, għandhom ħafna mill-attributi ta' nfiq ibbażat fuq drittijiet u huma milquta minn livelli aktar baxxi ta' żball.

*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.24. Aħna analizzajna fatturi tar-riskji oħra u r-relazzjoni tagħhom mal-livell ta' żball stmat. Aħna sibna li, fi ħdan l-infiq taħt ġestjoni diretta, hemm żewġ fatturi tar-riskji li għandhom impatt sinifikanti fuq il-livell ta' żball.

— Inġenerali, f'oqsma fejn ir-regoli jipprevedu t-twettiq ta' awditu jew ta' spezzjoni qabel ma jsir il-pagament, aħna nsibu li l-livell ta' żball huwa aktar baxx.

— Rimborżi għal proġetti li jinvolvu għadd ta' sħab (eż. konsorzji) għandhom livelli ogħla ta' żball minn rimborżi li jsiru lil benefiċjarju uniku.

*Il-mod ta' ġestjoni għandu impatt limitat fuq il-livelli ta' żball*

1.25. Huma pjuttost il-profili differenti ta' riskju tal-iskemi ta' rimborż u ta' drittijiet, aktar milli l-modi ta' ġestjoni, li jinfluwenzaw il-livell ta' żbalji fl-oqsma differenti ta' nfiq ([28]). Il-livell ta' żball stmat juri li hemm relazzjoni ferm aktar b'saħħitha mal-bażi għal pagament milli mal-mod ta' ġestjoni. Aħna sibna li l-ogħla livelli ta' żball matul dawn l-aħħar sentejn kienu fil-Kompetittività (immaniġġjata b'mod dirett mill-Kummissjoni u b'mod indirett permezz ta' entitajiet fdati) u fil-Koeżjoni (taħt ġestjoni kondiviża). L-iskemi ta' rimborż jiddominaw l-infiq f'dawn iż-żewġ oqsma (ara l-***Figura 1.6***).

([28]) Ġestjoni diretta (baġit implimentat direttament mill-Kummissjoni Ewropea), ġestjoni indiretta (implimentazzjoni tal-baġit fdata lil pajjiżi sħab mhux membri tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali eċċ.), ġestjoni kondiviża (implimentazzjoni tal-baġit kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri).

**Figura 1.6 — Livell medju ta' żball stmat, skont il-mod ta' ġestjoni u skont il-bażi għal pagament (2014-2015)** ([1])




([1]) Iż-żewġ naħat tal-graff jippreżentaw l-istess ammont ta' nfiq. Fuq in-naħa tax-xellug, l-infiq huwa maqsum fuq il-bażi tal-mod ta' ġestjoni, u dan juri li l-maġġoranza l-kbira tal-infiq operazzjonali jsir taħt ġestjoni kondiviża. In-naħa tal-lemin turi l-infiq maqsum skont il-bażi għal pagament u turi li l-infiq ibbażat fuq rimborż huwa sinifikattivament akbar mill-infiq ibbażat fuq drittijiet. Il-pożizzjoni vertikali tal-iżbarri tindika l-livell ta' żball stmat għal kull wieħed minnhom. Din turi l-impatt limitat tal-mod ta' ġestjoni u l-impatt sinifikanti tal-bażi għal pagament.

*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Riżultati f'oqsma differenti ta' nfiq juru xejriet distinti ta' żball*

1.26. Kif jidher fil-***Figura 1.7***, il-Koeżjoni kienet l-akbar kontributur għal-livell ta' żball stmat minna għall-2014, segwita minn Riżorsi Naturali, Kompetittività u Ewropa Globali. Din id-distribuzzjoni hija konformi mas-sejbiet tagħna għall-2014.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.26.** *Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni tal-iżbalji li saret mill-Qorti u se twettaq segwitu tagħhom sabiex thares il-baġit tal-UE.*

**Figura 1.7 — Kontribut tal-intestaturi differenti tal-QFP għal-livell kumplessiv ta' żball stmat (2015)**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.27. Kompetittività (il-Kapitolu 5): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 4,4 %, li juri tnaqqis meta mqabbel mar-riżultati tal-2014 (5,6 %). Il-biċċa l-kbira mill-infiq isir fuq bażi ta' rimborż tal-ispejjeż u l-iżbalji hawnhekk essenzjalment jirriflettu kategoriji differenti ta' spiża ineliġibbli (notevolment spejjeż għall-persunal, spejjeż diretti oħra u spejjeż indiretti).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.28. Koeżjoni (il-Kapitolu 6): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5,2 %, li huwa aktar baxx mir-riżultati tal-2014 (5,7 %). Kważi l-infiq kollu f'dan il-qasam huwa fil-forma ta' rimborż tal-ispejjeż. Spejjeż ineliġibbli fid-dikjarazzjonijiet tal-infiq u proġetti ineliġibbli jirrappreżentaw tliet kwarti tal-iżball. Ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku jikkostitwixxi parti minn kull sebgħa tat-total (nofs fl-2014).

1.29. Riżorsi Naturali (il-Kapitolu 7): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 2,9 %, li huwa simili għall-2014 (3,6 %) ([29]). Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jirrappreżenta aktar minn tliet kwarti tal-infiq f'dan il-qasam u huwa inqas milqut minn żball (2,2 %) milli hu l-Iżvilupp Rurali (5,3 %), fejn ilna nsibu livelli ogħla ta' żball għall-infiq fl-investiment (fejn negozji agrikoli jiġu sussidjati fuq il-bażi ta' rimborż ta' nfiq eliġibbli). Kważi żewġ terzi mill-infiq tal-Intestatura 2 tal-QFP huwa għal appoġġ dirett relatat mal-erja li jingħata lill-bdiewa. Konsegwentement, dikjarazzjonijiet eċċessivi ta' erjas agrikoli kienu l-ogħla kontributur għal-livell ta' żball stmat (aktar minn nofs). Żbalji relatati ma' benefiċjarji, attivitajiet jew infiq ineliġibbli kkontribwew għal parti waħda minn kull ħamsa. Ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku żdied fuq il-livell misjub fl-2014.

1.30. Ewropa Globali (il-Kapitolu 8): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 2,8 %, li huwa qrib ir-riżultati fl-2014 (2,7 %). Approvazzjonijiet mill-Kummissjoni f'każijiet fejn xogħlijiet, servizzi jew provvisti ma kinux twasslu flimkien ma' spejjeż ineliġibbli li ġew rimborżati mill-Kummissjoni jirrappreżentaw żewġ terzi tat-total.

1.31. Amministrazzjoni (il-Kapitolu 9): il-livell ta' żball stmat huwa ta' 0,6 %, li huwa konformi mar-riżultati fl-2014 (0,5 %). Il-biċċa l-kbira mill-infiq f'dan il-qasam huwa fuq is-salarji, il-pensjonijiet u l-allowances imħallsa mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE. Għadd żgħir ta' żbalji fl-allowances kienu jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira mill-iżball f'dan il-qasam, li bħala total mhuwiex materjali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.28.** *Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafi 6.11 u 6.76.*

**1.29.** *Ir-rata aktar baxxa ta' żbalji għall-FAEG tirrifletti l-effettività tal-IACS, b'mod partikolari tal-LPIS, meta implimentata b'mod adegwat, fil-prevenzjoni tal-iżbalji mill-bidu nett tal-proċess. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-IACS, kumplessivament, hija sistema solida għall-ġestjoni tan-nefqa tal-PAK (ara l-paragrafi 7.16 sa 7.18).*

*Ir-rata għolja ta' żbalji fl-iżvilupp rurali hija parzjalment dovuta għall-kumplessità tar-regolamentazzjoni ta' uħud mill-miżuri. Madankollu, ir-rata ta' żbalji għall-iżvilupp rurali, minkejja li hija aktar għolja mil-livell limitu ta' materjalità, tbaxxiet f'dawn l-aħħar snin.*

([29]) Ir-riżultati għall-2014 jinkludu l-kwantifikazzjoni ta' żbalji tal-kundizzjonalità. Fl-2014, dawn l-iżbalji kkontribwew 0,6 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat għall-Intestatura 2 tal-QFP (ara l-***Figura 1.2***). Matul il-perjodu 2011-2014, meta kkwantifikajna dawn l-iżbalji, l-impatt medju kien ta' 0,4 punti perċentwali għal "Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta" u 0,3 punti perċentwali għal "Żvilupp Rurali".

1.32. Aħna ma nistmawx il-livelli ta' żball għal oqsma oħra ta' nfiq, inkluża l-Intestatura 3 tal-QFP (ara l-Kapitolu 8). B'kollox, l-infiq kopert mid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna f'dawn l-oqsma ammonta għal EUR 3 biljun (2,1 % tal-infiq kopert mill-awditu tagħna). Ix-xogħol imwettaq f'dawn l-oqsma jkompli jikkontribwixxi għall-konklużjonijiet kumplessivi tagħna dwar l-2015.

1.33. Għall-2015, il-livell ta' żball stmat fuq l-infiq taħt ġestjoni kondiviża meħud fl-intier tiegħu jammonta għal 4,0 % (2014: 4,6 %) u fuq il-forom l-oħra kollha ta' nefqa operazzjonali ([30]) huwa ta' 3,9 % (2014: 4,6 %). Il-livell ta' żball stmat għan-nefqa amministrattiva huwa ta' 0,6 % (2014: 0,5 %).

## Il-Kummissjoni żiedet sinifikattivament l-istimi tal-livelli ta' żball f'dokumenti suċċessivi…

1.34. Kull direttorat ġenerali tal-Kummissjoni jipproduċi rapport annwali tal-attività, li jinkludi dikjarazzjoni li fiha d-Direttur Ġenerali jipprovdi aċċertament li r-rapport jippreżenta b'mod xieraq l-informazzjoni finanzjarja u li t-tranżazzjonijiet taħt ir-responsabbiltà tiegħu huma legali u regolari. Huma jipprovdu wkoll rendikont tal-ilħuq tal-objettivi ewlenin ta' politika (diskussi fil-Kapitolu 3) u rapport tad-Direttur Ġenerali lill-Kummissarji dwar il-ġestjoni. Fl-2015 il-Kummissjoni ssimplifikat l-istruttura tar-rapporti annwali tal-attività u tat aktar flessibbiltà lid-diversi DĠ biex jippreżentawhom.

([30]) Prinċipalment l-infiq kopert mill-Kapitoli 5 u 8, kif ukoll partijiet mill-infiq kopert mill-Kapitoli 6 u 7. L-iżball estrapolat għall-infiq taħt ġestjoni kondiviża huwa bbażat fuq l-eżaminar ta' 580 tranżazzjoni (meħuda minn popolazzjoni ta' EUR 113-il biljun), l-estrapolazzjoni għal forom oħra ta' nefqa operazzjonali hija bbażata fuq l-eżaminar ta' 318-il tranżazzjoni (meħuda minn popolazzjoni ta' EUR 24 biljun).

**Figura 1.8 — Riżultati tal-awditjar tal-QEA għall-2015 imqabbla mal-ammonti stmati f'riskju fil-kapaċità ta' pagament u l-kapaċità korrettiva fir-rapport 2015 dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni għall-baġit tal-UE u fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2015**

| Kapitolu tar-rapport annwali ([1]) | Livell ta' żball stmat (%) | Intervall ta' fiduċja (%) | | Rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni tad-Direttorati Ġenerali ([3]) ([4]) | Esponiment finanzjarju gross fuq il-pagamenti ([5]) rrappurtati mid-DĠ (%) | | Esponiment finanzjarju aġġustat tal-Kummissjoni ([5]) (%) (ara l-paragrafu 1.35) | | Kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Limitu inferjuri tal-iżball (LEL) | Limitu superjuri tal-iżball (UEL) | | Il-valur l-aktar baxx | L-ogħla valur | Il-valur l-aktar baxx | L-ogħla valur | |
| Kapitolu 5 – Kompetittività | **4,4** | **2,0** | **6,7** | CONNECT, EAC, EACEA, EASME, ECFIN, ENER, ERCEA, FISMA, GROW, INEA, MOVE, REA, RTD u TAXUD | **1,2** | **1,4** | **1,9** | **2,2** | **0,9** |
| Kapitolu 6 – Koeżjoni | **5,2** | **2,8** | **7,6** | EMPL u REGIO | **2,5** | **4,3** | **2,9** | **5,1** | **1,6-2,7** ([7]) |
| Kapitolu 7 – Riżorsi naturali | **2,9** | **1,7** | **4,2** | AGRI, CLIMA, ENV, MARE u SANTE | **2,0** | **2,0** | **2,0** | **2,0** | **1,9** |
| Ewropa Globali u FEŻ ([2]) | **3,1** | **1,7** | **4,5** | AGRI, DEVCO ([2]), EACEA, ECFIN, ECHO, EMPL, FPI, HOME, NEAR, REGIO, TRADE | **2,2** | **2,3** | **2,6** | **2,7** | **0,6** |
| Kapitolu 9 – Amministrazzjoni | **0,6** | **0,0** | **1,2** | Amministrazzjoni ([6]) | **0,3** | **0,4** | **0,3** | **0,4** | **0,0** |
| *Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri | | | | *Sors:* Ir-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni | | | *Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq *data* pprovduta mid-DĠ Baġit | | |

([1]) Ara n-nota 1 taħt il-***Figura 1.2***.
([2]) Inklużi t-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).
([3]) Xi wħud mid-direttorati ġenerali jimmaniġġjaw l-infiq allokat għal aktar minn intestatura waħda tal-QFP (AGRI, EACEA, ECFIN, ECHO, EMPL, HOME, REGIO u SANTE).
([4]) Ara l-***Anness 1.3*** għal-lista ta' abbrevjazzjonijiet.
([5]) L-esponiment finanzjarju huwa ddefinit bħala perċentwal tal-infiq li jista' ma jkunx konformi mar-rekwiżiti regolatorji u kuntrattwali li jkunu applikabbli, fiż-żmien meta jsir il-pagament.
([6]) BUDG, COMP, DGT, DIGIT, EPSC, EPSO/EUSA, ESTAT, HR, IAS, JRC, OIB, OIL, OLAF, OP, PMO, SCIC, SG, SJ.
([7]) Għall-koeżjoni, il-Kummissjoni ppreżentat il-kapaċità korrettiva bħala firxa, bil-valur li jkun ogħla bbażat fuq il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri medji tal-passat.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.35. Il-Kummissjoni tirrapporta tliet settijiet ta' livelli ta' żball stmati:

— l-istimi oriġinali rrappurtati lill-Kummissjoni mill-korpi u l-awtoritajiet li twaqqfu taħt il-leġiżlazzjoni settorjali ([31]) u minn entitajiet oħra (li kienu għad-dispożizzjoni tagħna f'April u f'Mejju);

— stimi (li f'xi każijiet huma sinifikattivament ogħla ([32])) fir-rapporti annwali tal-attività li ġew aġġustati fuq il-bażi tal-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet tal-informazzjoni disponibbli, u li wkoll kienu għad-dispożizzjoni tagħna f'April u f'Mejju;

— ċifri aġġustati li ġew ippubblikati f'Lulju 2016 fir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni għall-baġit tal-UE (AMPR), li jieħdu kont tad-differenzi bejn il-flussi tal-flus u l-approvazzjonijiet.

Il-livell ta' żball stmat minna huwa bbażat fuq l-eżaminar ta' kampjun statistiku ta' pagamenti u approvazzjonijiet interim u finali (ara l-***Figura 1.8***). Għall-kuntrarju ta' korpi tal-Istati Uniti li jimmaniġġjaw il-fondi federali (ara l-***Anness 1.2***), il-Kummissjoni Ewropea mhijiex meħtieġa tipproduċi l-istima, statistikament valida, proprja tagħha tal-livell ta' żball.

1.36. Ir-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li aħna ngħaddu l-osservazzjonijiet preliminari tagħna lill-Kummissjoni fl-istess data meta l-Kummissjoni hija meħtieġa tiffirma rapport ta' sinteżi. Din is-sena, il-Kummissjoni għadditilna l-AMPR tagħha, inkluż ir-rapport ta' sinteżi dwar l-2015 fil-5 ta' Lulju 2016, id-data meta l-laqgħa kontradittorja tagħna kienet ippjanata li ssir. Għalhekk, f'dan ir-rapport, aħna ma nippreżentawx kummenti sostantivi dwar ir-rapport ta' sinteżi (li din is-sena jifforma parti mill-AMPR). Ir-rapport ta' sinteżi u l-AMPR ma jagħmlux parti mir-rapporti finanzjarji u aħna ma noffru l-ebda aċċertament dwar il-kontenut tagħhom.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.35.** *Il-Kummissjoni ddeċidiet li taġġusta l-istimi għar-Rapport Annwali tal-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR – Annual Management and Performance Report for the EU Budget) sabiex ikunu paragunabbli aktar mal-livell ta' żbalji stmat mill-Qorti.*

*Il-Kummissjoni tqis li r-referenza għall-metodoloġija tal-istatistika ntużata mill-"korpi tal-Istati Uniti li jġestu l-fondi federali" mhijiex f'lokha għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża. Taħt ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni sserraħ mhux fuq l-awditi tal-infiq li jsiru mis-servizz tagħha stess fil-livell tal-UE iżda fuq korpi tal-awditjar fi Stati Membri sovrani li jawditjaw l-ispejjeż li jsiru minn dawn l-Istati Membri, ta' sikwit b'kofinanzjament nazzjonali. Għaldaqstant il-Kummissjoni tqis li l-produzzjoni ta' stima tal-livell ta' żbalji statistikament valida madwar l-UE li tirriżulta mill-awditi tagħha stess tal-benefiċjarji ma tkunx tipprovdi valur miżjud għan-nefqa tal-ġestjoni kondiviża.*

*F'konformità mar-rekwiżiti tal-qafas ġuridiku, il-Kummissjoni se tkompli tikkoopera mal-korpi tal-awditjar tal-Istati Membri u tiddefinixxi flimkien magħhom approċċ statistikament validu sabiex tistma l-livell ta' żbalji fil-livell tal-programmi, u sabiex tuża tali rati ta' żbalji wara l-validazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni timplimenta l-"prinċipju ta' awditu uniku" billi tiffoka l-attività tagħha fuq l-awditjar tal-awdituri tal-Istati Membri u tivvalida l-ħidma ta' awditjar tagħhom. Dan huwa bbażat fuq l-opinjoni tal-Qorti Nru 2/2004 dwar il-mudell tal-awditu uniku u fuq proposta għal qafas ta' kontroll intern tal-Komunità. Dan l-approċċ huwa f'konformità sħiħa mal-objettiv li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u jnaqqas ukoll il-ħtieġa ta' postijiet ta' xogħol ta' awditjar fil-KE.*

([31]) Twettiq ta' proċeduri maqbula mal-Kummissjoni.

([32]) Pereżempju, id-DĠ AGRI aġġusta l-medja tal-livell ta' żball għall-FAEG li ġiet irrappurtata mill-aġenziji tal-pagamenti minn 0,68 % għal 1,47 %, u għall-FAEŻR minn 1,78 % għal 4,99 % (ara wkoll il-paragrafi 7.53, 7.55 sa 7.56).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## …u l-kalkolu tal-kapaċità korrettiva jibqa' jippreżenta sfida għall-Kummissjoni

1.37. Mill-2014 'il hawn, id-diversi DĠ jippreżentaw l-istima tagħhom tal-livell ta' żball flimkien mal-istima tagħhom tal-"kapaċità korrettiva" futura. Din, il-Kummissjoni tiddefiniha bħala stima konservattiva tal-ammont ta' nfiq li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet regolatorji u kuntrattwali applikabbli, li d-DĠ jidentifika u jikkoreġi permezz ta' kontrolli mwettqa wara li l-pagament ikun ġie awtorizzat ([33]).

1.38. Għall-kalkolu tal-"kapaċità korrettiva", id-DĠ BUDG jipprovdi lid-diretturi ġenerali l-ammont medju tal-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji li saru mill-2009 'l hawn, kif irreġistrat fil-kontijiet ([34]). B'kollox, 29 mit-48 DĠ u EA wettqu aġġustamenti xierqa għal din iċ-ċifra sabiex jippreżentaw stima aktar konservattiva, notevolment billi neħħew il-korrezzjonijiet u l-irkupri *ex ante* u korrezzjonijiet u rkupri oħrajn li ma kinux rilevanti, kif ukoll avvenimenti ta' darba ([35]), jew billi għażlu bażi alternattiva ([36]). Fl-AMPR, l-istima li saret mill-Kummissjoni għal korrezzjonijiet futuri li jaffettwaw l-infiq għall-2015 hija, fuq din il-bażi, ta' EUR 2,1 biljun (2014: EUR 2,7 biljun). Il-Kummissjoni tipprovdi wkoll stima ogħla ta' EUR 2,7 biljun għal korrezzjonijiet futuri potenzjali.

1.39. L-FSDA tal-2015 tirrapporta total ta' EUR 3,9 biljun għall-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri li ġew implimentati. Bħal fi snin preċedenti, l-ammont irreġistrat fil-kontijiet kopra firxa wiesgħa ta' miżuri, li kienu japplikaw kemm qabel kif ukoll wara li l-Kummissjoni kienet għamlet (jew aċċettat) l-infiq. Fil-***Figura 1.9*** aħna nuru l-klassifikazzjoni li għamilna tal-korrezzjonijiet u l-irkupri, u d-distribuzzjoni tagħhom skont il-qasam ta' nfiq.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.38.** *Fl-AMPR tagħha, il-Kummissjoni tipprevedi skala li tikkonċerna l-korrezzjonijiet futuri stmati li hija ta' bejn EUR 2,1 biljun u EUR 2,7 biljun. Iż-żewġ stimi huma frott approċċ konservattiv.*

([33]) Il-linja gwida tal-Kummissjoni dwar kunċetti u definizzjonijiet ewlenin għad-determinazzjoni tar-rati ta' żball, l-ammonti f'riskju u l-ammont stmat ta' korrezzjonijiet futuri.

([34]) Sal-2014, il-Kummissjoni kienet tiddivulga, fuq bażi volontarja, id-*data* tagħha dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri f'nota mal-kontijiet. Issa l-Kummissjoni ttrasferiet din id-divulgazzjoni volontarja għad-Diskussjoni u Analiżi dwar ir-Rapport Finanzjarju (FSDA).

([35]) Pereżempju l-EACEA, l-EASME, l-INEA, id-DĠ ENER, id-DĠ MOVE, id-DĠ SANTE, id-DĠ BUDG, id-DĠ COMP u l-SG. L-eżaminar li wettaqna tal-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri rreġistrati fl-2015 wera notevolment li d-diversi DĠ inkludew ammonti li ma kinux relatati ma' żbalji, irregolaritajiet jew frodi (jiġifieri restituzzjoni ta' prefinanzjament mhux użat) u kklassifikaw bħala "*ex post*" xi korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri "*ex ante*" (jiġifieri rkupri ta' prefinanzjament relatati ma' żbalji, irregolaritajiet jew frodi jew tnaqqis minn klejms għall-ispejjeż qabel l-aċċettazzjoni tal-infiq). Dawn il-kwistjonijiet ma jaffettwawx il-kontijiet tal-UE fl-intier tagħhom iżda jistgħu jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kalkolu tal-kapaċità korrettiva ta' ħafna DĠ.

([36]) Pereżempju, id-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL.

**Figura 1.9 — Klassifikazzjoni u distribuzzjoni, skont il-qasam ta' nfiq, tal-miżuri korrettivi implimentati fl-2015**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq l-FSDA tal-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2015, u d-*data* ta' bażi.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.40. Fl-2015 madwar EUR 1,2 biljun tal-korrezzjonijiet u l-irkupri rrappurtati mill-Kummissjoni kienu "f'ras il-għajn" (applikati qabel ma aċċettat l-infiq). Dan jirrappreżenta aktar minn kwart tat-total irrappurtat bħala korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri. Għalhekk il-Kummissjoni ma rreġistratx dawn l-ammonti bħala nfiq: huma jirrappreżentaw tnaqqis minn ammonti rikjesti, qabel l-approvazzjoni. Taħt ġestjoni diretta u ġestjoni indiretta, dan it-tnaqqis — normalment irreġistrat bħala rkupri, kienu jirrappreżentaw aktar minn żewġ terzi tal-attività korrettiva totali rrappurtata għall-2015.

1.41. Il-bqija (EUR 2,7 biljun) kienet relatata ma' klejms li l-Kummissjoni kienet diġà aċċettat. Minn dan l-ammont:

(a) Madwar EUR 1,1 biljun jirrappreżentaw l-irtirar, mill-Istati Membri, ta' klejms għar-rimborż, li kienu ġew aċċettati qabel, għal proġetti jew infiq fil-qasam ta' koeżjoni, kif ukoll is-sostituzzjoni tagħhom bi proġetti ġodda jew infiq ġdid. Dan l-irtirar jiġi ppreżentat flimkien ma' proġetti u nfiq ġodda u għalhekk jagħmel parti mill-popolazzjoni li minnha nieħdu l-kampjun tagħna. Huma ma jirriżultawx fir-restituzzjoni ta' fondi għall-baġit tal-UE: huma effettivi bħala miżura korrettiva fejn il-proġetti u l-infiq ta' sostituzzjoni jkunu ħielsa minn żball materjali.

(b) Madwar EUR 1,5 biljun jikkonċernaw deċiżjonijiet ta' konformità relatati mal-agrikoltura li l-Kummissjoni rreġistrat bħala dħul assenjat, disponibbli għall-finanzjament ta' nfiq agrikolu. Ta' sikwit, dawn il-korrezzjonijiet isiru fuq bażi ta' rata fissa u jkunu relatati ma' dgħufijiet fis-sistemi aktar milli ma' żbalji fil-livell tal-benefiċjarji finali.

## Azzjoni korrettiva f'waqtha naqqset il-livell ta' żball stmat minna

1.42. Aħna nfittxu li nieħdu kont ta' miżuri korrettivi applikati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fejn dawn isiru qabel il-pagament jew qabel l-eżaminar tagħna. Aħna niċċekkjaw l-applikazzjoni ta' dawn il-korrezzjonijiet (li jinkludu rkupri mill-benefiċjarji u korrezzjonijiet fil-livell tal-proġetti) u naġġustaw il-kwantifikazzjoni ta' żball kull meta dan ikun xieraq. Madankollu, l-impatt ta' miżuri korrettivi jvarja b'mod sinifikanti bejn l-oqsma differenti ta' nfiq, u bejn il-miżuri korrettivi differenti.

1.43. Għal 16-il tranżazzjoni kkampjunati fl-2015, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kienu applikaw miżuri korrettivi li affettwaw direttament it-tranżazzjoni kkonċernata u li kienu rilevanti għall-kalkoli tagħna. Dawn il-miżuri korrettivi naqqsu l-livell ta' żball stmat minna b'0,5 punti perċentwali (2014: 1,1 punti perċentwali). Bidliet fl-għadd ta' tranżazzjonijiet affettwati u fl-impatt fuq il-livell ta' żball stmat minna ma jindikawx li l-azzjoni korrettiva saret aktar jew inqas effettiva billi dawn il-miżuri japplikaw għal sehem relattivament żgħir tal-kampjun tagħna u huwa normali li jkun hemm fluttwazzjoni minn sena għal oħra.

## AĦNA NGĦADDU KAŻIJIET TA' FRODI SUSPETTATA LILL-OLAF

1.44. Aħna ngħaddu każijiet ta' frodi suspettata identifikati fl-awditu tagħna lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għal analiżi, u possibbilment, investigazzjoni. Ma nistgħux nikkummentaw fuq każijiet individwali jew fuq ir-rispons tal-OLAF dwarhom. Madankollu, aħna nosservaw li waqt l-awditu tal-2015:

— ivvalutajna l-legalità u r-regolarità ta' madwar 1 200 tranżazzjoni;

— sibna 12-il każ ta' frodi suspettata (2014: 22) li għaddejna lill-OLAF ([37]);

— il-każijiet l-aktar frekwenti ta' frodi suspettata kienu jikkonċernaw kunflitti ta' interess u l-ħolqien artifiċjali ta' kundizzjonijiet biex jinkiseb sussidju, segwiti minn dikjarazzjonijiet ta' spejjeż li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà.

([37]) Fis-sena kalendarja 2015 għaddejna 27 każ lill-OLAF (relatati mas-snin tal-awditjar 2014 u 2015) (fl-2014: 16). Dawn il-każijiet jinkludu xi wħud li rriżultaw mix-xogħol li ma kienx relatat mad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## KONKLUŻJONIJIET

1.45. Il-funzjoni ewlenija ta' dan il-kapitolu hija li jsostni l-opinjoni tal-awditjar ippreżentata fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

## Riżultati tal-awditjar

1.46. Ir-riżultati tal-awditjar tagħna, filwaqt li juru li sar titjib f'xi oqsma, huma, b'mod ġenerali, konsistenti ma' dawk ta' snin preċedenti.

1.47. Ir-riżultati tagħna, kif ippreżentati fil-***Figuri 1.5*** u ***1.6***, juru relazzjoni qawwija bejn il-bażi għal pagament u l-livelli ta' żball. Aħna nibqgħu nsibu li l-infiq ibbażat fuq rimborż huwa milqut minn livelli ta' żball li huma ħafna ogħla minn dawk għall-infiq ibbażat fuq drittijiet.

1.48. Il-Kummissjoni ħadet passi ulterjuri biex ittejjeb il-kwantifikazzjoni tagħha tal-ammonti f'riskju u l-kapaċità korrettiva tagħha. Madankollu, hemm lok għal titjib fil-valutazzjoni li l-Kummissjoni twettaq ta' dawn iż-żewġ kwistjonijiet.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.48.** *Il-Kummissjoni tejbet il-metodoloġija tagħha u aġġustat iċ-ċifri fir-Rapport Annwali tal-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2015 għall-Baġit tal-UE, fejn meħtieġ, biex tiżgura li ċ-ċifri rrapportati jipprovdu stima konservattiva tal-ammonti f'riskju u tal-kapaċità korrettiva. B'kunsiderazzjoni tal-qafas ġuridiku l-ġdid għall-2014-20, aġġustamenti għall-metodoloġija jaf ikunu xierqa fil-futur.*

ANNESS 1.1

*APPROĊĊ U METODOLOĠIJA TAL-AWDITJAR*

1. L-approċċ tal-awditjar tagħna huwa deskritt fil-Manwal għall-Awditu Finanzjarju u tal-Konformità li huwa disponibbli fuq is-sit web tagħna. Aħna nużaw mudell ta' aċċertament biex nippjanaw ix-xogħol tagħna. Fl-ippjanar tagħna, aħna nqisu r-riskju li jseħħu l-iżbalji (riskju inerenti) u r-riskju li l-iżbalji ma jiġux ipprevenuti jew maqbuda u kkorreġuti (riskju tal-kontroll).

**PARTI 1 — Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet**

2. Il-kontijiet konsolidati jikkonsistu:

A. fir-rapporti finanzjarji konsolidati; u

B. fir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

Il-kontijiet konsolidati jridu jippreżentaw b'mod xieraq, fl-aspetti materjali kollha:

— il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fi tmiem is-sena;

— ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha; u

— it-tibdil fl-assi netti għas-sena li tkun intemmet.

L-awditu tagħna jinvolvi:

(a) Evalwazzjoni tal-ambjent tal-kontroll kontabilistiku.

(b) Kontrolli fuq il-funzjonament ta' proċeduri kontabilistiċi ewlenin u l-proċess ta' għeluq fi tmiem is-sena.

(c) Kontrolli analitiċi (konsistenza u raġonevolezza) fuq id-*data* kontabilistika prinċipali.

(d) Analiżijiet u rikonċiljazzjonijiet ta' kontijiet u/jew ta' bilanċi.

(e) Testijiet sostantivi ta' impenji, pagamenti u entrati speċifiċi fil-karta tal-bilanċ ibbażati fuq kampjuni rappreżentattivi.

(f) Fejn ikun possibbli, u f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar, l-użu minn xogħol awdituri oħra. Dan huwa partikolarment il-każ għall-awditjar ta' dawk l-attivitajiet mutwatarji u mutwanti mmaniġġjati mill-Kummissjoni, li għalihom ikun hemm disponibbli ċertifikati tal-awditjar estern.

**PARTI 2 — Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

3. L-awditu tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet jinvolvi l-ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet (ara l-***Figura 1.2***). Aħna naċċertaw jekk dawn ikunux konformi mar-regoli u r-regolamenti rilevanti.

*Kif nittestjaw it-tranżazzjonijiet*

4. Fi ħdan kull valutazzjoni speċifika (il-Kapitoli 5 sa 9), aħna nwettqu testijiet diretti ta' tranżazzjonijiet abbażi ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet. L-ittestjar tagħna jipprovdi stima tal-punt sa fejn it-tranżazzjonijiet fil-popolazzjoni kkonċernata jkunu irregolari.

5. L-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jinvolvi eżaminar ta' kull tranżazzjoni magħżula. Aħna niddeterminaw jekk il-klejm jew il-pagament sarx għall-iskopijiet approvati mill-baġit u speċifikati fil-leġiżlazzjoni rilevanti jew le. Aħna neżaminaw il-kalkolu tal-ammont tal-klejm jew tal-pagament (għal klejms li jkunu akbar nibbażaw fuq għażla rappreżentattiva tal-elementi li fuqhom is-sussidju jkun ibbażat). Dan jinvolvi l-ittraċċar tat-tranżazzjoni mill-kontijiet baġitarji sal-livell tar-riċevitur finali (eż. bidwi, l-organizzatur ta' kors ta' taħriġ, jew promotur ta' proġett tal-għajnuna għall-iżvilupp). Aħna nittestjaw il-konformità f'kull livell. Ikun hemm żball meta t-tranżazzjoni (fi kwalunkwe livell):

— tiġi kkalkulata b'mod skorrett; jew

— ma tissodisfax rekwiżit regolatorju jew dispożizzjoni kuntrattwali.

6. Għad-dħul, l-eżaminar li wettaqna tar-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u fuq l-introjtu nazzjonali gross jieħu bħala punt tat-tluq l-aggregati makroekonomiċi rilevanti li fuqhom dawn jiġu kkalkulati. Aħna neżaminaw is-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni, u nieħdu aċċertament minnhom, biex nipproċessaw dawn l-aggregati sakemm il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, aħna neżaminaw il-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u l-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jiġu riċevuti il-Kummissjoni tirċievi l-ammonti u tirreġistrahom fil-kontijiet.

7. Għall-infiq, aħna neżaminaw il-pagamenti meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi). Aħna ma neżaminawx il-pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Neżaminaw il-pagamenti bil-quddiem meta:

— ir-riċevitur finali tal-fondi tal-UE (eż. bidwi, istitut ta' riċerka, kumpanija li tipprovdi xogħlijiet jew servizzi wara proċeduri ta' akkwist pubbliku) jipprovdi evidenza dwar l-użu xieraq tagħhom; u

— il-Kummissjoni (jew istituzzjoni jew korp ieħor li jimmaniġġja l-fondi tal-UE) taċċetta li l-użu finali tal-fondi jkun iġġustifikat billi tapprova l-pagament bil-quddiem.

8. Il-kampjun tal-awditjar tagħna huwa mfassal biex jipprovdi stima tal-livell ta' żball fil-popolazzjoni awditjata fl-intier tagħha. Aħna neżaminaw klejms jew pagamenti li jkunu għal ammonti akbar billi nagħżlu elementi (eż. fatturi ta' proġett, irqajja' art fi klejm li jagħmel bidwi, ara l-paragrafu 5) biex nawditjaw fi ħdan tranżazzjonijiet individwali bl-użu ta' kampjunar f'unitajiet monetarji (MUS). B'hekk, f'każ li l-elementi eżaminati jkunu parti minn proġett jew minn klejm ta' bidwi, ir-rata ta' żball irrappurtata għal dawn l-entrati ma tkunx tikkostitwixxi rata ta' żball għall-proġett awditjat jew għal klejm tal-bidwi, iżda tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni kumplessiva tal-infiq tal-UE.

9. Aħna ma neżaminawx tranżazzjonijiet f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u/jew reġjun kull sena. L-eżempji pprovduti fir-rapport annwali huma għal skopijiet illustrattivi u juru l-iżbalji l-aktar tipiċi misjuba. It-tismija ta' ċerti Stati Membri, stati benefiċjarji u/jew reġjuni ma tfissirx li l-eżempji ppreżentati ma jseħħux band'oħra. L-eżempji illustrattivi ppreżentati f'dan ir-rapport ma jiffurmawx bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri, l-istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni kkonċernati.

10. L-approċċ tagħna mhuwiex maħsub biex jiġbor *data* dwar il-frekwenza ta' żball fil-popolazzjoni. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati dwar il-frekwenza ta' żball mhumiex indikazzjoni tal-frekwenza ta' żball fi tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-UE jew fi Stati Membri individwali. L-approċċ tal-kampjunar tagħna japplika ponderazzjoni differenti għal tranżazzjonijiet differenti. Il-kampjunar tagħna jirrifletti l-valur tal-infiq ikkonċernat u l-intensità tax-xogħol tal-awditjar. Din il-ponderazzjoni titneħħa f'tabella tal-frekwenza li għalhekk tagħti l-istess ponderazzjoni għall-iżvilupp rurali bħalma tagħti għall-appoġġ dirett fil-qasam ta' "Riżorsi Naturali" u l-istess ponderazzjoni għall-infiq relatat mal-Fond Soċjali bħalma tagħti għall-pagamenti reġjonali u ta' koeżjoni fil-kapitolu "Koeżjoni". Il-frekwenza relattiva ta' żball f'kampjuni meħuda fi Stati Membri differenti ma tistax tkun gwida għal-livell relattiv ta' żball fi Stati Membri differenti.

*Kif nevalwaw u nippreżentaw ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijet*

11. L-iżbalji fit-tranżazzjonijiet iseħħu għal diversi raġunijiet. Dawn jieħdu għadd ta' forom differenti skont in-natura tal-ksur u tar-regola speċifika jew ir-rekwiżit kuntrattwali li ma jkunx ġie segwit. It-tranżazzjonijiet individwali jistgħu jkunu totalment jew parzjalment milquta minn żball. L-iżbalji maqbuda u kkoreġuti qabel il-kontrolli li nwettqu u indipendentement minnhom huma esklużi mill-kalkolu u mill-frekwenza ta' żball. Huma juru li s-sistemi ta' kontroll ikunu ħadmu b'mod effettiv. Aħna nqisu jekk l-iżbalji individwali jkunux kwantifikabbli jew mhux kwantifikabbli. Aħna nieħdu kont tal-punt sa fejn ikun possibbli li jitkejjel kemm mill-ammont awditjat kien milqut minn żball.

12. Ħafna żbalji jseħħu fl-applikazzjoni tal-liġijiet dwar l-akkwist pubbliku. Biex il-prinċipji bażiċi ta' kompetizzjoni previsti fil-liġijiet u r-regolamenti tal-UE jiġu rrispettati, il-proċeduri li jkunu sinifikanti jridu jitħabbru. L-offerti jridu jiġu evalwati skont kriterji speċifikati. Il-kuntratti ma jistgħux jinqasmu b'mod artifiċjali biex jiġi evitat li s-sollijiet jinqabżu ([1]).

([1]) Ara wkoll il-paragrafi 6.30 sa 6.35 u r-Rapport Speċjali Nru 10/2015 "L-isforzi biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-akkwist pubbliku fin-nefqa tal-UE għall-Koeżjoni għandhom jiġu intensifikati".

13. Il-kriterji tagħna għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji fl-akkwist pubbliku huma deskritti fid-dokument intitolat "Non-compliance with the rules on public procurement — types of irregularities and basis for quantification" (Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku — tipi ta' irregolaritajiet u bażi għall-kwantifikazzjoni) ([2]).

14. Il-kwantifikazzjoni tagħna tista' tkun differenti minn dik użata mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri meta jkunu qed jiddeċiedu x'għandu jkun ir-rispons tagħhom għall-applikazzjoni skorretta tar-regoli tal-akkwist pubbliku.

*Livell ta' żball stmat*

15. Aħna nistmaw il-livell ta' żball bl-użu tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli (MLE). Aħna nagħmlu dan għal kull intestatura tal-QFP, u għall-infiq mill-baġit fl-intier tiegħu. L-iżbalji kwantifikati biss huma parti mill-kalkolu. Il-perċentwal tal-MLE huwa stima statistika tal-perċentwal probabbli ta' żball fil-popolazzjoni. Eżempji ta' żbalji huma l-ksur kwantifikabbli tar-regolamenti, ir-regoli, u l-kundizzjonijiet ta' kuntratti u ta' għotjiet, li jkunu applikabbli. Aħna nistmaw ukoll il-limitu inferjuri tal-iżball (LEL) u l-limitu superjuri tal-iżball (UEL) (ara l-illustrazzjoni hawn taħt).




16. Il-perċentwal tal-erja oskura taħt il-kurva jindika l-probabbiltà li l-livell ta' żball tal-popolazzjoni jinsab bejn l-LEL u l-UEL.

17. Aħna nippjanaw ix-xogħol tagħna abbażi ta' soll ta' materjalità ta' 2 %. Aħna nużaw il-livell ta' materjalità bħala gwida għall-opinjoni tagħna. Aħna nieħdu wkoll kont tan-natura, l-ammont u l-kuntest tal-iżbalji meta nkunu qed niffurmaw l-opinjoni tagħna.

*Kif neżaminaw is-sistemi u nirrappurtaw ir-riżultati*

18. Il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-pajjiżi u/jew ir-reġjuni benefiċjarji jistabbilixxu sistemi. Huma jużaw dawn is-sistemi biex jimmaniġġjaw ir-riskji għall-baġit, inkluża r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. L-eżaminar tas-sistemi huwa partikolarment utli għall-identifikazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib.

19. Kull intestatura tal-QFP, inkluż id-dħul, tinvolvi ħafna sistemi individwali. Aħna nagħżlu kampjun ta' sistemi kull sena. Aħna nippreżentaw ir-riżultati b'rakkomandazzjonijiet għal titjib.

*Kif naslu għall-opinjonijiet tagħna fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni*

20. Ix-xogħol kollu tagħna rrappurtat fil-Kapitoli 4 sa 9 jifforma l-bażi għall-opinjoni tagħna dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea. L-opinjoni tagħna hija mniżżla fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Meta nkunu qed niffurmaw l-opinjoni tagħna nqisu jekk żball ikunx pervażiv. Ix-xogħol tagħna jippermettilna naslu għal opinjoni infurmata dwar jekk l-iżbalji fil-popolazzjoni jaqbżux jew jaqgħux fi ħdan il-limiti ta' materjalità. L-aħjar stima tagħna tal-livell ta' żball għall-infiq kumplessiv fl-2015 hija ta' 3,8 %. Aħna ninsabu aktar minn 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball għall-popolazzjoni awditjata huwa materjali. Il-livell ta' żball stmat li nstab fl-intestaturi differenti tal-QFP ivarja kif deskritt fil-Kapitoli 5 sa 9. Aħna vvalutajna l-iżball bħala pervażiv — huwa jolqot il-maġġoranza tal-oqsma ta' nfiq.

([2]) http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/Guideline_procurement/Quantification_of_public_procurement_errors.pdf

*Frodi suspettata*

21. Jekk ikollna raġuni biex nissuspettaw li tkun twettqet attività frodulenti, aħna nirrappurtaw dan lill-OLAF, l-uffiċċju tal-Unjoni kontra l-frodi. L-OLAF huwa responsabbli mit-twettiq ta' kull investigazzjoni li tirriżulta. Aħna nirrappurtaw bosta każijiet kull sena lill-OLAF.

**PARTI 3 — Rabta bejn l-opinjonijiet tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

22. Aħna ħriġna:

(a) opinjoni tal-awditjar dwar il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja li ntemmet; u

(b) opinjonijiet tal-awditjar dwar ir-regolarità tad-dħul u l-pagamenti li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

23. Ix-xogħol tagħna u l-opinjonijiet tagħna jsegwu l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI.

Dawn l-istandards jipprevedu wkoll is-sitwazzjoni fejn l-awdituri joħorġu opinjonijiet tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, billi jiddikjaraw li opinjoni modifikata dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet fiha nfisha ma twassalx għal opinjoni modifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet. Ir-rapporti finanzjarji, li dwarhom nesprimu opinjoni, jirrikonoxxu li hemm kwistjoni materjali fir-rigward ta' ksur tar-regoli li jirregolaw l-ispejjeż iddebitati lill-baġit tal-UE. Għaldaqstant iddeċidejna li l-eżistenza ta' livell materjali ta' żball li jkun jolqot ir-regolarità mhijiex fiha nfisha raġuni biex nimmodifikaw l-opinjoni separata tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet.

ANNESS 1.2

*APPROĊĊI LI JUŻAW L-ISTATI UNITI U L-UE GĦALL-ITTESTJAR U R-RAPPURTAR DWAR PAGAMENTI LI MA JKUNUX XIERQA U PAGAMENTI IRREGOLARI*

1. Att tal-Kungress tal-Istati Uniti jirrikjedi li l-aġenziji kollha tal-Gvern iwettqu ttestjar tal-pagamenti proprji tagħhom li jkun suffiċjenti biex jikkalkulaw stima statistikament valida tal-ammont annwali ta' pagamenti li ma jkunux xierqa f'dawk il-programmi kull fejn l-analiżi tar-riskju tindika li jkun probabbli li dawn il-pagamenti jaqbżu l-1,5 % tal-ammont totali mħallas ([3]). L-aġenziji jridu jippubblikaw ir-riżultat kemm bħala total estrapolat kif ukoll bħala perċentwal tal-pagamenti mwettqa. L-awdituri tal-aġenziji tal-Gvern ([4]) huma meħtieġa jirrappurtaw dwar jekk il-proċess ta' produzzjoni u pubblikazzjoni ta' dawn iċ-ċifri huwiex f'konformità mal-att rilevanti tal-Kungress ([5]).

2. Fl-Istati Uniti (bħalma huwa l-każ fl-UE għal pagamenti irregolari) id-definizzjoni ta' dak li mhuwiex xieraq tkun tiddependi mill-istatut li taħtu jkun sar il-pagament. Id-definizzjoni ġenerali għal pagamenti li ma jkunux xierqa, użata fis-sistema tal-Istati Uniti ([6]), hija qrib dik użata għall-pagamenti irregolari li huma diskussi fil-Kapitolu 1 ta' dan ir-rapport annwali. It-tabella hawn taħt tiddeskrivi fil-qosor is-similaritajiet u d-differenzi bejn l-approċċi li jużaw l-Istati Uniti u l-UE għall-ittestjar u r-rappurtar dwar l-infiq.

3. It-total għall-Istati Uniti tal-pagamenti li mhumiex xierqa jkopri firxa wiesgħa u tan-nefqa pubblika: minn protezzjoni soċjali sa difiża. L-oqsma ta' nfiq li jiddominaw il-baġit tal-UE (agrikoltura, infrastruttura) jagħmlu parti relattivament żgħira mill-Baġit Federali tal-Istati Uniti. Mir-ripartizzjoni tat-tipi ta' żball joħorġu xi differenzi ċari fix-xejriet ta' żball. Il-ksur ta' kundizzjonijiet anċillari (bħal akkwist xieraq u kwistjonijiet relatati mal-għajnuna mill-Istat li joħorġu mill-prijorità li l-UE tagħti lill-iżgurr ta' suq uniku) għandu impatt akbar fuq il-livell ta' żball stmat minna milli għandu fuq it-total ta' pagamenti mhux xierqa tal-Istati Uniti. Pagamenti insuffiċjenti huma komponent sinifikanti tat-total għall-Istati Uniti, iżda mhux ta' dak tagħna. Żbalji ta' dokumentazzjoni wkoll għandhom impatt akbar fuq iċ-ċifri tal-Istati Uniti milli għandhom fuq il-livell ta' żball stmat minna.

4. Fit-tħejjija ta' stimi ta' pagamenti li ma jkunux xierqa, l-aġenziji tal-Istati Uniti ma għandhomx il-permess li joqogħdu fuq l-awtorappurtar mir-riċevituri tal-pagamenti tal-aġenziji bħala l-uniku sors li fuqu jibbażaw l-istimi ta' pagamenti li ma jkunux xierqa ([7]), u lanqas li jwettqu kumpens tat-total tal-pagamenti li ma jkunux xierqa billi jikkalkulaw l-impatt tal-azzjoni ta' rkupru. Kif deskritt fil-paragrafi 1.42 sa 1.43, azzjoni korrettiva li tittieħed qabel ma nwettqu l-awditu tagħna tnaqqas l-istima ta' żball ikkalkulata minna.

5. L-aġenziji kkonċernati jiddedikaw riżorsi konsiderevoli għall-eżaminar ta' pagamenti magħżula. Pereżempju, għall-Amministrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali tal-Istati Uniti, jiġu eżaminati qrib is- 6 000 pagament fis-sena għall-kalkolu tar-rata ta' pagamenti li ma jkunux xierqa, u l-ekwivalenti ta' kważi 90 sena xogħol tal-persunal huma ddedikati għall-kompitu. L-awtoritajiet li magħhom iddiskutejna l-kwistjoni qiesu li, b'riżultat tal-eżerċizzju, l-aġenziji kkonċernati jiksbu informazzjoni ta' kwalità għolja dwar xejriet ta' pagamenti li ma jkunux xierqa, u ta' sikwit huma jkunu jistgħu jfasslu u jimplimentaw azzjoni adatta biex jindirizzaw ir-riskju ta' żball.

6. Il-pagamenti li ma jkunux xierqa, li ġew irrappurtati għall-2015, ammontaw għal USD 136,7 biljun (EUR 123,2 biljun) ([8]), ekwivalenti għal 4,4 % tal-infiq mill-Gvern Federali ([9]). Hemm ħafna differenzi fin-natura tal-infiq kopert, u fid-definizzjonijiet speċifiċi ta' żball. Id-differenza ewlenija hija li fl-Istati Uniti l-korpi li jimmaniġġjaw il-fondi huma meħtieġa jipproduċu l-istima proprja tagħhom, li tkun statistikament valida, tal-livell ta' żball.

---

([3]) L-aġenziji jwettqu l-analiżi tar-riskju proprja tagħhom. L-istimar tal-livell ta' pagamenti li ma jkunux xierqa huwa awtomatiku għal ċerti programmi ta' nfiq, u s-soll ta' 1,5 % jista' jitnaqqas.

([4]) L-Ispetturi Ġenerali għall-biċċa l-kbira mill-aġenziji, jew inkella l-Uffiċċju tal-Obbligu ta' Rendikont tal-Gvern.

([5]) Attwalment l-Improper Payments Elimination and Recovery Improvement Act (Att dwar l-Eliminazzjoni ta' Pagamenti li ma Jkunux Xierqa u t-Titjib tal-Irkupru) tal-2012 (IPERIA). Ċerti aġenziji bdew jirrappurtaw pagamenti li ma jkunux xierqa għall-ewwel darba fl-2003, kif meħtieġ mill-Improper Payments Information Act tal-2002 (Att dwar l-Informazzjoni dwar Pagamenti li ma Jkunux Xierqa)(IPIA). Ara wkoll paymentaccuracy.gov.

([6]) L-Appendiċi C għaċ-Ċirkulari Nru A-123 *Requirements for Effective Estimation and Remediation of Improper Payments* (Rekwiżiti għal Stimar u Rimedju Effettivi ta' Pagamenti li Ma Jkunux Xierqa).

([7]) Fil-biċċa l-kbira, il-Kummissjoni Ewropea tuża *data* rrappurtata lill-Kummissjoni mill-korpi u l-awtoritajiet li twaqqfu taħt il-leġiżlazzjoni settorjali u minn entitajiet oħra (il-paragrafu 1.35).

([8]) Rata tal-kambju medja għall-2015; EUR 1 = USD 1,1095.

([9]) Ir-Rapport Finanzjarju tal-Gvern Federali tal-Istati Uniti għall-2015.

**Differenzi u similaritajiet bejn il-mudell tal-Istati Uniti u dak tal-QEA għall-istimar tal-livell ta' żball fl-infiq baġitarju**

| | | **Gvern Federali tal-Istati Uniti** | **Il-QEA** |
|---|---|---|---|
| Responsabbiltà għall-kalkolu tal-livell ta' żball stmat | Il-maniġers tal-fondi jridu jipprovdu l-istima statistika tal-livell ta' żball | ✓ | ✗ |
| | L-awdituri esterni jikkalkulaw l-istima statistika tal-livell ta' żball | ✗ | ✓ |
| Kopertura | Il-pagamenti kollha li jsiru mill-baġit huma suġġetti għal kampjunar | ✗ | ✓ |
| | Jiġi kkampjunat biss l-infiq fuq il-programmi li huma meqjusa riskjużi mill-maniġers tal-fondi | ✓ | ✗ |
| Żbalji ewlenin | Ammonti skorretti mħallsa lil riċevituri eliġibbli | ✓ | ✓ |
| | Pagamenti mwettqa lil riċevituri ineliġibbli | ✓ | ✓ |
| | Pagamenti mwettqa għal oġġetti jew servizzi ineliġibbli | ✓ | ✓ |
| | Pagamenti għal oġġetti jew servizzi mhux riċevuti | ✓ | ✓ |
| | Pagamenti doppji | ✓ | ✓ |
| | Pagamenti li għalihom ma tkunx instabet dokumentazzjoni suffiċjenti jew inkella ma tkun instabet l-ebda dokumentazzjoni | ✓ | ✓ |
| Bażi għall-kalkolu tal-iżball | Ittestjar ta' kampjun ta' operazzjonijiet magħżula bl-użu ta' metodi statistiċi | ✓ | ✓ |
| | Azzjonijiet korrettivi *ex post* (imwettqa mill-maniġers tal-fondi) jistgħu jnaqqsu l-livell ta' żball stmat | ✗ | ✓ |
| Preżentazzjoni tal-livell ta' żball stmat | Żball estrapolat, ippreżentat f'termini ta' flus kontanti | ✓ | ✗ |
| | Żball estrapolat, ippreżentat bħala perċentwal | ✓ | ✓ |
| Riżultati | Livell medju 2012-2015 | 4,1 % | 4,3 % |
| | Livell għall-2015 | 4,4 % | 3,8 % |

ANNESS 1.3

*FREKWENZA TA' ŻBALJI MAQBUDA FIL-KAMPJUNAR TAL-AWDITJAR GĦAS-SENA 2015*

| Stat Membru (ġestjoni kondiviża) | | Intestatura 1b tal-QFP – Koeżjoni | | | | | | | Intestatura 2 tal-QFP Riżorsi Naturali | | | | | | | | | | | | | | Ġestjoni kondiviża Intestaturi tal-QFP 1b Koeżjoni u 2 Riżorsi Naturali (total) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), Fond ta' Koeżjoni (FK) u Fond Soċjali Ewropew (FSE) | | | | | | | Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta | | | | | | | Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
| | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % |
| BE | Il-Belġju | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 5 | 2 | 0 | 2 | *1* | *1* | *0* | 5 | 2 | 0 | 2 | *1* | *1* | *0* |
| BG | Il-Bulgarija | 9 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 4 | 2 | 0 | 2 | *2* | *0* | *0* | 5 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 18 | 2 | 0 | 2 | *2* | *0* | *0* |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka | 28 | 6 | 2 | 4 | *2* | *0* | *2* | 4 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 5 | 4 | 0 | 4 | *4* | *0* | *0* | 37 | 10 | 2 | 8 | *6* | *0* | *2* |
| DK | Id-Danimarka | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 8 | 5 | 0 | 5 | *5* | *0* | *0* | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 8 | 5 | 0 | 5 | *5* | *0* | *0* |
| DE | Il-Ġermanja | 16 | 6 | 3 | 3 | *2* | *1* | *0* | 24 | 5 | 2 | 3 | *3* | *0* | *0* | 14 | 3 | 0 | 3 | *2* | *1* | *0* | 54 | 14 | 5 | 9 | *7* | *2* | *0* |
| IE | L-Irlanda | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 8 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 8 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| EL | Il-Greċja | 17 | 2 | 2 | 0 | *0* | *0* | *0* | 8 | 1 | 0 | 1 | *1* | *0* | *0* | 5 | 2 | 0 | 2 | *1* | *0* | *1* | 30 | 5 | 2 | 3 | *2* | *0* | *1* |
| ES | Spanja | 17 | 7 | 5 | 2 | *0* | *2* | *0* | 20 | 5 | 0 | 5 | *4* | *0* | *1* | 21 | 8 | 3 | 5 | *3* | *2* | *0* | 58 | 20 | 8 | 12 | *7* | *4* | *1* |
| FR | Franza | 8 | 3 | 0 | 3 | *2* | *0* | *1* | 32 | 10 | 1 | 9 | *7* | *2* | *0* | 14 | 11 | 8 | 3 | *2* | *1* | *0* | 54 | 24 | 9 | 15 | *11* | *3* | *1* |
| IT | L-Italja | 25 | 9 | 5 | 4 | *1* | *2* | *1* | 20 | 8 | 1 | 7 | *5* | *2* | *0* | 22 | 13 | 7 | 6 | *4* | *1* | *1* | 67 | 30 | 13 | 17 | *10* | *5* | *2* |
| CY | Ċipru | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 4 | 3 | 0 | 3 | *3* | *0* | *0* | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 4 | 3 | 0 | 3 | *3* | *0* | *0* |
| LV | Il-Latvja | 4 | 1 | 0 | 1 | *1* | *0* | *0* | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 4 | 1 | 0 | 1 | *1* | *0* | *0* |
| LT | Il-Litwanja | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 0 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* | 5 | 3 | 3 | 0 | *0* | *0* | *0* | 5 | 3 | 3 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| HU | L-Ungerija | 17 | 6 | 2 | 4 | *1* | *3* | *0* | 8 | 3 | 0 | 3 | *3* | *0* | *0* | 5 | 1 | 0 | 1 | *1* | *0* | *0* | 30 | 10 | 2 | 8 | *5* | *3* | *0* |

| Stat Membru (ġestjoni kondiviża) | | Intestatura 1b tal-QFP – Koeżjoni | | | | | | | Intestatura 2 tal-QFP Riżorsi Naturali | | | | | | | | | | | | | | Ġestjoni kondiviża Intestaturi tal-QFP 1b Koeżjoni u 2 Riżorsi Naturali (total) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), Fond ta' Koeżjoni (FK) u Fond Soċjali Ewropew (FSE) | | | | | | | Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta | | | | | | | Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | | | | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
| | | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % | Għadd ta' tranżazzjonijiet | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | <20 % | 20 %-80 % | 80 %-100 % |
| NL | In-Netherlands | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AT | L-Awstrija | 8 | 2 | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 10 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 18 | 2 | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| PL | Il-Polonja | 41 | 16 | 11 | 5 | 1 | 2 | 2 | 8 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 22 | 4 | 3 | 1 | 1 | 0 | 0 | 71 | 20 | 14 | 6 | 2 | 2 | 2 |
| PT | Il-Portugall | 12 | 5 | 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 8 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 20 | 7 | 7 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| RO | Ir-Rumanija | 4 | 2 | 0 | 2 | 1 | 1 | 0 | 8 | 2 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 11 | 3 | 0 | 3 | 0 | 2 | 1 | 23 | 7 | 1 | 6 | 2 | 3 | 1 |
| SI | Is-Slovenja | 8 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 12 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| SK | Ir-Repubblika Slovakka | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 5 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 5 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 |
| SF | Il-Finlandja | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 5 | 4 | 0 | 4 | 4 | 0 | 0 | 9 | 5 | 0 | 5 | 5 | 0 | 0 |
| SE | L-Iżvezja | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 2 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 2 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 |
| UK | Ir-Renju Unit | 9 | 6 | 2 | 4 | 3 | 1 | 0 | 8 | 5 | 0 | 5 | 5 | 0 | 0 | 10 | 6 | 3 | 3 | 3 | 0 | 0 | 27 | 17 | 5 | 12 | 11 | 1 | 0 |
| | **Total** | **223** | **72** | **39** | **33** | ***14*** | ***13*** | ***6*** | **180** | **52** | **5** | **47** | ***42*** | ***4*** | ***1*** | **172** | **67** | **29** | **38** | ***26*** | ***8*** | ***4*** | **575** | **191** | **73** | **118** | ***82*** | ***25*** | ***11*** |

Aħna niehdu kont tal-miżuri korrettivi u dan għandu impatti fuq is-sejbiet individwali inklużi fit-tabella (ara wkoll il-paragrafi 1.42 sa 1.43). Aħna ma neżaminawx tranżazzjonijiet f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u/jew reġjun kull sena. Għall-2015 aħna ma eżaminajniex tranżazzjonijiet fil-Lussemburgu, f'Malta, fil-Kroazja u fl-Estonja. L-approċċ tagħna mhuwiex maħsub biex jiġbor *data* dwar il-frekwenza ta' żball fil-popolazzjoni. Għalhekk, iċ-ċifri ppreżentati dwar il-frekwenza ta' żball mhumiex indikazzjoni tal-frekwenza ta' żball fi tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-UE jew fi Stati Membri individwali. Il-frekwenza relattiva ta' żball f'kampjuni meħuda fi Stati Membri differenti ma tistax tkun gwida għal-livell relattiv ta' żball fi Stati Membri differenti.

| Direttorat Ġenerali (DĠ) tal-Kummissjoni Ewropea, istituzzjonijiet u korpi oħra (tip kollu ta' maniġment) | | Għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżaminati | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli < 20 % | Żbalji kwantifikabbli 20 % – 80 % | Żbalji kwantifikabbli 80 % – 100 % |
| **Il-Kummissjoni Ewropea:** | | | | | | | | |
| AGRI | Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali | 344 | 116 | 31 | 85 | *68* | *12* | *5* |
| DEVCO | Id-DĠ Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp | 49 | 14 | 5 | 9 | *7* | *2* | *0* |
| HOME | Id-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni | 8 | 4 | 2 | 2 | *2* | *0* | *0* |
| JUST | Id-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi | 1 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| SANTE | Id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari | 2 | 1 | 0 | 1 | *0* | *1* | *0* |
| EACEA | L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura | 7 | 5 | 1 | 4 | *3* | *0* | *1* |
| EMPL | Id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni | 82 | 30 | 16 | 14 | *8* | *5* | *1* |
| JRC | Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka | 3 | 2 | 2 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| NEAR | Id-DĠ Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir | 46 | 13 | 2 | 11 | *8* | *3* | *0* |
| PMO | L-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali | 71 | 7 | 3 | 4 | *1* | *1* | *2* |
| REGIO | Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana | 150 | 43 | 23 | 20 | *7* | *8* | *5* |
| ESTAT | L-Eurostat | 1 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| CONNECT | Id-DĠ Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija | 20 | 9 | 2 | 7 | *4* | *2* | *1* |
| MOVE | Id-DĠ Mobilità u Trasport | 7 | 1 | 1 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| RTD | Id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni | 55 | 35 | 15 | 20 | *14* | *5* | *1* |
| ENER | Id-DĠ Enerġija | 11 | 7 | 5 | 2 | *2* | *0* | *0* |
| GROW | Id-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs | 7 | 1 | 1 | 0 | *0* | *0* | *0* |

| Direttorat Ġenerali (DĠ) tal-Kummissjoni Ewropea, istituzzjonijiet u korpi oħra (tip kollu ta' maniġment) | | Għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżaminati | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli < 20 % | Żbalji kwantifikabbli 20 % – 80 % | Żbalji kwantifikabbli 80 % – 100 % |
| EAC | Id-DĠ Edukazzjoni u Kultura | 32 | 13 | 7 | 6 | *5* | *1* | *0* |
| ECFIN | Id-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji | 2 | 1 | 0 | 1 | *1* | *0* | *0* |
| TAXUD | Id-DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali | 1 | 1 | 1 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| COMM | Id-DĠ Komunikazzjoni | 1 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| FISMA | Id-DĠ Stabilità Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali | 1 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| ENV | Id-DĠ Ambjent | 7 | 2 | 0 | 2 | *2* | *0* | *0* |
| MARE | Id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd | 12 | 3 | 3 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| ECHO | Id-DĠ Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili (ECHO) | 36 | 7 | 1 | 6 | *6* | *0* | *0* |
| OP | Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet | 1 | 1 | 1 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| DIGIT | Id-DĠ Informatika | 3 | 1 | 1 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| HR | Id-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà | 5 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| OIB | L-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell | 6 | 1 | 1 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| OIL | L-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fil-Lussemburgu | 2 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| SJ | Uffiċċju għas-Servizz Legali | 1 | 1 | 0 | 1 | *1* | *0* | *0* |
| SCIC | Interpretazzjoni | 1 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| Subtotal għall-Kummissjoni Ewropea | | 975 | 319 | 124 | 195 | 139 | 40 | 16 |

| Direttorat Ġenerali (DĠ) tal-Kummissjoni Ewropea, istituzzjonijiet u korpi oħra (tip kollu ta' maniġment) | Għadd totali ta' tranżazzjonijiet eżaminati | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn żball wieħed jew aktar | Għadd ta' tranżazzjonijiet milquta minn: | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Problemi oħra relatati mal-konformità, u żbalji mhux kwantifikabbli, biss | Żbalji kwantifikabbli | Żbalji kwantifikabbli < 20 % | Żbalji kwantifikabbli 20 % – 80 % | Żbalji kwantifikabbli 80 % – 100 % |
| **Istituzzjonijiet u korpi oħra** | | | | | | | |
| Il-Parlament Ewropew | 25 | 2 | 1 | 1 | *1* | *0* | *0* |
| Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | 25 | 9 | 7 | 2 | *2* | *0* | *0* |
| Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea | 9 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 6 | 1 | 1 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri | 3 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| Korpi oħra | 6 | 0 | 0 | 0 | *0* | *0* | *0* |
| Subtotal għal istituzzjonijiet u korpi oħra | 74 | 12 | 9 | 3 | 3 | 0 | 0 |
| **Total** | **1 049** | **331** | **133** | **198** | **142** | **40** | **16** |

KAPITOLU 2

## Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 2.1-2.4 |
| Osservazzjonijiet | 2.5-2.38 |
| L-impenji pendenti għolew u r-rekwiżiti futuri ta' pagament komplew jiżdiedu | 2.5-2.10 |
| Il-baġit inizjali għall-pagamenti fl-2015 kien ogħla milli kien fi snin preċedenti … | 2.11 |
| … u l-pagamenti fuq id-dħul assenjat u l-approprjazzjonijiet riportati jfissru li l-pagamenti finali kienu ogħla mil-limitu massimu tal-QFP | 2.12-2.13 |
| Il-klejms għall-ispejjeż fil-qasam tal-koeżjoni niżlu | 2.14-2.15 |
| Il-perjodu mill-impenn inizjali sal-aċċettazzjoni tal-infiq ikompli jkun twil | 2.16-2.18 |
| L-użu tal-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) waqa' lura b'mod sinifikanti | 2.19-2.21 |
| L-istrumenti finanzjarji jiffurmaw parti dejjem akbar mill-baġit … | 2.22-2.26 |
| … u mill-karta tal-bilanċ … | 2.27-2.30 |
| … u l-ammonti mhux użati miżmuma fi strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża jibqgħu relattivament għoljin | 2.31 |
| Ġew irreġistrati l-ewwel operazzjonijiet għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) … | 2.32-2.37 |
| … filwaqt li kien hemm dewmien fit-tnedija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) | 2.38 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 2.39-2.47 |
| Il-konklużjonijiet għall-2015 | 2.39-2.46 |
| Rakkomandazzjonijiet | 2.47 |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

2.1. Dan il-kapitolu jagħti stampa ġenerali tal-kwistjonijiet ewlenin fil-qasam ta' ġestjoni baġitarja u finanzjarja li rriżultaw fl-2015 u li jaffettwaw il-baġit u l-karta tal-bilanċ tal-UE. Dawn jinkludu l-livelli kumplessivi ta' nfiq u ta' impenji li saru, ir-relazzjoni bejn il-kontijiet baġitarji u dawk finanzjarji, l-istrumenti finanzjarji, u kif il-baġit huwa relatat mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP).

2.2. Il-QFP huwa qafas ta' seba' snin għall-baġit annwali tal-UE. Huwa ddefinit f'Regolament tal-Kunsill ([1]) u jistabbilixxi limitu massimu annwali kumplessiv fuq l-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-approprjazzjonijiet ta' impenn. Il-QFP attwali jistabbilixxi limiti ta' EUR 1 083 biljun fuq impenji u ta' EUR 1 024 biljun fuq pagamenti għall-perjodu ta' seba' snin ([2]) mill-2014 sal-2020. Karatteristika ġdida f'dan il-QFP hija li l-ammonti li ma jintużawx taħt il-limitu massimu għall-pagamenti ([3]) u taħt dak għall-impenji ([4]) awtomatikament iżidu l-limiti massimi tal-QFP għas-snin sussegwenti.

2.3. L-2015 kienet it-tieni sena tal-QFP attwali. Aktar minn tliet kwarti tal-infiq operazzjonali kien jikkonċerna skemi li joperaw taħt ir-regoli tal-QFP preċedenti (sussidji lill-bdiewa għall-2014, rimborż ta' klejms għal proġetti ta' koeżjoni għall-programmi operazzjonali 2007-2013, proġetti ta' riċerka taħt is-Seba' Programm Kwadru, li beda fl-2007). Fi ħdan il-QFP il-ġdid, il-Kummissjoni żborżat EUR 9,6 biljun f'pagamenti ta' prefinanzjament fuq programmi operazzjonali ġodda fil-koeżjoni.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884). Il-limiti ddikjarati fil-paragrafu huma bil-prezzijiet attwali.

([2]) L-ammonti huma ddikjarati fi prezzijiet attwali.

([3]) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013, il-Kummissjoni trid taġġusta 'l fuq il-limitu massimu għall-pagamenti ta' sena partikolari b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti u l-limitu massimu għall-pagamenti stabbilit mill-QFP għas-sena preċedenti. Dawn l-aġġustamenti annwali ma jridux jaqbżu l-ammonti massimi ta' EUR 7 biljun, EUR 9 biljun u EUR 10 biljun (fi prezzijiet tal-2011) fl-2018, fl-2019 u fl-2020 rispettivament.

([4]) Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013, il-marġnijiet li għadhom disponibbli taħt il-limitu massimu tal-QFP għal approprjazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014-2017 għandhom jikkostitwixxu Marġini Globali tal-QFP għall-impenji, li għandhom isiru disponibbli barra mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016 sa 2020 għal għanijiet ta' politika marbuta mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi taż-żgħażagħ.

2.4. Il-baġit ġenerali tal-UE ma jwassalx huwa nnifsu l-biċċa l-kbira mill-benefiċċji tas-sħubija fl-UE (bħall-aċċess għas-suq uniku), u lanqas ma jirreġistra l-ispejjeż kollha (bħall-kofinanzjament u l-amministrazzjoni tal-infiq taħt ġestjoni kondiviża). Kif innutajna ([5]), bosta mekkaniżmi finanzjarji li jappoġġaw il-politiki tal-UE mhumiex iffinanzjati direttament mill-baġit tal-UE u lanqas ma huma rreġistrati fil-karta tal-bilanċ tal-UE. Dawn jinkludu l-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment ([6]) (BEI) kif ukoll il-Fond Ewropew tal-Investiment li huwa marbut miegħu (FEI). Aħna ma aħniex inkarigati mill-awditjar ta' xi wħud minn dawn il-mekkaniżmi, li jillimita l-punt sa fejn dawn huma koperti f'dan il-kapitolu. Mekkaniżmi oħra huma parzjalment irreġistrati fil-karta tal-bilanċ tal-UE, bħall-faċilitajiet ta' finanzjament ikkombinat ([7]) u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) (ara l-paragrafi 2.32 sa 2.37). Wieħed mill-mekkaniżmi li aħna nawditjaw separatament huwa l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ([8]), u l-osservazzjonijiet tagħna dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tiegħu huma inklużi fir-rapport annwali speċifiku tagħna ([9]).

## OSSERVAZZJONIJIET

### L-impenji pendenti għolew u r-rekwiżiti futuri ta' pagament komplew jiżdiedu

*Il-Kummissjoni għamlet aktar impenji fl-2015 milli fi kwalunkwe sena preċedenti*

2.5. Il-Kummissjoni rreġistrat impenji baġitarji għal total ta' EUR 177,2 biljun, li jirrappreżentaw 97,7 % tal-livell totali disponibbli. "Impenn" għandu bażi differenti f'oqsma differenti tal-baġit (ara l-***Figura 2.1***).

([5]) Diskors mill-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri lill-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) fl-10 ta' Novembru 2015 (http://www.eca.europa.eu/mt/Pages/AR2014.aspx).

([6]) Fl-2015, il-BEI żborża EUR 57,4 biljun fi ħdan l-UE (Rapport tal-Istatistika 2015 tal-BEI, p. 2).

([7]) Il-faċilitajiet ta' finanzjament ikkombinat tal-UE fil-politika esterna tagħha jikkomplementaw modalitajiet oħra ta' għajnuna. Il-prinċipju ta' dan il-mekkaniżmu huwa li għotjiet tal-UE jiġu kkombinati ma' selfiet jew ma' investimenti ta' ekwità minn istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati.

([8]) EUR 3 088 miljun tħallsu mill-FEŻ fl-2015.

([9]) Ara l-paragrafi 13 sa 17 tar-"Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għas-sena finanzjarja 2015" fil-Ġurnal Uffiċjali attwali.

**Figura 2.1 — Impenji**

Impenji baġitarji huma meħtieġa għal varjetà ta' kuntratti, deċiżjonijiet jew ftehimiet li jsiru bejn l-UE u individwi, kumpaniji, organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet, aġenziji jew gvernijiet. Xi eżempji jinkludu:

| Intestaturi tal-QFP | Bażi tipika għall-impenn | Impenji totali li saru fl-2015 *(biljun EUR)* |
|---|---|---|
| Intestatura 1a — Kompetittività | Kuntratti ma' riċerkaturi u ma' organizzazzjonijiet ta' riċerka, organizzazzjonijiet involuti fi programmi spazjali, aġenziji nazzjonali involuti fil-programmi ERASMUS. | 18,9 |
| Intestatura 1b — Koeżjoni | Pagamenti akkont annwali għal infiq ippjanat għall-koeżjoni f'kull Stat Membru matul il-QFP. | 69,5 |
| Intestatura 2 — Riżorsi naturali | Ftehimiet ma' bdiewa u ma' negozju agrikolu li jimponu kundizzjonijiet fuq aktar minn sena fil-qasam tal-iżvilupp rurali. Ftehimiet dwar sajd ma' pajjiżi terzi biex jiġu żgurati d-drittjiet tas-sajd. | 67,4 |
| Intestatura 3 — Sigurtà u ċittadinanza | Kuntratti u ftehimiet għall-promozzjoni tas-saħħa, il-kultura, l-ażil, l-ugwaljanza u l-ġustizzja. | 2,8 |
| Intestatura 4 — Ewropa Globali | Ftehimiet ta' finanzjament iffirmati ma' sħab għall-iżvilupp għal perjodu speċifiku. | 9,4 |
| Intestatura 5 — Amministrazzjoni | Kuntratti ta' akkwist għal provvisti u servizzi. | 9,2 |

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.6. L-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli fl-2015 kienu ogħla milli kien fi kwalunkwe sena preċedenti. Żewġ deċiżjonijiet, li setgħu jsiru taħt ir-regoli baġitarji tal-UE u li kienu relatati mad-dewmien fl-approvazzjoni tal-programmi tal-QFP attwali, ikkontribwew għal dan:

(i) id-deċiżjoni tal-Kunsill li jsir trasferiment ta' EUR 16,5 biljun ta' impenji mhux użati mill-2014 għall-2015 ([10]), li rriżultat f'żieda tal-limitu massimu tal-QFP għal EUR 163 biljun;

(ii) id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li jsir riport ta' EUR 12,1 biljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn li ma ntużawx fl-2014, li minnhom EUR 11-il biljun kienu "kważi kkompletati" ([11]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.6.** *Din iż-żieda f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2015 kienet mistennija, billi inkludiet dawk l-impenji addizzjonali marbuta mal-Politika ta' koeżjoni li kellhom isiru fl-2014, iżda li ġew posposti f'konformità mal-qafas legali applikabbli (minħabba dewmien fl-adozzjoni tal-Programmi Operazzjonali fil-Koeżjoni).*

([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/623 (ĠU L 103, 22.4.2015, p. 1), irriprogramma total ta' EUR 21,1 biljun mill-2014 għas-snin sussegwenti. (2015 — EUR 16,5 biljun, 2016 — EUR 4,5 biljun u 2017 — EUR 0,1 biljun). Il-baġit emendatorju Nru 1 tal-2015 kien ukoll kundizzjoni neċessarja għal dan it-trasferiment.

([11]) Riporti huma awtorizzati permezz tal-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju — ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) (http://ec.europa.eu/budget/explained/glossary/glossary_en.cfm).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.7. Żidiet ulterjuri fl-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli rriżultaw minn dħul assenjat ([12]) (EUR 6,8 biljun) u minn baġits emendatorji oħra (EUR 0,5 biljun). Għalhekk, it-total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli ammonta għal EUR 181,3 biljun, ekwivalenti għal 1,3 % tal-ING tal-UE. Kien hemm biss EUR 2 biljun ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li kienu disponibbli għal riport għall-2015. Għalhekk, it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet ta' impenn iżid il-pressjoni fuq baġits il-futuri għall-pagamenti.

2.8. Impenji pendenti huma dawk l-impenji li jkunu saru iżda li ma jkunux ġew ikklerjati permezz ta' pagament jew ikkanċellati. Dawn laħqu EUR 217,7 biljun (ara l-***Figura 2.2***).

2.9. Obbligazzjonijiet u spejjeż dovuti jiġu riflessi fil-karta tal-bilanċ mingħajr ma' neċessarjament ikunu jeħtieġu impenn (pereżempju, għal pensjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi tal-UE, jew l-ispejjeż probabbli għad-dekummissjonar ta' faċilitajiet nukleari tal-UE). Obbligazzjonijiet u spejjeż dovuti li mhumiex koperti b'impenn baġitarju jżidu EUR 121 biljun ulterjuri, u sal-31 ta' Diċembru 2015 dawn ammontaw għal total ta' EUR 339 biljun li għandu jiġu ffinanzjat minn baġits futuri (2014: EUR 305 biljun) ([13]).

2.10. Kif osservajna fi snin preċedenti ([14]), il-Kummissjoni ma tħejjix u ma tippubblikax previżjoni tal-flussi tal-flus li tiġi aġġornata kull sena, li hija fuq medda ta' minn 7 sa 10 snin, u li tkopri l-limiti baġitarji massimi, il-ħtiġijiet ta' pagament, ir-restrizzjonijiet ta' kapaċità u l-kanċellazzjoni potenzjali ta' impenji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.7.** *Il-biċċa l-kbira minn dawn l-impenji huma soġġetti għal regola N+3, huwa normali li dawn l-impenji addizzjonali ma jwasslux għal żieda relatata fil-pagamneti. Minflok iwasslu tabilħaqq għal żieda fil-livell ta' pagamenti pendenti RAL (*Reste à Liquider*).*

**2.10.** *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 2.40.*

([12]) Dħul assenjat huwa dħul allokat għal attivitajiet speċifiċi. Id-dħul assenjat kien joriġina prinċipalment minn penali agrikoli u rkupri oħra, u partijiet terzi, inklużi pajjiżi tal-EFTA u pajjiżi kandidati.

([13]) Minn dan, EUR 19,1 biljun (EUR 33 biljun fl-2014) jirrappreżentaw obbligazzjonijiet lil bdiewa li normalment jiġu approvati fl-ewwel xahrejn tas-sena ta' wara.

([14]) Ir-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 2.22, ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 1.50, u r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 1.59.

**Figura 2.2 — Evoluzzjoni ta' impenji pendenti akkumulati**

*(EUR biljun)*




*Sors:* Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea — Snin finanzjarji 2007-2015.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

### Il-baġit inizjali għall-pagamenti fl-2015 kien ogħla milli kien fi snin preċedenti …

2.11. L-UE tippjana u tirrapporta l-baġit għall-pagamenti abbażi ta' kontabbiltà bbażata fuq pagamenti u trid tibbilanċja d-dħul u l-pagamenti: il-baġit ma jistax jiġi ffinanzjat bis-self ([15]). Il-baġit inizjali tal-UE għall-pagamenti fl-2015 kien ogħla milli qatt kien fis-snin preċedenti.

([15]) L-Artikolu 17 tar-Regolament Finanzjarju.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

### … u l-pagamenti fuq id-dħul assenjat u l-approprjazzjonijiet riportati jfissru li l-pagamenti finali kienu ogħla mil-limitu massimu tal-QFP

2.12. Ir-Regolament tal-QFP ([16]) li ġie adottat fl-2013 stabbilixxa l-ammont ta' EUR 142 biljun bħala l-livell massimu għall-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2015 ([17]). Il-baġit inizjali ġie stabbilit kemxejn taħt dan il-limitu massimu f'ammont ta' EUR 141,2 biljun. Il-livell finali tal-pagamenti kien EUR 4 biljun ogħla mil-livell issettjat fil-baġit oriġinali (ara l-paragrafu 2.2 u l-***Figura 2.4***), u kien it-tieni l-ogħla, wara dak tal-2013. Għat-tielet sena suċċessiva, il-livell finali ta' pagamenti kien ogħla mil-limitu massimu tal-QFP għas-sena kkonċernata. Il-***Figura 2.3*** turi d-diskrepanza bejn il-limitu massimu tal-QFP u l-pagamenti finali li saru matul l-aħħar seba' snin.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*__2.12.__ Il-Qorti tal-Ġustizzja qed tqabbel il-baġit ivvotat bil-livell ta' pagamenti inkluż:*

— *pagamenti magħmula fuq approprjazzjonijiet iġġenerati minn dħul assenjat (dawn huma fuq nett tal-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati fil-baġit 2015 u l-limitu massimu tal-QFP) u*

— *pagamenti relatati ma' approprjazzjonijiet riportati mis-snin preċedenti (li għandhom jingħaddu kontra l-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP tas-sena, meta l-approprjazzjonijiet kienu l-ewwel nett awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill).*

**Figura 2.3 — Pagamenti finali mqabbla mal-limitu massimu tal-QFP**

*(EUR biljun)*




*Sors:* Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea — Snin finanzjarji 2009-2015 u r-Regolamenti tal-QFP.

([16]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.

([17]) Kif emendat bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew —Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena 2016 f'konformità mal-movimenti fl-ING (COM(2015) 320 final).

**Figura 2.4 — Approprjazzjonijiet ta' pagament u pagamenti li saru fl-2015**

*(EUR biljun)*




(*) Jinkludu EUR 66 miljun f'approprjazzjoni ta' pagament fil-baġits emendatorji tas-sena.

*Sors:* Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea — Sena finanzjarja 2015, "Rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u noti ta' spjega", it-Tabelli 5.1 u 5.3.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.13. Il-Parlament u l-Kunsill approvaw tmien baġits emendatorji. L-ewwel wieħed kien l-ikbar u ttratta r-riprogrammazzjoni ta' EUR 16,5 biljun (il-paragrafu 2.6). Il-baġits emendatorji l-oħra flimkien żiedu l-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli b'EUR 486 miljun u l-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli b'EUR 85 miljun. B'mod partikolari, huma:

— irriallokaw EUR 1,4 biljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond ta' Garanzija tal-FEIS, fil-biċċa l-kbira mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (ara l-paragrafu 2.35);

— żiedu EUR 407 miljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-baġit għall-migrazzjoni; u

— irriallokaw EUR 127 miljun ta' approprjazzjonijiet ta' pagament minn intestaturi oħra għall-baġit għall-migrazzjoni.

## Il-klejms għall-ispejjeż fil-qasam tal-koeżjoni niżlu

2.14. It-talbiet għal rimborż ippreżentati mill-awtoritajiet fl-Istati Membri għall-klejms għall-ispejjeż relatati ma' attivitajiet ta' koeżjoni, kienu f'livell aktar baxx fl-2015 milli fl-2014 (EUR 42,2 biljun fl-2015; 2014, EUR 56,6 biljun). Dan wassal biex il-livell ta' klejms għall-ispejjeż li ma tħallsux niżel minn EUR 23,2 biljun fi tmiem l-2014 għal EUR 10,8 biljun ([18]) fi tmiem l-2015. Klejms li ġew riċevuti fl-aħħar xahar tas-sena naqsu kważi bin-nofs għal EUR 10,5 biljun (2014, EUR 19,4 biljun), bħalma kien il-każ għall-klejms li ġew riċevuti fl-aħħar erbat ijiem tas-sena (2015, EUR 5,4 biljun; 2014, EUR 10,1 biljun). Mit-total ta' EUR 10,8 biljun ta' talbiet mhux imħallsa fi tmiem is-sena, EUR 2,8 biljun kienu baqgħu ma tħallsux minn tmiem l-2014.

2.15. Il-baġit tal-UE pprovda prefinanzjament lill-Istati Membri kollha kemm għall-QFP 2007-2013 kif ukoll għall-QFP 2014-2020. B'kollox, il-prefinanzjament mhux approvat jammonta għal EUR 32,7 biljun ([19]) fi tmiem l-2015. Għaldaqstant, it-total tal-"kontijiet mhux imħallsa" mhuwiex indikazzjoni li, b'mod ġenerali, l-Istati Membri huma "dovuti" xi fondi mill-baġit.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.15.** *Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni 2014–2020 jistipula li l-prefinanzjament tal-perjodu ta' programmazzjoni jintuża għall-finanzjament ta' operazzjonijiet imwettqa taħt il-perjodu ta' programmazzjoni inkwistjoni.*

([18]) In-Nota 2.12 tal-kontijiet. Klejms għall-ispejjeż mhux imħallsa li l-Kummissjoni kienet ivverifikat bħala korretti u rreġistrat bħala lesti għall-pagament fis-sistema kontabilistika tagħha, ammontaw għal EUR 3,3 biljun (2014, EUR 1,3 biljun).

([19]) Dan jikkonsisti f'EUR 23,1 biljun mill-perjodu 2007-2013 u EUR 9,6 biljun mill-perjodu 2014-2020.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Il-perjodu mill-impenn inizjali sal-aċċettazzjoni tal-infiq ikompli jkun twil

2.16. Il-*Figura 2.5* tipprovdi ripartizzjoni, skont kemm-il sena jkun ilhom li saru, tal-impenji pendenti u l-prefinanzjament. It-tul ta' żmien medju mill-impenn għall-pagament huwa ta' 2,4 snin (2,1 snin fl-2014). Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-ewwel pagament li jsir fuq programm jew fuq proġett (u li jnaqqas il-livell tal-impenn pendenti) ikun jikkonsisti fi prefinanzjament. Il-prefinanzjament jibqa' pendenti sakemm ir-riċevitur tal-fondi tal-UE jipprovdi s-servizz jew jiġġustifika l-użu tal-fondi tal-UE.

2.17. L-ammont pendenti ("stokk") ta' impenji huwa ekwivalenti għal kważi darbtejn u nofs l-ammont irreġistrat f'sena waħda ("fluss") ([20]). Il-prefinanzjament pendenti gross huwa ekwivalenti għal ftit aktar minn sitt xhur ta' pagamenti. Il-perjodu medju kkombinat mill-impenn sal-aċċettazzjoni tal-infiq jammonta għal tliet snin fuq il-baġit kollu tal-UE. L-użu tal-prefinanzjament huwa ħafna aktar prominenti għall-oqsma ta' nfiq taħt ġestjoni indiretta/ġestjoni diretta (fejn l-istokk tal-prefinanzjament huwa ekwivalenti għal 1,6 snin ta' pagamenti) milli għal dawk taħt ġestjoni kondiviża. Għall-Intestatura 4, l-ammont totali ta' impenji u ta' prefinanzjament pendenti huwa ekwivalenti għal 4,6 snin ta' nfiq normali.

2.18. Id-dewmien fit-tul bejn l-impenn inizjali u l-approvazzjoni finali tal-infiq huwa konness ma' problemi ta' dokumentazzjoni nieqsa fl-għeluq, u dan inaqqas il-flessibbiltà. Kif nosservaw fil-paragrafu 2.3, il-pagamenti li saru fl-2015 spiss komplew ikunu relatati ma' programmi ta' perjodi preċedenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.17.** *Il-Kummissjoni tqis li* r-reste à liquider *(RAL jew impenji pendenti) huwa konsistenti mar-regoli rilevanti għad-diżimpenji awtomatiċi.*

**2.18.** *Għall-koeżjoni, id-data finali tal-eliġibbiltà hija l-31 ta' Diċembru 2015. Id-dokumenti ta' għeluq iridu jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2017. Ir-Regolament (UE) Nru 1083/2006 jipprevedi li jinżamm sehem ta' 5 % tal-allokazzjoni totali tal-UE sal-għeluq tal-programm.*

*Il-koleġiżlaturi ddeċidew li jemendaw ir-regolament u jestendu l-iskadenza tad-diżimpenn awtomatiku N+2 għal żewġ Stati Membri. Dan naqqas il-pressjoni fuq dawn l-Istati Membri biex jippreżentaw talbiet għal pagament fi żmien perjodu referenzjarju iqsar. Barra minn hekk, it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja jippermetti eċċezzjoni għar-regola tad-diżimpenn awtomatiku. Huwa jipprovdi wkoll għal N+3.*

*Fl-aħħar nett, fl-2014 twaqqfet taskforce għal implimentazzjoni aħjar biex tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-użu tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni 2007-2013. Il-Kummissjoni qed tagħmel monitoraġġ tal-progress.*

([20]) Għall-infiq għall-koeżjoni fuq programmi operazzjonali adottati taħt il-QFP 2007-2013, jenħtieġ li jsir diżimpenn awtomatiku fuq bażi N+2 għall-Istati Membri kollha minbarra l-Kroazja, ir-Rumanija u s-Slovakkja (fejn tapplika r-regola N+3).

**Figura 2.5 — Ripartizzjoni tal-impenji baġitarji pendenti u l-prefinanzjament tal-Kummissjoni**

*(EUR miljun)*

**Impenji baġitarji pendenti** ([1])

| Intestatura | | < 2009 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | Total | Snin ta' impenji ([2]) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1a | Kompetittività | 295 | 672 | 1 209 | 1 541 | 3 885 | 5 942 | 7 844 | 13 066 | 34 455 | 2,1 |
| 1b | Koeżjoni | 1 653 | 38 | 237 | 1 455 | 7 191 | 29 459 | 21 324 | 65 016 | 126 372 | 2,6 |
| 2 | Riżorsi naturali | 223 | 62 | 82 | 127 | 213 | 7 231 | 2 140 | 18 112 | 28 191 | 1,8 |
| 3 | Sigurtà u Ċittadinanza | 21 | 39 | 62 | 136 | 277 | 580 | 350 | 1 671 | 3 137 | 1,5 |
| 4 | Ewropa Globali | 938 | 522 | 883 | 1 412 | 3 364 | 4 719 | 5 390 | 7 446 | 24 673 | 3,0 |
| 5 | Amministrazzjoni | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 295 | 295 | 0,0 |
| | **Total** | **3 130** | **1 333** | **2 473** | **4 671** | **14 931** | **47 931** | **37 049** | **105 606** | **217 123** ([3]) | **2,4** |

**Prefinanzjament** ([4])

| Intestatura | | < 2009 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | Total | Snin ta' pagamenti ([5]) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1a | Kompetittività | 127 | 165 | 422 | 1 382 | 3 353 | 6 117 | 5 343 | 8 636 | 25 545 | 1,5 |
| 1b | Koeżjoni | 12 934 | 9 347 | 689 | 69 | 33 | 75 | 2 042 | 7 523 | 32 711 | 0,6 |
| 2 | Riżorsi naturali | 3 443 | 131 | 60 | 78 | 120 | 172 | 393 | 2 397 | 6 795 | 0,1 |
| 3 | Sigurtà u Ċittadinanza | 19 | 27 | 58 | 92 | 192 | 675 | 792 | 1 430 | 3 284 | 1,6 |
| 4 | Ewropa Globali | 236 | 461 | 397 | 817 | 947 | 1 634 | 2 520 | 5 446 | 12 458 | 1,6 |
| 5 | Amministrazzjoni | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 2 | 0,0 |
| | **Total (prefinanzjament gross)** | **16 758** | **10 130** | **1 626** | **2 439** | **4 645** | **8 673** | **11 090** | **25 434** | **80 795** ([6]) | **0,6** |

([1]) *Sors:* Il-kontijiet annwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2015, it-Tabella 2.5 ta' "Rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u noti ta' spjegazzjoni".
([2]) *Sors:* Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja – 2015 – it-Taqsima A.7.2.
([3]) L-impenji baġitarji pendenti ma jinkludux EUR 570 miljun minn istituzzjonijiet oħra.
([4]) *Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq *data* tal-Kummissjoni.
([5]) Prefinanzjament imħallas sal-31.12.2015 diviż bil-pagamenti li saru mill-approprjazzjonijiet tas-sena.
([6]) Ara l-kontijiet annwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2015, in-Nota 2.5.1.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## L-użu tal-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) waqa' lura b'mod sinifikanti

2.19. Sa tmiem l-2015 il-pagamenti lill-Istati Membri għall-fondi SIE relatati mal-QFP 2007-2013 ([21]) kienu laħqu EUR 400,8 biljun (90 % tat-total ta' EUR 446,2 biljun ([22]) għall-programmi operazzjonali approvati kollha). Fil-***Figura 2.6***, aħna nipprovdu analiżi tal-livell ta' pagamenti li l-Kummissjoni kienet għamlet meta mqabbel mal-impenji għal kull Stat Membru. Ħames Stati Membri ([23]) jirrapreżentaw aktar minn nofs l-impenji mhux użati tal-Fondi SIE li ma wasslux għal pagament.

2.20. F'xi Stati Membri l-kontribuzzjoni mill-UE li ma ġietx ikklejmjata ([24]), flimkien mal-kofinanzjament nazzjonali meħtieġ, hija ekwivalenti għal sehem sinifikanti tal-infiq totali tal-amministrazzjoni pubblika (ara l-***Figura 2.7***). F'seba' Stati Membri, is-sehem totali akkumulat li jista' jiġi kklejmjat mill-fondi tal-UE (meta jitqies kemm il-perjodu 2007-2013 kif ukoll il-perjodu 2014-2020) huwa aktar minn 15 % tal-infiq annwali tal-amministrazzjoni pubblika.

2.21. Sabiex jużaw il-fondi kollha disponibbli taħt il-QFP 2007-2013, l-awtoritajiet fl-Istati Membri jridu jippreżentaw klejms validi li jkunu daqs l-ammont totali tal-impenji pendenti kollha, flimkien mal-kofinanzjament nazzjonali meħtieġ u l-ammont ta' prefinanzjament li jkun diġà ġie pprovdut mill-baġit. Il-***Figura 2.8*** turi l-ishma relattivi ta' impenji tal-2007-2013 li ma ntużawx, għal kull Stat Membru, flimkien mal-prefinanzjament imħallas għall-QFP 2014-2020 fi tmiem l-2015.

([21]) Il-fondi SIE jinkludu l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS). Fil-QFP 2007-2013, il-FAEŻR u l-FEMS ma kinux ikklassifikati flimkien mal-Fondi ta' Koeżjoni (FSE, FEŻR u FK).

([22]) Inklużi l-miżuri annwali tal-FAEŻR sabiex ikunu kumparabbli mal-fondi SIE tal-QFP attwali.

([23]) Ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Italja, il-Polonja u r-Rumanija jirrappreżentaw EUR 27,9 biljun minn EUR 45,4 biljun tal-impenji mhux użati tal-Fondi SIE.

([24]) Li tinkludi kemm il-kontribuzzjoni pendenti mill-QFP 2007-2013 kif ukoll is-segmenti annwali tal-QFP 2014-2020 attwali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.19.** *Il-ħames Stati Membri indikati mill-Qorti jirrappreżentaw l-aktar allokazzjonijiet SIE sinifikanti.*

*Rigward il-kwistjoni ta' livelli baxxi ta' assorbiment, it-taskforce għal implimentazzjoni aħjar stabbilita mill-Kummissjoni hija involuta b'mod attiv biex tassisti lill-Istati Membri li huma l-aktar ikkonċernati b'livelli baxxi ta' assorbiment.*

**2.20.** *Taskforce għal implimentazzjoni aħjar fl-Istati Membri ġiet stabbilita fl-2014 biex ittejjeb l-implimentazzjoni u l-assorbiment tal-baġit fl-Istati Membri bl-aktar assorbiment baxx u proporzjonalment bl-ogħla kontribuzzjonijiet pendenti tal-UE ([1]).*

([1]) *http://ec.europa.eu/regional_policy/en/policy/how/improving-investment/task-force-better-implementation*

**Figura 2.6 — Assorbiment f'% u totali tal-fondi SIE taħt il-QFP 2007-2013 fil-31 ta' Diċembru 2015**




([1]) Il-Kroazja aderixxiet mal-UE f'Lulju 2013. Għalhekk, iċ-ċifri ta' assorbiment għall-Kroazja ma humiex kumparabbli ma' dawk ta' Stati Membri oħra.

*Sors*: Il-kalkolu tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażat fuq *data* kontabilistika tal-Kummissjoni.

**Figura 2.7 – Impenji mhux użati tal-fondi SIE fil-31 ta' Diċembru 2015 bħala perċentwal tal-infiq tal-amministrazzjoni pubblika għall-2015**




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni. Id-*data* tal-Eurostat dwar l-infiq tal-amministrazzjoni pubblika (ta' kull Stat Membru) għall-2015, April 2016.

**Figura 2.8 — Impenji mhux użati tal-Fondi SIE 2007-2013 u prefinanzjamenti għall-2014-2020, fi tmiem l-2015**

*(EUR miljun)*




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażat fuq informazzjoni mill-Kummissjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## L-istrumenti finanzjarji jiffurmaw parti dejjem akbar mill-baġit …

2.22. L-istrumenti finanzjarji prinċipalment jikkonsistu f'self-fiet, fi strumenti ta' ekwità, f'garanziji, u fi strumenti ta' qsim tar-riskju ([25]).

*Strumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta*

2.23. Fil-QFP 2014-2020, l-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta saru aktar importanti u jiffurmaw parti dejjem akbar tal-iżborżamenti mill-baġit tal-UE. Il-Grupp tal-BEI jimmaniġġja kważi l-istrumenti finanzjarji kollha taħt ġestjoni indiretta. Dan jinkludi l-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni (ara l-***Figura 2.9***), li jirrappreżenta 32 % tal-assi totali miżmuma fi strumenti finanzjarji. Huwa biss għadd żgħir ta' strumenti żgħar ħafna (assi ta' EUR 74 miljun) kif ukoll xi faċilitajiet ta' assistenza teknika li twaqqfu qabel l-2014, li huma mmaniġġjati minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra ([26]). Għall-QFP 2014-2020, il-Kummissjoni ffirmat biss żewġ ftehimiet ta' delega ([27]) ma' korpi barra mill-Grupp tal-BEI.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.23.** *Il-Fond ta' Garanzija għal Azzjoni Esterna mhuwiex strument finanzjarju fis-sens tar-Regolament Finanzjarju. Dan kien jeżisti qabel ir-Regolament Finanzjarju u huwa bbażat fuq* lex specialis, *ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom)* Nru *480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.*

([25]) "Strumenti finanzjarji" huma miżuri li "jkollhom il-forma ta' self, garanziji, ekwità jew kważi ekwità, investimenti, u strumenti oħrajn ta' qsim tar-riskju". L-Artikolu 2(p) tar-Regolament Finanzjarju dwar id-definizzjonijiet.

([26]) Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Kreditanstalt für Wiederaufbau u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa.

([27]) Mal-BERŻ għall-"Armenia SME Finance Facility" (Faċilità ta' Finanzjament għall-SMEs fl-Armenja) (EUR 15-il miljun) u għall-"Women in Business Programme in the Eastern Partnership" (Programm għal Nisa fin-Negozju, fis-Sħubija tal-Lvant) (EUR 5 miljun) fid-29 ta' Diċembru 2015.

**Figura 2.9 — Assi totali ta' EUR 6,5 biljun([1]) fil-31 ta' Diċembru 2015 fi strumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta, skont it-tip ta' strument**




([1]) Ara t-tabella dwar l-istrumenti finanzjarji fl-FSDA tal-kontijiet.

*Sors*: Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea — Sena finanzjarja 2015 (it-taqsima tal-FSDA dwar l-istrumenti finanzjarji) u l-kompilazzjoni tad-*data* mill-pakketti tar-rapporti 2015 dwar l-istrumenti finanzjarji.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.24. Il-Kummissjoni qed tagħlaq l-istrumenti finanzjarji mill-QFPs preċedenti ([28]) jew tgħaqqadhom flimkien fi strumenti ġodda ([29]).

2.25. Fil-QFP 2014-2020:

— Pagamenti mistennija favur l-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta kważi jirduppjaw għal EUR 7,4 biljun (QFP 2007-2013: EUR 3,8 biljun).

— il-baġit tal-UE jipprovdi garanzija addizzjonali ta' ammont massimu ta' EUR 16-il biljun għall-FEIS li għadu kemm inħoloq (ara l-paragrafu 2.33).

([28]) Il-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs — SMEG 1998.

([29]) L-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti (IBP) u l-istrument ta' Garanzija fuq is-Self għall-proġetti TEN-T (LGTT), li se ssir fużjoni tagħhom mal-Istrument ta' Dejn tas-CEF fl-2016.

— l-Inizjattiva tal-UE għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (Inzjattiva għall-SMEs) (oriġinarjament maħsuba bħala strument ta' rispons għall-kriżijiet) tikkombina r-riżorsi mill-baġit tal-UE li huma disponibbli taħt COSME ([30]) u taħt Orizzont 2020 (EUR 175 miljun kull wieħed), u taħt il-FEŻR-FAEŻR ([31]) (EUR 8,5 biljun), mar-riżorsi tal-Grupp tal-BEI ([32]).

2.26. Fi tmiem l-2015, il-pagamenti kumulattivi li saru favur l-istrumenti l-ġodda ammontaw għal EUR 1,3 biljun (2014: EUR 0,7 biljun) kif jidher fil-***Figura 2.10***. Minn dan:

— l-istrumenti ta' garanzija jammontaw għal EUR 1,1 biljun (88 %) tal-pagamenti kumulattivi;

— l-istrumenti ta' ekwità jammontaw għal EUR 0,2 biljun (12 %) tal-pagamenti kumulattivi.

([30]) Il-Programm tal-UE għall-kompetittività tal-intrapriżi u tal-intrapriżi żgħar u medji.

([31]) Il-FEŻR — Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali; il-FAEŻR — Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

([32]) Il-Grupp tal-BEI jinkludi l-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

**Figura 2.10 — Strumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta relatati mal-QFP 2014-2020**

*(EUR miljun)*

| Isem l-istrument | Tip ta' strument | Baġit Indikattiv għall-2014-2020 | Impenji Kumulattivi | | Pagamenti Kumulattivi | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 2014 | 2015 | 2014 | 2015 |
| ORIZZONT 2020 – Servizz ta' Self u ta' Garanzija għar-RŻI, InnovFin – BEI ([1]) | Garanzija | 1 060 | 483 | 646 | 483 | 646 |
| | *li minnha dħul assenjat riallokat mill-RSFF* | | *375* | *430* | *374* | *395* |
| ORIZZONT 2020 – Servizz ta' Self għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-SMEs u għal Kumpaniji Żgħar b'Kapitalizzazzjoni Medja, InnovFin – FEI ([2]) | Garanzija | 1 060 | 169 | 306 | 169 | 304 |
| ORIZZONT 2020 – Faċilità ta' Ekwità għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, InnovFin – FEI ([1]) | Ekwità | 430 | 0 | 125 | 0 | 110 |
| Strument ta' Dejn tas-CEF – BEI | Garanzija | 2 557 | 128 | 247 | 0 | 0 |
| Strument ta' Ekwità CEF | Ekwità | | 0 | 10 | 0 | 0 |
| Faċilità ta' Ekwità għat-Tkabbir taħt COSME – FEI | Ekwità | 633 | 52 | 102 | 33 | 41 |
| Faċilità ta' Garanzija ta' Self taħt COSME – FEI | Garanzija | 686 | 89 | 238 | 42 | 131 |
| Faċilità ta' Garanzija ta' Self lill-Istudenti (Erasmus +) – FEI | Garanzija | 517 | 28 | 61 | 0 | 20 |
| Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) – FEI | Garanzija | 193 | 28 | 60 | 0 | 10 |
| Faċilità ta' Garanzija għas-Setturi Kulturali u Kreattivi ([3]) | Garanzija | 123 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Strument ta' Finanzjament Privat għall-Effiċjenza fl-Enerġija (PF4EE) – BEI | Garanzija | 80 | 30 | 50 | 6 | 12 |
| Faċilità ta' Finanzjament tal-Kapital Naturali (NCFF) – BEI | Garanzija | 60 | 10 | 30 | 3 | 12 |
| **Total** | | **7 399** | **1 017** | **1 875** | **735** | **1 286** |

([1]) Barra mill-baġit speċifikat fl-att ta' bażi, kontribuzzjonijiet li jirrappreżentaw dħul u ripagamenti mill-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u mill-istrumenti finanzjarji tas-Seba' Programm Kwadru (FP7) se jiġu allokati għall-istrumenti finanzjarji ta' COSME u ta' Orizzont 2020.
([2]) Inkluża l-Kontribuzzjoni mill-UE taħt Orizzont 2020 għall-Inizjattiva favur l-SMEs.
([3]) Sa tmiem l-2015 kien għadu ma ġiex iffirmat il-ftehim ta' delega.

*Sors:* SWD(2015) 206 final, il-Ftehimiet ta' Delega u l-ABAC Workflow.

### … u mill-karta tal-bilanċ …

2.27. L-assi totali miżmuma fi strumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta żdiedu b'EUR 650 miljun (11 %) fuq is-sena preċedenti (ara l-***Figura 2.11***). L-elementi ewlenin ta' din iż-żieda huma:

— żieda ta' EUR 251 miljun f'investimenti f'titoli ta' dejn u titoli ta' introjtu fiss li jirriżultaw minn trasferimenti mill-baġit tal-UE għal kontijiet fiduċjarji;

— żieda ta' EUR 177 miljun f'investimenti f'bonds denominati f'euro mill-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni ([33]), li fih kienu ġew trasferiti EUR 144 miljun mill-baġit tal-UE.

**Figura 2.11 — Assi totali tal-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta, skont it-tip ta' assi**

*(EUR biljun)*




*Sors*: Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea — Snin finanzjarji 2014 u 2015.

([33]) Il-kontribuzzjonijiet mill-Fond ta' Garanzija laħqu EUR 1,2 biljun fi tmiem is-sena, b'żieda ta' EUR 144 miljun fl-2015. Sabiex jintlaħaq l-ammont immirat ta' 9 % tat-total tal-obbligazzjonijiet kapitali pendenti, fl-2015 ġiet allokata kontribuzzjoni addizzjonali ta' EUR 257 miljun, pagabbli fl-2016, mill-baġit tal-UE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.28. Il-flus kontanti jirrappreżentaw 20 % tal-assi totali tal-istrumenti finanzjarji, u baqgħu stabbli f'ammont ta' EUR 1,3 biljun fi tmiem l-2015 (2014: EUR 1,3 biljun [34]) (ara l-***Figura 2.12***):

**Figura 2.12 — Flus kontanti u ekwivalenti ta' flus kontanti li jappartjenu għal strumenti finanzjarji**[1]




[1] Ara n-Nota 2.8 tal-kontijiet għall-2015.

*Sors*: Kompilazzjoni tad-*data* mill-pakketti tar-rapporti 2015 dwar l-istrumenti finanzjarji.

[34] Ara l-paragrafu 2.24 fir-Rapport Annwali 2014.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.29. Matul l-2015, EUR 211-il miljun ġew irritornati mill-kontijiet fiduċjarji tal-istrumenti finanzjarji li huma mmaniġġjati mill-entitajiet fdati: EUR 126 miljun għall-baġit ġenerali ([35]) u EUR 85 miljun bħala dħul intern assenjat. Minn dawn:

— EUR 134 miljun jirrappreżentaw dħul u ripagamenti;

— EUR 59 miljun jirrappreżentaw fondi li ġew ritornati għall-baġit ġenerali tal-UE u li ġejjin minn fondi mhux użati miżmuma fuq il-kontijiet fiduċjarji tal-istrumenti finanzjarji u fuq il-kontijiet fiduċjarji tal-faċilitajiet ta' assistenza teknika fl-għeluq, u EUR 18-il miljun jirrappreżentaw operazzjonijiet tal-Istrumenti Ewropej ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) li ġew ikkanċellati.

2.30. Għas-sena finanzjarja 2015, it-total tal-ispejjeż amministrattivi u l-ispejjeż ta' ġestjoni għall-istrumenti finanzjarji jammonta għal EUR 63 miljun (2014: EUR 50 miljun). Għall-istrumenti l-ġodda, l-ispejjeż kumulattivi għall-2014 u l-2015 jammontaw għal EUR 72 miljun (5,77 % tal-assi totali miżmuma).

## ... u l-ammonti mhux użati miżmuma fi strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża jibqgħu relattivament għoljin

2.31. Skont ir-rapport l-aktar reċenti li huwa disponibbli dwar l-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża, u li jiddeskrivi s-sitwazzjoni fi tmiem l-2014 ([36]), kien għad fadal EUR 6,8 biljun ta' ammonti mhux użati f'dawn l-istrumenti. Minn dawn, 80 % kienu kkonċentrati f'ħames Stati Membri ([37]). L-Italja (EUR 3 biljun) kkostitwixxiet 45 % tat-total ([38]). Matul l-eżaminar li wettaqna tal-karta tal-bilanċ aħna tlabna lill-Kummissjoni biex tipprovdi analiżi addizzjonali dwar l-użu ta' dawn l-istrumenti fl-Italja sal-31 ta' Diċembru 2015. Dan juri li EUR 1,7 biljun baqgħu ma ntużawx fil-31 ta' Diċembru 2015 għall-Italja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.31.** *Il-Kummissjoni talbet għal aktar informazzjoni mill-Italja permezz ta' ittra bid-data tal-31 ta' Diċembru 2015. Din l-informazzjoni turi li 45 % għall-Italja baqgħu ma ntużawx sal-31 ta' Diċembru 2015. Id-dejta miksuba, ivverifikata mar-riservazzjonijiet magħmula fil-kontijiet tal-Kummissjoni għall-2015, intbagħtet lill-Qorti. Wara l-analiżi, deher li ma hemmx bżonn li tinbidel il-metodoloġija attwali. Madankollu, l-implimentazzjoni se tiġi vvalutata mill-ġdid għall-eżerċizzju tal-2016.*

([35]) F'konformità mal-Artikolu 140(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

([36]) L-aktar ċifri reċenti li huma disponibbli huma relatati ma' tmiem l-2014, u jidhru fir-rapport tal-Kummissjoni "Summary of data on the progress made in financing and implementing financial engineering instruments reported by the managing authorities in accordance with Article 67(2)(j) of Council Regulation (EC) No 1083/2006" (Sommarju tad-*data* dwar il-progress li sar fil-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja rrappurtati mill-awtoritajiet maniġerjali skont l-Artikolu 67(2)(j) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006) datat Settembru 2015.

([37]) Ara l-paragrafi 6.41 u 6.42 u l-paragrafi 29 sa 45 tar-Rapport Speċjali Nru 19/2016 (L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji — tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-perjodu tal-programm 2007-2013).

([38]) Il-bqija kienu magħmula minn EUR 0,9 biljun (13 %) fi Spanja, EUR 0,9 biljun (13 %) fil-Greċja, EUR 0,5 biljun (7 %) fir-Renju Unit, EUR 0,3 biljun (4 %) fil-Ġermanja u EUR 1,2 biljun (18 %) fl-Istati Membri oħra.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ġew irreġistrati l-ewwel operazzjonijiet għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) …

2.32. Il-Kummissjoni (li tirrappreżenta l-UE) u l-BEI ffirmaw il-Ftehim dwar il-FEIS fit-22 ta' Lulju 2015. Il-FEIS jagħmel parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa li tħabbar fl-2014 mill-President tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa għandu l-għan li jappoġġa investimenti f'oqsma bħall-infrastruttura, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll il-finanzjament ta' riskju għal negozji żgħar.

2.33. L-UE tipprovdi garanzija tal-baġit ta' ammont massimu ta' EUR 16-il biljun (li minnhom EUR 8 biljun se jiġu trasferiti gradwalment għal fond speċifiku matul il-perjodu 2016—2022) u l-BEI jikkontribwixxi EUR 5 biljun mir-riżorsi proprji tiegħu għal riżerva għar-riskji. Il-Kummissjoni u l-BEI jistennew li dan jappoġġa finanzjament ta' ammont massimu ta' EUR 61 biljun mill-BEI/FEI, bl-objettiv li jiġu mobilizzati EUR 315-il biljun ta' investimenti.

2.34. L-UE tiggarantixxi l-operazzjonijiet tal-Opportunità ta' Infrastruttura u Innovazzjoni (IIW), li jiġu implimentati mill-BEI, u l-operazzjonijiet tal-Opportunità għal Intrapriżi żgħar u medji (SMEW), li jiġu implimentati mill-FEI. Kull waħda minn dawn għandha portafoll tad-dejn (garanzija tal-UE ta' EUR 11-il biljun għall-IIW u ta' EUR 1 250 miljun għas-SMEW) u portafoll tal-ekwità (garanzija tal-UE ta' EUR 2 500 miljun għall-IIW u ta' EUR 1 250 miljun għas-SMEW).

2.35. Il-Kummissjoni tittrasferixxi fondi mill-garanzija lill-BEI malli tirċievi t-talba mingħand il-BEI. Sabiex il-Kummissjoni tissodisfa dawn il-klejms, hija waqqfet fond ta' garanzija (il-Fond ta' Garanzija FEIS) ([39]). Il-baġit tal-UE se jiffinanzja dan il-fond matul il-perjodu sal-2020 bit-tnaqqis tal-infiq ippjanat għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) b'ammont ta' EUR 2,8 biljun u għal Orizzont 2020 b'ammont ta' EUR 2,2 biljun ([40]), u bl-użu ta' EUR 3 biljun minn marġnijiet mhux allokati taħt il-limitu massimu tal-infiq awtorizzat mill-QFP. F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni impenjat EUR 1,4 biljun ([41]) għal pagamenti favur il-fond. Hija ma għamlitx pagamenti fl-2015.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.35.** *Il-fondi se jitħallsu lill-BEI jekk meħtieġ sabiex jiġu onorati talbiet għal ħlas ta' garanzija skont ir-Regolament tal-FEIS skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-ftehim dwar il-FEIS.*

([39]) L-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/1017.

([40]) L-Anness I tar-Regolament tal-FEIS jimmodifika l-pakkett finanzjarju għall-programm Orizzont 2020 u l-programm CEF.

([41]) Dan l-ammont ġie rriallokat mil-linji baġitarji tas-CEF (EUR 790 miljun), ta' Orizzont 2020 (EUR 70 miljun), u tal-ITER (EUR 490 miljun).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.36. Il-BEI ffirma tmien operazzjonijiet taħt il-portafoll tad-dejn tal-IIW (għal total ta' EUR 1 092,7 miljun), li minnhom huwa żborża EUR 193,8 miljun fl-2015. Il-BEI ffirma żewġ operazzjonijiet taħt il-portafoll tal-ekwità tal-IIW (għal total ta' EUR 125 miljun fl-2015), li nofshom huma garantiti mill-UE. Mill-ammonti koperti mill-garanzija tal-UE, il-BEI żborża biss EUR 7,6 miljun fl-2015. Il-garanzija totali tal-UE fuq l-ammonti żborżati u l-imgħax dovut fuq dan il-portafoll ammontat għal EUR 202 miljun ([42]) fi tmiem is-sena.

2.37. Rigward l-opportunità għall-SMEs, matul-2015 il-FEI uża l-garanzija tal-UE biss biex jiggarantixxi operazzjonijiet taħt l-istrumenti finanzjarji eżistenti għall-SMEs ([43]).

## … filwaqt li kien hemm dewmien fit-tnedija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)

2.38. Il-Kummissjoni u l-BEI ffirmaw il-ftehim dwar l-istrument ta' dejn tas-CEF fit-22 ta' Lulju 2015, fl-istess jum li fih iffirmaw il-ftehim dwar il-FEIS. Il-fużjoni tal-portafolli tal-LGTT u tal-IBP ġiet posposta għall-2016. Il-Kummissjoni ma ħallset ebda kontribuzzjoni għall-istrument fl-2015 u l-BEI ma ffirma ebda operazzjoni.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjonijiet għall-2015

2.39. Il-proliferazzjoni ta' mekkaniżmi finanzjarji li la huma ffinanzjati direttament mill-baġit tal-UE u lanqas ma huma awditjati mill-Qorti tippreżenta riskji kemm għall-obbligu ta' rendikont kif ukoll għall-koordinazzjoni tal-politiki u l-operazzjonijiet tal-UE (il-paragrafu 2.4).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.36.** *L-iżborżi jiżdiedu b'mod gradwali meta tkun qed tibni portafoll ta' operazzjonijiet. Il-portafoll tal-FEIS bħalissa qiegħed jiġi estiż b'żieda konsiderevoli fid-daqs prevista sa tmiem l-2016.*

([42]) Ara n-Nota 5.2.1 fil-p. 75 tal-kontijiet.
([43]) EUR 55 miljun għall-operazzjonijiet ta' Innovfin għas-SMEG u EUR 39 miljun għall-operazzjonijiet ta' LGF għall-COSME.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 2.40. Il-Kummissjoni għamlet livell għoli ta' impenji fl-2015, sa ċertu punt minħabba approprjazzjonijiet li ġew riportati mill-2014. L-impenji pendenti reġgħu lura għal-livelli preċedenti (il-paragrafi 2.5 sa 2.9). L-ammonti li għandhom jiġu ffinanzjati minn baġits futuri telgħu għal EUR 339 biljun. Il-Kummissjoni ma pproduċietx previżjoni tal-flussi tal-flus li tkopri s-7 sa 10 snin li ġejjin (il-paragrafu 2.10). Previżjoni bħal din tkun tippermetti lill-partijiet interessati jantiċipaw rekwiżiti futuri ta' pagament u prijoritajiet baġitarji futuri, u jippjanaw minn qabel b'mod kostruttiv. | **2.40.** *Il-QFP huwa għodda li tiżgura stabbiltà fuq terminu medju u twil u l-prevedibbiltà ta' rekwiżiti futuri ta' pagamenti u prijoritajiet baġitarji.*<br>*Għaldaqstant, previżjonijiet fuq perjodu ta' żmien twil jistgħu jiġu stabbiliti biss filwaqt li jitqiesu l-oqfsa finanzjarji eżistenti. L-implikazzjonijiet ta' pagamenti ta' oqfsa finanzjarji futuri li għadhom ma ġewx miftiehma ma jistgħux jitbassru bi preċiżjoni.*<br>*It-tbassir għall-perjodu ta' wara l-2020 se jiġi ppreżentat fl-2017 (kif previst fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba) u se jkun parti integrali tal-proposti tal-Kummissjoni għal wara l-QFP tal-2020 (li għandu jiġi ppreżentat qabel l-1 ta' Jannar 2018 abbażi tal-Artikolu 25 tar-Regolament QFP).*<br>*Il-Kummissjoni diġà impenjat ruħha li tippreżenta t-tbassir ta' pagament fuq terminu ta' żmien medju (fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju) li se janalizza s-sostenibbiltà tal-limiti massimi tal-pagament u l-evoluzzjoni tar-RAL u d-diżimpenji sal-2020.* |
| 2.41. Il-klejms għall-ispejjeż ippreżentati fil-qasam tal-koeżjoni matul l-2015 niżlu. Dan wassal għal tnaqqis fil-klejms għall-ispejjeż li kienu għadhom ma ġewx rimborżati, iżda ma naqqasx il-livell ta' pagamenti li saru (ara l-paragrafi 2.14 u 2.15). | |
| 2.42. Id-dewmien kontinwat u fit-tul bejn l-impenji inizjali u l-approvazzjonijiet finali tal-infiq ifisser li x-xejriet fl-infiq idumu biex jirrispondu għall-bidliet fil-prijoritajiet baġitarji, u dan iżid ir-riskju li xi dokumentazzjoni ma tkunx disponibbli fl-għeluq (ara l-paragrafi 2.16 u 2.17). | **2.42.** *Id-dewmien bejn l-impenji u l-pagamenti qed jirriflettu biss it-tul tal-proġetti li għaddejjin. Xi proġetti huma proġetti infrastrutturali kbar fl-Unjoni jew proġetti f'pajjiżi terzi aktar diffiċli u medja ta' 2,4 snin ma għandhiex titqies bħala partikolarment anormali. Il-qafas legali jobbliga li l-benefiċjarji jżommu d-dokumentazzjoni relevanti għal ċertu perjodu wara l-għeluq.* |
| 2.43. L-impenji pendenti (flimkien mal-prefinanzjament pendenti) fil-Fondi SIE tal-QFP 2007-2013 għal xi Stati Membri għadhom għoljin u spiss jaqbżu l-15 % tal-infiq tal-amministrazzjoni pubblika (il-paragrafi 2.19 sa 2.21). | |
| 2.44. Qed jinżammu ammonti dejjem akbar fi strumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta, u għal dawn il-Grupp tal-BEI jibqa' jkun l-istituzzjoni finanzjarja preferuta biex jimmaniġġjahom (il-paragrafu 2.23). | |
| 2.45. L-ammonti mhux użati tal-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża għadhom għoljin u huma kkonċentrati f'xi whud mill-Istati Membri (il-paragrafu 2.31). | **2.45.** *Ara t-tweġiba għall-paragrafu 2.31.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.46. L-istabbiliment tal-FEIS affettwa t-tnedija tal-programm CEF. Għalkemm dan jaffettwa s-suppożizzjonijiet li l-Kummissjoni għamlet fil-valutazzjoni *ex ante* tagħha dwar l-użu tal-istrumenti finanzjarji taħt is-CEF, din ma ġietx evalwata mill-ġdid. Il-FEIS se jkollu wkoll impatt fuq l-użu li jsir minn xi wħud mill-istrumenti finanzjarji l-oħra (ara l-paragrafi 2.32 sa 2.38).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.46.** *L-adozzjoni tal-FEIS ma jaffettwawx l-għanijiet ġenerali tas-CEF, iżda ħolqot mekkaniżmu addizzjonali għall-assistenza finanzjarja tal-UE, fost l-oħrajn għal proġetti infrastrutturali, b'mod partikulari permezz ta' finanzjament tad-dejn. Biex titqies it-tnedija tal-FEIS, il-Kumitat ta' Tmexxija tas-CEF DI, fl-ewwel laqgħa tiegħu, iddefinixxa l-prinċipji ewlenin għall-għoti ta' appoġġ tas-CEF u tal-FEIS, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-komplementarjetà tagħhom. Barra minn hekk, qed jitħejja addendum tal-valutazzjoni* ex ante *tas-CEF biex jirrifletti (i) l-aħħar analiżi dwar il-potenzjal biex jitnieda Strument ta' Ekwità tas-CEF fis-setturi tas-CEF, u (ii) l-iżviluppi tas-suq wara t-tnedija tal-FEIS. Dan l-addendum għandu jinftiehem bħala wieħed li jikkumplimenta l-valutazzjoni* ex ante *preċedenti, u mhux bħala reviżjoni. Il-koerenza tal-istrument tad-dejn tas-CEF ma' inizjattivi oħrajn tal-UE, inkluż il-FEIS, se tiġi vvalutata fl-eżami ta' nofs it-terminu tas-CEF.*

## Rakkomandazzjonijiet

2.47. Aħna nirrakkomandaw li:

— **Rakkomandazzjoni 1:** jenħtieġ li l-Kummissjoni taġixxi biex tnaqqas l-impenji pendenti, pereżempju permezz ta' diżimpenn aċċellerat, fejn xieraq, għeluq aktar rapidu tal-programmi 2007-2013, fejn xieraq, użu aktar wiesa' ta' korrezzjoni netta fil-koeżjoni, tnaqqis tal-likwidità li tinżamm mill-fiduċjarji u l-kompilazzjoni ta' pjanijiet u previżjonijiet ta' pagament f'dawk l-oqsma fejn l-impenji pendenti u obbligi oħra huma sinifikanti (ara l-paragrafi 2.5 sa 2.9, 2.19 u 2.28);

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*Kull miżura li tieħu l-Kummissjoni fir-rigward tal-Istati Membri, inklużi l-isforzi biex jitnaqqsu l-impenji pendenti u jagħmlu aktar użu mill-korrezzjonijiet netti fil-koeżjoni, trid ovvjament tikkonforma mal-qafas regolatorju*

— **Rakkomandazzjoni 2:** jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji u tippubblika previżjoni tal-flussi tal-flus li tiġi aġġornata kull sena, li tkun fuq medda ta' minn 7 sa 10 snin, u li tkopri l-limiti baġitarji massimi, il-ħtiġijiet ta' pagament, ir-restrizzjonijiet ta' kapaċità u d-diżimpenji potenzjali (il-paragrafu 2.10);

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*It-tbassir għall-perjodu ta' wara l-2020 se jiġi ppreżentat fl-2017 (kif previst fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba) u se jkun parti integrali tal-proposti tal-Kummissjoni għal wara l-QFP tal-2020 (li għandu jiġi ppreżentat qabel l-1 ta' Jannar 2018 abbażi tal-Artikolu 25 tar-Regolament QFP).*

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippreżenta tbassir ta' pagament ta' nofs it-terminu li jivvaluta s-sostenibilità tal-limiti massimi ta' pagamenti attwali sa tmiem il-QFP attwali fil-qafas tal-eżami ta' nofs it-terminu tal-QFP.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakkomandazzjoni 3:** jenħtieġ li, fil-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tagħha, l-Kummissjoni tqis il-limitazzjonijiet tal-kapaċità f'ċerti Stati Membri sabiex tiżgura li l-fondi jintużaw b'mod effiċjenti (ara l-paragrafi 2.19 sa 2.21);

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni fi ħdan il-qafas stabbilit mill-QFP u l-leġiżlazzjoni rilevanti.*

*Il-Kummissjoni diġà daħħlet fis-seħħ Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar sabiex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-fondi SIE f'ċerti Stati Membri, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-legalità u r-regolarità tal-infiq (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-osservazzjonijiet 2.19 u 2.20). Il-Kummissjoni biħsiebha tiżgura li jittieħed benefiċċju totali mill-ħidma tat-Task Force u se tiffoka fuq il-wasla ta' strateġija proattiva u mmirata lejn l-Istati Membri li tappoġġja l-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Politika ta' koeżjoni fl-2014-20.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakkomandazzjoni 4**: jenħtieġ li l-Kummissjoni tirkupra l-bilanċi tal-flus mhux użati fl-strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża (ara l-paragrafu 2.31), kif ukoll il-fondi mhux użati li jifdal fl-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni indiretta relatati ma' diversi QFP preċedenti li għalihom il-perjodu ta' eliġibbiltà jkun skada [44];

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*Għall-istrumenti finanzjarji ġestiti indirettament, f'Novembru 2015 il-Kummissjoni flimkien mal-FEI ffinalizzaw proċedura għar-"ritorn u d-diżimpenn tal-fondi tal-UE" li tkopri t-trasferiment tad-dħul u r-ripagamenti tal-GIF għal H2020 u COSME u l-eżekuzzjoni għaddejja. Dan se jkun akkumpanjat minn żjarat ta' monitoraġġ lill-FEI.*

*Għall-ġestjoni kondiviża, kull allokazzjoni ta' strumenti finanzjarji li ma jintużawx titnaqqas fl-għeluq f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali għall-programmi ta' ġestjoni kondiviżi.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakkomandazzjoni 5:** jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa mill-ġdid il-valutazzjoni *ex ante* għall-istrument ta' dejn tas-CEF fid-dawl tal-ħolqien tal-FEIS, u li tqis l-impatt tal-FEIS fuq programmi u strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*Il-koerenza tal-istrument tad-dejn tas-CEF ma' inizjattivi oħrajn tal-UE, inkluż il-FEIS, se tiġi vvalutata fl-eżami ta' nofs it-terminu tas-CEF.*

*Qed jitħejja addendum tal-valutazzjoni* ex ante *tas-CEF biex jirrifletti (i) l-aħħar analiżi dwar il-potenzjal biex jitnieda Strument ta' Ekwità tas-CEF fis-setturi tas-CEF, u (ii) l-iżviluppi tas-suq wara t-tnedija tal-FEIS. Dan l-addendum għandu jinftiehem bħala wieħed li jikkumplimenta l-valutazzjoni* ex ante *preċedenti, u mhux bħala reviżjoni.*

*Iż-żieda ta' strument finanzjarji tas-CEF lejn il-FEIS hija bbażata fuq prinċipju li l-finanzjament tas-CEF jiffoka fuq proġetti innovattivi, pilota u ta' dimostrazzjoni u inizjattivi eliġibbli skont ir-regolamenti rilevanti fis-setturi tas-CEF, filwaqt li l-ambitu u l-kriterji ta' eliġibilità għas-sostenn tal-FEIS huma usa'.*

---

[44] Ara l-paragrafi 6.46 sa 6.52 tar-Rapport Annwali 2014 tagħna.

KAPITOLU 3

## Kisba ta’ riżultati mill-baġit tal-UE

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 3.1-3.5 |
| Parti 1 — Orizzont 2020 (2014-2020) | 3.6-3.59 |
| Taqsima 1 — Ir-rabtiet bejn Ewropa 2020, il-prijoritajiet il-ġodda tal-Kummissjoni u Orizzont 2020 mhux dejjem jiffaċilitaw fokus fuq il-prestazzjoni u jeħtieġ li jiġu kkjarifikati | 3.7-3.21 |
| Taqsima 2 — Sinerġiji u kumplementarjetajiet mal-fondi SIE u ma’ programmi nazzjonali | 3.22-3.23 |
| Taqsima 3 — Il-mekkanika ta’ Orizzont 2020 ma tixprunax fokus fuq il-prestazzjoni b’mod konsistenti | 3.24-3.59 |
| Parti 2 — Ippjanar u rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-livell tad-direttorati ġenerali: il-familja “Riżorsi naturali” | 3.60-3.65 |
| Parti 3 — Riżultati tal-awditu tal-Qorti dwar il-prestazzjoni | 3.66-3.85 |
| Rapporti speċjali 2015 u output ieħor dwar il-prestazzjoni | 3.66-3.77 |
| Is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti speċjali | 3.78-3.85 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 3.86-3.95 |
| Konklużjonijiet | 3.86-3.93 |
| Rakkomandazzjonijiet | 3.94-3.95 |

Anness 3.1 — Rapporti speċjali adottati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-2015

Anness 3.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-kwistjonijiet ta’ prestazzjoni

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

3.1. Is-suġġett ta' dan il-kapitolu huwa l-prestazzjoni (ara l-*Figura 3.1*). Huwa jkompli fuq it-tema — li ilha karatteristika tar-rapporti annwali tagħna mill-2010 'hawn — li ninkludu kapitolu li jivvaluta aspetti differenti tas-sistemi stabbiliti mill-Kuimmissjoni sabiex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jintnefqu sew, u mhux biss ikunu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni rilevanti.

3.2. Mill-2010 'l hawn, aħna analizzajna l-awtovalutazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni, kif iddikjarata fir-rapporti annwali tal-attività (RAA) ta' għażla ta' direttorati ġenerali tal-Kummissjoni, u inkludejna eżaminar ta' xi wħud mit-temi żviluppati fir-rapporti speċjali ta' dik sena dwar l-awditu tal-prestazzjoni. Elementi oħra tal-prestazzjoni li eżami-najna huma l-pjanijiet ta' ġestjoni ta' direttorati ġenerali (DĠ) magħżula u r-rappurtar mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, inklużi l-ewwel ftit edizzjonijiet tar-"rapporti ta' valutazzjoni (evalwazzjoni)" tal-Kummissjoni ([1]).

| **Figura 3.1 — Prestazzjoni fl-UE** |
|---|
| Il-prestazzjoni fl-UE tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba (l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja (effettività)) ([2]), u tkopri:<br>(a) inputs — il-mezzi finanzjarji, umani, materjali, organizzazzjonali jew regolatorji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm;<br>(b) outputs — ir-riżultati tanġibbli tal-programm;<br>(c) riżultati — l-effetti immedjati tal-programm fuq destinatarji jew riċevituri diretti;<br>(d) impatti — bidliet fuq terminu twil fis-soċjetà li jkunu, mill-inqas parzjalment, attribwibbli għall-azzjoni tal-UE. |

([1]) Meħtieġa taħt l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, l-Artikolu 27; imħassar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), l-Artikolu 30 (dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.3. Fil-kapitolu ekwivalenti tar-rapport annwali tas-sena li għaddiet, aħna ħarisna b'mod partikolari lejn l-istrateġija tal-UE fuq terminu twil, Ewropa 2020. Aħna eżaminajna l-monitoraġġ u r-rappurtar ta' livell għoli tal-UE dwar l-istrateġija u, għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ([3]) (il-fondi SIE), il-mod kif l-istrateġija tirriżulta fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi ta' finanzjament maqbula bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Din is-sena aħna nkomplu fuq dik it-tema, u niffukaw l-eżaminar tagħna tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' Orizzont 2020, il-programm tal-Kummissjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni u, kif se jidher hawn taħt, partita sinifikanti ħafna fil-baġit tal-UE.

3.4. Għalhekk, il-kapitolu jikkonsisti fi tliet partijiet. Il-prestazzjoni ta' Orizzont 2020 hija s-suġġett tal-ewwel parti. Iż-żewġ partijiet li jifdal jindirizzaw suġġetti li eżaminajna fi snin preċedenti: il-punt sa fejn il-prestazzjoni hija koperta fid-dokumenti annwali prinċipali ta' ppjanar u rappurtar, imħejjija mid-diretturi ġenerali tal-Kummissjoni, u xi wħud mit-temi prinċipali li jirriżultaw mir-Rapporti Speċjali 2015 tagħna inkluż is-segwitu ta' kampjun ta' rakkomandazzjonijiet minn rapporti speċjali preċedenti u, għall-ewwel darba, ir-risposti mill-Istati Membri għal stħarriġ li wettaqna dwar is-segwitu li jagħtu għar-rakkomandazzjonijiet tagħna.

3.5. Fir-Rapport Annwali 2014 aħna rrappurtajna li, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, l-analiżi ta' nofs it-terminu ta' Ewropa 2020 li kellha tkun disponibbli għall-Kunsill f'Marzu 2015, kienet iddewmet sal-bidu tal-2016 ([4]). F'Ġunju 2016, il-Kummissjoni infurmatna li l-analiżi ta' nofs it-terminu kienet ġiet iffinalizzata u li issa mhu se jkun hemm l-ebda analiżi formali ta' nofs it-terminu li tikkonkludi d-dokument. B'riżultat ta' dan, aħna ma aħniex f'pożizzjoni li nirrappurtaw f'dan il-kapitolu dwar kif dan twettaq dan il-proċess ta' analiżi. Madankollu, aħna nistgħu nirritornaw għal din il-kwistjoni f'rapporti futuri.

([3]) Il-fondi SIE jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

([4]) Ir-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 3.29.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## PARTI 1 — ORIZZONT 2020 (2014-2020)

3.6. L-analiżi tagħna ta' Orizzont 2020 fiha tliet elementi. L-ewwel nett, aħna nippreżentaw il-karatteristiki prinċipali tal-programm u neżaminaw il-qafas strateġiku li jopera fih, b'mod partikolari r-rabtiet tiegħu ma' strateġiji oħra tal-UE. It-tieni element iqis il-vantaġġi u r-riskji potenzjali involuti fit-tlaqqigħ flimkien tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Fl-aħħar nett, aħna nanalizzaw il-punt sa fejn hemm fokus fuq il-prestazzjoni fi ħdan Orizzont 2020.

### Taqsima 1 — Ir-rabtiet bejn Ewropa 2020, il-prijoritajiet il-ġodda tal-Kummissjoni u Orizzont 2020 mhux dejjem jiffaċilitaw fokus fuq il-prestazzjoni u jeħtieġ li jiġu kkjarifikati

*Ewropa 2020 u Orizzont 2020*

3.7. Ewropa 2020 hija l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea, fuq 10 snin, għall-impjiegi u t-tkabbir. Hija tnediet fl-2010 biex toħloq il-kundizzjonijiet għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Ir-responsabbiltà għat-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020 hija kondiviża bejn l-UE u t-28 Stat Membru tagħha. Għaldaqstant, il-ħames miri ewlenin ([5]) tal-istrateġija għandhom mira nazzjonali assoċjata f'kull Stat Membru, li tirrifletti ċ-ċirkustanzi differenti ta' kull wieħed minnhom.

([5]) Il-ħames miri ewlenin huma: 1. Impjieg (75 % ta' dawk bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu impjegati); 2. Riċerka u Żvilupp (R&Ż) (3 % tal-PDG tal-UE għandu jiġi investit fir-R&Ż); 3. Tibdil fil-klima u sostenibbiltà tal-enerġija (emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkunu 20 % jew anke 30 %, inqas milli kienu fl-1990 jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin — 20 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli — żieda ta' 20 % fl-effiċjenza fl-enerġija); 4. Edukazzjoni (tnaqqis tar-rati tat-tluq bikri mill-iskola għal inqas minn 10 % — mill-inqas 40 % ta' dawk bejn it-30 u l-34 sena jikkompletaw l-edukazzjoni terzjarja); 5. Ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (mill-inqas 20 miljun persuna inqas f'sitwazzjoni jew f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.8. Orizzont 2020 għandu baġit ta' madwar EUR 75 biljun għall-perjodu 2014-2020. Huwa l-programm tal-UE għall-appoġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni, bl-objettiv ġenerali li "jikkontribwixxi għall-bini ta' soċjetà u ekonomija bbażati fuq l-għarfien u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni" ([6]). Huwa jappoġġa l-istrateġija Ewropa 2020 u l-objettiv tal-UE li toħloq Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ([7]). Huwa jlaqqa' flimkien programmi ta' nfiq għar-riċerka u l-innovazzjoni, li preċedentement kienu separati ([8]).

3.9. Il-finanzjament jiġi pprovdut prinċipalment fil-forma ta' għotjiet, għalkemm l-aċċess għal forom oħra ta' finanzjament, bħal strumenti finanzjarji, huwa disponibbli wkoll. Il-Kummissjoni timmaniġġja l-maġġoranza tal-infiq taħt Orizzont 2020, jew hija nfisha jew permezz ta' aġenziji u korpi oħra. Il-benefiċjarji ta' Orizzont 2020 huma individwi, timijiet, universitajiet, istituti tar-riċerka, SMEs u kumpaniji akbar, fl-UE jew lil hinn minnha. Ħafna proġetti ffinanzjati huma kollaborattivi.

([6]) Il-bażi legali għal Orizzont 2020 teżisti f'għadd ta' livelli. L-Artikolu 182 tat-TFUE jipprevedi programm qafas pluriennali għar-riċerka u programmi speċifiċi bħala strumenti tal-politika tal-UE ta' riċerka u żvilupp. Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104) jistipula l-objettivi ġenerali u speċifiċi ta' Orizzont 2020, jistabbilixxi prijoritajiet, linji ġenerali tal-attivitajiet u l-ammont finanzjarju kumplessiv. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965) tiddefinixxi l-objettivi speċifiċi u l-linji ġenerali tal-attivitajiet. Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81) jiddettalja l-proċeduri ta' għotja, ir-regoli ta' finanzjament u d-disseminazzjoni tar-riżultati.

([7]) L-Artikolu 179 tat-TFUE.

([8]) Barra mis-Seba' Programm Kwadru (FP7) preċedenti, il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom u xi wħud mill-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), is-servizz xjentifiku intern tal-Kummissjoni, li kienu diġà kkombinati, huwa jinkludi wkoll aspetti ta' innovazzjoni tal-Programm Kompetittività u Innovazzjoni u l-kontribuzzjoni mill-UE għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.10. Il-***Figura 3.2*** turi l-istruttura ta' Orizzont 2020. L-objettiv ġenerali huwa kkonkretizzat fi tliet prijoritajiet (1. Xjenza eċċellenti, 2. Tmexxija industrijali u 3. Sfidi tas-soċjetà). Dawn il-prijoritajiet jingħataw segwitu permezz ta' 14-il "objettiv speċifiku", jiġu kkomplementati b'linji ġenerali tal-attivitajiet li jipprovdu l-kontenut xjentifiku u teknoloġiku tagħhom. L-objettiv ġenerali jingħata segwitu wkoll permezz ta' żewġ objettivi speċifiċi ("It-tixrid tal-eċċellenza u ż-żieda fil-parteċipazzjoni" u "Ix-xjenza ma' u għas-soċjetà"), filwaqt li żewġ organizzazzjonijiet addizzjonali, il-JRC u l-EIT jikkontribwixxu wkoll għall-objettiv ġenerali u għall-prijoritajiet billi jsegwu l-objettivi speċifiċi proprji tagħhom. Orizzont 2020 jinkludi wkoll miżuri ta' riċerka addizzjonali, bħar-"Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni" għall-promozzjoni ta' attivitajiet ta' innovazzjoni li huma qrib is-suq.

**Figura 3.2 — L-istruttura ta' Orizzont 2020**




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Hemm rabtiet ta' livell għoli bejn Orizzont 2020 u Ewropa 2020 iżda jeħtieġ li jittejbu biex jiġi żgurat li jiffaċilitaw fokus akbar fuq il-prestazzjoni*

3.11. Taħt il-leġiżlazzjoni, Orizzont 2020 għandu tliet indikaturi tal-prestazzjoni għall-valutazzjoni tal-progress meta mqabbel mal-objettiv ġenerali tiegħu:

(a) l-indikatur tal-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp li skontu jenħtieġ li l-investiment jirrappreżenta mill-inqas 3 % tal-PDG sal-2020 — li jirreplika waħda mill-ħames miri ewlenin ta' Ewropa 2020;

(b) indikatur tal-output tal-innovazzjoni;

(c) il-proporzjon ta' riċerkaturi fil-popolazzjoni attiva ([9]). Dan l-indikatur ma għandu l-ebda rabta diretta mal-miri ewlenin ta' Ewropa 2020.

3.12. L-indikatur ta' 3 % jkejjel l-input ta' fondi fir-riċerka u l-iżvilupp. Huwa ma tfassalx biex ikejjel l-output, ir-riżultati jew l-impatt. Orizzont 2020 iżid għall-ewwel darba fil-leġiżlazzjoni r-rekwiżit li, fir-riċerka u l-iżvilupp, jenħtieġ li l-investiment privat — għall-kuntrarju tal-investiment pubbliku — jirrappreżenta żewġ terzi tat-total ([10]). Bi tqabbil ma' dawn il-miri, fl-2014 it-total ta' dan l-investiment madwar l-Ewropa kien kemxejn aktar minn 2 % tal-PDG, bis-settur privat jirrappreżenta madwar 64 % ta' dan. Iċ-ċifri komparabbli kienu 2,8 % għall-Istati Uniti tal-Amerka fl-2012, 3,5 % għall-Ġappun u 4,2 % għall-Korea t'Isfel (għaż-żewġ pajjiżi fl-2013).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.12.** *Filwaqt li l-indikatur tal-intensità ta' 3 % tar-R&Ż ikejjel l-input ta' fondi fir-riċerka u l-iżvilupp, huwa jirrifletti wkoll l-effikaċja ta' miżuri ta' politika meħuda biex jistimulaw bażi ta' xjenza ta' kwalità għolja fl-Istati Membri u biex jinħolqu kundizzjonijiet qafas aħjar għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur privat.*

([9]) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013.

([10]) Il-premessa 3 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013. F'Marzu 2002, il-Kunsill ta' Barċellona ssettja l-objettiv biex jiżdied il-livell medju ta' investiment fir-riċerka minn 1,9 % tal-PDG għal 3 % tal-PDG, li żewġ terzi minnu jkun tajjeb li jiġu ffinanzjati mis-settur privat.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.13. L-infiq taħt Orizzont 2020 huwa kontribuzzjoni relattivament żgħira għall-mira. Dejjem kien mistenni li l-Istati Membri jipprovdu l-parti l-kbira tal-fondi f'dan il-qasam. Fl-2014, l-ewwel sena ta' implimentazzjoni, l-infiq taħt Orizzont 2020 mill-istituzzjonijiet tal-UE rrappreżenta kemxejn taħt l-10 % tal-baġits pubbliċi totali għar-R&Ż. Aħna osservajna fir-rapport annwali tas-sena li għaddiet li l-issodisfar tal-miri nazzjonali kollha għar-riċerka u l-iżvilupp iwassal għal investiment totali ta' 2,6 % tal-PDG sal-2020, li huwa kemxejn inqas mill-mira ta' 3 % [11]. | **3.13.** *Fil-qasam tar-riċerka, kif ukoll fl-Orizzont 2020, qed isiru sforzi biex l-investiment tal-Istati Membri fir-riċerka u fl-innovazzjoni jiġi kkordinat u mtejjeb, u biex jiġu żviluppati kundizzjonijiet qafas li jippermettu l-innovazzjoni fis-settur privat sabiex dan jiffjorixxi (innovazzjoni miftuħa). Dan huwa kruċjali sabiex isir progress sinifikanti biex jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-kompetituri ewlenin tagħha.*<br><br>*Iż-żieda fl-impatt u xjenza eċċellenti permezz ta' ftuħ (xjenza miftuħa) u Suq Uniku Diġitali, l-inkorporazzjoni tal-isfida diġitali fl-isfidi soċjetali kbar, l-implimentazzjoni tad-dimensjoni tar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kompetittività tal-Unjoni tal-Enerġija, flimkien ma' politika ta' tibdil fil-klima orjentata lejn il-futur, u li l-punti b'saħħithom tal-Ewropa fix-xjenza u t-teknoloġija jiġu tradotti għal vuċi globali ewlenija (miftuħa għad-dinja) huma objettivi ewlenin għall-politika ta' riċerka.*<br><br>*L-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni mill-programmi ta' Politika ta' Koeżjoni għall-2007-2013 ikkontribwew ukoll għall-progress lejn il-mira ta' 3 %. Dan il-kontribut jitkompla għall-perjodu ta' programmar 2014-2020 grazzi għall-konċentrazzjoni tematika tal-FEŻR u se jsaħħaħ l-impatt u l-ingranaġġ tagħha grazzi għall-kondizzjonalità ex-ante "Speċjalizzazzjoni Intelliġenti " għar-riċerka u l-innovazzjoni.*<br><br>*Il-kontribut ta' Orizzont 2020 biex tinkiseb l-istrateġija Ewropa 2020 huwa rinforzat bl-interazzjoni ma' azzjonijiet oħra fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.* |
| 3.14. It-tieni indikatur tal-prestazzjoni ta' Orizzont 2020, dwar l-innovazzjoni, huwa indikatur kompost tal-output. Huwa ġie inizjalment żviluppat għall-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020, "Unjoni tal-Innovazzjoni" [12]. Huwa jiġbor informazzjoni dwar erba' elementi: il-privattivi, l-impjiegi f'attivitajiet li jiffukaw fuq l-għarfien, il-kompetittività ta' beni u servizzi li jiffukaw fuq l-għarfien, u l-impjiegi f'ditti ta' setturi innovattivi li qed jikbru malajr. il-Grupp ta' Riċerka dwar l-Indikaturi Komposti (iffinanzjat mill-UE) ġibed l-attenzjoni għall-fatt li dawn l-indikaturi, ibbażati fuq subindikaturi mingħajr unità ta' kejl komuni u sinifikattiva, u mingħajr metodu ovvju għall-ponderazzjoni, fihom kemm vantaġġi kif ukoll żvantaġġi. B'mod partikolari, filwaqt li juru l-istampa fuq skala kbira, hemm riskju li meħudin sepratament jistgħu jwasslu għal konklużjonijiet ta' politika simplistiċi; għalhekk, jenħtieġ li jintużaw flimkien mas-subindikaturi. Il-Kummissjoni rrappurtat dwar dan l-indikatur u s-subindikaturi f'Marzu 2016 [13]. | |

[11] Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 3.17(b).

[12] COM(2013) 624 final tat-13 ta' Settembru 2013, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Kejl tar-riżultati tal-innovazzjoni fl-Ewropa: lejn indikatur ġdid".

[13] Ir-Rapport "Science, Research and Innovation Performance of the EU fl-2016, A contribution to the open innovation, open science, open to the world agenda: 2016" (Il-Prestazzjoni tal-UE 2016 fix-Xjenza, fir-Riċerka u fl-Innovazzjoni, Kontribut għall-aġenda innovazzjoni miftuħa, xjenza miftuħa, miftuħin għad-dinja: 2016).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.15. L-indikatur tal-output tal-innovazzjoni għandu l-vantaġġ li jiffoka l-attenzjoni fuq l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet tajbin għall-innovazzjoni u li jipprovdi miżura għall-valutazzjoni tal-progress fl-innovazzjoni fil-livell tal-ekonomija tal-UE. Madankollu, huwa għandu wkoll għadd ta' nuqqasijiet li jillimitaw l-utilità tiegħu għall-monitoraġġ tal-kontribut ta' Orizzont 2020 lejn l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020:

— il-Kummissjoni għadha ma ssettjatx mira kkwantifikata li għandha tintlaħaq sa data ddefinita ([14]);

— il-Kummissjoni għadha ma kkonkretizzatux f'miri nazzjonali biex tirrifletti s-sitwazzjoni individwali ta' kull Stat Membru — kif irrakkomandat minn esperti fil-qasam għal indikaturi li jkejlu l-innovazzjoni ([15]).

3.16. L-objettivi speċifiċi ssettjati minn Orizzont 2020 huma l-livell li jmiss fil-ġerarkija tal-objettivi fejn jiġu stabbiliti rabtiet mal-istrateġija Ewropa 2020. L-akbar element (38 %) tal-baġit ta' Orizzont 2020 huwa allokat għall-prijorità "Sfidi tas-soċjetà" li huwa maħsub biex jindirizza l-prijoritajiet tal-politika fl-istrateġija Ewropa 2020.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.15.**

— *Sabiex il-mira kwantitattiva jkollha impatt fuq it-tfassil tal-politika u jiġi stimulat il-progress, il-mira stabbilita għandha tkun konsenswali, iġġustifikata abbażi ta' evidenza u ta' valutazzjoni komparattiva, u faċli li tinftiehem u li tiġi kkomunikata.*

*Dan huwa aktar diffiċli li jinkiseb fil-każ ta' indikaturi komposti, bħall-Indikatur tal-Output tal-Innovazzjoni, peress li s-sommarju tar-riżultati fejn dawn jirriżultaw huwa min-natura tiegħu astratt. L-indikaturi komposti, għalhekk, normalment ma jinvolvux livelli fil-mira. Eżempju ieħor ta' dan huwa tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, li ma għandhiex livell fil-mira, iżda xorta għandha b'mod ċar impatt fuq it-tfassil tal-politika tal-Istati Membri.*

*Barra minn hekk, il-perjodu ta' żmien disponibbli għall-indikaturi tal-komponenti għadu qasir wisq biex jiġu stabbiliti linji ta' tendenza u jiġu identifikati livelli fil-mira sinifikanti tal-UE (il-kompenent dwar intrapriżi bi tkabbir kbir kien ibbażat fuq ġbir ta' dejta ġdid tal-Eurostat). Barra minn hekk, it-twaqqif ta' livell fil-mira tal-UE jista' jirrikjedi valutazzjoni komparattiva mal-prestazzjoni f'pajjiżi mhux tal-UE, xi ħaġa li ma kinitx possibbli fiż-żmien li tnieda l-indikatur.*

— *Il-mira tal-intensità tar-Riċerka hija stabbilita mill-Istat Membru, u l-Indikatur tal-Output tal-Innovazzjoni jikkomplementaha billi jipprovdi l-istampa tal-politika dwar l-output tal-innovazzjoni. Jinħtieġ li dawn l-elementi differenti jidhru flimkien.*

---

([14]) Il-pjan ta' ġestjoni 2015 tad-DĠ għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (RTD) jiddikjara li l-mira għandha tiġi ddefinita fi stadju aktar tard, ibbażat fuq il-progress speċifiku tal-Istati Membri fir-rigward tal-indikatur intier u tal-erba' komponenti tiegħu, p. 6.

([15]) "Elements for the setting-up of headline indicators for innovation in support of the Europe 2020 strategy. Report of the High Level Panel on the measurement of "Innovation" (Elementi għat-twaqqif ta' indikaturi ewlenin għall-innovazzjoni b'appoġġ għall-istrateġija Ewropa 2020. Rapport tal-Bord ta' Livell Għoli dwar il-kejl ta' "Innovazzjoni"). Brussell, it-30 ta' Settembru 2010: Il-karatteristiki huma: 7. Dekomponibbli. Jenħtieġ li l-indikaturi u l-miri possibbli jkunu jistgħu jiġu kkonkretizzati (b'mod mhux mekkaniku) f'miri għall-Istati Membri differenti, p. 6.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.17. F'ħafna każijiet, id-deskrizzjoni tal-objettivi speċifiċi tirreferi għall-inizjattivi ewlenin li huma maħsubin biex jappoġġawhom. Madankollu, għalkemm huma indikazzjoni utli tar-relazzjoni ġenerika bejn Orizzont 2020 u l-istrateġija Ewropa 2020, huma ma jkomplux jiġu kkonkretizzati, f'livelli aktar baxxi, f'rabtiet aktar speċifiċi u operazzjonali li jkunu jistgħu jservu bħala l-bażi għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-kontribut ta' Orizzont 2020 għall-inizjattivi individwali ewlenin, u għaldaqstant għall-istrateġija Ewropa 2020.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.17.** *Għat-tħejjija tal-baġit, il-kontribuzzjoni ta' Orizzont 2020 għal kull inizjattiva ewlenija hija pprovduta fid-Dikjarazzjoni tal-Programm Orizzont 2020 fuq bażi annwali, skont metodoloġija żviluppata bit-tnedija tal-programm.*

*Ir-rabtiet bejn l-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni u Ewropa 2020/Orizzont 2020 jeħtieġu aktar kjarifika*

3.18. Fl-2013, ir-regolament li jistabbilixxi Orizzont 2020 issettja prijoritajiet, objettivi ġenerali u speċifiċi għall-perjodu 2014-2020. Dawn il-prijoritajiet u l-objettivi kienu maħsuba biex jiġu allinjati ma', u biex jikkontribwixxu għall-istrateġija Ewropa 2020 ([16]). Lejn tmiem l-2014, il-Kummissjoni attwali ssettjat 10 prijoritajiet għall-Kummissjoni fl-intier tagħha għall-perjodu 2014-2019 ([17]). Filwaqt li dawn il-prijoritajiet jenfasizzaw xi oqsma ġodda (bħal ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Istati Uniti), huma jikkoinċidu wkoll b'mod sinifikanti, bħalma wieħed jistenna, mal-istrateġija eżistenti Ewropa 2020, inklużi l-miri u l-inizjattivi ewlenin tagħha. Pereżempju, l-impjieg u t-tibdil fil-klima huma kwistjonijiet li jidhru ħafna fit-tnejn li huma. Minkejja t-trikkib u l-kumplimentarjetajiet, kien diffiċli li jiġi stabbilit il-punt sa fejn l-10 prijoritajiet politiċi jiffurmaw approċċ distint ġdid tal-Kummissjoni jew sa fejn huma intenzjonati li jkunu mod ġdid kif il-Kummissjoni tibda topera Ewropa 2020 għall-ħidma tagħha.

**3.18.** *L-istrateġija Ewropa 2020 hija l-istrateġija tat-tkabbir għal deċennju tal-UE u fil-livell tal-UE. Konformi mal-istrateġija Ewropa 2020, l-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni jipprovdu aġenda/strateġija ċara u ffokata fuq l-attivitajiet tal-Kummissjoni lejn Ewropa 2020 u huma għal kollox konsistenti mal-miri ewlenin ta' Ewropa 2020. Fl-istess ħin, huma jipprovdu aktar ċarezza u konċentrazzjoni fuq l-istrateġija politika ġenerali tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi reċenti. Mit-twaqqif tal-istrateġija Ewropa 2020, pereżempju, l-UE rat kriżijiet ta' dejn sovran, żidiet fid-defiċits tas-settur pubbliku, il-gwerra fl-Ukrajna u fis-Sirja, fluss kbir ta' migranti lejha, il-ftehim COP 21 dwar il-klima.*

*Dawn l-10 prijoritajiet politiċi ġew ippreżentati wkoll lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill matul il-ħatra tal-Kummissjoni l-ġdida. Il-prijoritajiet jieħdu, bħala miri u indikaturi, il-miri u l-indikaturi tal-istrateġija Ewropa 2020.*

3.19. Huwa normali li l-prijoritajiet strateġiċi jinbidlu, hekk kif iċ-ċirkustanzi jinbidlu. Madankollu, kif indikat mis-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni, għalkemm hemm bażi komuni bejn iż-żewġ strateġiji, sa issa l-Kummissjoni għadha ma identifikatx il-korrispondenza bejniethom. Fil-fehma tagħna, peress li r-relazzjoni bejn iż-żewġ strateġiji ma ġietx ikkjarifikata, huma jikkoeżistu u jintużaw għal finijiet differenti:

**3.19.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-prijoritajiet tagħha se jipprovdu aġenda politika ċara u ffokata għall-Kummissjoni li tkun konsistenti mal-istrateġija Ewropa 2020 għall-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali.*

*Fihom infushom, huma jintużaw naturalment għal finijiet differenti. Madankollu, dan ma jfissirx li huma inkonsistenti jew inkoerenti b'xi mod; huma perfettament kumplimentari.*

*Jekk jogħġbok irreferi wkoll għat-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 3.18.*

([16]) L-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013.

([17]) L-10 prijoritajiet politiċi kif deskritti mill-President tal-Kummissjoni fit-12 ta' Novembru 2014 huma: "Impjiegi, tkabbir u investiment", "Suq uniku diġitali", "Unjoni tal-enerġija u tal-klima", "Suq intern", "Unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda u ġusta", "Ftehim bilanċjat ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Istati Uniti", "Ġustizzja u drittijiet fundamentali", "Migrazzjoni", "Attur globali aktar b'saħħtu", u "Bidla demokratika".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— L-allokazzjoni tal-baġit tal-UE għall-programmi ta' nfiq (bħal Orizzont 2020) hija babżata fuq, fost affarijiet oħra, il-kontribut tagħhom għall-miri u l-inizjattivi ewlenin ta' Ewropa 2020. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' nfiq jibnu wkoll fuq objettivi maħsuba biex jirriflettu l-istrateġija Ewropa 2020.

— Il-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni issa jiffoka fuq l-10 prijoritajiet politiċi. Mill-2016, il-Kummissjoni introduċiet ukoll metodu ġdid ta' ppjanar strateġiku, li jirrikjedi li d Direttorati Ġenerali jhejju pjanijiet strateġiċi fuq 5 snin, ibbażati wkoll fuq l-10 prijoritajiet politiċi. Il-pjanijiet strateġiċi fuq ħames snin se jsiru l-punt tat-tluq għall-abbozzar tal-pjanijiet ta' ġestjoni annwali (PĠ) għat-twettiq tal-kompiti tad-Direttorati Ġenerali (inkluża l-implimentazzjoni tal-programmi ta' nfiq bħal Orizzont 2020). Peress li r-rappurtar fir-rapporti annwali tal-attività huwa marbut ħafna mal-pjanijiet ta' ġestjoni, mill-2016 'il quddiemjista' jiġi mistenni wkoll li r-rapporti annwali tal-attività mill-2016 'il quddiem jirriflettu primarjament l-10 prijoritajiet politiċi.

3.20. Għal Orizzont 2020, dan iwassal għal sitwazzjoni fejn il-qafas legali u l-allokazzjoni tal-baġit għall-programm jirriflettu l-istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li dawk il-partijiet tal-Kummissjoni li jimplimentaw Orizzont 2020 iffukaw mill-ġdid l-ippjanar strateġiku u l-arranġamenti ta' ġestjoni fuq l-10 prijoritajiet politiċi. Pereżempju, il-prijoritajiet ewlenin li għandhom jiġu żviluppati fil-programmi ta' ħidma 2016-2017 ta' Orizzont 2020 huma bbażati fuq 7 minn 10 oqsma ta' politika fuq l-aġenda tal-Kummissjoni l-ġdida. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, mhuwiex ċar x'objettivi strateġiċi għandhom ikunu fil-mira ta' Orizzont 2020. Id-DĠ RTD identifika erba' prijoritajiet politiċi fejn id-DĠ jista' jikkontribwixxi ([18]). Madankollu, l-insegwiment ta' dawn il-prijoritajiet se jirrikjedi iffukar mill-ġdid tal-isforz, meta mqabbel mal-immirar oriġinali kif stipulat fil-leġiżlazzjoni dwar Orizzont 2020.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

— *Fir-rigward ta' Orizzont 2020, dan ġie implimentat fil-programmi ta' ħidma inizjali, għall-2014-2015. Matul il-bqija tal-programm, il-programmi ta' ħidma, u l-baġit għal elementi partikolari tal-programm ta' ħidma, se jkunu dejjem aktar influwenzati mill-prijoritajiet politiċi stabbiliti mill-Kummissjoni attwali b'reazzjoni għall-kuntest politiku, ekonomiku u teknoloġiku emerġenti.*

— *Il-programm ta' ħidma annwali jinkludi l-azzjonijiet li l-Kummissjoni se tieħu biex tgħin tipprovdi l-prijoritajiet politiċi u tikkontribwixxi għall-kisbiet tal-istrateġija Ewropa 2020.*

*Il-Pjanijiet Strateġiċi pluriennali żviluppati għal kull dipartiment tal-Kummissjoni huma mibnija madwar 10 prijoritajiet politiċi, mogħtija bħala objettivi ġenerali. Bħala parti mill-eżerċizzju, id-DĠs ngħataw struzzjonijiet biex jispjegaw kif l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-istrateġija Ewropa 2020. Sabiex dan jiġi ffaċilitat, il-miri ewlenija tal-istrateġija Ewropa 2020 jidhru bħala indikaturi tal-impatt marbuta mal-objettivi ġenerali rilevanti. Il-Pjanijiet ta' Ġestjoni annwali stabbilew l-outputs ippjanati għal kull dipartiment u kif dawn se jikkontribwixxu għall-objettivi.*

*Id-dipartimenti tal-Kummissjoni se jirrapportaw dwar il-kisbiet tagħhom permezz tar-Rapporti ta' Attività Annwali, li se jirriflettu l-istruttura tal-pjanijiet strateġiċi u ta' ġestjoni. Madankollu, il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta dwar il-progress lejn il-miri tal-Ewropa 2020 bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew u dwar il-kontribuzzjoni tal-baġit għal Ewropa 2020 fir-Rapport ta' Ġestjoni u ta' Prestazzjoni Annwali.*

**3.20.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li ma hemm ebda nuqqas ta' ċarezza dwar liema objettivi strateġiċi għandhom ikunu fil-mira ta' Orizzont 2020. Dawn l-objettivi huma l-objettivi tal-Ewropa 2020, kif stabbiliti fil-bażi ġuridika. L-10 prijoritajiet politiċi jintużaw biex jitqies kif il-Kummissjoni tista' tassisti bl-aħjar mod fl-ilħiq tal-prijoritajiet tal-Ewropa 2020.*

*Pereżempju, it-twettiq tal-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali (Digital Single Market – DSM) se twassal għal aġġornament tal-prijoritajiet fil-programm ta' ħidma 2017-2018 tal-parti tal-ICT ta' Orizzont 2020 konformi ma' Ewropa 2020 u mal-prijorità tal-Kummissjoni tas-Suq Uniku Diġitali, fl-ambitu tal-flessibilità disponibbli f'Orizzont 2020. Is-sett rispettiv ta' miżuri u ta' inizjattivi tat-18 ta' April 2016 (pakkett tad-DSM) diġà juri dan l-allinjament ta' Orizzont 2020 u l-prijorità tad-DSM.*

([18]) "Impjiegi, tkabbir u investiment", "Suq uniku diġitali", "Unjoni tal-enerġija u tal-klima", u "Attur globali aktar b'saħħtu".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.21. Fir-rapport annwali tas-sena li għaddiet, aħna ġbidna l-attenzjoni għall-allijament dgħajjef bejn Ewropa 2020 u ċ-ċiklu baġitarju tal-UE fuq seba' snin ([19]). L-istess kumplikazzjoni tista' taffettwa l-10 prijoritajiet politiċi, peress li l-mandat tal-Kummissjoni attwali jintemm fl-2019, sena qabel id-data li fiha ntemmu Ewropa 2020 u Orizzont 2020.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.21.** *Jista' jkun li l-perjodu tal-QFM 2007–2013 ma kienx jikkoinċiedi kompletament mal-perjodu kopert mill-istrateġija Ewropa 2020. Madankollu, il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha, li ġiet ifformulata bi tweġiba għall-paragrafi 3.7-3.11. 3.87 tar-rapport annwali tal-Qorti għall-2014, li dan ma jimplikax nuqqas ta' allinjament mal-istrateġija ġenerali. Barra minn hekk, il-perjodu tal-QFP 2014-2020 jaqa' kompletament fl-istess perjodu, u jintemm fl-istess data, bħall-perjodu attwali tal-istrateġija Ewropa 2020. Il-QFP 2014-2020 ġie mfassal bil-ħsieb li jkun hemm konċentrazzjoni fuq il-kisba ta' riżultati mill-istrateġija Ewropa 2020. Il-Kummissjoni qed tissorvelja u tirrapporta dwar il-kontribut tal-baġit tal-UE lejn l-objettivi ġenerali tal-UE u b'mod partikolari lejn l-Istrateġija Ewropa 2020.*

*Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, Orizzont 2020 u l-istrateġija Ewropa 2020 attwali huma kompletament allinjati u għandhom data ta' tmiem komuni ta' 2020. Dawn l-oqfsa ma humiex affettwati mill-iskadenza tal-mandat tal-Kummissjoni attwali fl-2019.*

## Taqsima 2 — Sinerġiji u kumplementarjetajiet mal-fondi SIE u ma' programmi nazzjonali

**Informazzjoni limitata dwar is-sinerġiji mal-fondi SIE**

3.22. Wieħed mill-objettivi prinċipali tal-istrateġija Ewropa 2020 u tal-Unjoni tal-Innovazzjoni tagħha huwa l-ikkompletar taż-Żona Ewropea tar-Riċerka li fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw b'mod liberu. Il-baġit tal-UE jikkontribwixxi għall-objettiv taż-ŻER permezz ta' Orizzont 2020 u l-fondi SIE. F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni pprevediet sistema biex tteġġeġ u tittraċċa sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-fondi SIE. Il-klassifikazzjoni tal-proġetti ta' Orizzont 2020 skont l-objettivi tematiċi tas-SIE, flimkien mal-introduzzjoni ta' referenzi speċifiċi għal sinerġiji potenzjali fl-istadji tal-ippjanar u tar-rappurtar tagħhom ikunu jipprovdu l-bażi għal sistema bħal din. Madankollu, fl-ewwel rapport ta' monitoraġġ ta' Orizzont 2020, l-informazzjoni dwar l-użu u l-impatt ta' sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-fondi SIE hija limitata. Il-Kummissjoni qed tippjana li tanalizza l-impatt u s-sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-FSIE fil-kuntest tal-evalwazzjoni *interim* ta' Orizzont 2020.

**3.22.** *Il-Kummissjoni ħolqot il-kundizzjonijiet regulatorji li jistgħu jiffaċilitaw is-sinerġiji bejn il-fondi permezz ta' żieda fil-koordinazzjoni u fl-armonizzazzjoni tal-oqfsa ġuridiċi rilevanti. Madankollu, l-implimentazzjoni tas-sinerġiji teħtieġ sforz kontinwu, kemm min-naħa tal-korpi inkarigati minn Orizzont 2020, kif ukoll min-naħa tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u r-reġjuni. Saru sforzi sinifikanti fi Stati Membri u f'reġjuni, b'mod partikolari fil-qafas tal-iżvilupp ta' Strateġiji għal Speċjalizzazzjoni Intelliġenti sabiex jiġu żviluppati miżuri ta' politika li jippermettu l-implimentazzjoni ta' tipi ta' sinerġija differenti identifikati mill-Gwida tal-Kummissjoni u biex jiġu ffokati sforzi tar-R&Ż, f'oqsma fejn l-Istat Membru jew ir-reġjun ikollhom l-akbar ċans ta' eċċellenza fir-rigward tal-kompetittività tax-xjenza u tan-negozju. Dawn l-oqsma joffru wkoll l-akbar probbabiltà li jkunu ta' suċċess f'sejħiet ta' Orizzont 2020.*

*Anke min-naħa tal-ġestjoni ta' Orizzont 2020, qed tittieħed azzjoni estensiva biex jiġu promossi u żviluppati sinerġiji, pereżempju permezz tat-twaqqif ta' Memorandum ta' Qbil bejn l-Impriżi Konġunti jew tal-inizjattiva Siġill ta' Eċċellenza, imnedija fl-inizjattiva tal-Kummissarji Moedas u Crețu f'Ottubru 2015. Għadd ta' reġjuni u Stati Membri huma diġà inovluti f'din l-inizjattiva. Il-Kummissjoni timplimenta wkoll l-inizjattiva "Skala tal-Eċċellenza" li tgħin lill-Istati Membri tal-UE-13 biex itejbu l-aċċess tagħhom għal Orizzont 2020.*

([19]) Ir-Rapport Annwali 2014, il-paragrafi 3.7 sa 3.11, 3.87 u r-Rakkomandazzjoni 1.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Eżempji ta' kumplementarjetajiet bejn il-programmi ta' riċerka nazzjonali u dawk tal-UE**

3.23. Il-leġiżlazzjoni dwar Orizzont 2020 tirrikonoxxi l-importanza li jinbnew "sinerġiji u kumplementarjetajiet bejn il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali u Ewropej" ([20]). Il-***Figura 3.3*** hawn taħt tinkludi messaġġi ewlenin mill-kooperazzjoni tagħna ([21]) mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (SAIs) tal-Bulgarija u tal-Portugall: filwaqt li hemm xi wħud mill-oqsma li fihom il-programmi ta' riċerka nazzjonali u dawk tal-UE huma kumplementari, is-sħab tagħna sabu xi problemi fil-livell nazzjonali wkoll.

**Figura 3.3 — Eżempji ta' kumplementarjetajiet mal-programmi nazzjonali inklużi xi wħud mid-dgħufijiet identifikati fil-livell nazzjonali**

*Il-Bulgarija (skont awditu mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar tal-Bulgarija (BNAO) li ġie ppubblikat f'Lulju 2016)*

Ir-relazzjoni bejn il-prijoritajiet tal-UE fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inkluż Orizzont 2020, u l-prijoritajiet nazzjonali tal-Bulgarija, hija artikolata permezz ta' tmien prijoritajiet issettjati fil-Programm Nazzjonali ta' Żvilupp (PNŻ), Bulgaria 2020. Tlieta minn dawn il-prijoritajiet huma relatati max-xjenza u l-innovazzjoni:

— It-titjib tal-aċċess għal u t-tisħiħ tal-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u tal-karatteristiki tal-kwalità tal-forza tax-xogħol.

— L-appoġġ għall-l-attivitajiet ta' innovazzjoni u ta' investiment biex tiżdied il-kompetittività tal-ekonomija.

— Is-sigurtà tal-enerġija u żieda fl-effiċjenza fir-riżorsi, b'mod partikolari għall-SMEs.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 3.3 — Eżempji ta' kumplimentarjetajiet mal-programmi nazzjonali inklużi xi wħud mid-dgħufijiet identifikati fil-livell nazzjonali***

Il-Bulgarija (skont awditu mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar tal-Bulgarija (BNAO) li ġie ppubblikat f'Lulju 2016]

([20]) L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013.

([21]) Il-kooperazzjoni kienet tikkonsisti f'komunikazzjoni ta' sejbiet ewlenin f'oqsma tal-awditjar maqbula minn qabel, iżda ix-xogħol effettiv tal-awditjar twettaq u ġie adottat separatament minn kull istituzzjoni taħt il-proċeduri proprji tagħha.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Barra mill-PNŻ, li huwa dokument integrat għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Bulgarija sal-2020, l-objettivi taħt Orizzont 2020 huma wkoll sinkronizzati u ripartiti f'objettivi u pjanijiet operazzjonali:

— fl-Istrateġija Nazzjonali tar-Riċerka Xjentifika (NSSR) sal-2020, li hija maħsuba biex tappoġġa l-iżvilupp xjentifiku fil-Bulgarija u tagħmlu fattur għall-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-attivitajiet tal-għarfien u ta' innovazzjoni,

— fl-Istrateġija ta' Innovazzjoni għal Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (ISSS), li għandha l-objettiv strateġiku li l-Bulgarija tavvanza mill-grupp ta' "innovaturi modesti" għall-grupp ta' "innovaturi moderati" sal-2020.

L-istrateġiji nazzjonali jissettjaw objettiv nazzjonali biex iżidu s-sehem tal-infiq fuq l-attività tar-riċerka u l-iżvilupp għal 1,5 % tal-PDG sal-2020. Biex jintlaħaq l-objettiv nazzjonali, huma previsti miżuri u attivitajiet fil-Pjanijiet ta' Azzjoni li jimplimentaw id-dokumenti strateġiċi nazzjonali. Madankollu, il-BNAO identifika li la l-indikaturi kwantitattivi għar-riżultati, u lanqas il-valuri fil-mira kull sena għal attivitajiet relatati ma' Orizzont 2020 ma huma inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni għall-PNŻ. L-indikaturi kwantitattivi għal kull attività lanqas ma kienu inklużi fil-pjan ta' azzjoni għall-NSSR. Il-BNAO identifika wkoll xi problemi rigward il-koordinazzjoni u l-interazzjoni bejn il-parteċipanti kollha involuti f'Orizzont 2020 fil-livell nazzjonali, u li t-titjib tal-interazzjoni bejn il-parteċipanti kollha jistimula l-parteċipazzjoni tal-Bulgarija fil-programm.

*Il-Portugall (skont xogħol speċifiku tal-awditjar mit-Tribunal de Contas (il-Qorti tal-Awdituri) tal-Portugall matul l-ewwel tliet xhur tal-2016)*

Id-dokument strateġiku nazzjonali prinċipali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni huwa l-Istrateġija tar-Riċerka u l-Innovazzjoni għal Speċjalizzazzjoni Intellġenti (RISSS) li jkopri perjodu ta' żmien mill-2014 sal-2020, u li jaqbel mal-perjodu ta' żmien ta' Orizzont 2020 u mad-data tat-tmiem ta' Ewropa 2020. Wieħed mill-kapitoli tiegħu jinkludi rabtiet bejn Ewropa 2020 u l-ftehim ta' sħubija tal-Portugall għall-2020, iffirmat bejn il-Portugall u l-Kummissjoni fil-qasam tal-R&Ż u l-Innovazzjoni, li jimmobilizza fondi kemm mill-politiki ta' koeżjoni kif ukoll minn Orizzont 2020.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni tappoġġja lill-Bulgarija b'mod attiv kemm permezz tal-proġett pilota "Skala tal-Eċċellenza" (ara aktar 'il fuq) u l-inizjattiva ġdida "reġjuni li għadhom lura"* [1] *sabiex ittejjeb l-ekosistema innovattiva tagħha u l-parteċipazzjoni f'Orizzont2020 permezz tal-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni tal-Istrateġija għal Speċjalizzazzjoni Intelliġenti Bulgara.*

*F'Ottubru 2015, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rakkomandazzjonijiet ta' politika ewlenin biex tgħin timmodernizza s-setturi tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-Bulgarija. Din kienet l-ewwel darba li Stat Membru tal-UE għamel użu volontarju mill-Faċilità ta' Appoġġ tal-Politika (Policy Support Facility- PSF) ta' Orizzont 2020 , strument ġdid li jagħti appoġġ prattiku lill-gvernijiet biex jidentifikaw, jimplimentaw u jevalwaw dawk ir-riformi meħtieġa biex titjieb il-kwalità tal-istrutturi ta' riċerka pubblika u ta' innovazzjoni tagħhom.*

(1) *http://s3platform.jrc.ec.europa.eu/ris3-in-lagging-regions*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| It-Tribunal de Contas (il-Qorti tal-Awdituri) tal-Portugall osservat li l-RISSS kienet tinkludi żewġ xenarji għall-evoluzzjoni tal-indikatur dwar il-proporzjon tal-PDG investit fir-riċerka u l-iżvilupp: wieħed konservattiv ta' 2 % li għandu jinkiseb sal-2020, u wieħed ta' "bidla" bi 2,7 % sal-2020. Hija sabet ukoll li, meta jittieħed kont ta' Ewropa 2020, tal-indikaturi ta' Orizzont 2020 u tal-indikaturi tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, xi wħud mill-kwistjonijiet ma jiġux indirizzati mill-indikaturi tal-istrateġija nazzjonali, bħas-sess tar-riċerkaturi, il-kontribut li hu relatat mal-iżvilupp sostenibbli u mat-tibdil fil-klima, u l-parteċipazzjoni tal-SMEs.<br><br>It-Tribunal de Contas (il-Qorti tal-Awdituri) osservat ukoll li hemm indikaturi simili fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew, bħal dawk li jittrattaw pubblikazzjoniet xjentifiċi jew prodotti u proċessi innovattivi, li ma jistgħux jitqabblu, pereżempju billi jintużaw denominaturi differenti. | |

## Taqsima 3 — Il-mekkanika ta' Orizzont 2020 ma tixprunax fokus fuq il-prestazzjoni b'mod konsistenti

3.24. Il-kejl tal-prestazzjoni fil-qasam tar-riċerka huwa minnu nnifsu diffiċli. Ir-riżultati u l-impatti tar-riċerka, min-natura tagħhom, mhumiex faċilment prevedibbli, ġeneralment ikunu fit-tul u spiss mhumiex ta' natura lineari. Madankollu, għadu jinħtieġ li l-UE tikseb informazzjoni affidabbli dwar il-progress xjentifiku, il-produttivita u l-kwalità għar-riċerka li tiffinanzja, sabiex tkejjel il-prestazzjoni xjentifika għat-teħid ta' deċiżjonijiet tajbin. Din il-ħtieġa hija rikonoxxuta fir-regolament qafas dwar Orizzont 2020 li jiddikjara li "l-ġestjoni effettiva tal-prestazzjoni, inkluż l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, tirrikjedi l-iżvilupp ta' indikaturi speċifiċi komuni tal-prestazzjoni […] li huma rilevanti għall-ġerarkija adatta tal-objettivi u l-attivitajiet" ([22]).

3.25. F'dan l-isfond, din it-taqsima teżamina jekk:

(a) hemmx fokus fuq il-prestazzjoni, inkluża rabta ċara u operazzjonali ma' Ewropa 2020, fil-proċess ta' ġestjoni tal-għotjiet ta' Orizzont 2020;

---

([22]) Il-premessa 46 tal-preambolu tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) it-tfassil tas-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar ta' Orizzont 2020 jippermettix li l-Kummissjoni timmonitorja u tirrapporta dwar il-prestazzjoni; u

(c) il-Kummissjoni tużax kunċetti bażiċi importanti tal-monitoraġġ u r-rappurtar tal-prestazzjoni b'mod konsistenti u korrett.

*Il-proċessi ta' ġestjoni tal-għotjiet mhumiex maħsuba kompletament biex jiffukaw fuq il-prestazzjoni*

3.26. Biex nivvalutaw jekk il-proċessi ta' ġestjoni tal-għotjiet ta' Orizzont 2020 kinux jinkludu fokus xieraq fuq il-prestazzjoni, b'mod partikolari fir rabtiet tiegħu ma' Ewropa 2020, aħna eżaminajna t-tfassil tal-qafas legali ta' Orizzont 2020, il-fokus fuq il-prestazzjoni fil-livell tal-programm ta' ħidma u s-sejħiet u, għal kull wieħed mill-ħames programmi ta' ħidma li kkampjunajna ([23]), proposta waħda mill-benefiċjarji li kellha suċċess.

**Il-qafas legali ta' Orizzont 2020 jintroduċi bosta elementi importanti għall-ġestjoni tal-prestazzjoni iżda hemm xi dgħufijiet fit-tfassil, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni**

3.27. L-objettivi u l-indikaturi maqbula mill-awtorità leġiżlattiva għal Orizzont 2020 jirrappreżentaw titjib reali fuq il-programmi qafas preċedenti. Kif osservajna fil-passat, l-objettivi ddefiniti fil-leġiżlazzjoni jistgħu jkunu f'livell wisq ġenerali u għoli għall-użu operazzjonali mill-maniġment ([24]). Dan huwa wkoll il-każ għal dawn l-objettivi ta' livell għoli ta' Orizzont 2020 — anke dawk imsemmija bħala objettivi speċifiċi fir-regolament, li l-biċċa l-kbira minnhom mhumiex fil-fatt ifformulati bħala objettivi iżda pjuttost bħala sfidi u/jew oqsma. Pereżempju, għall-prijorità "Sfidi tas-soċjetà" żewġ objettivi speċifiċi huma: "saħħa, bidla demografika u benesseri"; u "enerġija sigura, nadifa u effiċjenti". Il-punt sa fejn dawn l-objettivi ta' livell għoli jiġu kkonkretizzati b'suċċess f'objettivi ta' livell aktar baxx mill-maniġment jiġi eżaminat fit-taqsima li jmiss.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.27-3.28.** *Għal Orizzont 2020, l-inklużjoni tal-objettivi tat-test ġuridiku, għall-ewwel darba, kien bla dubju pass 'il quddiem. Huwa wassal għal dibattitu estensiv mal-awtorità leġiżlattiva dwar l-objettivi tal-programm, u l-indikaturi li għandhom jiġu sorveljati.*

([23]) Il-programm ta' ħidma 2014 tal-ERC; il-programm ta' ħidma 2014-2015 tal-Azzjonijiet Marie Sklodowska-Curie; il-programm ta' ħidma 2014-2015 tal-ICT; il-programm ta' ħidma 2014-2015 tal-istrument għall-SMEs; u l-programm ta' ħidma 2014-2015 tas-Saħħa, it-tibdil demografiku u l-benesseri.

([24]) Ir-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 3.72.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.28. Barra milli tispeċifika l-objettivi tal-programm, il-leġiżlazzjoni dwar Orizzont 2020 tinkludi wkoll tliet indikaturi tal-prestazzjoni għall-valutazzjoni tal-progress meta mqabbel mal-objettiv ġenerali, li huma ppreżentati fil-paragrafu 3.10. Fil-livell aktar baxx li jmiss tal-qafas legali, il-programm speċifiku ([25]) jintroduċi elementi importanti oħra għall-ġestjoni tal-prestazzjoni. Huwa jelenka 18-il indikatur ewlieni għall-valutazzjoni tar-riżultati u l-impatti tal-objettivi speċifiċi tal-programm Orizzont 2020 ([26]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni identifikat ħames indikaturi ewlenin oħra tal-prestazzjoni (KPIs) li b'kollox jammontaw għal 23 ([27]). L-inklużjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni fil-leġiżlazzjoni hija pass pożittiv. Madankollu, aħna sibna għadd ta' nuqqasijiet fir-rigward tal-indikaturi tal-programmi, li huma stipulati fil-paragrafi li ġejjin.

3.29. Minn dawn it-23 indikatur ewlieni tal-prestazzjoni, aktar minn nofs **ikejlu l-input jew l-output aktar milli r-riżultati u l-impatti** (ara wkoll il-***Figura 3.4***). Barra minn hekk, hemm **ambigwitajiet fil-formulazzjoni ta' xi wħud mill-indikaturi**, li jagħmlu l-interpretazzjoni tagħhom diffiċli mingħajr kjarifika ulterjuri. Eżempji jinkludu l-għadd ta' azzjonijiet għall-bidliet istituzzjonali, promossi mill-programm, jew l-għadd ta' okkorrenzi ta' impatti speċifiċi tanġibbli dwar il-politiki Ewropej li jirriżultaw minn appoġġ tekniku u xjentifiku pprovdut miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka ([28]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.29.** *L-ambigwitajiet fil-formulazzjoni dejjem jistgħu jeżistu, speċjalment fil-leġiżlazzjoni, għalhekk spiss isiru aktar kjarifiki. L-"għadd ta' okkorrenzi ta' impatti speċifiċi tanġibbli fuq politiki Ewropej li jirriżultaw minn appoġġ tekniku u speċifiku pprovdut miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jkomplu jiġu ddefiniti f"fiche" ta' indikaturi, li tinkludi wkoll referenza għall-metodoloġija għall-kejl tal-indikatur.*

([25]) Id-Deċiżjoni 2013/743/UE.

([26]) L-Anness II "Indikaturi tal-prestazzjoni" tad-Deċiżjoni 2013/743/UE.

([27]) Hemm 51 indikatur ieħor fi ktejjeb tal-Kummissjoni, "Horizon 2020 indicators" (Indikaturi ta' Orizzont 2020) (https://ec.europa.eu/programmes/horizon2020/en/news/horizon-2020-indicators-assessing-results-and-impact-horizon).

([28]) Hemm ukoll eżempji bħal dawn fost l-indikaturi għall-monitoraġġ ta' kwistjonijiet trażversali ta' Orizzont 2020, bħall-perċentwal tal-parteċipanti ta' pajjiżi terzi f'Orizzont 2020, li ċ-ċifra għalihom tvarja bejn 2 % u 5,9 %, skont kif jiġu ddefiniti "pajjiżi terzi".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.30. Għal terz tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ta' Orizzont 2020, il-**Kummissjoni la ssettjat linji bażi, la stadji importanti, u lanqas miri** fuq il-bażi li dawn l-indikaturi jirrappreżentaw "approċċ ġdid", u għalhekk l-ebda mira ma tista' tiġi ssettjata qabel ma jkunu disponibbli l-ewwel riżultati, li huma dovuti fil-bidu tal-2018. Huma biss 5 mit-23 indikatur ewlieni tal-prestazzjoni ta' Orizzont 2020 li għandhom kemm linja bażi kif ukoll mira. Fil-fehma tagħna, is-sena 2018 hija tard wisq biex tkun utli għal programm li jdum mill-2014 sal-2020. Fejn tabilħaqq jeżistu miri, xi drabi **mhumiex ambizzjużi**. F'xi każijiet, il-miri huma ssettjati taħt il-livell tar-riżultati miksuba taħt l-FP7. Barra minn hekk, aħna sibna ħames indikaturi ta' Orizzont 2020 [29] fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi 2015 fejn il-mira kienet taħt il-linja bażi.

3.31. Għal bosta indikaturi, **l-ebda *data* sinifikattiva għar-rappurtar mhi se tkun disponibbli qabel l-2018/2019.** Għal kwart mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ta' Orizzont 2020, il-Kummissjoni tqis li r-rappurtar ta' riżultati qabel l-2019 ma fihx sinifikat, minħabba li massa kritika ta' proġetti mitmuma mhijiex se tintlaħaq qabel din id-data. Filwaqt li dawn l-indikaturi jistgħu jkunu utli għall-evalwazzjoni *ex post* ta' Orizzont 2020, huma mhumiex adatti għal evalwazzjonijiet *interim* jew għal finijiet ta' monitoraġġ annwali qabel l-2018. Dan huwa kkonfermat fir-Rapport ta' Monitoraġġ 2014 ta' Orizzont 2020.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.30.** *Filwaqt li d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li takkompanja l-proposta tal-Kummissjoni għal Orizzont 2020 ġeneralment tipprovdi linji bażi u miri għall-indikaturi, ġew inklużi għadd ta' indikaturi ġodda fil-proċess leġiżlattiv, u għal dawn ma kien hemm ebda linja bażi li fuqha tista' tiġi bbażata mira raġonevoli. It-twaqqif ta' mira mingħajr ma jkun hemm evidenza adegwata jista' jwassal biex din tkun nieqsa minn rilevanza u kredibilità (żewġ kriterji tar-RACER).*

*Il-miri ta' Orizzont 2020 li huma anqas mir-riżultati FP7 huma spjegati. Pereżempju, l-għadd ta' riċerkaturi li għandhom aċċess għal infrastrutturi tar-riċerka permezz ta' appoġġ tal-Unjoni ġie mnaqqas għax "il-prijorità se tingħata lil infrastrutturi emerġenti ġodda u lill-immirar ta' komunitajiet ġodda ('starting communities') li l-infrastrutturi tagħhom normalment ma jistgħux jipprovdu aċċess daqs il-komunitajiet avvanzati" (Rapport Annwali tad-DĠ RTD, paġna 33).*

*F'diversi oqsma, il-miri huma ambizzjużi u żdiedu minn FP7 – pereżempju l-involviment tal-SMEs, in-nefqa relatata mat-tibdil fil-klima, in-nefqa fuq l-enerġija rinovabbli, iż-żmien li jingħata għall-iffirmar ta' għotjiet, biex jingħataw xi eżempji.*

**3.31.** *Meta mqabbel ma' oqsma oħra ta' finanzjament, hemm dewmien ta' żmien konsiderevoli bejn il-mument fejn jiġu żburżjati l-fondi ta' riċerka u l-mument fejn ir-riċerka tipproduċi l-outputs, u l-mument meta dawn l-outputs jipproduċu r-riżultati (matul u wara l-ħajja tal-proġett). Pereżempju, fiż-żmien tal-evalwazzjoni* ex-post *ta' FP7 ippubblikata f'Jannar 2016 (għalhekk, sentejn wara tmiem l-FP7), aktar minn nofs il-proġetti tal-FP7 kienu għadhom għaddejjin.*

*Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta dwar ir-riżultati tal-FP7 f'sessjoni ddedikata dwar ir-Rapporti ta' Monitoraġġ ta' Orizzont 2020. Barra minn hekk, l-Evalwazzjoni ta' Orizzont 2020 se tinkludi valutazzjoni tal-impatti fit-tul ta' Programmi Qafas preċedenti.*

*Dan l-approċċ se jkompli jnaqqas din il-problema tul iż-żmien.*

[29] Għadd ta' riċerkaturi li għandhom aċċess għal infrastrutturi għar-riċerka permezz tal-appoġġ tal-Unjoni; pubblikazzjonijiet f'ġurnali ta' impatt qawwi analizzati bejn il-pari fil-qasam tas-saħħa u l-benesseri; pubblikazzjonijiet f'ġurnali ta' impatt qawwi analizzati bejn il-pari fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel, pubblikazzjonijiet f'ġurnali ta' impatt qawwi analizzati bejn il-pari fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima, effiċjenza fir-riżorsi u materja prima; għadd ta' okkorrenzi ta' impatti speċifiċi tanġibbli fuq politiki Ewropej li jirriżultaw minn appoġġ tekniku u xjentifiku pprovdut miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.32. Eżempju prattiku tal-problemi kkawżati mill-użu fqir tal-indikaturi huwa pprovdut fir-Rapport Speċjali tagħna dwar l-EIT. Aħna osservajna li l-indikaturi ewlenin tal-organizzazzjoni komplew jiffukaw fuq l-input jew l-output minflok fuq ir-riżultati jew l-impatti, u kkonkludejna li kien diffiċli li tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-EIT minn meta beda jopera fl-2010. Kien hemm nuqqas ta' proċessi robusti u rilevanti ta' rappurtar u monitoraġġ, u kien hemm ftit li xejn impatti viżibbli ([30]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.32.** *Kif iddikjarat fit-tweġiba tal-Kummissjoni u fl-EIT tar-Rapport Speċjali Nru 4/2016, l-EIT iwettaq analiżijiet komprensivi biex iqabbel il-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzzjoni abbażi ta' diversi fatturi, mhux biss abbażi tal-KPIs ewlenin. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' negozju tal-KKI hija vvalutata kemm permezz ta' indikaturi ta' prestazzjoni kwantitattivi kif ukoll permezz ta' rieżamijiet kwalitattivi magħmula minn esperti esterni u mill-persunal tal-EIT. B'mod aktar wiesa', l-EIT iwettaq ukoll monitoraġġ fuq il-post u rieżamijiet tal-attivitajiet tal-KKI. Dawn l-għodod, meħuda flimkien, jipprovdu stampa informattiva ħafna tad-differenzi bejn il-KKI.*

**Hemm fokus insuffiċjenti fuq il-prestazzjoni fil-livell tal-programmi ta' ħidma u tas-sejħiet**

3.33. Il-programmi ta' ħidma u s-sejħiet assoċjati huma motivatur ewlieni fil-mod li bih jopera Orizzont 2020. Huma jipprovdu opportunità għall-Kummissjoni biex tikkonkretizza l-objettivi ġenerali u speċifiċi ta' livell għoli ta' Orizzont 2020 f'objettivi ta' livell aktar baxx li huma utli għall-finijiet tal-ġestjoni tal-prestazzjoni operazzjonali.

3.34. Abbażi tal-programm speċifiku, il-Kummissjoni tħejji programmi ta' ħidma fuq sentejn li jiżviluppaw l-objettivi speċifiċi u l-impatt mistenni, u jippreżentaw opportunitajiet ta' finanzjament permezz ta' sejħiet għal proposti: EUR 15-il biljun għall-perjodu 2014-2015 u EUR 14,5 biljun għall-perjodu 2016-2017. Il-programm ta' ħidma "prinċipali" ta' Orizzont 2020 jiddedika parti waħda għal kull objettiv speċifiku tal-programm speċifiku. Huwa jiġi kkomplementat bi programmi ta' ħidma separati għall-ERC (programm annwali), bil-JRC (programmi ta' kull sentejn), u bl-EIT (programm ta' kull tliet snin, li jiġi ripartit kull sena).

**3.34.** *Mill-osservazzjoni tal-Qorti, il-Kummissjoni introduċiet proċess ta' ippjanar strateġiku li kien għaddej qabel ma ġew finalizzati l-programmi ta' ħidma 2016-2017. Dan huwa eżami strateġiku tal-prijoritajiet u tal-ħtiġijiet, imniedi mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra, biex tiġi żgurata l-konnessjoni bejn l-objettivi speċifiċi ta' Orizzont 2020 u l-programmi ta' ħidma li jimplimentawhom.*

3.35. Il-leġiżlazzjoni għal Orizzont 2020 ġiet adottata ftit qabel bdiet l-implimentazzjoni tal-programm, u dan illimita l-ambitu għall-ippjanar strateġiku. L-istrateġija Ewropa 2020, l-"Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħra jissemmew fil-qafas strateġiku kumplessiv għall-programm ta' ħidma 2014-2015, iżda r-referenzi jibqgħu ġeneriċi, mhux sistematiċi u ma jikkjarifikawx il-kontribut speċifiku tal-programmi ta' ħidma individwali għal objettivi strateġiċi partikolari. Għall-perjodu 2016-2017, il-proċess ta' programmazzjoni strateġika ttejjeb u ġie dokumentat permezz ta' dokument ta' ppjanar strateġiku globali u ta' dokumenti dwar l-ambitu.

**3.35.** *It-tħejjija tal-leġiżlazzjoni ta' Orizzont 2020 ġiet akkumpanjata mit-tħejjija parallela tal-programmi ta' ħidma 2015-2015. Kien hemm rabta ċara bejn kull parti tal-programm ta' ħidma u l-objettivi speċifiċi ta' Orizzont 2020.*

([30]) Ir-Rapport Speċjali Nru 4/2016 "Jeħtieġ li l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija jimmodifika l-mekkaniżmi operazzjonali tiegħu u l-elementi tat-tfassil tiegħu biex jikseb l-impatt mistenni", il-paragrafi 54 u 109 (http://eca.europa.eu).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.36. Għall-programmi kollha ta' ħidma li eżaminajna, l-objettivi huma konsistenti mal-objettivi speċifiċi kif iddefinit fil-programm speċifiku. Madankollu, l-objettivi fil-programmi ta' ħidma kkampjunati ma jikkonkretizzawx l-objettivi ta' livell għoli mil-leġiżlazzjoni f'objettivi operazzjonali li jistgħu jiġu mmonitorjati u rrappurtati: tlieta minn ħames objettivi tal-programmi ta' ħidma jużaw eżattament l-istess formulazzjoni bħal dik fil-leġiżlazzjoni, u l-ebda wieħed minnhom ma jissodisfa l-kriterji SMART ([31]). L-objettivi mhumiex akkumpanjati minn indikaturi b'miri u stadji importanti. Objettivi operazzjonali u indikaturi rilevanti kieku jiffaċilitaw il-fokus meħtieġ fuq il-prestazzjoni jew il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni, fil-livell tal-programm ta' ħidma. | **3.36-3.38.** *Huwa aċċettat li l-"impatt mistenni" stabbilit mill-programmi ta' ħidma jista' jittejjeb, u dan diġà beda jseħħ fil-programmi ta' ħidma 2016-2017.*<br><br>*Madankollu, l-enfasi ewlieni tal-programm ta' ħidma huwa li tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa għall-applikanti biex iħejju proposti ta' kwalità għolja.*<br><br>*Il-programmi ta' ħidma ma għandhomx għalfejn jidentifikaw il-kontribut tagħhom għall-objettivi ta' Ewropa 2020. Minflok, huma għandhom ikunu marbuta mal-objettivi speċifiċi ta' Orizzont 2020, u dawn l-objettivi ġew formulati biex ikunu konformi ma' Ewropa 2020.*<br><br>*Il-prestazzjoni se tiġi vvalutata l-ewwel nett permezz ta' indikaturi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni. Dan huwa ċċarat fl-Artikolu 5 tal-leġiżlazzjoni ta' Orizzont 2020.*<br><br>*"L-ewwel sett ta' indikaturi rilevanti tal-prestazzjoni għall-valutazzjoni tal-progress mal-objettiv ġenerali jinsab fl-[Anness tar-Regolament]".*<br><br>*Din se tkun l-informazzjoni primarja li fuqha tiġi stabbilita l-valutazzjoni tal-prestazzjoni.* |
| 3.37. Kull programm ta' ħidma fih sejħiet għal proposti li jikkorrispondu għal-linji ġenerali tal-attivitajiet tal-objettiv speċiifku (li jirrappreżentaw il-kontenut xjentifiku u teknoloġiku). Is-sejħiet għall-proposti kkampjunati jidentifikaw objettivi li huma konformi ma' dawk fil-programm ta' ħidma u huma konsistenti ma' linji ġenerali speċifiċi tal-attivitajiet, fejn applikabbli ([32]). Għalkemm, b'mod ġenerali, l-objettivi tas-sejħiet huma aktar speċifiċi minn dawk fil-programm ta' ħidma, huma ma jissodisfawx il-kriterji SMART kollha. Minbarra l-objettivi, kull sejħa tinkludi wkoll taqsima dwar l-impatti mistennija. Madankollu, l-impatti mistennija rarament jiġu kkwantifikati u ġeneralment ma jinkludux indikaturi. Għaldaqstant, ikun diffiċli għall-Kummissjoni li tkejjel is-suċċess tas-sejħiet fin-nuqqas ta' objettivi operazzjonali u indikaturi li jkollhom miri. | |
| 3.38. Il-programmi ta' ħidma kkampjunati ma jidentifikawx il-kontribut tagħhom fuq terminu twil għall-objettivi strateġiċi, minkejja li jenħtieġ li dan jiġi spjegat skont il-gwida dwar il-programmi ta' ħidma. L-ebda wieħed mill-eżempji li analizzajna ma jispjega kif il-programm ta' ħidma jikkontribwixxi lejn l-ilħuq ta' objettivi speċifiċi ta' Ewropa 2020; f'każ wieħed, l-objettiv tal-programm ta' ħidma jorbot l-azzjonijiet appoġġati ma' waħda mill-inizjattivi ewlenin iżda ma jispeċifikax eżattament kif. | |

([31]) Speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jinkisbu, rilevanti u marbuta mal-ħin.

([32]) Min-natura tal-programm tiegħu, l-ERC ma jissettjax linji ġenerali tal-attività.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Hemm fokus fuq il-prestazzjoni fil-proposti, l-evalwazzjonijiet u fl-ftehimiet ta' għotja, iżda hemm dgħufijiet li jistgħu jwasslu għal problemi meta tiġi vvalutata l-prestazzjoni**

3.39. Taħt is-sejħiet, l-applikanti jippreżentaw proposti għal finanzjament. Il-Kummissjoni tevalwa l-proposti u għal dawk li tagħżel li tiffinanzja, hija tiffirma ftehimiet ta' għotja mal-benefiċjarji. F'din it-taqsima aħna nivvalutaw il-fokus fuq il-prestazzjoni għal dawn l-istadji tal-proċess ta' ġestjoni.

*Evalwazzjoni tal-proposti*

3.40. Normalment, il-proposti jiġu evalwati minn esperti f'isem il-Kummissjoni, abbażi tal-eċċellenza, l-impatt, u l-kwalità u l-effiċjenza tagħhom tal-implimentazzjoni tagħhom ([33]). Bl-eċċezzjoni tal-ERC, li juża biss il-kriterju tal-eċċellenza, il-proposti tal-benefiċjarji li eżaminajna kollha kienu jinkludu taqsimiet strutturati madwar dawn it-tliet kriterji ta' evalwazzjoni, bil-ponderazzjoni għall-impatt mill-inqas ta' livell għoli bħal taż-żewġ kriterji l-oħra. Madankollu, il-kwalità ta' din l-evalwazzjoni tiddependi fuq il-kwalità tal-impatti mistennija stipulati fis-sejħiet ippubblikati mill-Kummissjoni.

3.41. Għall-kriterju tal-eċċellenza, il-mudelli inklużi fil-proposti jindikaw kif jenħtieġ li jiġu ddefiniti l-objettivi. Tlieta mill-ħames mudelli kkampjunati tal-proposti kienu jirrikjedu li l-applikanti jiddefinixxu l-objettivi SMART u li jispjegaw kif dawn huma relatati mas-suġġett tal-programm ta' ħidma rilevanti. L-objettivi ta' dawn it-tliet proposti huma ġeneralment SMART. Madankollu, għaż-żewġ proposti l-oħra, relatati mal-ERC u mal-azzjonijiet Marie Cure, il-proposti kkampjunati ma kinux jinkludu objettivi SMART peress li ma kienx hemm rekwiżit bħal dan.

([33]) L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Ftehimiet ta' għotja*

3.42. Il-ftehimiet ta' għotja huma l-mod prinċipali li bih jiġu allokati fondi ta' Orizzont 2020 biex jintlaħqu l-objettivi tal-programm. Il-ftehimiet ta' għotja kkampjunati użaw l-istess objettivi bħal dawk fil-proposti.

3.43. Il-ftehimiet ta' għotja jinkludu taqsima dwar "tagħrif eżistenti (sfond) u riżultati". Dawn ir-riżultati jfissru "kwalunkwe output tanġibbli jew intanġibbli tal-azzjoni" kif iddefinit fir-regoli ta' parteċipazzjoni ([34]). Hemm dispożizzjoni importanti fil-ftehimiet ta' għotja li tirrikjedi li l-benefiċjarji jirrappurtaw, lill-Kummissjoni, informazzjoni għall-aggregazzjoni tal-KPIs ta' Orizzont 2020; għalhekk, dan il-livell huwa sors importanti tal-informazzjoni kollha dwar il-prestazzjoni għal Orizzont 2020. Fil paragrafi preċedenti, aħna ġbidna l-attenzjoni għal problemi fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni fil-livell ogħla (programmi ta' ħidma u sejħiet).

*It-tfassil tas-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar ta' Orizzont 2020 jillimita l-abbiltà tal-Kummissjoni li timmonitorja u tirrapporta dwar il-prestazzjoni b'mod xieraq*

3.44. Din it-taqsima tiffoka fuq is-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar għal Orizzont 2020. Aħna eżaminajna jekk:

(a) l-istruttura attwali tippermettix li l-Kummissjoni timmonitorja u tirrapporta separatament l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, għall-kuntrarju tal-infiq fuq l-innovazzjoni;

(b) jistax jiġi rrappurtat il-kontribut ta' Orizzont 2020 għal Ewropa 2020;

(c) il-Kummissjoni hijiex se tkun f'pożizzjoni li tevalwa l-programm matul il-ħajja tiegħu.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.43.** *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 3.36 sa 3.38. L-informazzjoni dwar l-indikaturi stabbiliti fil-bażi ġuridika tista' tingħabar u se tingħabar biex tiġi permessa valutazzjoni tal-prestazzjoni.*

([34]) L-Artikolu 2(1)(19) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**L-infiq fuq ir-riċerka mhuwiex immonitorjat separatament mill-infiq fuq l-innovazzjoni**

3.45. Orizzont 2020 ilaqqa' flimkien strumenti ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni, li preċedentement kienu separati, f'qafas strateġiku komuni ([35]). F'konformità ma' dan l-approċċ, il-partijiet tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni ([36]) li huma relatati mal-innovazzjoni, u l-EIT inġabru flimkien taħt l-umbrella ta' Orizzont 2020.

3.46. Fil-passat, aħna ġbidna l-attenzjoni għall-fatt li l-leġiżlazzjoni proposta għal Orizzont 2020 ma pprovdietx definizzjoni ċara ta' innovazzjoni u li mingħajr xi limiti fuq l-ambitu tal-attivitajiet ta' innovazzjoni li jistgħu jiġu ffinanzjati kien hemm riskju li firxa wiesgħa ta' proġetti ta' innovazzjoni jdgħajfu l-finanzjament ([37]). Fil-fehma tagħna, dan ir-riskju jippersisti. Il-programm qafas u l-programm speċifiku għal Orizzont 2020 ma jipprovdux kriterji ċari biex jiddistingwu bejn "riċerka u żvilupp" u "innovazzjoni" ([38]), jew biex jimmonitorjaw u jirrappurtaw separatament dwar il-prestazzjoni taħt dawn l-intestaturi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.46-3.47.** *Waħda mill-miri ewlenin ta' Orizzont 2020, stabbiliti mill-bidu tad-diskussjonijiet tal-Programm Qafas, kienet li titnaqqas il-firda bejn ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Il-leġiżlazzjoni ma tagħti ebda definizzjoni separata ta' riċerka u innovazzjoni u filfatt tiddikjara li:*

*"Attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni" tfisser l-ispettru totali ta' attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni, inkluż il-promozzjoni ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, id-disseminazzjoni u l-ottimizzazzjoni tar-riżultati u l-istimulazzjoni ta' taħriġ ta' kwalità għolja u l-mobbiltà tar-riċerkaturi fl-Unjoni".*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li ma hemm ebda ħtieġa u ebda valur miżjud ċar li ssir distinzjoni bejn attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, u li dan jirriskja li jaħdem kontra l-isforzi biex jitnaqqas il-vojt bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa.*

([35]) KUMM(2010) 700 finali tad-19 ta' Ottubru 2010, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Parlamenti Nazzjonali, "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", p. 8 u KUMM(2011) 500 finali tad-29 ta' Ġunju 2011, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Baġit għall-Ewropa 2020", il-Parti I, p. 10. Ara wkoll il-premessi 4, 5, 7, 10 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013.

([36]) Il-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni, il-Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u l-Programm Enerġija Intelliġenti — Ewropa.

([37]) L-Opinjoni Nru 6/2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'"Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — Orizzont 2020 (2014-2020)", il-paragrafi 37 u 38 (http://eca.europa.eu).

([38]) Il-linja ta' diviżjoni bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni mhijiex dejjem ovvja. Biex tagħmel id-distinzjoni, il-Kummissjoni tuża l-"Frascati Manual 2015 — Guidelines for Collecting and Reporting Data on Research and Experimental Development" (Il-Manwal ta' Frascati 2015 — Linji gwida għall-Ġbir u r-Rappurtar ta' *Data* dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Sperimentali) (http://www.oecd.org) u l-"Oslo Manual: Guidelines for Collecting and Interpreting Innovation data 2005" (Il-Manwal ta' Oslo: Linji gwida 2005 għall-Ġbir u l-Interpretazzjoni ta' *data* dwar l-Innovazzjoni) (http://www.oecd-ilibrary.org).

3.47. L-UE adottat il-mira ewlenija ta' 3 % għall-indikatur tal-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp. Mhux l-attività kollha ta' innovazzjoni li hija ffinanzjata minn Orizzont 2020 taqa' fi ħdan id-definizzjoni ta' riċerka u żvilupp għall-fini ta' din il-mira ([39]). Fil-fatt, hemm attivitajiet fi ħdan Orizzont 2020 li huma mmirati speċifikament lejn it-trawwim tal-innovazzjoni ([40]) għall-kuntrarju tar-riċerka u l-iżvilupp u li, għalhekk, ma jitqisux għall-mira ta' 3 %.

**Il-kontribut ta' Orizzont 2020 għal Ewropa 2020, filwaqt li huwa stabbilit fil-baġit, mhuwiex se jiġi rrappurtat b'mod sinifikattiv qabel mill-inqas l-2018**

3.48. Id-dikjarazzjonijiet tal-programmi, li jintużaw fil-proċedura baġitarja biex jiġġustifikaw in-nefqa operazzjonali, jipprovdu informazzjoni dwar ir-rabtiet bejn il-programmi ta' nfiq u l-istrateġija Ewropa 2020 billi jissinjalaw il-miri ewlenin li jingħataw segwitu u billi jistmaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-programmi għall-inizjattivi ewlenin. Għalhekk, il-finanzjament tal-istrateġija Ewropa 2020 mill-baġit tal-UE huwa kkalkulat abbażi tal-istima tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-programmi ta' nfiq għall-inizjattivi ewlenin, li tinsab fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi.

([39]) Ir-riċerka u l-iżvilupp sperimentali (R&Ż) jinkludu ħidma kreattiva u sistematika mwettqa sabiex jiżdied l-ammont ta' għarfien — inkluż l-għarfien tal-bniedem, tal-kultura u tas-soċjetà — u biex jitfasslu applikazzjonijiet ġodda tal-għarfien disponibbli. Hemm tliet tipi ta' R&Ż: riċerka bażika, riċerka applikata u żvilupp sperimentali. L-iżvilupp sperimentali huwa ħidma sistematika, ibbażata fuq għarfien miksub minn riċerka u esperjenza prattika u li tipproduċi għarfien addizzjonali, li hija mmirata lejn il-produzzjoni ta' prodotti jew proċessi ġodda jew it-titjib ta' prodotti jew proċessi eżistenti (Il-Manwal ta' Frascati 2015, il-paragrafi 2.5, 2.24 u 2.32).

([40]) Eżempji ta' innovazzjoni ffinanzjata minn Orizzont 2020 huma l-"użu tal-innovazzjonijiet mis-suq" u "twassil tal-iskoperta għall-applikazzjoni fis-suq, li jwasslu għall-isfruttament u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ideat" (il-Premessa 12 u l-Anness I, it-Taqsima 2.1 tad-Deċiżjoni 2013/743/UE, rispettivament), kif ukoll l-applikazzjoni kummerċjali ta' attivitajiet ta' edukazzjoni għolja, riċerka u innovazzjoni appoġġati mill-EIT (il-Premessa 8 tar-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.49. F'termini tal-proċess baġitarju, permezz tad-dikjarazzjonijiet tal-programmi Orizzont 2020 jorbot aktar minn 90 % tal-baġit 2015 tiegħu mal-inizjattivi ewlenin differenti. Kważi nofs din is-somma (EUR 4,3 biljun minn EUR 9,5 biljun) ġiet allokata għal azzjonijiet relatati mal-inizjattiva ewlenija "Unjoni tal-Innovazzjoni".

3.50. Filwaqt li r-rabtiet bejn Orizzont 2020 u Ewropa 2020 huma stabbiliti għall-proċedura baġitarja, huma mhumiex riflessi fir-rappurtar dwar il-prestazzjoni relatat ma' Orizzont 2020. Il-leġiżlazzjoni dwar Orizzont 2020 tirrikjedi li l-monitoraġġ jinkludi informazzjoni dwar suġġetti trażversali, li wieħed minnhom huwa l-kontribut għall-inizjattivi ewlenin rilevanti kollha ta' Ewropa 2020 ([41]). Madankollu, ir-rapport annwali ta' monitoraġġ 2014 ta' Orizzont 2020 (ippubblikat f'April 2016) ma jindirizzax il-kontribut ta' Orizzont 2020 għall-inizjattivi ewlenin rilevanti. Ir-rabtiet ta' Orizzont 2020 u Ewropa 2020 se jiġu vvalutati biss fir-rapport ta' evalwazzjoni *interim* ta' Orizzont 2020, li huwa mistenni fl-2017. U matul is-snin li għaddew, l-ebda wieħed mir-rapporti ta' valutazzjoni (evalwazzjoni), tal-Kummissjoni, li huma meħtieġa taħt l-Artikolu 318 tat-TFUE, ma rrappurta dwar dan il-kontribut b'mod utli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.50.** *Ir-rabtiet bejn Orizzont 2020 u l-istrateġija Ewropa 2020 se jiġu vvalutati fid-dettall fl-Evalwazzjoni* Interim *ta' Orizzont 2020. L-Evalwazzjoni* Interim *ta' Orizzont 2020 se tivvaluta wkoll il-kwistjoni tal-ingranaġġ.*

*Il-Kummissjoni se tikkunsidra li l-Artikolu 31 tar-Regolament jistabbilixxi Orizzont 2020, li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport annwali ta' monitoraġġ, ma jirrikjedix li dan jindirizza l-kontribut ta' Orizzont 2020 għall-inizzjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020. Ir-Rapport ta' Monitoraġġ huwa rapport dwar l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 biss.*

*Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament li jistabbilixxi Orizzont 2020, il-kontribut ta' Orizzont 2020 għall-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 se jitqies fl-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020.*

*Ir-rapporti ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni skont Artikolu 318 tat-TFUE jistgħu jirrapportaw biss dwar il-kontribut ta' Orizzont 2020 għal Ewropa 2020 meta din l-informazzjoni tkun disponibbli wara l-evalwazzjoni* interim.

([41]) L-Artikolu 31 u 14 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Xi wħud mid-diffikultajiet inerenti ffaċċjati fl-evalwazzjoni *ex post* tal-FP7 jistgħu jippersistu wkoll għal Orizzont 2020**

3.51. Hemm diffikultajiet inerenti f'termini tat-twaqqit rigward l-evalwazzjonijiet tal-programmi qafas għar-riċerka. Il-programm qafas għal Orizzont 2020 jiddikjara li jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet jitwettqu "b'mod suffiċjentement fil-ħin sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet". Huwa diffiċli biex dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat fil-qasam tar-riċerka, fejn ir-riżultati u l-impatti jistgħu jibdew jidhru wara ħafna snin. Madankollu, il-leġiżlazzjoni tissettja dati ta' skadenza għal evalwazzjonijiet differenti: tipikament fir-raba' sena tal-programm qafas ta' seba' snin, tinħtieġ evalwazzjoni *interim* (l-2017 għal Orizzont 2020), u sentejn jew tliet snin wara tmiem il-programm (l-2023) tintalab evalwazzjoni *ex post*. Filwaqt li dawn id-dati ta' skadenza huma maħsuba biex jappoġġaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, ir-riskju huwa li huma jwasslu għal evalwazzjonijiet li ma jiddeskrivux b'mod adegwat ir-riżultati u l-impatti tal-programmi.

3.52. L-evalwazzjoni *ex post* tal-FP7 (2007-2013) ġiet iffinalizzata lejn tmiem l-2015, meta aktar minn nofs il-proġetti tal-FP7 kienu għadhom għaddejjin, u sentejn wara l-adozzjoni tal-programm suċċessur, Orizzont 2020. Din l-evalwazzjoni ġiet affettwata minn dewmien f'ħafna proġetti tal-FP7 u minħabba li l-obbligu tal-benefiċjarji li jirrappurtaw waqaf meta ntemmu l-proġetti. Barra minn hekk, il-ġbir tad-*data* għal xi wħud mill-indikaturi tal-prestazzjoni tal-FP7 waqaf fl-2013, meta ntemm il-perjodu tas-seba' programm kwadru.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.51-3.53.** *Il-Kummissjoni rrikonoxxiet id-diffikultà inerenti meta jiġu pprovduti evalwazzjonijiet sinifikanti fi żmien qafas perjodiku fiss ta' seba' snin għal kull programm qafas. Din hija r-raġuni għaliex l-evalwazzjoni* interim *ta' Orizzont 2020 se tinkludi valutazzjoni aġġornata tal-prestazzjoni ta' FP7. Dan se jnaqqas il-problemi identifikati.*

*Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll il-bżonn li l-ħtieġa li tipprovdi inputs fil-ħin dwar leġiżlazzjoni ġdida tkun imqabbla mal-ħtiġijiet li tevalwa l-effetti fit-tul tal-valur miżjud tal-infiq għar-riċerka. Dan huwa rifless fil-leġiżlazzjoni.*

*Il-Kummissjoni taqbel li evalwazzjoni* interim *ta' programm qafas tar-riċerka se taffaċċja xi diffikultajiet inerenti kemm f'termini ta' outputs kif ukoll f'termini ta' disponibbiltà tad-dejta. Madankollu, jekk dan jitħalla għal aktar tard, dan jista' jdewwem it-tagħlim ta' lezzjonijiet importanti li jistgħu jiġu vvalutati fl-istadju tal-evalwazzjoni* interim.

*Dan huwa rikonoxxut fil-leġiżlazzjoni, peress li ħafna mill-elementi speċifiċi fl-Artikolu 32(3) li l-evalwazzjoni* interim *hija mitluba tindirizza jistgħu jiġu vvalutati fi stadju relattivament bikri tal-programm, pereżempju li jiġu vvalutati:*

— *il-parteċipazzjoni ta' parteċipanti li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom infrastrutturi ta' riċerka ta' livell għoli jew li għandhom esperjenza fl-użu ta' stimi tal-ispejjeż globali (full-costing) fis-Seba' Programm Kwadru;*

— *is-simplifikazzjoni għall-parteċipanti li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom infrastrutturi ta' riċerka ta' livell għoli jew li għandhom esperjenza fl-użu ta' stimi tal-ispejjeż globali (full-costing) fis- fis-Seba' Programm Kwadru;*

— *kemm tintuża r-renumerazzjoni addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra, għalhekk, li l-leġiżlazzjoni u l-prattiki ta' evalwazzjoni jimmitigaw kemm jista' jkun id-diffikultajiet inerenti rikonoxxuti mill-Qorti.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.53. Għal Orizzont 2020, l-evalwazzjoni *interim* li għandha titwettaq fl-2017 se tiffaċċja limitazzjonijiet għaliex mhux se jkun hemm disponibbli riżultati sinifikattivi għal bosta indikaturi tal-prestazzjoni (ara l-paragrafu 3.31 hawn fuq). Inġenerali, l-evalwazzjoni għal Orizzont 2020 x'aktarx li tiġi affettwata min-nuqqasijiet identifikati fir-rappurtar tar-riżultati għas-sejħiet u l-programmi ta' ħidma (fejn id-*data* miġbura mill-proġetti ma tistax tiġi aggregata biex jingħata feedback dwar is-sejħiet u l-programmi ta' ħidma — ara l-paragrafi 3.33 to 3.38); u mid-diffikultà li l-Kummissjoni tiffaċċja fil-ġbir ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni mill-benefiċjarji wara l-għeluq tal-proġetti. Il-Kummissjoni tista' twettaq evalwazzjonijiet tal-impatt wara li jintemmu l-proġetti, iżda fil-każijiet li eżaminajna, aħna ma sibna l-ebda rekwiżit għall-benefiċjarji li jirrappurtaw wara l-għeluq tal-proġetti.

*Il-Kummissjoni mhux dejjem tuża l-kunċetti ewlenin tal-prestazzjoni b'mod konsistenti, bir-riskju li tiġi mminata s-sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni*

3.54. Il-***Figura 3.1*** tippreżenta d-diversi modi kif l-azzjoni tal-UE tista' twssal għal benefiċċji: "output", "riżultat" u "impatt". "Eżitu" jinkludi kemm riżultati kif ukoll impatti. Dawn it-termini jintużaw bħala parti mis-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar, tal-Kummissjoni, dwar il-prestazzjoni biex jiddefinixxu l-objettivi u l-indikaturi. Kwalunkwe inkonsistenza jew dgħufija fil-mod kif jintużaw it-termini tirriskja l-imminar ta' sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni.

3.55. Il-Kummissjoni tuża dawn it-termini b'mod wiesa', f'konformità ma' dawn id-definizzjonijiet ([42]). Madankollu, f'Orizzont 2020, ir-regoli għall-parteċipazzjoni mill-benefiċjarji jiddefinixxu riżultati bħala "kwalunkwe output tanġibbli jew intanġibbli tal-azzjoni, bħal *data*, għarfien jew informazzjoni li jiġu ġġenerati fl-azzjoni". Din id-definizzjoni normalment tiġi applikata għal "output" aktar milli għal "riżultat".

3.56. Inkonsistenza oħra fl-applikazzjoni ta' dawn it-termini f'Orizzont 2020 hija li, taħt il-leġiżlazzjoni, jenħtieġ li l-programmi ta' ħidma individwali li jixprunaw Orizzont 2020 jinkludu "riżultati mistennija" ([43]) filwaqt li l-kriterju użat fir regoli tal-parteċipazzjoni ([44]) huwa "impatti". Madankollu, it-terminoloġija użata mill-Kummissjoni fil-programmi ta' ħidma u s-sejħiet għal proposti hija "impatti mistennija".

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.53.** *Il-Kummissjoni tista' tiġbor flimkien informazzjoni biex tivvaluta t-23 indikatur stabbilit fil-bażi ġuridika, u din hija l-bażi tal-qafas ta' prestazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament Orizzont 2020:*

*"L-ewwel sett ta' indikaturi rilevanti tal-prestazzjoni għall-valutazzjoni tal-progress mal-objettiv ġenerali jinsab fl-[Anness tal-leġiżlazzjoni]".*

**3.55-3.57.** *L-adozzjoni tar-Regolamenti ta' Orizzont 2020 (Diċembru 2013) ippreċediet il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar (Mejju 2015). Dan wassal għal xi inkonsistenzi, kif ġie nnotat mill-Qorti. Mill-adozzjoni tal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, it-terminoloġija tar-Regolamentazzjoni Aħjar hija użata b'mod konsistenti fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' Orizzont 2020.*

([42]) Ara pereżempju, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2015) 111 final "Better Regulation Guidelines" (Linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar) tad-19 ta' Mejju 2015. Waħda mill-eċċezzjonijiet hija l-qasam tal-azzjoni esterna, fejn "riżultat" jintuża bħala terminu ġenerali biex ikopri l-output, l-eżitu u l-impatt; u "eżitu" huwa ddefinit bħala "bidla li tirriżulta minn intervent u li normalment tkun relatata mal-objettivi tiegħu" — definizzjoni normalment użata għal "riżultat" fi ħdan il-Kummissjoni.

([43]) Ara l-Artikolu 5, is-sitt paragrafu, tad-Deċiżjoni 2013/743/UE.

([44]) L-Artikolu 15(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.57. Ir-riżultati jkejlu l-effetti immedjati direttament attribwibbli għal azzjoni, u għaldaqstant huma ħafna aktar adatti bħala kriterji għall-għażla ta' proġetti mill-impatti, li huma fuq terminu itwal u jistgħu jinkludu elementi li ma jistgħux jiġu indirizzati fil-livell tal-proġetti.

3.58. Il-kampjun tagħna ta' ħames proġetti ta' Orizzont 2020 li għadhom għaddejjin juri li l-kunċett ta' "impatt mistenni" ġie interpretat b'mod differenti taħt id-diversi sejħiet. Benefiċjarju partikolari, għall-iskema tal-SMEs, kien meħtieġ jippreżenta analiżi tas-suq u pjan ta' direzzjoni tan-negozju. Dawn id-dokumenti kienu parti mill-proposta u ġew analizzati mill-evalwaturi għall-kriterju tal-impatt. Benefiċjarju ieħor ipprovda deskrizzjoni kwalitattiva fil-qosor tar-rabta bejn il-proġett u d-diversi impatti mistennija, bħal "Żieda fl-opportunitajiet ta' innovazzjoni għall-fornituri ta' servizzi, inklużi SMEs u amministrazzjonijiet pubbliċi". It-tielet benefiċjarju ddeskriva l-benefiċċji ta' protokoll ġdid ta' trattament li kieku jsir disponibbli b'riżultat tal-proġett, u kkonferma li jenħtieġ li r-riżultati jikkontribwixxu għall-impatt iddefinit fis-sejħa rilevanti. L-interpretazzjoni diversa ta' "impatt mistenni" fis-sejħiet, u l-modi differenti li l-benefiċjarji sabu biex jiġġustifikaw il-kontribut tagħhom, joħolqu r-riskju ta' valutazzjoni inadegwata tal-prestazzjoni tal-proġetti b'rabta mal-għanijiet kumplessivi tas-sejħiet u tal-programmi ta' ħidma.

3.59. Problema oħra li tirriżulta min-nuqqas ta' ċarezza mill-Kummissjoni f'dan il-qasam hija li xi wħud mill-indikaturi ddeskrivew indikaturi tar-riżultati jew tal-impatt li fil-verità jittrattaw l-input u l-output, u għalhekk jillimitaw l-abbiltà tal-Kummissjoni li tivvaluta l-prestazzjoni. Xi wħud mill-eżempji ta' kif dawn ir-riskji ġew materjalizzati jinsabu fil-***Figura 3.4***.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.58.** *Il-ħtieġa li jissaħħu d-dikjarazzjonijiet tal-impatt mistenni ġiet identifikata bħala kwistjoni għat-tieni programm ta' ħidma u l-gwida attwali ġiet imtejba. Il-kwalità tal-proċess ta' evalwazzjoni se tiżgura li jingħażlu l-aħjar proġetti.*

*Rigward il-benefiċjarju li ġie mitlub jippreżenta analiżi tas-suq u pjan ta' direzzjoni tan-negozju, dan japplika huwa għall-iskema tal-SMEs u l-analiżi tas-suq u l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju huma kondizzjonijiet għall-għotja.*

*L-enfasi ta' Orizzont 2020 hija fuq l-innovazzjoni u fuq impatti fuq terminu twil. Din hija r-raġuni għaliex l-"impatt mistenni" intuża għas-sejħiet, u jiġi vvalutat waqt l-evalwazzjonijiet. L-użu tal-kelma "riżultati" fil-leġiżlazzjoni jirriżulta għax il-leġiżlazzjoni ta' Orizzont 2020 ppreċediet il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar.*

*Il-kontribut ta' proġetti f'oqsma differenti huwa vvalutat bl-użu ta' firxa ta' indikaturi stabbiliti fl-atti ġuridiċi ta' Orizzont 2020 u f'dokumenti oħra. U l-indikaturi huma biss sors ta' informazzjoni. F'każ tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni tuża firxa wiesgħa ta' dejta biex tivvaluta dawn (e.ż. permezz ta' studji esterni, stħarriġ, studji ta' każijiet, analiżi kontrofattwali eċċ.).*

**3.59.** *L-indikaturi stabbiliti fir-Regolament ikopru l-input, l-output, ir-riżultati u l-impatti. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-monitoraġġ ta' dawn l-indikaturi, bl-appoġġ tal-evalwazzjoni, se jipprovdi bażi tajba li fuqha tivvaluta l-prestazzjoni.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Figura 3.4 — Użu inkonsistenti tal-indikaturi**

Kif huwa nnutat fil-paragrafu 3.28, hemm 23 indikatur ewlieni tal-prestazzjoni ta' Orizzont 2020 "għall-valutazzjoni tar-riżultati u l-impatti tal-objettivi speċifiċi ta' Orizzont 2020". Minn dawn l-indikaturi, sebgħa huma marbutin ma' pubblikazzjonijiet, bħal "Tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali (LEIT) — Għadd ta' pubblikazzjonijiet pubbliċi privati konġunti". Il-kisba tal-outputs ta' dan it-tip tista' tkun objettiv validu tal-programm, iżda indikaturi tal-pubblikazzjoni bħal dawn la jkejlu r-riżultati u lanqas l-impatt.

Barra minn hekk, hemm erba' indikaturi oħra li huma marbutin mal-output aktar milli mar-riżultat jew mal-impatt. Eżempji jinkludu "Aċċess għall-finanzjament ta' riskju — Investimenti totali mmobilizzati minn investimenti permezz tal-finanzjament tad-dejn u l-kapital ta' riskju" u l-"Perċentwal tal-fondi kumplessivi tal-isfida tal-Enerġija allokati għall-attivitajiet ta' riċerka li ġejjin: l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija mill-utent, in-netwerks intelliġenti tal-enerġija u l-attivitajiet tal-ħżin tal-enerġija".

Aħna rrappurtajna wkoll dwar din il-kwistjoni fil-Kapitolu 3 tar-Rapport Annwali tas-sena li għaddiet, fil-kuntest tal-fondi SIE ([45]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 3.4 — Użu inkonsistenti ta' indikaturi***

*Il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar stabbilew definizzjoni standard ta' dawn it-termini u issa dawn id-definizzjonijiet se jiġu applikati b'mod konsistenti.*

*Filwaqt li l-pubblikazzjonijiet fihom infushom huma outputs, il-Kummissjoni tikkunsidra li f'ċertu każijiet jistgħu jkunu indikaturi tar-riżultat, pereżempju, pubblikazzjonijiet f'ġurnali evalwati bejn il-pari.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-qafas ta' prestazzjoni tagħha, u speċjalment l-indikaturi użati għal Orizzont 2020, jipprovdu bilanċ adegwat bejn id-diversi tipi ta' indikaturi. F'dan il-bilanċ, ċertu għadd ta' indikaturi tal-input huwa aċċettabbli sabiex jiġi żgurat li l-prijoritajiet differenti jiġu vvalutati b'mod adegwat.*

## PARTI 2 — IPPJANAR U RAPPURTAR DWAR IL-PRESTAZZJONI FIL-LIVELL TAD-DIRETTORATI ĠENERALI: IL-FAMILJA "RIŻORSI NATURALI"

3.60. Din il-parti tal-kapitolu tkopri r-rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-livell tad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni. Aħna analizzajna d-dikjarazzjonijiet ta' programm 2015 ([46]), il-pjanijiet ta' ġestjoni ([47]) u r-rapporti annwali tal-attività ([48]) ta' erba' Direttorati Ġenerali ([49]), ibbażati fuq rekwiżiti stipulati fir-Regolament Finanzjarju, l-istandards ta' kontroll intern tal-Kummissjoni u l-istruzzjonijiet interni tagħha relatati mal-pjanijiet ta' ġestjoni u r-rapporti annwali tal-attività.

([45]) Ir-Rapport Annwali 2014, il-paragrafi 3.49 sa 3.56.

([46]) COM(2014) 300 final tal-24 ta' Ġunju 2014, "Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015". Id-dikjarazzjonijiet tal-programmi jinkludu, għal kull programm ta' nfiq, objettivi appoġġati minn indikaturi u miri, li mbagħad jenħtieġ li jintużaw fil-pjanijiet ta' ġestjoni u fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali.

([47]) Kull DĠ jistabbilixxi l-pjanijiet ta' ġestjoni annwali biex jikkonkretizza l-istrateġija fuq terminu twil tiegħu f'objettivi ġenerali u speċifiċi, u biex jippjana u jimmaniġġja l-attivitajiet tiegħu lejn l-ilħuq ta' dawk l-objettivi.

([48]) Rapport annwali tal-attività huwa rapport ta' ġestjoni li jagħti rendikont tal-ilħuq tal-objettivi ewlenin tal-politika u tal-attivitajiet prinċipali. Għal dan il-kapitolu, aħna neżaminaw il-Parti 1 tar-RAA dwar ir-riżultati miksuba u dwar il-punt sa fejn ir-riżultati kellhom l-impatt intenzjonat.

([49]) Id-DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp rurali (AGRI), id-DĠ għall-Azzjoni Klimatika (CLIMA), id-DĠ għall-Ambjent (ENV) u d-DĠ għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (MARE).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.61. Skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Pjan ta' Ġestjoni 2015, id-Direttorati Ġenerali għandhom jistabbilixxu objettivi ġenerali b'indikaturi tal-impatt (fuq terminu twil) u objettivi speċifiċi b'indikaturi tar-riżultati (fuq terminu qasir/medju). Skont ir-Regolament Finanzjarju, l-objettivi tad-Direttorati Ġenerali għandhom ikunu SMART ([50]).

3.62. F'konformità mal-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti b'rabta ma' Direttorati Ġenerali oħra, aħna sibna li, għall-erba' Direttorati Ġenerali analizzati kollha, ħafna mill-objettivi (ġenerali u speċifiċi) użati fil-pjanijiet ta' ġestjomi u fir-rapporti annwali tal-attività kienu ttieħdu direttament minn dokumenti ta' politika jew dokumenti leġiżlattivi, u għaldaqstant kienu f'livell għoli wisq biex ikunu utli bħala strumenti ta' ġestjoni (ara l-***Figura 3.5***).

**Figura 3.5 — Eżempji ta' objettivi li mhumiex adatti għal finijiet ta' ġestjoni**

Id-*DĠ CLIMA*: L-objettiv "Jiġi żgurat investiment għal kwistjonijiet relatat mal-klima" mhuwiex speċifiku peress li ma jindikax il-volum tal-investiment li għandu jiġi żgurat, u mhuwiex marbut biż-żmien peress li ma hemm l-ebda data ta' skadenza biex jintlaħaq.

Id-*DĠ ENV*: "It-trasformazzjoni tal-UE f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva" huwa ssettjat bħala objettiv speċifiku. Huwa ma jiddefinix eżattament xi jfissru t-termini użati, u lanqas ma jiddikjara kif ikun tajjebi li jintlaħaq l-objettiv.

3.63. B'kollox analizzajna 19-il objettiv li minnhom 4 biss issodisfaw il-kriterji "SMART" kollha. Dan ir-riżultat huwa simili għal dak li sibna fis-snin preċedenti. Filwaqt li l-objettivi eżaminati kienu rilevanti għall-qasam ta' politika li fih joperaw id-Direttorati Ġenerali, f'ħafna każijiet l-indikaturi li jakkumpanjaw l-objettiv ma jkejlux l-aspetti kollha b'mod eżawrjenti fil-livell xieraq.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.62.** *Mill-osservazzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-pjanijiet ta' ġestjoni għall-2015, il-Kummissjoni introduċiet bidliet fiċ-ċiklu tal-SPP, l-aktar biex tipprovdi qafas aktar ċar għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni u għas-servizzi tagħha. Permezz tal-approċċ il-ġdid, id-dokumenti ta' ippjanar mill-2016 huma maħsuba li jkunu aktar simplifikati u ffokati fuq il-prijoritajiet tal-Kummissjoni u l-kompetenzi tad-DĠs, filwaqt li jgħinuhom jistabbilixxu l-prijoritajiet u jirrakkontaw storja ta' prestazzjoni koerenti b'distinzjoni ċara bejn l-attribuzzjoni (għar-riżultati u l-outputs li huma konsegwenza diretta tal-attivitajiet tas-servizzi tal-Kummissjoni) u l-kontribut (fejn l-attivitajiet tas-servizzi tal-Kummissjoni jilagħbu parti fit-twettiq ta' ċertu riżultat jew impatt) għal politika tal-UE ta' livell għoli u għar-riżultati ta' programmi ta' nfiq.*

*Il-Pjan Strateġiku jintroduċi approċċ ġdid li jbiddel l-enfasi minn ippjanar fuq żmien qasir għal perspettiva strateġika fit-tul li tgħin lid-DĠs jallinjaw l-objettivi speċifiċi tagħhom mal-objettivi fuq żmien twil iddefiniti mill-Kummissjoni. L-outputs ippjanati għal kull Direttorat Ġenerali għas-sena li jmiss huma elenkati fil-Pjan ta' Ġestjoni.*

***Figura 3.5 — Eżempji ta' objettivi li mhumiex tajbin għal skopijiet ta' ġestjoni***

*DĠ CLIMA — L-ammont u l-iskadenza huma ddefiniti b'mod impliċitu bħala l-objettiv u l-indikaturi tal-kejl jirrigwardaw b'mod ċar is-(sottoprogramm tal-azzjoni klimatika) tal-Programm LIFE 2014-2020.*

*DĠ ENV —Il-Kummissjoni tinnota li l-mod kif jinkiseb dan l-objettiv huwa stabbilit fil-paġni 9 u 10 tal-Pjan Strateġiku għall-2016-2020 tad-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent u li l-indikaturi biex ikejlu l-progress huma stabbiliti fil-paġni 19 sa 21 tal-istess dokument.*

([50]) L-Artikolu 30(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.64. L-għażla tal-indikaturi għandha tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet bħar-rilevanza, kemm jistgħu jitkejlu, u d-disponibbiltà ta' *data* dwar il-prestazzjoni li tkun f'waqtha u affidabbli. Sa fejn ikun possibbli, l-indikaturi għandhom jissodisfaw il-kriterji "RACER" ([51]). L-indikaturi li jkejlu eżiti li fuqhom id-Direttorati Ġenerali għandhom influwenza limitata, għandhom ikunu kkomplementati b'indikaturi oħra li jkejlu l-attivitajiet tad-Direttorati Ġenerali direttament.

3.65. L-erba' Direttorati Ġenerali kollha għandhom mill-inqas indikatur wieħed tal-prestazzjoni għal kull objettiv biex jgħin lill-maniġment jimmonitorja, jevalwa u jirrapporta dwar il-kisbiet. Mit-58 indikatur fid-Direttorati Ġenerali li eżaminajna, 28 issodisfaw il-kriterji RACER kollha. Dan huwa titjib meta mqabbel ma' dak li rrappurtajna fis-snin preċedenti. Madankollu, bħal fis-snin preċedenti, aħna identifikajna xi nuqqasijiet fl-indikaturi li qed jintużaw (ara l-***Figura 3.6***).

**Figura 3.6 — Eżempju ta' problemi bl-indikaturi**

Indikaturi ppreżentati bħala indikaturi tar-riżulati iżda minflok kienu orjentati lejn l-input, pereżempju fId-DĠ AGRI: "Investiment totali fil-produzzjoni tal-enerġija rinovabbli" — Dan l-indikatur ikejjel l-attività li tiġi realizzata direttament mill-intervent minflok ma jiffoka fuq iż-żieda fl-enerġija rinovabbli li tirriżulta mill-investiment.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 3.6 — Eżempji ta' problemi b'indikaturi***

*Dan l-indikatur jikkunsidra mhux biss l-input tal-FAEŻR iżda wkoll il-kontribuzzjonijiet nazzjonali u privati tal-operazzjoni. Għalhekk, huwa jipprovdi indikazzjoni tal-effetti skattanti tal-kontribuzzjonijiet tal-UE/nazzjonali fuq kontribuzzjonijiet privati f'operazzjonijiet li jindirizzaw direttament l-objettiv tal-enerġija rinovabbli. L-objettiv kwantifikat tal-2023 huwa mwaqqaf* ex-ante *mill-Istati Membri abbażi ta' analiżi tal-bżonnijiet tal-qasam ta' programmar u hija intiża li tinkiseb permezz ta' strateġija konsistenti. Barra minn hekk, u fuq kollox, dan l-indikatur huwa kkomplementat mill-indikatur tar-riżultat "enerġija rinnovabbli prodotta minn proġetti appoġġati" li għandu jitkejjel minn evalwaturi fl-2017, 2019 u l-evalwazzjoni ex-post (2024). Meħuda flimkien, iż-żewġ indikaturi se jipprovdu stampa ċara tar-riżultati miksuba.*

([51]) Rilevanti, aċċettati, kredibbli, faċli u robusti: "Part III: Annexes to impact assessment guidelines" (Parti III: Annessi għal-linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt) (Il-Kummissjoni Ewropea, il-15 ta' Jannar 2009 — http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/commission_guidelines/docs/iag_2009_annex_en.pdf).

## PARTI 3 — RIŻULTATI TAL-AWDITU TAL-QORTI DWAR IL-PRESTAZZJONI

### Rapporti speċjali 2015 u output ieħor dwar il-prestazzjoni

3.66. Ir-rapporti speċjali tagħna jeżaminaw jekk il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba jiġux applikati għall-infiq tal-UE. Fi ħdan il-qafas tal-istrateġija tagħna għall-perjodu 2013-2017 ([52]), kull sena aħna nidentifikaw għadd ta' prijoritajiet biex ikun hemm fokus fuqhom ([53]). Aħna nagħżlu s-suġġetti għal rapporti speċjali abbażi ta' firxa ta' kriterji, bħal-livell ta' introjtu jew l-infiq involut, ir-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tajba u l-grad ta' interess tal-partijiet interessati. Fl-2015 adottajna ([54]) 25 rapport speċjali, kif elenkati fl-***Anness 3.1***.

3.67. L-approċċ tagħna għall-awditu tal-prestazzjoni naturalment jevolvi biex jirrifletti ċ-ċirkustanzi dejjem jinbidlu li fihom topera l-UE. F'dan ir-rapport, aħna niġbdu l-attenzjoni għal xi wħud mill-modi li bihom ir-Rapporti Speċjali 2015 tagħna jieħdu kont ta' dawn il-bidliet: l-iżvilupp ta' sensiela ta' rapporti li jeżaminaw aspetti differenti tal-kriżi finanzjarja; sensiela ta' rapporti dwar il-problema kronika tal-qgħad fost iż-żgħażagħ; u r-reazzjoni tagħna għall-iżviluppi fit-tibdil fil-klima u fl-ambjent.

#### *Ir-reazzjoni tal-UE għall-kriżi finanzjarja*

3.68. Il-kriżi finanzjarja u aktar tard il-kriżi tad-dejn sovran li bdiet fil-perjodu 2007-2008 kellha konsegwenzi estensivi għall-Ewropa, u l-Istati Membri tal-UE u l-Unjoni fl-intier tagħha ħadu għadd ta' passi b'reazzjoni għal dan ([55]).

---

([52]) Disponibbli fuq is-sit web tagħna, http://eca.europa.eu

([53]) Ara pereżempju l-prijoritajiet għall-2016, fuq http://www.eca.europa.eu/mt/Pages/home_wp2016.aspx

([54]) Adottat ifisser approvat għall-pubblikazzjoni.

([55]) Ara l-Analiżi Panoramika 2014 tal-Qorti: "Nagħmlu l-aħjar użu minn flus l-UE: analiżi panoramika tar-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE", il-paragrafi 9 sa 11 (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.69. Fl-2015, aħna ppubblikajna tliet rapporti speċjali f'dan il-qasam. Ir-rapport tagħna dwar l-assistenza finanzjarja pprovduta lil pajjiżi li jinsabu f'difikultajiet kien analiżi komprensiva tal-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-assistenza finanzjarja pprovduta lil ħames Stati Membri: l-Ungerija, il-Latvja, ir-Rumanija, l-Irlanda u l-Portugall ([56]). Il-konklużjonijiet tagħna kienu estensivi, u ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li, qabel il-kriżi, xi sinjali ta' twissija ma ġewx innutati mill-Kummisjoni, bir-riżultat li hija sabet li ma kinitx imħejjija meta bdew jaslu talbiet għal assistenza finanzjarja. Il-prestazzjoni tal-Kummissjoni fil-mobilizzazzjoni, li kien hemm wara, ta' riżorsi biex tiġi indirizzata l-kriżi kienet imħallta, għalkemm il-Kummissjoni, b'mod ġenerali, irnexxielha toħroġ dejn f'isem l-UE biex tissodisfa l-ħtiġijiet finanzjarji. L-impatt tal-azzjoni mill-Kummisjoni kien li l-Istati Membri fil-biċċa l-kbira ssodifaw il-miri tagħhom tad-defiċit u, b'mod ġenerali, komplew bir-riformi li kienu ġew xprunati mill-kundizzjonijiet tal-programmi. Aħna għamilna disa' rakkomandazzjonijiet, li jkopru l-aspetti kollha ta' din il-kwistjoni.

3.70. Il-Greċja kienet wieħed mill-Istati Membri l-aktar assoċjati mal-kriżi finanzjarja. Għalhekk, aħna ppubblikajna rapport li jiffoka speċifikament fuq l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni biex tgħin lill-Greċja timplimenta r-riforma finanzjarja ([57]). Aħna kkonkludejna li l-korp imwaqqaf mill-Kummissjoni biex iwassal l-appoġġ tagħha, it-"Force għall-Greċja", kien, b'mod ġenerali, kiseb il-mandat tiegħu fit-twassil ta' assistenza f'konformità mar-rekwiżiti tal-programmi ta' aġġustament ekonomiku għall-Greċja. Madankollu, kien hemm nuqqasijiet u riżultati mħallta f'termini tal-influwenza tiegħu fuq il-progress tar-riformi.

3.71. Ir-rwol tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu assuma sinifikat akbar b'riżultat tal-kriżi, li wassal għat-twaqqif tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) fl-2011. Għalhekk, ir-rapport tagħna dwar is-superviżjoni tal-awtoritajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mill-UE ([58]) kienet kontribut importanti għal ġestjoni aktar effettiva f'dan il-qasam. Aħna kkonkludejna li, f'perjodu ta' żmien qasir, l-ESMA kienet stabbiliet pedamenti tajbin għat-twettiq tar-rwol superviżorju tagħha, iżda li kien għad hemm lok għal titjib, pereżempju, fil-kjarifika ta' kriterji metodoloġiċi u fl-adegwatezza tal-istatistika fil-qosor iddivulgata u l-kontrolli mwettqa relatati mad-*data* rrappurtata fir-repożitorju online tal-ESMA.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.69.** *Il-kobor u n-natura tal-kriżi finanzjarja tal-2007-2008 kienu mingħajr preċedent. Il-kriżi wriet li l-qafas ta' sorveljanza li kien jeżisti qabel il-kriżi ma kienx suffiċjenti biex jiġi identifikat ir-riskju fil-pożizzjonijiet fiskali sottostanti fi żminijiet ta' kriżi ekonomika bla preċedent. Hija enfasizzat il-ħtieġa għal approċċ aktar wiesa' tal-monitoraġġ fis-settur bankarju u għal makroeknomija aktar wiesgħa. Fil-punt meta l-pajjiżi applikaw għall-assistenza, kien qed isir monitoraġġ minn wara l-kwinti ta' sitwazzjoni li kienet qed tiddeterjora u l-Kummissjoni kienet f'kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali. Ir-reazzjoni għall-kriżi kienet immedjata u komprensiva. Minkejja r-restrizzjonijiet akuti fir-riżorsi tal-persunal u fażi iebsa ta' tagħlim, il-Kummissjoni rnexxielha tissodisfa l-obbligi kollha tal-ġestjoni tal-programm il-ġdid tagħha, mhux biss fil-ħruġ ta' dejn biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' finanzjament fil-każijiet kollha. Dan huwa rikonoxxut mill-Qorti, li tikkwalifikah bħala kisba. Il-programmi kollha kisbu l-objettivi ekonomiċi ewlenin tagħhom. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar iffokaw fuq l-aspetti tal-proċess, tat-teħid ta' deċiżjonijiet u taż-żamma tar-rekords tal-ġestjoni tal-programm tal-Kummissjoni u l-Kummissjoni aċċettat, jew aċċettat b'mod parzjali, ir-rakkomandazzjonijiet kollha.*

**3.70.** *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-impatt tal-Assistenza Teknika fuq il-progress ġenerali tar-riformi kien imħallat. Jinħtieġ li dan jitqies fil-kuntest politiku usa' u b'kunsiderazzjoni għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. L-implimentazzjoni tar-riformi (strutturali) kienet u tibqa' r-responsabbiltà tal-awtoritajiet Griegi, filwaqt li t-"Task Force għall-Greċja" kienet disponibbli biex tagħti pariri u tassisti lill-awtoritajiet Griegi fejn mitlub.*

([56]) Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2015, "Assistenza finanzjarja pprovduta lil pajjiżi li jinsabu f'diffikultajiet" (http://eca.europa.eu).

([57]) Ir-Rapport Speċjali Nru 19/2015, "Jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għar-riżultati biex jitjieb it-twassil tal-assistenza teknika lill-Greċja" (http://eca.europa.eu).

([58]) Ir-Rapport Speċjali Nru 22/2015 "Is-superviżjoni tal-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu mill-UE — stabbilita tajjeb iżda għadha mhix kompletament effettiva" (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Qgħad fost iż-żgħażagħ*

3.72. Il-qgħad kroniku fost iż-żgħażagħ huwa problema kbira f'għadd ta' Stati Membri, u kien kwistjoni li aħna identifikajna bħala waħda mill-prijoritajiet għall-ħidma tagħna fl-2015. B'rispons għal dan, fl-2013, il-Kunsill irrakkomanda li tiġi stabbilita "Garanzija għaż-Żgħażagħ" mill-Istati Membri, permezz ta' kombinament ta' finanzjament mill-UE u finanzjament nazzjonali. Taħt il-Garanzija, iż-żgħażagħ huma mistennija jsibu offerta ta' xogħol "ta' kwalità tajba" jew taħriġ biex jgħinhom isibu impjieg fil-futur, fi żmien erba' xhur minn meta jtemmu l-edukazzjoni jew minn meta jitilfu x-xogħol. Fir-rapport tagħna dwar dan is-suġġett ([59]), aħna sibna li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet appoġġ f'waqtu u xieraq lill-Istati Membri fl-istabbiliment tal-iskemi ta' garanzija tagħhom, iżda ġibdet l-attenzjoni għal tliet riskji potenzjali li jistgħu jaffettwaw is-suċċess tal-iskemi: l-adegwatezza tal-finanzjament totali, kif għandha tiġi ddefinita offerta ta' kwalità tajba, u l-monitoraġġ u r-rappurtar tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati.

3.73. Aħna ġejna lura għal din il-kwistjoni fir-rapport tagħna aktar tard fl-2015, dwar l-appoġġ mill-Kummissjoni għat-timijiet ta' azzjoni għaż-żgħażagħ ([60]), inizjattiva li laqqgħet flimkien esperti nazzjonali u esperti tal-Kummissjoni fit-tmien Stati Membri bl-ogħla livelli ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ([61]). Aħna kkonkludejna li l-effettività tal-appoġġ ta' konsulenza pprovdut mill-Kummissjoni lill-Istati Membri fir-rigward tat-timijiet ta' azzjoni għaż-żgħażagħ kienet limitata bil-livell u l-kwalità ta' informazzjoni li kienet disponibbli lilha, dwar kif miżuri eżistenti tal-FSE jew dawk nazzjonali għal żgħażagħ qiegħda qed jaħdmu fil-prattika. Barra minn hekk, il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-emendi proposti mill-Istati Membri għall-programmi tagħhom ffukat prinċipalment fuq aspetti baġitarji aktar milli fuq li jsir l-aħjar użu tal-fondi mill-FSE għad-dispożizzjoni tagħhom.

([59]) Ir-Rapport speċjali Nru 3/2015, "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-UE: ittieħdu l-ewwel passi iżda hemm riskji fil-ġejjieni għall-implimentazzjoni" (http://eca.europa.eu).

([60]) Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2015, "Appoġġ mill-Kummissjoni għat-timijiet ta' azzjoni għaż-żgħażagħ: ir-riorjentament tal-finanzjament mill-FSE nkiseb, iżda ma kienx hemm fokus suffiċjenti fuq ir-riżultati" (http://eca.europa.eu).

([61]) L-Irlanda, il-Greċja, Spanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall u s-Slovakkja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.72.** *Rigward it-tliet riskji potenzjali li jistgħu jaffettwaw is-suċċess tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ identifikati mill-Qorti, il-Kummissjoni taqbel u tixtieq tinnota li:*

— *l-investiment f'Garanzija għaż-Żgħażagħ huwa kruċjali għall-UE biex tippreserva l-potenzjal ta' tkabbir futur tagħha. Appoġġ finanzjarju sinifikanti tal-UE huwa diġà disponibbli, iżda sabiex il-Garanzija għaż-Żgħażagħ issir realtà, jinħtieġ ukoll li l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-miżuri ta' impieg għaż-żgħażagħ fil-baġits nazzjonali tagħhom;*

— *il-"kwalità tajba" hija element kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Garazija għaż-Żgħażagħ. Il-Kummissjoni se tkompli tħeġġeġ ir-riflessjoni rigward offerti ta' "kwalità tajba" u tkompli tipprovdi gwida għall-Istati Membri.*

— *kien meħtieġ eżerċizzju twil ta' bini ta' kunsens biex jiġi definit qafas ta' monitoraġġ komuni. L-attivitajiet ta' monitoraġġ se jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ taħt Semestri Ewropej futuri u għar-rapport tagħha tal-2016 dwar l-implimentazzjoni tal-iskema lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill permezz ta' kanali adegwati.*

**3.73.** *Il-Kummissjoni użat l-istrumenti kollha disponibbli għaliha b'mod proattiv, meta wieħed jikkunsidra l-qafas ġuridiku fis-seħħ, biex tikseb l-objettivi tal-inizjattiva tal-YATs u biex tirrapporta dwarhom.*

*Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-inizjattiva tal-YAT laħqet l-aspettattivi politiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Jannar 2012. L-objettiv ewlieni tal-YATs konġunti, inizjattiva ad hoc u puntwali, kien li jiġu mobilizzati l-istrumenti nazzjonali u tal-UE, fosthom il-Fondi Strutturali, u li jiġu diskussi r-riformi ta' politika li għandhom jiġu inklużi fi pjanijiet ta' impjiegi għaż-żgħażagħ. It-timijiet kienu maħsuba biex "jagħmlu ħoss" permezz ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni fl-ogħla livell politiku, joħolqu sens ta' urġenza u jagħtu direzzjoni aktar b'saħħitha filwaqt li ma joħolqux proċeduri amministrattivi jew/u ġuridiċi addizzjonali.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*L-ambjent, l-enerġija u t-tibdil fil-klima*

3.74. L-ambjent u t-tibdil fil-klima, flimkien mal-implikazzjonijiet tiegħu għall-politiki tal-UE f'għadd ta' oqsma oħra, bħall-agrikoltura u l-enerġija, huwa wieħed mill-isfidi globali fil-mira tal-istrateġija 2013-2017 tagħna. Għalhekk, ir-rapport tagħna dwar impjanti tat-trattament tal-ilma mormi ffinanzjati mill-UE, li jinsabu fil-baċin tax-Xmara Danubju, eżamina jekk l-appoġġ mill-UE kienx qed jgħin lill-Istati Membri jilħqu l-objettivi tagħha għall-politika tal-ilma mormi ([62]) — element ewlieni ta' politika ambjentali ta' suċċess. Aħna kkonkludejna li filwaqt li l-appoġġ finanzjarju mill-UE kien kellu rwol importanti fl-avvanz tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi, dan ma kienx biżżejjed biex jintlaħqu d-dati ta' skadenza rilevanti.

3.75. Rapport ieħor aktar tard fl-2015 imbagħad eżamina aspett differenti tal-kwalità tal-ilma fil-baċin tax-Xmara Danubju: il-progress li sar mill-istess erba' Stati Membri fl-issodisfar tar-rekwiżiti tad-direttiva qafas dwar l-Ilma ([63]), li l-objettiv prinċipali tagħha mis-sena 2000 'il hawn kien li tinkiseb kwalità tajba tal-ilma sal-2015 (b'xi eċċezzjonijiet possibbli). Aħna kkonkludejna li l-implimentazzjoni ta' miżuri kofinanzjati mill-UE kienet wasslet għal ftit li xejn titjib fil-kwalità tal-ilma. Tabilħaqq, filwaqt li l-introduzzjoni tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara bħala għodda għall-immaniġġjar integrat tal-ilma kienet punt tajjeb tad-direttiva, fil-prattika, il-pjanijiet tal-Istati Membri batew minn nuqqasijiet fl-identifikazzjoni ta' pressjonijiet ta' tniġġis u fid-definizzjoni ta' miżuri ta' rimedju.

3.76. Fuq tema differenti, aħna eżaminajna l-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (ETS) ([64]). Din hija pilastru essenzjali tal-politika tal-UE għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u hija maħsuba biex tippromwovi tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti. Aħna sibna li l-ġestjoni tal-iskema mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri ma kinitx adegwata fl-aspetti kollha. Hija kienet imxekkla minn xi kwistjonijiet relatati mar-robustezza tal-qafas għall-protezzjoni tal-integrità tagħha, bħan-nuqqas ta' sorveljanza tas-suq tal-emissjonijiet fil-livell tal-UE, u minn dgħufijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-iskema fil-perjodu 2008-2012, wara l-fażi inizjali ta' tħejjija.

([62]) Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2015, "Finanzjament mill-UE ta' impjanti tat-Trattament tal-Ilma Urban Mormi fil-baċin tax-Xmara Danubju: aktar sforzi huma meħtieġa biex l-Istati Membri jingħataw għajnuna sabiex jilħqu l-objettivi tal-UE għall-politika tal-ilma mormi" (http://eca.europa.eu). L-Isttai Membri koperti minn dan l-awditu kienu r-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

([63]) Ir-Rapport Speċjali Nru 23/2015, "Il-kwalità tal-ilma fil-baċin tax-Xmara Danubju: sar progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma iżda għad fadal xi jsir" (http://eca.europa.eu).

([64]) Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2015, "L-integrità u l-implimentazzjoni tal-EU ETS" (http://eca.europa.eu).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.76.** *Il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli ttejjeb l-EU ETS; hija se tindirizza n-nuqqasijiet identifikati mill-awdituri. Se jiġu implimentati għadd ta' rakkomandazzjonijiet minn Stati Membri.*

*Diversi punti nnotati mill-QEA kienu speċifiċi għall-perjodu 2008-12 (il-fażi 2) u diġà ġew indirizzati fir-regoli kurrenti għall-perjodu 2013-2020 (il-fażi 3).*

*Mir-rapport tal-awditjar, kien hemm proposta leġiżlattiva ġdida dwar l-ETS* ([2]) *(l-implimentazzjoni tal-objettivi klimatiċi u tal-enerġija għall-2030 segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014).*

([2]) *Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Lulju 2015, li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.77. Aħna ppubblikajna wkoll rapport dwar is-sigurtà al-provvista tal-enerġija u l-iżvilupp tas-suq intern tal-enerġija tal-UE ([65]). Aħna sibna li l-objettiv tal-UE li s-suq intern tal-enerġija jiġi kkompletat sal-2014 ma kienx intlaħaq. B'mod ġenerali, l-infrastruttura tal-enerġija fl-Ewropa mhijiex imfassla tajjeb għal swieq kompletament integrati u għaldaqstant attwalment ma tipprovdix sigurtà effettiva tal-provvista tal-enerġija. L-appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE fil-qasam tal-infrastruttura tal-enerġija kellu biss kontribut limitat għas-suq intern tal-enerġija u għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.77.** *Il-Kummissjoni qed tieħu passi konkreti biex tneħħi l-ostakli tas-suq li fadal għas-suq intern tal-enerġija, b'mod partikolari permezz ta' oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali li jinvolvu Stati Membri differenti u fil-kuntest tat-tħejjija tal-Inizjattiva tad-Diżinn tas-Suq tagħha. Fir-rigward tal-infrastruttura, huwa importanti li wieħed jinnota, li:*

(a) *l-infrastruttura tal-enerġija hija mistennija li tkun iffinanzjata mis-suq, jiġifieri tariffi tal-utent approvati minn regolaturi indipendenti; sostenn finanzjarju mill-baġit tal-UE, għalhekk, għandu jkun l-eċċezzjoni aktar milli r-regola.*

(b) *meta s-sostenn finanzjarju ta' dan ikun ġie allokat, is-sigurtà tal-provvista spiss ġiet imtejba b'mod sinifikanti. Eżempju tajjeb ta' dan huwa dak tal-Istati Baltiċi fejn is-sostenn kemm mill-EEPR kif ukoll mis-CEF għal proġetti ewlenin mhux biss żied is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, iżda għen ukoll biex iqarreb il-prezzijiet tal-operaturi aktar lejn xulxin.*

## Is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti speċjali

3.78. Is-segwitu li aħna nagħtu għar-rapporti tal-awditjar tal-prestazzjoni tagħna huwa element essenzjali fiċ-ċiklu tal-obbligu ta' rendikont u jgħin biex inħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tagħna.

3.79. Fir-Rapport Speċjali tagħna tal-2016 dwar l-eżerċizzju ta' segwitu għall-2014 ([66]), aħna għamilna għadd ta' rakkomandazzjonijiet, fejn issuġġerejna li l-Kummissjoni għandha tallinja l-prattiki tagħha ta' segwitu mal-istandards rilevanti ta' kontroll intern. Il-Kummissjoni aċċettat dawn ir-rakkomandazzjonijiet u qablet li tieħu azzjonijiet korrettivi.

**3.79-3.80.** *Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti fir-Rapporti Speċjali tagħha u aċċettati mill-Kummissjoni jkunu implimentati u segwiti b'mod sistematiku.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-arranġamenti ta' kontroll tagħha huma f'konformità mal-istandards internazzjonali ta' kontroll u l-aħjar prattiki.*

*Madankollu, il-Kummissjoni hija impenjata li tindirizza aktar sfidi dwar is-sistema u l-proċeduri ta' segwitu għall-kwittanza.*

([65]) Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2015 "Titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija permezz tal-iżvilupp tas-suq intern tal-enerġija: jinħtieġu sforzi akbar" (http://eca.europa.eu).

([66]) Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2016 "Rapport 2014 dwar is-segwitu tar-Rapporti Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri" (http://eca.europa.eu).

3.80. Aħna vvalutajna s-segwitu li kien sar mill-Kummissjoni għal kampjun ta' 90 rakkomandazzjoni tal-awditjar minn 11-il rapport speċjali li ġew ippubblikati fil-perjodu 2011-2012. Il-kampjun intgħażel fuq il-bażi ta' firxa ta' kriterji ([67]). Mit-83 rakkomandazzjoni li setgħu jiġu vverifikati, aħna kkonkludejna li l-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ 63 % tar-rakkomandazzjonijiet tagħna, 26 % ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, 10 % f'xi wħud mill-aspetti, filwaqt li 1 % ma ġewx implimentati.

3.81. Għalkemm il-Kummissjoni hija l-parti awditjata prinċipali tagħna, aħna frekwentement nidentifikaw kwistjonijiet li jistgħu jiġu indirizzati l-aħjar mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, peress li l-infiq tal-UE jinsab taħt arranġamenti ta' ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri. Fir-rapporti speċjali tagħna, aħna xi drabi nindirizzaw ukoll rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri b'mod ġenerali. Aħna nistgħu wkoll nindirizzaw rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri b'mod individwali għalkemm dan huwa rari ([68]).

*Ir-rakkomandazzjonijiet jiġu kkomunikati fil-livell tal-Istati Membri għalkemm is-segwitu formali huwa mħallat*

3.82. Meta nagħmlu rakkomandazzjonijiet li huma applikabbli għall-Istati Mebri b'mod ġenerali, hemm ħames modi kif jistgħu jintbagħtu dawn il-messaġġi (ara l-***Figura 3.7***). L-ewwel nett, kull rapport jintbagħat lill-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar (il-korp pubbliku nazzjonali tal-awditjar prinċipali). Ir-rapporti jintbagħtu wkoll lill-Kunsill biex iqishom fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza u, f'xi okkażjonijiet, jintbagħtu wkoll permezz ta' preżentazzjonijiet lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Ir-rapport annwali tal-attività tagħna (li fih dettalji dwar ir-rapporti speċjali tagħna) jintbagħat ukoll lill-parlament ta' kull Stat Membru, u l-Membri individwali tal-Qorti jistgħu jiġbdu l-attenzjoni partikolari ta' parlament nazzjonali jew tal-kumitat rilevanti tiegħu għal rapporti speċifiċi, matul l-interazzjoni tagħhom mal-parlament ikkonċernat. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna jitqassmu wkoll lill-Istati Membri permezz tal-linji gwida u l-interventi ta' taħriġ tal-Kummissjoni.

([67]) Ir-rapporti tagħna jintgħażlu fuq il-bażi li huma għadhom ma ġewx segwiti, għadhom rilevanti, u li għadda minimu ta' sentejn mill-pubblikazzjoni tar-rapport speċjali.

([68]) Barra r-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti tal-Qorti, l-Istati Membri li jiġu eżaminati bħala parti mill-kampjun għal awditi tal-prestazzjoni individwali jirċievu wkoll mill-Qorti rapport iddedikat, li ma jiġix ippubblikat, dwar dak li sibna. Dawn ir-rapporti ma jitqisux hawnhekk.

**Figura 3.7- Il-komunikazzjoni tas-sejbiet lill-Istati Membri**




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.83. Madankollu sa issa, kellna relattivament ftit li xejn informazzjoni dwar l-impatt ta’ dawn l-isforzi ta’ komunikazzjoni fl-Istati Membri. Biex nirrimedjaw dan, aħna wettaqna stħarriġ tal-aġenziji tal-pagamenti, tal-ministeri u tas-SAIs fil-livell nazzjonali tal-Istati Membri dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet [69]. Erba’ Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni kkompletaw kwestjonarju wkoll.

(69) Ġie identifikat kampjun ta’ 76 għall-istħarriġ, u waslulna r-risposti finali ta’ 56 minnhom, rata ta’ rispons ta’ 74 %.

3.84. Dan ikkonferma li l-komunikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tabilħaqq tasal fil-livell tal-Istati Membri, bl-istħarriġ jagħti evidenza li l-messaġġi tagħna waslu permezz ta' mezz wieħed jew aktar minn dawk ipprovduti hawn fuq. F'termini tal-impatt, 80 % tal-wiġġieba rrikonoxxew mill-inqas "xi sensibilizzazzjoni" dwar ir-rapporti tagħna fil-livell tal-Istati Membri. Madankollu, 13 % biss wieġbu li kien hemm proċess ta' segwitu kkoordinat għar-rakkomandazzjonijiet kollha tagħna fl-Istat Membru tagħhom. Fir-rigward tal-azzjoni ta' segwitu li ttieħdet, 38 % ssuġġerew li tittieħed azzjoni għal suġġetti partikolari biss, filwaqt li 49 % indikaw li ma titwettaq l-ebda azzjoni ta' segwitu formali. Minkejja dan, xi wħud mill-Istati Membri pprovdew eżempji konkreti tal-integrazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħna fil-politika u l-prattika nazzjonali, prinċipalment fil-qasam ta' riżorsi naturali (ara l-***Figura 3.8***).

**Figura 3.8 — Eżempji ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni fil-livell tal-Istati Membri**

Ir-rapport tagħna dwar "Il-kosteffettività tal-appoġġ taħt l-Iżvilupp Rurali tal-UE għal investimenti mhux produttivi fl-agrikoltura" (70) rrakkomanda li jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw proċeduri biex jiġi żgurat li l-ispejjeż tal-investimenti mhux produttivi appoġġati ma jaqbżux l-ispejjeż ta' tipi simili ta' oġġetti, servizzi jew xogħlijiet li joffri s-suq. B'mod aktar konkret, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu punti ta' riferiment u/jew spejjeż ta' referenza xierqa, biex l-ispejjeż tal-investimenti mhux produttivi jiġu sistematikament ivverifikati magħhom bħala parti mill-kontrolli amministrattivi tagħhom. B'rispons għal din ir-rakkomandazzjoni, Stat Membru partikolari introduċa prezzijiet standard għall-ġestjoni tat-tħawwil ta' sisien tal-ħaxix.

Għat-tixrid tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, awtorità maniġerjali fi Stat Membru partikolari tagħmel is-sejbiet tal-Qorti disponibbli fuq l-intranet tal-kumitat tagħha għall-implimentazzjoni tal-programm tal-iżvilupp rurali, fejn huma rrappreżentati l-korpi kollha ta' implimentazzjoni u l-aġenzija tal-pagamenti.

Fi Stat Membru partikolari, il-Ministeru tal-Agrikoltura jinnotifka lill-aġenzija tal-pagamenti u, fejn meħtieġ, lil partijiet interessati oħra permezz ta' rapport ta' sinteżi li jkun fih is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tagħna, bir-rapport shih f'anness.

*Sors*: Ir-risposti għall-istħarriġ magħżulin mill-istħarriġ tagħna tas-SAIs u l-aġenziji tal-pagamenti.

(70) Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2015 "l-kosteffettività tal-appoġġ taħt l-Iżvilupp Rurali tal-UE għal investimenti mhux produttivi fl-agrikoltura" (http://eca.europa.eu).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.85. L-eżerċizzju tal-istħarriġ juri li hemm livell raġonevoli ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tagħna għall-awditi tal-prestazzjoni fil-livell tal-Istati Membri. Madankollu, hemm varjazzjoni wiesgħa fil-livell ta' segwitu formali u evidenza moderata biss tal-bidliet fil-politika u l-prattika nazzjonali b'riżultat tar-rakkomandazzjonijiet tagħna. Huwa ċar li hemm ambitu għal titjib fil-mod kif niżviluppaw u niddistribwixxu r-rakkomandazzjonijiet tagħna għal impatt massimu fil-livell tal-Istati Membri. Fil-ħarifa tal-2016, il-Qorti se tinvolvi lill-Kumitat ta' Kuntatt, lis-servizzi tal-Kummissjoni u lill-Kunsill fil-konsultazzjoni dwar is-segwitu possibbli tar-rakkomandazzjonijiet fl-Istati Membri. | |
| **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET** | |
| **Konklużjonijiet** | |
| 3.86. Orizzont 2020 huwa programm ambizzjuż u estensiv, li għall-ewwel darba jlaqqa' flimkien programmi ta' riċerka u innovazzjoni, li preċedentement kienu separati, u li jinkorpora fokus fuq l-"Isfidi tas-soċjetà". Hemm rabtiet ta' livell għoli bejn Orizzont 2020 u l-istrateġija prinċipali tal-UE, Ewropa 2020: tnejn mit-tliet indikaturi prinċipali għal Orizzont 2020 huma wkoll indikaturi ta' livell għoli għal Ewropa 2020. Madankollu, dawn l-indikaturi huma ta' użu limitat fit-traċċar tal-kontribut ta' Orizzont 2020 għal Ewropa 2020 (ara l-paragrafi 3.7 sa 3.17). | **3.86.** *Filwaqt li l-Kummissjoni taċċetta li jinħtieġ li jkompli jitjieb, hija tikkunsidra li l-qafas ta' prestazzjoni tagħha diġà jintraċċa l-kontribut ta' Orizzont 2020 għal Ewropa 2020.*<br><br>*Kif spjegat fil-figura 3.1 u fil-paragrafu 3.13.*<br><br>*Il-baġit tal-UE jirrappreżenta biss parti żgħira mill-infiq totali għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa, u għalhekk fih innifsu jista' jagħti biss kontribut minuri għall-akkwist tal-objettivi tal-Ewropa 2020. Il-progress lejn l-istrateġija tal-Ewropa 2020 jiddependi fuq firxa wiesgħa ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, li mhumiex biss dwar l-infiq, u li l-Istati Membri għandhom rwol kruċjali fih.*<br><br>*Il-kontribut ta' Orizzont 2020 għall-akkwist tal-istrateġija ta' Ewropa 2020 huwa rinforzat mill-interazzjoni ma' azzjonijiet oħra fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali.* |
| 3.87. Ir-rabtiet bejn l-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni u Ewropa 2020/Orizzont 2020 jeħtieġu aktar kjarifika. Il-prijoritajiet politiċi jikkoinċidu mal-prijoritajiet ta' Ewropa 2020, iżda huma differenti minnhom. Mhuwiex ċar ma' liema sett ta' prijoritajiet Orizzont 2020 — mill-ippjanar tiegħu sal-monitoraġġ u r-rappurtar tiegħu — għandu jiġi allinjat issa. Hemm riskju li oqsma oħra ta' attività tal-UE huma kkonċernati (ara l-paragrafi 3.18 sa 3.21). | **3.87.** *Il-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni ta' Juncker jipprovdu qafas għall-kontribut proprju tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020, li hija responsabbiltà komuni tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Il-prijoritajiet politiċi jiggwidaw l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-programmi finanzjarji iżda dan isir b'komplimentarjetà sħiħa mal-istrateġija Ewropa 2020 u skont il-qafas ġuridiku bbażat fuq Orizzont 2020, li ma nbidilx.* |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| 3.88. Fattur ewlieni ta' suċċess għal Orizzont 2020 huwa s-sinerġija u l-kumplementarjetà effettiva bejn il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali u Ewropej. Is-sħab tagħna fl-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-Bulgarija u tal-Portugall sabu li, filwaqt li kien hemm oqsma ta' kumplementarjetà fil-pajjiżi tagħhom, kien hemm ukoll xi problemi fil-livell nazzjonali (ara l-paragrafi 3.22 u 3.23). | |
| 3.89. Il-qafas legali ta' Orizzont 2020 jintroduċi bosta elementi importanti għall-ġestjoni tal-prestazzjoni, bħal objettivi u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Dan huwa żvilupp pożittiv. Madankollu, għadu meħtieġ aktar żvilupp għall-qafas; xi wħud mil-linji bażi, l-istadji importanti u l-miri għadhom jeħtieġu żvilupp, xi wħud mill-miri għandhom jiġu analizzati biex jiġi żgurat li huma ambizzjużi b'mod adatt; xi wħud mill-indikaturi jbatu minn nuqqs ta' informazzjoni disponibbli. L-objettivi ddefiniti mil-leġiżlazzjoni huma minnhom infushom naturalment ta' livell għoli, iżda ma jiġux ikkonkretizzati, permezz ta' programmi ta' ħidma u sejħiet, f'objettivi ta' livell aktar baxx li huma utli għall-finijiet ta' ġestjoni tal-prestazzjoni operazzjonali. Il-Kummissjoni ma tużax il-programmi ta' ħidma u s-sejħiet assoċjati ta' Orizzont 2020 biex iżżid il-fokus fuq il-prestazzjoni (ara l-paragrafi 3.27 sa 3.38). | **3.89.** *Il-qafas ta' prestazzjoni ġie diskuss mal-awtorità leġiżlattiva waqt l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' Orizzont 2020, u huwa stabbilit f'din il-leġiżlazzjoni. Huwa jinkludi għadd ta' indikaturi li se jiġu sorveljati matul il-programm, u evalwazzjonijiet* interim *u* ex-post. *Dan il-qafas ċar huwa avvanz fuq Programmi Qafas preċedenti.*<br><br>*Ir-riżultati u l-impatti tal-programmi ta' ħidma, u ta' Orizzont 2020 b'mod aktar ġenerali, se jiġu vvalutati permezz tal-qafas ta' prestazzjoni.*<br><br>*In-natura fit-tul tar-riċerka, l-iskala ta' żmien tat-tħejjija tal-leġiżlazzjoni, u l-limitazzjonijiet fid-disponibbiltà ta' xi dejta jipprovdu sfidi fl-ikkompletar tal-qafas ta' prestazzjoni, u l-Kummissjoni taċċetta li jinħtieġ titjib kontinwu.* |
| 3.90. Għall-proposti u l-ftehimiet ta' għotja li eżaminajna, l-objettivi kienu ġeneralment SMART meta dan kien meħtieġ mill-Kummissjoni. Il-proċess ta' evalwazzjoni ta' dawn il-proposti, bl-eċċezzjoni tal-ERC li juża l-eċċellenza bħala kriterju, enfasizza l-prestazzjoni. Il-ftehimiet ta' għotja jirrikjedu li l-benefiċjarji jirrappurtaw lill-Kummissjoni, informazzjoni għall-aggregazzjoni tal-KPIs ta' Orizzont 2020. Madankollu, l-użu tal-kunċett usa' ta' impatt mistenni aktar milli ta' riżultat mistenni jżid ir-riskju li informazzjoni pprovduta għal din il-parti tkun wiesgħa wisq u mhux direttament attribwibbli għall-azzjoni ffinanzjata minn Orizzont 2020, bir-riżultat li l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tista' tkun diffiċli (ara l-paragrafi 3.39 sa 3.43). | **3.90.** *L-użu ta' "impatt mistenni" minflok "riżultat" jirriżulta mill-fatt li l-leġiżlazzjoni ta' Orizzont 2020 kienet teżisti qabel il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar. Il-Kummissjoni trid tevalwa l-impatt previst ta' proġetti meta tikkunsidra liema proġetti tappoġġja. Dan mhuwiex se jaffettwa l-monitoraġġ tal-indikaturi li ġew stabbiliti fil-leġiżlazzjoni, u li huma l-bażi tal-qafas ta' prestazzjoni.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.91. Dgħufijiet fit-tfassil tas-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar għal Orizzont 2020 ifissru li l-Kummissjoni hija limitata fl-abbiltà tagħha li timmonitorja u tirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-programm:

(a) L-istruttura attwali ma tippermettix li l-Kummissjoni timmonitorja u tirrapporta separatament l-infiq u l-prestazzjoni tal-komponenti differenti tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-innovazzjoni fi ħdan Orizzont 2020 (ara l-paragrafi 3.45 sa 3.47).

(b) Il-kontribut ta' Orizzont 2020 għal Ewropa 2020 huwa stabbilit tajjeb fil-proċess baġitarju. Madankollu sa issa, il-kontribut ta' Orizzont 2020 għal Ewropa 2020 għadu ma ġiex irrappurtat b'mod sinifikattiv (ara l-paragrafi 3.48 sa 3.50).

(c) Is-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar ta' Orizzont 2020 tjiebet meta mqabbla ma' dik tal-FP7 iżda għad fadal dgħufijiet rigward l-informazzjoni miġbura għal Orizzont 2020. Hemm riskju li diffikultajiet iffaċċjati fl-evalwazzjoni *ex post* tal-FP7 jistgħu jippersistu għal Orizzont 2020 (ara l-paragrafi 3.51 sa 3.53).

3.92. Fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni, xi kunċetti bażiċi huma t-tipi differenti ta' benefiċċji li jistgħu jirriżultaw minn azzjoni pubblika: inputs, outputs, riżultati u impatti. Filwaqt li l-Kummissjoni ddefiniet kif jenħtieġ li jintużaw dawn it-termini, hija mhux dejjem iżżomm ma' dawn id-definizzjonijiet. Problema partikolari hija l-użu apparentement arbitjarju ta' "riżultat" u ta' "impatt" meta l-leġiżlazzjoni tiġi kkonkretizzata fi programmi ta' ħidma individwali (ara l-paragrafi 3.54 sa 3.59).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.91.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sistema tal-monitoraġġ u ta' rapportar ta' Orizzont 2020 hija ferm aħjar meta mqabbla mal-FP7. Ġew stabbiliti oġġettivi ċari, u qafas ta' prestazzjoni, li dwaru saru diskussjonijiet eżawrjenti mal-partijiet ikkonċernati u mal-awtorità leġiżlattiva, ġie msejjes fuq il-bażi ġuridika.*

*Il-Kummissjoni hija konxja ta' xi wħud mid-dgħufiji li għadhom jeżistu, u qed taħdem biex tirrimedjahom:*

*(a) Il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li l-infiq tar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jiġi rapportat b'mod separat, dan mhuwiex mitlub mil-leġiżlazzjoni u jmur kontra l-isforzi magħmula minn Orizzont 2020 biex inaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni.*

*(b) Il-leġiżlazzjoni tirrikjedi li l-kontribut ta' Orizzont 2020 għal Ewropa 2020 jiġi rapportat fl-evalwazzjoni interim tal-programm, u din l-evalwazzjoni se ssir fl-2017. In-natura taċ-ċiklu ta' riċerka tfisser li għandu jgħaddi ċertu żmien qabel ma l-kontribut ta' Ewropa 2020 jista' jiġi rapportat b'mod sinifikanti.*

*(c) Il-Kummissjoni taqbel li s-sistema ta' monitoraġġ u ta' rapportar ta' Orizzont 2020 tjiebet meta mqabbla ma' FP7. Ġew stabbiliti objettivi ċari, u qafas ta' prestazzjoni, li dwaru saru diskussjonijiet eżawrjenti mal-partijiet ikkonċernati u mal-awtorità leġiżlattiva, ġie msejjes fuq il-bażi ġuridika.*

*Hija tikkunsidra li aġixxiet biex tnaqqas id-diffikultajiet identifikati fis-sistema ta' evalwazzjoni ta' FP7.*

**3.92.** *L-adozzjoni tar-Regolament ta' Orizzont 2020 (Diċembru 2013) ippreċediet il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar (Mejju 2015). Dan wassal għal xi inkonsistenzi, kif innotat mill-Qorti. Mill-adozzjoni tal-gwida ta' Regolamentazzjoni Aħjar, it-terminoloġija ta' Regolamentazzjoni Aħjar hija użata b'mod konsistenti fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' Orizzont 2020.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.93. Għall-familja "riżorsi naturali" tad-Direttorati Ġenerali, aħna osservajna li ħafna mill-objettivi użati fil-pjanijiet ta' ġestjoni u fir-rapporti annwali tal-attività kienu ttieħdu direttament minn dokumenti ta' politika jew dokumenti leġiżlattivi, u għalhekk kienu f'livell għoli wisq għall-finijiet ta' ġestjoni. Aħna osservajna progress għall-indikaturi użati għall-kejl tal-prestazzjoni iżda għad fadal xi nuqqasijiet (ara l-paragrafi 3.60 sa 3.65).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.93.** *Mill-osservazzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-pjanijiet ta' ġestjoni għall-2015, il-Kummissjoni introduċiet bidliet fiċ-ċiklu tal-SPP, l-aktar biex tipprovdi qafas aktar ċar għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni u għas-servizzi tagħha. Permezz tal-approċċ il-ġdid, id-dokumenti tal-ippjanar mill-2016 huma maħsuba li jkunu aktar simplifikati u ffokati fuq il-prijoritajiet tal-Kummissjoni u l-kompetenzi tad-DĠs, filwaqt li jiġu megħjuna jistabbilixxu prijoritajiet u jgħidu storja ta' prestazzjoni koerenti b'distinzjoni ċara bejn l-attribuzzjoni (għar-riżultati u l-outputs li huma konsegwenza dirett tal-attivitajiet tas-servizzi tal-Kummissjoni) u l-kontribut (fejn is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom parti importanti biex iwasslu għal ċertu riżultat jew impatt) għal politika ta' livell għoli tal-UE u riżultati ta' programmi ta' nfiq.*

*Il-Pjan Strateġiku jintroduċi approċċ ġdid li jittrasferixxi l-enfasi minn ippjanar fuq żmien qasir għal ippjanar fuq żmien twil u b'perspettiva strateġika li tgħin lid-DĠs jallinjaw l-objettivi speċifiċi tagħhom mal-objettivi fuq żmien twil definiti mill-Kummissjoni. L-outputs ta' ppajnar operazzjonali għas-sena li ġejja huma elenkati fil-Pjan ta' Ġestjoni.*

## Rakkomandazzjonijiet

3.94. L-***Anness 3.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2012 u 2013, aħna ppreżentajna ħames rakkomandazzjonijiet. Min dawn ir-rakkomandazzjonijiet, tnejn ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti u tlieta ma ġewx implimentati.

3.95. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna għall-2015 huma kif ġej:

— **Rakkomandazzjoni 1**: *Objettivi operazzjonali*

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonkretizza l-objettivi ta' livell għoli tal-leġiżlazzjoni dwar Orizzont 2020 f'objettivi operazzjonali fil-livell tal-programmi ta' ħidma, sabiex, bil-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-programmi ta' ħidma u tas-sejħiet huma jistgħu effettivament jintużaw bħala motivaturi għall-prestazzjoni.

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*

*Filwaqt li dan il-qafas ta' prestazzjoni ġenerali huwa stabbilit u ċar, il-Kummissjoni tinnota l-punti mqajma mill-Qorti, li se jiġu kkunsidrati kompletament bħala parti mix-xogħol li għaddej biex itejjeb il-programmi ta' ħidma, inkluż ir-rwol tiegħu fir-rapportar ibbażat fuq il-prestazzjoni.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| — **Rakkomandazzjoni 2**: Tinħtieġ aktar kjarifika għall-*istrateġiji differenti*<br><br>Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkjarifika aktar ir-rabtiet bejn l-istrateġija Ewropa 2020 (2010-2020), il-qafas finanzjarju pluriennali (2014-2020), u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni (2015-2019) permezz ta', pereżempju, l-ippjanar strateġiku u l-proċess ta' rappurtar (2016-2020). Dan kieku jsaħħaħ l-arranġamenti ta' monitoraġġ u rappurtar u jippermetti li l-Kummissjoni tirrapporta b'mod effettiv dwar il-kontribut tal-baġit tal-UE lejn l-objettivi ta' Ewropa 2020. | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Il-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni huma definiti b'mod ċar fil-linji gwida politiċi tal-President Juncker. Huma jipprovdu pjan direzzjonali għall-azzjoni tal-Kummissjoni li huwa għal kollox konsistenti u kompatibbli mal-Ewropa 2020 bħala l-istrateġija tal-Ewropa għal tkabbir fuq żmien twil. Id-differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni bejn il-prijoritajiet u l-Ewropa 2020 jirriflettu l-obbligu tal-Kummissjoni li twieġeb għal sfidi li rriżultaw jew kibru fil-prominenza minn meta ġiet żviluppata l-istrateġija tal-Ewropa 2020, bħall-migrazzjoni.*<br><br>*Mill-2016 'il quddiem* ***u abbażi ta' Pjanijiet Strateġiċi prodotti minn kull dipartiment tal-Kummissjoni****, ir-rapporti annwali tal-attività ta' kull dipartiment tal-Kummissjoni, kif ukoll ir-rapport annwali ta' ġestjoni u prestazzjoni tal-Kummissjoni jispjegaw kif l-objettivi speċifiċi jikkontribwixxu għall-prijoritajiet politiċi u jkomplu jiċċaraw ir-rabtiet ma' Ewropa 2020.* |
| — **Rakkomandazzjoni 3**: *Użu konsistenti ta' terminoloġija*<br><br>Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fl-attivitajiet kollha tagħha, tuża t-termini input, output, riżultat u impatt b'mod konsistenti u f'konformità mal-linji gwida tagħha għal regolamentazzjoni aħjar. | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*L-adozzjoni ta' Regolamenti differenti għall-perjodu tal-QFP 2014-2020 saret qabel il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar (Mejju 2015). Barra minn hekk, il-kontenut ta' dawn ir-regolamenti huwa r-riżultat ta' negozjar politiku bejn il-koleġiżlaturi. Dan wassal għal xi inkosistenzi, kif innotat mill-Qorti. Mill-adozzjoni tal-gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, it-terminoloġija ta' Regolamentazzjoni Aħjar għandha tiġi użata b'mod konsisteni fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi kollha. L-użu konsistenti tat-termini fil-leġiżlazzjoni kolha jista', madankollu, ma jkunx possibbli fuq żmien qasir.*<br><br>*Fir-rigward tal-qafas ta' prestazzjoni intern tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni pprovdiet definizzjonijiet u metodoloġiji konsistenti permezz tal-istruzzjonijiet permanenti pprovduti lid-dipartimenti kollha. Dawn id-definizzjonijiet huma ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar.* |

ANNESS 3.1

*RAPPORTI SPEĊJALI ADOTTATI MILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI FL-2015*

— Nru 1/2015 "Trasport minn Passaġġi fuq l-Ilma Interni fl-Ewropa: L-ebda titjib sinifikanti fis-sehem modali u fil-kundizzjonijiet ta' navigabbiltà mill-2001 'il hawn"

— Nru 2/2015 "Finanzjament mill-UE ta' impjanti tat-Trattament tal-Ilma Urban Mormi fil-baċin tax-Xmara Danubju: aktar sforzi huma meħtieġa biex l-Istati Membri jingħataw għajnuna sabiex jilħqu l-objettivi tal-UE għall-politika tal-ilma mormi"

— Nru 3/2015 "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-UE: ittieħdu l-ewwel passi iżda hemm riskji fil-ġejjieni għall-implimentazzjoni"

— Nru 4/2015 "L-assistenza teknika: x'kontribut tat għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali?"

— Nru 5/2015 "L-istrumenti finanzjarji huma għodda ta' suċċess u promettenti fil-qasam tal-iżvilupp rurali?"

— Nru 6/2015 "L-integrità u l-implimentazzjoni tal-EU ETS"

— Nru 7/2015 "Il-missjoni tal-pulizija tal-UE fl-Afganistan: riżultati mħallta"

— Nru 8/2015 "L-appoġġ finanzjarju tal-UE qed jindirizza l-ħtiġijiet ta' mikroimprendituri b'mod adegwat?"

— Nru 9/2015 "Appoġġ mill-UE għall-ġlieda kontra t-tortura u l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt"

— Nru 10/2015 "L-isforzi biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-akkwist pubbliku fin-nefqa tal-UE għall-Koeżjoni għandhom jiġu intensifikati"

— Nru 11/2015 "Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd huma mmaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni?"

— Nru 12/2015 "Il-prijorità tal-UE li tippromwovi ekonomija rurali bbażata fuq l-għarfien ġiet affettwata minn ġestjoni ħażina ta' miżuri ta' trasferiment tal-għarfien u ta' konsulenza"

— Nru 13/2015 "L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT"

— Nru 14/2015 "Il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP: tipprovdi valur miżjud?"

— Nru 15/2015 "L-appoġġ taħt il-Faċilità għall-Enerġija AKP-UE għal enerġija rinnovabbli fl-Afrika tal-Lvant"

— Nru 16/2015 "Titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija permezz tal-iżvilupp tas-suq intern tal-enerġija: jinħtieġu sforzi akbar"

— Nru 17/2015 "Appoġġ mill-Kummissjoni għat-Timijiet ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ: ir-riorjentament tal-finanzjament mill-FSE nkiseb, iżda ma kienx hemm fokus suffiċjenti fuq ir-riżultati"

— Nru 18/2015 "Assistenza finanzjarja pprovduta lil pajjiżi li jinsabu f'diffikultajiet"

— Nru 19/2015 "Jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għar-riżultati biex jitjieb it-twassil tal-assistenza teknika lill-Greċja"

— Nru 20/2015 "Il-kosteffettività tal-appoġġ taħt l-Iżvilupp Rurali tal-UE għal investimenti mhux produttivi fl-agrikoltura"

— Nru 21/2015 "Analiżi tar-riskji relatati ma' approċċ orjentat lejn ir-riżultati, għal azzjoni tal-UE fl-iżvilupp u l-kooperazzjoni"

— Nru 22/2015 "Is-superviżjoni tal-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu mill-UE — stabbilita tajjeb iżda għadha mhix kompletament effettiva"

— Nru 23/2015 "Il-kwalità tal-ilma fil-baċin tax-Xmara Danubju: sar progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma iżda għad fadal xi jsir"

— Nru 24/2015 "L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni"

— Nru 25/2015 "L-appoġġ mill-UE għall-infrastruttura rurali: il-potenzjal li jinkiseb valur sinifikattivament akbar għall-flus"

ANNESS 3.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-KWISTJONIJIET TA' PRESTAZZJONI*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | **Rakkomandazzjoni 1**:<br>Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda li l-Kummissjoni għandha, fl-okkażjoni li jmiss meta r-Regolament Finanzjarju jiġi rrevedut, tirrazzjonalizza l-qafas tagħha għar-rappurtar tal-prestazzjoni. | | | | X | | | *Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rieżami għadu għaddej.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br>Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda li l-Kummissjoni għandha tiżgura li r-rapport ta' evalwazzjoni jippreżenta kont sommarju li jiġbor flimkien l-informazzjoni kollha disponibbli dwar il-progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020 sabiex il-qarrej jingħata ħarsa ġenerali ċara lejn il-kisbiet li jkunu saru. | | | X | | | | *Il-Kummissjoni qed timmira kontinwament li ttejjeb ir-rapportar tagħha dwar il-progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020 fir-Rapport Annwali ta' Ġestjoni u Prestazzjoni tagħha kif ukoll fil-kuntest tas-semestru tal-UE.* |
| | **Rakkomandazzjoni 3:**<br>Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda li l-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa s-sistema tagħha ta' ġestjoni u rappurtar tal-prestazzjoni sabiex din tal-aħħar tippermetti li l-Kummissjoni tieħu r-responsabbiltà għal ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll għall-kontribut mill-baġit tal-UE għal kisbiet ta' politika fid-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni annwali mid-diretturi ġenerali. | | | | X | | | *Il-Kummissjoni ma aċċettatx din ir-rakkomandazzjoni.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 1:**<br><br>Il-Kummissjoni u l-leġiżlatur għandhom jiżguraw li jkun hemm fokus fuq il-prestazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-2020). Dan jirrikjedi li għadd limitat ta' objettivi speċifiċi biżżejjed, b'indikaturi rilevanti u b'riżultati u impatti mistennija, jiġu stabbiliti fir-regolamenti speċifiċi għas-settur jew b'xi mod vinkolanti ieħor; | | | X | | | | *Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-enfasi fuq il-prestazzjoni ġie msaħħaħ b'mod konsiderevoli fil-qafas leġiżlattiv 2014-2020.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br><br>Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm rabta ċara bejn l-attivitajiet tad-Direttorati Ġenerali u l-objettivi stabbiliti. Waqt l-identifikazzjoni ta' dawn l-objettivi kull DĠ għandu jieħu kont tal-modalità ta' ġestjoni rilevanti, fejn applikabbli, u tar-rwol u r-responsabbiltajiet tiegħu. | | | | X | | | *Il-Kummissjoni ma aċċettatx din ir-rakkomandazzjoni.* |

KAPITOLU 4

## Dħul

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 4.1-4.5 |
| Deskrizzjoni qasira tad-dħul | 4.2-4.4 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 4.5 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 4.6 |
| Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività u ta' elementi oħra tas-sistemi ta' kontroll intern | 4.7-4.21 |
| Il-bilanċi u l-aġġustamenti tal-ING u tal-VAT jirriflettu aġġornamenti taċ-ċifri tal-ING u tal-VAT tal-Istati Membri u tal-ħidma tagħhom fuq ir-riżervi | 4.8 |
| Il-Kummissjoni neħħiet għadd kbir ta' riżervi tal-ING | 4.9-4.12 |
| Naqas l-għadd ta' riżervi tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT | 4.13 |
| Il-ġestjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali mill-Istati Membri għadha tista' tittejjeb | 4.14-4.19 |
| Il-kalkoli tal-kontribuzzjonijiet miż-ŻEE/mill-EFTA u tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni kien fihom żbalji żgħar | 4.20 |
| Ir-rapporti annwali tal-attività jipprovdu valutazzjoni ġusta | 4.21 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 4.22-4.24 |
| Il-konklużjoni għall-2015 | 4.22 |
| Rakkomandazzjonijiet | 4.23-4.24 |

Anness 4.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għad-dħul

Anness 4.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għad-dħul

Anness 4.3 — Għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tal-RPT, li kienu pendenti fil-31.12.2015, skont l-Istat Membru

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

4.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għad-dħul, li jikkonsisti f'riżorsi proprji u dħul ieħor. Informazzjoni ewlenija dwar id-dħul fl-2015 tingħata fil-***Figura 4.1***.

**Figura 4.1 – Dħul – Informazzjoni ewlenija 2015**

*(EUR biljun)*




*Sors*: Il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Deskrizzjoni qasira tad-dħul

4.2. Il-biċċa l-kbira mid-dħul jirriżulta mir-riżorsi proprji (90 %) ([1]) jiġifieri kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri ([2]), li hemm tliet kategoriji tagħhom:

— Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) (64 % tad-dħul) tirriżulta mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-ING tal-Istati Membri. Il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri huwa bbażat fuq *data* prevista dwar l-ING ([3]). Wara li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sorsi l-oħra kollha ta' dħul, ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING tintuża biex tibbilanċja l-baġit tal-UE ([4]). Ir-riskji prinċipali huma li l-istatistika ta' bażi ma tiġix ikkompilata f'konformità mar-regoli tal-UE jew li ma tiġix ipproċessata mill-Kummissjoni skont dawn ir-regoli fil-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, inklużi bilanċi u aġġustamenti. Riskju ieħor huwa li l-kontrolli mill-Kummisssjoni fuq id-*data* mill-ING tal-Istati Membri ma jaqbdux nuqqasijiet potenzjali ta' konformità mar-regoli tal-UE.

— Ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) (13 %) hija dderivata mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-bażijiet ta' valutazzjoni, armonizzati nozzjonalment, tal-VAT tal-Istati Membri. Ir-riskji prinċipali jinstabu fil-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, fil-preċiżjoni tal-kalkoli mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjonijiet dovuti u fil-puntwalità tal-pagamenti mill-Istati Membri.

---

([1]) Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ hija d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji) (ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17) u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1377/2014 (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 14).

([2]) Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji stabbiliet tnaqqisiet li għandhom jiġu applikati għal xi Stati Membri, għall-kontribuzzjonijiet tal-ING u tal-VAT għall-perjodu 2007-2013. Hekk kif il-pakkett leġiżlattiv il-ġdid jiġi ratifikat (ara l-paragrafu 4.4), xi Stati Membri se jibbenefikaw b'mod retroattiv minn tnaqqis għall-perjodu 2014-2020. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji ssettjat ukoll korrezzjoni fir-rigward ta' żbilanċi baġitarji li tingħata lil Stat Membru wieħed. Din il-korrezzjoni kienet għadha fis-seħħ fl-2015 u se tkompli taħt il-pakkett leġiżlattiv il-ġdid.

([3]) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jilħqu qbil dwar din id-*data* fil-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv tar-Riżorsi Proprji.

([4]) Kwalunkwe dikjarazzjoni insuffiċjenti (jew dikjarazzjoni eċċessiva) tal-ING għal Stati Membri partikolari – filwaqt li ma taffettwax ir-riżorsi proprji kumplessivi bbażati fuq l-ING – għandha l-effett li żżid (jew tnaqqas) il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri l-oħra, sakemm id-*data* dwar l-ING tkun ġiet ikkoreġuta.

— Riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) (13 %) huma dazji doganali miġbura fuq l-importazzjonijiet u l-imposti fuq il-produzzjoni taz-zokkor. Dawn jiġu stabbiliti u miġbura mill-Istati Membri. Tliet kwarti jitħallsu lill-baġit tal-UE, filwaqt li l-kwart li jifdal jinżamm biex ikopri l-ispejjeż tal-ġbir. Ir-riskji prinċipali fir-rigward tal-RPT huma l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-puntwalità tad-dazji li jsiru disponibbli għall-UE.

4.3. Ir-riskji prinċipali fir-rigward ta' dħul ieħor jinkludu l-ġestjoni ta' multi li titwettaq mill-Kummissjoni, u żbalji fil-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet relatati ma' ftehimiet tal-UE u ma' ftehimiet u mekkaniżmi oħra ta' korrezzjoni għal żbilanċi baġitarji.

4.4. Fis-26 ta' Mejju 2014, pakkett leġiżlattiv ġdid dwar ir-riżorsi proprji ġie formalment approvat mill-Kunsill. Meta jkun ratifikat mill-Istati Membri, dan jiġi applikat b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem. Aħna se nsegwu l-proċess ta' ratifika u l-kalkolu sussegwenti tal-impatt retroattiv ([5]).

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

4.5. L-***Anness 1.1*** jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna. Għall-awditu ta' dħul, jenħtieġ li jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) Aħna eżaminajna s-sistemi li ġejjin:

(i) is-sistemi tal-Kummissjoni għall-iżgurar li d-*data* dwar l-ING tal-Istati Membri tkun xierqa bħala bażi għall-finijiet tar-riżorsi proprji (inkluża għat-tneħħija tar-riżervi), u s-sistemi tagħha għall-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING ([6]) u l-bilanċi tal-ING;

(ii) is-sistemi tal-Kummissjoni għall-iżgurar li r-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-bilanċi tal-VAT jiġu kkalkulati u miġbura b'mod korrett ([7]);

---

([5]) Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri se jiġu kkalkulati mill-ġdid filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni dan li ġej:
— rata mnaqqsa tal-ġbir tal-VAT ta' 0,15 % se tapplika għal tliet Stati Membri,
— tnaqqisiet b'somma f'daqqa fil-pagamenti bbażati fuq l-ING għal erba' Stati Membri,
— ir-rata ta' żamma tal-RPT miġbura se titnaqqas għal 20 % (mill-25 % attwali),
— l-ING għall-finijiet tar-riżorsi proprji se jiġi kkalkulat skont l-ESA 2010 (attwalment tapplika l-ESA 95).

([6]) Bħala l-punt tat-tluq tiegħu, l-awditu tagħna ħa d-*data* prevista dwar l-ING li dwarha kien intlaħaq qbil. Aħna ma nistgħux ngħaddu ġudizzju dwar il-kwalità tad-*data* li dwarha kien intlaħaq qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

([7]) Il-punt tat-tluq tagħna kien il-bażi armonizzata tal-VAT imħejjija mill-Istati Membri. Aħna ma ttestjajniex direttament l-istatistika u d-*data* pprovduta mill-Istati Membri. Ara wkoll ir-Rapport Speċjali Nru 24/2015 "L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni" (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(iii) is-sistemi tal-Kummissjoni għall-RPT, inkluż il-monitoraġġ minnha tal-awditi *a posteriori* mill-Istati Membri;

(iv) is-sistemi kontabilistiċi għall-RPT [8] fi tliet Stati Membri magħżula (Franza, l-Italja u l-Litwanja) [9] u analiżi tas-sistemi tagħhom għall-awditi *a posteriori*;

(v) il-ġestjoni ta' multi u penali li titwettaq mill-Kummissjoni taħt it-Titolu 7 tal-baġit tal-UE;

(vi) il-kalkolu mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjonijiet miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)/mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA);

(vii) il-kalkolu mill-Kummissjoni tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni [10].

(b) Aħna eżaminajna kampjun ta' 55 ordni ta' rkupru, mill-Kummissjoni [11]. Il-kampjun huwa maħsub biex ikun rappreżentattiv tas-sorsi kollha ta' dħul.

(c) Aħna vvalutajna r-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (id-DĠ Baġit) tal-Kummissjoni u l-Eurostat.

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

4.6. L-***Anness 4.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-55 tranżazzjoni li eżaminajna, l-ebda waħda ma kienet milquta minn żball.

— Aħna ma sibna l-ebda żball fil-kalkolu mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjonijiet li saru mill-Istati Membri fuq il-bażi tad-*data* dwar il-VAT u l-ING jew il-pagament tagħhom.

— Aħna sibna li l-ordnijiet ta' rkupru li saru mill-Kummissjoni rriflettew id-dikjarazzjonijiet tal-RPT mibgħuta mill-Istati Membri.

— Aħna ma sibna l-ebda żball fil-kalkoli jew fil-pagamenti ta' tranżazzjonijiet oħra tad-dħul.

---

(8) Bħala l-punt tat-tluq tiegħu, l-awditu tagħna ħa d-*data* inkluża fis-sistemi kontabilistiċi għall-RPT tal-Istati Membri miżjura. Aħna ma stajniex inkopru importazzjonijiet li ma ġewx iddikjarati jew dawk li nqabżu mis-sorveljanza doganali.

(9) Dawn it-tliet Stati Membri ntgħażlu minħabba d-daqs sinifikanti tal-kontribuzzjoni tagħhom tal-RPT, u filwaqt li ttieħed inkunsiderazzjoni approċċ b'sistema ta' rotazzjoni.

(10) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom.

(11) Ordni ta' rkupru hija dokument li fih il-Kummissjoni tirreġistra l-ammonti li huma dovuti lilha.

## EŻAMINAR TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ U TA' ELEMENTI OĦRA TAS-SISTEMI TA' KONTROLL INTERN

4.7. Kif spjegat fil-paragrafu 4.5, aħna eżaminajna sistemi magħżula. Din l-għażla tipprovdi osservazzjonijiet dettaljati li ma jikkwalifikawx il-fehma tagħna dwar id-dħul, iżda jwasslu għal rakkomandazzjonijiet biex jittejbu aktar il-kalkolu u l-ġbir tad-dħul.

## Il-bilanċi u l-aġġustamenti tal-ING u tal-VAT jirriflettu aġġornamenti taċ-ċifri tal-ING u tal-VAT tal-Istati Membri u tal-ħidma tagħhom fuq ir-riżervi

4.8. Kull sena l-Istati Membri għandhom jipprovdu aġġornamenti tad-*data* tagħhom dwar l-ING u l-VAT għas-snin li għadhom suġġetti għal bidla (erba' snin) jew jindirizzaw il-punti taħt riżerva ([12]). Il-Kummissjoni tuża din l-informazzjoni biex tikkalkula mill-ġdid il-kontribuzzjonijiet tal-ING u tal-VAT mill-Istati Membri għas-snin preċedenti (bilanċi u aġġustamenti tal-VAT u tal-ING). Parti sostanzjali mill-korrezzjonijiet sinifikanti għal kontribuzzjonijiet, mill-Istati Membri, li ġew ikkalkulati fl-2014 (EUR 9 813-il miljun) irriżultat mill-ħidma fuq ir-riżervi tal-ING ([13]), li wasslet biex il-Kummissjoni tneħħi l-biċċa l-kbira minn dawk ir-riżervi matul l-2015.

## Il-Kummissjoni neħħiet għadd kbir ta' riżervi tal-ING

4.9. Ir-riżervi tal-ING jistgħu jkunu ġenerali jew speċifiċi. Riżervi ġenerali jkopru l-elementi kollha tal-kompilazzjoni tal-ING. Riżervi speċifiċi jkopru elementi diskreti tal-ING u jistgħu jkunu speċifiċi għat-tranżazzjonijiet ([14]), speċifiċi b'mod trasversali ([15]) jew speċifiċi għall-proċessi ([16]). Il-***Figura 4.2*** turi l-evoluzzjoni tal-għadd ta' riżervi stabbiliti fi tmiem is-sena. Hija tinkludi wkoll informazzjoni relatata mal-RPT u l-VAT diskussa aktar tard fil-kapitolu. Informazzjoni dettaljata dwar is-sitwazzjoni fi tmiem l-2015 mill-Istati Membri tista' tinstab fl-***Anness 4.3***.

([12]) Din id-*data* hija suġġetta għal reviżjoni għal mill-inqas erba' snin, u wara dan il-perjodu ssir preskritta, dment li ma jiġux issettjati riżervi. Riżerva hija mezz biex element dubjuż fid-*data* dwar l-ING u l-VAT ippreżentata minn Stat Membru jinżamm miftuħ għall-korrezzjoni wara l-limitu ta' żmien statutorju ta' erba' snin.

([13]) Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafi 4.6 sa 4.13.

([14]) Dawn ir-riżervi jkopru tranżazzjoni speċifika tal-ING fi Stat Membru.

([15]) Riżervi trasversali jkopru tranżazzjoni speċifika fl-Istati Membri kollha.

([16]) Użati meta jkun ikkonċernat stadju partikolari fil-proċess, ara l-paragrafu 4.11.

**Figura 4.2 – Evoluzzjoni tal-għadd ta' riżervi tal-ING, ta' riżervi tal-VAT u ta' punti miftuħa tal-RPT fi tmiem is-sena**




Ir-riżervi speċifiċi għall-proċessi (ara l-paragrafu 4.11) u r-riżervi ġenerali (ara l-paragrafu 4.12) tal-ING mhumiex inklużi fit-total tal-ING.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kien hemm tnaqqis sostanzjali fl-għadd ta' riżervi speċifiċi għat-tranżazzjonijiet u ta' riżervi speċifiċi b'mod trasversali li kienu stabbiliti**

4.10. Matul l-2015, il-Kummissjoni neħħiet 184 riżerva (67 riżerva speċifika għat-tranżazzjonijiet u 117-il riżerva speċifika b'mod trasversali), inkluża r-riżerva tal-PNG, speċifika għat-tranżazzjonijiet u pendenti għal żmien twil, fuq il-Greċja, u li hija relatata mal-perjodu 1995 – 2001 ([17]). Aħna ma identifikajniex problemi serji fil-kampjun tar-riżervi mneħħija li analizzajna. Fi tmiem l-2015, kien hemm 55 riżerva li kienu jkopru elementi diskreti tal-kompilazzjonijiet mill-Istati Membri (ara l-***Figura 4.2***), li minnhom 39 kienu speċifiċi għat-tranżazzjonijiet u 16 kienu speċifiċi b'mod trasversali.

## IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.10.** *Il-Kummissjoni tagħti prijorità għolja lill-verifika tal-ING u lit-tneħħija tar-riżervi. Konsegwentement, it-tim ta' ING fl-Eurostat ġie msaħħaħ permezz ta' riallokazzjoni temporanja tal-persunal fl-ewwel nofs tal-2015. Sussegwentement, il-persunal kien kważi rdoppja lejn tmiem is-sena.*

*In-numru ta' riżervi pendenti kien tnaqqas iktar matul l-ewwel parti tas-sena 2016.*

([17]) Il-prodott nazzjonali gross (PNG) kien l-aggregat tal-kontijiet nazzjonali użat sal-2001.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Ġew estiżi riżervi speċifiċi għall-proċessi**

4.11. Il-Kummissjoni estendiet is-27 riżerva speċifika għall-proċessi, rigward il-kompilazzjoni mill-Istati Membri, ta' *data* dwar l-ING għall-2010 sabiex tkopri s-sena 2011 – dawn kienu l-uniċi riżervi ssettjati fl-2015. Huma ġew issettjati biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq kontroll ([18]) fuq id-*data* stabbilita skont is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali (ESA 2010) ([19]).

**Għad hemm riżervi ġenerali rigward id-*data* tal-Greċja, dwar l-ING, li tkopri s-snin 2008 u 2009.**

4.12. L-uniċi riżervi ġenerali li kien hemm stabbiliti fi tmiem l-2015 kienu rigward id-*data* tal-Greċja, dwar l-ING, għas-snin 2008 u 2009. Għalkemm kien sar progress fl-indirizzar ta' dawn ir-riżervi, huma ma tneħħewx. Madankollu, matul l-2015 il-Kummissjoni kompliet issegwi mill-qrib il-problemi li kien hemm bil-kompilazzjoni, mill-Greċja, tal-kontijiet nazzjonali u żammet il-programm ta' assistenza teknika li kien twaqqaf fl-2014 bl-objettiv li tinħoloq awtorità nazzjonali tal-istatistika li tkun indipendenti u aktar b'saħħitha. Din il-ħidma ttejjeb l-affidabbiltà tad-*data* tal-Greċja dwar l-ING. Hija importanti, peress li l-kwalità ta' dik id-*data* jista' jkollha impatt fuq il-kontribuzzjonijiet individwali kollha mill-Istati Membri f'termini ta' riżorsi proprji bbażati fuq l-ING (ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna).

## Naqas l-għadd ta' riżervi tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT.

4.13. Fi tmiem is-sena, kien hemm total ta' 85 riżerva, meta mqabbel ma' 101 fl-2014 (ara l-***Figura 4.2***), li minnhom 69 kienu ġew issettjati mill-Kummissjoni u 16 mill-Istati Membri. Mid-69 riżerva stabbilita mill-Kummissjoni, 15 kienu relatati ma' ksur tad-Direttiva tal-VAT ([20]) (bħall-għoti ta' eżenzjonijiet għal prodotti jew attivitajiet li ma jmisshomx jiġu eżentati). L-għadd ta' riżervi, issettjati mill-Kummissjoni, li ilhom pendenti għal żmien twil ([21]) naqas minn 10 għal 6.

([18]) Dan il-kontroll irird ikun ibbażat fuq l-inventarji tal-ING. Inventarju huwa l-ispjegazzjoni dettaljata minn Stat Membru tas-sorsi u l-metodi użati għall-istimar tal-ING tiegħu. Huwa l-bażi għall-valutazzjoni mill-Eurostat tal-kwalità u l-eżawrjenza tad-*data* dwar l-ING fil-kuntest tal-ING għall-finijiet t tar-riżorsi proprji.

([19]) L-ESA 2010 hija l-qafas kontabilistiku l-aktar reċenti tal-UE, u kompatibbli internazzjonalment, għal deskrizzjoni sistematika dettaljata ta' ekonomija. Hija ġiet implimentata f'Settembru 2014.

([20]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

([21]) Aħna niddefinixxu riżervi pendenti għal żmien twil bħala dawk li jmorru lura għal mill-inqas 10 snin qabel, jiġifieri dawk li kienu stabbiliti fi tmiem l-2015 u li jikkonċernaw l-2006 u qabel.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Il-ġestjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali mill-Istati Membri għadha tista' tittejjeb

**Awditi *a posteriori* huma għodda importanti biex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-UE,…**

4.14. L-awtoritajiet doganali jistgħu jiċċekkjaw id-dokumenti kummerċjali u *data* relatati ma' merkanzija wara li tkun ġiet importata u meħlusa għal ċirkolazzjoni libera fl-UE ([22]). Dawn il-kontrolli, li jinkludu awditi *a posteriori* (wara r-rilaxx) ([23]), jissejħu kontrolli *a posteriori*. Jenħtieġ li jkunu bbażati fuq analiżijiet tar-riskju bl-użu ta' kriterji żviluppati fil-livelli nazzjonali, tal-UE u, fejn ikunu disponibbli, fil-livell internazzjonali ([24]).

**4.14.** *Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri b'mod konformi mal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju doganali sabiex jiġi żgurat li l-kontrolli (inklużi kontrolli ta' wara r-rilaxx) jkunu effettivi u bbażati fuq ir-riskju, b'mod partikolari permezz ta' aktar żvilupp tal-kriterji ta' riskju komuni tal-UE u l-istandards għal riskji finanzjarji.*

**… iżda jippersisti nuqqas ta' armonizzazzjoni, li jaffettwa r-riżultati**

4.15. Kif irrappurtat fir-rapporti annwali tas-snin preċedenti ([25]), aħna sibna dgħufijiet fl-identifikazzjoni, l-għażla u l-ispezzjoni tal-importaturi awditjati mill-Istati Membri. Bħala eżempju, fl-Italja, l-għażla ta' awditi *a posteriori* hija tipikament ibbażata fuq il-karatteristiki ta' tranżazzjonijiet individwali u mhux, kif irrakkomandat fil-gwida għall-awditjar doganali, tal-Kummissjoni, fuq il-profil ta' kumpaniji.

**4.15.** *Il-Kummissjoni, fl-ispezzjonijiet tagħha, teżamina b'mod regolari l-kontrolli ta' wara r-rilaxx inklużi l-verifiki mwettqa mill-Istati Membri u tgħeġġiġhom jużaw il-Gwida għall-Awditjar Doganali fit-twettiq ta' dawn il-kontrolli/awditi. Se ssegwi s-sejbiet tagħha fis-segwitu ta' sejbiet regolari li jirriżulta mill-awditi tal-Qorti u mill-ispezzjonijiet tagħha stess.*

*Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 4.14.*

([22]) L-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

([23]) Awditu *a posteriori* huwa metodu ta' kontroll tal-operaturi ekonomiċi permezz tal-eżaminar tal-kontijiet, ir-rekords u s-sistemi tagħhom. *Sors*: Gwida għall-awditjar doganali.

([24]) L-Artikolu 13(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

([25]) Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 4.19, ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 2.14, u r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 2.31.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.16. Il-kwalità, l-ambitu u r-riżultati tal-awditi *a posteriori* kienu jvarjaw sostanzjalment fit-tliet Stati Membri miżjura. Każ speċifiku huwa Franza, fejn, għal awditi *a posteriori*, dejn jista' jiġi notifikat aktar minn tliet snin wara li jkun iġġarrab. Dan l-approċċ huwa differenti minn dak fi Stati Membri oħra għaliex l-awditi huma, skont il-leġiżlazzjoni Franċiża, dejjem marbuta mal-prevenzjoni u s-segwitu ta' ksur tal-liġi doganali, u għaldaqstant għandhom it-tendenza li jwasslu għal proċedimenti kriminali. Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jinterrompu l-perjodu tal-preskrizzjoni, ta' tliet snin, matul l-awditi *a posteriori* ([26]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.16.** *Filwaqt li jista' jkun hemm raġunijiet aċċettabbli għad-differenza fil-kamp ta' applikazzjoni u fir-riżultati tal-awditi ta' wara r-rilaxx imwettqa fl-Istati Membri, il-Kummissjoni, waqt l-ispezzjonijiet tagħha fl-Istati Membri, se tkompli tanalizza l-punti mqajma mill-Qorti dwar l-awditi ta' wara r-rilaxx imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali. L-Istati Membri għandhom aċċess għal din il-Gwida għall-Awditjar Doganali, li l-użu tagħha mhuwiex obbligatorju imma għandu jiggwidahom fit-twettiq tal-kontrolli ta' wara r-rilaxx li jwettqu. F'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE, japplika terminu ta' skadenza ta' tliet snin għan-notifika ta' dejn doganali ħlief fejn il-każ jista' jagħti lok għal proċeduri kriminali. Id-determinazzjoni ta' jekk każ jistax iwassal għal tali proċedimenti hija differenti fl-Istati Membri. Id-Direttiva proposta dwar il-qafas ġuridiku tal-Unjoni għall-ksur u s-sanzjonijiet doganali (COM (2013) 884 final), ladarba tiġi adottata u applikata, hija mistennija li tindirizza l-kwistjoni tal-użu sistematiku tal-Artikolu 221(4) tal-Kodiċi Doganali Komunitarju (KDK) u issa l-Artikolu 103(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) minn xi Stati Membri.*

**Il-ġestjoni tal-kontijiet A u B għadha teħtieġ li titjieb f'xi Stati Membri**

4.17. Kull Stat Membru jibgħat lill-Kummissjoni dikjarazzjoni tad-dazji doganali tiegħu u l-imposti tiegħu fuq iz-zokkor stabbiliti fuq bażi ta' kull xahar (il-kontijiet A) u dikjarazzjoni ta' kull tliet xhur dwar id-dazji stabbiliti li ma jkunux inklużi fil-kontijiet A (il-kontijiet B) ([27]).

4.18. Il-Kummissjoni qabdet nuqqasijiet fil-ġestjoni, mill-Istati Membri, tal-kontijiet B fi 17 minn 22 Stat Membru miżjur. Bħal fis-snin preċedenti, aħna sibna wkoll ineffiċjenzi fil-ġestjoni tal-kontijiet B ([28]). Osservajna prattiki tajbin fil-Litwanja, minkejja li l-irkupru tad-dejn mhux dejjem sar b'suċċess (ara l-***Figura 4.3***). Fl-Italja xi dgħufijiet sistematiċi jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-awtoritajiet Taljani ma setgħux jikkonfermaw li l-ammonti kollha miġburin mill-kontijiet B ġew inklużi fid-dikjarazzjoni korretta tal-kontijiet A. Il-Kummissjoni identifikat żewġ Stati Membri oħra (il-Belġju u Franza) b'inkonsistenzi simili bejn id-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet A u d-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet B. Dawn in-nuqqasijiet ma affettwawx l-affidabbiltà tal-ammonti kumplessivi kif divulgat fil-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

**4.18.** *Il-Kummissjoni teżamina sistematikament, il-ġestjoni tal-kont B f'kull spezzjoni tagħha fl-Istati Membri, u meta ssib nuqqasijiet, titlob lill-Istati Membri biex dawn jiġu rettifikati. Fil-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji tal-Komunitajiet (ACOR) ta' Diċembru 2015, is-servizzi tal-Kummissjoni reġgħu qajmu l-problema dwar il-konsistenza bejn il-kontijiet A u B u talbu lill-Istati Membri li d-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet A u B tagħhom komplew juru inkonsistenzi biex jipprovdu pjan għar-riżoluzzjoni tagħhom bi skeda ta' żmien li fiha se jiġu solvuti u biex iwettqu kontrolli ta' rutina sabiex jevitaw li jerġa' jkun hemm dawn l-inkonsistenzi.*

([26]) L-Artikolu 221(4) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità jistipula li "Fejn id-dejn mad-dwana huwa riżultat ta' att li, fiż-żmien li kien kommess, kien jista' jwassal għal proċedimenti kriminali tal-qorti, l-ammont jista', skont il-kundizzjonijiet preskritti fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ, jiġi komunikat lid-debitur wara li jgħaddi l-perjodu ta' tliet snin riferit fil-paragrafu 3".

([27]) Meta d-dazji jew l-imposti jibqgħu ma jitħallsux u ma jkun ġie pprovdut l-ebda titolu ta' sigurtà, jew meta jkunu koperti minn titoli ta' sigurtà iżda jkun tqajjem dubju dwarhom, l-Istati Membri jistgħu jissospendu d-disponibbiltà ta' dawn ir-riżorsi billi jdaħħluhom f'dawn il-kontijiet separati.

([28]) Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 4.22, ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 2.16, u r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 2.32 u 2.33.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Figura 4.3 – Ma hemm l-ebda strument effettiv għall-irkupru tad-dejn minn kumpaniji rreġistrati barra mill-UE jew minn ċittadini ta' pajjiżi barra mill-UE.**

Għal pajjiżi debituri rreġistrati barra mill-UE jew djun ta' cittadini ta' pajjiżi barra mill-UE, ma hemm l-ebda strument effettiv għall-irkupru tad-dejn.

F'6 minn 24 każ ikkampjunat fil-Litwanja, id-debituri kienu minn pajjiżi mhux tal-UE: ċittadini tar-Russja, tal-Belarussja jew tal-Ukrajna u kumpaniji rreġistrati fit-Turkija u fil-Gżejjer Verġni Brittaniċi. Minkejja li l-awtoritajiet doganali Litwani wettqu l-proċeduri possibbli kollha ta' rkupru fi ħdan il-fruntieri tal-UE, fil-każijiet analizzati l-irkupru tad-dejn ma sarx b'suċċess.

Barra minn hekk, f'4 mill-15-il każ ta' tħassir [29] li aħna għażilna għal analiżi fl-Istati Membri kollha, l-awtoritajiet ma kinux setgħu jinfurzaw il-ġbir tad-dejn minħabba l-fatt li d-debituri kienu jinsabu fl-Iżvizzera, fl-Ukrajna jew fir-Russja.

**L-għadd ta' punti miftuħa jibqa' sinifikanti**

4.19. L-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni fl-Istati Membri jistgħu jirriżultaw fil-ħtieġa li jittieħdu passi mill-awtoritajiet nazzjonali minħabba nuqqas ta' konformita mar-regoli doganali tal-UE. Dawn huma magħrufa bħala punti miftuħa. Dawn il-punti miftuħa jista' jkollhom impatt finanzjarju potenzjali. Fi tmiem l-2015, total ta' 325 punt (ara l-***Figura 4.2***) kienu miftuħa [30].

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 4.3 — M'hemm l-ebda strument effettiv għall-irkupru ta' dejn minn kumpaniji rreġistrati barra l-UE jew minn ċittadini ta' pajjiżi barra mill-UE.***

*Il-Kummissjoni tqis li d-dħul fis-seħħ tal-KDU fl-1 ta' Mejju 2016 ipprovda strumenti addizzjonali biex jiġi żgurat il-ġbir tad-dejn fis-sitwazzjonijiet eżaminati mill-Qorti. B'mod partikolari, dan jespandi l-użu ta' garanziji obbligatorji u jipprevedi garanziji fakultattivi u l-ħatra ta' rappreżentanti doganali responsabbli b'mod konġunt ibbażati fl-UE.*

**4.19.** *Is-servizzi tal-Kummissjoni jsegwu "punti miftuħa" f'waqthom u mingħajr telf ta' żmien. Dawn jagħlqu punt biss meta jkunu sodisfatti li ttieħdu miżuri xierqa biex dan jissolva u meta kull riżorsa proprja tradizzjonali dovuta tkun saret disponibbli, bl-imgħax jekk applikabbli. Madankollu, punti kumplessi (pereżempju l-ħtieġa ta' bidla fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew bidliet fl-istruzzjonijiet, bidliet organizzattivi jew bidliet fl-IT fis-servizzi nazzjonali jew proċedimenti ta' ksur) jieħdu ż-żmien biex jiġu riżolti. Mit-325 punt muri mill-Qorti bħala miftuħa fl-aħħar tal-2015, 199 minnhom biss għandhom impatt finanzjarju potenzjali.*

---

[29] Każijiet li ġew aċċettati mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, li jeħles lill-Istati Membri mill-obbligu li jpoġġu għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti li jikkorrispondu għal drittijiet stabbiliti li wrew li kienu irrekuperabbli. Dawn l-erba' każijiet ta' tħassir jirrappreżentaw EUR 11-il miljun f'ammonti irrekuperabbli.

[30] Kien hemm 44 punt li kienu ilhom miftuħa għal aktar minn ħames snin. Il-punti l-aktar antiki li kienu għadhom miftuħa kienu jmorru lura għall-2002 u kienu jikkonċernaw il-Ġermanja, il-Greċja u l-Portugall.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Il-kalkoli tal-kontribuzzjonijiet miż-ŻEE/mill-EFTA u tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni kien fihom żbalji żgħar

4.20. Aħna identifikajna żbalji żgħar f'żewġ oqsma:

(a) il-kalkolu mill-Kummissjoni fl-2015 tal-kontribuzzjonijiet miż-ŻEE/mill-EFTA, u

(b) il-kalkolu mill-Kummissjoni fl-2015 tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni.

L-iżbalji kienu r-riżultat ta' formula skorretta tal-kalkolu u ta' inputs minn databases skaduti. Dawn l-iżbalji mhumiex materjali ([31]), iżda jindikaw li jenħtieġ li jitjiebu s-sistemi attwali biex dawn il-kalkoli jitwettqu u jiġu analizzati,

**4.20.**

**(b)** *Il-Kummissjoni ħadet miżuri biex ittejjeb il-kontrolli tagħha u biex tevita l-iżbalji identifikati mill-Qorti. Pereżempju, ġew introdotti listi ta' kontroll ġodda, ittejbu l-proċeduri għal preparazzjoni ta' inputs u ġiet imsaħħa aktar il-kontroverifika ta' dokumenti, speċjalment fir-rigward tal-inputs użati. Barra minn hekk, ġiet żviluppata deskrizzjoni aktar dettaljata tal-kalkoli li tipprovdi gwida aħjar għall-persunal il-ġdid involut.*

## Ir-rapporti annwali tal-attività jipprovdu valutazzjoni ġusta

4.21. Ir-Rapporti Annwali tal-Attività 2015 mid-DĠ Baġit u mill-Eurostat jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi li jikkonċernaw ir-riżorsi proprji u dħul ieħor. L-informazzjoni pprovduta tikkorrobora l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħna.

([31]) Dikjarazzjoni eċċessiva ta' EUR 2,9 miljun f'total ta' EUR 5 635,2 miljun (inqas minn 0,1 %) fil-kalkolu tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni u pagament eċċessiv ta' EUR 3,7 miljun f'total ta' EUR 425,8 miljun (0,9 %) mill-membri taż-ŻEE/tal-EFTA.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2015

4.22. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li d-dħul mhuwiex milqut minn livell materjali ta' żball. B'mod partikolari għad-dħul:

— aħna vvalutajna s-sistemi eżaminati bħala effettivi għar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING u fuq il-VAT;

— aħna vvalutajna s-sistemi eżaminati bħala effettivi b'mod ġenerali għall-RPT. Il-kontrolli interni ewlenin fl-Istati Membri miżjura huma vvalutati bħala parzjalment effettivi;

— aħna ma sibna l-ebda żball fit-tranżazzjonijiet li ttestjajna.

### Rakkomandazzjonijiet

4.23. L-***Anness 4.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2012 u 2013, aħna ppreżentajna seba' rakkomandazzjonijiet. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, erbgħa ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti u tlieta ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti.

4.24. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2015, aħna nirrakkommandaw li l-Kummissjoni:

*Riżorsi proprji tradizzjonali*

— **Rakkomandazzjoni 1:** tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-operaturi ekonomiċi jiġu ttrattati b'mod simili fl-Istati Membri kollha fir-rigward tal-preskrizzjoni tan-notfiki taddejn wara awditu *a posteriori*;

*Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-proposta tagħha għal Direttiva dwar il-qafas ġuridiku tal-Unjoni għal ksur u sanzjonijiet doganali (COM (2013) 884 final) tindirizza l-osservazzjonijiet tal-Qorti u li huwa mistenni li l-qagħda titjieb hekk kif il-proposta tiġi adottata u applikata. Madankollu, ir-riżultat jiddependi fuq id-deċiżjoni tal-awtorità leġiżlattiva.*

— **Rakkomandazzjoni 2:** tipprovdi lill-Istati Membri bi gwida biex itejbu l-ġestjoni tagħhom tal-entrati rreġistrati fil-kontijiet B;

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Is-servizzi tagħha, fl-ispezzjonijiet tagħhom fl-Istati Membri, regolarment jipprovdu gwida lill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-ġestjoni tal-kont B u jippromwovu l-aħjar prattiki.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakkomandazzjoni 3:** tiżgura li l-Istati Membri jiddikjaraw b'mod korrett u jagħmlu disponibbli l-ammonti miġbura mill-kontijiet B;

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Hija se tkompli tiżgura li l-Istati Membri jiddikjaraw b'mod korrett u jagħmlu disponibbli l-ammonti rkuprati mill-kontijiet B.*

— **Rakkomandazzjoni 4**: tiffaċilita sa fejn possibbli l-irkupru tad-djun doganali mill-Istati Membri, fejn id-debituri ma jkunux ibbażati fi Stat Membru tal-UE.

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Fi żmien xieraq, il-Kummissjoni se teżamina u tivvaluta l-effettività tal-KDU l-ġdid sabiex tindirizza l-kwistjonijiet identifikati mill-Qorti.*

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-Figura 4.3.*

*Kontribuzzjonijiet miż-ŻEE/mill-EFTA u mekkaniżmi ta' korrezzjoni*

— **Rakkomandazzjoni 5**: ittejjeb il-kontrolli fuq il-kalkoli tal-kontribuzzjonijiet miż-ŻEE/mill-EFTA u tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni.

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Sabiex jitjiebu l-kontrolli, diġà tejbet u saħħet il-proċeduri u l-listi ta' kontroll.*

ANNESS 4.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAD-DĦUL*

| | 2015 | 2014 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **55** | 55 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **0,0 %** | 0,0 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 0,0 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 0,0 % | |

ANNESS 4.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAD-DĦUL*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar kjarifika dwar il-metodoloġiji li jużaw għall-kompilazzjoni ta' *data* fil-qasam tal-ekonomija li ma tidhirx u biex jippromwovu l-armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam. | X | | | | | | |
| | Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u timmonitorja mill-qrib pjan ta' azzjoni dettaljat bi stadji importanti ċari biex tindirizza l-problemi fil-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali tal-Greċja. | | X | | | | | *Il-pjan ta' azzjoni tal-istatistika eżistenti għall-Greċja, JOSGAP, se jiġi ssupplimentat minn pjan speċifiku għall-Kontijiet Nazzjonali matul l-2016.* |
| | Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tal-analiżi tar-riskju għall-awditi doganali *a posteriori*, inkluż il-bini fuq l-informazzjoni fid-database eżistenti ta' importazzjonijiet, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmiraw aħjar lejn importaturi riskjużi. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni taċċettat ir-rakkomandazzjoni. Il-verżjoni l-ġdida tal-Gwida għall-Awditjar Doganali (2014) tistabbilixxi indikaturi tar-riskju għall-awditu ta' wara r-rilaxx. Huma ppjanati bidliet fil-bażi tad-dejta eżistenti ta' importazzjonijiet, iżda mhux se jkunu jistgħu jitħaddmu kompletament sal-2018.*<br><br>*L-aġġornament tas-sistema eżistenti Surveillance 2 għal Surveillance 3 huwa soġġett għall-implimentazzjoni tal-KDU (Att Delegat u Att ta' Implimentazzjoni tal-KDU) u qed jitwettaq filwaqt li jitqies il-Programm ta' Ħidma għall-KDU (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni COM 2014/255/UE).* |
| | Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw il-gwida eżistenti, u timmonitorja l-implimentazzjoni ta' awditi *a posteriori* tal-Istati Membri. | | | X | | | | *Il-Kummissjoni taċċettat ir-rakkomandazzjoni. Taħt il-qafas ġuridiku attwali, it-twettiq ta' kontrolli huwa kompetenza tal-Istat Membru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni matul l-ispezzjonijiet tagħha ta' kontrolli doganali mwettqa, se tħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-gwida eżistenti ufejn isibu dgħufijiet fit-twettiq tal-verifiki ta' wara r-rilaxx titlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' rimedju. Il-Kummissjoni tfakkar li l-Gwida tal-Awditi Doganali riveduta kienet approvata f'Marzu 2014.*<br><br>*Il-Kummissjoni tqis li din implimentat bis-sħiħ din ir-rakkomandazzjoni. Madankollu, ir-rakkomandazzjoni tirreferi wkoll għal proċess kontinwu li l-Kummissjoni tkompli ssegwi.*<br><br>*Hija se tkompli tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jużaw il-gwida eżistenti.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 u 2012 | Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw b'mod korrett il-kontijiet A u B u biex jiżguraw li dawn ikunu kompleti u korretti b'mod evidenti (*). | | X | | | | | *Il-Kummissjoni għamlet dan u se tkompli taħmel hekk. Hi se tkompli teżamina l-użu tal-kontijiet A u B matul l-ispezzjonijiet tagħha u se titlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li dawn ikunu kompluti u korretti.* |
| 2012 | Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-qafas ta' kontroll tagħha għall-verifikazzjoni tad-*data* dwar l-ING inkluż li twettaq analiżi strutturata u formalizzata tal-kostijiet-benefiċċji, twettaq verifikazzjoni approfondita tal-komponenti materjali u riskjużi tal-ING, tillimita l-użu ta' riżervi ġenerali u tistabbilixxi kriterji tal-materjalità biex isiru r-riżervi. | | X | | | | | *F'April 2016, il-Kummissjoni ppubblikat il-pjanijiet tagħha għaċ-ċiklu ta' verifika li jmiss. Dawn jinkludu valutazzjoni dettaljata tar-riskju, analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji u ħafna kwistjonijiet oħrajn li qajmet il-Qorti f'dawn l-aħħar snin. It-titjib rigward il-ġestjoni u l-materjalità tar-riżervi diġà ġie implimentat.* |
| | Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu s-superviżjoni doganali sabiex jimmassimizzaw l-ammont tal-RPT miġbur. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni għamlet dan u se tkompli taħmel hekk. Matul il-kors tal-ispezzjonijiet regolari perjodiċi tagħha, din se tkompli tivverifika li l-Istati Membri stabbilixxew oqfsa xierqa ta' kontroll sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE fil-qasam tar-riżorsi proprji tradizzjonali.* |

(*) Il-Kummissjoni twettaq segwitu tal-użu tal-kontijiet A u B kull sena. Madankollu, peress li l-problema għadha hemm, l-isforzi jridu jitkomplew.

ANNESS 4.3

*GĦADD TA' RIŻERVI TAL-ING, TA' RIŻERVI TAL-VAT U TA' PUNTI MIFTUĦA TAL-RPT, LI KIENU PENDENTI FIL-31.12.2015, SKONT L-ISTAT MEMBRU*

| Stat Membru | Riżervi tal-ING (sitwazzjoni fil-31.12.2015) | Riżervi tal-VAT (sitwazzjoni fil-31.12.2015) | "Punti miftuħa" tal-RPT (sitwazzjoni fil-31.12.2015) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 1 | 4 | 22 |
| Il-Bulgarija | 1 | 2 | 4 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 0 | 0 | 3 |
| Id-Danimarka | 0 | 3 | 16 |
| Il-Ġermanja | 1 | 4 | 8 |
| L-Estonja | 0 | 1 | 3 |
| L-Irlanda | 1 | 6 | 8 |
| Il-Ġreċja | 12 | 7 | 28 |
| Spanja | 0 | 2 | 18 |
| Franza | 1 | 3 | 38 |
| Il-Kroazja | 0 | 0 | 3 |
| L-Italja | 0 | 4 | 12 |
| Ċipru | 0 | 0 | 6 |
| Il-Latvja | 12 | 1 | 2 |
| Il-Litwanja | 0 | 0 | 3 |
| Il-Lussemburgu | 0 | 3 | 1 |
| L-Ungerija | 1 | 1 | 9 |
| Malta | 1 | 0 | 4 |
| In-Netherlands | 0 | 11 | 48 |
| L-Awstrija | 0 | 4 | 5 |
| Il-Polonja | 11 | 4 | 7 |
| Il-Portugall | 0 | 2 | 13 |
| Ir-Rumanija | 12 | 3 | 16 |
| Is-Slovenja | 0 | 0 | 4 |
| Is-Slovakkja | 0 | 0 | 3 |
| Il-Finlandja | 0 | 7 | 10 |
| L-Iżvezja | 0 | 3 | 8 |
| Ir-Renju Unit | 1 | 10 | 23 |
| **TOTAL 31.12.2015** | **55** | **85** | **325** |
| TOTAL 31.12.2014 | 239 | 101 | 348 |

Ir-riżervi tal-ING, speċifiċi għall-proċessi u dawk ġenerali, mhumiex inklużi fit-tabella.
*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

KAPITOLU 5

## "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 5.1-5.5 |
| Deskrizzjoni qasira ta' "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" | 5.2-5.4 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 5.5 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 5.6-5.16 |
| Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji jikkonċernaw spejjeż għall-persunal u spejjeż indiretti ddebitati b'mod eċċessiv | 5.11-5.15 |
| Ksur tar-regoli tal-akkwist | 5.16 |
| Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività | 5.17-5.20 |
| Ir-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni jikkorroboraw is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna | 5.17-5.20 |
| Eżaminar tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll magħżula | 5.21-5.34 |
| Ċentru ta' Appoġġ Komuni għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni | 5.21-5.34 |
| Servizz tal-Awditjar Komuni | 5.24-5.26 |
| Implimentazzjoni tar-riżultati tal-awditjar *ex post* għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka | 5.27-5.31 |
| Strateġija tal-awditjar *ex post* għal Orizzont 2020 | 5.32-5.34 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 5.35-5.38 |
| Il-konklużjoni għall-2015 | 5.35-5.36 |
| Rakkomandazzjonijiet | 5.37-5.38 |

Anness 5.1 - Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

Anness 5.2 - Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

5.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għal "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi". Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2015 tingħata fil-***Figura 5.1***.

## Deskrizzjoni qasira ta' "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi"

5.2. L-objettivi tal-infiq jinkludu t-titjib tar-riċerka u l-innovazzjoni, it-tisħiħ tas-sistemi edukattivi u l-promozzjoni tal-impjieg, l-iżgurar ta' suq uniku diġitali, il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, l-immodernizzar tas-settur tat-trasport u t-titjib tal-ambjent tan-negozju, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

5.3. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jirrappreżentaw 62 % tal-infiq, li sar permezz tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku 2007-2013 (is-"Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka") u Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2014-2020 ("Orizzont 2020"). Strumenti importanti oħra ta' nfiq huma: il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja u Erasmus+ fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport; il-Programmi spazjali Galileo, EGNOS u Copernicus; il-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport, li jipprovdi finanzi għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport; il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru b'appoġġ għal proġetti fis-settur tal-enerġija; u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li tappoġġa l-iżvilupp ta' netwerks fis-setturi ta' trasport, telekomunikazzjoni u enerġija.

5.4. Kważi 90 % tal-infiq huwa f'forma ta' għotjiet lil benefiċjarji privati jew pubbliċi li jipparteċipaw fi proġetti. Il-Kummissjoni tagħmel pagamenti bil-quddiem mal-iffirmar ta' ftehim ta' għotja jew ta' deċiżjoni ta' finanzjament. Il-Kummissjoni tirrimborża l-ispejjeż iffinanzjati mill-UE li jiġu rrappurtati mill-benefiċjarji, filwaqt li tnaqqas il-pagamenti bil-quddiem li jkunu tħallsu. Ir-riskju prinċipali għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet huwa li l-benefiċjarji jiddikjaraw spejjeż ineliġibbli, li la jinqabdu u lanqas ma jiġu kkoreġuti qabel ma jsir rimborż mill-Kummissjoni.

**Figura 5.1 – Subintestatura 1.a tal-QFP – "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" – Informazzjoni ewlenija għall-2015**

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 16,8 |
| - *pagamenti bil-quddiem* [1] | *9,5* |
| + *approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* [1] | *7,2* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **14,5** |

[1] F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

5.5. L-***Anness 1.1*** jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna. Għall-awditu ta' "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi", jenħtieġ li jiġu osservati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) Aħna eżaminajna kampjun ta' 150 tranżazzjoni kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq taħt is-subintestatura tal-QFP. Huwa kien jikkonsisti fi: 88 tranżazzjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni; 18-il tranżazzjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u 44 tranżazzjoni għal programmi u attivitajiet oħra.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) Għal programmi ġodda, bħal Orizzont 2020 u Erasmus+, kważi l-pagamenti kollha li saru fl-2015 kienu pagamenti bil-quddiem, li huma esklużi mill-kampjunar tagħna. L-ittestjar tagħna tat-tranżazzjonijiet fil-biċċa l-kbira ffoka fuq pagamenti għal proġetti taħt il-programmi għall-perjodu 2007-2013, speċjalment is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja.

(c) Aħna vvalutajna r-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (id-DĠ RTD), tad-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (id-DĠ GROW) u tad-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura (id-DĠ EAC).

(d) Aħna eżaminajna t-twaqqif taċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-awditjar *ex post* tal-Kummissjoni għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u għal Orizzont 2020.

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

5.6. L-***Anness 5.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-150 tranżazzjoni li eżaminajna, 72 (48 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-38 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 4,4 % [1].

5.7. Il-***Figura 5.2*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żbalji kkontribwew għal-livell ta' żball stmat minna għall-2015.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.6.** *Ir-rata ta' erruri rrappurata mill-Qorti hija indikatur wieħed tal-effettività tal-implimentazzjoni tan-nefqa tal-UE. Madankollu, il-Kummissjoni għandha strateġija ta' kontroll pluriennali. Fuq din il-bażi, is-servizzi tagħha jikkalkulaw rata ta' erruri residwi, li tqis l-irkupri, il-korrezzjonijiet u l-effetti tal-kontrolli u l-awditi kollha tagħhom matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-programm.*

**5.7.** *Fil-proġetti tar-riċerka u tal-innovazzjoni, il-kostijiet tal-persunal u l-kostijiet indiretti huma responsabbli għall-parti l-kbira mill-kostijiet tal-proġett. Sabiex takkomoda d-diversità tal-istrutturi tal-kostijiet fil-qasam tar-riċerka Ewropea, saret għażla konxja li jiġu rrimborżati dawn il-kategoriji ta' kostijiet fuq il-bażi tal-kostijiet reali, minflok kostijiet unitarji jew rati fissi. Din hija r-raġuni għaliex huma suxxettibbli għal żbalji, kif jidher fil-grafika.*

*L-Orizzont 2020 nibet sabiex jittratta, sa fejn possibbli, dawn is-sorsi ta' erruri permezz ta' introduzzjoni ta' għadd ta' simplifikazzjonijiet – ara l-paragrafu 5.12 hawn taħt.*

[1] Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tal-livell ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni huwa ogħla minn 2 % għas-snin finanzjarji 2014 u 2015.

**Figura 5.2 – "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" – Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat**




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.8. Għal 10 minn 38 tranżazzjoni li kienu suġġetti għal żball ikkwantifikat, aħna rrappurtajna żbalji li jaqbżu l-20 % tal-elementi eżaminati. Dawn l-10 każijiet (9 mis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u wieħed mill-Programm Kompetittività u Innovazzjoni 2007-2013) jirrappreżentaw 77 % tal-livell kumplessiv ta' żball stmat għal "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" fl-2015.

5.9. Għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-tip u l-firxa ta' żbalji li sibna huma simili għal dawk li qbadna matul is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka. Aħna sibna inqas żbalji kkwantifikati fil-pagamenti għal programmi u attivitajiet oħra meta mqabbla ma' snin preċedenti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.10. F'16-il każ ta' żbalji kwantifikabbli, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jew l-awdiuri indipendenti [2] kellhom informazzjoni suffiċjenti biex jipprevienu, jew biex jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jaċċettaw l-infiq. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat għall-prevenzjoni, jew għad-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'0,6 punti perċentwali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.10.** *Il-Kummissjoni għandha sistema soda ta' kontrolli* ex ante *fis-seħħ li tinkludi listi ta' kontroll awtomatizzati dettaljati, gwida bil-miktub u taħriġ kontinwu. It-titjib ta' din is-sistema mingħajr ma jiġi impost piż amministrattiv addizzjonali fuq il-benefiċjarji, u filwaqt li jiġi assigurat li l-pagamenti lir-riċerkaturi jsiru fil-ħin, hija sfida kostanti. Is-sejbiet tal-Qorti ġew u se jintużaw sabiex isir aktar titjib fil-kontrolli* ex ante.

*Fir-rigward tal-awdituri indipendenti li jiċċertfikaw il-pretensjonijiet ta' kostijiet, li jammontaw għal 15 mis-16-il każ imsemmija mill-Qorti, din hija kwistjoni magħrufa sew, trattata f'rapporti preċedenti. Sabiex tkompli fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, il-Kummissjoni organizzat sensiela ta' laqgħat immirati għall-benefiċjarji u għall-awdituri indipendenti li jiċċertifikaw (iktar minn 300) sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-aktar erruri komuni. Barra minn hekk, ingħata feedback lill-awdituri li jiċċertifikaw li għamlu erruri, u ġie pprovdut mudell aktar didattiku għaċ-ċertifikati tal-awditi f'Orizzont 2020. Għar-riċerka, iċ-ċertifikati tal-awditi huma stmati li jnaqqsu r-rata ta' erruri b'50 % meta mqabbla mal-pretensjonijiet mhux iċċertifikati. Għaldaqstant, filwaqt li huwa rikonoxxut li ma jidentifikawx kull errur, huma għodda importanti sabiex titnaqqas ir-rata ta' erruri ġenerali.*

## Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji jikkonċernaw spejjeż għall-persunal u spejjeż indiretti ddebitati b'mod eċċessiv

5.11. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji kkwantifikati li sibna (33 minn 38) kienu jikkonċernaw ir-rimborż ta' spejjeż għall-persunal u spejjeż indiretti li kienu ineliġibbli u li ġew iddikjarati mill-benefiċjarji. Aħna qbadna dawn l-iżbalji prinċipalment, iżda mhux esklussivament, fi proġetti għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (ara l-***Figura 5.3***).

**5.11.** *L-awditi proprji tal-Kummisjoni wkoll urew li t-tip u l-livell tal-erruri baqgħu stabbli bħala riżultat tar-regoli kumplessi tas-Seba' Programm Kwadru (FP7). Madankollu, billi l-kuntratti kollha tal-FP7 ġew iffirmati, il-modifikazzjoni ulterjuri tal-qafas legali ma għadiex opzjoni. Matul il-perjodu tal-FP7, madankollu, il-Kummissjoni ppruvat tissimplifika s-sistema fi ħdan il-qafas legali eżistenti, pereżempu l-miżuri ta' simplifikazzjoni adottati mill-Kummissjoni fl-24 ta' Jannar 2011 (id-Deċiżjoni C(2011)174).*

*L-Orizzont 2020 jinkludi simplifikazzjoni radikali tal-qafas legali, sabiex jintlaħqu l-aspettattivi ta' kemm il-partijiet ikkonċernati kif ukoll l-awtoritajiet leġiżlattivi, billi jiffoka b'mod partikulari fuq il-persunal u l-kostijiet indiretti bħala s-sorsi ewlenin ta' erruri.*

[2] F'ċerti każijiet, pereżempju d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż għal proġetti taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka fejn il-kontribuzzjoni mill-UE taqbeż l-EUR 375 000, jeħtieġ li l-awdituri indipendenti jiċċertifikaw li l-ispejjeż iddikjarati jkunu eliġibbli.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Figura 5.3 – Eżempju tar-rimborż ta' spejjeż għall-persunal li kienu ineliġibbli**

Aħna eżaminajna dikjarazzjoni tal-ispejjeż ta' EUR 250 000 minn benefiċjarju li kien jaħdem ma' tmien sħab fuq proġett għall-iżvilupp ta' servizzi tal-cloud computing taħt il-Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni fi ħdan il-Programm Kompetittività u Innovazzjoni 2007-2013. Aħna sibna li l-ispejjeż għall-persunal iddebitati għall-proġett ġew iddikjarati b'mod eċċessiv peress li ġew ikkalkulati bl-użu ta' għadd standard ta' sigħat ta' xogħol li kien ogħla mill-għadd reali ta' sigħat. L-ispiża għas-salarji kienet tinkludi wkoll pagamenti ta' bonus li kienu ineliġibbli.

5.12. Kważi l-iżbalji kollha li sibna fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż kienu dovuti għal benefiċjarji li interpretaw ħażin ir-regoli kumplessi ta' eliġibbiltà jew li kkalkulaw b'mod skorrett l-ispejjeż eliġibbli tagħhom. Aħna identifikajna żewġ każijiet ta' frodi ssuspettata, fejn il-benefiċjarji dehru li kienu intenzjonalment iddikjaraw b'mod eċċessiv l-ispejjeż eliġibbli tagħhom tal-proġett.

5.13. Għall-ispejjeż għall-persunal, il-benefiċjarji spiss ikkalkulaw b'mod skorrett ir-rati fis-siegħa għall-persunal tagħhom li ġew iddebitati għall-proġett jew inkella ma setgħux jipprovdu evidenza adegwata taż-żmien effettiv li l-membri tal-persunal tagħhom qattgħu fuq il-proġett. F'ħames każijiet, il-benefiċjarji ddikjaraw b'mod żbaljat l-użu ta' konsulenti esterni bħala spejjeż għall-persunal (ara l-***Figura 5.4***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Illustrazzjoni 5.3 — Eżempju tar-rimborż ta' kostijiet tal-persunal ineliġibbli***

*Il-Kummissjoni se tirkupra l-ammonti mħallsa bi żball.*

*Is-sopravvalutar ta' rati fis-siegħa kien ikkawżat minn erruri fil-kalkolu ta' sigħat produttivi. Ir-regoli għal dan il-kalkolu ġew simplifikati f'Orizzont 2020 biex jiġi evitat dan it-tip ta' errur.*

**5.12.** *Fid-dawl tal-kumplessità tar-regoli, il-Kummissjoni introduċiet ħafna simplifikazzjonijiet fl-Orizzont 2020. Dawn jinkludu:*

— *rata waħda ta' finanzjament għal kull azzjoni, identifikata fis-sejħa għall-proposti;*

— *rata fissa għall-kostijiet indiretti;*

— *reġistrazzjoni tal-ħin simplifikata u aktar użu tal-prattiki tal-benefiċjarji;*

— *regoli aktar flessibbli għal partijiet terzi u sottokuntrattar;*

— *regoli aktar sempliċi u aktar ċari għall-kalkolu ta' sigħat produttivi (u għalhekk għal spejjeż tal-persunal)*

*Ġew introdotti regoli u mekkaniżmi aktar sempliċi meta l-objettivi tal-politika ppermettewhom. L-għotjiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka u ta' Marie Skłodowska Curie huma sempliċi – jittrattaw primarjament il-korpi pubbliċi, jużaw rati fissi u somom f'daqqa b'mod aktar mifrux, u l-parti l-kbira tagħhom huma għotjiet benefiċjarji uniċi. Dan jillimita l-wisa' għal miżinterpretazzjoni, u r-rati tal-erruri huma taħt 2 % għal dawn l-iskemi.*

**5.13.** *Ir-regoli għall-użu ta' konsulenti kienu diffiċli fl-FP7, ir-regoli ġew simplifikati f'Orizzont 2020.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Figura 5.4 – Eżempju tar-rimborż ta' spejjeż għall-persunal li kienu ineliġibbli**

Aħna eżaminajna dikjarazzjoni tal-ispejjeż ta' EUR 85 000 minn benefiċjarju li ħadem ma' 11-il sieħeb fuq proġett taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka, għall-iżvilupp ta' sistemi ta' monitoraġġ ambjentali. Il-benefiċjarju rrekluta konsulenti biex jimplimentaw il-proġett. Aħna sibna li l-konsulenti ma ssodisfawx il-kriterji biex ikunu jistgħu jitqiesu bħala konsulenti interni, speċjalment peress li l-ispiża biex dawn jiġu impjegati kienet sinifikattivament ogħla mill-ispejjeż għall-persunal ta' impjegati tal-istess kategorija għand il-benefiċjarju. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda evidenza ta' sostenn li setgħet tiġġustifika l-ispejjeż għall-persunal ikklejmjati għal membru tal-persunal partikolari.

5.14. Għall-ispejjeż indiretti, benefiċjarji li wettqu żbalji fid-dikjarazzjoni ta' spejjeż indiretti effettivi użaw metodoloġija skorretta jew inkella inkludew spejjeż ineliġibbli fil-kalkolu tal-ammont tal-ispejjeż ġenerali tagħhom attribwibbli għall-proġett (ara l-***Figura 5.5***). Għal benefiċjarji li ddikjaraw rata fissa ta' spejjeż indiretti, ibbażata fuq perċentwal tal-ispejjeż diretti, kwalunkwe żball fl-ispejjeż diretti tagħhom wassal għal żball proporzjonali fl-ispejjeż indiretti tagħhom li kienu eliġibbli.

**Figura 5.5 – Eżempju tar-rimborż ta' spejjeż indiretti li kienu ineliġibbli**

Aħna eżaminajna dikjarazzjoni tal-ispejjeż ta' EUR 146 000 minn benefiċjarju li ħadem ma' 11-il sieħeb fuq proġett taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka għall-iżvilupp ta' sistemi msaħħa ta' informazzjoni maniġerjali ġeografika. Aħna sibna li parti mill-ispejjeż għall-persunal li ġew iddikjarati mill-benefiċjarju kienu fil-fatt intużaw fuq proġett differenti. Il-benefiċjarju inkluda elementi ineliġibbli fil-kalkolu tiegħu tal-ispejjeż indiretti (spejjeż għall-persunal mhux marbuta ma' appoġġ amministrattiv, spejjeż għall-kummerċjalizzazzjoni, u spejjeż għall-uffiċċji u għall-ivvjaġġar li ma kinux marbuta mal-attivitajiet ta' riċerka).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Illustrazzjoni 5.4 — Eżempju tar-rimborż ta' kostijiet tal-persunal ineliġibbli***

*Ir-regoli għall-konsulenti ġew simplifikati f'Orizzont 2020 biex jiġi evitat jew jitnaqqas dan it-tip ta' errur.*

**5.14.** *Il-kalkolu tal-kostijiet indiretti reali huwa kumpless u sors regolari ta' erruri. Ir-regoli ta' Orizzont 2020 ġew simplifikati u ser tapplika rata fissa ta' spejjeż ġenerali fil-każijiet kollha, sabiex jiġu evitati dawn l-erruri.*

***Illustrazzjoni 5.5 — Eżempju tar-rimborż ta' kostijiet indiretti ineliġibbli***

*Rigward il-kostijiet indiretti, l-eżempju juri l-kumplessità tal-kalkolu tal-kostijiet indiretti reali. Din hija r-raġuni għalfejn Orizzont 2020 jintroduċi rata fissa tal-ispejjeż ġenerali għall-proġetti kollha.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.15. Ir-regoli ta' Orizzont 2020 ġew issimplifikati. Madankollu, fir-Rapport Annwali 2014 tagħna aħna ġbidna l-attenzjoni għal riskji akbar ta' pagamenti irregolari f'każijiet fejn ir-riċerkaturi jirċievu rimunerazzjoni addizzjonali [3]; jew fejn il-parteċipanti jużaw infrastruttura kbira tar-riċerka. Aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni tiżviluppa strateġija xierqa ta' kontroll, inklużi kontrolli adegwati ta' spejjeż iddikjarati taħt dawk il-kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà [4]. Fl-ittestjar limitat li wettaqna għal Orizzont 2020 [5] fl-2015, aħna osservajna li r-riskju relatat ma' rimunerazzjoni addizzjonali fil-fatt seħħ fil-prattika.

## Ksur tar-regoli tal-akkwist

5.16. Għalkemm aħna sibna 6 każijiet fl-10 akkwisti li eżaminajna, il-konformità mar-regoli tal-akkwist tjiebet b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-sena preċedenti. F'każ wieħed, aħna identifikajna nuqqas serju ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, u għalhekk l-ispejjeż iddikjarati għall-kuntratt li ġie awditjat kienu ineliġibbli. L-iżbalji li jifdal kienu jinkludu każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni, applikazzjoni skorretta tal-kriterji tal-għażla u nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Dawn l-iżbalji proċedurali mhumiex ikkwantifikati u ma jikkontribwux għar-rata ta' żball stmata minna.

## EŻAMINAR TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ

## Ir-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni jikkorroboraw is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna

5.17. Aħna eżaminajna r-rapporti annwali tal-attività għad-DĠ RTD, id-DĠ GROW u d-DĠ EAC. Aħna nqisu li r-rapporti jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja b'rabta mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet, u li l-informazzjoni pprovduta tikkorrobora s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħna fil-biċċa l-kbira mill-aspetti. Pereżempju, ir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ RTD jinkludi riżerva fuq pagamenti għar-rimborż ta' klejms għall-ispejjeż taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.15.** *Il-Kummissjoni ħolqot strateġija ta' awditi għal Orizzont 2020 u qed tiżviluppa wkoll strateġiji ta' kontroll b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.*

*Fir-rigward tar-remunerazzjoni addizzjonali f'benefiċjarji mingħajr skop ta' qligħ, il-Kummissjoni żviluppat regoli li hija tittama li jsibu bilanċ bejn simplifikazzjoni, ċertezza u għajnuna raġonevoli lir-riċerkaturi filwaqt li tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja tajba. L-osservazzjoni tal-Qorti tallinja mal-esperjenza tal-Kummissjoni stess, u s-soluzzjonijiet huma mfittxija attivament mal-organizzazzjonijiet u l-Istati Membri involuti.*

(3) Pagamenti li jsiru addizzjonalment għar-rimunerazzjoni normali ta' impjegat (pereżempju għal xogħol addizzjonali jew kompetenzi speċifiċi) li jirriżultaw f'rata ogħla fis-siegħa għal proġetti speċifiċi.

(4) Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafi 5.14 u 5.35.

(5) Il-kampjun tagħna għall-ittestjar tat-tranżazzjonijiet kien jinkludi element wieħed għal Orizzont 2020.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.18. Id-DĠ RTD u d-DĠ GROW ħarġu riżervi ġodda għal pagamenti fejn stmaw li r-rata tal-iżball residwu (il-livell ta' żbalji mhux maqbuda u mhux ikkoreġuti li jifdal fi tmiem programm) se taqbeż it-2 %.

5.19. Id-DĠ RTD introduċa riżerva li tikkonċerna pagamenti għar-rimborż ta' klejms għall-ispejjeż għall-Fond għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar, peress li r-rata tal-iżball residwu kienet stmata għal madwar 3 %. Id-DĠ GROW introduċa riżerva li tikkonċerna pagamenti għar-rimborż ta' klejms għall-ispejjeż għall-Programm Kwadru 2007-2013 għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, fejn ir-rata tal-iżball residwu stmata kienet ta' 6,1 %.

5.20. Kemm għall-Fond għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar kif ukoll għall-Programm Kwadru 2007-2013 għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, ir-raġuni prinċipali għall-iżbalji hija l-kumplessità tar-regoli u l-fatt li minħabba li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà huma simili iżda mhux eżattament l-istess bħal dawk għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka, il-benefiċjarji jagħmlu żbalji billi japplikaw ir-regoli għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka fil-kalkolu tad-dikjarazzjonijiet tagħhom tal-ispejjeż.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.20.** *Ir-regoli dwar il-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, skema indipendenti żgħira fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (nefqa ta' EUR 44 miljun fl-2015) qed jiġu armonizzati ma' dawk tal-Programm Qafas prinċipali kull fejn ikun possibbli.*

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI TA' ĠESTJONI U KONTROLL MAGĦŻULA

### Ċentru ta' Appoġġ Komuni għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni

5.21. Ir-responsabbiltà għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni hija kondiviża fost bosta korpi ta' implimentazzjoni: tmien direttorati ġenerali tal-Kummissjoni, seba' impriżi konġunti, erba' aġenziji eżekuttivi, aġenzija deċentralizzata, u bosta organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu taħt ftehimiet ta' delega.

5.22. Bil-ħsieb ta' implimentazzjoni effiċjenti u armonizzata tal-programm, u filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tagħna ([6]), f'Jannar 2014 il-Kummissjoni waqqfet Ċentru ta' Appoġġ Komuni għall-ġestjoni ta' Orizzont 2020. Iċ-Ċentru huwa ospitat mid-DĠ RTD u jipprovdi servizzi komuni fl-appoġġ legali, awditi *ex post* (permezz tas-Servizz tal-Awditjar Komuni), sistemi u operazzjonijiet tal-IT, proċessi tan-negozju u informazzjoni u *data* dwar il-programm.

([6]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 2/2013 "Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effiċjenti tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka?" (ĠU C 267, 17.9.2013).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.23. Iċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni huwa pass pożittiv lejn is-simplifikazzjoni tas-sistemi u l-operazzjonijiet tal-IT, l-armonizzazzjoni tal-ġestjoni tal-għotjiet u l-iżgurar li id-diversi korpi ta' implimentazzjoni japplikaw ir-regoli ta' Orizzont 2020 b'mod konsistenti. Madankollu, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, li huwa mistenni jimmaniġġja madwar EUR 2,3 biljun jew 3 % mill-baġit ta' Orizzont 2020, bħalissa mhuwiex qed jipparteċipa f'dan il-qafas ta' ġestjoni u kontroll.

*Servizz tal-Awditjar Komuni*

5.24. Għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi fuq il-benefiċjarji filwaqt li żżomm bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll. Għalhekk, il-Kummissjoni naqqset il-kontrolli ta' qabel il-pagamenti u tfittex li tikseb il-biċċa l-kbira mill-aċċertament tagħha permezz tal-awditi *ex post* li hija twettaq tal-ispejjeż li jiġu rimborżati. L-awditi *ex post* jitwettqu jew mill-awdituri proprji tal-Kummissjoni li huma fis-Servizz tal-Awditjar Komuni, jew inkella minn awdituri indipendenti li jaħdmu f'isem il-Kummissjoni taħt kuntratt qafas.

5.25. Għalkemm is-Servizz tal-Awditjar Komuni twaqqaf bħala parti miċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni f'Jannar 2014, ġie esperjenzat dewmien fir-reklutaġġ tal-persunal u kien biss lejn tmiem l-2015 li l-biċċa l-kbira mill-membri tal-persunal ġodda li ġew irreklutati ngħaqdu mas-Servizz. Minkejja dan, l-objettivi għall-għadd ta' awditi li tnedew u l-għadd ta' awditi li kienu jiffukaw fuq id-detezzjoni ta' frodi, ġew issodisfati. L-implimentazzjoni tal-objettiv li jikkonċerna l-għadd ta' awditi ffinalizzati kienet kemxejn taħt il-mira, b'456 awditu magħluqin meta mqabbla mal-mira ta' 473 awditu (96 %).

5.26. Il-korpi differenti ta' implimentazzjoni ltaqgħu ma' diffikultajiet biex isibu pożizzjoni komuni dwar kif għandhom jiġu implimentati xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar għall-irkupru ta' spejjeż ineliġibbli għal proġetti taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka ([7]). Dan iżid ir-riskju li l-benefiċjarji jiġu ttrattati b'mod inkonsistenti u joħloq inċertezza legali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.26.** *Għal Orizzont 2020, għaddejjin diskussjonijiet biex jiġi stabbilit proċess biex tiġi żgurata l-konsistenza għall-irkupri filwaqt li jiġu rrispettati l-obbligi tal-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni. Is-servizzi differenti tal-familja tar-riċerka qablu wkoll dwar il-koordinazzjoni tal-proċess ta' estrapolazzjoni sabiex titjieb l-armonizzazzjoni għas-Seba' Programm Kwadru.*

([7]) Din l-osservazzjoni hija bbażata fuq ir-riżultati ta' eżaminar taċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni mis-Servizz tal-Awditjar Intern fl-2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Implimentazzjoni tar-riżultati tal-awditjar ex post għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka*

5.27. Sa tmiem l-2015, il-Kummissjoni kienet awditjat spejjeż rimborżati li jammontaw għal EUR 2,5 biljun jew 8 % tal-pagamenti ta' EUR 30,9 biljun li saru taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka. Il-Kummissjoni kienet għalqet 3 334 awditu mill- 4 116 ippjanati fl-istrateġija tal-awditjar tagħha li tkompli sa tmiem l-2016 ([8]). Il-Kummissjoni kkalkulat rata ta' żball, li hija statistikament valida, ta' 4,5 % għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka.

5.28. Fi tmiem l-2015, l-aġġustamenti kumulattivi wara l-awditi *ex post* li twettqu mill-Kummissjoni ammontaw għal EUR 107 miljun, li minnhom ġew irkuprati EUR 79,4 miljun (74 %) (ara l-paragrafi 1.40 sa 1.43).

5.29. F'każijiet fejn jiġu identifikati żbalji sistematiċi, il-Kummissjoni tapplika korrezzjonijiet estrapolati ([9]). Fi tmiem l-2015, il-Kummissjoni kienet implimentat 5 868 estrapolazzjoni minn 8 592 każ, rata ta' implimentazzjoni ta' 68 % (meta mqabbla ma' 74,9 % fi tmiem l-2014).

5.30. Filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-iżbalji kkoreġuti b'riżultat tal-estrapolazzjoni tar-riżultati tal-awditjar, il-Kummissjoni kkalkulat rata tal-iżball residwu ta' 2,8 % għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka. Dan jirrappreżenta l-livell ta' żball mistenni li jibqa' mhux maqbud u mhux ikkoreġut wara li jkunu saru l-pagamenti kollha għall-programm.

5.31. Filwaqt li nieħdu inkunsiderazzjoni n-natura pluriennali tal-programm, aħna nqisu li l-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Kummissjoni għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka tipprovdi bażi xierqa għall-kalkolu tar-rata tal-iżball residwu għall-infiq taħt il-programm. L-għadd ta' awditi magħluqin fi tmiem l-2015 kien konformi mal-aspettattivi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.29.** *Ir-rata ta' estrapolazzjoni titqies bħala sodisfaċenti f'dan l-istadju tas-Seba' Programm Kwadru. Ir-rata naqset fl-aħħar tal-2015 peress li bosta awditi kienu magħluqin f'dan iż-żmien, iżda l-estrapolazzjonijiet se jsiru fl-2016.*

([8]) L-għadd totali ta' awditi ppjanati żdied fl-2015 biex tiġi żgurata kopertura suffiċjenti tal-infiq taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka.

([9]) L-estensjoni tar-riżultati tal-awditjar ta' natura sistematika għall-proġetti kollha tal-benefiċjarji awditjati.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Strateġija tal-awditjar ex post għal Orizzont 2020*

5.32. Għal Orizzont 2020, jeħtieġ li l-Kummissjoni timplimenta strateġija tal-awditjar ibbażata fuq awditjar finanzjarju ta' kampjun rappreżentattiv ta' nfiq li jkopri l-programm kollu kemm hu, issupplimentat b'għażla bbażata fuq valutazzjoni tar-riskji relatati mal-infiq ([10]). L-objettiv prinċipali huwa li jiġi pprovdut aċċertament billi jiġu vvalutati l-legalità u r-regolarità tal-pagamenti għar-rimborż tal-klejms għall-ispejjeż u billi tinkiseb stima raġonevoli tar-rata tal-iżball residwu fi tmiem il-programm.

5.33. Il-Kummissjoni approvat l-istrateġija tagħha tal-awditjar *ex post* għal Orizzont 2020 f'Diċembru 2015, inkluż total ta' 4 400 awditu li għandhom jitwettqu ([11]). Il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li massimu ta' 7 % tal-għadd ta' benefiċjarji se jiġu awditjati taħt l-istrateġija, biex jitnaqqas il-piż tal-awditjar fuq din tal-aħħar.

5.34. Minkejja xi dewmien fit-tnedija tal-kuntratt qafas għall-esternalizzazzjoni tal-awditi għal Orizzont 2020, l-implimentazzjoni tal-istrateġija hija mistennija tibda kif skedat fl-2016.

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2015

5.35. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq fuq "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

5.36. Għal dan il-qasam tas-subintestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat li kien preżenti fil-popolazzjoni huwa ta' 4,4 % (ara l-***Anness 5.1***).

**5.36.** *Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 5.6.*

([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

([11]) Awditi addizzjonali huma ppjanati għal entitajiet bi ftehimiet speċifiċi ta' għotja, proċedura separata ta' kwittanza jew ibbażat fuq talba mill-impriżi konġunti għar-riċerka.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Rakkomandazzjonijiet

5.37. L-***Anness 5.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2012 u 2013, aħna ppreżentajna tmien rakkomandazzjonijiet. Minn dawn, aħna nqisu li waħda mhix applikabbli, peress li jeħtieġ li l-implimentazzjoni tagħha tiġi vvalutata matul bosta snin. Il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ rakkomandazzjoni waħda, filwaqt li sitta ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

5.38. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2015, aħna nirrakkommandaw li:

— **Rakkomandazzjoni 1**: il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awdituri indipendenti jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli biex jipprevienu, jew biex jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jsir rimborż (ara l-paragrafu 5.10);

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*Hija għandha sistema soda ta' kontrolli* ex ante *fis-seħħ li tinkludi listi ta' kontroll awtomatizzati dettaljati, gwida bil-miktub u taħriġ kontinwu. It-titjib ta' din is-sistema mingħajr ma jiġi impost piż amministrattiv addizzjonali fuq il-benefiċjarji, u filwaqt li jiġi assigurat li l-pagamenti lir-riċerkaturi jsiru fil-ħin, hija sfida kostanti. Is-sejbiet tal-Qorti ġew u se jintużaw sabiex isir aktar titjib fil-kontrolli* ex ante.

— **Rakkomandazzjoni 2**: il-Kummissjoni toħroġ gwida lill-benefiċjarji dwar id-differenzi speċifiċi f'Orizzont 2020 meta mqabbel mas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u programmi simili (ara l-paragrafi 5.15 u 5.20);

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*Hija diġà qed tipprovdi gwida dwar din il-kwistjoni f'diversi modi. Id-differenzi bejn ir-regoli ta' FP7 u Orizzont 2020 huma indikati speċifikament fil-ftehim ta' għotja mudell annotat. Fl-2015 ġiet varata kampanja ta' komunikazzjoni estensiva dwar ir-regoli legali u finanzjarji ta' Orizzont 2020, b'16-il avveniment fl-Istati Membri. F'dawn l-avvenimenti attendew 2 046 rappreżentant ta' benefiċjarji u awdituri li jiċċertifikaw ta' Orizzont 2020. Hemm ippjanati 14-il avveniment ieħor għall-2016.*

*Iċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni jipprovdi gwida dwar kwistjonijiet legali u finanzjarji li ta' spiss jiġu kaġunati minħabba d-differenzi bejn ir-regoli ta' FP7 u Orizzont 2020.*

— **Rakkomandazzjoni 3**: il-Kummissjoni toħroġ linji gwida komuni lill-korpi ta' implimentazzjoni għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex tiżgura li l-benefiċjarji jiġu ttrattati b'mod konsistenti meta jkunu qed jiġu applikati r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar għall-irkupru ta' spejjeż ineliġibbli (ara l-paragrafu 5.26);

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*Is-servizzi differenti qablu dwar proċess ta' estrapolazzjoni sabiex titjieb l-armonizzazzjoni għas-Seba' Programm Kwadru. Għal Orizzont 2020, għaddejjin diskussjonijiet biex jiġi stabbilit proċess biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-implimentazzjoni tal-awditi filwaqt li jiġu rrispettati l-obbligi tal-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni.*

— **Rakkomandazzjoni 4**: il-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' korrezzjonijiet estrapolati bbażati fuq l-awditi *ex post* li hija twettaq tal-ispejjeż li jiġu rimborżati taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (ara l-paragrafu 5.29).

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*Hija tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' każijiet ta' estrapolazzjoni, u tinsab sodisfatta bil-progress f'dan l-istadju tas-Seba' Programm Kwadru. Ir-rata tal-implimentazzjoni naqset fl-aħħar tal-2015 peress li ħafna awditi kienu magħluqin f'dan iż-żmien, iżda l-estrapolazzjonijiet se jsiru fl-2016.*

ANNESS 5.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI"*

| | 2015 | 2014 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **150** | 166 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **4,4 %** | 5,6 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 6,7 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 2,0 % | |

ANNESS 5.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI"*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimenatata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | Il-Kummissjoni għandha:<br><br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br><br>testendi u tintensifika l-kampanja ta' komunikazzjoni tagħha biex il-benefiċjarji u l-awdituri indipendenti jkollhom għarfien tar-regoli ta' eliġibbiltà għall-infiq fuq ir-riċerka taħt l-FP7; | | X | | | | | *Il-kampanja ta' Komunikazzjoni sa issa laħqet aktar minn 4 500 persuna. Il-Kummissjoni se tkompli b'dawn l-isforzi fil-kuntest li tipprovdi gwida għal Orizzont 2020 (ara r-rakkomandazzjoni 3).*<br><br>*Fil-qasam tar-riċerka, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni jwissu lill-persunal tal-Kummissjoni bir-riskji partikolari ta' tipi differenti ta' benefiċjarji. Dan jirrigwarda kemm l-istadju tal-pagamenti (FP7) u l-istadju kontraenti (Orizzont 2020). Għal Orizzont2020, din it-tip ta' informazzjoni se tinbena b'mod aktar sistematiku fis-sistemi tal-informazzjoni użati mill-Kummissjoni. Huwa mistenni li 83 % tal-awditi ex post għall-perjodu 2012-2016 se jintgħażlu bl-użu ta' fatturi ta' riskju differenti. L-istrateġija kontra l-frodi tar-riċerka hija komponent ieħor importanti tal-kontrolli mmirati mmexxija mir-riskju u bbażati fuqu wkoll.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br><br>fil-grupp tal-politika kollu, tagħmel li l-attivitajiet ta' kontroll tagħha jkunu mmexxija aktar mir-riskju, filwaqt li tiffoka l-kontrolli fuq benefiċjarji b'riskju għoli (pereżempju entitajiet b'inqas esperjenza ta' finanzjament Ewropew) u tnaqqas il-piż ta' kontrolli fuq benefiċjarji inqas riskjużi; | | X | | | | | *Ara hawn fuq (it-tweġiba għar-Rakkomandazzjoni 1). Fil-qasam tal-politika tal-edukazzjoni u tal-kultura, il-Kummissjoni tapplika attivitajiet immexxija mir-riskju fl-oqsma li ġejjin:*<br><br>*(a) Iċ-ċiklu annwali ta' żjarat ta' sorveljanza mwettqa minn persunal tal-EAC mill-Awtoritajiet Nazzjonali u l-Aġenziji Nazzjonali;*<br><br>*(b) Il-perċentwali minimi u l-għadd assolut minimu ta' kontrolli fuq benefiċjarji (kontrolli primarji) li għandhom jitwettqu kull sena minn Aġenziji Nazzjonali (tip ta' skema ta' finanzjament, il-kumplessità tar-regoli, l-istruttura tal-benefiċjarji, eċċ.);*<br><br>*(c) Il-ġestjoni tar-riskju tal-Aġenziji Nazzjonali biex jitwettqu kontrolli addizzjonali mmirati fuq il-benefiċjarji fuq il-kontrolli meħtieġa minimi imposti mid-DĠ EAC.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | **Rakkomandazzjoni 3:**<br>għall-programmi l-ġodda 2014-2020 għar-riċerka u politiki interni oħra, tipprovdi gwida f'waqtha, konsistenti u ċara lill-benefiċjarji u lill-awtoritajiet maniġerjali fir-rigward tar-rekwiżiti riveduti tal-eliġibbiltà u l-kontroll. | | | | | X | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 1:**<br>tkompli tintensifika l-isforzi tagħha biex tindirizza l-iżbalji misjuba f'pagamenti *interim* u finali u fl-approvazzjonijiet, b'mod partikolari billi tfakkar lill-benefiċjarji u lill-awdituri indipendenti fir-regoli ta' eliġibbiltà u fir-rekwiżit għall-benefiċjarji li jissustanzjaw l-ispejjeż iddikjarati kollha. | | X | | | | | *Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjoni 1 tal-2013.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br>tfakkar lil koordinaturi ta' proġetti tal-FPs (Programmi Kwadru) għar-riċerka fir-responsabbiltà tagħhom li jiddistribwixxu l-fondi riċevuti lis-sħab l-oħra fil-proġett mingħajr dewmien mhux iġġustifikat. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:**<br>tanalizza l-każijiet ta' dgħufijiet f'kontrolli *ex ante* identifikati mill-Qorti sabiex tivvaluta jekk il-kontrolli jeħtiġux modifika. | | X | | | | | *Id-dgħufijiet fil-kontrolli ex ante identifikati minn sorsi differenti (anke mill-Qorti) qed jiġu indirizzati mill-Kummissjoni fuq bażi permanenti. Dan il-proċess issa huwa parti mill-proċessi tan-negozju tal-Orizzont 2020.* |
| | **Rakkomandazzjoni 4:**<br>tnaqqas id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' awditi *ex post* u żżid ir-rata ta' implimentazzjoni għal każijiet ta' estrapolazzjoni. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni qed tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rapporti tal-awditjar ex post tal-Kummissjoni fuq bażi permanenti. Barra minn hekk, ir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni jipprovdu informazzjoni dwar il-progress f'dawn l-aspetti.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimenatata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 5:**<br>issaħħaħ is-sistemi ta' sorveljanza (superviżjoni) u kontroll għas-CIP ICT-PSP. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni (DĠ CONNECT) adottat strateġija tal-awditjar li tkopri s-suġġett mhux ta' riċerka tal-infiq tad-DĠ li għandha l-għan li tipprovdi assigurazzjoni lid-Direttur Ġenerali tad-DĠ fir-rigward tal-ġestjoni tal-finanzjament mhux ta' riċerka.*<br>*Fl-2015, ġew imnedija 92 awditu ġdid tas-CIP ICT PSP. B'kollox, ingħalqu 52 awditu mhux ta' riċerka li kienu jkopru EUR 23,7 miljun. Il-progress tal-implimentazzjoni tal-istrateġija huwa ssorveljat fuq bażi ta' kull xahar fil-laqgħa tal-Baġit u Kontroll tal-Awditjar (Audit Budget and Control, ABC) ippreseduta mid-Direttur Ġenerali u li jattendu għaliha rappreżentanti tad-Direttorati kollha.*<br>*Fl-2012, il-miżuri ta' simplifikazzjoni ġew adottati għas-sidien tal-SMEs. Barra minn hekk, il-ftehim ta' mudell tas-CIP ġie rivedut wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju ġdid fl-2013 sabiex ikopri l-estrapolazzjoni u l-partijiet terzi.* |

KAPITOLU 6

## "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 6.1-6.10 |
| Deskrizzjoni qasira ta' "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" | 6.3-6.8 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 6.9-6.10 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 6.11-6.36 |
| Eżaminar tal-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża | 6.37-6.46 |
| Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern, inklużi rapporti annwali tal-attività | 6.47-6.71 |
| Valutazzjoni tas-superviżjoni mill-Kummissjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar | 6.47-6.64 |
| Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni | 6.65-6.71 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 6.72-6.76 |
| Il-konklużjoni għall-2015 | 6.72-6.74 |
| Rakkomandazzjonijiet | 6.75-6.76 |
| Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti | 6.77-6.89 |

Anness 6.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"

Annex 6.2 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

6.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" (l-Intestatura 1.b tal-QFP). Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq tagħhom fl-2015 tingħata fil-***Figura 6.1***.

**Figura 6.1 – Intestatura 1.b tal-QFP – Informazzjoni ewlenija għall-2015**

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 51,2 |
| - *pagamenti bil-quddiem* ([1]) ([2]) | *9,1* |
| + *approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *7,4* |
| + *żborżamenti lir-riċevituri finali minn strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża* | *2,1* |
| + *pagamenti bil-quddiem użati minn benefiċjarji finali ta' proġetti ta' għajnuna mill-Istat* | *2,3* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **53,9** |

([1]) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).
([2]) Din iċ-ċifra tinkludi kontribuzzjonijiet ta' EUR 1,3 biljun għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża u ta' pagamenti bil-quddiem imħallsa lil benefiċjarji ta' proġetti ta' għajnuna mill-Istat.

*Sors:* Il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2015.

6.2. Aktar minn 80 % tal-pagamenti kienu pagamenti *interim* għall-programmi operazzjonali (PO) tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, li l-perjodu ta' eliġibbiltà tiegħu intemm fil-31 ta' Diċembru 2015. Il-pagamenti bil-quddiem għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ammontaw għal madwar EUR 7,8 biljun ([1]).

## Deskrizzjoni qasira ta' "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"

### *Objettivi ta' politika, strumenti u ġestjoni tal-infiq*

6.3. L-infiq taħt l-Intestatura 1.b tal-QFP – "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" għandu l-għan li jnaqqas id-disparitajiet fl-iżvilupp li jeżistu bejn reġjuni differenti, bir-ristrutturazzjoni ta' żoni industrijali li jkunu sejrin lura u li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali ([2]). L-istrumenti ta' politika li jappoġġaw ir-rinfurzar tal-koeżjoni ekonomika u soċjali huma dawn li ġejjin:

— il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), li għandu l-għan li jirrimedja l-iżbilanċi reġjonali prinċipali permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' infrastruttura u ta' investiment produttiv li joħloq l-impjiegi, prinċipalment għan-negozji;

— il-Fond ta' Koeżjoni (FK), li jiffinanzja proġetti tal-ambjent u tat-trasport fl-Istati Membri b'PNG *per capita* ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE ([3]);

— il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), li għandu l-għan li jtejjeb l-impjiegi u l-opportunitajiet ta' xogħol (prinċipalment permezz ta' miżuri ta' taħriġ), filwaqt li jheġġeġ livell għoli ta' impjieg u l-ħolqien ta' aktar impjiegi ta' kwalità aħjar; u

— strumenti/fondi oħra bħall-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) li jappoġġa l-kooperazzjoni transkonfinali u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' politika biex l-UE u l-ġirien tagħha jitressqu aktar viċin xulxin, u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), li jipprovdi assistenza materjali biex jgħin lil persuni joħorġu mill-faqar.

(1) Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 il-pagamenti bil-quddiem għal kull fond kienu: għall-FEŻR: EUR 3,8 biljun, għall-FK: EUR 1,2 biljun, għall-FSE: EUR 2,3 biljun u għal oħrajn: EUR 0,5 biljun. Dawn il-pagamenti ma kinux suġġetti għal eżaminar minna (ara l-paragrafu 6.9).

(2) L-Artikoli 174 sa 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(3) Kemm għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kif ukoll għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-FK jikkonċerna l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja. Spanja kienet eliġibbli għal appoġġ tranżitorju mill-FK matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 biss.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| 6.4. Il-FEŻR, l-FK u l-FSE huma rregolati b'regoli komuni, ħlief għal xi eċċezzjonijiet fir-regolamenti speċifiċi ta' kull fond. Dawn il-fondi jiġu implimentati permezz ta' programmi pluriennali. Il-Kummissjoni tikkondividi l-ġestjoni mal-Istati Membri. Għal kull perjodu ta' programmazzjoni, il-Kummissjoni tapprova d-diversi PO mħejjija mill-Istati Membri li permezz tagħhom il-proġetti jiġu ffinanzjati ([4]). Il-proġetti jintgħażlu mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. Matul l-implimentazzjoni tal-proġetti, il-benefiċjarji jiddikjaraw l-ispejjeż imġarrba lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom, u dawn imbagħad, min-naħa tagħhom, jiċċertifikawhom u jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. | |
| *Riskji għar-regolarità* | |
| 6.5. Għall-infiq mill-FEŻR/l-FK, wieħed mir-riskji prinċipali huwa li l-benefiċjarji jiddikjaraw spejjeż li jkunu ineliġibbli skont ir-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà u/jew skont id-dispożizzjonijiet dwar l-eliġibbiltà, li huma inqas numerużi, u li jinstabu fir-regolamenti tal-UE dwar il-fondi strutturali. L-infiq mill-FEŻR/l-FK huwa suġġett ukoll għar-regoli tas-suq intern tal-UE li huma applikabbli b'mod ġenerali (prinċipalment ir-regoli tal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat). Fi snin preċedenti, in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali fl-għoti ta' kuntratti kien ir-riskju prinċipali għar-regolarità tal-infiq mill-FEŻR u mill-FK. | **6.5.** *Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-valutazzjoni, kif hemm jingħad fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tagħha (Analiżi tal-iżbalji fil-Politika ta' Koeżjoni għas-snin 2006–2009 (SEC (2011) 1179 tal-5 ta' Ottubru 2011). Il-Kummissjoni kompliet tieħu azzjonijiet speċifiċi biex jittaffew dawn ir-riskji: pereż. l-awtoritajiet ta' ġestjoni ngħataw gwida eżawrjenti u taħriġ addizzjonali dwar ir-riskji identifikati biex tiżdied il-kapaċità amministrattiva f'dawn l-oqsma; awditi mmirati lejn l-oqsma l-aktar riskjużi; implimentazzjoni f'waqtha ta' korrezzjonijiet finanzjarji, ta' interruzzjoni u proċeduri ta' sospensjoni. Tali azzjonijiet preventivi u korrettivi nġiebu flimkien b'inizjattivi ġodda taħt pjan ta' azzjoni komprensiv stabbilit fl-2013 biex titjieb l-implimentazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku u politikament approvat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2015.*<br><br>*Pjan ta' Azzjoni ieħor biex jappoġġa lill-awtoritajiet tal-programm fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, irrieżaminat u ssimplifikat fl-2014 permezz ta' regolament emendat ta' eżenzjoni ta' kategorija ġenerali u ċċarat ulterjorment permezz tal-pubblikazzjoni ta' "Avviż dwar il-kunċett tal-għajnuna" mill-Kummissjoni f'Mejju 2016, qiegħed jiġi implimentat ukoll.* |
| 6.6. Għall-infiq mill-FSE, l-akbar riskju huwa relatat man-natura intanġibbli tal-investimenti fil-kapital uman, u l-involviment ta' ħafna sħab, spiss żgħar, fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Dawn il-fatturi jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE u/jew dawk nazzjonali li jirriżulta f'li spejjeż ineliġibbli jiġu aċċettati mis-sistemi stabbiliti. | **6.6.** *Il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet speċifiċi sabiex ittaffi r-riskji identifikati, li jinkludu b'mod partikolari miżuri preventivi u korrettivi, bħal gwida, taħriġ, simplifikazzjoni, politika stretta fuq l-interruzzjonijiet u s-sospensjonijiet tal-pagamenti u implimentazzjoni fil-ħin tal-korrezzjonijiet finanzjarji meta meħtieġ. Il-Kummissjoni qiegħda wkoll tindirizza dan ir-riskju billi tippromwovi b'mod attiv l-użu ta' għażliet simplifikati ta' kostijiet u billi tinsisti fuq l-importanza tal-kontrolli tal-ewwel livell mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni taġġorna fuq bażi annwali dan il-pjan ta' verifika sabiex tindirizza l-aktar riskji sinifikanti identifikati.* |

([4]) Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 il-Kummissjoni approvat 440 PO (322 għall-FEŻR/l-FK, li minnhom 25 PO fihom proġetti taħt l-FK, u 118 għall-FSE) u għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 hija approvat 392 PO (li l-biċċa l-kbira minnhom ikopru aktar minn fond wieħed).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.7. Fl-implimentazzjoni tad-diversi PO, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiffaċċjaw prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin. L-infiq għandu jkun suġġett għal kontrolli xierqa intenzjonati biex jiżguraw ir-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba. Fl-istess ħin, huwa fl-interess tagħhom li jassorbixxu l-finanzjament mill-UE, u dan fil-prattika jista' jaħdem kontra l-applikazzjoni konsistenti ta' kontrolli effettivi li suppost jipprevienu li l-infiq ineliġibbli jiġi rimborżat mill-baġit tal-UE. Din il-kwistjoni ssir aktar importanti lejn tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà, billi l-Istati Membri jirriskjaw li jitilfu s-sehem mhux minfuq tal-fondi li inizjalment ġew allokati lilhom ([5]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.7.** *Kontrolli adegwati jridu jiżguraw ir-regolarità tan-nefqa kollha ddikjarata matul il-perjodu ta' implimentazzjoni u sal-għeluq.*

*Id-dokumenti tal-għeluq mill-Istati Membri huma meħtieġa sal-31 ta' Marzu 2017 u se jipprovdu aċċertament addizzjonali. Il-Kummissjoni adottat fil-ħin linji gwida dwar l-għeluq fl-20 ta' Marzu 2013 (id-Deċiżjoni C(2013) 1573) li ġew kompluti u aġġornati fit-30 ta' April 2015. Is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw diversi seminars dwar l-għeluq għall-Istati Membri u aġġornaw il-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom u konsegwentement l-Istrateġija tal-Awditjar 2007-2013 biex jindirizzaw kwalunkwe riskju potenzjali minħabba l-aħħar parti tal-perjodu ta' implimentazzjoni.*

*Il-Kummissjoni waqqfet Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni fi tmien Stati Membri. Filwaqt li tenfasizza r-rispett sħiħ tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa, din it-Task Force għenet lill-Istati Membri kkonċernati fil-proċess tat-tħejjija għall-għeluq. L-istess approċċ proattiv u mmirat se jiġi applikat biex jgħin fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Istati Membri fl-2014-2020, filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda.*

### *Il-Kummissjoni tat bidu għal miżuri ulterjuri ta' simplifikazzjoni fl-2015*

6.8. F'Lulju 2015, il-Kummissjoni waqqfet Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti Indipendenti dwar il-Monitoraġġ tas-Simplifikazzjoni għall-Benefiċjarji tal-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) ([6]). Dan il-grupp ingħata l-kompitu li:

— jivvaluta l-użu tal-opportunitajiet ta' simplifikazzjoni mill-Istati Membri, inklużi l-impenji tal-Istati Membri biex inaqqsu l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji kif stipulat fil-ftehimiet ta' sħubija tagħhom li jkopru l-fondi SIE 2014-2020;

— janalizza l-implimentazzjoni tal-opportunitajiet ta' simplifikazzjoni fl-Istati Membri u fir-reġjuni, filwaqt li jieħu kont ta' studju dwar l-użu tad-dispożizzjonijiet il-ġodda li jirrigwardaw is-simplifikazzjoni matul il-fażi bikrija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, u l-impatt tagħhom fuq il-piż u l-ispejjeż amministrattivi; u

— jidentifika prattika tajba fi kwistjonijiet li jikkonċernaw it-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji.

([5]) Ara r-rapport tagħna "Agrikoltura u koeżjoni: ħarsa ġenerali lejn l-infiq tal-UE għall-2007-2013", il-paragrafu 23 u l-Graff 6, ibbażat fuq *data* storika mhux aġġustata.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 4806 tal-10 ta' Lulju 2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

6.9. L-***Anness 1.1*** jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna. Għall-awditu ta' "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali", jenħtieġ li jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) Aħna eżaminajna kampjun ta' 223 tranżazzjoni ([7]) kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq taħt l-intestatura tal-QFP. Fl-2015, il-kampjun kien jikkonsisti fi tranżazzjonijiet minn 15-il Stat Membru ([8]).

(b) Għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża, aħna eżaminajna wkoll ir-rati ta' żburżar tagħhom (jiġifieri l-proporzjon ta' fondi użati fil-livell tar-riċevituri finali). Dan sar abbażi tar-rappurtar tal-Kummissjoni dwar il-progress għall-2014 u tal-eżaminar li wettaqna ta' seba' strumenti finanzjarji tal-FEŻR f'seba' Stati Membri ([9]).

(c) Aħna vvalutajna elementi oħra tal-kontrolli interni kif ukoll ir-rapporti annwali tal-attività:

(i) l-attivitajiet superviżorji li l-Kummissjoni wettqet fir-rigward tal-awtoritajiet tal-awditjar f'16-il Stat Membru ([10]);

(ii) ir-rapporti annwali tal-attività (RAA) li kienu jinkludu r-rapporti tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.

6.10. Aħna vverifikajna, għat-tieni sena, jekk u sa liema punt kienx hemm stabbilita sistema ta' kejl tal-prestazzjoni biex niddeterminaw jekk il-proġetti kkompletati li ġew eżaminati kisbux l-objettivi tagħhom tal-outputs u tar-riżultati kif stipulat fid-dokumenti ta' approvazzjoni tal-proġetti. Aħna vverifikajna wkoll jekk dawn l-objettivi kinux jikkonformaw mal-objettivi tal-programmi operazzjonali. Dan sar għall-149 mill-223 proġett eżaminati li kienu kkompletati fi żmien l-awditu. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju huma ppreżentati fit-taqsima dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti.

---

([7]) Minn dawn it-tranżazzjonijiet, 120 kienu jikkonċernaw proġetti taħt il-FEŻR, 52 proġetti taħt l-FK, 44 proġetti taħt l-FSE u 7 kienu jikkonċernaw strumenti finanzjarji taħt il-FEŻR; kollha huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 minbarra 4 proġetti taħt l-FSE li huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 (ara l-***Anness 6.1***). Il-kampjun ittieħed mill-pagamenti kollha, bl-eċċezzjoni ta' pagamenti bil-quddiem li ammontaw għal EUR 1,3 biljun fl-2015.

([8]) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u r-Renju Unit (ara l-***Anness 1.3***).

([9]) Il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, l-Italja, l-Ungerija, il-Polonja u r-Renju Unit.

([10]) Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u r-Renju Unit.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

6.11. L-***Anness 6.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-223 tranżazzjoni li eżaminajna, 72 (32 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-33 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5,2 % ([11]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.11.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-livell ta' żbalji rrappurtati mill-Qorti huwa stima annwali li tqis il-korrezzjonijiet tan-nefqa tal-proġett jew ir-rimborżi milquta minn żbalji misjuba u rreġistrati qabel l-awditjar tal-Qorti. Il-Kummissjoni tissottolinja li hija marbuta bir-Regolament Finanzjarju, li jistipula fl-Artikolu 32(2)(e) li s-sistema ta' kontroll intern tagħha għandha tiżgura, fost affarijiet oħra, "ġestjoni adegwata tar-riskji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti meta jitqies il-karattru pluriennali tal-programmi u n-natura tal-pagamenti". Il-Kummissjoni se tkompli teżerċita r-rwol superviżorju tagħha, b'mod partikolari billi timplimenta l-korrezzjonijiet u l-irkupri finanzjarji fil-livell li jikkorrispondi mal-livell tal-irregolaritajiet u tan-nuqqasijiet identifikati.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li minħabba l-karattru pluriennali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll skont il-Politika ta' Koeżjoni, żbalji li saru fl-2015 jistgħu wkoll jiġu kkorreġuti fis-snin sal-għeluq u fl-għeluq kif muri fit-Taqsima 2.4.3 tar-RAA rispettivi tal-2015 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.*

*Il-Kummissjoni tosserva li l-livell estimat tal-iżball għall-2015 huwa konformi mar-rati ta' żbalji ppreżentati mill-Qorti għal dawn l-aħħar ħames snin. Dan jikkonferma li r-rata ta' żbalji għall-perjodu ta' programmar 2007-2013 baqgħet stabbli u b'mod sinifikanti taħt ir-rati rrappurtati għall-perjodu 2000–2006. Dan l-iżvilupp huwa ġej minn qafas regolatorju aħjar inkluż is-semplifikazzjoni, sistemi ta' ġestjoni u kontroll imsaħħa u l-politika stretta tal-Kummissjoni biex tinterrompi/tissospendi l-pagamenti malli jiġu identifikati xi nuqqasijiet, kif rappurtat fir-RAA tal-2015. Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-azzjonijiet tagħha fuq il-programmi/l-Istati Membri l-aktar riskjużi u timplimenta miżuri korrettivi meta jkun meħtieġ permezz ta' politika stretta ta' interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti sal-għeluq u tapplika proċeduri stretti biex teskludi kull riskju materjali li jibqa' ta' nefqa irregolari.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-frekwenza ta' żbalji naqset sew meta mqabbel mas-snin ta' qabel.*

([11]) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tal-livell ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 2,8 % u 7,6 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament). Aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija li nużaw biex nittestjaw it-tranżazzjonijiet tingħata fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| | *Għall-perjodu 2014-2020 il-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni hija msaħħa aktar billi tipprovdi għal korrezzjonijiet finanzjarji netti u għalhekk tnaqqas il-possibbiltà tal-Istati Membri li jerġgħu jużaw fondi, għal nuqqasijiet sinifikanti misjuba mill-Kummissjoni. Dan se jkun inċentiv importanti għall-Istati Membri sabiex jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet serji qabel jiċċertifikaw il-kontijiet annwali lill-Kummissjoni.* |
| 6.12. Il-Kapitolu 1 fih valutazzjoni tal-eżattezza taċ-ċifri għall-korrezzjonijiet finanzjarji ppreżentati fid-diskussjoni u l-analiżi tar-rapporti finanzjarji, li tifforma parti mill-kontijiet konsolidati tal-UE (ara l-paragrafi 1.37 sa 1.43). Il-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2012 spjega wkoll kif il-korrezzjonijiet finanzjarji jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jiġi kkalkulat il-livell ta' żball stmat ([12]). | ***6.12.*** *Il-Kummissjoni tinnota r-rieda tal-Qorti li tieħu inkunsiderazzjoni l-korrezzjonijiet finanzjarji applikati fil-kalkolu tagħha tal-livell stmat tal-iżbalji. F'xi każijiet dawn il-korrezzjonijiet jiġu mill-kapaċità korrettiva tal-Istati Membri huma stess — pilastru importanti tal-proċess tal-aċċertament — jew jirriżultaw minn azzjonijiet superviżorji tal-Kummissjoni li jistgħu jinkludu l-impożizzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa għall-programmi fejn hija kkunsidrat li għad hemm nuqqasijiet u riskji serji.*<br><br>*Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha fil-paragrafu 1.38.* |
| 6.13. Il-***Figura 6.2*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żbalji kkontribwew għal-livell ta' żball stmat minna għall-2015. | |

**Figura 6.2 – "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" – Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

([12]) Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 1.19 sa 1.37.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.14. Is-sorsi prinċipali ta' żball għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" huma l-inklużjoni ta' nfiq ineliġibbli fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-benefiċjarji, u l-għażla ta' proġetti li huma kompletament ineliġibbli, segwiti mill-ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali, u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

6.15. Matul dawn l-aħħar erba' snin, aħna ma qbadna ebda żball kwantifikabbli relatat mal-użu ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati (simplified cost options, SCOs) ([13]). Għall-fondi kollha matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-Istati Membri huma obbligati jużaw SCOs għal proġetti żgħar taħt il-EUR 50 000 u jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-SCOs b'mod aktar wiesa' ([14]).

### *Infiq ineliġibbli*

6.16. Meta jiddikjaraw l-ispejjeż lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jiċċertifikaw li dawn l-ispejjeż ikunu ġġarrbu f'konformità ma' għadd ta' dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fir-regolamenti tal-UE, il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew ir-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali, ir-regoli speċifiċi tal-programmi operazzjonali, is-sejħiet għal interess, id-deċiżjonijiet għall-approvazzjoni ta' kofinanzjament għall-proġetti, jew il-ftehimiet ta' għotja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.15.** *Il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tal-Qorti tikkonferma li l-għażliet simplifikati ta' kostijiet huma inqas suxxettibbli għall-iżbalji u għalhekk ħadmet b'mod attiv mal-awtoritajiet tal-programmi mill-introduzzjoni tal-għażliet simplifikati ta' kostijiet (simplified cost options – SCOs) sabiex gradwalment jiżdied l-użu tagħhom. Dan diġà wassal għal riżultati pożittivi. Il-Kummissjoni qed tkompli tippromwovi b'mod attiv l-użu tal-SCOs fil-perjodu ta' programmar 2014-2020, fejn dawn ġew imsaħħa b'mod sinifikanti kemm fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni kif ukoll fir-regolament speċifiku tal-FSE, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji, tiġi promossa orjentazzjoni lejn ir-riżultati u jitnaqqas aktar ir-riskju tal-iżbalji. Il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel proposti fl-2016 biex jiġi estiż l-użu tal-SCOs għall-fondi tas-SIE kollha fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni.*

*Barra milli jipprovdi gwida estensiva dwar l-implimentazzjoni tal-SCOs, id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni bħalissa qed iwettaq it-tieni ċiklu ta' seminars ta' simplifikazzjoni f'ċerti Stati Membri ta' prijorità li esperjenzaw b'mod rikorrenti rati ta' żball għolja fil-perjodu ta' programmar 2007-2013 u li għadhom ma għamlux biżżejjed użu mill-SCOs.*

([13]) Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 6.23, ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 6.16, u r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 6.29.

([14]) L-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470). L-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.17. L-infiq ineliġibbli huwa s-sors prinċipali ta' żball kemm għall-FEŻR/l-FK kif ukoll għall-FSE. Aħna sibna li spejjeż ineliġibbli kienu ġew iddikjarati fi 8 % tat-tranżazzjonijiet eżaminati (ara l-***Figura 6.3***). Dawn il-każijiet jirrappreżentaw 55 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 2,4 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat.

**Kaxxa 6.3 – Eżempju ta' spejjeż ineliġibbli ddikjarati**

*Spejjeż ineliġibbli ddikjarati:* Proġett taħt il-FEŻR fir-Renju Unit jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-SMEs għal servizzi ta' konsulenza, biex dawn jippromwovu u jtejbu l-prodotti u jew is-servizzi tagħhom. Madankollu, parti biss mill-finanzjament allokat ingħata f'forma ta' għotja lill-SMEs, u madwar 13 % inżammu mill-benefiċjarju. L-ammont miżmuma ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-kofinanzjament billi dan l-infiq ma ġġarrabx, ma tħallasx u ma ġiex irreġistrat bħala spejjeż fil-kontijiet tal-benefiċjarju. B'riżultat ta' dan, parti mill-għotja hija ineliġibbli għal kofinanzjament.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.17.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti u se tipproponi azzjonijiet skont kif tqis li huwa neċessarju.*

*Il-Kummissjoni tinnota li f'xi każijiet ir-regoli nazzjonali jew reġjonali applikati għan-nefqa ffinanzjata mill-Politika ta' Koeżjoni huma aktar stretti minn dawk previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-UE għal nefqa simili ffinanzjata mill-pajjiż. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jistgħu jitqiesu bħala każ ta' piż amministrattiv mhux meħtieġ u kumplessità għall-infiq għall-Politika ta' Koeżjoni imposta mill-Istati Membri fuqhom infushom u fuq il-benefiċjarji, kif deskritt pereżempju fir-rapporti dwar ir-regolamentazzjoni żejda u s-simplifikazzjoni maħruġa mid-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni fl-2013.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li tliet żbalji seħħew minħabba li r-regoli nazzjonali kienu aktar stretti jew aktar kumplessi milli hemm bżonn (regolamentazzjoni żejda). Il-Kummissjoni tistma li l-ksur ta' dawn ir-regoli nazzjonali kkontribwixxa punt perċentwali fir-rata tal-iżbalji.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Proġetti ineliġibbli*

6.18. Aħna identifikajna erba' proġetti taħt il-FEŻR fejn il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li kienu stipulati għalihom, fir-regolamenti u/jew fir-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà, ma ġewx issodisfati. Dawn il-proġetti jirrappreżentaw 12 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 1,5 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat (ara l-***Figura 6.4***).

**Kaxxa 6.4 – Eżempju ta' proġett ineliġibbli**

*Benefiċjarju ineliġibbli:* Għal proġett taħt il-FEŻR fir-Repubblika Ċeka, is-sejħa għal proposti speċifikat li SMEs biss kienu eliġibbli. L-awtorità maniġerjali pprovdiet finanzjament lil benefiċjarju fuq din il-bażi, li madankollu ma kinitx ġiet ikkonfermata fiż-żmien meta l-proġett intgħażel.

Proġetti ineliġibbli oħra nstabu wkoll fir-Repubblika Ċeka, fl-Italja u fil-Polonja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.18.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti u se tipproponi azzjonijiet skont kif tqis li huwa neċessarju.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku*

6.19. Ir-regoli tal-akkwist pubbliku huma strument ewlieni biex il-fondi pubbliċi jintnefqu b'mod ekonomiku u effettiv u biex jiġi stabbilit suq intern fi ħdan l-UE.

6.20. Fl-2015, aħna eżaminajna 140 proċedura ta' akkwist pubbliku li kienu relatati ma' kuntratti għal xogħlijiet u servizzi li fuqhom huwa bbażat l-infiq għat-tranżazzjonijiet ittestjati. Il-valur stmat tal-kuntratti għal dawn l-akkwisti pubbliċi ammonta għal bejn wieħed u ieħor EUR 2,9 biljun ([15]). Il-maġġoranza kbira ta' dawn il-kuntratti hija għal proġetti kkofinanzjati mill-programmi operazzjonali taħt il-FEŻR/l-FK ([16]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.19-6.21.** *Ir-regoli tal-akkwist pubbliku huma applikabbli għal kull infiq pubbliku fl-Istati Membri u mhumiex speċifiċi għall-Politika ta' koeżjoni. In-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE jew nazzjonali matul is-snin kien sors ewlieni ta' żbalji f'dan il-qasam ta' politika, b'mod partikolari għall-politika reġjonali u urbana, prinċipalment minħabba t-tipi ta' proġetti kofinanzjati. Il-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet preventivi u korrettivi mill-aħħar perjodi ta' programmar sabiex tindirizza d-dgħjufijiet identifikati f'dak il-qasam.*

*Il-Pjan ta' Azzjoni għall-akkwist pubbliku stabbilit fl-2013 u politikament approvat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2015 għandu l-għan li jkompli jtejjeb l-implimentazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri permezz ta' miżuri preventivi addizzjonali.*

*Il-qafas legali tal-Fondi SIE 2014-2020 introduċa wkoll kundizzjonalitajiet* ex ante *għall-użu effettiv u effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni, li jkopru fost l-oħrajn is-sistemi tal-akkwist pubbliku mill-Istati Membri. Sospensjonijiet tal-pagamenti* interim *jistgħu jiġu deċiżi f'każ li ma tiġix issodisfata kundizzjonalità* ex ante *applikabbli sal-aħħar tal-2016 (l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013).*

*Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji kollha rappurtati mill-Qorti skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527 finali li tistipula "linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni rigward in-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku".*

*Id-Direttivi tal-2014 dwar l-akkwist pubbliku li introduċew simplifikazzjonijiet se jibdew jipproduċu l-effett tagħhom fil-prattika ladarba jiġu trasposti (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.25).*

([15]) Dan l-ammont jirrappreżenta l-infiq totali għall-kuntratti mogħtija, li parti minnu ġie ċċertifikat taħt id-dikjarazzjonijiet tal-infiq eżaminati.

([16]) Għal madwar 62 % mill-140 proċedura ta' akkwist pubbliku li eżaminajna, il-valur tal-kuntratt kien ogħla mis-soll bir-riżultat li dawn ġew suġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE kif trasposti fid-dritt nazzjonali (75 mill-proċeduri ta' akkwist pubbliku eżaminati li l-valur tal-kuntratt tagħhom kien ogħla mis-soll kienu jikkonċernaw il-FEŻR/l-FK u 6 minnhom kienu jikkonċernaw l-FSE).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.21. Aħna identifikajna każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali għal 26 mill-140 proċedura eżaminata. Għal erbgħa mill-każijiet, għadd iktar baxx milli fis-snin preċedenti, in-nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-regoli kien tant serju li aħna stajna niddeterminaw li l-kuntratt kien imissu ngħata lil offerent differenti, jew li l-kompetizzjoni kienet ristretta b'tali mod li dan wassal għal għotja diretta mhux ġustifikata. Aħna kklassifikajna dawn l-iżbalji bħala kwantifikabbli ([17]) (ara l-***Figura 6.5***). Dawn l-iżbalji jirrappreżentaw 12 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 0,7 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat. Biex nistmaw il-livell ta' żball aħna użajna d-dispożizzjonijiet tad-direttiva tal-2014 dwar l-akkwist pubbliku li kienu inqas stretti minn dawk inklużi fid-direttivi tal-2004 dwar l-akkwist pubbliku (jiġifieri modifiki ta' kuntratti).

**Figura 6.5 – Eżempji ta' nuqqas serju ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku**

*Xogħlijiet addizzjonali mogħtija mingħajr proċedura ta' akkwist pubbliku xierqa:* Għal proġett taħt il-FEŻR relatat mal-kostruzzjoni ta' triq fil-Ġermanja, xogħlijiet addizzjonali li jaqbżu 50 % tal-valur tal-kuntratt inizjali ngħataw direttament lill-istess kuntrattur. Dan huwa ksur tal-Artikolu 31 tad-Direttiva 2004/18/KE dwar l-akkwist pubbliku.

B'riżultat ta' dan, dawn l-ispejjeż huma ineliġibbli għal kofinanzjament mill-UE. Instabu każijiet simili fi proġetti oħra taħt il-FEŻR fl-Italja u fir-Renju Unit.

6.22. Żbalji oħra relatati ma' proċeduri tas-sottomissjoni ta' offerti u proċeduri ta' kkuntrattar seħħew f'22 akkwist pubbliku ieħor, mill-140 li ġew eżaminati. Dawn l-iżbalji jinkludu każijiet ta' applikazzjoni skorretta tal-kriterji tal-għażla, nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti, u nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni. Dawn l-iżbalji ma jikkontribwux għar-rata ta' żball li aħna stmajna ([18]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.22.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti u se tipproponi azzjonijiet skont kif tqis li huwa neċessarju.*

([17]) Aktar informazzjoni rigward l-approċċ tagħna għall-kwantifikazzjoni tal-iżbalji tal-akkwist pubbliku tingħata fil-paragrafu 1.13 u fl-Anness 1.1, il-paragrafu 13, tar-Rapport Annwali 2014.

([18]) Ara wkoll it-Tabella 1 tar-Rapport Speċjali Nru 10/2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.23. Għal żewġ tranżazzjonijiet f'żewġ Stati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali kienu identifikaw każijiet serji ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku u imponew korrezzjonijiet finanzjarji speċifiċi fil-livell tal-proġetti ([19]). Dawn il-miżuri korrettivi ttieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-livell ta' żball stmat minna, billi l-miżuri korrettivi ttieħdu qabel ma saret in-notifika tal-awditu tagħna.

6.24. Fis-26 ta' Frar 2014, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew adottaw tliet direttivi li kellhom l-għan li jissimplifikaw il-proċeduri ta' akkwist pubbliku u li jagħmluhom aktar flessibbli. Il-pajjiżi tal-UE kellhom żmien sa April 2016 biex jittrasponu r-regoli ġodda fid-dritt nazzjonali (minbarra fir-rigward tal-akkwist elettroniku fejn id-data ta' skadenza hija Ottubru 2018) ([20]). F'Mejju 2016, il-Kummissjoni indirizzat avviżi ta' tqegħid fil-mora lil 20 mit-28 Stat Membru, fejn tfakkarhom li kienu għadhom ma ssodisfawx l-obbligu tagħhom li jippromulgaw it-tliet direttivi tal-UE fid-dritt nazzjonali ([21]). Jekk l-Istati Membri jkomplu jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jippromulgawhom fid-dritt nazzjonali, il-Kummissjoni tista' tiftaħ proċeduri ta' ksur taħt l-Artikolu 258 TFUE li eventwalment jistgħu jwasslu għall-impożizzjoni ta' multi lill-Istati Membri kkonċernati.

6.25. Aħna ppubblikajna wkoll rapport speċjali dwar l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex jindirizzaw il-problema ta' żbalji ta' akkwist pubbliku fil-qasam ta' "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" ([22]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.23.** *Il-Kummissjoni tinnota li azzjoni korrettiva adegwata ġiet tabilħaqq meħuda minn xi awtoritajiet tal-programmi fl-Istati Membri msemmija u tagħraf li dan huwa rifless mill-Qorti fil-kwantifikazzjoni tagħha tal-iżbalji. L-għan tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni msemmi fit-tweġiba għall-paragrafi minn 6.19 sa 6.21 huwa li tiżdied l-okkorrenza ta' dawn l-azzjonijiet korrettivi proattivi fil-livell tal-Istat Membru.*

**6.24.** *Il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tat-traspożizzjoni fl-Istati Membri.*

*Mit-30 ta' Ġunju 2016, 16-il Stat Membru kienu għadhom iridu jittrasponu d-direttiva dwar l-akkwist pubbliku (2014/24/UE), filwaqt li 19 iridu jittrasponu d-Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (2014/23/UE) u 17 id-direttiva dwar l-akkwist pubbliku minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (2014/25/UE).*

**6.25.** *Il-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha li għamlet il-Qorti fir-rapport speċjali tagħha u qed tieħu l-azzjonijiet rakkomandati. Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għal paragrafi minn 6.7 sa 6.15 u 6.19 aktar 'il fuq.*

([19]) Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527 final tad-19.12.2013.

([20]) Id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku (2014/24/UE), dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (2014/23/UE) u dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (2014/25/UE) (ĠU L 94, 28.3.2014).

([21]) It-tmien Stati Membri li implimentaw it-tliet Direttivi l-ġodda kollha huma: id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja u r-Renju Unit.

([22]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 10/2015 "L-isforzi biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-akkwist pubbliku fin-nefqa tal-UE għall-Koeżjoni għandhom jiġu intensifikati" (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat*

6.26. Fil-prinċipju, l-għajnuna mill-Istat hija inkompatibbli mas-suq intern billi din tista' twassal għal distorsjoni fil-kummerċ bejn l-Istati Membri [23]. Madankollu, jeżistu xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola.

6.27. Il-Kummissjoni tinforza direttament ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. L-Istati Membri jridu jinnotifikaw il-każijiet kollha ta' għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni (jew permezz ta' skema jew inkella każ b'każ għal proġett), dment li l-proġett ma jkunx taħt limitu massimu "*de minimis*" [24] jew ikun kopert mir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) [25]. Għall-każijiet kollha nnotifikati, id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni jifforma fehma dwar jekk l-għajnuna hijiex kumpatibbli mas-suq intern. L-FSE huwa inqas suxxettibbli għall-ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat billi spiss ħafna l-proġetti jaqgħu taħt ir-regola "*de minimis*".

**6.27.** *F'każ ta' notifika ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tivvaluta jekk l-appoġġ jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat u jekk dan huwa l-każ, jekk huwiex kompatibbli mas-suq intern. Il-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha skont ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni.*

6.28. Din is-sena aħna identifikajna seba' proġetti taħt il-FEŻR/l-FK f'ħames Stati Membri li kisru r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat [26]. Fejn meħtieġ, aħna tlabna u ksibna valutazzjoni preliminari mid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni. Din il-valutazzjoni u l-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ttieħdu inkunsiderazzjoni matul il-klassifikazzjoni tal-iżbalji.

6.29. Għal tlieta minn dawn il-proġetti, aħna nqisu li l-proġett kien imissu kiseb inqas finanzjament pubbliku, jew saħansitra ebda finanzjament pubbliku, mill-UE u/jew mill-Istat Membru skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Ir-raġunijiet prinċipali għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jirreferu għall-eċċess tal-limiti ta' intensità tal-għajnuna. Dawn l-iżbalji kkwantifikati jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 0,3 punti perċentwali tal-livell ta' żball stmat (ara l-***Figura 6.6***). Aħna applikajna l-GBER tal-2014 biex nistmaw il-livell ta' żball f'din il-kategorija [27].

**6.28-6.29.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti u se tipproponi azzjonijiet skont kif tqis li huwa neċessarju.*

[23] L-Artikoli 107 u 108 TFUE.

[24] L-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5).

[25] L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1), li jissostitwixxi l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3).

[26] Ir-Repubblika Ċeka, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja u r-Renju Unit.

[27] Ir-Regolament (UE) Nru 651/2014.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Figura 6.6 – Eżempju ta' proġett li kiser ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat**

*Inqabeż il-limitu ta' intensità tal-għajnuna:* Fil-Polonja, għal proġett taħt l-FK relatat mal-kostruzzjoni ta' infrastruttura ta' port, il-finanzjament qabeż il-massimu permissibbli taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal dan it-tip ta' proġett.

Instabu każijiet oħra simili fi proġetti oħra taħt il-FEŻR fil-Latvja u fir-Renju Unit.

6.30. Aħna ppubblikajna wkoll rapport speċjali dwar l-isforzi li huma meħtieġa li jsiru mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-Koeżjoni ([28]).

## *Taxxa fuq il-valur miżjud iddikjarata minn korpi pubbliċi*

6.31. It-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) hija taxxa indiretta tal-UE fuq il-konsum domestiku ta' oġġetti u servizzi li tiġi imposta f'kull stadju fil-katina ta' produzzjoni u li tiġġarrab mill-konsumatur aħħari. Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, il-VAT rekuperabbli mhijiex eliġibbli għal kofinanzjament taħt il-FEŻR/l-FK u l-FSE ([29]). Għalhekk, il-VAT mhux rekuperabbli tista' tiġi ddikjarata għall-kofinanzjament.

6.32. Meta l-korpi pubbliċi ma jiddikjarawx u għalhekk ma jirkuprawx il-VAT, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri interpretaw ir-regolamenti bħala li jippermettu li l-VAT titqies bħala spiża eliġibbli. Madankollu, id-distinzjoni bejn VAT rekuperabbli u VAT mhux rekuperabbli fir-regolamenti hija sors ta' konfużjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.30.** *Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għall-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti ppubblikati fir-rapport speċjali msemmi u se ssegwi r-rakkomandazzjonijiet aċċettati.*

**6.31.** *Id-dispożizzjonijiet regolatorji msemmija mill-Qorti għall-Politika ta' Koeżjoni huma r-riżultat ta' għażla politika magħmula mill-koleġiżlaturi. Dawn huma ġeneralment allinjati mal-prinċipji standard dwar l-eliġibilità tal-VAT għal għotjiet f'politiki oħra tal-UE, b'mod partikolari taħt ġestjoni diretta.*

**6.32-6.33.** *Fil-prinċipju, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-valutazzjoni tal-Istat Membru dwar l-istatus taxxabbli jew mhux taxxabbli tal-benefiċjarju fir-rigward tal-VAT. Madankollu, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2012, il-kunċett ta' VAT rekuperabbli ma jirriżultax biss minn eżami formali tal-istatus taxxabbli/mhux taxxabbli tal-benefiċjarju.*

*Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tipprovdi kjarifika lill-Istati Membri f'dak ir-rigward għall-perjodu ta' programmar 2014-2020 attwali.*

*Il-Kummissjoni ser issegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti.*

([28]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 24/2016 (http://eca.europa.eu).

([29]) L-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1), l-Artikolu 11(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12) u l-Artikolu 3(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79). Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, dispożizzjonijiet simili huma inklużi fl-Artikoli 37(11) u 69(3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.33. Pereżempju, fl-2012 il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-VAT trid titqies bħala rekuperabbli kull meta operatur jimponi tariffi bil-VAT lill-utenti aħħarija tal-infrastruttura ([30]). Aħna identifikajna tliet każijiet fejn VAT rekuperabbli ġiet iddikjarata mill-korpi pubbliċi bħala spiża eliġibbli (ara l-***Figura 6.7***).

**Kaxxa 6.7 – Eżempju ta' VAT ineliġibbli**

*VAT rekuperabbli hija ineliġibbli għall-kofinanzjament mill-UE:* Fl-Ungerija, għal proġett tal-FEŻR relatat mar-riabilitazzjoni ta' minjiera mhux użata biex jinbena ċentru ġdid għall-avvenimenti fil-miftuħ, il-benefiċjarju, li huwa muniċipalità pubblika, iddikjara l-VAT bħala nfiq eliġibbli. Madankollu, l-operatur taċ-ċentru se jimponi tariffi bil-VAT lill-utenti aħħarija tal-infrastruttura. B'riżultat ta' dan, l-infiq tal-VAT huwa ineliġibbli għal kofinanzjament mill-UE.

Instabu każijiet simili f'żewġ proġetti taħt il-FEŻR fil-Ġermanja.

6.34. Anke meta l-VAT iddikjarata bħala nefqa mill-gvernijiet nazzjonali li jaġixxu bħala benefiċjarji tkun tqieset li hija eliġibbli, il-VAT fiha nfisha ma tirrappreżentax spiża netta għall-Istat Membru ([31]). Pereżempju, proġett kbir tal-infrastruttura jista' jiġi implimentat minn ministeru jew minn korp li jkun direttament taħt l-awtorità tiegħu u jinkludi l-VAT fl-ispejjeż tiegħu billi l-ministeru ma jirkuprax il-VAT imħallsa. Fl-istess ħin, il-baġit nazzjonali jirċievi l-VAT li tkun ġiet rimborżata mill-fondi tal-UE.

6.35. Fl-UE, ir-rati standard tal-VAT applikati għall-biċċa l-kbira mill-proġetti jvarjaw minn 17 % sa 27 %. Meta l-VAT iddikjarata bħala mhux rekuperabbli mill-ministeri li jimplimentaw il-proġetti taqbeż ir-rata nazzjonali ta' kofinanzjament, ir-rimborż mill-UE jista' saħansitra jaqbeż l-ispejjeż reali mġarrba għall-proġett, mingħajr il-VAT. Pereżempju, dan iseħħ meta r-rata ta' kofinanzjament ta' proġett tkun 85 % jew ogħla u r-rata tal-VAT imħallsa mill-ministeru li jkun qed jimplimenta l-proġett tkun aktar minn 20 %. Jekk ir-rata tal-VAT imħallsa tkun 23 %, mela l-kontribuzzjoni totali mill-UE għall-proġett tkun tirrappreżenta 104,6 % tal-ispejjeż reali mġarrba mingħajr il-VAT. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-Fond ta' Koeżjoni fejn il-biċċa l-kbira mill-proġetti għandhom rata ta' kofinanzjament ta' 85 % jew aktar.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.34-6.35.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-VAT hija taxxa ġenerali miġbura mill-gvernijiet nazzjonali jew reġjonali li ma tiġix ridiretta lejn proġetti individwali ffinanzjati.*

*Pożizzjoni iktar stretta li tiddikjara l-VAT bħala spejjeż ineliġibbli għall-ministeri jew għall-korpi direttament taħt l-awtorità tagħhom effettivament tippenalizza lil dawk li mhumiex f'pożizzjoni li jirkupraw il-VAT jew li jiġu kkumpensati għaliha. Dawn il-korpi għalhekk ikunu obbligati jsibu finanzjament addizzjonali biex jimplimentaw il-proġetti tagħhom jew ikollhom jikkontribwixxu iktar għall-finanzjament tagħhom milli jikkontribwixxu l-benefiċjarji l-oħra li jirkupraw il-VAT. Din mhijiex l-għażla politika li għamlu l-koleġiżlaturi għall-politika ta' koeżjoni.*

([30]) Il-kawża T-89/10, *l-Ungerija vs il-Kummissjoni*, sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2012.

([31]) Għal 47 mill-223 proġett taħt il-FEŻR/l-FK u taħt l-FSE li ġew implimentati minn korpi pubbliċi li eżaminajna fl-2015, aħna stmajna li l-VAT iddikjarata tilħaq EUR 412-il miljun.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Affidabbiltà insuffiċjenti tal-kontrolli fil-livell tal-Istati Membri*

6.36. Fi 18-il każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru mill-benefiċjarji, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti ([32]) biex jipprevienu, jew biex jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'2,4 punti perċentwali. Barra minn hekk, aħna sibna li għal żewġ każijiet, l-iżball li qbadna kien sar mill-awtoritajiet maniġerjali u mill-korpi intermedjarji fl-Istati Membri. Dawn l-iżbalji kkontribwew 0,6 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.36.** *Il-Kummissjoni qed issegwi b'mod strett dawn il-każijiet u taqbel li għandhom ikunu fis-seħħ verifiki tal-ġestjoni tajba u f'waqtha sabiex l-ewwel u qabel kollox jipprevjenu l-irregolaritajiet li jseħħu jew li jiġu inklużi fil-pretensjonijiet għall-pagamenti.*

*Il-Kummissjoni ilha twettaq, sa mill-2010, awditi ffukati fuq il-verifiki tal-ġestjoni ta' programmi ta' riskju għoli, fejn identifikat li n-nuqqasijiet jistgħu jibqgħu mistura jew jinstabu tard mill-awtorità tal-awditjar tal-programm. Għad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u għad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, ir-riżultati ta' dawn l-awditi li saru sal-2015 jinsabu fir-RAA tal-2015 rispettivi tagħhom (ara l-paġni 65 u 56/57, rispettivament).*

*Il-Kummissjoni tirreferi għall-proċeduri msaħħa fil-qafas regolatorju għall-perjodu ta' programmar 2014–2020, fejn il-verifiki u l-kontrolli tal-ġestjoni (inklużi kontrolli fil-post) iridu jitwettqu fil-ħin għaċ-ċertifikazzjoni lill-Kummissjoni tal-kontijiet tal-programm u s-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni fuq bażi annwali. L-awtoritajiet tal-awditjar se jkollhom jagħmlu stima kredibbli tal-livelli residwi ta' żball fil-kontijiet bħala riżultat tal-verifiki, tal-kontrolli u tal-korrezzjonijiet kollha li jkunu saru minn tmiem is-sena tal-kontabbiltà. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn il-proċeduri ta' kontroll imsaħħa se jirriżultaw fi tnaqqis dejjiemi tar-rata tal-żbalji.*

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni żviluppat linji gwida ġodda sabiex tkompli tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-verifiki tal-ġestjoni u biex tiġi ċċarata aktar l-akkontabbiltà akbar tal-awtoritajiet tal-ġestjoni u tal-korpi intermedji tagħhom permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u sommarji annwali fil-perjodu ta' programmar 2014-2020. Din il-gwida, li tislet fuq it-tagħlimiet meħuda mill-perjodu ta' programmar preċedenti, ġiet ippubblikata f'Settembru 2015.*

([32]) Fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni ta' sostenn, inklużi kontroverifiki standard ta' informazzjoni mid-databases u kontrolli obbligatorji meħtieġa.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI TAĦT ĠESTJONI KONDIVIŻA

6.37. Strumenti finanzjarji jipprovdu jipprovdu assistenza lil intrapriżi jew għal proġett urbani permezz ta' investimenti ta' ekwità, selfiet jew garanziji ([33]). Huma jistgħu jintużaw prinċipalment fi tliet oqsma: għall-appoġġ ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) ([34]), għall-iżvilupp urban ([35]) u għall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika.

6.38. Sa tmiem l-2014, kienu ġew stabbiliti 1 025 strument finanzjarju taħt 183 PO tal-FEŻR u tal-FSE fl-Istati Membri kollha minbarra tlieta (l-Irlanda, il-Kroazja u l-Lussemburgu). Meħudin flimkien, dawn għandhom dotazzjoni ta' madwar EUR 16 018 miljun ([36]).

6.39. B'mod ġenerali, il-fondi li jimplimentaw dawn l-istrumenti finanzjarji jirċievu kontribuzzjoni mill-PO meta l-istruttura legali proprja tagħhom tiġi stabbilita, u sussegwentement jużaw dawn il-flus biex jappoġġaw il-proġetti. Appoġġ finanzjarju bħal dan jista' jiġi pprovdut biss għal proġetti li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-PO. Strumenti finanzjarji huma maħsuba biex ikollhom natura rotanti jew, għal ċerti tipi ta' fondi ta' garanzija, biex jiksbu effett ta' ingranaġġ għoli. Kwalunkwe riżorsa li tinkiseb bħala redditu fuq investimenti jew fuq selfiet li jkunu saru, inkluż il-qligħ, għandha terġa' tintuża għall-iskop tal-attivitajiet implimentati mill-istrument finanzjarju.

6.40. Huma biss żborżamenti li jsiru lil riċevituri finali u l-ispejjeż u t-tariffi tal-maniġers ta' fondi li jitqiesu bħala eliġibbli. Dotazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji li ma jintużawx għandhom jiġu ritornati lill-baġit tal-UE fl-għeluq ([37]).

([33]) L-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

([34]) Dan jinkludi l-programm Riżorsi Ewropej Konġunti għall-Impriżi Mikro sa Medji (JEREMIE) implimentat flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) biex jiġi appoġġat finanzjament addizzjonali lil SMEs.

([35]) Dan jinkludi l-programm Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni tal-Ibliet (JESSICA) li huwa implimentat flimkien mal-BEI biex isiru investimenti ripagabbli (fil-forma ta' ekwità, selfiet jew garanziji) fl-iżvilupp urban.

([36]) Il-Kummissjoni Ewropea, "Summary of data on the progress made in financing and implementing financial instruments reported by the managing authorities in accordance with Article 67(2)(j) of Regulation (EC) No 1083/2006, situation as at 31 December 2014", (Sommarju tad-*data* dwar il-progress li sar fil-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji rrappurtat mill-awtoritajiet maniġerjali skont l-Artikolu 67(2)(j) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2014), EGESIF 15-0027-00, it-23 ta' Settembru 2015. Iċ-ċifri għall-2015 se jiġu ppubblikati f'Settembru 2016.

([37]) L-Artikolu 78(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Implimentazzjoni bil-mod tal-istrumenti finanzjarji**

6.41. Ir-rata medja ta' żburżar għal 1 025 strument finanzjarju taħt il-FEŻR u l-FSE kienet 57 % fi tmiem l-2014. Din tirrappreżenta żieda ta' 10 punti perċentwali meta mqabbel mal-2013 u żieda ta' 20 punt perċentwali meta mqabbel mal-2012 ([38]).

6.42. Il-***Figura 6.8*** tippreżenta r-rati ta' żburżar għall-istrumenti finanzjarji li huma ffinanzjati minn "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" sal-31 ta' Diċembru 2014. Fir-Rapport Annwali l-aktar reċenti tagħna, aħna diġà konna ġbidna l-attenzjoni għad-diffikultajiet li bosta Stati Membri jsibu biex jużaw kompletament id-dotazzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji. Aħna nosservaw problemi partikolari f'sitt Stati Membri (il-Greċja, Spanja, l-Italja, in-Netherlands, l-Awstrija u s-Slovakkja) fejn ir-rati ta' żburżar huma baxxi meta mqabbla mal-medja tal-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.41.** *Il-Kummissjoni tinnota li r-rata medja ta' żborż ta' 57 % (fi tmiem l-2014) — rata ogħla meta mqabbel ma' 47 % fi tmiem l-2013 — hija medja fil-livell tal-UE li ma tirriflettix is-sitwazzjoni eteroġenja fil-livell tal-programmi (ara r-rapport tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat fl-1 ta' Ottubru 2015). Ir-rata baxxa ta' żborż fi tmiem l-2014 hija riżultat ta' għadd ta' fatturi, fosthom il-kriżi finanzjarja, l-esperjenza limitata f'xi Stati Membri u l-bidu tard ta' xi strumenti (anki fl-2014).*

*Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza wkoll li meta jitqies iċ-ċiklu tal-ħajja tal-istrumenti finanzjarji, hija mistennija żieda fl-aħħar sena tal-implimentazzjoni. Kull konklużjoni dwar ir-rati ta' żborż effettivi tista' ssir biss bis-sħiħ fl-għeluq.*

*F'kull każ, fl-għeluq, ammonti inizjali fi strumenti finanzjarji mhux żborżati lir-riċevituri finali se jitqiesu ineliġibbli, irkuprati mill-baġit tal-UE u mitlufa għall-programmi u l-Istati Membri.*

*Il-Kummissjoni temmen li r-rapport tagħha li se jkun ippubblikat fl-1 ta' Ottubru 2016 dwar is-sitwazzjoni fi tmiem l-2015 se turi aktar progress fl-implimentazzjoni.*

**6.42.** *Kif diġà ssemma fit-tweġiba tagħha għar-Rapport Annwali tal-Qorti għas-sena 2014 (il-paragrafu 6.49), il-Kummissjoni ħadet flimkien mal-Istati Membri għadd ta' miżuri biex tiżgura li l-investimenti li jibqa' li jkunu saru mill-istrumenti finanzjarji se jaslu għand benefiċjarji finali fil-waqt. Il-Kummissjoni kompliet l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward ukoll fl-2015.*

([38]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 5.33 sa 5.36 u l-Kaxxa 5.5, u r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafi 6.46 sa 6.52.

**Figura 6.8 – Rati ta' żburżar għall-istrumenti finanzjarji li huma ffinanzjati minn "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" fil-31 ta' Diċembru 2014**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażat fuq EGESIF_15-0027-00, it-23 ta' Settembru 2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.43. L-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji taħt il-FEŻR u l-FSE hija bbażata fuq *data* riċevuta direttament mill-Istati Membri. Mill-2011 'il hawn, il-Kummissjoni għamlet sforzi sostanzjali biex ittejjeb il-kwalità ta' din id-*data*. Minkejja dan, id-*data* ppreżentata fir-rapport tal-Kummissjoni f'xi każijiet tkun inkompleta jew impreċiża. Dan kien ukoll il-każ għal erbgħa mis-seba' strumenti finanzjarji li aħna eżaminajna fl-2015.

**Riċevituri finali ineliġibbli**

6.44. Fi tnejn mis-seba' strumenti finanzjarji eżaminati, ġew approvati garanziji jew selfiet għal riċevituri finali li kienu ineliġibbli skont ir-regolament u d-dritt nazzjonali. Dawn il-każijiet huma kklassifikati bħala żbalji kwantifikabbli jew taħt il-kategorija ta' nfiq ineliġibbli jew taħt il-kategorija ta' proġetti ineliġibbli (ara l-***Figura 6.9***).

**Figura 6.9 – Eżempju ta' self ineliġibbli (riċevitur ineliġibbli)**

*Riċevituri finali ineliġibbli:* Fil-każ ta' wieħed mill-istrumenti finanzjarji taħt il-FEŻR fl-Ungerija, l-intermedjarju finanzjarju ħareġ self għal kumpanija li tappartjeni għall-grupp proprju tiegħu. Madankollu, kemm ir-regolament kif ukoll il-gwida applikabbli tal-Kummissjoni espliċitament jipprojbixxu li kumpanija li tappartjeni għall-istess grupp titqies bħala riċevitur finali eliġibbli. B'riżultat ta' dan, is-self huwa ineliġibbli għall-kofinanzjament.

Instabu każijiet oħra simili ta' riċevituri ineliġibbli fl-Italja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.43.** *F'Mejju 2015, il-Kummissjoni pprovdiet gwida dwar l-istruzzjonijiet tar-rappurtar lill-Istati Membri, li ċċarat ir-rekwiżiti tar-rappurtar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tejbet l-għodda tar-rappurtar tagħha għall-2014-2020: L-Istati Membri se jkollhom jirrappurtaw id-*data* meħtieġa skont l-Artikolu 46 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li hija aktar komprensiv mid-*data* meħtieġa għall-2007-2013. F'April 2016, is-servizzi tal-Kummissjoni ppreżentaw aktar gwida lill-Istati Membri dwar dan ir-rapportar.*

**6.44.** *Il-Kummissjoni tinnota li għal żewġ żbalji relatati ma' benefiċjarji ineliġibbli fi strumenti finanzjarji, ma tistax f'dan l-istadju tivvaluta l-impatt ta' dawn l-iżbalji individwali fuq il-baġit tal-UE.*

*Kif indikat fil-punt 3 tal-"Linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li jridu jitwettqu fin-nefqa kofinanzjata mill-UE taħt il-fondi strutturali u l-fond Ewropew għas-sajd għal nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli għall-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għall-perjodu ta' programmar 2007-2013", l-irregolaritajiet individwali jistgħu jiġu ssostitwiti b'investimenti legali u regolari li jsiru mill-istrumenti finanzjarji lill-benefiċjarji finali sal-għeluq parzjali jew finali. Għalhekk il-Kummissjoni hija tal-fehma li, mingħajr ma tikkontesta l-iżbalji sottostanti, ma tistax tivvaluta l-impatt ta' dawn l-iżbalji fuq il-baġit tal-UE f'dan l-istadju.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| **Estensjoni tal-perjodu ta' eliġibbiltà 2007-2013 permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni biss** | |
| 6.45. Aħna nfakkru kwistjoni speċifika li ġiet iddivulgata fir-Rapport Annwali 2014 ([39]). L-Artikolu 56(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 stabbilixxa l-31 ta' Diċembru 2015 bħala tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-pagamenti. Matul l-2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li testendi l-perjodu ta' eliġibbiltà sal-31 ta' Marzu 2017 permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni ([40]) minflok ma talbet lill-Kunsill u lill-Parlament biex jemendaw ir-Regolament. Billi għad ma hemmx leġiżlazzjoni ta' valur ġuridiku awtorevoli biżżejjed aħna nqisu li l-iżborżamenti li saru wara l-31 ta' Diċembru 2015 huma irregolari. | **6.45.** *Il-Kummissjoni diġà esprimiet il-pożizzjoni tagħha fuq l-istess osservazzjoni fit-tweġiba tagħha għar-Rapport Annwali tal-Qorti għas-sena 2014. Il-Kummissjoni aġixxiet skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2014 u fil-marġni offrut mill-qafas regolatorju eżistenti. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis l-iżborżamenti li saru lill-benefiċjarji finali sa tmiem Marzu 2017 bħala nefqa eliġibbli.*<br><br>*Id-deċiżjoni ta' modifika dwar il-linji gwida tal-għeluq tal-Kummissjoni ma taffettwax l-Artikolu 56(1), li skontu l-kontribuzzjoni mill-fondi fl-istrumenti finanzjarji jridu jkunu tħallsu sa mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru 2015. Din tibqa' r-regola.*<br><br>*Il-modifika tiċċara l-Artikolu 78(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. L-Artikolu 78(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 huwa* lex specialis *għall-Artikolu 56(1) ta' dan ir-Regolament. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li:*<br><br>— *L-Artikolu 78(6) jimplika li l-kontribuzzjoni mill-programm operattiv lill-istrument ta' inġinerija finanzjarja trid titħallas sal-31 ta' Diċembru 2015.*<br><br>— *F'dak li għandu x'jaqsam mal-eliġibbilità tan-nefqa mħallsa minn strument ta' inġinerija finanzjarja lill-benefiċjarju finali, l-Artikolu 78(6) jippermetti lil din in-nefqa tkun eliġibbli sad-data tas-sottomissjoni tad-dokumenti tal-għeluq.*<br><br>— *Minħabba li l-31 ta' Marzu 2017 hija d-data finali għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni tad-dokumenti tal-għeluq, il-modifika tal-linji gwida tal-għeluq tikkjarifika li l-għeluq kif imsemmi fl-Artikolu 78(6) tar-Regolament Ġenerali hija d-data tas-sottomissjoni tad-dokumenti tal-għeluq, jiġifieri l-31 ta' Marzu 2017 (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.52 u għar-Rakkomandazzjoni 5 tar-rapport annwali tal-Qorti tal-2014).*<br><br>*Għaldaqstant il-Kummissjoni ma taqbilx li l-iżborżamenti li saru wara l-31 ta' Diċembru 2015 għandhom jitqiesu irregolari.* |
| 6.46. Aħna ppubblikajna wkoll Rapport Speċjali dwar it-tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' Strumenti finanzjarji għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 ([41]). | **6.46.** *Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti ppubblikati fir-rapport speċjali msemmi u diġà qed tieħu azzjonijiet ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet aċċettati.* |

([39]) Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 6.52.
([40]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 2771.
([41]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 19/2016 (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## EŻAMINAR TA' ELEMENTI TAS-SISTEMI TA' KONTROLL INTERN, INKLUŻI R-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ

### Valutazzjoni tas-superviżjoni mill-Kummissjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar

**Il-Kummissjoni tuża x-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri biex tagħmel stima tal-livell ta' żball**

6.47. L-awtoritajiet tal-awditjar jipprovdu aċċertament lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u tal-kontrolli interni għal PO, u tal-legalità u r-regolarità tal-infiq iċċertifikat. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-rapporti annwali ta' kontroll tagħhom, fl-opinjonijiet tal-awditjar tagħhom u fir-rapporti tal-awditjar tagħhom tas-sistemi ([42]). Mill-2009 'l hawn, il-Kummissjoni wettqet inkjesti tal-awtoritajiet prinċipali tal-awditjar, inklużi analiżijiet fuq il-post dwar xogħolhom, biex tivvaluta kemm tkun tista' toqgħod fuqhom.

**6.47.** *Il-Kummissjoni qiegħda tikkoopera u tikkoordina mill-qrib mal-awtoritajiet tal-awditjar u bdiet tagħmel rieżami tal-metodoloġiji u tar-riżultati tal-awditjar tagħhom sa mill-2009. Dan ikkontribwixxa għall-bini tal-kapaċità billi pprovda pariri, gwida u rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet tal-awditjar permezz tat-twettiq mill-ġdid, mill-Kummissjoni tal-ħidma tal-awditjar imwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar.*

*Il-Kummissjoni tenfasizza li l-valutazzjoni tal-kredibbiltà tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar għandha titqies f'dan il-kuntest. Bħala riżultat tal-programm tal-awditjar tagħha, li kien jinvolvi 316-il missjoni ta' awditjar imwettqa fil-post b'mod kumulattiv sa mill-2009 u li kopra 51 awtorità tal-awditjar responsabbli mill-awditjar ta' madwar 98,5 % tal-allokazzjonijiet tal-FEŻR/FK għall-perjodu 2007-2013, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana kkonkluda sa tmiem l-2015 li l-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar rieżaminati tista' b'mod ġenerali tiġi afdata.*

*Rigward id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni sal-aħħar tal-2015 kienu twettqu 236 missjoni ta' awditjar mill-2009 u koprew 89 awtorità tal-awditjar minn 92 (96,7 %), inkarigati minn 115 minn 118-il PO u dan jirrappreżenta 99,6 % tan-nefqa. Il-Kummissjoni kkonkludiet li tista' toqgħod fuq 82 awtorità tal-awditjar li jkopru 98,2 % tal-FSE.*

*Fir-Rapporti tal-Attività Annwali tal-2015, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, ipprovdew valutazzjoni dettaljata tal-preċiżjoni u l-kredibbiltà tal-informazzjoni u tar-riżultati ta' awditjar li ġew irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-Rapporti ta' Kontroll Annwali tagħhom tal-2015 fil-konfront tan-nefqa tal-2014 (ara paġni minn 55 sa 60 tar-RAA tal-2015 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, u paġni minn 52 sa 54 tar-RAA tal-2015 tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni).*

([42]) B'mod kumplessiv, l-Istati Membri tal-UE-28 stabbilixxew 113-il awtorità tal-awditjar għall-440 PO taħt il-FEŻR/l-FK u taħt l-FSE li kienu ġew approvati għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Minn dawn l-awtoritajiet, 63 huma responsabbli kemm għall-PO taħt il-FEŻR/l-FK kif ukoll għal dawk taħt l-FSE. Għall-440 PO kollha meħudin flimkien, kienu tħejjew 306 rapporti annwali ta' kontroll u opinjonijiet tal-awditjar mill-awtoritajiet tal-awditjar sa tmiem Diċembru 2015.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 6.48. Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u d-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni jużaw din l-informazzjoni meta jkunu qed iħejju r-rapporti annwali tal-attività (RAA) tagħhom u matul is-sena biex jiddeċiedu dwar interruzzjonijiet u/jew sospensjonijiet possibbli ta' pagamenti lid-diversi PO. | **6.48.** *Fl-2015, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana indika fir-RAA tiegħu li madwar żewġ terzi tal-interruzzjonijiet u presospensjonjiet tal-pagamenti kienu bbażati fuq ir-riżultati tal-awditjar irrappurtati lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet tal-awditjar matul is-sena jew fi tmiem is-sena (ara paġna 68 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana fir-RAA tal-2015).*<br><br>*Matul l-2015, il-proċeduri ta' interruzzjoni u tal-presospensjoni kienu jikkonċernaw 117-il programm tal-FEŻR/il-Fond ta' Koeżjoni u kważi EUR 9,1 biljun tal-pretensjonijiet għall-pagamenti mressqa mill-Istati Membri iżda mhux imħallsa sakemm il-Kummissjoni kinitx kisbet aktar evidenza li l-korrezzjonijiet neċessarji kollha tal-Istati Membri kkonċernati kienu saru.*<br><br>*Għall-FSE, kif irrappurtat f'paġna 59 tar-RAA tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni fl-2015, il-Kummissjoni bagħtet żewġ ittri ta' twissija u 17-il ittra ta' presospensjoni; hija ddeċidiet 27 interruzzjoni ta' pagamenti u ssospendiet 10 programmi operazzjonali. B'kollox, kienu interrotti EUR 1,4 biljun ta' pretensjonijiet għall-pagamenti.* |
| 6.49. Sabiex jivvalutaw jekk jistgħux joqogħdu fuq din l-informazzjoni, id-direttorati ġenerali jiċċekkjaw ir-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għal kull PO (jew grupp ta' PO) ([43]):<br><br>— jekk il-Kummissjoni tqis li r-rata ta' żball tkun affidabbli (u rappreżentattiva tal-infiq iċċertifikat), hija taċċetta r-rata rrappurtata mill-awtorità tal-awditjar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tikkalkula mill-ġdid ir-rata għall-valutazzjoni proprja tagħha bbażata fuq informazzjoni addizzjonali miksuba mill-awtorità tal-awditjar;<br><br>— jekk ir-rati ta' żball ma jkunux affidabbli, il-Kummissjoni tapplika rata ta' żball fissa (bejn 2 % u 25 %) f'konformità mar-riżultati tal-valutazzjoni li twettaq dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll intern. | **6.49.** *Il-Kummissjoni tenfasizza li din il-valutazzjoni tal-kredibbiltà tar-rati ta' żball kull sena hija bbażata fuq analiżi bir-reqqa tal-informazzjoni kollha disponibbli permezz ta' missjonijiet ta' kontrolli fil-post ibbażati fuq ir-riskju, b'kont meħud ukoll tal-valutazzjoni ġenerali tal-kredibbiltà tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar bħala riżultat tal-ħidma ta' awditjar komprensiva msemmija fit-tweġiba għall-paragrafu 6.47. Meta jkun meħtieġ il-Kummissjoni titlob u tikseb mingħand l-awtoritajiet tal-awditjar kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa.* |

([43]) Ir-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għas-sena n jiġu kkalkulati abbażi ta' kampjun ta' awditi ta' operazzjonijiet li għandhom ikunu statistikament rappreżentattivi tal-infiq iċċertifikat lill-Kummissjoni fis-sena n-1 (ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 11).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.50. Il-Kummissjoni tikkalkula wkoll ir-"riskju residwu kumulattiv" għal kull PO (jew grupp ta' PO), li jieħu inkunsiderazzjoni l-korrezzjonijiet finanzjarji kollha mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Dan jinkludi l-korrezzjonijiet li diġà ġew implimentati fil-livell tal-UE u/jew f'dak nazzjonali ([44]).

6.51. Ibbażat fuq dawn iż-żewġ indikaturi u fuq informazzjoni addizzjonali li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tifforma l-valutazzjoni tagħha tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-PO. Imbagħad, din il-valutazzjoni tiġi rrappurtata fir-rapport annwali tal-attività tad-direttorat ġenerali ([45]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.51.** *Il-Kummissjoni tivvaluta l-funzjonament effettiv tas-sistema tal-ġestjoni u l-kontroll għal kull programm u għal kull awtorità (awtoritajiet tal-ġestjoni, taċ-ċertifikazzjoni u tal-awditjar), ibbażati fuq ir-riżultati disponibbli kollha tal-awditjar tas-sistema tal-UE u nazzjonali dwar 15-il rekwiżit regolatorju ewlieni skont metodoloġija kondiviża mal-awtoritajiet tal-awditjar. Il-programmi kollha huma għalhekk ivvalutati skont l-opinjonijiet tal-awditjar fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell tal-Kummissjoni abbażi fuq l-awditi mwettqa fuq is-sistemi u fuq kampjuni rappreżentattivi tal-operazzjonijiet. Ir-rati ta' żball irrappurtati mill-Istati Membri u r-rati tal-iżball residwu kkalkulati mill-Kummissjoni huma elementi importanti ta' din il-valutazzjoni, iżda m'humiex l-uniċi. Il-maniġers tal-linja operazzjonali u l-uffiċjali li jawtorizzaw permezz ta' subdelega jivvalutaw ukoll il-livell ta' aċċertament għal kull programm.*

*Għall-finijiet tal-aċċertament divulgat fir-RAA, l-opinjoni għal kull programm operazzjonali hija, għalhekk, ir-riżultat ta' valutazzjoni globali bbażata fuq l-informazzjoni kollha disponibbli għall-Kummissjoni. Din tipprovdi valutazzjoni komprensiva u dettaljata tal-effettività tas-sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll għal kull Stat Membru, u għal programmi operazzjonali inklużi fir-riżervi tal-2015, informazzjoni dwar il-kwistjonijiet ewlenin identifikati u l-azzjonijiet meħuda.*

(44) Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, p. 52. Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, p. 50.

(45) Ara r-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafi 5 sa 11.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-valutazzjoni tar-rapporti annwali ta' kontroll li ssir mill-Kummissjoni tista' tindirizza parzjalment biss ir-riskju li l-informazzjoni ppreżentata mill-awtoritajiet nazzjonali ma tkunx affidabbli**

6.52. Ir-robustezza tal-valutazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-programmi operazzjonali taħt il-FEŻR/l-FK u taħt l-FSE tiddependi mill-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni li tiġi rrappurtata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. L-awditi tagħna fi snin preċedenti identifikaw żewġ riskji prinċipali f'dan ir-rigward:

— l-awtoritajiet tal-awditjar jistgħu jiddikjaraw l-iżbalji b'mod insuffiċjenti u/jew jistgħu ma jestrapolawhomx b'mod xieraq. B'konsegwenza ta' dan, ir-rati ta' żball li jiġu rrappurtati jistgħu ma jkunux dejjem affidabbli;

— l-informazzjoni dwar korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtata mill-Istati Membri tista' ma tkunx dejjem affidabbli jew preċiża u, b'riżultat ta' dan, il-metodu ta' kalkolu li tuża l-Kummissjoni jista' jirriżulta f'riskju residwu kumulattiv li jkun iddikjarat b'mod insuffiċjenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.52-6.54.** *Kif spjegat fir-RAA rispettivi tagħhom, iż-żewġ Direttorati ġenerali ħadu miżuri biex titjieb l-kredibbiltà tal-informazzjoni tal-awditjar (rati tal-iżball u opinjonijiet tal-awditjar) u l-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati mill-awtoritajiet li jiċċertifikaw. Biex jittaffew ir-riskji msemmija mill-Qorti, il-Kummissjoni qed timplimenta żewġ inkjesti ta' awditjar:*

— *id-dipendenza tal-Kummissjoni fuq l-informazzjoni tal-awditjar, irrappurtata mill-awtoritajiet tal-awditjar, inkluż ir-rapporti ta' kontroll annwali, l-opinjonijiet tal-awditjar u r-rati tal-iżbalji, hija bbażata fuq ħidma wiesgħa fl-uffiċċju u ħidma ta' awditjar fil-post. Din għandha l-għan li tivverifika jekk is-sejbiet tal-awditjar jiġux ikkonfermati, inkluż billi jerġgħu jsiru żjarat fil-post mill-awdituri tal-Kummissjoni.*

  *L-analiżi mill-uffiċċju tar-rapporti ta' kontroll annwali tkopri firxa wiesgħa ta' verifiki marbutin pereż. mal-eżattezza tal-kalkoli, mal-parametri użati, mat-trattament tal-iżbalji misjuba jew mar-rikonċiljazzjoni tal-popolazzjoni awditjata u tiġi kkumplimentata minn missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni fil-paragrafu 1.36 u 6.47). Meta jkun meħtieġ tintalab u tinkiseb aktar informazzjoni speċifika mingħand l-awtoritajiet tal-awditjar f'każ ta' dubji imma mhux sistematikament fil-każijiet kollha, skont il-prinċipju ta' awditu wieħed u r-rekwiżiti regolatorji.*

  *Bħala riżultat ta' din il-ħidma ta' awditjar fil-fond, id-Direttorati Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni vvalutaw 95 % tar-rati ta' żball tal-Istati Membri fl-oqsma ta' politika tagħhom bħala sors kredibbli ta' informazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tar-riskju għall-pagamenti tal-2015 (il-paġni 58 u 53 tar-RAA rispettivi tal-2015). Għall-5 % li jifdal fejn ir-rati tal-iżball irrappurtati mill-Istati Membri tqiesu mhux kredibbli l-Kummissjoni ssostitwixxiethom bl-aħjar stima fuq il-bażi ta' rati fissi.*

— *awditi speċifiċi fil-post ibbażati fuq ir-riskju (li sa issa koprew 75 PO matul l-aħħar tliet snin) sabiex jiġi żgurat li l-korrezzjonijiet irrappurtati ġew implimentati b'mod effettiv u, f'każ ta' dubji jew evidenza mhux suffiċjenti, jitnaqqsu l-ammonti kkonċernati mill-korrezzjonijiet finanzjarji kumulattivi meqjusa għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-iżbalji residwi. Bħala riżultat tal-awditi u l-kontrolli tagħhom tal-konsistenza mill-uffiċċju dwar il-kredibbiltà tad-dikjarazzjonijiet dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji tal-artikolu 20 ippreżentati għall-programmi kollha, is-servizzi tal-Kummissjoni ddeċidew li jieħdu approċċ prudenti u jeskludu uħud mill-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati għall-kalkolu tar-riskju residwu kumulattiv (ara r-rapport tal-attività annwali tad-Direttorat Ġenerali tal-Politika Reġjunali u Urbana, paġni 72 u 73).*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Kuntrarjament għal 2007-2013, fil-perjodu ta' programmar 2014-2020, l-awtoritajiet tal-awditjar se jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar l-awditjar abbażi tar-rati tal-iżball residwu wara li jkunu ġew implimentati l-korrezzjonijiet. Bħala riżultat, il-preċiżjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji se tiġi awditjata sistematikament bħala parti mill-awditi tal-kontijiet.*

6.53. Il-verifikazzjonijiet tar-rapporti annwali ta' kontroll, li jsiru mil-Kummissjoni, jikkonsistu prinċipalment f'analiżijiet fl-uffiċċju u għalhekk jistgħu jindirizzaw dawn ir-riskji parzjalment biss. B'mod partikolari, aħna nqisu li l-ambitu li l-Kummissjoni għandha għall-validazzjoni (u, fejn meħtieġ, l-aġġustament) tar-rati ta' żball irrappurtati huwa limitat meta l-awtoritajiet tal-awditjar ma jintalbux biex jipprovdu informazzjoni aktar speċifika lill-Kummissjoni dwar l-awditi tagħhom tal-operazzjonijiet (pereżempju dettalji dwar l-ambitu tal-awditjar, il-kopertura/is-subkampjunar, u l-klassifikazzjoni tal-iżbalji) għall-verifikazzjoni li hija twettaq tar-rapporti annwali ta' kontroll. L-analiżi tagħna wriet li fl-2015 informazzjoni bħal din intalbet aktar spiss milli fi snin preċedenti.

6.54. Matul l-2015, bħal fi snin preċedenti, iż-żewġ direttorati ġenerali wettqu wkoll kontrolli fuq il-post fuq korrezzjonijiet finanzjarji li kienu ġew implimentati minn 10 Stati Membri. Għal sebgħa minn dawn, il-Kummissjoni identifikat defiċjenzi li kienu jeħtieġu li jsiru aġġustamenti għall-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati. Fl-2014, il-Kummissjoni qabdet defiċjenzi għal 7 minn 12-il Stat Membru miżjur. Dawn is-sejbiet jikkonfermaw il-valutazzjoni proprja tagħna u jaċċennaw, fil-kuntest tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2014-2020, l-importanza li jiġi żgurat li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi affidabbli ta' rappurtar ([46]).

**Il-Kummissjoni tqis li l-infiq iddikjarat għal 58 % tal-PO kollha kien ħieles minn livell materjali ta' żball**

6.55. Għall-2015, il-Kummissjoni tqis li hija kellha aċċertament li 254 mill-440 PO taħt il-FEŻR/l-FK u taħt l-FSE (58 %) kienu ħielsa minn livell materjali ta' żball: l-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrappurtaw rati ta' żball taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 % tal-Kummissjoni, u dawn ir-rati kienu ġew ivvalidati minnha. Dawn il-PO jirrappreżentaw madwar 38 % tal-pagamenti tal-2015.

6.56. Fl-2015, bħal fi snin preċedenti, aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx effettiva meta vverifikat il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar. Dan twettaq għal kampjun ta' 102 PO f'16-il Stat Membru (80 mit-322 PO taħt il-FEŻR/l-FK u 22 mill-118-il PO taħt l-FSE) abbażi tal-fajls ta' ħidma tal-Kummissjoni. Il-kampjun tagħna kien jinkludi PO li għalihom il-Kummissjoni kienet aċċettat ir-rati rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar, iżda wkoll PO li għalihom ir-rati kienu ġew ikkalulati mill-ġdid jew fejn kienu ġew imposti rati fissi.

([46]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafi 35 sa 40.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-validazzjoni (jew il-kalkolu mill-ġdid) li l-Kummissjoni wettqet tar-rati ta' żball hija konsistenti mal-evidenza pprovduta mill-awtoritajiet tal-awditjar**

6.57. Fir-rigward ta' ħames PO koperti minn ħames rapporti annwali ta' kontroll (ACRs), aħna identifikajna dgħufijiet li ma kinux inqabdu jew li ma kinux ġew indirizzati b'mod xieraq mill-Kummissjoni. Madankollu, aħna nqisu li ebda wieħed minn dawn il-każijiet ma kien imissu wassal lill-Kummissjoni biex tagħmel riżervi addizzjonali (jew riżervi b'impatt finanzjarju ogħla) fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2015. Dan minħabba li kważi dawn il-PO kollha (jew gruppi ta' PO) diġà jinsabu taħt riżerva għal raġunijiet differenti.

**Titjib fil-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar fuq l-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku**

6.58. Bħal fi snin preċedenti, aħna eżaminajna wkoll jekk l-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar wettqux kontrolli xierqa tar-regoli tal-akkwist pubbliku u tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Aħna osservajna titjib sinifikanti f'dak il-qasam meta mqabbel mal-valutazzjoni tas-sena preċedenti ([47]), billi l-biċċa l-kbira mil-listi ta' kontroll li ntużaw mill-awtoritajiet tal-awditjar fl-awditjar tagħhom tal-operazzjonijiet kienu jinkludu b'mod adegwat il-kontroll tal-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u mar-regoli tal-akkwist pubbliku. B'riżultat ta' dan, għal 2 PO mill-102 PO kkampjunati, il-kontrolli fuq l-għajnuna mill-Istat li twettqu mill-awtoritajiet tal-awditjar kienu inadegwati (pereżempju l-fornituri ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ma kinux koperti, jew inkella għall-iskemi ta' għajnuna notifikati u l-miżuri ta' riċerka u żvilupp, l-intensità tal-għajnuna ma ġietx ivverifikata). Għal wieħed minn dawn iż-żewġ PO, il-lista ta' kontroll għall-akkwist pubbliku titqies li hija insuffiċjenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.57.** *Il-Kummissjoni tinnota t-titjib fil-valutazzjoni tal-verifika tagħha tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar.*

**6.58.** *Permezz tal-verifiki proprji tagħha, il-Kummissjoni nnutat ukoll titjib sinifikanti rrappurtat mill-Qorti.*

*Waqt ir-rieżami tal-ACR, il-Kummissjoni teżamina jekk l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar hijiex ibbażata fis-sod fuq il-bażi tar-riżultati tal-awditi tas-sistema u tal-operazzjonijiet.*

*L-eżami tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar rigward l-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku huwa inkluż, fost kwistjonijiet oħra, fir-rieżami tal-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet tal-awditjar li jinkludi eżami tal-metodoloġija għall-awditjar tas-sistema u għall-awditjar tal-operazzjonijiet (inkluż listi ta' kontroll) kif ukoll it-twettiq mill-ġdid tal-awditi li jkunu diġà saru minn awtoritajiet tal-awditjar (ara t-tweġiba għall-paragrafu 6.47).*

*F'xi każijiet il-Kummissjoni kienet diġà rrakkomandat lill-awtoritajiet tal-awditjar ikkonċernati, permezz ta' rappurtar tal-awditjar tagħha stess, biex issaħħu l-listi ta' kontroll tagħhom biex ikopru aħjar il-kwistjonijiet tal-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura li l-awtoritajiet tal-awditjar jużaw listi ta' kontroll xierqa.*

([47]) Skont ir-Rapport Annwali 2014, il-kontrolli tal-għajnuna mill-Istat ma sarux b'mod xieraq għal 42 minn 139 PO eżaminati.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-gwida tal-Kummissjoni tirrikjedi li l-awtoritajiet tal-awditjar jinkludu l-kontribuzzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji fil-popolazzjoni awditjata minflok ma jivverifikaw l-iżborżamenti li fil-fatt ikunu saru lir-riċevituri finali**

6.59. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-programmi operazzjonali għal fondi li jimplimentaw strumenti finanzjarji għall-perjodu sħiħ ġeneralment isiru permezz ta' pagament uniku malli l-istruttura legali tal-fondi tkun ġiet stabbilita. Arranġamenti alternattivi ta' finanzjament jistgħu jiġu speċifikati fil-ftehmiet ta' finanzjament. Skont ir-regolament, dawn il-pagamenti jiġu ċċertifikati lill-Kummissjoni bħala nfiq imġarrab ([48]). F'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni lill-awtoritajiet tal-awditjar dwar il-kampjunar, il-verifikazzjoni *ex post* ta' pagament bħal dan mill-awtoritajiet tal-awditjar ġeneralment tkun relatata mas-sena finanzjarja li fiha jkun sar il-pagament. Dawn il-kontrolli ġeneralment ikollhom ambitu limitat minħabba li matul l-ewwel sena, ftit li xejn jintagħżlu operazzjonijiet għall-appoġġ, u l-ammonti li jiġu żborżati favur ir-riċevituri finali u l-proġetti huma limitati.

6.60. Għal tliet PO l-kontribuzzjoni għall-istrumenti finanzjarji tirrappreżenta parti konsiderevoli tal-popolazzjoni u tal-kampjun awditjat. L-awtoritajiet tal-awditjar sabu li dawn il-kontribuzzjonijiet kienu ħielsa minn żbalji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.59-6.62.** *F'konformità mal-Artikolu 78(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, il-kontribuzzjoni tal-fondi lil strumenti finanzjarji hija inkluża fil-pretensjonijiet lill-Kummissjoni. Dawn il-pagamenti jikkostitwixxu parti mill-popolazzjoni li trid tiġi awditjata mill-awtoritajiet tal-awditjar permezz ta' kontrolli ta' kampjuni f'konformità mal-linji gwida aġġornati tal-Kummissjoni.*

*Il-qafas tal-awditjar żviluppat fl-2011 għall-FEŻR/FK u l-FSE jipprevedi b'mod ċar li l-awditi għandhom ikopru l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u li huma previsti verifiki speċifiċi tal-għeluq. L-awtoritajiet tal-awditjar u l-Kummissjoni jistgħu jwettqu awditi tematiċi dwar l-istrumenti finanzjarji li jkopru kemm it-twaqqif tal-fond kif ukoll l-implimentazzjoni reali tal-proġetti permezz tal-awditjar ta' kampjun ta' proġetti mwettqa mill-benefiċjarji finali.*

*B'ittra tat-18 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni ċċarat ukoll lill-awtoritajiet tal-awditjar li l-istrumenti finanzjarji għandhom dejjem ikunu inklużi fil-popolazzjoni suġġetta għat-teħid ta' kampjuni u għarrfithom li hija tqis bħala prassi tajba li dawn l-operazzjonijiet jiġu awditjati bħala saff separat għall-finijiet tat-teħid ta' kampjuni.*

*Barra minn hekk, matul il-Laqgħa tal-Homologues Group ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni ddiskutiet mal-awtoritajiet tal-awditjar l-approċċ tal-awditjar u l-istrateġija tal-awditjar lejn it-tmiem. L-aċċertament meħtieġ dwar l-istrumenti finanzjarji fl-għeluq se jinkiseb billi jingħaqdu flimkien riżultati mill-awditjar tas-sistemi mwettaq matul l-implimentazzjoni, l-awditjar ta' kampjun ta' tranżazzjonijiet li jkopri l-implimentazzjoni meta dan kien possibbli u permezz ta' aktar ittestjar fl-għeluq sabiex jiġi żgurat li l-żborżamenti reali lill-benefiċjarji finali huma legali u regolari. Din id-diskussjoni kienet segwita sistematikament fil-bidu tal-2016 f'laqgħat bilaterali ta' koordinazzjoni tal-awditjar mal-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri kkonċernati.*

*Fl-aħħar nett, għall-fini tad-dikjarazzjoni tal-għeluq, l-awtoritajiet tal-awditjar se jkollhom jiksbu u jipprovdu aċċertament dwar il-legalità u r-regolarità mhux biss tal-kontribuzzjoni tal-PO imħallsa lil strumenti finanzjarji iżda wkoll l-użu ta' din il-kontribuzzjoni permezz tat-tranżazzjonijiet sottostanti implimentati mill-benefiċjarji finali kif elenkat fl-Artikolu 78.6 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.*

([48]) L-Artikolu 78a tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

6.61. Dment li ma jkunx previst li jsiru verifikazzjonijiet speċifiċi fl-għeluq, mhuwiex probabbli li l-implimentazzjoni effettiva tal-operazzjonijiet relatati mal-istrumenti finanzjarji tiġi ċċekkjata mill-awtoritajiet tal-awditjar qabel l-għeluq. Fis-sentejn li għaddew, aħna qbadna każijiet fejn xi riċevituri ineliġibbli ntgħażlu għal xi wħud mill-istrumenti awditjati (ara wkoll il-paragrafu 6.44).

6.62. Il-Kummissjoni ma ħarġitx gwida orizzontali formali dwar l-awditjar tal-iżborżamenti li saru mill-istrument finanzjarju lir-riċevituri finali sal-għeluq. Madankollu, l-approċċ tal-awditjar jiġi maqbul b'mod bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.

6.63. Fejn l-istrumenti finanzjarji huma mmaniġġjati mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), l-awtoritajiet tal-awditjar ma jistgħux jiċċekkjaw il-kontribuzzjonijiet li jsiru lill-fond minħabba fil-limitazzjonijiet li l-BEI jimponi fuq id-drittijiet ta' aċċess.

**6.63.** *Aktar diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI għandhom jippermettu lill-awtoritajiet tal-ġestjoni u tal-awditjar biex ikollhom aċċertament fl-għeluq fuq dan il-punt speċifiku.*

**Rati ta' żball baxxi ħafna rrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għal programmi operazzjonali li għalihom aħna sibna żbalji**

6.64. Għal 110 mill-440 PO taħt il-FEŻR/l-FK u taħt l-FSE, il-Kummissjoni vvalidat rati ta' żball inqas minn jew daqs 0,5 %. Għal 16 minn dawn il-PO, aħna wettaqna mill-inqas eżami wieħed matul l-aħħar żewġ eżerċizzji finanzjarji. Għal disa' PO aħna rrappurtajna żbalji kwantifikabbli fil-proġetti eżaminati (ara l-paragrafi 6.55 u 6.56).

**6.64.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-fatt li jinstabu żbalji individwali fi programm ma jippreġudikax ir-riżultati tal-awditjar ibbażat fuq kampjuni statistiċi magħżula b'mod adegwat u aleatorju jew kampjuni li jkopru parti sinifikanti min-nefqa ddikjarata. Il-Kummissjoni tqis li l-iżbalji individwali rappurtati mill-Qorti ma jitfgħux dubju fuq il-kredibbiltà tar-rati ta' żball rapportati u validati fl-2015.*

## Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni

6.65. Aħna vvalutajna r-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) 2015 u d-dikjarazzjonijiet ta' akkumpanjament tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni ([49]). B'mod partikolari:

— aħna vverifikajna l-konsistenza u l-preċiżjoni tal-kalkolu li l-Kummissjoni wettqet tal-ammonti f'riskju;

— aħna vvalutajna r-riżervi li saru għall-2015.

([49]) Sa tmiem April ta' kull sena, kull Direttorat Ġenerali jħejji rapport annwali tal-attività għas-sena preċedenti li jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jiġi ppubblikat. Flimkien ma' dan ir-rapport, id-direttur ġenerali jrid jipprovdi rapport fejn jindika jekk il-baġit taħt ir-responsabbiltà tiegħu ġiex implimentat b'mod legali u regolari. Dan ikun il-każ jekk il-livell ta' irregolaritajiet ikun taħt is-soll ta' materjalità proprju tal-Kummissjoni, li huwa ta' 2 %. Inkella, id-direttur ġenerali jista' joħroġ riżervi sħaħ jew parzjali għal ċerti oqsma (jew programmi).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-kalkolu li l-Kummissjoni wettqet tal-ammonti f'riskju għall-programmi operazzjonali taħt il-FEŻR/l-FK u taħt l-FSE**

6.66. B'mod kumplessiv, il-kalkolu li l-Kummissjoni wettqet tal-ammonti f'riskju fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2015 huwa preċiż u konsistenti mal-informazzjoni disponibbli li ġiet irrappurtata u/jew ipprovduta mill-awtoritajiet tal-awditjar. Madankollu, aħna nfakkru li r-rati ta' żball annwali rrappurtati mill-Kummissjoni fir-rapporti annwali tal-attività mhumiex direttament kumparabbli ma' dawk stmati minna ([50]).

— skont l-istima tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, bejn 3,0 % u 5,6 % tal-pagamenti *interim* u finali għall-PO taħt il-FEŻR/l-FK għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, u li ġew awtorizzati matul is-sena, kienu f'riskju ta' żball. Mill-pagamenti li saru mill-Kummissjoni, 63 % kienu għal programmi operazzjonali b'rata ta' żball ivvalidata li hija ogħla minn 2 %;

— skont l-istima tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni bejn 3,0 % u 3,6 % tal-pagamenti *interim* u finali għall-PO taħt l-FSE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, u li ġew awtorizzati matul is-sena, kienu f'riskju ta' żball. Mill-pagamenti li saru mill-Kummissjoni, 56 % kienu għal programmi operazzjonali b'rata ta' żball ivvalidata li hija ogħla minn 2 %.

**Ir-riżervi tal-Kummissjoni għall-PO taħt il-FEŻR/l-FK u taħt l-FSE**

6.67. Fil-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni toħroġ riżervi fuq programmi operazzjonali (jew gruppi ta' PO) meta:

— ikunu ġew identifikati dgħufijiet sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programmi operazzjonali, jew

— ir-rata ta' żball ivvalidata tal-programmi operazzjonali tkun ogħla minn 5 %.

Għal programmi operazzjonali b'rata ta' żball ivvalidata bejn 2 % u 5 %, il-Kummissjoni tqis ukoll jekk ir-"riskju residwu kumulattiv" tal-PO ikunx ogħla minn 2 %.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.66.** *Il-Kummissjoni taqbel li r-rata ta' żbalji tal-Qorti u tal-Kummissjoni mhumiex direttament komparabbli. Madankollu, l-objettiv ta' dan il-proċess huwa essenzjalment l-istess, jiġifieri l-valutazzjoni tar-riskju għall-baġit tal-UE f'sena partikolari.*

*Il-Kummissjoni tqis id-differenzi kollha kkwotati mill-Qorti fir-rapport speċjali tagħha 16/2013 (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 11 ta' dan ir-rapport). Ħlief għal dawn id-differenzi, il-Kummissjoni tqis li għar-rapport annwali tal-2015, kif kien il-każ għal dawn l-aħħar ħames snin konsekuttivi għad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u erba' snin konsekuttivi għad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana qabel dan ir-rapport annwali, ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni huwa konformi mar-rati ta' żbalji kkalkolati mill-Qorti (ara l-paġna 65 u 100 tar-RAA rispettivi).*

*Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana fl-2015 għamel 63 % tal-pagamenti lil programmi li fl-aħħar tas-sena vvaluta bħala affettwati minn livell materjali ta' żball ogħla minn 2 %, iżda għall-biċċa l-kbira ta' dawn il-programmi saru biżżejjed korrezzjonijiet sabiex iġibu r-riskju residwu kumulattiv taħt il-livell ta' materjalità.*

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.67.*

*Id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni fl-2015 għamel 56 % tal-pagamenti lil programmi li fl-aħħar tas-sena vvaluta bħala affettwati minn livell materjali ta' żball ogħla minn 2 %, iżda għall-biċċa l-kbira ta' dawn il-programmi saru biżżejjed korrezzjonijiet sabiex iġibu r-riskju residwu kumulattiv taħt il-livell ta' materjalità.*

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.67.*

**6.67.** *Il-Kummissjoni tinnota li kif irrappurtat fir-RAA tal-2015 rispettivi:*

— *93 % tal-programmi tal-FEŻR/FK ippreżentaw riskju residwu kumulattiv taħt 2 % fl-aħħar tal-2015 (paġna 58). Fir-rigward tal-21 programm b'riskju residwu kumulattiv ta' aktar minn 2 %, saru riżervi għal 20 programm u għal programm li jibqa' l-eċċezzjoni ġiet divulgata fir-RAA (paġna 180).*

— *90,7 % tal-programmi tal-FSE, li jirrappreżentaw 93,3 % tal-pagamenti tal-2015, ippreżentaw riskju residwu kumulattiv CRR ta' inqas minn 2 % (paġna 61). Saru riżervi għall-programmi l-oħra, sakemm il-miżuri korrettivi meħtieġa ma kinux ġew implimentati diġà.*

([50]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 11.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.68. L-għadd ta' PO suġġetti għal riżerva naqas fl-2015, minn 77 għal 67 għall-PO taħt il-FEŻR/l-FK u minn 36 għal 23 PO għall-FSE. Fl-istess ħin, l-impatt finanzjarju stmat ta' dawn ir-riżervi naqas minn EUR 234 miljun fl-2014 għal EUR 231 miljun fl-2015 għall-FEŻR/l-FK ([51]), u minn EUR 169,4 miljun fl-2014 għal EUR 50,3 miljun fl-2015 għall-FSE.

6.69. Aħna sibna li r-riżervi li saru mill-Kummissjoni fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2015 kienu konformi mal-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni u mal-informazzjoni li saret disponibbli liż-żewġ direttorati ġenerali.

6.70. Il-Kummissjoni tistma li r-"riskju residwu kumulattiv" huwa 1 % tal-pagamenti għall-PO kollha taħt il-FEŻR/l-FK u 0,9 % għall-PO kollha taħt l-FSE. Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq ir-rati ta' żball li ġew irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar u vvalidati mill-Kummissjoni, u jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-korrezzjonijiet finanzjarji li ġew irrappurtati mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni lill-Kummissjoni ([52]).

**Inħarsu 'l quddiem: il-perjodu ta' programmazzjoni 2014 – 2020**

6.71. Fir-Rapport Annwali 2014 tagħna ([53]) aħna ssinjalajna li kien hemm xi dewmien biex inbeda l-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Aħna nosservaw li fi tmiem l-2015, ġew innominati inqas minn 20 % tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-Fondi SIE. Filwaqt li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jniedu sejħiet u jagħżlu l-proġetti, huma ma jistgħux jippreżentaw dikjarazzjonijiet ta' nfiq lill-Kummissjoni qabel ma jiġu nominati. B'konsegwenza ta' dan, hemm ir-riskju li d-dewmien fl-eżekuzzjoni baġitarja għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ikun akbar minn dak għall-perjodu 2007-2013.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.68.** *Dan juri l-maturità tal-metodoloġija użata għar-riżervi fir-RAA rispettivi u l-implimentazzjoni stretta ta' din il-metodoloġija mid-Direttorati Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.*

*Iż-żewġ Direttorati Ġenerali jsegwu approċċ strett fir-rigward tal-interruzzjoni u s-sospensjoni tal-pagamenti. Dawn japplikaw ukoll approċċ preventiv fir-rigward tal-pagamenti jiġifieri ma jsir l-ebda pagament għal programmi operattivi li għalihom hemm ippjanata missjoni ta' awditjar, sakemm titlesta dik il-missjoni ta' awditjar. Il-pagamenti jitkomplew wara sakemm ma jiġux identifikati nuqqasijiet sinifikanti.*

**6.71.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-għażla hija responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri f'bosta okkażjonijiet (f'laqgħat u f'komunikazzjoni bil-miktub) biex iħaffu l-proċess — filwaqt li żgurat rispett sħiħ tal-kriterji tal-għażla definiti fir-Regolament — u pprovdiet kjarifiki u għajnuna fejn meħtieġ.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-implimentazzjoni fil-prattika tista' tibda ħafna qabel ma jiġi ffinalizzat il-proċess tal-għażla fil-livell tal-Istati Membri u nnotifikata lill-Kummissjoni. Bħala medja diġà madwar 10 % tal-allokazzjonijiet ġew impenjati għal operazzjonijiet magħżula, b'varjazzjonijiet bejn l-Istati Membri.*

([51]) Dawn iċ-ċifri jinkludu riżervi kwantifikati kompletament u parzjalment għall-PO li għalihom il-pagamenti *interim* u/jew finali ġew awtorizzati matul is-sena (83 fl-2014 u 71 fl-2015) u għall-PO li għalihom ma sarux pagamenti bħal dawn (18 fl-2014 u 19 fl-2015).

([52]) L-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

([53]) Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 3.11.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2015

6.72. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq fuq "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

6.73. Għal dan il-qasam tal-intestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat li kien preżenti fil-popolazzjoni huwa ta' 5,2 % (ara l-***Anness 6.1***).

**6.72-6.73.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-livell stmat ta' żbalji ppreżentati mill-Qorti baqa' stabbli u huwa wkoll konsistenti mar-rati tal-iżball rrappurtati fir-RAA rispettivi, skont id-differenzi stabbiliti fil-paragrafu 6.66.*

*Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-awditi u l-azzjonijiet tagħha fuq il-programmi/l-Istati Membri l-aktar riskjużi u timplimenta miżuri korrettivi meta jkun meħtieġ permezz ta' politika stretta ta' interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti sal-għeluq u tapplika proċeduri stretti biex teskludi kull riskju materjali li jibqa' ta' nefqa irregolari.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li minħabba l-karattru pluriennali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll skont il-Politika ta' Koeżjoni, żbalji li saru fl-2015 jistgħu wkoll jiġu kkorreġuti fi snin sussegwenti u qabel l-għeluq kif muri fit-Taqsima 2.4.3 tar-RAA rispettivi tal-2015 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.*

*Għall-perjodu 2014–2020, ir-rekwiżiti msaħħa dwar il-legalità u r-regolarità jinkludu l-introduzzjoni ta' kontijiet annwali, verifiki msaħħa tal-ġestjoni u tar-responsabbiltà kif ukoll l-opinjonijiet tal-awditjar ibbażati fuq il-livelli residwi tal-żbalji kull sena, kif ukoll tnaqqis ta' 10 % fuq kull pagament interim tal-Kummissjoni sakemm jitwettqu l-kontrolli kollha fil-livell tal-Istati Membri u jiġu sottomessi l-kontijiet annwali. Livell residwu tal-żbalji se jiġi kkalkulat għal kull sena ta' kontabilità li tkopri l-kontijiet. Il-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni hija msaħħa aktar mill-possibbiltà li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji netti għal nuqqasijiet serji f'ċerti kundizzjonijiet, biex b'hekk titnaqqas il-possibbiltà għall-Istati Membri li jerġgħu jużaw il-fondi. Dan se jkun inċentiv importanti għall-Istati Membri sabiex jidentifikaw u jikkoreġu n-nuqqasijiet serji qabel jiċċertifikaw il-kontijiet annwali lill-Kummissjoni. Dawn l-elementi kollha għandhom jikkontribwixxu għal tnaqqis kontinwu fir-rata tal-iżbalji.*

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.11.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.74. L-awditi li wettaqna mill-2009 'l hawn urew li l-livell ta' żball għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 huwa sinifikattivament aktar baxx minn dak għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006. Madankollu, huwa jibqa' persistentement ogħla mis-soll ta' materjalità. Aħna nosservaw ukoll li l-infiq f'dan il-qasam jiġi rimborżat fuq il-bażi ta' dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż reali mġarrba mill-benefiċjarji. Saru bosta tentattivi ta' simplifikazzjoni fi snin preċedenti, iżda dawn kellhom biss impatt limitat fuq ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Fl-istess ħin, livelli ogħla ta' kontroll ikkawżaw piż amministrattiv sinifikanti fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-benefiċjarji. Fl-2015, il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' livell għoli inkarigat mis-simplifikazzjoni, bil-ħsieb li tħejji għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020 (ara l-paragrafu 6.8).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.74.** *Il-livell ta' żbalji għall-perjodu ta' programmar 2007-2013 jibqa' stabbli u b'mod sinifikanti taħt ir-rati rappurtati għall-perjodu 2000-2006. Dan l-iżvilupp huwa ġej minn qafas regolatorju aħjar inkluż is-semplifikazzjoni, sistemi ta' ġestjoni u kontroll imsaħħa u l-politika stretta tal-Kummissjoni biex tinterrompi/tissospendi l-pagamenti malli jiġu identifikati xi nuqqasijiet, kif rappurtat fir-RAA tal-2015.*

*Barra minn hekk, studju kkummissjonat mill-Kummissjoni fl-2010 dwar l-ispejjeż amministrattivi tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-fondi turi li s-sehem tagħhom mit-total eliġibbli tan-nefqa tal-FEŻR/FK mhijiex eċċessiva għax kien stmat li huwa ta' 3,2 % għall-perjodu kollu (madwar EUR 12,5 biljun). Studju ieħor fl-2012 li jintuża bħala bażi għall-valutazzjoni tal-impatt għall-perjodu 2014–2020 estima li l-proposti tal-Kummissjoni se jwassal għal tnaqqis ta' kważi 20 % tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji.*

*Il-Kummissjoni qiegħda wkoll taħdem b'mod attiv mal-Istati Membri fuq il-promozzjoni ta' għażliet simplifikati tal-kostijiet, li huma ffukati fuq ir-riżultati u bbażati fuq l-ispejjeż ikkalkolati minflok rimbors tan-nefqa reali li tkun iġġarbet sabiex gradwalment jiżdied l-użu tagħhom u tqis li dawn l-isforzi diġà wasslu għal riżultati pożittivi (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.15).*

*Sabiex tifhem aħjar l-ostakoli biex jintużaw miżuri ta' simplifikazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda tagħmel studju li għandu jippermettilha tivvaluta l-użu tal-għażliet simplifikati tal-kostijiet fil-livell tal-Istati Membri u l-potenzjal biex jintużaw aktar.*

*Il-Kummissjoni stabbilixxiet Grupp ta' livell Għoli dwar is-semplifikazzjoni sabiex jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jiġu mmassimizzati l-possibbiltajiet biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fil-qafas regolatorju 2014–2020.*

## Rakkomandazzjonijiet

6.75. L-***Anness 6.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress li sar fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2012 u 2013, aħna ppreżentajna 16-il rakkomandazzjoni. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni implimentat disa' rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, erbgħa ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, tnejn ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti u waħda ma ġietx implimentata.

**6.75.** *Il-Kummissjoni tinnota li ma kinitx aċċettat ir-rakkomandazzjoni li f'dan il-paragrafu ġiet rrapportata bħala li ma ġietx implimentata.*

*Għal aktar dettalji, ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-***Anness 6.2.**

6.76. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2015, aħna nirrakkommandaw li:

— **Rakkomandazzjoni 1:** jenħtieġ li l-Kummissjoni terġa' tqis mill-ġdid u b'mod fundamentali t-tfassil u l-mekkaniżmu ta' twassil għall-fondi SIE meta tkun qed tagħmel il-proposta leġiżlattiva tagħha għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, u tieħu wkoll inkunsiderazzjoni s-suġġerimenti tal-grupp ta' livell għoli inkarigat mis-simplifikazzjoni (data mmirata għall-implimentazzjoni: ir-riżultati finali qabel ma l-Kummissjoni tippreżenta l-proposta tagħha għall-perjodu ta' wara l-2020);

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni parzjalment.*

*Filwaqt li f'dan l-istadju l-Kummissjoni mhix f'pożizzjoni li tieħu xi impenn speċifiku b'rabta mal-proposti leġiżlattivi għall-perjodu ta' wara l-2020, hija se tikkunsidra l-għażliet vijabbli kollha filwaqt li tqis is-suġġerimenti tal-Grupp ta' Livell Għoli kif ukoll ir-riżultati tal-istudji u l-evidenza mill-implimentazzjoni tal-programm tal-2014–2020 u informazzjoni rilevanti oħra.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

— **Rakkomandazzjoni 2:** jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-esperjenza li nkisbet fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u tirrapporta dwar analiżi ffukata tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Ibbażat fuq dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li hija tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif jissimplifikaw u jevitaw regoli li huma kumplessi żżejjed u/jew ta' piż u li ma għandhomx valur miżjud fir-rigward tar-riżultati li huma mistennija jinkisbu mill-politika ("regolamentazzjoni żejda"), b'mod partikolari meta jirriżultaw fi żbalji sinifikanti u/jew rikorrenti (data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2018);

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*

*Hija se tagħti attenzjoni speċifika lir-regoli nazzjonali tal-eliġibbiltà fil-monitoraġġ u l-awditjar tagħha tas-sistemi nazzjonali tal-ġestjoni u tal-kontroll, b'mod partikolari fl-Istati Membri b'rati ta' żbalji għola b'mod persistenti*

*Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se tgħin lill-Istati Membri kkonċernati biex jissimplifikaw u jevitaw regoli kumplessi u ta' piż bla bżonn, tiffaċilita l-iskambju ta' prassi tajba u fl-2018 se tirrapporta dwar l-esperjenza miksuba. Il-Kummissjoni qed tkompli tinvesti bil-qawwi fl-użu tal-għażliet simplifikati tal-ispejjeż matul il-perjodu ta' programmar 2014–2020.*

*Il-Kummissjoni tfakkar li skont il-ġestjoni kondiviża, hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li janalizzaw u jissimplifikaw ir-regoli nazzjonali tal-eliġibilità tagħhom.*

— **Rakkomandazzjoni 3:** jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Parlament biex, permezz ta' att leġiżlattiv ta' valur legali ugwali, ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jiġi emendat fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża. It-tibdil fir-regolament huwa meħtieġ biex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-Istati Membri (data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament);

*Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni.*

*Kif diġà qalet fir-risposta tagħha għall-istess rakkomandazzjoni fir-rapport Annwali tal-2014 tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kummissjoni tqis li, fil-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2014, il-modifiki introdotti fil-linji gwida dwar l-għeluq tagħha kienu fl-ambitu tal-Artikolu 78(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif emendat, u għalhekk ma kienx jeħtieġ li ssir emenda tal-att leġiżlattiv (ara wkoll it-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi minn 6.59 sa 6.62 hawn fuq u għar-rakkomandazzjoni 5 tar-rapport annwali tal-2014 tal-Qorti).*

*Il-Kummissjoni tinnota li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew ħadu nota tar-rakkomandazzjoni magħmula mill-Qorti fil-kuntest tal-kwittanza tal-2014, iżda ma sostnewhiex.*

— **Rakkomandazzjoni 4:** għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkjarifika lill-Istati Membri l-kunċett ta' VAT rekuperabbli, b'mod partikolari għall-benefiċjarji pubbliċi, biex tiġi evitata interpretazzjoni differenti tat-terminu VAT "mhux rekuperabbli" u biex jiġi evitat użu subottimu tal-fondi tal-UE (data mmirata għall-implimentazzjoni: nofs l-2017);

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*

*Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida lill-Istati Membri biex tiċċara l-kunċett tal-VAT rekuperabbli fil-kuntest tal-perjodu ta' programmar 2014–2020, skont l-għażla politika tal-koleġiżlaturi għall-eliġibbiltà tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), kif previst fl-Artikolu 69(3)(c) tas-CPR.*

— **Rakkomandazzjoni 5:** jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-infiq kollu relatat mal-istrumenti finanzjarji taħt il-FEŻR u l-FSE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 jiġi inkluż kmieni biżżejjed fid-dikjarazzjonijiet tal-għeluq, biex l-awtoritajiet tal-awditjar ikunu jistgħu jwettqu l-kontrolli tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri kollha li implimentaw strumenti finanzjarji biex iwettqu awditi speċifiċi dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti bil-ħsieb tal-għeluq (data mmirata għall-implimentazzjoni: immedjatament).

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*Il-Kummissjoni diġà ċċarat fil-linjigwida tal-għeluq tagħha għall-2007-2013 li sabiex l-awtoritajiet tal-awditjar ikollhom biżżejjed żmien biex iwettqu l-ħidma tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-għeluq, l-applikazzjoni għall-pagament tal-bilanċ finali u d-dikjarazzjoni finali tan-nefqa għandhom jitressqu quddiem l-awtoritajiet tal-awditjar kmieni sew, f'data li għandha tiġi miftiehma bejn l-awtoritajiet għal kull programm.*

*Għall-fini tad-dikjarazzjoni tal-għeluq, il-Kummissjoni diġà ħeġġet lill-awtoritajiet tal-awditjar biex jiksbu u jipprovdu aċċertament dwar il-legalità u r-regolarità mhux biss tal-kontribuzzjoni tal-programm imħallsa lil strumenti finanzjarji iżda wkoll tal-użu ta' din il-kontribuzzjoni permezz tat-tranżazzjonijiet sottostanti implimentati mill-benefiċjarji finali. Il-Kummissjoni ser, abbażi tal-pakketti tal-għeluq sottomessi sal-31 ta' Marzu 2017, tivvaluta jekk twettqitx biżżejjed ħidma ta' awditjar fuq l-istrumenti finanzjarji peress li l-eliġibbiltà tan-nefqa sottostanti ta' dawn l-strumenti tiġi ddeterminata fl-għeluq.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## VALUTAZZJONI TAL-PRESTAZZJONI TAL-PROĠETTI

6.77. L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE taħt il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba tirrikjedi li l-infiq ma għandux ikun iffukat biss fuq konformità mar-regoli iżda wkoll fuq l-ilħuq tal-objettivi intenzjonati ([54]). Mill-216-il proġett li eżaminajna, 149 kienu kkompletati fi żmien l-awditu. Il-15-il Stat Membru kkampjunati kollha kellhom mill-inqas 3 proġetti kkompletati li setgħu jiġu vvalutati (ara l-paragrafu 6.9).

6.78. Minbarra li vverifikajna r-regolarità ta' dawn il-149 tranżazzjoni, aħna vvalutajna għat-tieni sena ([55]), u bbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-benefiċjarji, jekk u sa liema punt:

— kienx hemm stabbilita sistema ta' kejl tal-prestazzjoni biex jiġi vvalutat jekk l-objettivi speċifikati għall-proġetti fid-dokumenti ta' approvazzjoni tal-proġetti (l-applikazzjoni għall-proġett, il-ftehim ta' għotja, il-kuntratt u/jew id-deċiżjoni għall-kofinanzjament) kinux jikkonformaw ma' dawk stipulati fil-programmi operazzjonali, u jekk ġewx issettjati indikaturi xierqa tar-riżultati sabiex titkejjel il-prestazzjoni tal-proġetti;

— il-proġetti kienu laħqu dawk l-objettivi u ssodisfaw il-miri ssettjati għal kull indikatur. L-analiżi tagħna kienet usà għal din is-sena meta mqabbel mas-sena preċedenti, billi ma ffukajniex biss fuq l-outputs tal-proġetti ([56]), iżda wkoll fuq ir-riżultati sabiex inkejlu l-prestazzjoni tal-proġetti fil-kontribut tagħhom għall-ilħuq tal-objettivi tar-riżultati tad-diversi PO.

6.79. Il-***Figura 6.10*** tagħti sommarju tar-riżultati dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti kkompletati.

**Figura 6.10 – Ir-riżultati dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti kkompletati**

| Valutazzjoni tal-prestazzjoni | Għadd ta' proġetti li għalihom: | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Kemm l-outputs kif ukoll l-indikaturi tar-riżultati kienu ddefiniti u ġew ivvalutati | L-outputs kienu ddefiniti u ġew ivvalutati iżda l-indikaturi tar-riżultati ma kinux iddefiniti | La l-outputs u lanqas l-indikaturi tar-riżultati ma kienu ddefiniti u ma setgħux jiġu vvalutati | TOTALI |
| Għadd ta' proġetti | 90 | 57 | 2 | **149** |
| — Miksubin kompletament | 52 (58 %) | 50 (88 %) | — | **102 (68 %)** |
| — Miksubin parzjalment | 34 (38 %) | 7 (12 %) | — | **41 (28 %)** |
| — Mhux miksubin | 4 (4 %) | — | — | **4 (3 %)** |
| — Ma jistgħux jiġu vvalutati | — | — | 2 (100 %) | **2 (1 %)** |

([54]) Ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 10.10.
([55]) Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafi 6.80 sa 6.86.
([56]) Ara l-Kapitolu 3, il-***Figura 3.1*** għal spjegazzjoni tal-kunċett ta' output u riżultati.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Għall-proġetti kollha minbarra tnejn minn dawk li eżaminajna kien hemm stabbilita sistema ta' kejl tal-prestazzjoni li torbot il-proġett mal-objettivi tal-PO**

6.80. Għal 147 mill-149 proġett (99 %) aħna nikkonkludu li kien hemm stabbilita sistema ta' kejl tal-prestazzjoni li permezz tagħha tista' ssir valutazzjoni ta' jekk l-indikaturi tal-output humiex f'konformità mal-indikaturi tal-programmi operazzjonali (kif speċifikat għal kull assi prijoritarju).

6.81. Għaż-żewġ każijiet li jifdal (1 %), aħna ma stajniex nivvalutaw l-output tal-proġetti jew minħabba li l-miri speċifiċi fl-objettivi tal-output ma ġewx issettjati fl-istadju tal-approvazzjoni tal-proġett, jew minħabba li l-awtorità maniġerjali/korp intermedjarju ma setax jipprovdilna d-dokumentazzjoni xierqa li turi li dawn il-miri kienu ġew speċifikati u kkomunikati lill-benefiċjarju ([57]). Għalhekk, ma nistgħux nivvalutaw jekk jew sa liema punt dawn il-proġetti kkontribwew għall-kisba tal-objettivi tad-diversi PO.

**Kważi d-90 proġett kollha li kellhom iddefiniti l-objettivi kemm tal-outputs kif ukoll tar-riżultati kienu laħqu l-objettivi kompletament jew parzjalment**

6.82. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kien hemm rekwiżit legali li jobbliga lill-benefiċjarji biex jiddefinixxu u jirrappurtaw dwar l-outputs iżda mhux dwar ir-riżultati. Il-prestazzjoni kellha tiġi mmonitorjata fil-livell tal-assi prijoritarji tal-programmi operazzjonali u mhux fil-livell tal-proġetti.

6.83. Madankollu, l-awtoritajiet tal-Istati Membri xorta waħda kellhom il-possibbiltà li jiddefinixxu l-indikaturi tar-riżultati. Dan jippermetti li r-riżultati tal-proġetti jintrabtu mal-assi prijoritarju u li jiġi ddeterminat il-kontribut tal-proġetti għall-ilħuq tal-objettivi tal-programm operazzjonali. L-indikaturi tar-riżultati ġew definiti għal 90 mill-149 (60 %) proġett ikkompletati taħt il-FEŻR/l-FK u taħt l-FSE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.82-6.83.** *Għalkemm tal-qafas leġiżlattiv tal-fondi strutturali għall-2007-2013 ma kienx jobbliga lill-awtoritajiet nazzjonali jiddefinixxu indikaturi tar-riżultati fil-livell ta' proġett, il-Kummissjoni ħeġġet dan kull meta kien rilevanti. Xi indikaturi tar-riżultati tabilħaqq li ma setgħux jitkejlu b'mod sinifikanti fil-livell ta' proġett wieħed.*

([57]) Dawn iż-żewġ proġetti kienu fi Spanja u fil-Ġermanja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.84. Mid-90 proġett li kienu ikkompletati u li setgħu jiġu vvalutati kemm fil-livell tal-objettivi tal-outputs kif ukoll f'dak tal-objettivi tar-riżultati, 52 (58 %) kienu laħqu kemm l-objettivi tal-outputs kif ukoll l-objettivi tar-riżultati li kienu ġew issettjati mill-awtoritajiet maniġerjali (ara l-***Figura 6.11***). Minbarra dan, 34 (38 %) oħra minn dawn id-90 proġett kienu laħqu l-objettivi tagħhom tal-outputs u tar-riżultati parzjalment.

**Figura 6.11 – Eżempju ta' proġett li laħaq l-objettivi tiegħu kompletament**

*Il-proġett issodisfa l-objettivi tiegħu tal-output u tar-riżultati:* Proġett tal-FSE fir-Rumanija kien jikkonsisti fl-organizzazzjoni u t-twassil ta' korsijiet ta' taħriġ fil-qasam tal-kostruzzjoni sabiex il-parteċipanti jkunu jistgħu jakkwistaw ħiliet ġodda li jtejbu l-prospettivi tagħhom għall-impjieg. Il-ftehim ta' għotja tal-proġett iddefinixxa ħames indikaturi tal-output u tmien indikaturi tar-riżultati li kienu f'konformità mal-indikaturi tal-PO fil-livell tal-assi prijoritarju. Il-proġett issodisfa l-indikaturi kollha sad-data ta' skadenza ssettjata fil-ftehim ta' għotja. Il-proġett saħansitra qabeż il-miri tiegħu f'termini tal-parteċipazzjoni ta' nisa u żgħażagħ li kienu qiegħda għal żmien twil.

6.85. L-erba' proġetti li jifdal (4 %) ma laħqu l-ebda wieħed mill-objettivi tagħhom. Wieħed minn dawn l-erba' proġetti ġie rtirat mill-awtoritajiet nazzjonali wara li twettaq l-awditu tagħna (ara l-***Figura 6.12***).

**Figura 6.12 – Eżempju ta' proġett li ma laħaqx l-objettivi tiegħu**

Għal proġett taħt il-FEŻR fil-Polonja li huwa relatat mal-iżvilupp ta' metodu ġdid għall-ħruq tal-linjite, il-kapaċità teknika tal-benefiċjarju biex jidħol għall-proġett kienet tiddependi fuq l-involviment ta' kuntratturi esterni. Finalment spiċċa biex xi whud minn dawn il-kuntratturi ma pparteċipawx fil-proġett. Dan ikkontribwixxa biex il-proġett ma jilħaqx l-objettivi intenzjonati tiegħu. Il-korp intermedjarju ddeċieda li jikkanċella l-proġett wara l-awditu tagħna.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.84.** *Il-Kummissjoni tinnota li 86 proġett mid-90 eżaminati li ddefinew indikatur tal-output u tar-riżultati laħqu (kompletament jew parzjalment) l-miri korrispondenti tagħhom jew qabżuhom.*

*Il-Kummissjoni tinnota li fl-ewwel lok huma l-Kumitati tal-Monitoraġġ li huma meħtieġa jiżguraw li jiġu magħżula u approvati proġetti b'valur miżjud għall-UE.*

*L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programmi għall-perjodu 2014-2020 se tissaħħaħ: kif previst fil-qafas regolatorju tal-2014-2020 (l-Artikolu 22(6) u (7) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013), il-Kummissjoni se tkun tista' tissanzjona lill-Istati Membri f'każ ta' insuffiċjenza serja fil-prestazzjoni tal-assi ta' prijorità, b'riżultat tal-analiżi tal-prestazzjoni (l-Artikolu 22(6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013) u fl-għeluq (l-Artikolu 22(7)).*

**6.85.** *Il-Kummissjoni tuża l-miżuri kollha possibbli għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura ġestjoni finanzjarja soda u effiċjenti fl-użu tal-fondi tal-UE. Barra minn hekk, huwa biss fl-istadju tal-għeluq tal-programmi li l-prestazzjoni ta' proġetti ffinanzjati minn Programmi Operattivi se tiġi evalwata.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**L-indikaturi tar-riżultati ma ġewx definiti għal 38 % tal-proġetti**

6.86. Għal 57 mill-149 (38 %) proġetti li kienu kkompletati, l-awtoritajiet tal-Istati Membri implimentaw sistema ta' kejl tal-prestazzjoni biex ikun jista' jsir monitoraġġ tal-outputs tal-proġetti, iżda ma ddefinixxewx l-indikaturi tar-riżultati jew il-miri fid-dokumenti ta' approvazzjoni tal-proġett. Għal dawn il-proġetti, aħna ma stajniex inkejlu jekk u sa liema punt huma kkontribwew għall-ilħuq tal-objettivi tar-riżultati tal-PO.

6.87. Il-valutazzjoni tagħna fil-15-il Stat Membru kkampjunat uriet li każijiet bħal dawn ġew identifikati fi 13 minnhom. Madankollu, il-problema hija prevalenti b'mod partikolari fir-Repubblika Ċeka, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja, fil-Latvja u fl-Awstrija għall-FEŻR/l-FK u fir-Repubblika Ċeka, fil-Ġermanja, fi Spanja u fil-Polonja għall-FSE. F'dawn il-pajjiżi, ma ġewx definiti indikaturi tar-riżultati għal aktar minn nofs il-proġetti kkompletati li ġew eżaminati.

6.88. Madankollu, 50 minn dawn is-57 proġett ikkompletati taħt il-FEŻR/l-FK u taħt l-FSE (88 %) kienu laħqu kompletament l-objettivi tal-outputs li kienu ġew issettjati għalihom mill-awtoritajiet maniġerjali. Is-seba' proġetti li jifdal (12 %) kienu laħqu l-objettivi tagħhom tal-outputs parzjalment.

6.89. Fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, aħna nosservaw li fir-regolament dwar dispożizzjonijiet komuni ma hemmx rekwiżiti legali li jeħtieġu li l-Istati Membri jiddefinixxu l-indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-proġetti. Madankollu, aħna nqisu li hija prattika tajba li l-awtoritajiet maniġerjali u l-korpi intermedjarji jiddefinixxu, kull meta jkun possibbli, indikaturi rilevanti tar-riżultati, fil-livell tal-proġetti, li jkejlu l-kontribut tal-proġett għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti għall-assi prijoritarju tal-PO.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.86.** *Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jivvalutaw sa liema punt intlaħqu l-objettivi tar-riżultati tal-PO primarjament permezz ta' evalwazzjonijiet* ex post, *filwaqt li jibnu fuq il-monitoraġġ u r-rappurtar ta' sensiela ta' indikaturi ta' output u riżultati.*

**6.89.** *Il-Kummissjoni tinnota li hemm titjib kbir fl-2014-2020 b'sistema komprensiva ta' indikaturi obbligatorji tal-outputs u r-riżultati fil-livell tal-programm. Il-kisba tal-objettivi titkejjel permezz ta' indikatur tar-riżultat (b'linja bażi — il-punt tat-tluq — u mira). Il-programmi se jitkejlu b'mod sistematiku u se jiġi rrapportat il-progress tal-indikaturi tar-riżultati. Il-proġetti fi programm jintgħażlu biex irendu outputs u jikkontribwixxu lejn ir-riżultati li jridu jintlaħqu fil-livell tal-programm. Il-progress tagħhom jitkejjel b'indikaturi tal-output. Dawn huma mandatorji wkoll.*

ANNESS 6.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI"*

| | 2015 | 2014 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet | **223** | 331 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **5,2 %** | 5,7 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 7,6 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 2,8 % | |

ANNESS 6.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI"*

**E = DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni; R = DĠ Politika Reġjonali u Urbana; X = Valutazzjoni komuni għaż-żewġ DĠ**

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | M/A taħt il-qafas attwali | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | Il-Kapitolu 5, ir-**Rakkomandazzjoni 1:** tirrikjedi mill-Istati Membri, fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom (skont l-Artikolu 59(5)(a) tar-Regolament Finanzjarju) konferma espliċita fir-rigward tal-effettività tal-kontrolli tal-ewwel livell imwettqa mill-awtoritajiet maniġerjali u mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni | R | | | | | | |
| | Il-Kapitolu 5, ir-**Rakkomandazzjoni 2:** twettaq valutazzjoni tal-"kontrolli tal-ewwel livell" imwettqa matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament Finanzjarju. Filwaqt li tieħu kont tad-dgħufijiet identifikati, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' miżuri korrettivi possibbli u tieħu (jew tipproponi) azzjoni xierqa (bħas-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli, it-titjib fis-sistemi ta' kontroll u t-tfassil mill-ġdid tal-programm jew tas-sistema ta' kunsinna); | | R [1] | | | | | *Il-Kummissjoni tqis li s-superviżjoni tal-kontrolli tal-ewwel livell permezz ta' awditi ffukati tal-aktar oqsma riskjużi fejn ġew identifikati dgħufijiet kkontribwixxiet għal titjib għall-2007-2013, u li l-elementi ewlenin għall-perjodu riformat 2014-2020 għandhom iwasslu għal ambjent iktar protett mill-iżbalji.* |
| | Il-Kapitolu 5, ir-**Rakkomandazzjoni 3:** tanalizza r-raġunijiet ta' bażi għall-għadd kbir ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat; | R | | | | | | |
| | Il-Kapitolu 5, ir-**Rakkomandazzjoni 4:** tanalizza r-raġunijiet għad-dewmien persistenti fl-iżburżar tal-fondi tal-UE permezz tas-SIF u tieħu miżuri korrettivi kif meħtieġ; | R [2] | | | | | | |
| | Il-Kapitolu 5, ir-**Rakkomandazzjoni 5:** tikkonferma fir-rapport annwali tal-attività (RAA) tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana li l-kalkolu mill-Kummissjoni tar-"rata tal-iżball residwu" huwa bbażat fuq informazzjoni preċiża, kompleta u affidabbli dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji. Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar biex jiċċertifikaw il-preċiżjoni tad-*data* dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtata mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni għal kull PO kull meta hija tqis tali azzjoni bħala neċessarja; | R [2] | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | M/A taħt il-qafas attwali | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | Ir-**Rakkomandazzjoni 6** (ir-Rakkomandazzjoni 6 tal-Kapitolu 5 u r-Rakkomandazzjoni 6 tal-Kapitolu 6): tiddivulga b'mod konsistenti fir-rapport annwali tal-attività (RAA) tagħha r-raġunijiet għalfejn ma tkunx għamlet riżervi (jew tkun għamlet riżervi b'impatt finanzjarju aktar baxx) f'dawk il-każijiet fejn dan ikun dovut għal eċċezzjonijiet għall-gwida applikabbli jew għal strateġiji tal-awditjar approvati; | X (2) | | | | | | |
| | Ir-**Rakkomandazzjoni 7** (ir-Rakkomandazzjoni 1 tal-Kapitolu 6): għandha ssegwi mal-Istati Membri d-dgħufijiet identifikati fl-awditu tematiku bbażat fuq ir-riskju tad-DĠ EMPL tal-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni. Dan ikun jeħtieġ it-tisħiħ tal-kontrolli relatati ma' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku u ma' sorsi rilevanti oħra ta' żbalji (spejjeż mhux marbuta mal-proġett jew mingħajr ebda valur miżjud); | E | | | | | | |
| | Ir-**Rakkomandazzjoni 8** (ir-Rakkomandazzjoni 2 tal-Kapitolu 6): tikkonferma fir-RAA tagħha li hija wettqet kontrolli xierqa biex tiżgura li r-"rata tal-iżball residwu" tkun ibbażata fuq informazzjoni preċiża, kompleta u affidabbli dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji. Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar biex jiċċertifikaw il-preċiżjoni tad-*data* dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtata minn awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni għal kull PO, kull meta hija tqis li tali azzjoni hija meħtieġa; | E (2) | | | | | | |
| | Ir-**Rakkomandazzjoni 9** (ir-Rakkomandazzjoni 3 tal-Kapitolu 6): għandha tiżgura li l-applikazzjoni tal-Artikoli 78 u 130 tal-RDK għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 tiġi applikata b'mod li tipprekludi l-akkumulazzjoni tal-prefinanzjament barra mill-pagament ta' prefinanzjament inizjali (ara l-eżempju fil-Kaxxa 6.4). | | | | E (3) | | | |
| | Ir-**Rakkomandazzjoni 10** (ir-Rakkomandazzjoni 4 tal-Kapitolu 6): għandha tiżgura li l-awtoritajiet tal-Istati Membri inkarigati mill-immaniġġjar tal-fondi strutturali jindirizzaw il-kwistjoni dwar id-debitar tal-ispejjeż għall-persunal b'rati ogħla għal proġetti tal-UE meta mqabbla ma' dawk iffinanzjati minn fondi nazzjonali; | | | E (4) | | | | |
| | Ir-**Rakkomandazzjoni 11** (ir-Rakkomandazzjoni 5 tal-Kapitolu 6): tiżgura, meta tapprova l-PO għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, li l-Istati Membri jkunu qiesu l-possibbiltajiet kollha ta' simplifikazzjoni permessi bir-regolamenti tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment 2014-2020; | | E (5) | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | M/A taħt il-qafas attwali | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| | *Ir-rakkomandazzjonijiet li nħarġu fil-kuntest tar-Rapport Annwali 2012, li huma sostanzjalment simili għal dawk li nħarġu fl-2013, ġew analizzati flimkien.* | | | | | | | |
| 2012 | Ir-**Rakkomandazzjoni 1** tindirizza dgħufijiet fil-"kontrolli tal-ewwel livell" imwettqa mill-awtoritajiet maniġerjali u minn korpi intermedji għall-FEŻR u l-FK, permezz ta' materjal speċifiku ta' gwida u, fejn xieraq, permezz ta' miżuri ta' taħriġ; | X | | | | | | |
| | Ir-**Rakkomandazzjoni 2** fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba tagħha tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, twettaq valutazzjoni tal-użu ta' regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà bil-ħsieb li jiġu identifikati oqsma possibbli għal aktar simplifikazzjoni u li jiġu eliminati regoli kumplessi li mhumiex meħtieġa ("regolamentazzjoni żejda"); | | E (6) | R (7) | | | | |
| | Il-Kapitolu 5, ir-**Rakkomandazzjoni 3:** tispeċifika regoli ċari u tipprovdi gwida robusta dwar kif għandha tiġi vvalutata l-eliġibbiltà tal-proġetti u tikkalkula l-kofinanzjament għal proġetti tal-FEŻR u tal-FK li jiġġeneraw dħul taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020; | R | | | | | | |
| | Ir-**Rakkomandazzjoni 4** (ir-Rakkomandazzjoni 3 tal-Kapitolu 6): tippromwovi l-użu estensiv ta' għażliet simplifikati għall-ispejjeż bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' żball fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji. Ir-rati fissi għall-għażliet simplifikati għall-ispejjeż għandhom jiġu approvati/vvalidati sistematikament minn qabel mill-Kummissjoni biex jiġi żgurat li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji (kalkolu ġust, ekwu u li jista' jiġi vverifikat); | E (8) | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimenta-ta bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux impli-mentata | M/A taħt il-qafas attwali | Evidenza in-suffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-as-petti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2012 | Ir-**Rakkomandazzjoni 5:** tfittex li jsir titjib fix-xogħol li jsir mill-awtoritajiet tal-awditjar u fil-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta fl-ACRs u fl-opinjonijiet tal-awditjar. | | X (9) | | | | | *Il-Kummissjoni tinnota t-titjib ġenerali rikonoxxut mill-Qorti fil-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar, b'mod partikolari dwar l-akkwist pubbliku u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat (ara l-paragrafu 6.59).*<br>*Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għar-risposti tagħha għal paragrafi 6.45 u 6.52.* |

(1) Ma twettqitx valutazzjoni sistematika tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni, minħabba li l-Kummissjoni ma aċċettatx din il-parti tar-rakkomandazzjoni.
(2) Huwa mistenni li l-implimentazzjoni tkompli sal-għeluq.
(3) Ir-rakkomandazzjoni ma ġietx aċċettata mil-KE (ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 6.79).
(4) Ma ttiħdux azzjonijiet orizzontali billi l-Kummissjoni ma aċċettatx din il-parti tar-rakkomandazzjoni.
(5) L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni ma tistax tiġi vvalutata kompletament f'dan l-istadju billi l-livell ta' progress tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid għadu baxx.
(6) Is-sitwazzjoni ma nbidlitx fl-2015.
(7) Ma twettqitx valutazzjoni sistematika tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni, billi l-Kummissjoni ma aċċettatx din il-parti tar-rakkomandazzjoni.
(8) Huwa mistenni li l-implimentazzjoni tkompli matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.
(9) Ġie osservat titjib sinifikanti speċjalment fl-oqsma tas-sottokampjunar u tal-għajnuna mill-Istat u tal-kontrolli tal-akkwist pubbliku. Madankollu, xorta waħda nstabu defiċjenzi f'għadd ta' PO analizzati.

KAPITOLU 7

## **"Riżorsi naturali"**

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 7.1-7.9 |
| Deskrizzjoni qasira ta' "Riżorsi naturali" | 7.3-7.7 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 7.8-7.9 |
| Parti 1 — Il-valutazzjoni tagħna dwar ir-regolarità | 7.10-7.67 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 7.10-7.30 |
| Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività u elementi oħra tas-sistemi ta' kontroll intern | 7.31-7.63 |
| Sistemi tad-DĠ AGRI relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet fl-agrikoltura | 7.31-7.36 |
| Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet fl-agrikoltura | 7.37-7.47 |
| Sistemi tad-DĠ MARE u tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tas-sajd | 7.48-7.52 |
| Rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI | 7.53-7.61 |
| Rapport annwali tal-attività tad-DĠ MARE | 7.62-7.63 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 7.64-7.67 |
| Il-konklużjoni għall-2015 | 7.64-7.65 |
| Rakkomandazzjonijiet | 7.66-7.67 |
| Parti 2 — Kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp rurali | 7.68-7.76 |
| Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti | 7.68-7.75 |
| Konklużjoni | 7.76 |

Anness 7.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Riżorsi naturali"

Anness 7.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Riżorsi naturali"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

7.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għal "Riżorsi naturali". Il-kapitolu jippreżenta separatament ir-riżultati tal-ittestjar tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u għal infiq ieħor ("Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd") taħt l-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Informazzjoni ewlenija dwar il-kompożizzjoni ta' din l-intestatura tal-QFP tingħata fil-***Figura 7.1***.

**Figura 7.1 — Intestatura 2 tal-QFP "Riżorsi naturali" — Informazzjoni ewlenija għall-2015**

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 58,0 |
| *- pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *2,4* |
| *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *2,9* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **58,5** |

([1]) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2015.

7.2. Minbarra s-sejbiet tagħna fir-rigward tar-regolarità għall-valutazzjonijiet speċifiċi, dan il-kapitolu jippreżenta, f'taqsima separata, ir-riżultati ta' xi kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni għal kampjun ta' proġetti tal-iżvilupp rurali.

## Deskrizzjoni qasira ta' "Riżorsi naturali"

7.3. Il-politika agrikola komuni (PAK) hija l-bażi għall-infiq tal-UE fuq l-agrikoltura. Il-Kummissjoni, b'mod partikolari d-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (id-DĠ AGRI), u l-aġenziji tal-pagamenti fl-Istati Membri jikkondividu l-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-PAK (ara l-paragrafu 7.31). Huma jħallsu lill-benefiċjarji permezz ta' żewġ fondi ([1]): il-FAEG, li jiffinanzja kompletament l-għajnuna diretta mill-UE u l-miżuri tas-suq ([2]), u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jikkofinanzja programmi tal-iżvilupp rurali flimkien mal-Istati Membri.

7.4. Il-miżuri prinċipali ffinanzjati mill-FAEG huma:

— L-iskemi ta' għajnuna diretta "Skema ta' Pagament Uniku" (SPU), EUR 29,3 biljun fl-2015, u "Skema ta' Pagament Uniku skont l-Erja" (SPUE), EUR 7,8 biljun fl-2015. Dawn l-iskemi relatati mal-erja jipprovdu appoġġ diżakkoppjat ([3]) għall-introjtu.

— Skemi oħra ta' għajnuna diretta ([4]), EUR 5,1 biljun fl-2015, u interventi fis-swieq agrikoli ([5]), EUR 2,7 biljun fl-2015.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

([2]) Bl-eċċezzjoni ta' ċerti miżuri bħall-miżuri ta' promozzjoni u l-iskema ta' frott għall-iskejjel, li huma kofinanzjati.

([3]) Pagamenti diżakkoppjati jingħataw għal art agrikola eliġibbli irrispettivament minn jekk tintużax għall-produzzjoni jew le.

([4]) Li prinċipalment ikopru pagamenti akkoppjati marbuta ma' tipi speċifiċi ta' produzzjoni agrikola u żewġ skemi ġodda: ir-rimborż ta' dixxiplina finanzjarja u l-pagament ridistributtiv volontarju.

([5]) Li jkopru, b'mod partikolari, appoġġ speċifiku għas-settur tal-inbid u dak tal-frott/tal-ħxejjex, appoġġ għall-ħalib u l-frott fl-iskejjel, u miżuri speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.5. Il-FAEŻR jikkofinanzja n-nefqa għall-iżvilupp rurali li tiġi żborżata permezz ta' programmi tal-iżvilupp rurali tal-Istati Membri. In-nefqa tkopri kemm miżuri relatati mal-erja ([6]) kif ukoll miżuri li mhumiex relatati mal-erja ([7]). Fl-2015, il-FAEŻR irrappreżenta nefqa ta' EUR 11,8 biljun.

7.6. Ir-riskji prinċipali għar-regolarità huma li:

— l-għajnuna diretta titħallas għal art ineliġibbli jew lil benefiċjarji ineliġibbli;

— l-għajnuna għal interventi fis-swieq agrikoli tingħata għal spejjeż ineliġibbli jew lil applikanti ineliġibbli;

— in-nefqa għall-iżvilupp rurali tkun ineliġibbli, minħabba nuqqas ta' konformità ma' regoli li spiss ikunu kumplessi (inkluż l-akkwist) u ma' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, b'mod partikolari għall-miżuri ta' investiment.

7.7. Dan il-kapitolu jkopri wkoll il-politika ambjentali tal-UE, l-azzjoni klimatika, u l-politika komuni tas-sajd. Ir-riskju prinċipali għar-regolarità f'dawn l-oqsma huwa li l-għajnuna tingħata għal spejjeż ineliġibbli jew għal spejjeż iddikjarati b'mod eċċessiv.

([6]) Miżuri relatati mal-erja huma dawk fejn il-pagament ikun marbut mal-għadd ta' ettari, bħal pagamenti agroambjentali u pagamenti kumpensatorji lil bdiewa f'żoni bi żvantaġġi naturali.

([7]) Miżuri li mhumiex relatati mal-erja huma tipikament miżuri ta' investiment, bħall-modernizzar ta' ażjendi agrikoli u l-istabbiliment ta' servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

7.8. L-***Anness 1.1*** jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna. Għall-awditu ta' "Riżorsi naturali", jenħtieġ li jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) Aħna eżaminajna kampjun ta' 180 tranżazzjoni għall-FAEG u 179 tranżazzjoni għal "Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd" kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Kull kampjun huwa maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq taħt l-intestatura tal-QFP għal kull waħda miż-żewġ valutazzjonijiet speċifiċi ([8]). Fl-2015 il-kampjun għall-FAEG kien jikkonsisti fi tranżazzjonijiet minn 18-il Stat Membru ([9]). Għat-tieni valutazzjoni speċifika l-kampjun kien jikkonsisti f'159 tranżazzjoni għall-iżvilupp rurali u 20 tranżazzjoni oħra inklużi l-ambjent, l-azzjoni klimatika u s-sajd minn 17-il Stat Membru ([10]).

(b) Aħna vvalutajna sistemi ta' kontroll intern magħżula permezz ta' analiżi fl-uffiċċju ta' 24 awditu li twettqu mill-Kummissjoni u li kienu jkopru l-FAEG u l-FAEŻR. Aħna kkomplementajna dan ix-xogħol billi wettaqna mill-ġdid sitta mill-awditi li twettqu mill-Kummissjoni fl-Istati Membri kkonċernati ([11]). Aħna wettaqna xogħol addizzjonali tal-awditjar f'dawn is-sitt Stati Membri għal għadd limitat ta' oqsma, relatati mal-FAEG u l-FAEŻR, li huma suxxettibbli għar-riskju, kif ukoll għall-kundizzjonalità ([12]). Aħna eżaminajna wkoll ħames awditi li twettqu mill-Kummissjoni u li kienu jkopru l-politika komuni tas-sajd, u erġajna wettaqna wieħed minnhom ([13]).

---

([8]) L-approċċ tagħna huwa bbażat fuq għadd ta' elementi magħżula b'mod aleatorju (eż. irqajja' tal-art) għal kull tranżazzjoni. Għalhekk, żball li jiġi ddeterminat mhux neċessarjament jirrifletti l-iżball kumplessiv għat-tranżazzjoni inkwistjoni.

([9]) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja (Baden-Württemberg, il-Bavarja, Hessen, is-Sassonja t'Isfel, Schleswig Holstein), l-Irlanda, il-Greċja, Spanja (Aragona, Kastilja-La Mancha, Kastilja u Léon, Extremadura u Madrid), Franza, l-Italja (AGEA, il-Calabria, l-Emilia-Romagna, il-Lombardia u t-Toskana), Ċipru, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (l-Ingilterra).

([10]) Il-Belġju (Wallon), il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja (il-Bavarja, is-Sassonja t'Isfel-Bremen u Rheinland-Pfalz), il-Greċja, Spanja (Andalusija, Kastilja-La Mancha u l-Galicia), Franza (Bourgogne u kontinentali), l-Italja (l-Apulia, il-Campania, il-programm għan-Netwerk rurali nazzjonali u Sqallija), il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall (kontinentali), ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Iskozja). Il-kampjun kien jinkludi wkoll tmien tranżazzjonijiet taħt ġestjoni diretta.

([11]) Spanja (il-Katalonja), il-Ġermanja (Schleswig-Holstein), il-Finlandja, il-Litwanja, Malta, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq).

([12]) Taħt l-iskemi kollha ta' għajnuna diretta mill-FAEG u l-miżuri kollha relatati mal-erja tal-FAEŻR, il-benefiċjarji għandhom obbligu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu rekwiżiti statutorji tal-immaniġġjar (SMRs) relatati mal-protezzjoni tal-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, il-benessri tal-annimali, u l-manutenzjoni tal-art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (obbligi tal-KAAT). Jekk il-bdiewa ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti l-għajnuna tagħhom titnaqqas.

([13]) Fir-Rumanija.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(c) Aħna vvalutajna r-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ AGRI u d-DĠ MARE.

7.9. Kemm għall-FAEG kif ukoll għall-FAEŻR, l-2015 kienet l-aħħar sena meta l-biċċa l-kbira mill-pagamenti saru lill-benefiċjarji finali fuq il-bażi tar-regoli li kienu prevalenti qabel ir-riforma tal-PAK tal-2013 ([14]).

## PARTI 1 — IL-VALUTAZZJONI TAGĦNA DWAR IR-REGOLARITÀ

### Regolarità tat-tranżazzjonijiet

7.10. L-***Anness 7.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Riżorsi naturali" fl-intier tiegħu kif ukoll għal kull waħda miż-żewġ valutazzjonijiet speċifiċi (il-FAEG u "Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd"). Mit-359 tranżazzjoni eżaminati, 121 (34 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tas-87 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat għal "Riżorsi naturali" huwa ta' 2,9 % ([15]).

7.11. Il-***Figura 7.2*** tippreżenta r-ripartizzjoni tal-livell kumplessiv ta' żball stmat minna fit-tipi differenti ta' żbalji għall-2015.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.10.** *Il-Kummissjoni tieħu nota tal-iżball l-aktar probabbli stmat mill-Qorti li huwa ġeneralment l-istess bħal dak tas-sena li għaddiet, eskluża l-kundizzjonalità.*

*Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-korrezzjonijiet finanzjarji netti li jirriżultaw minn proċeduri pluriennali ta' konformità, kif ukoll l-irkupri mill-benefiċjarji mogħtija lura lill-baġit tal-UE, jirrappreżentaw kapaċità korrettiva li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni f'valutazzjoni komprensiva tas-sistema ġenerali ta' kontroll intern.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li kif irrappurtat fir-Rapport ta' Attività Annwali tal-2015 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-kapaċità korrettiva tiegħu fl-2015 ammontat għal EUR 1 065,710 miljun (1,87 % mit-total tal-ispiża tal-PAK).*

([14]) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea laħqu qbil dwar ir-riforma tal-PAK fl-2013, li ġie segwit b'għadd ta' testi leġiżlattivi bl-għan li dan jiġi implimentat b'mod prattiku. Ara http://ec.europa.eu/agriculture/cap-post-2013/.

([15]) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tal-livell ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1,3 % u 4,5 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

**Figura 7.2 — Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat — "Riżorsi naturali"**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.12. In-natura u x-xejra ta' żbalji huma sinifikattivament differenti bejn iż-żewġ valutazzjonijiet speċifiċi, kif jidher fil-paragrafi li ġejjin.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***7.12.*** *Il-Kummissjoni tinnota li hemm differenzi sinifikanti fid-disinn, fil-kamp ta' applikazzjoni u fl-objettivi taż-żewġ pilastri tal-PAK, li jispjega dawn id-differenzi fit-tendenza tal-iżbalji relatati mal-PAK.*

*FAEG — Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta*

7.13. L-***Anness 7.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Għall-FAEG, mill-180 tranżazzjoni li eżaminajna, 52 (29 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tas-47 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 2,2 % ([16]).

7.14. Il-***Figura 7.3*** tippreżenta r-ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat minna fit-tipi differenti ta' żbalji għall-2015.

***7.13.*** *Il-Kummissjoni tieħu nota tal-iżball l-aktar probabbli stmat mill-Qorti li huwa ġeneralment l-istess bħal dak tas-sena li għaddiet, eskluża l-kundizzjonalità.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-frekwenza tal-iżbalji naqset b'mod kostanti matul dawn l-aħħar tliet snin.*

([16]) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tal-livell ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 0,8 % u 3,6 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

**Figura 7.3 — Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat — FAEG**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.15. F'erba' każijiet ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti ([17]) biex jipprevienu, jew biex jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat għall-prevenzjoni, jew għad-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal din il-valutazzjoni speċifika kien ikun aktar baxx b'0,3 punti perċentwali. Barra minn hekk, aħna sibna li għal erba' każijiet oħra, l-iżball li qbadna kien sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn l-iżbalji kkontribwew 0,6 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat. Fil-***Figura* 7.5**, aħna nagħtu eżempju ta' żbalji li saru mill-awtoritajiet nazzjonali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.15.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti dwar ir-rwol tal-Istati Membri u hija tal-fehma li l-Istati Membri setgħu ħadmu aktar biex jitnaqqsu l-iżbalji. Il-Kummissjoni qed tkompli taħdem mal-Istati Membri sabiex tnaqqas l-iżbalji.*

([17]) Abbażi ta' dokumentazzjoni ta' sostenn, inklużi kontrolli reċiproċi standard u kontrolli obbligatorji oħra.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.16. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji kwantifikabbli kienu relatati ma' dikjarazzjonijiet eċċessivi tal-erja eliġibbli tal-art (ara l-***Figura 7.3***). Fl-2015,aħna sibna żbalji ta' dan it-tip fi 12 mit-18-il Stat Membru miżjura. Madwar nofs dawn l-iżbalji kwantifikabbli kienu iżgħar minn 2 % (ara l-paragrafu 7.18) u għaldaqstant kellhom biss impatt limitat fuq il-livell kumplessiv ta' żball stmat. Kwart ieħor ta' dawn l-iżbalji kienu bejn it-2 % u l-5 %.

7.17. Fl-Istati Membri, l-għodda ewlenija ta' kontroll għall-għajnuna skont l-erja hija s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS), li hija database li fiha d-*data* dwar l-eliġibbiltà għall-irqajja' agrikoli kollha. Hija fiha informazzjoni grafika kompjuterizzata, inklużi ortoimmaġnijiet (ritratti mill-ajru) li jenħtieġ li l-Istati Membri jaġġornaw mill-inqas kull ħames snin ([18]). Dment li l-informazzjoni grafika tiġi aġġornata u analizzata kif xieraq, l-LPIS tagħti kontribut sinifikanti għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' żbalji relatati mal-erja fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Bis-saħħa tal-pjanijiet ta' azzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, l-affidabbiltà tad-*data* fl-LPIS baqgħet issir dejjem aħjar matul dawn l-aħħar snin.

7.18. Madankollu, aħna għadna naqbdu żbalji relatati mal-erja. Dan iseħħ minħabba li l-kontrolli amministrattivi fuq l-eliġibbiltà tal-art huma bbażati fuq l-istess *data* fl-LPIS li l-bdiewa spiss jikkuppjaw fl-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajnuna ([19]). Għalhekk, jekk id-*data* fl-LPIS ma tkunx korretta, dan it-tip ta' kontrolli normalment ma jkunux jistgħu jaqbdu żbalji ta' eliġibbiltà fil-klejm. L-istandard tekniku meħtieġ għall-ortoimmaġnijiet ([20]) normalment ma jippermetix li l-bdiewa u l-aġenziji tal-pagamenti jaqbdu żbalji żgħar (iżgħar minn 2 %, ara l-paragrafu 7.16), li, fil-parti l-kbira, huwa impossibbli li jiġu evitati bi spiża raġonevoli. Madankollu, inġenerali, l-iżbalji aktar kbar relatati mal-erja setgħu jinqabdu. F'każijiet bħal dawn, l-erja eliġibbli li kienet irreġistrata fid-database tal-LPIS u li ġiet iddikjarata mill-bidwi, kienet sostanzjalment skorretta, prinċipalment minħabba li:

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.16-7.18.** *Il-Kummissjoni tieħu nota li l-maġġoranza tal-iżbalji ta' dikjarazzjoni eċċessiva li nqabdu mill-Qorti kienu żbalji relattivament żgħar u tilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti dwar it-titjib tal-affidabbiltà tad-dejta tal-LPIS.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa impossibbli li jiġu evitati żbalji żgħar bi spiża raġonevoli. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jaġġornaw is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art tagħhom fuq bażi regolari biex jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet eċċessivi jinqabdu. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-fatt li l-maġġorparti tal-iżbalji rapportati mill-Qorti kienu inqas minn 5 % hija prova tal-funzjonament tajjeb tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK) li l-LPIS hija komponent fundamentali tagħha. Hekk kif l-art tinbidel matul iż-żmien, jistgħu jokkorru differenzi bejn l-LPIS u r-realtà fuq l-art, iżda r-riskju jiġi limitat minn aġġornamenti regolari tas-sistema.*

*Sabiex jiġu promossi aġġornamenti frekwenti tal-LPIS, il-Kummissjoni pprevediet, bħala prekondizzjoni biex il-verifiki fuq il-post jitnaqqsu minn 5 % għal 1 % għal xi skemi ta' pagament dirett, aġġornament tal-LPIS tal-anqas kull tliet snin b'ortoimmaġnijiet li għandhom anqas żmien minn 15-il xahar (il-kopertura aġġornata kull sena għanda tkun tal-anqas 25 % tal-ettari eliġibbli).*

*Valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS ġiet introdotta wkoll fl-2010 u nżammet fil-perjodu attwali (ir-Regolament (UE) Nru 640/2014).*

*Dan l-eżerċizzju annwali li sar minn amministrazzjonijiet ta' Stati Membri u li ġie mmoniterjat mill-Kummissjoni huwa proċess ta' kontroll tal-kwalità li l-objettiv finali tiegħu hu li jtejjeb il-kwalità u l-affidabbiltà tal-LPIS, billi janalizza d-dgħufijiet tekniċi li jinqabdu u billi jieħu azzjonijiet remedjali biex jindirizzahom.*

*Il-verifiki annwali fuq il-post għadhom mod kif, abbażi ta' kampjuni, tinkiseb LPIS akkurata u aġġornata.*

---

([18]) Barra minn dan, l-Istati Membri huma meħtieġa jivvalutaw il-kwalità tal-LPIS kull sena. Id-differenzi fl-erja eliġibbli (wieħed mill-elementi ta' kwalità għall-valutazzjoni) jridu jkunu inqas minn 2 %.

([19]) Qabel ma l-bdiewa jimlew l-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajnuna, l-Istati Membri jipprovdulhom l-ortoimmaġnijiet u l-informazzjoni dwar il-massimu tal-erja eliġibbli rreġistrata fl-LPIS għal kull waħda mill-irqajja' tal-art tagħhom. Il-bdiewa għandhom obbligu legali li jivverifikaw u, fejn meħtieġ, jikkoreġu l-informazzjoni li tingħatalhom. Madankollu, fil-każijiet kollha ħlief każ wieħed ta' żbalji relatati mal-erja, il-bdiewa, fl-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajnuna, kienu ddikjaraw l-erjas eliġibbli skorretti li kienu rreġistrati fid-database tal-LPIS.

([20]) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16) "Għandu jsir użu minn tekniki ta' sistema ta' informazzjoni ġeografika kompjuterizzata, inkluż preferibbilment 'orthoimagery' mill-ajru jew mill-ispazju, b'garanzija ta' standard ta' preċiżjoni omoġenja, ekwivalenti tal-anqas għall-kartografija bi skala ta' 1:10 000".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— l-aġenziji tal-pagamenti ma naqqsux il-pagamenti biżżejjed, jew ma naqqsuhom xejn, għal veġetazzjoni u karatteristiċi ineliġibbli li kienu jidhru fuq l-ortoimmaġnijiet tar-roqgħa art ikkonċernata meta kienu qed jivvalutaw l-erja eliġibbli għall-iskop ta' aġġornament tal-LPIS, jew

— id-definizzjonijiet nazzjonali ta' mergħat permanenti eliġibbli ma kinux jikkonformaw mad-definizzjoni tal-UE.

7.19. Fil-***Figura 7.4*** nippreżentaw eżempju ta' *data* ta' eliġibbiltà skorretta fl-LPIS.

**Figura 7.4 — Eżempju ta' pagamenti irregolari dovuti għal data ta' eliġibbiltà skorretta fl-LPIS**

Mergħa permanenti hija definita bħala art li tintuża għat-tkabbir ta' ħaxix jew ta' foraġġ erbaċew ieħor. Fir-Rapport Annwali 2014 tagħna, aħna rrappurtajna li fi Spanja, minkejja azzjoni korrettiva konsiderevoli, kienu għadhom jippersistu dgħufijiet importanti fl-LPIS relatati mal-eliġibbiltà ta' mergħat permanenti, u li fl-2014 u l-2015 inbdiet azzjoni korrettiva ulterjuri ([21]). Aħna spezzjonajna roqgħa art ta' 48 ettaru fi Spanja (Madrid), li kienet irreġistrata fl-LPIS bħala mergħa permanenti kompletament eliġibbli fiż-żmien meta l-bidwi għamel il-klejm. Madankollu, l-ortoimmaġni wriet il-preżenza ta' buxxijiet u siġar densi. Fl-applikazzjoni tiegħu tal-2014 għall-għajnuna, il-bidwi kien iddikjara r-roqgħa art abbażi tal-erja eliġibbli rreġistrata fl-LPIS u tħallas għajnuna taħt l-SPU għar-roqgħa art kollha kemm hi. Aħna sibna li r-roqgħa art ma kintix eliġibbli għall-għajnuna taħt l-SPU.

Fl-2015, l-awtoritajiet Spanjoli wettqu reviżjoni tal-LPIS tagħhom abbażi ta' ortoimmaġnijiet ġodda u bl-użu ta' teknoloġija ġdida, u rreġistrataw ir-roqgħa art ikkonċernata bħala ineliġibbli.

Aħna sibna wkoll li l-għajnuna skont l-erja ġiet ikklejmjata u tħallset abbażi ta' informazzjoni ta' eliġibbiltà skorretta fl-LPIS, li setgħet tinqabad fuq l-ortoimmaġnijiet, fil-Greċja, Spanja (Aragona, Kastilja-La Mancha, Kastilja u León u Extremadura), l-Italja (il-Calabria) u r-Renju Unit (l-Ingilterra).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Kull meta jkun hemm każ ta' definizzjoni nazzjonali għal mergħa permanenti li ma tkunx konfomi mad-definizzjoni tal-UE, jiġu stabbiliti azzjonijiet korrettivi speċifiċi, inkluż, jekk ikun meħtieġ, pjanijiet ta' azzjonijiet biex jindirizzaw il-kwistjoni.*

*Sabiex tipproteġi l-baġit tal-UE, il-Kummissjoni tapplika wkoll tnaqqis u sospensjonijiet ta' pagamenti u korrezzjonijiet finanzjarji netti fil-qafas ta' proċeduri ta' approvazzjoni ta' konformità tal-kontijiet meta jkun meħtieġ.*

***Figura 7.4 — Eżempju ta' pagamenti irregolari minħabba dejta ta' eliġibbiltà inkorretta fl-LPIS***

*Il-Kummissjoni identifikat kwistjonijiet rigward mergħa permanenti qabel l-2014 u ġew implimentati pjanijiet ta' azzjoni fl-Istati Membri kkonċernati.*

*Fi Spanja, l-awtoritajiet nazzjonali wettqu kejl mill-ġdid komplut tal-irqajja' tal-art iddikjarati mill-benefiċjarji awditjati mill-Qorti u nedew proċeduri ta' rkupru meta kien meħtieġ. Barra minn hekk, il-fatt li r-roqgħa tal-art f'kunsiderazzjoni ġiet irreġistrata bħala ineliġibbli fl-2015 jipprova li l-proċedura biex tiġi aġġornata l-LPIS fi Spanja taħdem.*

*L-awditi mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni fi snin preċedenti identifikaw nuqqasijiet marbuta mal-eliġibbiltà ta' mergħa permanenti fil-Greċja u fi Spanja u żguraw li dawn jiġu indirizzati permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi li wasslu għal titjib (ara r-rapport annwali tal-Qorti 2014, kaxxa 7.8). Kemm fil-Greċja, kif ukoll fi Spanja, iż-żona rreġistrata bħala eliġibbli fl-LPIS ġiet imnaqqsa b'mod sinifikanti: fil-Greċja, iż-żona ta' mergħa permanenti eliġibbli tnaqqset minn 3,6 miljun ettaru fl-2012 għal 1,5 miljun ettaru fis-sena tat-talba tal-2014 u fi Spanja, iż-żona ta' mergħa permanenti eliġibbli tnaqqset minn 18,5 miljun ettaru fl-2013 għal 6,4 miljun ettaru fl-2016.*

*Għar-Renju Unit (l-Ingilterra), il-pjan ta' azzjoni korrettiva għadu għaddej u qed jiġi ssorveljat mill-qrib mill-Kummissjoni.*

*Barra minn hekk, il-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità jiżguraw li r-riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'mod adegwat minn korrezzjonijiet finanzjarji netti.*

([21]) Ir-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 7.41 u l-Kaxxa 7.8.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.20. Fil-***Figura 7.5*** nippreżentaw eżempju ta' kriterji nazzjonali ta' eliġibbiltà li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

**Figura 7.5 — Eżempju ta' kriterji nazzjonali ta' eliġibbiltà li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni tal-UE**

Fir-Rapport Annwali 2013 tagħna ([22]), aħna rrappurtajna li l-awtoritajiet Franċiżi jagħtu għajnuna għal art xagħrija għarrigħi, għalkemm dawn l-erjas jinkludu taħlita ta' veġetazzjoni erbaċea eliġibbli u buxxijiet, imsaġar densi, eċċ. ineliġibbli. Fl-2015 aħna sibna sitt irqajja' tal-art bħal dawn li kienu kompletament jew parzjalment ineliġibbli peress li kien fihom siġar u buxxijiet densi, li l-awtoritajiet Franċiżi kienu vvalutaw bħala kompletament eliġibbli.

*Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd*

7.21. L-***Anness 7.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Għal "Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd", mill-179 tranżazzjoni li eżaminajna, 69 (39 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tas-40 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5,3 % ([23]).

7.22. Il-***Figura 7.6*** tippreżenta r-ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat minna fit-tipi differenti ta' żbalji għall-2015.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 7.5 — Eżempju ta' kriterji nazzjonali ta' eliġibbiltà li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni tal-UE***

*L-awditi mnedija mill-Kummissjoni qabel l-2013 diġà identifikaw nuqqasijiet simili fi Franza. Id-dgħufijiet li qed ikunu segwiti skont pjan ta' azzjoni speċifiku stabbilit mill-Istat Membru u sorveljat mill-qrib mill-Kummissjoni. Kull tali dgħufija li nstabet hija segwita permezz tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità li jiżguraw li r-riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'mod adegwat minn korrezzjonijiet finanzjarji netti.*

*B'mod parallel, il-Kummissjoni tibqa' viġilanti li l-pjan ta' azzjoni jiġi osservat sabiex jiġi żgurat titjib. Fid-dawl ta' ċertu dewmien, fl-2015 tnedew ċerti miżuri skont l-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.*

**7.21.** *Il-Kummissjoni tieħu nota tal-iżball l-aktar probabbli stmat mill-Qorti li huwa inqas minn dak osservat fis-sena li għaddiet.*

([22]) Ir-Rapport Annwali 2013, il-Kaxxa 3.4.

([23]) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tal-livell ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 2,7 % u 7,9 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

**Figura 7.6 — Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat — Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.23. Għall-iżvilupp rurali, mill-159 tranżazzjoni li eżaminajna, 78 kienu relatati mal-erja u 81 ma kinux relatati mal-erja. Minn dawn il-159 tranżazzjoni, 64 (40 %) kienu milquta minn żball, li minnhom 38 kienu kwantifikabbli. Fir-rigward talambjent, l-azzjoni klimatika u s-sajd, minn 19-il tranżazzjoni kkampjunati, 5 (26 %) kienu milquta minn żball, li minnhom 2 kienu kwantifikabbli. Għat-tranżazzjoni li jifdal ([24]), ma sibna l-ebda żball.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.23.** *Għall-iżvilupp rurali, il-frekwenza tal-iżbalji (kemm kwantifikati kif ukoll mhux kwantifikati) li nstabet mill-Qorti naqas b'mod kostanti biż-żmien.*

([24]) Li tirrigwarda l-provvediment ta' servizzi tal-istatistika taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.24. Fi 13-il każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti ([25]) biex jipprevienu, jew biex jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat għall-prevenzjoni, jew għad-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal din il-valutazzjoni speċifika kien ikun aktar baxx b'1,7 punti perċentwali. Barra minn hekk, aħna sibna li għal sitt każijiet, l-iżball li qbadna kien sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn l-iżbalji kkontribwew 1,5 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat. Fil-***Figura*** **7.7**, aħna nagħtu eżempju ta' żball li sar mill-awtoritajiet nazzjonali.

7.25. It-tipi ta' żbalji huma simili għal dawk li sibna fi snin preċedenti u għal dawk li ġew identifikati fir-rapport speċjali tagħna li janalizza x'jikkawża l-iżbalji fin-nefqa għall-iżvilupp rurali ([26]). Bħal fi snin preċedenti, l-akbar komponent (82 %) tal-livell ta' żball stmat irrappurtat fil-paragrafu 7.21 kien magħmul minn miżuri li mhumiex relatati mal-erja.

7.26. Madankollu, mill-81 tranżazzjoni eżaminati li ma kinux relatati mal-erja, 15 (19 %) ma kinux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà (jinghata eżempju fil-***Figura 7.7***). Għall-ambjent, l-azzjoni klimatika u s-sajd, iż-żewġ żbalji kwantifikabbli kienu dovuti għal infiq ineliġibbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.24.** *Il-Kummissjoni hija konxja mill-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu potenzjalment sabu ħafna mill-iżbalji li sabet il-Qorti. Ir-regoli tal-PAK jipprovdu l-Istati Membri bl-istrumenti meħtieġa kollha biex itaffu l-biċċa l-kbira tar-riskji tal-iżbalji.*

*Għall-eżempju mogħti fil-Figura 7.7, il-Kummissjoni nediet proċedura ta' approvazzjoni ta' konformità f'Marzu 2016. Se jittieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jipproteġu l-baġit tal-UE.*

**7.25.** *Il-Kummissjoni hija konxja tal-kawżi prinċipali tal-iżbalji u qed taħdem mal-Istati Membri biex tirrimedja s-sitwazzjonijiet billi toffri gwida jew titlob pjanijiet ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati.*

*Pereżempju, il-Kummissjoni taf li miżuri mhux relatati maż-żona huma suxxettibbli għal aktar żbalji. Għal din ir-raġuni, qed jiġu promossi soluzzjonijiet sistemiċi, bħas-simplifikazzjoni tad-disinn tal-miżuri jew l-użu ta' metodi ta' kalkolu anqas kumplessi, pereżempju għażliet għal spejjeż simplifikati jew somom sħaħ.*

*Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-irregolaritajiet fil-proċedura ta' akkwist pubbliku mhux neċessarjament ifissru li l-infiq ġenerali kien ineliġibbli.*

*Sabiex jiġi vvalutat ir-riskju finanzjarju ta' żbalji fl-akkwist pubbliku, f'Diċembru 2013 il-Kummissjoni adottat linji gwida biex tiddetermina l-korrezzjonijiet finanzjarji għan-nonkonformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku fi proġetti implimentati b'maniġment komuni.*

([25]) Abbażi ta' dokumentazzjoni ta' sostenn, verifikazzjoni tal-informazzjoni fid-database u kontrolli obbligatorji meħtieġa.

([26]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 23/2014 "Żbalji fin-nefqa għall-iżvilupp rurali: x'jikkawżahom, u kif qed jiġu indirizzati" (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Figura 7.7 — Eżempju ta' nfiq jew attività ineliġibbli**

Il-miżura ta' żvilupp rurali "ħlasijiet (pagamenti) għall-benessri tal-annimali" tipprovdi appoġġ lil bdiewa li volontarjament jidħlu għal impenji fir-rigward tal-benessri tal-annimali. Il-pagamenti jsiru kull sena u jkopru spejjeż addizzjonali u introjtu li jintilef b'riżultat tal-impenji li jkunu saru, bħal spazju akbar għall-annimali. Dan huwa eżempju tal-użu ta' possibbiltajiet ta' spejjeż simplifikati, li jista' jnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u l-benefiċjarji. Jenħtieġ li possibiltajiet ta' dan it-tip ikunu bbażati fuq metodoloġija soda, b'mod partikolari fuq kalkolu preċiż tal-ispiża simplifikata.

Fir-Rumanija aħna sibna nfiq ineliġibbli minħabba li, meta kienu qed jikkalkulaw l-ispejjeż simplifikati, l-awtoritajiet nazzjonali ma ħadux kunsiderazzjoni xieraqa tal-għadd ta' ċikli ta' produzzjoni. B'riżultat ta' dan, il-pagamenti li saru lill-benefiċċjarji kollha ġew sistematikament iddikjarati b'mod eċċessiv.

Aħna vverifikajna t-tipi kollha ta' impenji għall-pagamenti tal-benessri tal-annimali fir-Rumanija, inklużi dawk li ma kinux fil-kampjun, sabiex niddeterminaw sa liema punt il-kalkoli skorretti affettwaw in-nefqa kollha għall-benessri tal-annimali fir-Rumanija. Aħna sibna li l-infiq ineliġibbli totali miż-żmien minn meta nbdiet il-miżura (2012) sa Ottubru 2015 seta' kien sa EUR 152 miljun (minn total ta' EUR 450 miljun).

Sibna wkoll żbalji ta' eliġibbiltà fil-Belġju (Wallon), il-Ġermanja (Rheinland-Pfalz), Spanja (Andalusija, il-Galicia, Kastilja-La Mancha), il-Greċja, l-Italja (Netwerk rurali, Sqallija u l-Campania) u l-Polonja.

7.27. Għal 27 tranżazzjoni li ġew eżaminati, il-benefiċjarji kienu meħtieġa jikkonformaw mar-regoli tal-akkwist pubbliku. Dawn ir-regoli jiżguraw ix-xiri ta' oġġetti u servizzi bl-aktar termini favorevoli possibbli, filwaqt li jiggarantixxu aċċess ugwali għal kuntratti pubbliċi u konformità mal-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni. F'sitt każijiet kien sar ksur ta' waħda jew aktar minn dawn ir-regoli. Fil-***Figura 7.8*** nippreżentaw eżempju ta' żball ta' dan it-tip.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 7.7 — Eżempju ta' nfiq jew attività ineliġibbli***

*Il-Kummissjoni tappoġġja bis-sħiħ l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex meta jkun possibbli jużaw għażliet għal spejjeż simplifikati bħala għodda biex jipprevjenu l-iżbalji, kif rikonoxxut mill-Qorti fir-Rapport speċjali 23/2014 tagħha (ara l-paragrafu 86).*

*Fir-rigward tal-każijiet Rumeni, il-Kummissjoni taqbel li kien hemm żball fil-kalkolu tal-ispejjeż simplifikati użati għall-pagamenti.*

*Skont is-sejbiet tal-Qorti, il-Kummissjoni nediet proċedura ta' approvazzjoni ta' konformità fl-2016 biex tistabbilixxi preċiżament l-ammont f'riskju. Dan jista' jirriżulta fl-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja.*

**7.27.** *Il-Kummissjoni identifikat l-akkwist pubbliku bħala sors importanti ta' żbalji u intensifikat ix-xogħol ta' awditjar tagħha biex tiżgura protezzjoni adegwata tal-baġit tal-UE.*

*Il-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku hija wkoll waħda mill-elementi ċentrali tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-iżvilupp rurali. Twettqu awditi ta' dik iż-żona fl-2015-2016 f'erba' (4) Stati Membri. Il-prattika ta' verifiki fil-fond fuq ir-regoli tal-akkwist pubbliku tkompli fi Stati Membri oħra fl-2016.*

*Sabiex jiġi vvalutat ir-riskju finanzjarju ta' żbalji ta' akkwist pubbliku, f'Diċembru 2013 il-Kummissjoni adottat linji gwida biex tiddetermina korrezzjonijiet finanzjarji għal nonkonformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku fi proġetti implimentati skont il-ġestjoni komuni.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Figura 7.8 — Eżempju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku**

Komun fl-Italja (il-Campania) rċieva appoġġ għall-kostruzzjoni ta' monorail: infrastruttura li tgħin lill-bdiewa jittrasportaw iż-żebbuġ li jipproduċu għal fuq jew minn fuq l-għoljiet. Il-kuntratt ingħata lil kumpanija privata permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku.

Sabiex jivvaluta d-diversi offerti, il-komun stabbilixxa sett ta' kriterji, b'ponderazzjonijiet differenti (imkejla f'punti). L-avviż tal-kuntratt kien jeħtieġ li l-offerenti jinkludu, bħala parti mill-offerti tagħhom, proposti għal xogħlijiet addizzjonali li jikkonċernaw toroq ġodda, drenaġġ u akkwedott. Dawn ix-xogħlijiet addizzjonali kienu jirrappreżentaw 75 % tal-punti totali li fuqhom il-komun ibbaża d-deċiżjoni dwar l-għoti. Bi tqabbil, il-prezz kien jirrappreżenta biss 10 % tal-punti totali.

Billi l-għajnuna mill-UE ngħatat għall-kostruzzjoni tal-monorail, il-benefiċjarju kiser il-liġi Taljana dwar l-akkwist pubbliku billi stabbilixxa kriterji — il-kostruzzjoni ta' toroq, drenaġġ u akkwedott — li ma kinux relatati mas-suġġett, in-natura u l-karatteristiċi tal-avviż tal-kuntratt. Għaldaqstant, dawn il-kriterji kienu irregolari taħt ir-regoli Taljani tal-akkwist pubbliku.

Aħna sibna wkoll każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku fil-Ġermanja (Rheinland-Pfalz), il-Greċja, u r-Rumanija.

7.28. Il-kampjun tagħna kien jinkludi 45 tranżazzjoni għal pagamenti agroambjentali, li kienu jikkonċernaw l-użu ta' metodi ta' produzzjoni agrikola kompatibbli mal-protezzjoni tal-ambjent, il-pajsaġġ u r-riżorsi naturali. Aħna sibna li fi tliet każijiet il-bdiewa ma kinux issodisfaw il-kundizzjonijiet kollha għall-pagament.

7.29. Mit-78 tranżazzjoni reltati mal-erja, aħna sibna 15-il każ (19 %) fejn l-erja eliġibbli tal-art kienet iddikjarata b'mod eċċessiv. Il-biċċa l-kbira minn dawn id-dikjarazzjonijiet eċċessivi kienu relattivament żgħar u għaldaqstant kellhom biss impatt limitat fuq il-livell kumplessiv ta' żball stmat. Ara wkoll il-paragrafu 7.18.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 7.8 — Eżempju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku***

*Il-Kummissjoni tifhem li l-kriterji tal-għoti kif stabbiliti fis-sejħa għall-offerti ma kinux relatati bis-sħiħ man-natura tax-xogħlijiet.*

*Madankollu, il-Kummisjsoni tenfasizza li l-investiment ġie mwettaq kif ippjanat.*

*L-awtoritajiet Taljani għamlu rieżami tal-fajl u instigaw proċedura ta' rkupru għal ksur tal-proċeduri ta' akkwist. L-awtoritajiet Taljani applikaw korrezzjoni finanzjarja ta' 10 %. Il-Kummissjoni tikkunsidra li din l-azzjoni korrettiva tgħin tipproteġi lill-baġit tal-UE.*

*Ir-reservazzjonijiet saru fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2015 biex ikopru kwisjonijiet ta' akkwist pubbliku, kif rikonoxxut mill-Qorti fil-punt 7.60.*

**7.28.** *Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li t-tliet (3) benefiċjarji kellhom jirrispettaw firxa wiesgħa ta' impenji agroambjentali u implimentaw b'suċċess il-maġġorparti tagħhom. Ftit biss mill-impenji ma ġewx rispettati jew ma ġewx dokumentati b'mod xieraq.*

**7.29.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-maġġorparti tal-iżbalji ta' dikjarazzjoni eċċessiva li nqabdu mill-Qorti kienu żbalji relattivament żgħar u tilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti dwar it-titjib tal-affidabilità tad-dejta tal-LPIS (ara l-paragrafu 7.17).*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa impossibbli li jiġu evitati żbalji minuri bi spiża raġonevoli.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.30. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jiċċekkjaw ir-raġonevolezza tal-ispejjeż. F'24 proġett ta' investiment, l-awtoritajiet nazzjonali ma kinux ivverifikaw dan b'mod adegwat. Aħna rrappurtajna dawn il-każijiet bħala żbalji. Madankollu, inġenerali mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat l-ammont ta' nfiq ineliġibbli, u f'dan il-każ ma nkunux nistgħu nikkwantifikaw l-iżball. Aħna ninkludu informazzjoni addizzjonali dwar ir-raġonevolezza tal-ispejjeż fit-taqsima "ittestjar tal-kriterji tal-prestazzjoni" (ara l-paragrafu 7.71).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.30.** *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-punt 7.71.*

## Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività u elementi oħra tas-sistemi ta' kontroll intern

### *Is-sistemi tad-DĠ AGRI relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet fl-agrikoltura*

7.31. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkondividu l-ġestjoni ta' kważi n-nefqa agrikola kollha. Madwar 80 aġenzija tal-pagamenti fl-Istati Membri jiżborżaw l-għajnuna lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra; il-Kummissjoni tirrimborża lill-Istati Membri għal dawn l-ispejjeż kull xahar (għall-FAEG) jew kull tliet xhur (għall-FAEŻR). Il-Kummissjoni twettaq awditi tal-konformità bil-għan li tivvaluta jekk is-sistemi tal-Istati Membri jiżgurawx li l-pagamenti ta' għajnuna lill-benefiċjarji jkunu legali u regolari. Dgħufijiet li jinqabdu fis-sistemi jistgħu jwasslu għal korrezzjonijiet finanzjarji, li jiġu imposti fuq l-Istati Membri permezz ta' deċiżjonijiet ta' konformità. Il-korrezzjonijiet finanzjarji spiss isiru fuq bażi ta' rata fissa, u jkopru nfiq relatat ma' bosta snin baġitarji. Huwa rari li jirriżultaw f'irkupri ta' pagamenti mill-benefiċjarji finali u għaldaqstant jitħallsu mill-baġits nazzjonali ([27]).

**7.31.** *Filwaqt li huwa minnu li l-maġġoranza tal-korrezzjonijiet fil-passat kienu b'rata fissa, fil-qafas legali l-ġdid l-Istati Membri huma inkoraġġuti jipprovdu kalkolu għar-riskju tal-Fond.*

*Meta pagamenti mhux dovuti, li jistgħu jiġu konnessi direttament ma' benefiċjarju, jiġu identifikati riżultat ta' proċeduri ta' approvazzjoni ta' konformità tal-Kummissjoni, l-Istati Membri huma mitluba jniedu l-azzjonijiet ta' rkupru meħtieġa kontra l-benefiċjarji finali.*

([27]) Ara l-paragrafu 1.32 tar-Rapport Annwali 2012.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.32. Biex jiġi vverifikat li l-awditi ta' konformità li twettqu mill-Kummissjoni kienu jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tal-awditjar ([28]) u mad-dispożizzjonijiet regolatorji prinċipali, aħna wettaqna analiżijiet fl-uffiċċju ta' kampjun ta' 24 ([29]) minn 120 awditu tal-konformità ([30]) li ġew irrappurtati mid-DĠ AGRI fl-2015. Aħna erġajna wettaqna wkoll 6 minn dawn l-24 awditu ([31]). Fl-2015 il-Kummissjoni aġġornat il-proċeduri tagħha tal-awditjar wara li wettqet awtovalutazzjoni tal-metodoloġija tagħha tal-awditjar u tal-politika tagħha ta' aċċertament tal-kwalità. Aħna eżaminajna l-proċeduri aġġornati u ħadnihom inkunsiderazzjoni għall-valutazzjoni tagħna.

7.33. B'mod ġenerali, l-awditi tal-konformità li twettaq il-Kummissjoni jikkonformaw mal-istandards rilevanti. Madankollu, meta l-Kummissjoni ma tippreżenta l-ebda sejba, ikun jeħtieġ li ttejjeb il-mod ta' kif tiddokumenta x-xogħol tal-awditjar li jappoġġja konklużjoni bħal din.

7.34. F'rapporti annwali preċedenti ([32]), aħna ġbidna l-attenzjoni għall-problema li l-proċeduri ta' konformità kienu jieħdu wisq fit-tul, u li kien jirriżulta f'ammont sinifikanti ta' xogħol b'lura relatat ma' fajls miftuħa ([33]). Fl-2015, il-Kummissjoni naqqset sinifikattivament l-għadd ta' fajls miftuħa antiki ta' dan it-tip: minn 192 għal 34. Bidliet fil-leġiżlazzjoni għall-perjodu 2014-2020, li għall-PAK saru effettivi fl-1 ta' Jannar 2015, kienu maħsuba biex jissimplifikaw il-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità bl-introduzzjoni ta' dati ta' skadenza legali. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni issa timmonitorja ċ-ċiklu tal-awditjar aktar mill-qrib sabiex tikkonforma mad-dati ta' skadenza kemm interni kif ukoll esterni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.33.** *Il-Kummissjoni tagħmel sforz biex tirrispetta l-ISSAI meta twettaq l-awditjar tagħha. Din hija waħda mir-raġunijiet li wasslitha biex tuża s-servizzi ta' kumpanija esterna biex tappoġġa l-valutazzjoni tal-proċeduri ta' awditjar tagħha.*

*Ir-rapporti tal-awditjar ta' kull missjoni huma l-bażi tas-sejbiet li tqajmu mill-Kummissjoni. Meta ma titqajjem ebda sejba (jiġifieri ma jkun hemm ebda kwistjoni li tiġi rapportata, id-dgħufijiet li jinqabdu ma kinux materjali), dan jiġi dikjarat fir-rapport tal-awditjar.*

**7.34.** *Il-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-għeluq tal-awditi pendenti ("old open files"): l-għadd tagħhom kompla jitnaqqas aktar, minn 34 għal 20 f'Ġunju tal-2016. L-objettiv tal-Kummissjoni huwa li tagħlaq l-awditi pendenti kollha ("old open files") sa tmiem l-2016.*

([28]) ISSAI 4100 (Standards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar) — Linji Gwida għall-Awditu tal-Konformità — Għal Awditi li Jitwettqu Separatament mill-Awditu tar-Rapporti Finanzjarji.

([29]) Tnax għall-FAEG u 12 għall-FAEŻR.

([30]) Dawn huma magħmulin minn 72 awditu għall-FAEG u 48 għall-FAEŻR, imwettqa bejn l-1 ta' Lulju 2014 u t-30 ta' Ġunju 2015.

([31]) Il-Ġermanja (Schleswig-Holstein), Spanja (il-Katalonja), il-Litwanja, Malta, il-Finlandja, ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq).

([32]) Ara l-paragrafu 7.64 tar-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 4.27 tar-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 4.31 tar-Rapport Annwali 2012.

([33]) Il-Kummissjoni tqis bħala xogħol b'lura awditu li ma jkunx ingħalaq fi żmien sentejn wara li jitwettaq.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.35. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida għall-perjodu 2014-2020 għamlet ukoll enfasi akbar fuq ir-rwol tal-Istat Membru fl-istabbiliment tal-ammont f'riskju, li l-Kummissjoni tista' tuża biex tikkalkola l-korrezzjoni finanzjarja li tkun trid tiġi imposta. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni vvalidatx u użatx id-*data* tal-Istati Membri b'mod korrett billi eżaminajna l-gwida tal-Kummissjoni u billi vverifikajna sitt korrezzjonijiet finanzjarji li ġew adottati jew li tħejjew fl-2015.

7.36. Il-manwal tal-awditjar tal-Kummissjoni ma jinkludix proċeduri dettaljati tal-awditjar jew rekwiżiti ta' dokumentazzjoni għall-verifikazzjoni tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri. Għal erbgħa mis-sitt korrezzjonijiet finanzjarji eżaminati, aħna sibna li l-Kummissjoni kienet wettqet żjarat tal-awditjar biex tivverifika d-*data* li rċeviet mill-Istati Membri kkonċernati. Għaż-żewġ korrezzjonijiet finanzjarji l-oħra, il-Kummissjoni ma pprovditilniex evidenza suffiċjenti u xierqa tal-kontrolli jew tal-verifikazzjonijiet li wettqu. Għal wieħed minn dawn il-każijiet, il-korrezzjoni finanzjarja kienet relattivament żgħira. Madankollu, għall-każ li jifdal, il-korrezzjoni finanzjarja kienet ta' EUR 5,8 miljun. L-użu ta' *data* mhux ivverifikata joħloq riskju finanzjarju għall-baġit tal-UE, peress li huwa fl-interess tal-Istati Membri li jnaqqsu l-korrezzjonijiet finanzjarji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.35-7.36.** *Kif rakkomandat mill-Qorti fis-snin preċedenti, il-Kummissjoni żviluppat qafas li għandu l-għan li jżid l-għadd ta' korrezzjonijiet finanzjarji kkalkulati u b'hekk japplika korrezzjonijiet b'rata fissa.*

*Filwaqt li titqies id-diffikultà inerenti f'każijiet li jikkonċernaw tranżazzjonijiet numerużi, dispożizzjonijiet ġuridiċi adegwati ġew imdaħħla fl-att bażiku, inkluż il-prinċipji tar-responsabbiltà tal-Istati Membri li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u bi sforz proporzjonat. L-att delegat jinkludi dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji kkalkolati u estrapolati. Il-linji gwida dettaljati tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji ġew aġġornati skont dan, speċjalment rigward il-kriterji u l-metodoloġija li għandha tintuża mill-Kummissjoni biex taċċetta jew le l-kalkolu jew l-estrapolazzjoni tar-riskju tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-manwal tal-awditjar jinkludi informazjoni dwar il-verifikazzjoni tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri.*

*Il-Komunikazzjoni (2015)3675 mehmuża mal-manwal tal-awditjar tistabbilixxi b'mod ċar ir-rekwiżiti minimi li l-Istati Membri għandhom jissodisfaw meta jippreżentaw* data *addizzjonali lill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji u l-kriterji u l-metodoloġija li għandhom jintużaw mill-Kummissjoni biex taċċetta jew le l-kalkolu jew l-estrapolazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja.*

*Proċedura standard għall-Kummissjoni hija dik li tagħmel kontrolli tad-*data *pprovduta mill-Istati Membri. Dan huwa fil-fatt ikkonfermat minn sejbiet tal-Qorti għal erba' mis-sitt korrezzjonijiet finanzjarji eżaminati.*

*Fir-rigward taż-żewġ korrezzjonijiet finanzjarji l-oħra msemmija:*

- *għal wieħed, l-ammont involut kien relattivament żgħir u intalbet informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru;*
- *għall-korrezzjoni finanzjarja ta' 5,8 miljun euro, il-Kummissjoni vverifikat il-validità tad-*data *mogħtija mill-Istat Membru għalkemm dan il-proċess ma kienx dokumentat kif suppost.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-isforzi biex tivverifika ċ-ċifri pprovduti mill-Istati Membri għandhom ikunu proporzjonali mal-konsegwenzi finanzjarji potenzjali. Il-Kummissjoni tista' tiddependi wkoll fuq ix-xogħol tal-korpi ta' ċertifikazzjoni.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet fl-aġrikoltura*

7.37. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistabbilixxu u joperaw:

(a) proċeduri amministrattivi u ta' kontroll xierqa biex jiġu żgurati l-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet li jsiru mill-applikanti għal klejm, u l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà;

(b) kontrolli fuq il-post li, skont l-iskema ta' għajnuna, jenħtieġ li jkopru mill-anqas 5 % tal-benefiċjarji kollha jew tal-infiq rilevanti.

7.38. Aħna bbażajna l-eżaminar tagħna tas-sistemi fuq awditi mwettqa mill-Kummissjoni (id-DĠ AGRI). Fil-kampjun ta' 24 awditu tal-konformità li eżaminajna (ara l-paragrafu 7.32), il-Kummissjoni rrappurtat li kien hemm dgħufijiet sinifikanti għal 17 mis-sistemi kkonċernati ([34]). Peress li sibna li, b'mod ġenerali, ix-xogħol tal-Kummissjoni kien sodisfaċenti (ara l-paragrafu 7.33), aħna nistgħu noqogħdu fuq il-valutazzjoni li l-Kummissjoni għamlet ta' dawn is-sistemi.

7.39. Fis-sitt Stati Membri li żorna (ara l-paragrafu 7.32), aħna wettaqna wkoll xogħol addizzjonali tal-awditjar għal għadd limitat ta' oqsma li huma suxxettibbli għar-riskju ([35]). Is-sejbiet tagħna għall-FAEG, l-iżvilupp rurali, u l-kundizzjonalità huma ppreżentati fil-paragrafi li ġejjin.

**Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-FAEG**

7.40. Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK) hija s-sistema prinċipali ta' ġestjoni u kontroll għall-pagamenti ta' għajnuna diretta ([36]). Is-sistema tikkonsisti f'databases tal-azjendi agrikoli u tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna, Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS; ara wkoll il-paragrafi 7.17 u 7.18), databases tal-annimali u database tad-drittijiet fl-Istati Membri li jimplimentaw l-SPU. L-aġenziji tal-pagamenti jwettqu kontrolli reċiproċi amministrattivi bejn dawn id-databases bl-objettiv li jiżguraw li l-pagamenti jsiru għall-ammont korrett, lil benefiċjarju eliġibbli għal art jew annimali eliġibbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.38.** *Il-Kummissjoni tilqa' d-dikjarazzjoni tal-Qorti li x-xogħol tal-Kummissjoni kien sodisfaċenti u li hija tista' toqgħod fuq il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sistema tal-Istati Membri.*

**7.40-7.41.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-SIAK, inkluż l-LPIS, hija sistema affidabbli u li l-kwalità u l-kopertura tal-SIAK huma essenzjali biex jiżguraw ir-regolarità ta' pagamenti ta' għajnuna diretta u l-infiq tal-FAEŻR, b'mod partikolari miżuri agroambjentali u żoni żvantaġġati.*

*Kull meta jkun hemm dgħufijiet, l-Istati Membi għandhom jimplimentaw azzjonijiet korrettivi, inkluż pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi, biex jindirizzawhom. Dawn huma sorveljati mill-qrib mill-Kummissjoni.*

([34]) Sitta minn 12 għall-FAEG u 11 minn 12 għall-FAEŻR.

([35]) Oqsma bħal dawn ma kinux fl-ambitu tal-awditi li twettqu mill-Kummissjoni u li aħna eżaminajna, għall-Istati Membri kkonċernati. L-awditi li twettaq il-Kummissjoni jiffukaw fuq aspetti speċifiċi tas-sistemi ta' kontroll tal-aġenziji tal-pagamenti, magħżula abbażi ta' analiżi tar-riskju, u ma jkoprux l-oqsma kollha ta' kontroll fl-aġenziji tal-pagamenti kollha, kull sena.

([36]) Għal miżuri ta' żvilupp rurali relatati mal-erja, il-verifikazzjoni ta' ċerti elementi ewlenin bħall-erja eliġibbli ssir ukoll permezz tas-SIAK.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.41. Fir-Rapport Annwali 2014 tagħna, aħna ddikjarajna li s-SIAK tagħti kontribut sinifikanti għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livelli ta' żball fl-iskemi ta' għajnuna li għalihom tapplika ([37]). Din is-sena, aħna eżaminajna l-affidabbiltà ta' funzjonijiet ewlenin ta' kontroll magħżula fis-SIAK fis-sitt aġenziji tal-pagamenti miżjura (ara l-paragrafu 7.32). Mingħajr ma nixħtu dubju fuq il-kontribut tas-SIAK fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-livelli ta' żball, aħna sibna li xi wħud mill-funzjonijiet ewlenin ta' kontroll li eżaminajna kienu affettwati minn dgħufijiet, Dawn kienu relatati mal-LPIS, mal-kontrolli amministrattivi, mal-kwalità tal-ispezzjonijiet fuq il-post u mal-proċeduri ta' rkupru għal pagamenti skorretti ([38]). Fil-***Figura 7.9*** naghtu eżempju tad-dgħufijiet li identifikajna.

| **Figura 7.9 — Eżempju tad-dgħufijiet misjuba fir-rigward tal-LPIS** |
|---|
| Għal sitt snin konsekuttivi (2010-2015) fir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) il-valutazzjoni annwali tal-kwalità tal-LPIS wriet li kienet naqset milli tikkonforma ma' bosta elementi tal-kwalità meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Minkejja l-obbligu legali li, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, tiġi stabbilita azzjoni korrettiva, il-valutazzjoni tal-kwalità għall-2015 wriet li ma kienx hemm titjib konsistenti: b'mod ġenerali, l-erjas eliġibbli li ġew irreġistrati fl-LPIS tal-Irlanda ta' Fuq kienu ddikjarati b'mod eċċessiv b'aktar minn 2 %, li wassal għar-riskju ta' pagamenti irregolari. |
| Aħna diġà rrappurtajna d-dgħufijiet fl-LPIS tal-Irlanda ta' Fuq fir-Rapport Annwali 2012 tagħna (l-Anness 3.2). |

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

| ***Figure 7.9 — Eżempju tad-dgħufijiet misjuba fir-rigward tal-LPIS*** |
|---|
| *Mill-2013, ittieħdu azzjonijiet korrettivi mill-awtoritajiet tal-Irlanda ta' Fuq wara awditi mwettqa mill-Kummissjoni.* |
| *L-istima taż-żona eliġibbli għall-valutazzjoni tal-kwalità (QA — quality assessment) kienet "mhux konformi" għall-2010, l-2011, l-2012 u l-2015. Ir-raġunijiet ġew spjegati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit-Irlanda ta' Fuq (UK-NI) fir-rapporti annwali rispettivi tal-QA.* |
| *Fis-snin meta beda l-aġġornament tal-LPIS, mifrux fuq tliet snin, (2013, 2014), l-għadd ta' rqajja' nonkonformi naqas. Madankollu, fl-2015, l-awtoritajiet tar-Renju Unit-Irlanda ta' Fuq innotaw li kien hemm żieda fl-għadd ta' rqajja' bla żona eliġibbli li ma kinux ġew identifikati permezz tal-programm ta' aġġornament.* |
| *Il-Kummissjoni tkompli ssegwi s-sitwazzjoni mill-qrib.* |

([37]) Ir-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 7.35.

([38]) F'mill-inqas waħda mis-sitt aġenziji tal-pagamenti miżjura aħna sibna li kull wieħed minn dawn il-kontrolli ewlenin kien defiċjenti . Għalkemm mhux sal-istess punt, aħna sibna dgħufijiet f'kull waħda mis-sitt aġenziji tal-pagamenti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet fl-iżvilupp rurali**

7.42. Għal ħamsa mis-sitt aġenziji tal-pagamenti miżjura (ara l-paragrafu 7.32), aħna identifikajna defiċjenzi fil-kontrolli amministrattivi relatati mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, b'mod partikolari f'dawk li jikkonċernaw l-akkwist pubbliku. Dawn id-dgħufijiet fis-sistemi kienu simili ħafna għal dawk li nstabu u li ġew irrappurtati fi snin preċedenti ([39]). Nuqqasijiet ta' funzjonament tas-sistemi huma kawża importanti tal-iżbalji li nqabdu matul l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet (ara l-paragrafu 7.24).

**7.42.** *Il-Kummissjoni twettaq awditi tal-konformità fl-Istati Membri biex tivverifika li n-nefqa mħallsa tkun f'konformità mar-regoli. F'dawn l-awditi, il-Kummissjoni sabet ukoll dgħufijiet f'kontrolli amministrattivi relatati ma' kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u ma' akkwist pubbliku.*

*Ġew implimentati azzjonijiet korrettivi, inkluż pjanijiet ta' azzjoni meta kien meħtieġ. Barra minn hekk, saru riżervi fir-Rapport Annwali tal-Attività 2015.*

*Saru wkoll xi korrezzjonijiet finanzjarji f'dan ir-rigward u għaddejjin għadd ta' proċeduri ta' approvazzjoni ta' konformità u dawn x'aktarx iwasslu għal korrezzjonijiet finanzjarji ulterjuri.*

*Ġie mniedi awditu dedikat ta' akkwist pubbliku fl-2015 f'erba' (4) Stati Membri. Stati Membri oħra se jiġu awditjati fl-2016.*

7.43. Għall-akkwist pubbliku, aħna eżaminajna kampjun ta' 41 proġett (minbarra l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet li wettaqna), li minnhom 8 (20 %) kienu milquta minn żbalji. Fi tlieta mit-tmien każijiet, aħna identifikajna nfiq ineliġibbli, li ammonta għal total ta' aktar minn EUR 1,5 miljun ta' għajnuna mill-FAEŻR.

7.44. Fi sforz biex jitnaqqas il-livell ta' żball fin-nefqa għall-iżvilupp rurali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni biex jidentifikaw x'jikkawża l-iżbalji u biex jimplimentaw azzjoni korrettiva mmirata għat-tnaqqis tar-riskju li jsiru żbalji. Aħna eżaminajna jekk, għal żbalji li seħħew ta' spiss, il-pjan ta' azzjoni tal-Istat Membru kkonċernat indirizzax il-kawża fundamentali ta' dawn l-iżbalji.

7.45. Ħarisna lejn 14 mill-iżbalji kwantifikabbli l-aktar sinifikanti li nqabdu fi 8 Stati Membri matul l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet li wettaqna fl-2015. Aħna nnutajna li, sa Frar 2016, sebgħa mit-tmien Stati Membri kienu diġà aġġornaw il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom, inklużi miżuri għall-indirizzar ta' xi wħud mill-problemi li sibna. Madankollu, matul l-eżaminar li wettaqna tas-sistemi tal-Istati Membri, aħna sibna li l-erba' aġenziji tal-pagamenti fejn konna qbadna dgħufijiet fil-kontrolli amministrattivi fuq il-proċeduri ta' akkwist pubbliku ma kienu inkludew l-ebda azzjoni dwar din il-problema fil-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom. Filwaqt li nqisu li, b'mod ġenerali, il-pjanijiet ta' azzjoni huma għodda tajba għall-indirizzar tal-kawżi ta' żbalji, għad hemm lok għal aktar titjib fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

**7.45.** *Meta jiġu identifikati dgħufijiet fil-qafas ta' awditi ta' konformità u fl-awditi mill-Qorti, il-Kummissjoni dejjem talbet li l-Istati Membri jieħdu azzjonijiet korrettivi, li jistgħu jieħdu l-forma ta' pjan ta' azzjoni.*

*Skont rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali n$^{o}$ 23/14, il-Kummissjoni rrakomandat lill-Istati Membri kollha jagħtu attenzjoni partikolari lill-kwistjoni tal-akkwist pubbliku u fejn ikun meħtieġ, li jieħdu azzjonijiet rimedjali.*

*Ir-riżervi saru fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2015 biex ikopru l-kwistjonijiet tal-akkwist pubbliku, kif rikonoxxut mill-Qorti f'punt 7.60.*

([39]) Ara l-paragrafu 7.53 tar-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 4.20 tar-Rapport Annwali 2013, u l-paragrafi 4.21 sa 4.25 tar-Rapport Annwali 2012.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**Sistemi tal-Istati Membri relatati mal-kundizzjonalità**

7.46. Aħna eżaminajna s-sistema użata biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' kundizzjonalità jiġu ssodisfati fis-sitt aġenziji tal-pagamenti miżjura (ara l-paragrafu 7.32). B'mod partikolari, aħna analizzajna l-affidabilità tal-istatistika ta' kontroll u l-proċeduri stabbiliti biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jivverifikaw kif xieraq ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-ilma min-nitrati (id-Direttiva dwar in-Nitrati ([40])) u għal notifiki dwar l-annimali ([41]). Aħna eżaminajna wkoll 63 rapport ta' kontroll.

**7.46.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-kundizzjonalità ma tirrigwardax il-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità ta' tranżazzjonijiet sottostanti.*

7.47. F'ħamsa mis-sitt Stati Membri miżjura, aħna sibna defiċjenzi, prinċipalment relatati mal-affidabilità tal-istatistika ta' kontroll u tal-kampjunar. Aħna sibna problemi (eż. kalkolu skorrett ta' sanzjonijiet jew nuqqas ta' kontrolli fuq ċerti rekwiżiti) fi 13 mit-63 rapport ta' kontroll li eżaminajna. Barra minn hekk, fil-Litwanja u fir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq), is-sanzjonijiet ma ġewx inklużi b'mod korrett fl-istatistika ta' kontroll f'4 mill-24 rapport ta' kontroll li ġew ikkampjunati. Fil-***Figura 7.10*** naghtu eżempju ieħor tad-defiċjenzi li identifikajna.

**7.47.** *Il-Kummissjoni taqsam l-osservazzjoni tal-Qorti u tagħti attenzjoni partikolari lil dawn ir-rekwiżiti waqt l-awditi tagħha. F'ħafna minnhom, il-Kummissjoni nnotat dgħufijiet fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-kwalità tal-kontrolli tal-kundizzjonalità. Meta ġiet stabbilita nonkonformità sistematika, il-Kummissjoni dejjem talbet azzjonijiet korrettivi, inkluż pjanijiet ta' azzjoni kull meta kien meħtieġ u hija tiżgura l-protezzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' proċedura ta' approvazzjoni ta' konformità.*

([40]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

([41]) Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kundizzjonalità teħtieġ li l-movimenti/it-twelid/l-imwiet tal-annimali jiġu nnotifikati lid-database nazzjonali tal-annimali fi żmien sebat ijiem. Regoli bħal dawn huma importanti għat-tnaqqis tar-riskju ta' tixrid ta' mard, billi jikkontrollaw il-movimenti tal-annimali u jtejbu t-traċċabbiltà.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Figura 7.10 — Eżempju ta' kontrolli insuffiċjenti tal-kundizzjonalità**

Fil-Litwanja aħna sibna li l-awtoritajiet nazzjonali ma ċċekkjawx biżżejjed ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-ilma min-nitrati, li huma applikabbli għall-bdiewa kollha. L-Istat Membru uża bosta sollijiet, li taħthom il-bdiewa ma kinux suġġetti għal kontrolli tal-kundizzjonalità għal rekwiżiti li rriżultaw mid-Direttiva dwar in-Nitrati. Pereżempju, bdiewa li għandhom erja agrikola utilizzata ta' 10 ettari jew inqas mhumiex meħtieġa jiddikjaraw il-livell ta' fertilizzant użat. Bdiewa ta' dan it-tip jirrappreżentaw aktar minn 70 % tal-bdiewa kollha u jużaw 14 % tal-erja agrikola. Bħala eżempju ieħor, bdiewa li jżommu inqas minn 10 unitajiet ta' bhejjem f'post wieħed mhumiex meħtieġa li jkollhom faċilità ta' ħżin għad-demel tal-kapaċità rilevanti. Bdiewa ta' dan it-tip jikkostitwixxu 87 % tal-bdiewa kollha li jżommu l-bhejjem u dawn iżommu 28 % tal-unitajiet ta' bhejjem fil-Litwanja. Id-Direttiva dwar in-Nitrati għandha l-għan li tipproteġi l-ambjent u s-saħħa taċ-ċittadini. Filwaqt li l-użu ta' sollijiet jista' jnaqqas il-burokrazija żejda għall-bdiewa li huma iżgħar, l-esklużjoni ta' bdiewa mill-kontrolli tal-kundizzjonalità mhijiex biss irregolari, iżda tista' wkoll taffettwa b'mod avvers l-ilħuq tal-objettivi tad-Direttiva dwar in-Nitrati.

### *Sistemi tad-DĠ MARE u tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tas-sajd*

7.48. L-Awtoritajiet maniġerjali jagħmlu pagamenti lill-benefiċjarji, u jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni, li mbagħad tirrimborża lill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tuża r-rapporti annwali ta' kontroll u l-opinjoni annwali tal-awtoritajiet tal-awditjar biex tivvaluta jekk l-Istati Membri waqqfux sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jikkonformaw mar-rekwiżiti legali. Il-Kummissjoni twettaq ukoll l-awditi proprji tagħha biex tivverifika li s-sistemi jiffunzjonaw b'mod effettiv.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 7.10 — Eżempju ta' kontrolli insuffiċjenti tal-kundizzjonalità***

*Il-Kummissjoni tieħu nota tas-sejba tal-Qorti. Għalkemm l-awditjar tal-2014 tal-Kummissjoni fil-Litwanja kopra biss rekwiżiti statorji ta' ġestjoni relatati mal-annimali, instabu nuqqasijiet simili fir-rigward tal-kampjunar. Dawn in-nuqqasijiet qed ikunu segwiti fi proċedura ta' approvazzjoni ta' konformità.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.49. L-eżaminar tagħna tas-sistemi f'dan il-qasam iffoka fuq awditi mwettqa mill-Kummissjoni (id-DĠ MARE). Aħna wettaqna analiżi fl-uffiċċju ta' kampjun ta' ħamsa mill-awditi tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni rrappurtat dgħufijiet sinifikanti fis-sistemi ta' tnejn (l-Italja u r-Rumanija) mill-ħames Stati Membri kkonċernati.

7.50. Aħna eżaminajna x-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-Kummissjoni u l-konformità tiegħu mal-istandards internazzjonali tal-awditjar. Il-ħames awditi li eżaminajna ma kinux jikkonformaw għalkollox mal-istandards, u aħna identifikajna dgħufijiet fis-superviżjoni tal-awditjar u fid-dokumentazzjoni tal-awditjar.

7.51. Aħna erġajna wettaqna wkoll wieħed mill-awditi li l-Kummissjoni wettqet fir-Rumanija. Aħna identifikajna defiċjenzi fil-kontrolli amministrattivi tal-awtorità maniġerjali, b'mod partikolari f'dawk relatati mal-proċeduri ta' akkwist (ara l-***Figura 7.11***).

**Figura 7.11 — Defiċjenzi fl-akkwist fir-Rumanija**

Aħna eżaminajna kampjun ta' seba' proċeduri ta' akkwist, li ħamsa minnhom kienu milquta minn żbalji (tnejn pubbliċi u tlieta privati). It-tliet każijiet privati ma nqabdux mill-Kummissjoni. Aħna identifikajna wkoll defiċjenzi relatati mal-proċedura tal-għażla tal-proġetti fi tnejn mis-sitt każijiet eżaminati.

7.52. Abbażi tal-24 awditu li wettaq fl-2014 u l-2015 u li ġew iffinalizzati fi żmien l-awditu tagħna, id-DĠ MARE ppropona żewġ korrezzjonijiet finanzjarji biss. L-eżaminar li sar minna ta' kampjun ta' ħamsa minn dawn l-awditi żvela li f'żewġ każijiet (l-Italja u r-Rumanija) il-korrezzjonijiet finanzjarji ma indirizzawx id-defiċjenzi kollha li affettwaw is-sistemi ta' kontroll intern tal-awtoritajiet maniġerjali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.50.** *Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li kien mitlub titjib fl-oqsma tas-superviżjoni u d-dokumentazzjoni tal-awditjar u saħħet il-proċeduri tagħha b'dan il-mod. Il-fajls awditjati jmorru lura għal qabel dan it-tibdil.*

***Figura 7.11 — Defiċjenzi tal-akkwist pubbliku fir-Rumanija***

*Il-listi ta' kontroll standard użati mill-Kummissjoni jiffokaw fuq il-konformità minflok mar-regoli ta' akkwist pubbliku, minflok ma' dak privat. Is-seba' proċeduri imsemmija jirrigwardaw kemm każijiet ta' akkwist pubbliku privat, abbażi ta' istruzzjonijiet imfassla mill-awtoritajiet Rumeni (ħames każijiet), kif ukoll każijiet ta' akkwist pubbliku (żewġ każijiet relatati ma' assistenza teknika) fejn il-Kummissjoni diġà kienet konxja tad-dgħufijiet.*

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni identifikat qabel li kien hemm dgħufijiet fl-għażla tal-proġetti.*

**7.52.** *Il-Kummissjoni tipproponi korrezzjonijiet finanzjarji fejn hija tidentifika nuqqasijiet sinifikanti. Hija tikkunsidra li ġew applikati livelli adegwati ta' korrezzjoni kemm għall-Italja, kif ukoll għar-Rumanija, abbażi tal-analiżi tagħha stess. Madankollu, għar-Rumanija, hija se tivvaluta l-ħtieġa għal korrezzjonijiet addizzjonali abbażi tas-sejbiet tal-Qorti.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI*

7.53. Fir-RAA 2015 tiegħu, id-DĠ AGRI jivvaluta l-infiq f'riskju għall-oqsma prinċipali ta' nfiq. Il-punt tat-tluq ta' din il-valutazzjoni huwa l-livelli ta' żball irrappurtati mill-Istati Membri (għal kull aġenzija tal-pagamenti) fl-istatistika ta' kontroll tagħhom. Sussegwentement, il-Kummissjoni taġġusta dawk il-livelli ta' żball prinċipalment bl-użu tal-awditi li l-Kummissjoni u l-Qorti jkunu wettqu fl-aħħar tliet snin kif ukoll l-opinjonijiet tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità għas-sena finanzjarja 2015. Ir-rati ta' żball aġġustati (RŻA) li jirriżultaw imbagħad jiġu aggregati u jintużaw għall-kalkolu tal-infiq totali f'riskju, jiġifieri l-livell ta' żball li l-Kummissjoni tistma li jolqot il-baġit tal-UE. Aħna nqisu li, ġeneralment, dan huwa approċċ validu li jista' jipprovdi bażi suffiċjenti għal riżervi fil-livell ta' aġenziji individwali tal-pagamenti. Madankollu, naċċennaw il-problemi li ġejjin.

7.54. Għall-ewwel darba fl-2015, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni kienu meħtieġa jaċċertaw, fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv, il-legalità u r-regolarità tal-infiq li għalih l-aġenziji tal-pagamenti talbu rimborż mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jirrappreżentaw element ewlieni fil-mudell ta' aċċertament tal-Kummissjoni għall-perjodu 2014-2020. Fl-2015, l-opinjonijiet tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità setgħu jintużaw biss sa punt limitat ħafna mid-DĠ AGRI minħabba fi dgħufijiet sinifikanti fil-metodoloġija u fl-implimentazzjoni (bħal dewmien fil-ħatra ta' korpi taċ-ċertifikazzjoni fl-Istati Membri, strateġiji tal-awditjar inadegwati, it-teħid ta' kampjuni li kienu żgħar wisq għall-ittestjar sostantiv u ħiliet tekniċi u kompetenza legali li ma kinux suffiċjenti biex jaqbdu defiċjenzi fil-kontrolli amministrattivi u l-kontrolli fuq il-post tal-aġenziji tal-pagamenti).

**7.54.** *Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-fatt li jkollha opinjoni fuq il-legalità u r-regolarità minn korp ta' awditjar indipendenti u professjonali fil-livell nazzjonali, matul iż-żmien, se jirriżulta f'titjib fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri u f'livell akbar ta' assigurazzjoni fuq ir-rati ta' żball rapportati mill-Istati Membri. Peress li s-sena finanzjarja 2015 kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' dan l-approċċ il-ġdid, sa issa wieħed ma jistax jara l-benefiċċji kompluti tax-xogħol il-ġdid tal-korpi ta' ċertifikazzjoni.*

*Minkejja dan, jistgħu jittieħdu għadd ta' messaġġi inkoraġġanti u lezzjonijiet għall-futur mill-eżerċizzju tal-2015.*

7.55. Il-Kummissjoni għamlet aġġustamenti biex tiddetermina l-RŻA fuq il-parti tal-infiq li għaliha kien hemm disponibbli r-riżultati tal-awditjar proprji tagħha jew dawk tagħna. Madankollu, fir-RAA tiegħu, id-DĠ AGRI ma ddivulgax liema parti tal-infiq ma ġietx aġġustata, minħabba li ma kienx hemm disponibbli riżultati tal-awditjar ta' dan it-tip. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni toqgħod fuq l-istatistika ta' kontroll tal-Istati Membri, li jista' jirriżulta f'RŻA li tkun stmata b'mod insuffiċjenti.

**7.55.** *Il-Kummissjoni teżamina s-sitwazzjoni għal kull Aġenzija tal-Pagamenti mhux biss ibbażata fuq il-konklużjoni tagħha stess u s-sejbiet tal-awditjar tal-Qorti matul it-tliet snin preċedenti, iżda wkoll fuq il-bażi tal-opinjonijiet li waslu għas-sena finanzjarja kkonċernata mill-Korp ta' Ċertifikazzjoni għal kull Aġenzija tal-Pagamenti. Għalhekk hemm riżultati tal-awditjar disponibbli fil-każijiet kollha.*

*Għall-ewwel darba fl-2015, il-Korpi ta' Ċertifikazzjoni ġew mitluba jipprovdu opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità ta' tranżazzjonijiet sottostanti, li pprovdew aktar dettalji u informazzjoni rilevanti sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-aġġustament tar-rati ta' żbalji rapportati.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.56. Il-***Figura 7.12*** tagħti d-*data* ewlenija ([42]) użata biex jiġi vvalutat ir-RAA 2015 tad-DĠ AGRI.

| **Qasam prinċipali ta' nfiq** | **RAA (sena finanzjarja)** | **Infiq fl-2015** *(miljun EUR)* | **Livell medju ta' żball rrappurtat mill-Istati Membri** | **Rata ta' żball aġġustata u aggregata** | **Kapaċità korrettiva** | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | **Medja ta' korrezzjonijiet finanzjarji matul l-aħħar tliet snin** *(miljun EUR)* | | **Medja ta' rkupri matul l-aħħar tliet snin** *(miljun EUR)* | | **Total** |
| FAEG | 2014 | 44 137,85 | 0,55 % | **2,61 %** | 536,44 | 1,22 % | 117,83 | 0,27 % | **1,49 %** |
| | 2015 | 44 834,52 | 0,68 % | **1,47 %** | 665,36 | 1,48 % | 107,41 | 0,24 % | **1,72 %** |
| FAEŻR | 2014 | 11 186,00 | 1,52 % | **5,09 %** | 113,58 | 1,02 % | 95,64 | 0,85 % | **1,87 %** |
| | 2015 | 9 843,14 | 1,78 % | **4,99 %** | 177,99 | 1,81 % | 114,95 | 1,17 % | **2,98 %** |

*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażat fuq ir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.57. Għall-FAEG, minkejja żieda fil-medja tal-livell ta' żball irrappurtata mill-Istati Membri, minn 0,55 % fl-2014 għal 0,68 % fl-2015, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rata ta' żball aġġustata niżlet minn 2,61 % fl-2014 għal 1,47 % fl-2015. Il-Kummissjoni spjegat li dan it-tnaqqis fir-rata ta' żball aġġustata hija kkawżata prinċipalment minn:

— titjib fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri b'riżultat ta' azzjonijiet korrettivi li ġew implimentati mis-sena ta' klejm 2014;

— informazzjoni aktar aġġornata disponibbli għall-Kummissjoni li tippermetti li jsir tnaqqis tal-aġġustamenti kkalkulati qabel.

7.58. Għall-FAEG, ir-RAA jirrapporta li r-rata ta' żball aġġustata u aggregata niżlet minn 2,61 % fl-2014 għal 1,47 % fl-2015. Ir-riżultati tal-awditjar tagħna juru li l-livell ta' żball stmat baqa' stabbli, meta l-kwantifikazzjoni tal-iżbalji ta' kundizzjonalità jiġu esklużi (ara l-***Anness 7.1***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***7.57.*** *Il-Kummissjoni tikkonsidra li żieda fil-livell medju tal-iżbalji rapportati tipprova li s-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri taħdem aħjar biex taqbad żbalji ta' detezzjoni u ta' rapportar. Dan ifisser li r-rata ta' żball irrappurtata hija kkunsidrata aktar affidabbli u għalhekk jinħtieġu anqas aġġustamenti.*

*Il-fatturi msemmija mill-Qorti għandhom impatt pożittiv fuq l-evoluzzjoni tar-rata ta' żball aġġustata.*

([42]) Ir-rata ta' żball aġġustata għall-2015 hija kkalkulata mingħajr il-prefinanzjament ta' EUR 1 945,2 miljun imħallas lill-Istati Membri għall-programmi tal-iżvilupp rurali 2014-2020.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.59. Għall-FAEŻR, il-Kummissjoni kważi ttriplikat il-medja tal-livell ta' żball ta' 1,78 % rrappurtat mill-Istati Membri biex tikkalkula r-rata ta' żball aġġustata ta' 4,99 %. Il-Kummissjoni aġġustat ir-rati ta' żball irrappurtati minn 56 aġenzija tal-pagamenti minn 72 li ddikjaraw infiq mill-FAEŻR. Aħna nqisu li r-rata ta' żball aġġustata ta' 4,99 % tikkonforma b'mod ġenerali mal-livell ta' żball stmat minna. Fi snin reċenti l-Kummissjoni żiedet l-għadd tal-awditi tal-konformità tagħha tal-infiq mill-FAEŻR, kif ukoll niedet awditi orizzontali mmirati lejn miżuri/aġenziji tal-pagamenti b'riskji simili. Eżempju huwa awditu tal-akkwist pubbliku li kkontribwixxa biex isiru riżervi kumplessivi għall-Ġermanja u Spanja.

7.60. Il-Kummissjoni tiddefinixxi l-kapaċità korrettiva bħala mekkaniżmu għall-korrezzjoni tal-iżbalji li jkunu saru u għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE. Iż-żieda annwali fil-kapaċità korrettiva kkalkulata għall-FAEG (għal 1,72 %) u għall-FAEŻR (għal 2,98 %) hija r-riżultat tal-isforzi reċenti li saru mill-Kummissjoni biex tnaqqas l-għadd ta' awditi tal-konformità miftuħa antiki (ara l-paragrafu 7.34). Dan affettwa l-ammont kumplessiv tal-korrezzjonijiet finanzjarji adottati, speċjalment fl-2015.

7.61. Il-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni hija kkalkulata abbażi ta' medja, fuq tliet snin, tal-korrezzjonijiet finanzjarji riċevuti u ma għandha l-ebda rabta diretta mal-infiq għall-2015 li se jiġi kkoreġut fis-snin li ġejjin. Dan jispjega l-anomalija ta' din is-sena fejn il-Kummissjoni tirrapporta li l-kapaċità korrettiva tagħha għall-infiq mill-FAEG hija ogħla mir-rata ta' żball aġġustata. Għall-FAEŻR, ma hemm l-ebda aċċertament li r-riskju finanzjarju li jifdal se jkun taħt il-materjalità sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni. Il-Kummissjoni tikkonferma dan fir-RAA 2015 tagħha ([43]).

### *Rapport annwali tal-attività tad-DĠ MARE*

7.62. Aħna eżaminajna r-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tad-DĠ MARE, u ffukajna fuq jekk l-informazzjoni sostanzali kollha kinitx iddivulgata, jekk l-informazzjoni pprovduta kinitx tikkonforma mas-sejbiet proprji tagħna, u jekk l-istimi użati mill-Kummissjoni biex tikkalkula r-rati ta' żball kinux raġonevoli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.60.** *Il-kapaċità korrettiva hija stima tal-ammonti ta' korrezzjonijiet futuri kkalkulati bħala medja storika tal-korrezzjonijiet finanzjarji kif spjegat fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2015 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.*

**7.61.** *Il-kapaċità korrettiva u r-rata ta' żball aġġustata huma żewġ stimi li flimkien jipprovdu indikatur tal-livell ta' kunfidenza dwar l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll pluriennali biex ikun protett il-baġit tal-UE.*

*Fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu tal-2015, id-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jagħti assigurazzjoni għan-nefqa sħiħa tal-PAK għall-2015, filwaqt li jqis kemm ir-rata ta' żball aġġustata kif ukoll il-kapaċità korrettiva.*

([43]) Ir-RAA 2015 tad-DĠ AGRI, fil-paragrafu 3.3 jgħid li: Meta tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li l-legalità u r-regolarità jiġu bbilanċjati mal-ilħuq tal-objettivi ta' politika filwaqt li jinżammu preżenti l-ispejjeż ta' twassil, ma jistax ikun verament mistenni b'ċertezza li, bi sforzi raġonevoli, ikun possibbli li jintlaħaq riskju finanzjarju taħt it-2 % għall-Iżvilupp Rurali.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 7.63. Id-DĠ MARE bagħat tliet ittri ta' qabel l-għeluq għal tliet programmi operazzjonali fejn ippropona li jirkupra ammont ta' EUR 53,6 miljun. Dan l-ammont materjali mhuwiex iddivulgat fir-RAA. Ir-RAA jinkludi riżervi għal ħames Stati Membri, inkluża r-Rumanija, li jikkonforma mas-sejbiet tal-awditjar tagħna. L-awditu tagħna ma xeħitx dubju fuq il-kalkolu tar-rati ta' żball mid-DĠ MARE. | ***7.63.*** *Dan l-ammont ma ġiex żvelat peress li l-Kummissjoni ma tikkunsidrax li l-ammont huwa f'riskju. Inħarġet ordni ta' rkupru għal wieħed mit-tliet programmi, għall-ammont antiċipat. Għaż-żewġ programmi li fadal, meta tfassal ir-Rapport Annwali tal-Attività, l-Istat Membru u d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd kienu diġà ftiehmu dwar l-ammonti li jridu jiġu rkuprati mill-Kummissjoni. Kull aġġustament ta' dan l-ammont (u r-riskju finanzjarju assoċjat), għalhekk, se jkun minimu.* |

## Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

### *Il-konklużjoni għall-2015*

| | |
|---|---|
| 7.64. L-evidenza kumplessiva tindika li l-infiq fuq "Riżorsi Naturali" u fuq iż-żewġ oqsma suġġetti għal valutazzjoni speċifika (ara l-paragrafi 7.13 u 7.21) huwa milqut minn livell materjali ta' żball. | |
| 7.65. Għal dan il-qasam tal-intestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat li huwa preżenti fil-popolazzjoni huwa ta' 2,9 % (ara l-***Anness 7.1***). | ***7.65.*** *Il-Kummissjoni tieħu nota tal-iżball l-aktar probabbli stmat mill-Qorti li huwa b'mod ġenerali l-istess bħal dak għas-sena li għaddiet, eskluża l-kundizzjonalità.* |

### *Rakkomandazzjonijiet*

| | |
|---|---|
| 7.66. L-***Anness 7.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2012 u 2013, il-Qorti ppreżentat 20 rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri implimentaw 4 rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, filwaqt li 5 ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u 10 ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti. | ***7.66.*** *Il-Kummissjoni tieħu nota tal-aħħar valutazzjoni magħmula mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti.*<br>*Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tkompli ttejjeb il-mod li bih isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.* |
| 7.67. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2015, aħna nirrakkommandaw li l-Kummissjoni, għall-FAEG: | |
| — **Rakkomandazzjoni 1:** tkompli bl-isforzi tagħha biex issegwi każijiet fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali mhijiex konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż bl-użu tal-mezzi legali kollha għad-dispożizzjoni tagħha, b'mod partikolari s-sospensjoni ta' pagamenti (ara l-paragrafu 7.20 u l-***Figura 7.5***); | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*<br>*Il-Kummissjoni tqis li din qed tiġi implimentata permezz tax-xogħol ta' awditjar kontinwu tagħha u l-għoti ta' gwida meta jkun meħtieġ u tieħu l-passi meħtieġa fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża biex tassisti lill-korpi tal-awditjar tal-Istat Membru biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv. Barra minn hekk, in-nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri huma indirizzati permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni komprensivi u mmirati fejn meħtieġ. Meta s-servizzi tal-Kummissjoni jiskopru problemi bħal dawn matul il-monitoraġġ tal-awditi tagħha, hija titlob lill-Istat Membru jieħu azzjonijiet ta' rimedju. Fejn il-problema hija partikolarment akuta, l-Istat Membru huwa meħtieġ li jimplimenta pjan ta' azzjoni għal rimedju li jiġi segwit mill-qrib mis-servizzi. Sa issa, tali pjanijiet instabu li huma effettivi ħafna. Meta l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ma tiġix ikkunsidrataeffettiva, il-ħlasijiet jistgħu jitnaqqsu jew jiġu sospiżi sabiex jiġi protett il-baġit tal-UE.* |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| — **Rakkomandazzjoni 2:** timmonitorja kull sena r-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-LPIS imwettqa mill-Istati Membri, u tivverifika li l-Istati Membri kollha li jkollhom valutazzjonijiet negattivi verament iwettqu l-azzjoni korrettiva meħtieġa (ara l-***Figura 7.9***); | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-kwalità (QA-quality assessment) tal-LPIS huma sorveljati fuq bażi annwali. Dan l-eżerċizzju annwali huwa proċess ta' kontroll tal-kwalità li l-objettiv aħħari tiegħu hu li jtejjeb il-kwalità u l-affidabilità tal-LPIS, billi janalizza d-dgħufijiet tekniċi li nqabdu u jieħu azzjonijiet ta' rimedju biex jindirizzahom.* |
| *għall-iżvilupp rurali:* | |
| — **Rakkomandazzjoni 3:** tiżgura li l-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri kollha li jindirizzaw l-iżbalji fl-iżvilupp rurali jkunu jinkludu azzjonijiet effettivi fir-rigward tal-akkwist pubbliku (ara l-paragrafu 7.45); | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li tipprovdi gwida mmirata u effettiva dwar kif jiġu evitati l-irregolaritajiet tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku: "Akkwist Pubbliku – studju dwar il-kapaċità amministrattiva tal-UE" (2016), inklużi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, u "Gwida għall-prattikanti dwar kif jiġu evitati l-aktar żbalji komuni fl-akkwist pubbliku ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej" (2015).*<br><br>*F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni enfasizzat li l-Istati Membri kollha għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-regoli ta' akkwist pubbliku, u jieħdu azzjoni korrettiva meta jkun rilevanti.*<br><br>*Il-Kummissjoni qiegħda taħdem b'mod intensiv mal-Istati Membri sabiex ikunu identifikati u rimedjati l-kawżi ta' żbalji fl-implimentazzjoni tal-politika. Din il-ħidma għandha tkompli bil-għan li n-nuqqasijiet identifikati ikomplu jiġu indirizzati, inkluż li jintalbu pjanijiet ta' azzjoni. Il-Kummissjoni tinsisti dwar il-kompletezza u l-effikaċja ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni.*<br><br>*L-Istati Membri huma mitluba jieħdu azzjonijiet korrettivi meta jiġu identifikati d-dgħufijiet fil-kuntest tal-awditi ta' konformità, l-awditi mill-QEA jew is-sejbiet tal-korpi ta' ċertifikazzjoni jew tal-aġenzija tal-pagamenti. Finalment, jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji netti meta jkun meħtieġ.* |
| *għall-FAEG u l-iżvilupp rurali:* | |
| — **Rakkomandazzjoni 4:** timmonitorja u tappoġġa b'mod attiv il-korpi taċ-ċertifikazzjoni biex dawn itejbu x-xogħol u l-metodoloġija tagħhom dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq sabiex jipprovdu informazzjoni affidabbli għall-istima tar-rata tal-iżball residwu li ssir mill-Kummissjoni (ara l-paragrafu 7.54); | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja l-Istati Membri biex itejbu u jikkonsolidaw ix-xogħol li jsir mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, biex jiġi żgurat li fis-snin li ġejjin, jista' jkun hemm livell ta' kunfidenza ogħla mix-xogħol tagħhom.* |
| — **Rakkomandazzjoni 5:** taġġorna l-manwal tal-awditjar tad-DĠ AGRI billi tinkludi proċeduri dettaljati tal-awditjar u rekwiżiti ta' dokumentazzjoni għall-verifikazzjoni tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri u użata għall-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji (ara l-paragrafu 7.36); | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Il-Kummissjoni, meta taġġorna l-indirizz manwali ta' awditjar tagħha, se tindirizza din il-kwistjoni filwaqt li tibni fuq l-esperjenza miksuba.* |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *għas-sajd:*<br>— **Rakkomandazzjoni 6:** ittejjeb il-konformità tal-awditi tal-konformità tad-DĠ MARE mal-istandards internazzjonali tal-awditjar (ara l-paragrafu 7.50). | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*<br>*Għandu jiġi nnotat li t-titjib proċedura li sar wara l-perjodu kopert mill-awditjar tal-Qorti diġà indirizza diversi mill-kwistjonijiet enfasizzati hawnhekk (b'mod partikolari fir-rigward tal-evidenza għall-awditjar u r-rekord tal-awditjar). Barra minn hekk, attwalment qed tkun attivata proċedura ta' kontroll tal-kwalità.* |

## PARTI 2 — KWISTJONIJIET RELATATI MAL-PRESTAZZJONI FIL-QASAM TAL-IŻVILUPP RURALI

### Valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti

7.68. Is-sena li għaddiet, aħna rrappurtajna [44] x-xogħol li wettaqna fuq kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni għal tranżazzjonijiet magħżula fil-qasam tal-iżvilupp rurali. Din is-sena, aħna komplejna fuq dan ix-xogħol. Mill-159 tranżazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp rurali li ttestjajna għar-regolarità, aħna sibna kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni għal 59 proġett ta' investiment f'assi tanġibbli.

7.69. Mid-59 proġett ta' investiment 34 kienu kkompletati fiż-żmien taż-żjara tal-awditjar tagħna. Għal dawn il-proġetti ta' investiment ikkompletati aħna vverifikajna jekk l-investiment kienx twettaq kif ippjanat. Dan il-kriterju ġie ssodisfat għall-biċċa l-kbira mill-proġetti (95 %).

7.70. Għad-59 proġett ta' investiment aħna sibna l-problemi prinċipali ta' prestazzjoni li ġejjin:

— evidenza insuffiċjenti li l-ispejjeż huma raġonevoli;

— defiċjenzi fl-immirar ta' miżuri u l-għażla ta' proġetti, inklużi rabtiet dgħajfa mal-objettivi ta' Ewropa 2020.

---

(44) Ir-Rapport Annwali 2014, il-Parti 2 tal-Kapitolu 7.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Evidenza insuffiċjenti li l-ispejjeż huma raġonevoli**

7.71. Għal 33 mid-59 proġett ta' investiment (56 %), aħna sibna evidenza suffiċjenti li l-ispejjeż tal-proġetti kienu raġonevoli. Madankollu, għal 26 proġett ta' investiment (44 %), dan ma kienx il-każ. Is-sena li għaddiet iċ-ċifri rispettivi kienu 69 % u 31 %. Għas-sentejn li huma, il-proġetti eżaminati ġew implimentati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u taħt l-istess regoli. Il-***Figura 7.13*** tagħti żewġ eżempji ta' proġetti ta' investiment għall-istess miżura ta' żvilupp rurali, wieħed fejn sibna li l-ispejjeż kienu raġonevoli u wieħed fejn dan ma kienx il-każ. Fl-2014 aħna ppubblikajna rapport speċjali fejn dan is-suġġett ġie eżaminat fid-dettall ([45]).

**Figura 7.13 — Eżempji ta' fejn ġiet ivverifikata r-raġonevolezza tal-ispejjeż għall-modernizzar ta' azjendi agrikoli**

Fil-Greċja, benefiċjarju xtara trattur li kien parzjalment iffinanzjat mill-fondi għall-iżvilupp rurali. Il-benefiċjarju kellu diġà formula predeterminata biex jikkalkula l-potenza ta' żwiemel xierqa tat-trattur, b'kunsiderazzjoni tal-erja tal-art li kienet ikkultivata. Il-benefiċjarju pprovda offerta li l-aġenzija tal-pagamenti vverifikat bi tqabbil ma' prezz ta' referenza meħud minn rivista speċjalizzata dwar makkinarju għall-azjendi agrikoli. L-aġenzija tal-pagamenti kkonkludiet li l-prezz għall-mudell speċifiku kellu jkun 10 % aktar baxx mill-prezz propost. B'riżultat ta' dan, il-benefiċjarju xtara trattur li kien irħas.

Fis-Slovakkja, aħna awditjajna proġett għall-kostruzzjoni ta' faċilità ta' ħżin. L-aġenzija tal-pagamenti ma ċċekkjatx jekk l-ispejjeż għall-proġett kinux raġonevoli. Madankollu, aħna ksibna evidenza konklużiva li l-prezz ta' wieħed mill-materjali prinċipali ta' kostruzzjoni (il-konkrit) kien sitt darbiet ogħla mill-prezz normali tas-suq. B'mod ġenerali, l-ispiża tal-proġett kellha tkun aktar minn 50 % irħas.

7.72. Mid-59 proġett ta' investiment, 50 (85 %) kienu jikkonformaw kemm mal-ħtiġijiet ta' kwantità kif ukoll mal-ħtiġijiet ta' kwalità. Pereżempju, aħna żorna tliet proġetti relatati mal-kostruzzjoni jew l-estensjoni ta' ċentri tal-komun fi bliet jew irħula żgħar taħt il-miżuri "tiġdid u żvilupp ta' rħula" u "implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp lokali". L-investimenti kienu ġew kompletament utilizzati sa dak iż-żmien: il-kmamar kollha kienu qed jintużaw u kien hemm attivitajiet għall-komunità lokali skedati għal bosta ġimgħat wara.

([45]) Ara r-Rapport Speċjali Nru 22/2014 "Il-ksib ta' ekonomija: inżommu l-ispejjeż tal-għotjiet għal proġetti tal-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-UE taħt kontroll" (http://eca.europa.eu).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.71.** *Il-valutazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż tinsab fir-responsabbiltà tal-Istati Membri (ara l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 809/2014). Il-Kummissjoni tipproteġi l-baġit tal-UE meta d-dgħufijiet jiġu identifikati permezz ta' proċeduri ta' konformità u toħroġ gwida dwar kif jistgħu jittejbu s-sistemi fis-seħħ (ara l-Gwida dwar il-kontrolli tal-iżvilupp rurali u s-sanzjonijiet, inkluż lista ta' kontroll għall-valutazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż). Barra minn hekk, it-taħriġ u l-użu ta' prattiki komuni tajbin huma orgranizzati min-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Finalment, il-Kummissjoni qed tippromovi b'mod attiv l-użu ta' għażliet għal spejjeż simplifikati fl-Istati Memrbri.*

***Figura 7.13 — Eżempji ta' fejn ġiet iċċekkjata r-raġonevolezza tal-ispejjeż għall-modernizzar ta' azjendi agrikoli***

*Fil-każ Slovakk, il-Kummissjoni tinnota li l-proġett ġie implimentat.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.73. Madankollu, għal 9 proġetti (15 %) l-output tal-proġett kien akbar milli kien fil-fatt meħtieġ. Eżempju ta' każ bħal dan huwa l-kostruzzjoni ta' maħżen li kien bosta drabi akbar milli meħtieġ u għalhekk baqa' fil-biċċa l-kbira ma jintużax. Eżempju ieħor ta' proġett li kien jinkludi elementi mhux essenzjali jingħata fil-***Figura 7.14***.

**Figure 7.14 — Eżempju ta' proġett li kien jinkludi elementi mhux essenzjali**

Fl-Italja (il-Campania), muniċipalità ġeddet mogħdija ta' kilometru f'żona muntanjuża bi spiża ta' EUR 441 000. Matul il-proċedura ta' akkwist, il-muniċipalità talbet lill-kumpaniji interessati biex jagħmlu proposti sabiex l-investiment ikun aktar funzjonali u ekoloġiku. Il-proposta li saret mill-kumpanija magħżula kienet tinkludi elementi addizzjonali li kienu jiswew EUR 80 000, minbarra l-ispiża tax-xogħol fuq il-mogħdija. Dawn l-elementi addizzjonali kienu jinkludu rota ta' fuq il-muntanji li kienet tiswa EUR 4 000, teleskopju panoramiku li kien jiswa EUR 3 500 u donazzjoni ta' EUR 10 000 lil knisja lokali.

Minflok li l-kuntratt ġie ristrett għall-ħtiġijiet ta' rinnovazzjoni tal-mogħdija, inżiedu elementi addizzjonali li wasslu għal spejjeż akbar.

**Defiċjenzi fl-immirar tal-miżuri u fl-għażla ta' proġetti**

7.74. Aħna ttestjajna jekk l-appoġġ ġiex immirat lejn objettivi ddefiniti b'mod ċar li jirriflettu ħtiġijiet strutturali u territorjali identifikati u żvantaġġi strutturali. Dan il-kriterju ma ġiex issodisfat għal 22 % tal-proġetti ta' investiment awditjati. Is-sena li għaddiet aħna rrappurtajna perċentwal simili ħafna (21 %). Fil-***Figure 7.15*** jingħataw eżempji ta' prattika tajba u prattika ħażina. Aħna rrappurtajna dwar in-nuqqas ta' mmirar adegwat għal investimenti fl-iżvilupp rurali fir-rapporti speċjali tagħna. ([46])

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 7.14 — Eżempju ta' proġett li kien jinkludi elementi mhux essenzjali***

*Il-proġett inkwistjoni, appoġġat skont il-miżura tal-forestrija 227 "Investimenti mhux produttivi", qed jiġi investigat mir-Reġjun. L-Awtorità ta' Ġestjoni Reġjonali" sa isa ma ħallsitx il-bilanċ finali tal-proġett u bi ħsiebha timplimenta tnaqqis dovut għall-kontroll imwettaq.*

**7.74.** *Għall-perjodu 2014-2020, il-kriterji tal-għażla għandhom jiġu stabbliti għall-miżuri kollha minbarra dawk relatati maż-żona u mal-annimali. Il-prinċipji tal-kriterji tal-għażla, konformi mal-istrateġija u l-objettivi tal-politika, għandhom jiġu stabbiliti fil-programm. L-applikazzjonijiet se jiġu vvalutati u klassifikati skont kriterji tal-għażla speċifiċi li l-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jiġi kkonsultat dwarhom. Il-livell limitu minimu għandu jiġi stabbilit għall-applikazzjoni tal-kriterji tal-għażla sabiex jiġi evitat il-finanzjament ta' proġetti mhux tajbin.*

([46]) Ara pereżempju r-Rapport Speċjali Nru 8/2012 "Identifikazzjoni ta' għajnuna għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli", ir-Rapport Speċjali Nru 1/2013 "L-appoġġ tal-UE lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel kien effettiv u effiċjenti fiż-żieda tal-valur lill-prodotti agrikoli?", u r-Rapport Speċjali Nru 6/2013 "L-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz bil-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali?" (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Figure 7.15 — Eżempji ta' mmirar u għażla**

Fl-Italja (il-Campania), l-aġenzija tal-pagamenti fetħet sejħa għal proposti b'baġit ta' EUR 25 miljun taħt il-miżura "modernizzar ta' azjendi agrikoli". L-aġenzija tal-pagamenti applikat kriterji tal-għażla differenti fir-rigward tal-benefiċjarju (eż. kriterji fuq bdiewa żgħażagħ, bilanċ bejn is-sessi), l-azjenda (eż. kriterji dwar azjendi li jkunu jinsabu f'żoni żvantaġġati jew li jipproduċu prodotti ta' kwalità) u l-proġett (eż. kriterji fuq sinerġiji ma' miżuri oħra, innovazzjoni eċċ.). L-awtoritajiet Taljani stabbilixxew ukoll soll minimu minn qabel biex proġett jintgħażel. F'dan il-każ, l-awtoritajiet Taljani taw prijorità ogħla għall-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba milli għall-infiq.

Fl-Ungerija, l-objettivi tal-miżura "modernizzar ta' azjendi agrikoli" jinkludu tliet oqsma ġenerali (ameljorament, diversifikazzjoni u konformità mal-istandards). Is-sottomiżura awditjata kienet immirata lejn azjendi tal-annimali ta' ċertu daqs minimu. Ma kienx hemm prijoritizzazzjoni oħra jew immirar ġeografiku tal-għajnuna.

Il-programm tal-iżvilupp rurali qasam il-baġit li kien disponibbli f'ammonti li jsiru disponibbli perjodikament lill-applikanti. Għalkemm l-awtoritajiet Ungeriżi ddefinixxew il-kriterji tal-għażla, huma ma użawhomx. Is-sejħa għal proposti għall-proġett awditjat infetħet fis-16 ta' Diċembru 2013, għal baġit ta' EUR 10 miljun. L-awtoritajiet Ungeriżi ffinanzjaw il-proġetti fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel. L-aħħar proġett li ġie aċċettat kien ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2013, tliet ijiem biss wara l-ftuħ tas-sejħa.

F'dan il-każ, il-proċess tal-għażla ma ħax inkunsiderazzjoni l-impatt potenzjali tal-proġetti. L-approċċ osservat fl-Ungerija jippermetti lill-aġenzija tal-pagamenti tiffinanzja proġetti b'valur miżjud aktar baxx, għas-sempliċi raġuni li dawn jiġu ppreżentati qabel proġetti oħra b'valur miżjud ogħla.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 7.15 — Eżempji ta' mmirar u għażla***

*Il-valur miżjud ta' proġetti jiġi kkunsidrat bħala parti mill-kontrolli tal-eliġibilità. Fit-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, f'Diċembru 2014, l-awtoritajiet Ungeriżi ma użawx l-istess sistema ta' għażla bħal dik matul is-snin preċedenti. L-objettiv kien li jiġu appoġġati l-investimenti li jistgħu jintemmu qabel tmiem l-2015.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.75. Għad-59 proġett ta' investiment li ġew eżaminati, aħna vvalutajna jekk il-miri ta' Ewropa 2020 bħall-innovazzjoni jew l-enerġija rinovabbli kinux ġew ikkonkretizzati f'elementi operazzjonali għall-proċeduri ta' mmirar u ta' għażla ([47]). Aħna sibna li dan kien il-każ f'51 % biss tal-proġetti eżaminati, minkejja l-fatt li kważi lkoll (57 minn 59) kienu ġew approvati wara l-adozzjoni tal-miri ta' Ewropa 2020. Fil-***Figure 7.16*** jingħataw eżempji ta' prattika tajba u prattika ħażina.

**Figure 7.16 — Eżempji ta' rabtiet mal-prijoritajiet tal-UE**

Fl-Italja (il-Campania), aħna awditjajna proġett b'valur ta' kważi EUR 100 000 taħt il-miżura "investimenti mhux produttivi". Il-proġett kien jikkonsisti fil-bini mill-ġdid ta' ħitan tal-ġebel niexef, b'ġebel li ġie rkuprat minn ħajt ta' daqs simili li kien jeżisti qabel, bil-għan li jiġu rikostitwiti elementi tal-pajsaġġ rurali. Għal dan il-każ, aħna ma identifikajniex rabta mal-ebda wieħed mill-objettivi tal-Istrateġija UE 2020.

F'dan ir-reġjun, aħna awditjajna wkoll proġett li ntgħażel abbażi tal-proċedura li hija deskritta fil-***Figura 7.15***. Il-proġett kien jinkludi investimenti f'sistema ta' tisqija ġdida, żona għall-ġbir tal-ilma tax-xita u pannelli fotovoltajċi. Il-proġett jikkontribwixxi għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-effiċjenza enerġetika, li hija waħda mill-ħames miri ewlenin tal-Istrateġija UE 2020.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.75.** *Il-proġetti magħżula mill-awtoritajiet nazzjonali matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 ma għandhomx jiġu vvalutati mal-objettivi ta' Ewropa 2020 peress li dawn ma ġewx iddefiniti meta ġie adottat il-qafas ġuridiku tal-perjodu ta' programmar (fl-2005). Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa riżultat pożittiv li l-miri ta' Ewropa 2020 ġew riflessi f'51 % tal-proġetti rieżaminati.*

*Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-prijoritajiet għall-iżvilupp rurali kif stabbiliti għall-2014-2020 jirriflettu l-objettivi tematiċi tal-Ewropa 2020 fil-kuntest speċifiku tal-politika għall-iżvilupp rurali.*

*Il-qafas ġuridiku tal-FAEŻR jistabbilixxi rabta ċara: il-kontribut għal Ewropa 2020 għandu jsir permezz ta' sitt prijoritajiet li min-naħa tagħhom jinqasmu f'oqsma ta' attenzjoni. Dan ir-rekwiżit huwa rifless b'mod sħiħ fl-istruttura tal-programmi tal-FAEŻR. Il-progress lejn il-miri stabbiliti għall-oqsma ta' prijorità/attenzjoni jiġi sorveljat fir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-objettivi tematiċi, fid-dokumenti ta' gwida ġew mehmuża tabelli ta' korrispondenza.*

***Figura 7.16 — Eżempji ta' rabtiet mal-prijoritajiet tal-UE***

*Il-bini mill-ġdid ta' ħitan tal-ġebel niexef huwa azzjoni koperta, skont il-perjodu ta' programmar tal-iżvilupp rurali 2007-2013, mill-miżura 216, bl-objettivi tal-protezzjoni tal-art u l-konservazzjoni tal-bijodiversità. L-investiment huwa rilevanti fir-rigward ta' dawk l-objettivi u konformi mal-istrateġija tal-bijodiversità tal-UE għall-2020 (COM/2011/0244 final).*

*Il-bijodiversità, l-enerġija rinovabbli u l-ġestjoni tal-ilma huma marbutin mill-qrib ma' xulxin u kollha kemm huma jikkontribwixxu għall-isfidi tat-tibdil fil-klima.*

([47]) Biex jitkejjel il-progress fl-ilħuq tal-miri ta' Ewropa 2020, ġew maqbula għall-UE kollha ħames miri ewlenin relatati mal-Impjieg, ir-Riċerka u l-iżvilupp/l-Innovazzjoni, it-Tibdil fil-klima/l-Enerġija, l-Edukazzjoni, u l-Faqar/l-Esklużjoni soċjali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Konklużjoni

7.76. L-eżaminar li wettaqna ta' aspetti tal-prestazzjoni għal proġetti ta' investiment tal-iżvilupp rurali wera li l-biċċa l-kbira mill-investimenti twettqu kif kien ippjanat. Madankollu, aħna sibna defiċjenzi fl-immirar u nuqqas ta' evidenza li l-ispejjeż kienu raġonevoli. Fil-proġetti eżaminati, l-Istati Membri ma ħadux inkunsiderazzjoni biżżejjed il-prijoritajiet tal-UE. Għal dawn il-kwistjonijiet aħna ma nnutajniex li sar titjib meta mqabbel mas-sena li għaddiet.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.76.** *Il-Kummissjoni identifikat dgħufijiet simili fil-valutazzjoni tal-Istati Membri tar-raġonevolezza tal-ispejjeż fil-qafas tal-proċeduri ta' konformità tal-awditjar, filwaqt li fejn ikun rilevanti tapplika korrezzjonijiet finanzjarji rilevanti sabiex tipproteġi l-baġit tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat gwida dwar il-kontrolli u s-sanzjonijiet fl-ambitu tal-iżvilupp rurali, inkluż il-lista ta' kontroll biex tivvaluta r-raġonevolezza tal-ispejjeż żviluppati mill-Qorti tal-Awdituri fl-SR 22/14. Il-Kummissjoni, finalment, qed tirrakkomanda l-użu ta' għażliet għal spejjeż simplifikati taħt il-miżuri ta' investiment, li jistgħu jikkontribwixxu biex jiġi evitat dan it-tip ta' irregolarità.*

*Fir-rigward tal-immirar, il-Kummissjoni tinnota li dan jiġi żgurat permezz ta' loġika ta' intervent tal-politika u l-programmi: operazzjonijiet appoġġjati mill-FAEŻR (proġetti) għandhom ikunu konformi mal-objettivi tal-miżura programmata fil-PŻR, bl-applikazzjoni ta' kriterji tal-għażla adegwati. Il-miżuri jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-iżvilupp rurali, li huma konsistenti u jirriflettu l-istrateġija EU2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (ara l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013). Is-Sistema ta' Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tiffaċilita l-intraċċar tar-riżultati u tevalwa l-impatti tal-istrateġiji ġenerali (PAK u EU2020).*

ANNESS 7.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "RIŻORSI NATURALI"*

| | 2015 [1] | 2014 [2] | 2014 mingħajr kundizzjonalità |
|---|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | |
| Agrikoltura: Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta | **180** | 183 | |
| Żvilupp Rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd | **179** | 176 | |
| **Total tat-tranżazzjonijiet "Riżorsi Naturali"** | **359** | 359 | |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | |
| Livell ta' żball stmat: Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta | **2,2 %** | 2,9 % | 2,2 % |
| Livell ta' żball stmat: Żvilupp Rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd | **5,3 %** | 6,2 % | 6,0 % |
| Livell ta' żball stmat: "Riżorsi Naturali" | **2,9 %** | 3,6 % | 3,0 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 4,5 % | | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 1,3 % | | |

(1) Il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball għall-Agrikoltura: Appoġġ tas-suq u għajnuna diretta huma: 0,8 u 3,6 %.
Il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball għal Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd huma: 2,7 u 7,9 %.

(2) Ir-riżultati għall-2014 jinkludu l-kwantifikazzjoni ta' żbalji tal-kundizzjonalità, li mhuwiex il-każ għall-2015. Dawn l-iżbalji kellhom impatt ta' 0,6 punti perċentwali għal "Riżorsi Naturali" fl-intier tiegħu, 0,7 punti perċentwali għall-valutazzjoni speċifika dwar għajnuna diretta u appoġġ għas-suq u 0,2 punti perċentwali għall-valutazzjoni speċifika dwar żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd. Ara l-paragrafi 1.15 u 7.7, 7.15, 7.18 u 7.25 tar-Rapport Annwali 2014 tagħna.

ANNESS 7.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "RIŻORSI NATURALI"*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimenta-ta bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux impli-mentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza in-suffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | 3.46. *Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda li:* | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1:** il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jintuża l-potenzjal sħiħ tas-SIAK. Dan jinkludi sforzi partikolari biex jiżguraw li:<br>— l-eliġibbiltà u d-daqs tal-ħbula agrikoli, b'mod partikolari ta' mergħat permanenti, jiġu vvalutati u rreġistrati b'mod korrett mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-kriterji applikabbli tal-UE permezz ta' analiżi komprensiva tal-ortoimmaġnijiet l-aktar reċenti (ara l-paragrafi 3.9, 3.10 u 3.20);<br>— tittieħed azzjoni korrettiva immedjata mill-Istati Membri fejn is-SIAK tinstab li tkun milquta minn żbalji sistemiċi, speċjalment fir-rigward ta' trattament amministrattiv skorrett ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna (ara l-paragrafu 3.15 u l-Kaxxa 3.5);<br>— il-kotba tad-debituri tal-Istati Membri jkun fihom informazzjoni sħiħa u affidabbli dwar l-ammonti u n-natura ta' djun u li proċeduri effettivi ta' rkupru/infurzar jiġu applikati mingħajr dewmien mhux dovut (ara l-paragrafi 3.24 u 3.25); | | X | | | | | *Il-Kummissjoni qed issegwi s-sitwazzjoni mill-qrib. meta d-dgħufijiet jippersistu, il-pjanijiet ta' azzjoni qed jiġu implimentati, u l-proċeduri ta' approvazzjoni ta' konformità għadhom għaddejjin.*<br>*Fir-Rapport annwali tagħha tal-2014, il-Qorti ma indirizzat ebda rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni rigward l-SIAK, u l-istess japplika għar-Rapport annwali tal-2015.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | **Rakkomandazzjoni 2:** il-Kummissjoni tiżgura li l-proċedura ta' rinforz tal-aċċertament tiġi applikata b'mod effettiv għat-titjib tal-kwalità u l-kumparabbiltà tax-xogħol imwettaq mill-korpi tal-awditjar u li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward tat-tnaqqis mhux ġustifikat tar-rata ta' spezzjonijiet fuq il-post, li sar mill-awtoritajiet Taljani (ara l-paragrafi 3.30 sa 3.35); | | | X | | | | *Il-Kummissjoni tikkunsidra din ir-rakkomandazzjoni bħala implimentata fil-maġġorparti tal-aspetti. Ir-rinforz tal-proċedura tal-livell ta' kunfidenza m'għadux jeżisti bħala tali.*<br><br>*Il-Kummissjoni introduċiet linji gwida għall-Korpi ta' Ċertifikazzjoni sabiex tipprovdi bażi affidabbli għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa.*<br><br>*2015 kienet l-ewwel sena li fiha l-Korpi ta' Ċertifikazzjoni ġew mitluba jipproduċu opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Il-Kummissjoni se tibbaża fuq l-esperjenza ta' din l-ewwel sena.*<br><br>*Rigward id-dgħufijiet speċifikament identifikati fl-Italja, il-proċedura ta' konformità attwali se tiżgura li kull dannu għall-interess finanzjarju tal-UE se jiġi korrett.* |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** il-Kummissjoni timmonitorja b'mod attiv l-applikazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi fir-rigward tad-defiċjenzi fis-sistema ta' kontroll applikabbli għall-għajnuna tal-UE għal gruppi tal-produtturi fil-Polonja (ara l-paragrafi 3.36 sa 3.38). | | X | | | | | *Il-Kummissjoni tikkunsidra din ir-rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ. Pjan ta' azzjonijiet ta' rimedju għadu għaddej u qed jiġi sorveljat mill-qrib mill-Kummissjoni. Dewmien fl-implentazzjoni skattaw sospensjoni tal-pagamenti. Proċedura ta' konformità li għadha għaddejja se tiżgura li l-interess finanzjarju tal-UE jiġi protett.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | 4.37. *Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda fil-qasam tal-iżvilupp rurali li:* | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1:** l-Istati Membri jwettqu aħjar il-kontrolli amministrattivi eżistenti tagħhom, billi jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-aġenziji tal-pagamenti, billi dan għandu l-potenzjal li jinqabdu u jiġu kkoreġuti l-biċċa l-kbira mill-iżbalji (ara l-paragrafi 4.8 u 4.20). B'mod partikolari għal miżuri ta' investiment, kontrolli amministrattivi għandhom jużaw l-informazzjoni kollha disponibbli biex jikkonfermaw l-eliġibbiltà tan-nefqa, tal-proġett u tal-benefiċjarju (inklużi l-azzjonisti kollha aħħarin) u l-konformità tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku mar-regoli nazzjonali u/jew tal-UE li huma applikabbli; | | | X | | | | *Il-Kummissjoni tiddiskuti miżuri biex ittejjeb il-kwalità tas-sistemi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll mal-Istati Membri f'laqgħat man-netwerk ta' tagħlim, fil-gruppi ta' ħidma ta' simplifikazzjoni ta' DĠ AGRI, fis-Sistema Konsultattiva għall-Farms (Farm Advisory System – FAS), fl-iskrining annwali tal-kwalità tal-LPIS u wkoll fil-konferenzi mad-Diretturi tal-PAs.*<br><br>*Il-qafas legali ġdid għall-PAK 2014-2020 jinkludi dispożizzjonijiet li jnaqqsu r-riskju ta' żball. Għall-iżvilupp rurali, diversi miżuri ġew magħquda flimkien u simplifikati, li naqqas l-għadd totali ta' miżuri. F'dan il-kuntest, id-dispożizzjonijiet ġew iċċarati, ir-regoli tal-eliġibbiltà ġew modifikati sabiex l-implimentazzjoni tkun eħfef u l-kundizzjonijiet kuntrattwali saru iktar flessibbli. Jistgħu jiġu applikati għażliet għal spejjeż simplifikati, jiġifieri skali ta' unitajiet tal-ispejjeż, somom sħaħ u finanzjament b'rata fissa sabiex il-proċessi tal-ikklemjar, l-amministrazzjoni u l-awditjar tar-rimborż għal pagamenti jsir aktar faċli għal kulħadd.*<br><br>*L-akkwist pubbliku huwa wieħed mill-elementi ċentrali fil-pjanijiet ta' azzjoni għall-iżvilupp rurali. Minkejja kollox, in-nonkonformità tal-akkwist ma tfissirx neċessarjament li 100 % tal-ispejjeż involuti jkunu ineliġibbli. Il-proġett bħala tali jista' jilħaq l-għan tiegħu u jipprovdi valur miżjud reali. Barra minn hekk, jiġi nnutat li linji gwida ġodda għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru fin-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nonkonformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, ġew adottati reċentement (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527).* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | **Rakkomandazzjoni 2:** il-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq tal-każijiet kollha fejn il-Qorti qabdet żbalji (bħalma ġie identifikat fil-paragrafi 4.14, 4.20 u 4.21, kif ukoll fil-paragrafu 4.16 għall-ambjent); | | | | | | X (1) | *Il-Kummissjoni ħadet nota li l-analiżi tal-QEA għadha għaddejja.*<br><br>*Skont ir-rimarki tal-QEA, fl-aħħar aġġornament tal-pjanijiet ta' azzjoni, il-Kummissjoni u s-sejbiet tal-awditjar tal-QEA huma segwiti b'mod aktar sistematiku. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-każijiet materjali kollha tad-DAS irrappurtati mill-Qorti huma segwiti mill-Kummissjoni, inkluż permezz tal-proċedura ta' konformità, jekk ikun xieraq. L-għadd ta' awditi fuq in-nefqa tal-FAEŻR imwettqa mill-Kummissjoni żdied ukoll b'mod sostanzjali ħafna.*<br><br>*Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ġew mitluba mill-Istati Membri u l-implimentazzjoni tagħhom qed tiġi ssorveljata mill-qrib mis-servizzi tad-DĠ AGRI. Fl-aħħar aġġornament tal-pjanijiet ta' azzjonijiet, il-Kummissjoni żgurat li s-sejbiet tal-awditjar tagħha stess u tal-QEA ġew segwiti b'mod aktar sistematiku. L-azzjonijiet huma marbuta mal-ħin u ssorveljati permezz ta' indikaturi adegwati.*<br><br>*L-uffiċċji ġeografiċi jsegwu l-kawżi prinċipali tal-iżbalji u jtaffu l-azzjonijiet f'Kumitati tal-Monitoraġġ, laqgħat ta' rieżami annwali mal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni, laqgħat bilaterali u emendi ta' programmi meta jkun rilevanti. Is-sejbiet tal-awditjar huma kkomunikati lill-uffiċċji ġeografiċi fuq bażi regolari sabiex jippermettulha jiddiskutu mal-Istati Membri bil-għan li titjieb l-implimentazzjoni tal-programmi.*<br><br>*Il-Kummissjoni, permezz tan-netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD), qed torganizza workshops speċifiċi dwar kwistjonijiet rilevanti bil-għan li tnaqqas ir-rata ta' żball u ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politika.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimenta-ta bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux impli-mentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza in-suffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | **Rakkomandazzjoni 3:** l-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni għall-indirizzar tar-rata għolja ta' żball fl-iżvilupp rurali huma kompleti, billi jinkludu r-reġjuni kollha u jindirizzaw il-miżuri kollha, b'mod partikolari l-miżuri ta' investiment, u jieħdu inkunsiderazzjoni s-sejbiet tal-awditjar tal-Kummissjoni u tal-Qorti (ara l-paragrafu 4.30); | | X | | | | | *Il-Kummissjoni diġà implimentat reazzjoni għar-rata għolja ta' żball.*<br><br>*Il-Kummissjoni tirrakkomanda sistematikament, bħala parti mill-proċedura ta' approvazzjoni, li l-Istati Membri itejbu s-sistemi ta' kontroll u jiżguraw implimentazzjoni aktar vigoruża tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sistematikament talbet lill-Aġenziji ta' Pagament ikkonċernati mir-riżervi biex jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet wara r-riżervi.*<br><br>*Meta n-nuqqasijiet jiġu identifikati mis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri, tittieħed azzjoni fuq żewġ livelli: l-ewwel nett permezz ta' ftuħ ta' proċeduri ta' approvazzjoni ta' konformità biex ikopru r-riskju finanzjarju għall-baġit tal-UE; it-tieni nett, kull meta jkun meħtieġ u adegwat, billi l-Istati Membri jintalbu jwaqqfu pjanijiet ta' azzjoni biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet.*<br><br>*Ġew mitluba pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni mill-Istati Membri kollha f'Jannar 2013 u l-implimentazzjoni tagħhom qed tiġi ssorveljata mill-qrib mis-servizzi ta' DĠ AGRI (cf. id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-kawżi prinċipali tal-iżbalji fl-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp rurali u azzjonijiet korrettivi (SWD(2013)244)). Il-Qorti għarfet il-valur ta' dawn il-miżuri u tikkunsidra li huma pass fid-direzzjoni t-tajba biex jindirizzaw il-kawżi tal-iżbalji (ara r-Rapport Speċjali Nru 23/2014 dwar l-iżbalji fin-nefqa tal-iżvilupp rurali). Fl-aħħar aġġornamenti tal-pjanijiet ta' azzjoni, il-Kummissjoni żgurat li s-sejbiet tal-awditjar tagħha stess u tal-QEA kienu segwiti b'mod aktar sistematiku. Fir-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-Rapport Speċjali Nru 23/2014, il-Qorti ddikjarat li għandhom jittieħdu l-azzjonijiet preventivi u korrettivi li ġejjin mill-Istati Membri meta jkun rilevanti. Il-Kummissjoni, għalhekk, ma tikkunsidrax li l-pjanijiet ta' azzjoni jridu jsiru għar-reġjuni u għall-miżuri kollha iżda jsiru biss meta jkunu ġew identifikati nuqqasijiet.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | *u għall-PAK fl-intier tagħha li:* | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** il-Kummissjoni tiddokumenta kif hija tikkalkula l-infiq kopert mill-awditi tal-konformità tagħha (ara l-paragrafu 4.24). | | | X | | | | *Il-Kummissjoni se tkompli tirraporta dwar il-kopertura tal-awditjar fl-AAR tagħha.* |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** il-Kummissjoni tieħu passi biex tkompli tnaqqas l-ammont ta' fajls tal-awditjar miftuħa li huma pendenti, biex b'hekk tippermetti li l-awditi kollha mwettqa qabel l-2012 jingħalqu sa tmiem l-2015 (ara l-paragrafu 4.27). | | X | | | | | *Fi tmiem Ġunju 2016, baqa' biss 20 fajl pendenti.* |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** il-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-approċċ tagħha għall-kalkolu tar-RER billi tiżgura li hija tieħu inkunsiderazzjoni l-infiq u l-aġenziji tal-pagamenti kollha (ara l-paragrafu 4.29). | | X | | | | | *Il-Kummissjoni tikkunsidra r-rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ. Il-metodoloġija biex tiġi stmata r-rata ta' żball aġġustata tinstab dettaljata fl-Anness 4 tal-AAR ta' DĠ AGRI. Barra minn hekk, wara r-rakkomandazzjoni tal-IAS, tfasslu proċeduri dettaljati dwar kif jiġi stmat l-ammont ta' riskju li fadal (c.f. Ares(2014) 2509210 – 29/07/2014). Dawn il-passi proċedurali ġew aġġornati fl-2015 u huma kumplimentati minn dokumentazzjoni addizzjonali dwar il-mudell konċettwali sottostanti tal-istima tar-rata ta' żball ta' DĠ AGRI fil-livell ta' kull aġenzija tal-pagamenti.* |
| | 4.38. *Barra minn hekk, il-Qorti tirrakkomanda li:* | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 7:** il-korrezzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri li jikkonċernaw il-Fond Ewropew għas-Sajd jiġu appoġġati minn evidenza tal-validazzjoni tagħhom (ara l-paragrafu 4.34). | X | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2012 | 3.37. *Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2012, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jżidu u jħaffu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li:* | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1:** l-eliġibbiltà tal-art, u b'mod partikolari l-mergħat permanenti tiġi rreġistrata kif xieraq fl-LPIS, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-erjas ikunu miksija kompletament jew parzjalment bil-blat, b'arbuxelli jew b'siġar jew buxxijiet densi jew fejn l-art tkun ilha abbandunata għal bosta snin. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni ssegwi s-sitwazzjoni: meta d-dgħufijiet jippersistu, qed jiġu implimentati pjanijiet ta' azzjoni, u proċeduri ta' approvazzjoni ta' konformità għadhom għaddejjin.*<br><br>*Fir-Rapport annwali tagħha tal-2014, il-Qorti ma indirizzat ebda rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni rigward l-SIAK, u l-istess japplika għar-Rapport annwali tal-2015.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** tittieħed azzjoni immedjata ta' rimedju fejn is-sistemi amministrattivi u ta' kontroll u/jew id-databases tas-SIAK jinstabu li jkunu defiċjenti jew skaduti. | | X | | | | | *Meta s-servizzi tal-Kummissjoni jiskopru problemi bħal dawn matul l-awditi tagħhom, huma jitolbu lill-Istat Membru biex jieħu azzjonijiet ta' rimedju. Meta l-problema tkun partikolarment akuta, l-Istat Membru huwa meħtieġ li jimplimenta pjan ta' azzjoni għal rimedju li jiġi segwit mill-qrib mis-servizzi. S'issa, tali pjanijiet instabu li huma effettivi ħafna. Il-Kummissjoni tiżgura wkoll li r-riskju finanzjarju għall-baġit tal-UE li jirriżulta minn tali nuqqas huwa kopert b'korrezzjonijiet finanzjarji imposti permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni ta' konformità.* |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** il-pagamenti jkunu bbażati fuq ir-riżultati tal-ispezzjonijiet u li l-ispezzjonijiet fuq il-post ikunu tal-kwalità meħtieġa biex l-erja eliġibbli tiġi ddeterminata b'mod affidabbli. | | | X | | | | *Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rakkomandazzjoni ġiet implimentata fil-maġġorparti tagħha. Il-Kummissjoni taqsam l-opinjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward u se tkompli tiffoka l-awditi tagħha fuq ir-riskju li l-art ineliġibbli ma tiġix skoperta qabel il-pagamenti. Se jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji meta jkun meħtieġ biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 4:** it-tfassil u l-kwalità tax-xogħol imwettaq mid-diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni b'appoġġ għad-dikjarazzjonijiet u l-istqarrijiet rispettivi tagħhom jipprovdu bażi affidabbli għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. | | | X | | | | *Il-Kummissjoni tkompli tagħmel rieżami tax-xogħol tal-Korpi ta' Ċertifikazzjoni permezz ta' analiżi tad-dokumenti relatati mal-approvazzjoni finanzjarja tal-kontijiet, kif ukoll missjonijiet ta' awditjar fil-Korpi ta' Ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, il-linji gwida meħtieġa għall-Korpi ta' Ċertifikazzjoni biex ikomplu x-xogħol tagħhom dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet għas-Sena Finanzjarja 2015, li għall-ewwel darba se jinkludu valutazzjoni tal-Legalità u r-Regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, ġew finalizzati fl-2014 u l-verżjoni finali ġiet ippreżentata uffiċjalment lill-Istati Membri f'Jannar 2015. Dan kien jinkludi linja gwida aġġornata li tindirizza d-Dikjarazzjoni ta' Ġestjoni riveduta.*<br><br>*Mill-2012 seħħu erba' Laqgħat ta' Grupp ta' Esperti fejn pew ippreżentati u diskussi dawn il-linji gwida. Sabiex jinkiseb livell ta' kunfidenza akbar fuq il-kwalità tax-xogħol tas-CBs, seħħew15-il missjoni fl-2015 li jivvalutaw ix-xogħol tas-CB fuq il-Legalità u r-Regolarità, b'mod partikolari li jiffokaw fuq il-kwalità tal-kontrolli fuq il-post tagħhom.*<br><br>*Seħħew laqgħat addizzjonali ta' Grupp ta' Esperti fl-2015 u l-2016 fejn inqasmu l-esperjenzi tax-xogħol fuq il-legalità u r-regolarità ta' tranżazzjonijiet.* |
| | 4.44. *Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2012, il-Qorti tirrakkommanda fil-qasam tal-iżvilupp rurali li:* | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1:** l-Istati Membri jwettqu aħjar il-kontrolli amministrattivi eżistenti tagħhom, billi jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-aġenziji tal-pagamenti, billi dan għandu l-potenzjal li jinqabdu u jiġu kkoreġuti l-biċċa l-kbira mill-iżbalji. | | | X | | | | *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjoni 1 għall-iżvilupp rurali tal-2013.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** il-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq tal-każijiet kollha fejn il-Qorti qabdet żbalji. | X | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 3:** il-Kummissjoni, fir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ AGRI, tapplika approċċ simili għall-FAEŻR bħalma għamlet għall-għajnuna diżakkoppjata skont l-erja, fejn il-Kummissjoni tieħu kont tar-riżultati tal-awditi tal-konformità tagħha stess fil-valutazzjoni tar-rata ta' żball għal kull aġenzija tal-pagamenti. | X | | | | | | |
| | *u għall-PAK fl-intier tagħha li:* | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** il-Kummissjoni tiżgura kopertura adegwata fl-awditi tal-konformità tagħha. | | | X | | | | *Il-Kummissjoni tipprova żżid il-kopertura tal-awditjar fl-ambitu tal-limiti tar-riżorsi disponibbli. Fil-qafas tal-istrateġija pluriennali tagħha, DĠ AGRI japplika programm kontinwu ta' awditjar ta' tliet snin minn Lulju 2014 abbażi tal-analiżi tar-riskju ċentrali u ddiżinjat b'mod li jimmassimizza l-kopertura tal-awditjar.* |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** il-Kummissjoni tindirizza d-dgħufijiet identifikati fl-awditi tal-konformità tagħha u l-problema persistenti ta' dewmien twil fil-proċedura ta' konformità fl-intier tagħha. | | X | | | | | *Il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb il-metodoloġija tal-awditjar u l-proċeduri tagħha. Barra minn hekk, hija se tkompli tagħmel sforzi, speċjalment fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-PAK, biex ittejjeb u tħaffef il-proċess filwaqt li żżomm f'moħħha l-ħtieġa li żżomm standards ta' kwalità u d-dritt tal-Istat Membru li jwieġeb. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014, applikabbli minn Jannar 2015, introduċa skadenzi obbligatorji għall-passi differenti tal-proċedura tal-awditjar. Ġew introdotti wkoll għodod ta' monitoraġġ rinforzati.*<br><br>*L-ammont ta' fajls pendenti kważi ġie kklerjat sa tmiem Ġunju 2016.* |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** il-Kummissjoni ttejjeb aktar il-metodu tagħha għad-determinazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji sabiex tieħu kont aħjar tan-natura u tal-gravità tal-ksur li nqabad. | X | | | | | | |

([1]) L-analiżi tagħna fir-rigard ta' din ir-rakkomandazzjoni għadha għaddejja.

KAPITOLU 8

# "Ewropa Globali" u "Sigurtà u ċittadinanza"

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 8.1 |
| Parti 1: "Ewropa Globali" | 8.2-8.38 |
| Deskrizzjoni qasira ta' "Ewropa Globali" | 8.3-8.9 |
| Oqsma ta' nfiq li huma inqas suxxettibbli għal żbalji | 8.6-8.9 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 8.10 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 8.11-8.21 |
| Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività u elementi oħra tal-kontroll intern | 8.22-8.32 |
| Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività | 8.22-8.28 |
| Dgħufijiet fis-sistemi li ġew żvelati permezz tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet | 8.29-8.31 |
| Valutazzjoni tas-sistemi tad-DĠ DEVCO | 8.32 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 8.33-8.38 |
| Il-konklużjoni għall-2015 | 8.33-8.34 |
| Rakkomandazzjonijiet | 8.35-8.38 |
| Parti 2: "Sigurtà u ċittadinanza" | 8.39-8.46 |
| Deskrizzjoni qasira ta' "Sigurtà u ċittadinanza" | 8.40-8.41 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 8.42 |
| Sommarju tal-osservazzjonijiet relatati mas-sistemi tad-DĠ HOME | 8.43-8.46 |

Anness 8.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Ewropa Globali"

Anness 8.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Ewropa Globali"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

8.1. Dan il-kapitolu fih żewġ partijiet. L-ewwel parti tippreżenta s-sejbiet tagħna għal "Ewropa Globali", u t-tieni parti tippreżenta s-sejbiet tagħna għal "Sigurtà u ċittadinanza".

## PARTI 1: "EWROPA GLOBALI"

8.2. Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2015 għal "Ewropa Globali" tingħata fil-***Figura 8.1***.

**Figura 8.1 — Intestatura 4 tal-QFP — "Ewropa Globali" — Informazzjoni ewlenija għall-2015**

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 7,9 |
| - *pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *4,7* |
| + *approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *3,7* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **6,9** |

([1]) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors:* Il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Deskrizzjoni qasira ta' "Ewropa Globali"

8.3. "Ewropa Globali" tkopri n-nefqa għall-azzjoni esterna kollha ("politika barranija") iffinanzjata mill-baġit tal-UE. Il-politiki esterni huma qasam importanti ta' azzjoni għall-UE ([1]) b'mod partikolari:

— fil-promozzjoni u difiża tal-valuri tal-UE 'l barra mill-UE bħad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

— fl-ipprojettar ta' politiki tal-UE b'appoġġ għall-indirizzar tal-isfidi globali ewlenin bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità, u l-protezzjoni tal-beni pubbliċi globali;

— fiż-żieda tal-impatt tal-kooperazzjoni tal-iżvilupp tal-UE, bil-għan ewlieni li tgħin sabiex jinqered il-faqar;

— fl-investiment fil-prosperità fit-tul u l-istabbiltà tal-viċinat tal-UE kemm permezz tal-preparazzjoni ta' pajjiżi kandidati għal sħubija kif ukoll permezz tal-politika tal-viċinat;

— fit-tisħiħ tas-solidarjetà Ewropea wara diżastri naturali jew diżastri magħmula mill-bniedem;

— fit-titjib tal-prevenzjoni u tar-riżoluzzjoni tal-kriżijiet, li tippreserva l-paċi u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali.

8.4. Id-direttorati ġenerali l-aktar sinifikanti li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit għall-azzjoni esterna huma d-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (id-DĠ DEVCO), id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (id-DĠ NEAR), id-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (l-ECHO) u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (l-FPI).

8.5. Il-pagamenti għal "Ewropa Globali" fl-2015 jammontaw għal EUR 7,9 biljun, iffinanzjati taħt bosta strumenti (ara l-***Figura 8.1***) u metodi ta' twassil ([2]), u applikati f'aktar minn 150 pajjiż. Ir-regoli u l-proċeduri spiss huma kumplessi, inklużi dawk għas-sottomissjoni ta' offerti u għall-għoti ta' kuntratti.

---

([1]) KUMM(2011) 500 finali (Baġit għall-Ewropa 2020 — il-Parti II": Dossiers dwar il-politiki).

([2]) Azzjonijiet esterni jistgħu, b'mod partikolari, jiffinanzjaw kuntratti ta' akkwist, għotjiet, self speċjali, garanziji ta' self u assistenza finanzjarja, appoġġ baġitarju u forom speċifiċi oħra ta' għajnuna baġitarja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Oqsma ta' nfiq li huma inqas suxxettibbli għal żbalji*

8.6. F'żewġ oqsma n-natura tal-finanzjament u l-kundizzjonijiet ta' pagament jillimitaw il-punt sa fejn it-tranżazzjonijiet huma suxxettibbli għal żbalji. Dawk l-oqsma huma l-appoġġ baġitarju ([3]) u l-applikazzjoni tal-hekk imsejħa "approċċ nozzjonali" f'azzjonijiet b'multidonaturi li jiġu implimentati minn organizzazzjoni internazzjonali ([4]).

**Appoġġ baġitarju**

8.7. L-appoġġ baġitarju jikkontribwixxi għall-baġit ġenerali ta' Stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx ikkonformat mal-kundizzjonijiet speċifiċi biex isiru pagamenti relatati mal-appoġġ baġitarju lill-pajjiż sieħeb ikkonċernat u jekk ivverifikatx li kienu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà (bħal progress sodisfaċenti fil-ġestjoni finanzjarja tas-settur pubbliku).

8.8. Madankollu, id-dispożizzjonijiet legali joffru ambitu wiesa' għall-interpretazzjoni u l-Kummissjoni għandha flessibbiltà konsiderevoli biex tiddeċiedi jekk dawn il-kundizzjonijiet ġenerali ġewx issodisfati. L-awditu tagħna tar-regolarità ma jistax imur lil hinn mill-istadju li fih l-għajnuna titħallas lill-pajjiż sieħeb. Il-fondi trasferiti mbagħad jingħaqdu mar-riżorsi baġitarji tal-pajjiż riċevitur. Kwalunkwe dgħufija fil-ġestjoni finanzjarja tiegħu li twassal għal użu ħażin fil-livell nazzjonali mhijiex se tiġġenera żbalji fl-awditu tagħna tar-regolarità.

**Approċċ nozzjonali**

8.9. Fejn il-finanzjament mill-UE jkun suġġett għal rekwiżiti speċifiċi rigward l-eliġibbiltà tal-ispejjeż, aħna nivvalutaw jekk dawk ir-rekwiżiti jkunux ġew issodisfati. Meta l-kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni għal proġetti b'multidonaturi jingabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jiġux assenjati għal partiti speċifiċi u identifikabbli tal-infiq, il-Kummissjoni tassumi li jkun hemm konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE dment li l-ammonti miġburin flimkien ikunu jinkludu biżżejjed infiq eliġibbli biex tiġi koperta l-kontribuzzjoni mill-UE. Dan l-approċċ, kif applikat mill-Kummissjoni, jillimita x-xogħol tal-awdituri meta jkun hemm kontribuzzjonijiet sostanzjali minn donaturi oħra, li l-Kummissjoni mbagħad tqis bħala biżżejjed biex ikopru kwalunkwe nfiq ineliġibbli li seta' nstab minna.

---

([3]) Pagamenti relatati mal-appoġġ baġitarju li ġew iffinanzjati mill-baġit ġenerali fl-2015 ammontaw għal EUR 840 miljun.

([4]) Il-pagamenti lil organizzazzjonijiet internazzjonali mill-baġit ġenerali fl-2015 ammontaw għal EUR 1,7 biljun. Ma jistax jiġi pprovdut il-proporzjon ta' dan l-ammont li għalih japplika l-approċċ nozzjonali, peress li l-Kummissjoni ma timmonitorjahx separatament.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

8.10. L-***Anness 1.1*** jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna. Għall-awditu ta' "Ewropa Globali", jenħtieġ li jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) Aħna eżaminajna kampjun ta' 156 tranżazzjoni kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu7. Il-kampjun huwa maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq taħt l-intestatura tal-QFP. Fl-2015, il-kampjun kien jikkonsisti f'64 tranżazzjoni approvati mid-Delegazzjonijiet tal-UE fi 12-il Stat benefiċjarju ([5]) u 92 tranżazzjoni approvati mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni, li minnhom 36 ġew implimentati f'żoni ta' kriżi umanitarja permezz tas-sħab tal-ECHO.

(b) Fejn qbadna żbalji, aħna eżaminajna s-sistemi rilevanti biex nidentifikaw dgħufijiet speċifiċi fis-sistemi.

(c) Aħna vvalutajna r-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ DEVCO u d-DĠ NEAR.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

8.11. L-***Anness 8.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-156 tranżazzjoni eżaminati, 40 (26 %) kienu milquta minn żball ([6]). Abbażi tat-30 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 2,8 % ([7]).

8.12. Meta, mill-kampjun awditjat, jiġu esklużi s-7 tranżazzjonijiet tal-appoġġ baġitarju u t-23 tranżazzjoni tal-approċċ nozzjonali msemmija fil-paragrafi 8.6 sa 8.9, mill-kampjun awditjat ta' 156 tranżazzjoni, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 3,8 % ([8]).

8.13. F'seba' każijiet ta' żbalji kwantifikabbli, il-Kummissjoni kellha informazzjoni suffiċjenti biex tipprevjeni, jew biex taqbad u tikkoreġi l-iżbalji qabel ma taċċetta l-infiq. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat għall-prevenzjoni, jew għad-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji, il-livell ta' żball stmat kien ikun aktar baxx b'punt perċentwali wieħed ([9]). F'disa' tranżazzjonijiet oħra, aħna sibna żbalji li kien imisshom inqabdu mill-awdituri maħtura mill-benefiċjarji. Dawn il-każijiet jikkontribwixxu 0,6 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

([5]) L-Afganistan, l-Albanija, l-Ażerbajġan, il-Bożnija-Ħerzegovina, iċ-Ċina, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Moldova, il-Myanmar, il-Palestina, it-Tanzanija, it-Tuneżija.

([6]) Xi tranżazzjonijiet kienu milquta minn aktar minn żball wieħed. B'kollox, aħna rrappurtajna 46 żball.

([7]) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tal-livell ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1,0 % u 4,6 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

([8]) 126 tranżazzjoni, limitu inferjuri tal-iżball (LEL) 1,6 % u limitu superjuri tal-iżball (UEL) 6,0 %, b'fiduċja ta' 95 %.

([9]) Għal 0,9 % (ħames każijiet) il-Kummissjoni għamlet l-iżball hi stess u għal 0,1 % (żewġ każijiet) l-iżball sar mill-benefiċjarji.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.14. Il-***Figura 8.2*** tippreżenta l-punt sa fejn tipi differenti ta' żbalji kkontribwew għal-livell ta' żball stmat minna għall-2015.

**Figura 8.2 — "Ewropa Globali" — Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.15. It-tip ta' żball l-aktar frekwenti (11-il każ minn 30), li jirrappreżenta 32 % tal-livell ta' żball stmat, jikkonċerna infiq ineliġibbli. Dan jikkonsisti fi nfiq relatat ma' attivitajiet li mhumiex koperti minn kuntratt (ara l-***Figura 8.3***) jew li ġġarrab barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà, nuqqas ta' konformità mar-regola tal-oriġini, taxxi ineliġibbli u spejjeż indiretti ddebitati b'mod żbaljat bħala spejjeż diretti.

**Figura 8.3 — Infiq ineliġibbli: attivitajiet mhux koperti minn kuntratt**

*Id-DĠ DEVCO — il-Myanmar*

Aħna eżaminajna l-infiq li l-Kummissjoni ddikjarat u aċċettat, għal kontribuzzjoni għal organizzazzjoni internazzjonali li ġiet stabbilita biex jitnaqqas l-użu tad-droga li tiġi injettata, u l-konsegwenzi dannużi ta' dan l-użu. Il-kontribuzzjoni tal-UE ammontat għal EUR 800 000.

L-organizzazzjoni internazzjonali li qed timplimenta l-azzjoni kienet ikklejmjat EUR 16 000 ta' spejjeż relatati mat-taħriġ tal-persunal. Billi t-taħriġ ma kienx kopert mill-ftehim ta' kontribuzzjoni, l-ispejjeż huma ineliġibbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 8.3 — Infiq ineliġibbli: attivitajiet mhux koperti minn kuntratt***

Id-DĠ DEVCO — il-Myanmar

*Ittra ta' informazzjoni minn qabel għall-irkupru diġà ntbagħtet lill-organizzazzjoni.*

*Rigward spejjeż oħra, id-Delegazzjoni se tkompli tiżgura li s-sħab ta' implimentazzjoni u l-maniġers tal-proġetti jkunu konxji li r-rapporti finanzjarji ppreżentati għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-ftehim relevanti. Rigward it-tqassim tal-ispejjeż matul il-perjodu tal-proġett, se tingħata attenzjoni partikolari meta jinstab li hemm konċentrazzjoni fil-bidu/fl-aħħar.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.16. 33 % tal-livell ta' żball stmat jirrappreżenta sitt każijiet li għalihom il-Kummissjoni aċċettat (u f'xi każijiet approvat) infiq li ma ġġarrabx fil-mument li fih il-Kummissjoni aċċettatu (ara l-***Figura 8.4***).

**Figura 8.4 — Spejjeż li fir-realtà ma ġġarrbux għall-azzjoni**

*L-ECHO — bosta pajjiżi (ir-Repubblika Għarbija Sirjana, il-Ġordan, il-Libanu)*

Aħna eżaminajna l-infiq li l-Kummissjoni ddikjarat u aċċettat, għal għotja għal organizzazzjoni umanitarja li giet stabbilita biex twieġeb għall-kriżi Sirjana. L-għotja tal-UE ammontat għal EUR 5 800 000.

Parti mill-ispejjeż tal-azzjoni kienet relatata mat-trasport tal-ikel. L-organizzazzjoni umanitarja bi żball iddebitat lill-UE EUR 8 500 għat-trasport tal-ikel għal azzjoni ffinanzjata minn donatur ieħor.

*L-FPI — kwartieri ġenerali*

Aħna eżaminajna l-infiq li l-Kummissjoni ddikjarat u aċċettat, għal għotja għall-appoġġ tan-nonproliferazzjoni ta' missili ballistiċi. L-azzjoni, b'baġit ta' EUR 930 000, ġiet iffinanzjata kompletament mill-FPI.

Il-benefiċjarju, fondazzjoni tar-riċerka bbażata fl-Ewropa, iddebita spejjeż stmati għall-persunal li qabżu l-ammont tal-ispejjeż li fil-fatt iġġarrbu.

8.17. 14 % tal-livell ta' żball stmat (tmien każijiet) huwa dovut għal infiq li għalih ma ġietx ipprovduta dokumentazzjoni essenzjali ta' sostenn.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 8.4 — Spejjeż li fir-realtà ma ġġarrbux għall-azzjoni***

*Il-FPI — il-kwartieri ġenerali*

*L-FPI huwa msejjes fuq ir-rapporti ta' verifika dwar l-infiq qabel ma jsir il-pagament finali għall-għotjiet. Għalkemm ir-rapport għal dan il-kuntratt ma identifikax dan l-iżball partikolari, il-Kummissjoni kienet diġà identifikat l-iżball tal-benefiċjarju permezz tas-sistema tagħha ta' kontrolli* ex post.

*L-FPI se jieħu wkoll miżuri biex itejjeb is-sistema attwali tiegħu għar-rapporti ta' verifika dwar l-infiq, billi jsewi l-eżempju tad-DĠ DEVCO.*

*Il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tirkupra l-fondi li mhumiex eliġibbli, bil-ħsieb li tipproteġi b'mod effettiv l-interessi finanzjarji tal-UE.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.18. Każ wieħed huwa relatat mal-kategorija ta' benefiċjarji ineliġibbli (ara l-***Figura 8.5***).

| Figura 8.5 — Benefiċjarju ineliġibbli |
|---|
| *L-EACEA — l-Ażerbajġan* |
| Aħna eżaminajna l-infiq għal ammont ta' EUR 16 500 li l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (l-EACEA) iddikjarat u aċċettat, għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ. L-għotja tħallset lil klabb taż-żgħażagħ, li ma stajniex nittraċċaw sabiex inwettqu eżaminar tad-dokumenti ta' sostenn. |

8.19. 7 % tal-livell ta' żball stmat irriżulta minn erba' każijiet fejn il-benefiċjarju ma kienx ikkonforma mar-regoli dwar l-akkwist.

8.20. Minbarra l-iżbalji li kkwantifikajna, aħna identifikajna 16-il żball mhux kwantifikabbli relatati man-nuqqas ta' konformità ma' obbligi legali jew kuntrattwali.

8.21. Is-seba' tranżazzjonijiet tal-appoġġ baġitarju eżaminati ma kien fihom l-ebda żball ta' regolarità (ara wkoll ir-Rapport Annwali 2015 dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, il-paragrafu 38).

## Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività u elementi oħra tal-kontroll intern

*Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività*

8.22. Filwaqt li segwejna approċċ b'sistema ta' rotazzjoni fil-qasam ta' "Ewropa Globali" ([10]), aħna eżaminajna r-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tad-DĠ NEAR.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

| *Figura 8.5 — Benefiċjarju ineliġibbli* |
|---|
| EACEA — l-Ażerbajġan |
| *Wara din is-sejba, li tindika irregolaritajiet/attivitajiet frodulenti, il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet u segwiet ir-regoli u l-proċeduri applikabbli kif ukoll infurmat lill-korp rilevanti (OLAF). Il-Kummissjoni ħadet ukoll l-azzjonijiet meħtieġa biex tirkupra l-fondi li jkunu tħallsu.* |

([10]) Fis-snin preċedenti aħna eżaminajna r-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tal-ECHO u r-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tal-FPI.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.23. Fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiegħu għall-2015, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ NEAR iqis li, għaż-żewġ strumenti finanzjarji mmaniġġjati mid-DĠ NEAR (l-ENI, l-IPA), l-esponiment finanzjarju mill-ammont f'riskju huwa taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 % ([11]) u r-rata medja ta' żball determinata ([12]) għad-DĠ kollu hija ta' 1,12 %. Din id-dikjarazzjoni mhijiex konsistenti max-xogħol tal-awditjar tagħna. Billi din kienet l-ewwel sena ta' operat għad-DĠ NEAR, huwa żviluppa metodoloġiji ġodda għall-kalkolu tar-rati ta' żball għall-programmi u l-modi ta' ġestjoni differenti. Fir-rapport tiegħu, id-DĠ NEAR jirrikonoxxi li jeħtieġ li jsir aktar titjib fl-approċċ applikat. L-analiżi li wettaqna tal-metodoloġiji differenti kienet limitata minn xi dewmien fil-preżentazzjoni ta' informazzjoni pprovduta mid-DĠ NEAR. Se titwettaq analiżi fil-fond għar-Rapport Annwali tal-Attività 2016.

8.24. Id-DĠ NEAR ikkalkula rata tal-iżball residwu (RER) għal 90 % tal-infiq tiegħu, u dan irriżulta fi tliet rati ([13]): RER għall-IPA taħt ġestjoni diretta, RER għall-IPA taħt ġestjoni indiretta bil-pajjiżi benefiċjarji u RER għall-ENI li jkopri l-modi kollha ta' ġestjoni. Għall-10 % tal-infiq li kien jifdal, id-DĠ NEAR uża sorsi oħra ta' aċċertament.

8.25. Id-DĠ NEAR kejjel kull waħda mit-tliet RERs fuq bażi differenti:

(a) Ir-RER għall-ENI (0,64 %) ġiet determinata minn kuntrattur estern li segwa metodoloġija simili għal dik applikata għar-RER tad-DĠ DEVCO ([14]).

(b) Id-DĠ NEAR ikkalkula r-RER għall-"IPA taħt ġestjoni diretta" (1,62 %) fuq il-bażi tal-kontrolli *ex post* proprji tiegħu fuq kampjun ta' tranżazzjonijiet.

([11]) L-ammont f'riskju huwa 0,84 % tal-pagamenti għall-ENI u 1,63 % tal-pagamenti għall-IPA.

([12]) Il-proporzjon tal-ammont totali f'riskju, diviż bl-ammont totali mħallas.

([13]) Id-DĠ NEAR identifika ħames ambjenti prinċipali ta' kontroll: akkwisti taħt ġestjoni diretta, għotjiet taħt ġestjoni diretta, appoġġ baġitarju taħt ġestjoni diretta, ġestjoni indiretta mill-pajjiż benefiċjarju, ġestjoni indiretta mill-entità fdata.

([14]) Aħna analizzajna t-tfassil ta' din il-metodoloġija fir-Rapport Annwali 2012 tagħna dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u sibni li, b'mod ġenerali, il-metodoloġija hija xierqa għall-iskopijiet tal-istudju.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

(c) Għall-metodoloġija tar-RER tiegħu għall-"IPA taħt ġestjoni indiretta mal-pajjiżi benefiċjarji", id-DĠ NEAR qagħad fuq l-awtoritajiet tal-awditjar tal-pajjiżi benefiċjarji. Madankollu, minħabba d-daqs insuffiċjenti tal-popolazzjonijiet, id-DĠ NEAR ikkomplementa r-riżultati b'RERs storiċi għal dan il-mod ta' ġestjoni. L-eżitu kien rata ta' żball b'firxa ta' 0,02 % — 1,84 % ([15]).

8.26. Il-mod ta' ġestjoni "ġestjoni indiretta mill-pajjiżi benefiċjarji" ikopri 37 % tal-pagamenti li saru taħt l-IPA. Aħna nqisu li l-kalkolu tar-RER tiegħu, li jikkombina riżultati mill-kampjunar mhux statistiku li twettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar mar-RER storika kkalkulata mid-DĠ NEAR, mhuwiex rappreżentattiv biżżejjed u ma jipprovdix informazzjoni preċiża biżżejjed dwar l-ammont ta' pagamenti f'riskju. Hemm riskju li l-kalkolu, li mhuwiex konformi bis-sħiħ mal-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni ([16]), jistma b'mod insuffiċjenti l-livell ta' żball u jista' għaldaqstant potenzjalment ikollu impatt fuq l-aċċertament ipprovdut mid-Direttur Ġenerali (eż. in-nuqqas potenzjali li jagħmel riżervi) ([17]).

**8.26.** *Il-pajjiżi li jaħdmu fl-ambjent tal-Ġestjoni Indiretta mal-Pajjiżi Benefiċjarji (IMBC) li għalihom ġiet kkalkulata RER, jiġifieri l-Kroazja, l-FYROM u t-Turkija, kellhom ambjent ta' kontroll stabbli għal dawn l-aħħar għaxar snin. Għalhekk id-DĠ ma kellu l-ebda evidenza dwar riskju ikbar f'dan l-ambjent. Il-qafas ta' kontroll inkluda l-100 % tal-kontrolli* ex ante *fuq il-proċeduri tal-offerti u l-akkwist u l-approvazzjoni bir-reqqa tal-kontijiet tal-pagamenti, flimkien ma' verifiki fuq il-post mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Awtoritajiet Nazzjonali, li ġew inkarigati mill-Kummissjoni wara proċess bir-reqqa ta' awditjar għall-inkarigu, għandhom il-kontrolli tagħhom kemm għall-fażijiet tal-għoti tal-kuntratti kif ukoll għall-pagamenti tal-proċedura. L-awtoritajiet tal-awditjar fil-pajjiżi jwettqu aktar kontrolli fuq it-tranżazzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali. Dan inissel ambjent ta' riskju baxx, kif ukoll wassal għal rata tal-żbalji taħt il-livell limitu ta' materjalità għal disa' snin sħaħ minn dawn l-aħħar għaxar snin.*

*L-2015 kienet l-ewwel sena li fiha ġiet mitluba l-opinjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar tal-pajjiżi. Peress li r-rata tal-iżbalji miksuba mill-pajjiżi kienet ferm inqas (0,02 %) mill-medja storika (inqas minn 2 %), u kienet ibbażata fuq kampjunar mhux statistiku, ġie elaborat valur ċentrali (0,91 %) abbażi tal-valur medju ta' bejn ir-RAA tal-2015 (0,02 %) u l-ogħla RER (1,84 %) li ġiet irrappurtata fir-RAA tal-2012 u li kien jirreferi għal kuntratti li jaqgħu fis-sena ta' programmar tal-2005. Dan kien maħsub sabiex jinżamm l-approċċ konservattiv u prudenti ta' dawn l-aħħar snin.*

*Dan kien ibbażat fuq l-Anness 2 tal-linji gwida tad-DĠ Baġit dwar il-kalkolu tal-RER, li jispjegaw il-passi li għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet bħal dawk deskritti hawn fuq.*

*B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li setgħet kienet meħtieġa riżerva, peress li l-livell ta' materjalità li fl-aħħar intlaħaq kien ta' anqas minn 2 %.*

([15]) Id-DĠ NEAR uża valur ċentrali ta' 0,91 % biex jikkalkula l-ammont f'riskju.

([16]) Il-gwida tad-DĠ BUDG dwar il-kalkolu tar-rati ta' żball għar-Rapporti Annwali tal-Attività fl-2015.

([17]) Aħna wasalna għall-istess konklużjonijiet rigward ir-rata tal-iżball residwu u l-ammont f'riskju għall-ġestjoni indiretta mill-pajjiżi benefiċjarji bħalma wasal għalihom is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni li analizza l-metodoloġija u l-kalkolu tar-rata tal-iżball residwu tad-DĠ NEAR għall-2015.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 8.27. Ma ġiet ikkalkulata l-ebda rata tal-iżball residwu għall-mod ta' ġestjoni "ġestjoni indiretta mill-entitajiet fdati" għall-IPA, li jkopri 15 % tal-pagamenti li saru taħt dan l-istrument fl-2015. | **8.27.** *Il-Kummissjoni tfakkar li minkejja li r-Rata tal-Iżbalji Residwi tal-IPA fl-2015 ma kinitx tkopri l-modalitajiet tal-ġestjoni tal-IMEE, dawn kienu koperti mis-sorsi ta' garanzija li ġejjin: (1) il-valutazzjonijiet tal-pilastri (2) ir-rappurtar regolari mill-entitajiet inkarigati kkonċernati (3) il-kontrolli fuq il-post (4) il-missjonijiet ta' verifika.*<br><br>*Il-Kummissjoni tkompli tisħaq li għall-2015, permezz tal-IMEE tal-IPA, l-94 % kien magħmul minn pagamenti ta' prefinanzjament.* |
| 8.28. Aħna eżaminajna wkoll ir-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tad-DĠ DEVCO, u r-riżultati huma ppreżentati fir-Rapport Annwali tagħna dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-paragrafi 49 sa 53. | |
| *Dgħufijiet fis-sistemi li ġew żvelati permezz tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet* | |
| 8.29. L-ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-qasam ta' "Ewropa Globali" żvela xi dgħufijiet fil-kontroll, fis-sistemi tal-Kummissjoni. Bħalma ġie ddikjarat fil-paragrafu 8.13, il-verifikazzjoni tal-infiq imwettqa minn awdituri maħtura mill-benefiċjarji f'xi każijiet naqset milli taqbad l-iżbalji, li wassal biex il-Kummissjoni taċċetta spejjeż ineliġibbli [18]. L-ittestjar tagħna identifika wkoll dewmien fil-validazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-pagament ta' nfiq mill-Kummissjoni. | **8.29.** *Id-DĠ DEVCO se japplika wkoll sistema ta' garanzija tal-kwalità għall-verifiki dwar l-infiq direttament ikkummissjonati mill-benefiċjarji. Madankollu, ġaladarba n-nuqqasijiet fis-sistema huma parzjalment marbutin ma' nuqqasijiet fit-Termini ta' Referenza għal dawn it-tipi ta' impenji, id-DĠ DEVCO l-ewwel se jirrevedi dawn it-Termini ta' Referenza. Ir-reviżjoni tat-Termini ta' Referenza se jinkludu, minbarra r-rekwiżiti msaħħin ta' kwalità, aktar attenzjoni ċara fuq ir-riżultati li huma utli għall-finijiet ta' garanzija.* |
| 8.30. Ħamsa mit-tranżazzjonijiet li eżaminajna huma relatati ma' kuntratti ta' ġemellaġġ [19], li kollha kemm huma ġew iffinanzjati taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija. Peress li l-kuntratti ta' ġemellaġġ jiġu mmudellati fuq il-kuntratti ta' għotja, huma suġġetti għar-rekwiżit ġenerali li ma jistgħux jiġġeneraw qligħ [20]. | |

[18] Mid-disa' każijiet irrappurtati fil-paragrafu 8.13, ħamsa jikkonċernaw id-DĠ NEAR, tlieta d-DĠ DEVCO u wieħed l-FPI.

[19] Il-ġemellaġġ huwa strument tal-UE għall-bini tal-istituzzjonijiet, żviluppat mill-Kummissjoni u bbażat fuq il-kooperazzjoni ta' sħubija bejn amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE u pajjiż benefiċjarju għall-kisba ta' riżultati obbligatorji li dwarhom ikun intlaħaq qbil konġunt mal-Kummissjoni.

[20] Prinċipju li jipprojbixxi l-profitt (qligħ) kif stabbilit bl-Artikolu 125(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 8.31. Aħna sibna li r-regoli speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni għall-istrument ta' ġemellaġġ li jikkonċerna spejjeż iddikjarati bħala somma f'daqqa u b'rata fissa ma jiddefinux limitu massimu għall-finanzjament, li l-iskop tiegħu huwa prinċipalment li jiġu koperti l-ispejjeż indiretti tas-sieħeb tal-Istat Membru. Għall-kuntratti awditjati, l-ammont ta' finanzjament b'rata fissa u somma f'daqqa kien ivarja minn 15 % sa 27 % tal-ispejjeż totali. Bi tqabbil ma' dan, il-limitu massimu għal spejjeż indiretti għall-kuntratti ta' għotja ġeneralment jiġi ssettjat f'livell ta' 7 % ([21]) u għaldaqstant hemm riskju li s-sieħeb tal-Istat Membru, inkarigat mill-implimentazzjoni, jiġġenera qligħ. | **8.31.** *Il-Kummissjoni qed tipprepara kemm aġġornament tal-Manwal dwar il-Ġemellaġġ kif ukoll Deċiżjoni tal-Kummissjoni ġdida. Is-sejba rrappurtata mill-Qorti se tittieħed inkonsiderazzjoni.* |

*Valutazzjoni tas-sistemi tad-DĠ DEVCO*

8.32. Aħna wettaqna valutazzjoni tas-sistemi tad-DĠ DEVCO, u r-riżultati dettaljati ta' xogħolna huma ppreżentati fir-Rapport Annwali tagħna dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-paragrafi 39 sa 53.

## Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

*Il-konklużjoni għall-2015*

8.33. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq fuq "Ewropa Globali" huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

([21]) L-Artikolu 124(4) tar-Regolament (UE Euratom) Nru 966/2012.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.34. Għal dan il-qasam tal-intestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat li kien preżenti fil-popolazzjoni huwa ta' 2,8 % (Ara l-***Anness 8.1***).

*Rakkomandazzjonijiet*

8.35. L-***Anness 8.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti ([22]). Fir-Rapporti Annwali 2012 u 2013, il-Qorti ppreżentat seba' rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ ħames rakkomandazzjonijiet, filwaqt li rakkomandazzjoni waħda ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u waħda oħra ġiet implimentata f'xi wħud mill-aspetti.

8.36. Ir-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet li wettaqna, urew, bħal fi snin preċedenti, li f'xi każijiet il-kontrolli għad-detezzjoni u l-prevenzjoni ta' żbalji f'kuntratti ta' għotja fallew ([23]). Fir-Rapport Annwali 2011 tagħna, aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni ttejjeb is-superviżjoni tal-għotjiet, u tennejna l-istess rakkomandazzjoni fir-Rapport Annwali 2014 tagħna. Aħna nirrikonoxxu l-fatt li d-DĠ DEVCO jinsab fil-proċess li jwaqqaf miżuri ġodda, bħall-monitoraġġ sistematiku u ż-żjarat fuq il-post iżda, billi dawn l-azzjonijiet għadhom mhumiex implimentati, l-impatt tagħhom jista' jiġi vvalutat biss fis-snin li ġejjin.

8.37. Kif hemm iddikjarat fil-paragrafu 8.29, l-ittestjar tagħna wera li l-kwalità tal-verifikazzjonijiet tal-infiq mill-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji mhijiex tal-istandard meħtieġ. Aħna nnutajna din id-dgħufija fl-awditi preċedenti tagħna u, fir-Rapport Annwali 2012 tagħna, irrakkomandajna li jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri biex ittejjeb il-kwalità tal-verifikazzjonijiet tal-infiq.

([22]) L-objettiv ta' dan is-segwitu kien li jiġu vverifikati l-introduzzjoni u l-eżistenza ta' miżuri korrettivi b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna, iżda mhux li jivvaluta l-effettività tal-implimentazzjoni tagħhom.

([23]) Mill-iżbalji li kkwantifikajna għall-2015, 84 % huma relatati ma' ftehimiet ta' għotja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.38. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjoni għall-2015, aħna nirrakkommandaw li:

— **Rakkomandazzjoni 1**: id-DĠ DEVCO u d-DĠ NEAR itejbu l-kwalità tal-verifikazzjonijiet tal-infiq ikkuntrattat mill-benefiċjarji, prinċipalment billi jintroduċu miżuri ġodda bħall-użu ta' grilja tal-kwalità biex jiċċekkjaw il-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-awdituri kkuntrattati mill-benefiċjarji u r-reviżjoni tat-termini ta' referenza tal-awdituri;

— **Rakkomandazzjoni 2**: id-DĠ NEAR jieħu azzjoni biex jiżgura li l-finanzjament li jitwassal permezz ta' strument ta' ġemellaġġ ikun skont ir-regola li tipprojbixxi l-qligħ u jaderixxi mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba;

— **Rakkomandazzjoni 3**: id-DĠ NEAR jirrivedi l-metodoloġija tar-RER sabiex jipprovdi informazzjoni li tkun statistikament preċiża dwar l-ammont f'riskju għal pagamenti mwettqa fil-qasam tal-IPA taħt ġestjoni indiretta.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1.*

*Hija diġà qiegħda tiżviluppa adattament tal-grilja ta' kwalità li tiġi applikata għall-awditi u għall-verifiki mwettqa mill-Kummissjoni, għall-karatteristiċi speċifiċi, għall-ħtiġijiet u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-verifiki dwar l-infiq imwettqa mill-benefiċjarji.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 2.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 3.*

## PARTI 2: "SIGURTÀ U ĊITTADINANZA"

8.39. "Sigurtà u ċittadinanza" tirrappreżenta parti żgħira, iżda li dejjem qed tiżdied, mill-baġit tal-UE. Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2015 tingħata fil-***Figura 8.6***. Din turi popolazzjoni awditjata totali ta' EUR 1,5 biljun, bl-esklużjoni ta' aġenziji deċentralizzati ([24]), jew bejn wieħed u ieħor 1 % tal-baġit tal-UE. Din it-taqsima tiffoka fuq l-ammont ta' EUR 0,8 biljun li ntnefaq fuq "migrazzjoni u sigurtà".

([24]) Il-Qorti tipproduċi rapport annwali speċifiku għall kull waħda mill-aġenziji involuti, li minnhom hemm 12. L-osservazzjonijiet l-aktar frekwenti fi snin reċenti għal dawn l-aġenziji huma relatati mal-ammont kbir ta' approprjazzjonijiet impenjati, u ma' dgħufijiet fil-kontrolli interni.

**Figura 8.6 - Intestatura 3 tal-QFP — "Sigurtà u ċittadinanza" — Informazzjoni ewlenija għall-2015**

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 2,0 |
| *-pagamenti bil-quddiem* (1) | *1,3* |
| *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* (1) | *1,4* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **2,1** |

(1) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors:* Il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Deskrizzjoni qasira ta' "Sigurtà u ċittadinanza"

8.40. "Sigurtà u ċittadinanza" tiġbor flimkien politiki differenti li l-objettiv komuni tagħhom huwa li jissaħħaħ il-kunċett ta' ċittadinanza Ewropea billi tinħoloq żona ta' libertà, ġustizzja u sigurtà mingħajr fruntieri interni. L-infiq huwa kkonċentrat fuq tliet politiki prinċipali: "migrazzjoni u sigurtà", "ikel u għalf", u "Ewropa kreattiva".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.41. Il-biċċa l-kbira mill-infiq għal "migrazzjoni u sigurtà" ġej minn żewġ fondi: il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni ([25]) (AMIF), u l-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI). L-objettiv tal-AMIF huwa li jikkontribwixxi għal ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji, kif ukoll għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp ta' approċċ komuni tal-Unjoni għall-asil u l-immigrazzjoni. L-objettiv tal-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) huwa li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, billi jippromwovi l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-FSI huwa magħmul minn żewġ strumenti, FSI — Fruntieri u Viżi ([26]), u FSI Pulizija ([27]). L-FSI — Fruntieri u Viżi jappoġġa miżuri armonizzati ta' ġestjoni tal-fruntieri, u l-iżvilupp ta' politika komuni dwar il-viżi. L-FSI Pulizija jappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, u t-titjib tal-kapaċità għall-ġestjoni ta' riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà. Fl-2014, l-AMIF u l-FSI ssostitwew il-programm preċedenti SOLID ("Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni"). Bħal fil-każ tal-programm SOLID, il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira mill-fondi AMIF u FSI tiġi kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

([25]) Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

([26]) Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

([27]) Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/JHA (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

8.42. Aħna wettaqna analiżi tas-sistemi prinċipali fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà, taħt ir-responsabbiltà tad-DĠ HOME tal-Kummissjoni ([28]). Għal dak li jikkonċerna l-ġestjoni diretta, din kienet tinkludi eżaminar tas-sistemi tal-Kummissjoni għall-għotjiet u l-akkwist ([29]). Għall-ġestjoni kondiviża, din kienet tinkludi eżaminar ([30]) tal-valutazzjoni, li twettqet mill-Kummissjoni, tas-sistemi tal-Istati Membri għall-ġestjoni tal-fondi tal-programm SOLID.

## Sommarju tal-osservazzjonijiet relatati mas-sistemi tad-DĠ HOME

8.43. Fl-2015, pagamenti li ammontaw għal EUR 201 miljun taħt il-qasam ta' politika ta' migrazzjoni u sigurtà ġew immaniġġjati b'mod dirett mill-Kummissjoni (id-DĠ HOME) permezz ta' għotjiet u akkwist. Il-Kummissjoni implimentat l-kontrolli rilevanti meħtieġa mir-regolament finanzjarju. L-analiżi tagħna ma żvelatx dgħufijiet kbar.

8.44. Fl-2015, il-Kummissjoni għamlet pagamenti li ammontaw għal EUR 582 miljun ([31]) għal programmi taħt il-ġestjoni kondiviża tal-Kummissjoni u l-Istati Membri. Sa tmiem l-2015, il-Kummissjoni kienet għalqet 506 programmi SOLID annwali tal-Istati Membri.

([28]) Aħna eżaminajna wkoll 10 tranżazzjonijiet relatati ma' "Sigurtà u ċittadinanza" biex nipprovdu evidenza li tikkontribwixxi għall-valutazzjoni kumplessiva tagħna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-UE, kif ġie rrappurtat fil-paragrafu 1.19 tal-Kapitolu 1.

([29]) Aħna eżaminajna s-sistemi ta' kontroll intern tal-Kummissjoni li ntużaw għal dawn il-pagamenti u analizzajna kampjun ta' sitt għotjiet, u ħames proċeduri ta' offerti.

([30]) Aħna eżaminajna kampjun ta' 10 awditi tas-sistemi: il-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-Ġermanja, Franza, il-Litwanja u Malta; il-Fond Ewropew għar-Ritorn għal Franza u r-Renju Unit; il-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-Ġermanja u r-Renju Unit; u l-Fond Ewropew għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-Italja u l-Polonja. Dawn il-programmi ntgħażlu minn programmi tal-2011 li kienu ngħalqu fl-2014. Aħna eżaminajna wkoll l-ippjanar mill-Kummissjoni ta' awditi *ex post* tal-programmi annwali, approvati, tal-Istati Membri.

([31]) Li minnhom EUR 277 miljun huma relatati mal-fondi antiki tal-programm SOLID, u EUR 305 miljun ma' pagamenti bil-quddiem għall-fondi l-ġodda AMIF u FSI.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.45. Il-Kummissjoni awditjat selezzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll, tal-Istati Membri, li ntużaw għall-programmi SOLID. L-eżaminar li sar minna ta' dan ix-xogħol sab li l-awditi li twettqu mill-Kummissjoni ma kinux jinkludu testijiet tal-effettività tal-kontrolli interni fuq il-biċċa l-kbira mill-proċessi ewlenin (proċeduri tal-għażla u ta' għoti, monitoraġġ ta' proġetti, pagamenti u kontabbiltà), iżda kienu aktar iffukati fuq id-deskrizzjoni ta' dawk il-proċessi, u ttestjar "mill-bidu sal-aħħar" ("walkthrough" testing) (intenzjonat għall-fehim u d-dokumentazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll) — li jirriskja li ma jkunx suffiċjenti biex tintlaħaq konklużjoni dwar l-effettività tal-kontrolli.

8.46. Biex timmitiga kwalunkwe riskju li hija tidentifika minn dawn l-awditi tas-sistemi, il-Kummissjoni twettaq awditi ta' segwitu tas-sistemi, korrezzjonijiet finanzjarji, u awditi *ex post*. Dawn l-awditi *ex post* jitwettqu wara li l-Kummissjoni tkun approvat klejm għall-ispejjeż li jsir minn Stat Membru, u jistgħu jwasslu għall-irkupru ta' nfiq ineliġibbli. Il-Kummissjoni tiffoka primarjament fuq il-minoranza tal-każijiet fejn hija tqis li s-sistemi tal-Istati Membri ma jipprovdux aċċertament raġonevoli rigward il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti. Madankollu, minħabba l-ittestjar limitat tal-kontrolli li ġie identifikat fil-paragrafu preċedenti, hemm ir-riskju li l-Kummissjoni tkun qieset li xi wħud mill-programmi annwali b'sistemi ta' kontroll ineffettivi jipprovdu aċċertament raġonevoli, u b'hekk l-awditi *ex post* tal-Kummissjoni ma jiffukawx fuqhom. Saż-żmien meta sar l-awditu tagħna, il-Kummissjoni kienet wettqet awditi *ex post* fuq 13 biss mill-programmi magħluqa li hija qieset bħala li jipprovdu aċċertament raġonevoli. Din il-kopertura limitata tal-awditjar tnaqqas l-affidabbiltà tal-infiq eliġibbli ddikjarat lill-Kummissjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.45.** *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-awditi ma jkoprux it-testijiet tal-kontrolli fuq bosta mill-proċeduri ewlenin.*

*Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq ittenni li permezz tal-ġestjoni kondiviża, il-garanzija dwar l-effettività tal-kontroll tinbena ftit ftit, mhux biss fuq l-awditi tas-sistema iżda permezz ta' approċċ sistemiku, li tibda mill-fażi inizjali, iż-żjarat ta' monitoraġġ fuq l-operat mid-DĠ HOME, l-għeluq annwali, l-awditi* ex-post *u, f'konformità mal-Prinċipju ta' Awditu Wieħed, permezz tax-xogħol ta' awditjar tal-Istat Membru, li matul il-perjodu ta' programmar kollu jrid jiżgura li l-proċeduri ewlenin kollha jiġu koperti minn awditjar, kif stabbilit fl-Artikolu 17, il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni 456/2008/KE tal-5 ta' Marzu 2008.*

*Barra minn hekk, fl-istadju tal-ewwel żjarat ta' awditjar tal-MCS, xi proċeduri kienu għadhom ma nbdewx u għaldaqsant ma setax isirilhom awditu.*

ANNESS 8.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "EWROPA GLOBALI"*

| | 2015 | 2014 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **156** | 172 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **2,8 %** | 2,7 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 4,6 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 1,0 % | |

ANNESS 8.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "EWROPA GLOBALI"*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | Il-Qorti tirrakkomanda li:<br><br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br><br>il-Kummissjoni, u b'mod partikolari d-DĠ ELARG, jiżguraw li l-istruzzjonijiet lill-persunal jiddikjaraw li l-approvazzjonijiet għandhom isiru biss abbażi ta' nfiq imġarrab u ma għandhomx ikunu bbażati fuq l-istimi proprji tagħhom; | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br><br>l-FPI jakkredita l-missjonijiet kollha tal-PESK skont il-"valutazzjoni fuq sitt pilastri". | | | X | | | | *Minn meta ġie ppubblikat dan ir-rapport, hemm għaddejjin 10 missjonijiet tal-PSDK. Erba' missjonijiet bħalissa jinsabu konformi mal-Art. 60 tar-Regolament Finanzjarju: EULEX Kosovo, EUPOL Afghanistan, EUMM Georgia u EUPOL COPPS. Dawn il-missjonijiet jirrappreżentaw parti sostanzjali mill-baġit tal-PESK.*<br><br>*Għadha għaddejja l-ħidma għall-konformità mal-Art.60 tal-bqija tal-missjonijiet, b'EUCAP Sahel Niger u b'EUCAP Nestor jkunu minn tal-ewwel. Barra minn hekk il-Kummissjoni se tniedi din is-sena l-valutazzjoni tal-pilastri ta' tliet missjonijiet oħra (EUBAM Rafah, EUAM Ukraine u EUCAP Mali). Firrigward tal-missjoni li għadha ma ġietx ivvalutata (EUBAM Libya), dan mhuwiex attwalment possibbli minħabba s-sitwazzjoni ta' sigurtà.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2012 | Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha:<br><br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br><br>tiżgura l-approvazzjoni f'waqtha tal-infiq; | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br><br>tippromwovi ġestjoni aħjar tad-dokumenti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u mill-benefiċjarji; | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:**<br><br>ittejjeb il-ġestjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti billi tistabbilixxi kriterji tal-għażla ċari u billi tiddokumenta l-proċess ta' evalwazzjoni b'mod aħjar; | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:**<br><br>tieħu passi effettivi sabiex ittejjeb il-kwalità tal-kontrolli fuq l-infiq imwettqa mill-awdituri esterni; | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:**<br><br>tapplika metodoloġija konsistenti u robusta għall-kalkolu tar-rati tal-iżball residwu mid-direttorati ġenerali tar-relazzjonijiet esterni. | X | | | | | | |

KAPITOLU 9

## "Amministrazzjoni"

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 9.1-9.6 |
| Deskrizzjoni qasira tal-qasam tal-intestatura tal-QFP | 9.3-9.4 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 9.5-9.6 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 9.7-9.8 |
| Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività u elementi oħra tas-sistemi ta' kontroll intern | 9.9-9.15 |
| Osservazzjonijiet dwar istituzzjonijiet u korpi speċifiċi | 9.10-9.15 |
| Il-Parlament Ewropew | 9.11 |
| Il-Kummissjoni Ewropea | 9.12 |
| Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | 9.13-9.14 |
| Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri | 9.15 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 9.16-9.18 |
| Il-konklużjoni għall-2015 | 9.16 |
| Rakkomandazzjonijiet | 9.17-9.18 |

Anness 9.1 - Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għal "Amministrazzjoni"

Anness 9.2 - Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għal "Amministrazzjoni"

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

9.1. Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għal "Amministrazzjoni" (1). Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2015 tingħata fil-***Figura 9.1***.

**Figura 9.1 – Intestatura 5 tal-QFP — "Amministrazzjoni" (1) — Informazzjoni ewlenija għall-2015**

*(EUR biljun)*




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena | 9,0 |
| *- pagamenti bil-quddiem* (2) | *0,1* |
| *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* (2) | *0,1* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **9,0** |

(1) Proporzjon tan-nefqa amministrattiva jista' jinstab ukoll taħt intestaturi oħra tal-QFP minbarra taħt l-Intestatura 5. L-approprjazzjonijiet totali implimentati fl-2015 taħt dawn l-intestaturi jammontaw għal EUR 1,1 biljun.

(2) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2015.

9.2. Aħna noħorġu rapporti separati dwar l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-UE (2). Il-mandat tagħna ma jkoprix l-awditu finanzjarju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(1) Din tinkludi n-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, il-pensjonijiet u l-pagamenti għall-Iskejjel Ewropej. Għal dawn tal-aħħar, aħna noħorġu rapport annwali speċifiku li jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej. Kopja ta' dan ir-rapport tintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea.

(2) Ir-rapporti annwali speċifiċi tagħna dwar l-aġenziji u l-korpi l-oħra huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Deskrizzjoni qasira tal-qasam tal-intestatura tal-QFP

9.3. In-nefqa amministrattiva tinkludi n-nefqa fuq riżorsi umani, li tirrappreżenta madwar 60 % tat-total, kif ukoll in-nefqa fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjoni u teknoloġija tal-informatika.

9.4. B'mod kumplessiv aħna nqisu li din l-intestatura tal-QFP hija qasam b'riskju baxx. Ir-riskji prinċipali fir-rigward tan-nefqa amministrattiva huma n-nuqqas ta' konformità mal-proċeduri għall-akkwist, l-implimentazzjoni ta' kuntratti għal servizzi, provvisti u xogħlijiet, ir-reklutaġġ u l-kalkolu ta' salarji, pensjonijiet u allowances.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

9.5. L-***Anness 1.1*** jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-approċċ u l-metodoloġija tagħna. Għall-awditu ta' "Amministrazzjoni", jenħtieġ li jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) Aħna eżaminajna kampjun ta' 151 tranżazzjoni kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq taħt l-intestatura tal-QFP (ara l-***Figura 9.1*** u l-paragrafu 9.3).

(b) Aħna eżaminajna wkoll [3] il-proċeduri għar-reklutaġġ ta' persunal temporanju, kuntrattwali u lokali [4] u l-proċeduri ta' akkwist [5] fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

---

(3) Ibbażat fuq l-approċċ b'sistema ta' rotazzjoni applikat mill-2012 'l hawn, l-awditu tas-sistemi jkopri żewġ jew tliet istituzzjonijiet jew korpi kull sena, u kampjun tat-tranżazzjonijiet jiġi eżaminat għal kull istituzzjoni jew korp u sistema. Dan l-approċċ ġie kkompletat fl-2015.

(4) Fl-2015, l-awditu kien jinkludi l-eżaminar ta' 20 proċedura ta' reklutaġġ għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (5 għal persunal temporanju, 9 għal persunal kuntrattwali u 6 għal persunal lokali) u 5 proċeduri ta' reklutaġġ (persunal kuntrattwali biss) għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. Dawn il-proċeduri ntgħażlu fuq bażi aleatorja.

(5) Fl-2015, l-awditu kien jinkludi l-eżaminar ta' 20 proċedura ta' akkwist għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (4 organizzati mill-kwartieri ġenerali u 16 mid-delegazzjonijiet) u 5 proċeduri ta' akkwist għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. Dawn il-proċeduri ntgħażlu fuq bażi diskrezzjonali.

(c) Aħna vvalutajna r-rapporti annwali tal-attività (RAA) tad-direttorati ġenerali (DĠ) u tal-uffiċċji tal-Kummissjoni Ewropea ([6]) li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva, u tal-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra kollha.

9.6. L-infiq proprju tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jiġi awditjat minn ditta esterna ([7]). Ir-riżultati tal-awditu li hija wettqet tar-rapporti finanzjarji tagħna għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 jingħataw fil-paragrafu 9.15.

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

9.7. L-***Anness 9.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-151 tranżazzjoni li eżaminajna, 22 (14,6 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tas-seba' żbalji li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 0,6 % ([8]).

9.8. Il-***Figura 9.2*** tippreżenta l-punt sa fejn tipi differenti ta' żbalji kkontribwew għal-livell ta' żball stmat minna għall-2015.

**Figura 9.2 — "Amministrazzjoni" — Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

([6]) Id-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà, l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (il-PMO), l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell u d-DĠ Informatika.

([7]) PricewaterhouseCoopers, Société à responsabilité limitée, Réviseur d'Entreprises.

([8]) Aħna nikkalkulaw l-istima tagħna tal-livell ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 0,0 % u 1,2 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ATTIVITÀ U ELEMENTI OĦRA TAS-SISTEMI TA' KONTROLL INTERN

9.9. Aħna ma identifikajna l-ebda dgħufija serja fir-RAA u fis-sistemi ta' kontroll intern tal-istituzzjonijiet u l-korpi li eżaminajna. Fil-paragrafi 9.10 sa 9.15 jingħata sommarju tal-osservazzjonijiet tagħna.

## Osservazzjonijiet dwar istituzzjonijiet u korpi speċifiċi

9.10. Aħna ma identifikajna l-ebda dgħufija serja fir-rigward tas-suġġetti eżaminati għall-Kunsill, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew jew il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-osservazzjonijiet irrappurtati hawn taħt wasslu għal rakkomandazzjonijiet (ara l-paragrafu 9.18) ([9]).

*Il-Parlament Ewropew*

9.11. Mis-16-il tranżazzjoni tal-Parlament Ewropew li eżaminajna, waħda kienet relatata ma' grupp politiku ([10]). Aħna sibna dgħufijiet fil-kontrolli tal-awtorizzazzjoni u l-ħlas ta' nfiq li sar fl-2014 iżda li kien ikklerjat fl-2015, u fil-proċeduri ta' akkwist relatati.

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**9.11.** *Il-Parlament jirrikonoxxi l-osservazzjoni tal-Qorti u informa kif xieraq lill-grupp politiku kkonċernat. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1 tar-Regolamentazzjoni li tirregola l-utilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-Linja Baġitarja 400, adottata mill-Bureau fit-30 ta' Ġunju 2003, "Il-gruppi politiċi jiġġestixxu l-fondi allokati lilhom skont il-prinċipji tal-ġestjoni indiretta tal-fondi fl-applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 60 tar-Regolament Finanzjarju, fejn ir-rekwiżiti speċifiċi tal-gruppi jitqiesu bi qbil mad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-regolament".*

([9]) Mill-2012 sal-2015 aħna eżaminajna l-infiq fl-amministrazzjoni taħt approċċ b'sistema ta' rotazzjoni, u kull sena għamilna rakkomandazzjonijiet għat-titjib tas-sistemi ta' kontroll intern fl-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.

([10]) Il-qafas legali applikabbli huwa r-"Regolamentazzjoni li tirregola l-utilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-Linja Baġitarja 400, adottata mill-Bureau fit-30 ta' Ġunju 2003" (l-aħħar emendata bid-deċiżjonijiet tal-Bureau tal-14 ta' April 2014 u s-27 ta' April 2015). Il-gruppi politiċi jimmaniġġjaw il-fondi allokati lilhom skont il-prinċipji ta' ġestjoni indiretta ta' fondi bl-applikazzjoni analoġika tal-Artikolu 60 tar-Regolament Finanzjarju, li skontu jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti speċifiċi tal-gruppi.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Il-Kummissjoni Ewropea*

9.12. Bħal fi snin preċedenti ([11]), aħna qbadna xi dgħufijiet fil-ġestjoni tal-allowances tal-familja, u għadd żgħir ta' żbalji relatati mal-kalkolu tal-ispejjeż għall-persunal mill-PMO.

RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**9.12.** *Ittieħdu miżuri biex jiġu kkoreġuti d-dgħufijiet misjuba.*

*Mill-2016, l-allowances kollha għall-familja mogħtija fuq il-bażi tal-introjtu tal-konjuġi ser ikollhom data ta' tmiem ≤ n+4 (fejn n hija l-aktar eżerċizzju riċenti mwettqa mill-PMO biex jistħarreġ dwar id-dħul tal-konjuġi). Dan se jirriżulta f'verifika predefinita qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' rkupru stabbilit skont l-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal.*

*Barra minn hekk, qed tiġi żviluppata sistema proattiva tan-notifiki fis-Sysper f'konformità mal-ippjanar (2016), sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-allowances tal-familja permezz ta' notifiki mibgħuta lill-persunal ikkonċernat.*

*It-tisħiħ tas-sistema ta' kontroll intern (pereż. permezz ta' taħriġ immirat) kompla jimmitiga r-riskju ta' nuqqasijiet fil-kalkoli tal-kostijiet tal-persunal.*

*Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna*

9.13. Aħna sibna dgħufijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ ta' aġenti lokali fid-delegazzjonijiet. Tlieta mis-sitt każijiet li eżaminajna kienu affettwati minn nuqqas ta' trasparenza minħabba li ma kienx hemm biżżejjed evidenza li ċerti passi fil-proċedura kienu twettqu.

RISPOSTA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

**9.13.** *Filwaqt li s-SEAE jemmen li r-rekwiżiti legali kollha ġew issodisfati, huwa rikonoxxut ukoll li dokumentazzjoni mtejba ssaħħaħ it-trasparenza tal-proċess. Għal din ir-raġuni, iċċarajna l-proċeduri ta' reklutaġġ kif preskritt fil-linji gwida tad-Delegazzjonijiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-fażi tal-għażla (shortlisting).*

9.14. Aħna sibna wkoll dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist organizzati mid-delegazzjonijiet għal kuntratti b'valur ta' inqas minn EUR 60 000 ([12]). F'5 mit-12-il każ eżaminati, id-delegazzjonijiet ma vvalutawx b'mod xieraq jekk l-offerti kinux jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, jew inkella ħarġu dokumenti tal-offerti li kien fihom informazzjoni inkompleta, skorretta jew inkonsistenti. F'każ ieħor, l-użu ta' proċedura nnegozjata eċċezzjonali b'offerent wieħed ma kienx ġustifikat.

RISPOSTA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

**9.14.** *Is-SEAE jaċċetta li l-ebda nuqqas ma ġie identifikat fit-tmien (8) proċeduri ta' akkwist għal kuntratti b'valur ta' aktar minn EUR 60 000 li huma soġġetti għal kontrolli* ex ante *mill-Kwartieri Ġenerali. Rigward il-kuntratti b'valur ta' inqas minn EUR 60 000, organizzati mid-delegazzjonijiet li huma kkonċernati minn din il-konstatazzjoni, il-miżuri qed jiġu implimentati bil-għan li titjieb il-kwalità ta' dawn il-proċeduri diġà sa mill-2016. F'dan ir-rigward, ta' min isemmi b'mod partikolari l-proġett pilota fil-qafas tar-riforma ta' appoġġ amministrattiv lid-Delegazzjonijiet u l-isforzi biex jiġu pprovduti aktar opportunitajiet ta' taħriġ u appoġġ ad hoc lid-Delegazzjonijiet f'dan il-qasam kritiku.*

([11]) Ara r-Rapport Annwali 2014, il-paragrafu 9.13.

([12]) Proċeduri ta' akkwist li jkunu ogħla minn EUR 60 000 huma suġġetti għal kontroll *ex ante* mill-kwartieri ġenerali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

9.15. Ir-rapport tal-awditur estern ([13]) jiddikjara li, “ir-rapporti finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta’ Diċembru 2015, u tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u t-tibdil fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar”.

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2015

9.16. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq fuq “Amministrazzjoni” mhuwiex milqut minn livell materjali ta’ żball. Għal dan il-qasam tal-intestatura tal-QFP, l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta’ żball stmat li kien preżenti fil-popolazzjoni huwa ta’ 0,6 % (ara l-***Anness 9.1***).

### Rakkomandazzjonijiet

9.17. L-***Anness 9.2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2012 u 2013, aħna ppreżentajna ħames rakkomandazzjonijiet. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, tnejn ma ġewx analizzati din is-sena fid-dawl tal-approċċ, b’sistema ta’ rotazzjoni, tagħna ([14]). L-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati implimentaw rakkomandazzjoni waħda fil-biċċa l-kbira mill-aspetti u implimentaw tnejn f'xi wħud mill-aspetti.

([13]) Ara r-rapport tal-awditur estern dwar ir-rapporti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 9.6.

([14]) Ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

9.18. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2015, aħna nirrakkommandaw li:

— **Rakkomandazzjoni 1**: il-Parlament Ewropew jeżamina il-qafas ta' kontroll eżistenti għall-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit li jiġu allokati għal gruppi politiċi. Barra minn hekk, li l-Parlament Ewropew jipprovdi gwida aħjar permezz ta' monitoraġġ rinforzat dwar l-applikazzjoni, mill-gruppi, tar-regoli għall-awtorizzazzjoni u l-ħlas ta' nfiq, u għall-proċeduri ta' akkwist (ara l-paragrafu 9.11);

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

*Il-Parlament hu tal-fehma li primarjament hi r-responsabilità tal-grupp politiku kkonċernat li jieħu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex jelimina d-dgħufijiet eżistenti. F'dan il-kuntest, il-grupp politiku kkonċernat stabbilixxa grupp ta' ħidma bl-għan li jidentifika titjib possibbli fil-ġestjoni finanzjarja u l-qafas legali intern relatat mal-finanzi tal-grupp.*

*Is-Segretarjat tal-Parlament se jestendi wkoll il-komunikazzjoni fir-rigward tal-gwida eżistenti tiegħu għall-gruppi politiċi permezz ta' taħriġ, inkluż taħriġ imfassal apposta u nota spjegattiva dwar l-akkwist li tissintetizza l-elementi ewlenin li għandhom jiġu rispettati.*

*Filwaqt li jitqies il-kompitu ġenerali assenjat lill-awdituri esterni li jivverifikaw il-kontijiet tal-gruppi politiċi, il-gruppi se jintalbu jieħdu l-inizjattivi meħtieġa biex, bl-assistenza tal-awdituri esterni tagħhom, jimplimentaw sistemi effiċjenti ta' kontroll intern.*

— **Rakkomandazzjoni 2**: il-Kummissjoni Ewropea ttejjeb is-sistemi ta' monitoraġġ tagħha bil-ħsieb li taġġorna f'waqtha s-sitwazzjoni personali tal-membri tal-persunal, li jista' jkollha impatt fuq il-kalkolu tal-allowances tal-familja (ara l-paragrafu 9.12);

RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u diġà ħadet miżuri biex ittejjeb is-sistema ta' monitoraġġ fis-seħħ, kif spjegat fil-punt 9.12 hawn fuq.*

— **Rakkomandazzjoni 3**: is-SEAE jiżgura li l-passi kollha fil-proċeduri tal-għażla ta' aġenti lokali rreklutati f'delegazzjonijiet jiġu ddokumentati b'mod xieraq (ara l-paragrafu 9.13);

RISPOSTA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

*Is-SEAE jilqa' din ir-rakkomandazzjoni. Il-Gwida tad-Delegazzjonijiet tal-UE ġiet emendata biex tipprovdi linji gwida aktar dettaljati dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ, inkluż fosthom ir-rekwiżit li ssir dokumentazzjoni xierqa tal-proċess tal-għażla.*

— **Rakkomandazzjoni 4**: is-SEAE jtejjeb il-gwida tiegħu dwar it-tfassil, il-koordinazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-proċeduri ta' akkwist fid-delegazzjonijiet għal kuntratti b'valur ta' inqas minn EUR 60 000 (ara l-paragrafu 9.14).

RISPOSTA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

*Diġà mill-2016, is-SEAE qiegħed jimplimenta miżuri mmirati lejn it-titjib fil-kwalità ta' proċeduri applikabbli għal kuntratti b'valur ta' inqas minn EUR 60 000 f'delegazzjonijiet. F'dan ir-rigward, ta' min isemmi b'mod partikolari l-proġett pilota fil-qafas tar-riforma ta' appoġġ amministrattiv lid-Delegazzjonijiet u l-isforzi biex jiġu pprovduti aktar opportunitajiet ta' taħriġ u appoġġ* ad hoc *lid-Delegazzjonijiet f'dan il-qasam kritiku.*

ANNESS 9.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAL "AMMINISTRAZZJONI"*

| | 2015 | 2014 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | **151** | 129 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **0,6 %** | 0,5 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | 1,2 % | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | 0,0 % | |

ANNESS 9.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAL "AMMINISTRAZZJONI"*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi whud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | **Rakkomandazzjoni 1 (Il-Kummissjoni):**<br>*Aġġornament tas-sitwazzjoni personali u ġestjoni tal-allowances tal-familja*<br>Il-Kummissjoni għandha tieħu passi ulterjuri biex tiżgura li l-membri tal-persunal jipprovdu dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tagħhom fuq bażi regolari, kif ukoll biex ittejjeb is-sistemi għall-ipproċessar f'waqtu ta' dawk id-dokumenti li jkollhom impatt fuq il-kalkolu ta' allowances tal-familja (ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 9.11 u 9.20). | | | X | | | | *Il-Kummissjoni ħadet miżuri biex ittejjeb is-sistema ta' monitoraġġ fis-seħħ. Barra minn hekk mill-2016 beda jiddaħħal gradwalment segwitu sistematiku dwar is-sitwazzjoni tal-familji tal-persunal. Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-paragrafu 9.12.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2 (Is-SEAE):**<br>*Aġġornament tas-sitwazzjoni personali u ġestjoni tal-allowances tal-familja*<br>Is-SEAE għandu jieħu passi ulterjuri biex jiżgura li l-membri tal-persunal jipprovdu dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tagħhom fuq bażi regolari, kif ukoll biex itejjeb is-sistemi għall-ipproċessar f'waqtu ta' dawk id-dokumenti li jkollhom impatt fuq il-kalkolu ta' allowances tal-familja (ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 9.13 u 9.20). | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3 (Is-SEAE):**<br>*Akkwist*<br>Is-SEAE għandu jtejjeb it-tfassil, il-koordinazzjoni u t-tmexxija tal-proċeduri ta' akkwist billi l-Kwartieri Ġenerali tiegħu jipprovdi aktar appoġġ u gwida lid-delegazzjonijiet (ara r-Rapport Annwali 2013, il-paragrafi 9.14, 9.15 u 9.20). | | | X | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 1 (Il-Parlament Ewropew):**<br>*Akkwist*<br>Il-Parlament Ewropew għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli adatti u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 9.12 u 9.19). | | | | | X | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2 (Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill):**<br>*Akkwist*<br>Il-Kunsill għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli xierqa u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 9.14 u 9.19). | | | | | X | | |

(*) Taħt l-approċċ għar-rotazzjoni tal-eżaminar approfondit tas-sistemi ta' kontroll fost l-istituzzjonijiet u l-korpi, is-segwitu ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jitwettaq fis-snin li ġejjin.

# RAPPORT ANNWALI DWAR L-ATTIVITAJIET IFFINANZJATI MIT-8, MID-9, MILL-10 U MILL-11-IL FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP (FEŻ)

(2016/C 375/02)

# Rapport annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 1-12 |
| Deskrizzjoni qasira tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp | 2-12 |
| Oqsma ta' nfiq li huma inqas suxxettibbli għal żbalji | 9-12 |
| Kapitolu I – Implimentazzjoni tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ | 13-17 |
| Implimentazzjoni finanzjarja | 13-17 |
| Kapitolu II – Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti dwar il-FEŻ | 18-50 |
| Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport tal-awditur indipendenti | I-IX |
| Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni | 18-50 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 18-21 |
| Affidabbiltà tal-kontijiet | 22-24 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 25-35 |
| Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività u elementi oħra tas-sistemi ta' kontroll intern | 36-50 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 51-54 |
| Il-konklużjoni għall-2015 | 51-52 |
| Rakkomandazzjonijiet | 53-54 |

Anness 1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

Anness 2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport annwali jippreżenta l-valutazzjoni tagħna tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2015 tingħata fil-***Figura 1***.

**Figura 1 — Il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp – Informazzjoni ewlenija għall-2015**




*(EUR miljun)*

| | |
|---|---|
| Total tan-nefqa operazzjonali (proġetti) | 2 337 |
| Total tan-nefqa operazzjonali (appoġġ baġitarju) | 763 |
| Total tan-nefqa amministrattiva ([1]) | 110 |
| **Total tal-pagamenti** | **3 210** |
| *- pagamenti bil-quddiem* | *- 1 727* |
| *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* | *1 661* |
| **Popolazzjoni awditjata** | **3 144** |
| **Total tal-impenji individwali** ([2]) | **4 008** |
| **Total tal-impenji globali** ([2]) | **5 034** |

([1]) Kontribuzzjoni mill-FEŻ biex jiġi kopert l-infiq imġarrab, kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fid-delegazzjonijiet tal-UE, fuq l-appoġġ amministrattiv meħtieġ biex jiġu mmaniġġjati operazzjonijiet iffinanzjati taħt il-FEŻ.
([2]) Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament. Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati tat-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ għall-2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Deskrizzjoni qasira tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

2. Mill-1958 'l hawn, il-FEŻ kienu u għadhom l-istrument prinċipali li l-Unjoni Ewropea tuża biex tipprovdi għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (PTEE). Il-ftehim ta' sħubija ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou") huwa l-qafas attwali għar-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Istati AKP u l-PTEE. Il-fokus prinċipali tiegħu huwa fuq it-tnaqqis u eventwalment il-qerda tal-faqar.

3. Il-FEŻ għandhom natura partikolari:

(a) huma ffinanzjati mill-Istati Membri skont koeffiċjenti tal-kontribuzzjoni ([1]) stabbiliti fi ftehim intern bejn il-gvernijiet tal-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, li huma differenti minn dawk għall-baġit ġenerali tal-UE;

(b) huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni, barra mill-qafas tal-baġit ġenerali tal-UE, u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI);

(c) minħabba n-natura intergovernattiva tal-FEŻ, il-Parlament Ewropew għandu rwol aktar limitat fil-funzjonament tagħhom milli jeżerċita għall-istrumenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE: b'mod partikolari, huwa ma jintervenix fl-istabbiliment u fl-allokazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ. Madankollu, il-Parlament Ewropew huwa l-awtorità ta' kwittanza, minbarra għall-Faċilità ta' Investiment li tiġi mmaniġġjata mill-BEI ([2]) ([3]).

([1]) Għal kull FEŻ, il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru jiġi definit bħala perċentwal tal-ammont totali tar-riżorsi.

([2]) Ara l-Artikoli 43, 48-50 u 58 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17).

([3]) Fl-2012, ftehim tripartitiku bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-Qorti (l-Artikolu 134 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 (ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1)) stabbilixxa r-regoli għall-awditjar ta' dawn l-operazzjonijiet mill-Qorti. Il-Faċilità ta' Investiment mhijiex koperta mid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4. Kull FEŻ huwa rregolat mir-regolament finanzjarju proprju tiegħu. Aħna ssuġġerejna f'bosta okkażjonijiet li regolament finanzjarju uniku, applikabbli għall-FEŻ kollha, kemm dawk attwali kif ukoll dawk futuri, ikun jiżgura l-kontinwità, mingħajr ir-riskju ta' interruzzjoni fl-implimentazzjoni tal-FEŻ, u jissimplifika l-ġestjoni ([4]).

5. Filwaqt li r-regolamenti finanzjarji tal-FEŻ ġew allinjati progressivament mar-Regolament Finanzjarju Ġenerali ([5]), għad fadal differenzi sinifikanti. Waħda mid-differenzi prinċipali hija li l-prinċipju tal-annwalità ma japplikax għall-FEŻ: il-ftehimiet tal-FEŻ normalment jiġu konklużi għal perjodu ta' impenn ta' minn ħames sa seba' snin, u l-pagamenti jistgħu jsiru fuq perjodu ħafna itwal. Fl-2015, l-infiq sar taħt erba' FEŻ simultanjament, inkluż taħt it-8 FEŻ li ilu li nfetaħ mill-1995.

6. Il-FEŻ huma mmaniġġjati kważi interament mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (id-DĠ DEVCO) ([6]), li jimmaniġġja wkoll firxa wiesgħa ta' nfiq mill-baġit tal-UE ([7]).

7. L-interventi tal-FEŻ jiġu implimentati permezz ta' proġetti u appoġġ baġitarju ([8]) taħt erba' arranġamenti prinċipali. Fl-2015, 42 % tal-pagamenti saru taħt ġestjoni diretta, inklużi 24 % tat-total f'pagamenti relatati ma' appoġġ baġitarju. Il-58 % li kien jifdal saru taħt ġestjoni indiretta: 31 % permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, 24 % permezz ta' pajjiżi terzi u 3 % permezz ta' korpi nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE ([9]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.** *Il-Kummissjoni għamlet sforzi għas-simplifikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju (RF) u biex tallinjah mar-RF tal-Baġit Ġenerali sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz.*

---

([4]) Ara l-Opinjoni Nru 3/2013 tal-Qorti dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU C 370, 17.12.2013), il-paragrafu 6.

([5]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

([6]) Id-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO) immaniġġja 4,1 % tal-infiq mill-FEŻ fl-2015.

([7]) Ara l-Kapitolu 8 "Ewropa Globali" u "Sigurtà u Ċittadinanza" tar-Rapport Annwali 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

([8]) L-appoġġ baġitarju jinvolvi t-trasferiment ta' fondi mill-Kummissjoni għat-teżor nazzjonali tal-pajjiż sieħeb. Huwa jipprovdi riżorsi baġitarji addizzjonali għall-appoġġ ta' strateġija għall-iżvilupp nazzjonali.

([9]) Taħt ġestjoni diretta, l-għajnuna tiġi implimentata direttament mill-Kummissjoni (l-uffiċċju principali jew id-delegazzjonijiet). Taħt ġestjoni indiretta, l-implimentazzjoni tiġi delegata lil pajjiż terz (dik li qabel kienet ġestjoni deċentralizzata), lil organizzazzjoni internazzjonali (dik li qabel kienet ġestjoni konġunta), jew lil korp nazzjonali, bħall-aġenziji tal-iżvilupp tal-Istati Membri tal-UE (dik li qabel kienet ġestjoni ċentralizzata indiretta).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8. L-infiq kopert f'dan ir-rapport jitwassal bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' metodi, li huma implimentati f'79 pajjiż. Ir-regoli u l-proċeduri huma spiss kumplessi, inklużi dawk għas-sejħiet għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti. In-nuqqas ta' regolament finanzjarju awtonomu u faċli biex jintuża għall-11-il FEŻ iżid b'mod sinifikanti din il-kumplessità [10].

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.** *Il-11-il FEŻ huwa rregolat mir-Regolament Finanzjarju ("RF") (UE) 2015/323 tiegħu stess adottat mill-Kunsill fit-2 ta' Marzu 2015. Is-simplifikazzjoni reali tinkiseb permezz tal-allinjament tar-RF mal-Baġit Ġenerali, li r-RF tal-11-il FEŻ kiseb permezz ta' referenzi trasparenti u ċari għar-RF għall-Baġit Ġenerali u r-Regoli tal-Applikazzjoni tiegħu (RAP). B'dan il-mod, ir-RF tal-11-il FEŻ jiżgura mhux biss koerenza fil-proċeduri finanzjarji applikabbli u effiċjenza akbar, iżda jippermetti wkoll tnaqqis fir-riskji u l-erruri.*

*Ir-regoli u l-mudelli għas-sejħiet għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti kemm għall-Baġit Ġenerali kif ukoll il-FEŻ miġbura fil-Gwida prattika għall-Akkwisti u l-Għotjiet (PRAG) żviluppata minn EuropeAid, huma mfaħħra sew mill-federazzjonijiet Ewropea tal-kuntratturi.*

## *Oqsma ta' nfiq li huma inqas suxxettibbli għal żbalji*

9. F'żewġ oqsma, in-natura tal-finanzjament u tal-kundizzjonijiet għal pagament tillimita l-punt sa fejn it-tranżazzjonijiet huma suxxettibbli għal żbalji. Dawk l-oqsma huma l-appoġġ baġitarju [11] u l-applikazzjoni tal-hekk imsejjaħ "approċċ nozzjonali" f'azzjonijiet multidonatur li jitwettqu minn organizzazzjonijiet internazzjonali [12].

**Appoġġ baġitarju**

10. L-appoġġ baġitarju jikkontribwixxi għall-baġit ġenerali ta' Stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx ikkonformat mal-kundizzjonijiet speċifiċi biex tagħmel pagamenti ta' appoġġ baġitarju lill-pajjiż sieħeb ikkonċernat, u jekk kinitx ivverifikat li l-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà (bħal progress sodisfaċenti fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi) kienu ġew issodisfati.

11. Madankollu, id-dispożizzjonijiet legali joffru marġni wiesa' għall-interpretazzjoni u l-Kummissjoni għandha flessibbiltà konsiderevoli biex tiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet ġenerali jkunux ġew issodisfati. L-awditu tagħna tar-regolarità ma jistax imur lil hinn mill-istadju li fih l-għajnuna titħallas lill-pajjiż sieħeb. Il-fondi trasferiti mbagħad jingħaqdu mar-riżorsi baġitarji tal-pajjiż riċevitur. Kwalunkwe dgħufija fil-ġestjoni finanzjarja tiegħu li twassal għal użu ħażin fil-livell nazzjonali ma tiġġenerax żbalji fl-awditu tagħna tar-regolarità.

(10) Ara l-Opinjoni Nru 3/2013 tal-Qorti, il-paragrafi 3 u 4.

(11) Pagamenti għall-appoġġ baġitarju li ġew iffinanzjati mill-FEŻ fl-2015 ammontaw għal EUR 763 miljun.

(12) Il-pagamenti li saru mill-FEŻ fl-2015 għal proġetti multidonatur imwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali ammontaw għal EUR 680 miljun. Il-proporzjon ta' din is-somma li għalih japplika l-approċċ nozzjonali ma jistax jiġi pprovdut billi l-Kummissjoni ma timmonitorjahx separatament.

**Approċċ nozzjonali**

12. Fejn il-finanzjament mill-FEŻ ikun suġġett għal rekwiżiti speċifiċi rigward l-eliġibbiltà tal-ispejjeż, aħna nivvalutaw jekk dawk ir-rekwiżiti jkunux ġew issodisfati. Meta l-kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni għal proġetti b'multidonaturi jinġabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jiġux assenjati għal partiti speċifiċi u identifikabbli tal-infiq, il-Kummissjoni tassumi li jkun hemm konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE dment li l-ammonti miġburin flimkien ikunu jinkludu biżżejjed infiq eliġibbli biex tiġi koperta l-kontribuzzjoni mill-UE. Dan l-approċċ, kif jiġi applikat mill-Kummissjoni, jillimita x-xogħol tal-awdituri meta jkunu saru kontribuzzjonijiet sostanzjali minn donaturi oħra, li l-Kummissjoni mbagħad tqis bħala suffiċjenti biex ikopru kwalunkwe nfiq ineliġibbli li forsi nkunu sibna.

## KAPITOLU I – IMPLIMENTAZZJONI TAT-8, TAD-9, TAL-10 U TAL-11-IL FEŻ

### Implimentazzjoni finanzjarja

13. It-8 FEŻ (1995-2000) jammonta għal EUR 12 840 miljun, id-9 FEŻ (2000-2007) għal EUR 13 800 miljun u l-10 FEŻ (2008-2013) għal EUR 22 682 miljun.

14. Il-Ftehim Intern li jistabbilixxi l-11-il FEŻ ([13]) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2015 wara li ġie ratifikat mill-Istati Membri kollha tal-UE. Il-11-il FEŻ jammonta għal total ta' EUR 30 506 miljun ([14]), li minnhom EUR 29 089 miljun huma allokati għall-pajjiżi AKP u EUR 364,5 miljun għall-PTEE. Dawn l-ammonti jinkludu, rispettivament, EUR 1 134 miljun u EUR 5 miljun għall-Faċilità ta' Investiment li hija mmaniġġjata mill-BEI, prinċipalment fl-għamla ta' għotjiet għall-iffinanzjar ta' sussidji tar-rati tal-imgħax u assistenza teknika relatata mal-proġetti. Fl-aħħar nett, EUR 1 052,5 miljun huma destinati għall-infiq tal-Kummissjoni għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-FEŻ.

15. Il-***Figura 2*** turi l-użu, matul l-2015 u b'mod kumulattiv, tar-riżorsi tal-FEŻ.

([13]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
([14]) Inklużi EUR 1 139 miljun li huma mmaniġġjati mill-BEI.

**Figura 2 - Użu tar-riżorsi tal-FEŻ sal-31 ta' Diċembru 2015**

*(EUR miljun)*

| | Sitwazzjoni fi tmiem l-2014 | | Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2015 (ammonti netti) 6 (6) | | | | | Sitwazzjoni fi tmiem l-2015 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Ammont totali** | Rata ta' implimentazzjoni (2) | It-8 FEŻ (3) | Id-9 FEŻ (3) | L-10 FEŻ | Il-11-il FEŻ | **Ammont totali** | It-8 FEŻ | Id-9 FEŻ | L-10 FEŻ | Il-11-il FEŻ | **Ammont totali** | Rata ta' implimentazzjoni (2) |
| **A - RIŻORSI** (1) | **49 100** | | **- 6** | **- 109** | **56** | **27 839** | **27 780** | **10 412** | **15 630** | **21 384** | **29 455** | **76 880** | |
| **B - UŻU** | | | | | | | | | | | | | |
| 1. **Impenji globali** (4) | **48 573** | **98,9 %** | **- 12** | **- 170** | **- 156** | **5 372** | **5 034** | **10 404** | **15 533** | **21 137** | **6 533** | **53 607** | **69,7 %** |
| 2. **Impenji individwali** (5) | **44 790** | **91,2 %** | **- 16** | **- 52** | **783** | **3 293** | **4 008** | **10 385** | **15 355** | **19 035** | **4 023** | **48 797** | **63,5 %** |
| 3. **Pagamenti** | **38 900** | **79,2 %** | **- 3** | **43** | **2 024** | **1 024** | **3 088** | **10 376** | **14 985** | **15 009** | **1 619** | **41 989** | **54,6 %** |
| **C - Impenji pendenti (B1-B3)** | **9 673** | **19,7 %** | | | | | | **28** | **548** | **6 128** | **4 914** | **11 618** | **15,1 %** |
| **D - Bilanċ disponibbli (A-B1)** | **527** | **1,1 %** | | | | | | **8** | **97** | **247** | **22 922** | **23 273** | **30,3 %** |

(1) Jinkludu allokazzjonijiet inizjali għat-8, għad-9, għall-10 u għall-11-il FEŻ, kofinanzjament, imgħax, riżorsi varji u trasferimenti minn FEŻ preċedenti.
(2) Bħala perċentwal tar-riżorsi.
(3) Ammonti negattivi jikkorrispondu għal diżimpenji.
(4) Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament.
(5) Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.
(6) Impenji netti wara diżimpenji. Pagamenti netti wara rkupri.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq ir-rapporti tal-FEŻ dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u r-rapporti finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2015.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

16. Il-livell ta' impenji globali netti li saru fl-2015 (EUR 5 034 miljun) kien straordinarjament għoli meta mqabbel mas-snin ta' qabel ([15]). Dan kien dovut għad-dħul fis-seħħ tal-11-il-FEŻ, li żied ir-riżorsi disponibbli għal impenji b'EUR 27 839 miljun. Id-dħul fis-seħħ tal-11-il FEŻ affettwa wkoll ir-rati ta' implimentazzjoni għal impenji pendenti, li naqsu minn 98,9 % għal 69,7 % għal deċiżjonijiet ta' finanzjament (impenji globali) u minn 91,2 % għal 63,5 % għal impenji individwali.

17. Għall-qasam ta' responsabbiltà intier tiegħu ([16]), id-DĠ DEVCO kompla l-isforzi tiegħu biex inaqqas prefinanzjamenti antiki, impenji antiki pendenti ([17]) u l-għadd ta' kuntratti miftuħin skaduti ([18]). Il-miri għall-2015, għat-tnaqqis ta' prefinanzjamenti antiki u impenji li ma ntnefqux, inqabżu sew ([19]). Madankollu, filwaqt li l-mira għall-2015, għas-sehem ta' kuntratti skaduti meta mqabbel mal-għadd totali ta' kuntratti, kważi ntlaħqet għall-portafoll intier tad-DĠ DEVCO ([20]), il-progress kien inqas sodisfaċenti fir-rigward tal-FEŻ ([21]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**17.** *Il-problemi ewlenin li qed iwaqqfu l-għeluq ta' kuntratti skaduti għall-FEŻ huma: ordnijiet ta' rkupru li ma ssarfux, kważi legali u proċess ta' awditjar attwali. Għalkemm dawn l-aspetti mhumiex kompletament taħt il-kontroll tagħha, il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tħaffef l-għeluq ta' kuntratti skaduti.*

---

([15]) 2014: EUR 621 miljun; 2013: EUR 3 923 miljun; 2012: EUR 3 163 miljun.

([16]) Il-FEŻ u l-baġit ġenerali flimkien.

([17]) *Reste à liquider* (RAL) antiki.

([18]) Kuntratt jitqies li jkun skada jekk ikun għadu miftuħ aktar minn 18-il xahar wara tmiem il-perjodu operazzjonali tiegħu. Dewmien fl-għeluq tal-kuntratti jżid ir-riskju ta' żbalji ta' regolarità billi jista' jkun diffiċli biex id-dokumentazzjoni ta' sostenn terġa' tinstab jekk ma tkunx ġiet arkivjata sew u jekk il-persunal ewlieni tal-proġett ikun telaq. Għeluq tardiv ta' kuntratti jista' jdewwem ukoll l-irkupru ta' prefinanzjament li ma ntnefaqx u ta' nfiq ineliġibbli.

([19]) It-tnaqqis ta' prefinanzjament miftuħ antik għall-FEŻ: inkiseb 39 % (mira ta' 25 %); tnaqqis tar-RAL antiki għall-FEŻ: inkiseb 46 % (mira ta' 25 %).

([20]) Sehem ta' kuntratti skaduti ta' 15,38 % (mira ta' 15 %).

([21]) Minn EUR 4,5 biljun f'kuntratti skaduti, EUR 2,9 biljun (64 %) kienu jikkonċernaw il-FEŻ. Il-proporzjon ta' kuntratti skaduti mqabbel mal-kuntratti miftuħa kollha tal-FEŻ kien ta' 19,4 %, ipparagunat ma' 15,4 % għall-portafoll intier tad-DĠ DEVCO. Il-perjodu operazzjonali ta' 182 (EUR 311 miljun) minn 1 091 kuntratt skadut tal-FEŻ (16,7 % f'ċifri; 10,9 % f'valur) kien skada qabel tmiem l-2010.

## KAPITOLU II – ID-DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI DWAR IL-FEŻ

### Id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tal-Qorti dwar it-8, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport tal-awditur indipendenti

I - Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) u l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ, li japplika wkoll għal diversi FEŻ preċedenti, aħna awditjajna:

(a) il-kontijiet annwali tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jinkludu l-karta tal-bilanċ, il-kont tar-riżultat ekonomiku, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u t-tabella tal-partiti pagabbli għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2015, li ġie approvat mill-Kummissjoni fil-15 ta’ Lulju 2016; u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet fi ħdan il-qafas legali tal-FEŻ, fir-rigward tal-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li l-ġestjoni finanzjarja tagħha taqa’ taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni ([22]).

*Ir-responsabbiltà tal-maniġment*

II - Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolamenti Finanzjarji applikabbli ([23]), il-Kummissjoni hija responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-FEŻ abbażi ta’ standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku ([24]) u għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta’ kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta’ rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll għall-iżgurar li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-Kummissjoni terfa’ r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-FEŻ (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

*Ir-responsabbiltà tal-awditur*

III - Ir-responsabbiltà tagħna hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b’dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi. Aħna mexxejna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li aħna nippjanaw u nwettqu l-awditu biex niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-FEŻ ikunux ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

IV - Awditu jinvolvi t-twettiq ta’ proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta’ dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta’ nuqqas ta’ konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEŻ, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqiesu kemm il-kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta’ superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi, sabiex jitfasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li tiġi espressa opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jkunu saru, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

V - Aħna nqisu li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjonijiet tagħna.

([22]) Skont l-Artkoli 43, 48-50 u 58 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ, din id-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni ma tapplikax għall-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li huma mmaniġġjati mill-BEI u li għalihom huwa responsabbli.

([23]) Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ.

([24]) Ir-regoli u l-metodi kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-FEŻ jitfasslu fuq il-bażi tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew, fin-nuqqas ta’ dan, fuq il-bażi tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS), kif maħruġa rispettivament mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti u mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

## Affidabbiltà tal-kontijiet

*Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet*

VI - Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet annwali tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja fil-31 ta' Diċembru 2015, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u il-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

**Dħul**

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet*

VII - Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

**Pagamenti**

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

VIII - L-istima tagħna għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għat-tranżazzjonijiet ta' nfiq mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il FEŻ hija ta' 3,8 %.

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

IX - Fl-opinjoni tagħna, minħabba s-sinifikat tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu li jirrigwarda l-bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 huma milquta minn livell materjali ta' żball.

L-14 ta' Lulju 2016

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

*Ambitu u approċċ tal-awditjar*

18. L-***Anness 1.1*** għall-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2015 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna. Għall-awditu tal-FEŻ, jenħtieġ li jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin.

19. L-osservazzjonijiet tagħna rigward l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ jikkonċernaw ir-rapporti finanzjarji ([25]) tat-8, tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ ([26]) approvati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ ([27]), flimkien mal-ittra ta' rappreżentanza tal-uffiċjal tal-kontabbiltà li rċevejna fit-18 ta' Lulju 2016. Aħna ttestjajna ammonti u divulgazzjonijiet, u vvalutajna l-prinċipji kontabilistiċi użati, l-istimi sinifikanti li saru mill-maniġment u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

20. Għall-awditu tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet, jenħtieġ li jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) eżaminajna l-kontribuzzjonijiet kollha mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjoni tad-dħul;

(b) aħna eżaminajna kampjun ta' 140 tranżazzjoni. Il-kampjun huwa maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa kollha tal-pagamenti fi ħdan il-FEŻ. Huwa kien jikkonsisti f'104 pagamenti awtorizzati minn 19-il delegazzjoni tal-UE ([28]) u f'36 pagament approvati mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni ([29]). Fejn inqabdu żbalji, is-sistemi rilevanti ġew analizzati biex jiġu identifikati d-dgħufijiet speċifiċi fis-sistemi involuti;

(c) ivvalutajna s-sistemi fid-DĠ DEVCO u fid-delegazzjonijiet tal-UE, fejn koprejna: (i) kontrolli *ex ante* mill-persunal tal-Kummissjoni, awdituri esterni jew superviżuri qabel saru l-pagamenti, u (ii) monitoraġġ u superviżjoni, b'mod partikolari s-segwitu ta' awditi esterni, missjonijiet ta' verifikazzjoni, żjarat ta' monitoraġġ, u l-istudji tal-2012-2015 tad-DĠ DEVCO dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER);

---

([25]) Ara l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2015/323: ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus u r-rapport tat-tibdil fl-assi netti.

([26]) Ara l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2015/323: ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja jinkludu tabelli ta' allokazzjonijiet, ta' impenji, ta' fondi assenjati u ta' ħlasijiet.

([27]) Ara l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2015/323.

([28]) L-Unjoni Afrikana, il-Burkina Faso, il-Burundi, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Ghana, il-Guinea-Bissau, il-Haiti, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, Madagascar, il-Malawi, il-Mali, il-Mozambique, in-Niġer, in-Niġerja, Papua New Guinea, it-Tanzanija u l-Uganda.

([29]) Id-DĠ DEVCO: 29 pagament; l-ECHO: 7 pagamenti għall-għajnuna umanitarja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(d) analizzajna r-rapport annwali tal-attività (RAA) mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ DEVCO; u

(e) tajna segwitu għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna.

21. Kif indikat fil-paragrafu 6, id-DĠ DEVCO jimplimenta l-biċċa l-kbira mill-istrumenti ta' assistenza esterna ffinanzjati mill-baġit ġenerali u mill-FEŻ. L-osservazzjonijiet tagħna li jikkonċernaw kemm is-sistemi kif ukoll l-affidabbiltà tar-RAA u d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-2015 huma relatati mal-qasam ta' responsabbiltà intier tad-DĠ DEVCO.

### *Affidabbiltà tal-kontijiet*

22. Wara l-osservazzjoni tagħna fir-Rapport Annwali 2014 ([30]), il-Kummissjoni inkludiet kuntratti ta' appoġġ baġitarju fil-stima tas-separazzjoni tal-ispejjeż dovuti għall-2015.

23. Il-Kummissjoni ħadet ukoll miżuri biex tindirizza l-kwistjonijiet li tqajmu fir-Rapporti Annwali 2013 u 2014 ([31]) dwar l-irkupru ta' mgħax fuq prefinanzjament. Għall-imgħax iġġenerat fuq prefinanzjament ogħla minn EUR 750 000, il-Kummissjoni stabbiliet metodu ta' evalwazzjoni bbażat fuq ir-rati medji tal-imgħax u t-talbiet għall-konferma, mibgħuta lil kampjun ta' delegazzjonijiet. Għall-imgħax fuq prefinanzjament bejn EUR 250 000 u EUR 750 000, l-għodda tal-IT li ġiet żviluppata fi tmiem l-2014 saret operazzjonali u ppermettiet li, fir-rapporti finanzjarji għall-2015, il-Kummissjoni tirreġistra b'mod xieraq imgħax iġġenerat ta' EUR 2,5 miljun.

24. Aħna eżaminajna kampjun ta' 10 ordnijiet ta' rkupru li jammontaw għal EUR 17,7 miljun, li ġew irreġistrati bħala dħul operazzjonali – irkupru ta' spejjeż (b'ammont totali ta' EUR 35,9 miljun). Fi tliet każijiet, prefinanzjament li ma ntnefaqx u li ammonta għal EUR 9,6 miljun ġie rreġistrat b'mod skorrett bħala dħul operazzjonali, u għalhekk ir-riżultat ekonomiku tas-sena ġie ddikjarat b'mod eċċessiv fir-rapporti finanzjarji proviżorji. Għalkemm dawn it-tliet każijiet ġew ikkoreġuti mill-Kummissjoni fir-rapporti finanzjarji finali, huwa probabbli li setgħu seħħew żbalji simili f'ordnijiet oħra ta' rkupru minħabba fin-natura sistemika ([32]) tal-problema ([33]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**24.** *Fi tnejn mit-tliet każijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri, ammont ta' prefinanzjament kien miftuħ fil-mument tal-irkupru. Dawn iż-żewġ erruri ġew korretti, kif rifless fil-kontijiet finali (għal erruri totali ta' EUR 2,1 miljun). Fil-każ li jifdal (EUR 7,5 miljun) ma kienx ikun possibbli li fl-2015 jiġi rreġistrat tnaqqis tal-prefinanzjament, peress li l-ebda ammont ta' prefinanzjament ma kien miftuħ fil-mument tal-irkupru.*

*Il-Kummissjoni se tieħu l-miżuri meħtieġa biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi dawn l-erruri fil-futur.*

([30]) Il-paragrafu 4 tar-Rapport Annwali 2014.
([31]) Il-paragrafu 25 tar-Rapport Annwali 2014 u l-paragrafu 20 tar-Rapport Annwali 2013.
([32]) Il-klassifikazzjoni skorretta ta' ordni ta' rkupru fis-sistema kontabilistika minn uffiċjali għall-ikkowdjar.
([33]) L-irkupru ta' prefinanzjament li ma ntnefaqx, u li ġie rreġistrat b'mod skorrett bħala rkupru dovut għal żball jew għal irregolarità, affettwa wkoll l-istima tal-kapaċità korrettiva tad-DĠ DEVCO fil-futur. Ara l-paragrafu 50 u n-nota 61 f'qiegħ il-paġna, ta' dan ir-rapport.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Regolarità tat-tranżazzjonijiet*

**Dħul**

25. It-tranżazzjonijiet tad-dħul mhumiex milquta minn livell materjali ta' żball.

**Pagamenti**

26. L-***Anness I*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet ta' pagament. Mill-140 tranżazzjoni ta' pagament eżaminati, 35 (25 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-28 żball li kkwantifikajna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 3,8 % ([34]).

27. Meta l-15-il tranżazzjoni tal-appoġġ baġitarju u s-17-il tranżazzjoni tal-approċċ nozzjonali, li jissemmew fil-paragrafi 9 sa 12, jiġu esklużi mill-kampjun awditjat, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5,8 % ([35]).

28. Il-***Figura 3*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' żball ikkontribwew għal-livell ta' żball stmat minna għall-2015. L-iżbalji relatati man-nuqqas ta' preżenza ta' dokumenti ta' sostenn u man-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist jirrappreżentaw 70 % tal-livell ta' żball stmat.

([34]) Aħna kkalkulajna l-istima tagħna tal-livell ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li l-livell ta' żball stmat fil-popolazzjoni jinsab bejn 1,6 % u 6,0 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

([35]) Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima bbażata fuq kampjun rappreżentattiv ta' 108 tranżazzjonijiet. Aħna ninsabu 95 % fiduċjużi li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 3,0 % u 8,6 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

**Figura 3 - Ripartizzjoni tal-livell ta' żball stmat**




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Proġetti*

29. Mill-125 tranżazzjoni ta' pagament relatati ma' proġetti li aħna eżaminajna, 35 (28 %) kienu milquta minn żball. Mit-28 (80 %) tranżazzjoni ta' pagament milquta minn żbalji kwantifikabbli, 16 kienu tranżazzjonijiet finali awtorizzati wara li kienu twettqu l-kontrolli *ex ante* kollha.

30. Kif kien il-każ fis-snin preċedenti ([36]), il-Kummissjoni u s-sħab tagħha inkarigati mill-implimentazzjoni għamlu aktar żbalji fi tranżazzjonijiet relatati ma' stimi ta' programmi, ma' għotjiet u ma' ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, milli għamlu f'forom oħra ta' appoġġ. Mill-71 tranżazzjoni ta' dan it-tip li ġew eżaminati, 25 (35 %) kienu milquta minn żbalji kwantifikabbli li kienu jirrappreżentaw 79 % tal-livell ta' żball stmat.

([36]) Il-paragrafu 31 tar-Rapport Annwali 2014.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

31. It-tipi prinċipali ta' żbalji kwantifikabbli kienu jikkonċernaw:

(a) dokumentazzjoni essenzjali ta' sostenn ma ġietx ipprovduta (13-il tranżazzjoni) ([37]);

(b) nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarju mar-regoli tal-akkwist (seba' tranżazzjonijiet);

(c) infiq ineliġibbli, bħal infiq relatat ma' attivitajiet mhux koperti mill-kuntratt (seba' tranżazzjonijiet), VAT ineliġibbli (żewġ tranżazzjonijiet), infiq imġarrab barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni (żewġ tranżazzjonijiet) u spejjeż indiretti kklejmjati bħala spejjeż diretti (tranżazzjoni waħda);

(d) infiq mhux imġarrab mill-benefiċjarji (seba' tranżazzjonijiet);

(e) kalkolu skorrett tal-infiq (erba' tranżazzjonijiet).

**Figura 4 – Eżempji ta' żbalji kwantifikabbli fit-tranżazzjonijiet ta' proġetti**

*Dokumentazzjoni essenzjali ta' sostenn ma ġietx ipprovduta*

Aħna eżaminajna approvazzjoni tal-infiq imġarrab taħt il-programm "Support to the Institutional Development of the Ministry of Interior" (Appoġġ għall-Iżvilupp Istituzzjonali tal-Ministeru tal-Intern) li ġie implimentat minn aġenzija nazzjonali tal-għajnuna għall-iżvilupp fil-Mozambique. Aħna ttestjajna 10 partiti tal-infiq. Għal erbgħa minnhom, relatati mal-forniment ta' tagħmir tal-laboratorju, tal-IT u tal-uffiċċju li ammontaw għal EUR 874 309, id-dokumenti essenzjali ta' sostenn għall-infiq (eż. evidenza li l-merkanzija ġiet ikkunsinnata, ċertifikat tal-oriġini jew dokumenti għall-akkwist) ma ġewx ipprovduti.

*Nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarju mar-regoli tal-akkwist*

Aħna eżaminajna l-pagament finali ta' EUR 427 956 taħt kuntratt ta' provvista għal tagħmir tal-laboratorju għall-ittestjar ta' prodotti agrikoli fl-Etjopja. Taħt ir-regoli tal-akkwist tal-UE, il-kuntratt kellu jingħata wara li ssir sejħa għall-offerti internazzjonali miftuħa. Minflok, il-kuntratt ingħata direttament lil kumpanija ta' konsulenza mingħajr ma saret kwalunkwe proċedura kompetittiva. Dan ma kienx iġġustifikat. Barra minn hekk, il-kumpanija ma kinitx distributur awtorizzat tat-tagħmir akkwistat, iżda aġixxiet biss bħala intermedjarju u akkwistat it-tagħmir minn distributur awtorizzat. In-nuqqas ta' proċedura ta' sejħiet għall-offerti, mingħajr ġustifikazzjoni, kiser il-prinċipju ta' trattament indaqs u rriżulta f'kompetizzjoni ristretta.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Figura 4 — Eżempji ta' erruri kwantifikabbli fi tranżazzjonijiet ta' proġetti***

Dokumentazzjoni ta' sostenn essenzjali mhux provduta

*Fost l-oħrajn, waħda mill-miżuri korrettivi previsti mill-Kummissjoni hija l-inklużjoni ta' kuntratt fil-kampjun fil-Pjan tal-Awditu tal-2016, li ġie deċiż qabel iż-żjara tal-Qorti. Barra minn hekk, inbdiet il-proċedura ta' rkupru għall-ammont sħiħ misjub ineliġibbli mill-Qorti.*

In-nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarju mar-regoli tal-akkwist

*Il-Kummissjoni qed timplimenta miżuri korrettivi rilevanti, jiġifieri nbdiet il-proċedura ta' rkupru għall-ammont sħiħ misjub ineliġibbli mill-Qorti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni varat verifika tan-nefqa esterna tal-Istimi tal-Programmi kollha ġestiti mill-kuntrattur, sakemm tirċievi r-rapporti finali sabiex tistabbilixxi l-ammont sħiħ dovut.*

([37]) Aħna nirrappurtaw żbalji kwantifikabbli f'każijiet fejn ma jkun hemm assolutament ebda dokumentazzjoni disponibbli, fejn ma jkun hemm ebda evidenza li attività rrappurtata tkun verament seħħet, jew fejn ma jkun hemm ebda rabta bejn l-infiq imġarrab u d-dokumentazzjoni pprovduta. Hemm żewġ raġunijiet prinċipali għalfejn dokumentazzjoni li tkun nieqsa tiġi rrappurtata: (i) jew id-dokument qatt ma kien jeżisti (dan kien imissu nqabad mill-kontrolli *ex ante*); jew (ii) id-dokument jeżisti iżda ma setax jinstab, fatt li jindika dgħufija fil-ġestjoni tad-dokumenti.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *Infiq ineliġibbli*<br><br>Aħna eżaminajna approvazzjoni ta' nfiq li jammonta għal EUR 76 609 taħt il-programm *"Facilité de Coopération Technique"* fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Waħda mill-partiti kienet tikkonċerna xogħlijiet ta' estensjoni fuq bini li ma kinux koperti mill-programm. Barra minn hekk, ix-xogħlijiet twettqu bejn Awwissu u Diċembru 2013, jiġifieri barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni li kien minn Diċembru 2013 sa Marzu 2015. | Nefqa ineliġibbli<br><br>*Il-Kummissjoni qed teżamina s-segwitu li għandu jingħata lil din is-sejba.* |
| *Infiq mhux imġarrab mill-benefiċjarju*<br><br>Aħna eżaminajna approvazzjoni ta' prefinanzjament taħt il-programm "Accelerate progress towards Millenium Development Goal 1c ([38])" (Aċċellerazzjoni tal-progress lejn l-ilħuq tal-Għan ta' Żvilupp 1c tal-Millennju), li ġie implimentat fil-Mozambique. L-organizzazzjoni internazzjonali li implimentat il-programm indikat b'mod korrett fir-rapport finanzjarju tagħha li EUR 3 651 772 iġġarrbu fi spejjeż reali, u li EUR 1 362 182 oħra rrappreżentaw impenji legali (li kienu għadhom ma ġġarbux). Id-DĠ DEVCO aċċetta, bi żball, l-ammont totali ta' EUR 5 013 954 bħala spejjeż reali eliġibbli. | Nefqa mhux imġarrba mill-benefiċjarju<br><br>*Il-Kummissjoni se tieħu l-miżuri korrettivi rilevanti billi tnaqqas l-ammont sħiħ misjub ineliġibbli mill-Qorti minn pagamenti sussegwenti.* |

32. F'disa' każijiet ta' żbalji kwantifikabbli, il-Kummissjoni kellha biżżejjed informazzjoni ([39]), permezz tas-sistemi tagħha, biex tipprevieni, taqbad u tikkoreġi l-iżbalji qabel ma taċċetta l-infiq. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat għall-korrezzjoni tal-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxxa b'1,7 punti perċentwali ([40]).

33. Barra minn hekk, 12-il tranżazzjoni milquta minn żball kwantifikabbli ([41]) kienu suġġett għal awditu jew għal verifikazzjoni tal-infiq. L-informazzjoni pprovduta fl-awditu jew fir-rapport ta' verifikazzjoni dwar ix-xogħol li fil-fatt sar mhux dejjem ippermetta li nivvalutaw jekk l-iżbalji setgħux inqabdu u ġew ikkoreġuti minn dawn il-kontrolli *ex ante*.

34. Żbalji mhux kwantifikabbli relatati ma' spejjeż stmati minflok ma' spejjeż reali (tliet tranżazzjonijiet), nuqqasijiet fil-proċeduri ta' akkwist li ġew segwiti (żewġ tranżazzjonijiet), dokumenti insuffiċjenti (tranżazzjoni waħda), u nfiq mhux kopert mill-kuntratt (tranżazzjoni waħda).

*Appoġġ baġitarju*

35. Il-15-il tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju eżaminati ma kienx fihom żbalji ta' regolarità.

([38]) Li bejn l-1990 u l-2015, jitnaqqas bin-nofs il-proporzjon ta' nies li jbatu l-ġuħ.
([39]) Fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni ta' sostenn u ta' kontrolli obbligatorji.
([40]) Għal 0,3 % (tliet każijiet) il-Kummissjoni wettqet l-iżball hija nfisha u għal 1,4 % (sitt każijiet) l-iżball sar mill-benefiċjarji.
([41]) Li jikkontribwixxu 1,3 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività u elementi oħra tas-sistemi ta' kontroll intern*

36. F'Mejju 2013, id-DĠ DEVCO adotta pjan ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll proprja tiegħu ([42]). Aħna analizzajna l-progress tal-pjan ta' azzjoni u ksibna evidenza li 19-il azzjoni kienu ġew implimentati bis-sħiħ u li 4 kienu għadhom għaddejjin fi tmiem l-2015.

37. F'Lulju 2015, id-DĠ DEVCO adotta pjan ta' azzjoni ġdid wara t-tielet sena konsekuttiva li d-Direttur Ġenerali esprima riżerva fir-Rapport Annwali tal-Attività 2014. Il-pjan ta' azzjoni l-ġdid fih miżuri speċifiċi mmirati lejn oqsma ta' riskju għoli: ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ġestjoni diretta permezz ta' għotjiet. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni l-ġdid se jiġi vvalutat fir-rapport annwali tas-sena d-dieħla.

38. Bħal fis-snin preċedenti, il-frekwenza tal-iżbalji li nstabu, inklużi xi wħud li jaffettwaw il-klejms finali li kienu ġew suġġetti għal awditi esterni *ex ante* u verifikazzjonijiet tal-infiq, tindika li hemm dgħufijiet f'dawn il-kontrolli.

39. Fir-rapport annwali l-aktar reċenti tagħna, aħna rrappurtajna dwar il-miżuri li diġà ttieħdu mid-DĠ DEVCO għat-titjib tal-kwalità ta' dawn l-awditi u l-verifikazzjonijiet ([43]). Fi Frar 2016, id-DĠ DEVCO stabbilixxa grilja tal-kwalità ([44]) biex tiġi vvalutata l-affidabbiltà tal-kontrolli. Din l-għodda se tkun obbligatorja għal awditi u verifikazzjonijiet ikkuntrattati mid-DĠ DEVCO wara l-1 ta' Jannar 2016. Madankollu, għadha mhijiex maħsuba biex tintuża għal awditi u verifikazzjoni tal-infiq li jsiru minn kumpaniji lokali tal-awditjar ikkuntrattati direttament mill-benefiċjarji ([45]), fejn ir-riskju ta' kwalità insuffiċjenti huwa kkunsidrat li huwa ogħla. Barra minn hekk, ir-rapporti tal-awditjar u ta' verifikazzjoni ma jkunx fihom biżżejjed informazzjoni dwar ix-xogħol li fil-fatt ikun sar, biex il-grilja tkun tista' tintuża b'mod effettiv.

([42]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tad-DĠ DEVCO, pp. 188-190 u 195-196.

([43]) (a) l-analiżi tar-riskju saret obbligatorja għat-tħejjija ta' pjanijiet annwali tal-awditjar mid-delegazzjonijiet tal-UE u mid-dipartimenti tad-DĠ DEVCO; (b) il-mudelli tal-kuntratti tal-għoti ġew riveduti sabiex l-awdituri jkunu jistgħu jintgħażlu jew jiġu kkuntrattati direttament mid-DĠ DEVCO; (c) is-sensibilizzazzjoni dwar l-aktar tipi komuni ta' żbalji, taħriġ u rinforz tal-ħiliet finanzjarji u ta' kontroll tal-persunal tad-DĠ DEVCO u tal-benefiċjarji.

([44]) Il-grilja tal-kwalità hija għodda li tintuża biex jiġi vvalutat l-aċċertament ipprovdut minn inkarigu tal-awditjar jew ta' verifikazzjoni tal-infiq, rigward l-eliġibbiltà u l-użu korrett tal-finanzjament. Hija għandha l-għan li tiżgura li r-rapporti aċċettati jkunu ta' kwalità suffiċjenti.

([45]) Eż. verifikazzjonijiet obbligatorji tal-infiq, ta' għotjiet u ta' kuntratti ta' servizzi bbażati fuq tariffi, li jkunu ogħla minn EUR 100 000.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

40. Id-DĠ DEVCO żviluppa wkoll applikazzjoni tal-awditjar ġdida li bdiet topera fit-tieni nofs tal-2015 u li għandha l-kapaċità li ttejjeb il-monitoraġġ u s-segwitu tas-sejbiet li jinqabdu minn awditi u verifikazzjonijiet ikkuntrattati mid-DĠ DEVCO. Bħall-grilja tal-kwalità, din l-applikazzjoni l-ġdida ma tkoprix awditi u verifikazzjonijiet ikkuntrattati direttament mill-benefiċjarji, fejn is-sistema attwali ta' monitoraġġ ma tippermettix li d-DĠ DEVCO jikseb informazzjoni affidabbli dwar l-ispejjeż aggregati u r-riżultati tagħhom.

41. Fl-oqsma tal-ġestjoni tad-dokumenti u l-akkwist, id-DĠ DEVCO stabbilixxa għadd ta' miżuri bl-għan li jtejjeb is-sitwazzjoni kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-benefiċjarji ([46]). Madankollu, in-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn u n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist għadhom il-fatturi prinċipali li jikkontribwixxu għal-livell ta' żball stmat.

*Studju tal-2015 dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER)*

42. Fl-2015 id-DĠ DEVCO wettaq ir-raba' studju tiegħu dwar ir-RER biex jistma l-livell ta' żball li ma nqabadx mill-kontrolli kollha ta' ġestjoni għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**42.** *Id-DĠ DEVCO se japplika wkoll sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità fuq verifiki tan-nefqa direttament ikkuntrattati mill-benefiċjarji. Madankollu, minħabba li nuqqasijiet fis-sistema huma parzjalment marbuta ma' nuqqasijiet fit-Termini ta' Referenza għal tipi ta' impenji, id-DĠ DEVCO l-ewwel se tirrevedi dawn it-Termini ta' Referenza. Ir-reviżjoni tat-Termini ta' Referenza se tinkludi, flimkien ma' rekwiżiti msaħħa tal-kwalità, enfasi aktar ċara fuq riżultati utli għal skopijiet ta' assigurazzjoni.*

([46]) Ġestjoni tad-dokumenti: (a) struzzjonijiet konsolidati dwar il-ġestjoni tad-dokumenti; (b) sensibilizzazzjoni u taħriġ; (c) seminars reġjonali għall-persunal tad-DĠ DEVCO; (d) gwida dwar iffajljar tajjeb kondiviża mal-benefiċjarji; (e) obbligu ġdid għall-benefiċjarji tal-għotjiet li jiddikjaraw fejn id-dokumenti jiġu arkivjati; eċċ.
Akkwist: (a) simplifikazzjoni tar-regoli tal-akkwist; (b) kriterji tal-għażla ċċarati; (c) taħriġ avvanzat dwar proċeduri tal-ikkuntrattar; (d) seminars reġjonali dwar l-aktar tipi komuni ta' żball; (e) titjib fl-aċċess online għal dokumenti ta' gwida; eċċ.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

43. L-istudju kien jikkonsisti fl-eżaminar ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet relatati ma' kuntratti li ngħalqu bejn Settembru 2014 u Awwissu 2015. Ir-riżultati huma ppreżentati fir-RAA ([47]). L-istudju jistma li r-RER tinsab f'livell ta' 2,20 %, jiġifieri ogħla mil-livell ta' materjalità ta' 2 % stabbilit mill-Kummissjoni. Wara rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport Annwali 2013 tagħna ([48]), ir-RAA ddivulga l-ambitu tal-istudju dwar ir-RER u l-limitazzjoni tiegħu meta mqabbel ma' inkarigu tal-awditjar ([49]).

44. It-tipi prinċipali ta' żball li ġew identifikati mill-istudju huma:

(a) nuqqas ta' dokumentazzjoni sodisfaċenti pprovduta minn organizzazzjonijiet benefiċjarji biex jiddimostraw l-eliġibbiltà (35 % tar-RER);

(b) infiq ineliġibbli mġarrab minn benefiċjarji li mhumiex organizzazzjonijiet internazzjonali (25 % tar-RER);

(c) żbalji stmati minħabba li ma kienx hemm disponibbli evidenza suffiċjenti biex tiġi ċċekkjata r-regolarità tat-tranżazzjonijiet (20 % tar-RER);

(d) infiq ineliġibbli mġarrab minn organizzazzjonijiet internazzjonali (15 % tar-RER);

(e) ammonti mhux irkuprati u mhux ikkoreġuti (5 % tar-RER).

45. Kif indikajna fir-rapport tagħna tas-sena l-oħra, l-analiżi li wettaqna tal-istudju tal-2014 dwar ir-RER sabet li kien hemm lok għal titjib f'għadd ta' aspetti ([50]). Għall-istudju tal-2015 dwar ir-RER, id-DĠ DEVCO stabbilixxa miżuri ta' mitigazzjoni. Dawn jindirizzaw id-dgħufijiet kollha, bl-eċċezzjoni tal-metodu ta' evalwazzjoni speċifiku għar-RER, li ma nbidilx u li għadu jħalli marġni wiesa' wisq għall-ġudizzju meta jiġu stmati r-rati ta' żball individwali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**43.** *Il-Kummissjoni qed tqis din il-possibbiltà. Madankollu, minħabba l-ammont sostanzjali ta' verifiki tan-nefqa implimentati, il-possibbiltajiet limitati għas-segwitu u l-investiment fir-riżorsi meħtieġa għall-monitoraġġ tagħhom, id-DĠ DEVCO għandu l-ewwel jivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji li jiġu inklużi fl-applikazzjoni tal-awditu l-ġdid.*

**44.** *Il-Kummissjoni tapprezza r-rikonoxximent tal-Qorti tal-miżuri implimentati. Il-miżuri inkorporati f'mudelli tal-kuntratti u tal-akkwist riveduti se jkunu viżibbli biss b'mod gradwali fl-awditu tal-Qorti, f'konformità maż-żieda ta' impenji bbażati fuq dawk il-mudelli riveduti, fil-kampjun tat-tranżazzjonijiet tal-Qorti.*

([47]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tad-DĠ DEVCO, pp. 42-43.

([48]) Il-paragrafu 51 u r-Rakkomandazzjoni 5 tar-Rapport Annwali 2013.

([49]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tad-DĠ DEVCO, in-nota 25 f'qiegħ il-paġna.

([50]) (a) konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti għad-determinazzjoni tal-fiduċja li tista' titqiegħed fuq xogħol preċedenti ta' kontroll; (b) adegwatezza tad-dokumentazzjoni tal-evidenza għall-awditjar li tappoġġja l-konklużjonijiet; (c) ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni biex il-livell ta' żball misjub fil-kampjun ittestjat ma jiġix estrapolat għall-ammont kollu tat-tranżazzjoni; u (d) marġni ta' ġudizzju wiesa' wisq meta jkunu qed jiġu stmati r-rati ta' żball għal tranżazzjonijiet individwali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Analiżi tar-rapport annwali tal-attività**

46. Fit-tliet snin li għaddew (2012-2014), id-Direttur Ġenerali ħareġ riżerva globali rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, għall-operazzjonijiet kollha tad-DĠ DEVCO. Wara l-osservazzjonijiet tagħna ([51]), id-Direttur Ġenerali għamel dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni differenzjata għar-riskju fir-Rapport Annwali tal-Attività 2015.

47. Ibbażat fuq l-analiżi li wettaq tar-riżultati tagħna u tar-riżultati tal-istudji fl-2012-2014 dwar ir-RER ([52]), id-DĠ DEVCO vvaluta li żewġ oqsma ta' nfiq jirrappreżentaw riskju għoli: (i) għotjiet fil-ġestjoni diretta u (ii) ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Konsegwentement, inħarġet riżerva rigward il-livell materjali ta' żball għal dawn iż-żewġ oqsma. Dan huwa f'konformità mal-osservazzjonijiet tagħna f'dan ir-Rapport Annwali u f'Rapporti Annwali preċedenti ([53]). Barra minn hekk, inħarġet riżerva speċifika li tkopri l-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika minħabba fi dgħufijiet fil-kontroll li ġew identifikati mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni.

48. Rigward il-ġestjoni indiretta ma' pajjiżi benefiċjarji ([54]), fl-analiżi tar-riskju 2012-2014 tiegħu, id-DĠ DEVCO kkonkluda li huwa 95 % fiduċjuż li kien hemm livell materjali ta' żball ([55]) f'dan il-qasam ta' nfiq. Madankollu, ma nħarġet ebda riżerva għall-2015 billi l-livell ta' żball naqas b'mod sinifikanti fl-istudju tal-2015 dwar ir-rata tal-iżball residwu. Minkejja dan, ir-riżultati tal-2015 dwar ir-RER huma sinifikattivament inqas affidabbli ([56]) minn dawk tal-analiżi għall-2012-2014.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**48.** *In-numru ta' stimi naqas minn sena għal sena (2012: 43, 2013: 18, 2014: 15, 2015: 10). Il-grupp ta' persunal li jwettaq stimi fil-livell tal-kuntrattur tnaqqas għal żewġ persuni u kull stima tiġi riveduta fil-livell ta' Direttur u Sieħeb sabiex tiġi żgurata l-konsistenza. Din il-proċedura tirrestrinġi marġini ta' ġudizzju għal meta jiġu kkalkulati r-rati ta' erruri individwali.*

---

([51]) Il-paragrafu 45 tar-Rapport Annwali 2014 u l-paragrafu 44 tar-Rapport 2013.

([52]) Id-DĠ DEVCO wettaq analiżi tar-riskju ta' ħames oqsma prinċipali ta' nfiq: (i) ġestjoni diretta – għotjiet (17 % tal-infiq totali tad-DĠ DEVCO fl-2015); (ii) ġestjoni diretta – appoġġ baġitarju (23 %); (iii) ġestjoni diretta – akkwist (7 %); (iv) ġestjoni indiretta ma' pajjiżi benefiċjarji (22 %); (v) ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' aġenziji tal-Istati Membri tal-UE (26 %).

([53]) Il-paragrafu 30 ta' dan ir-Rapport Annwali, il-paragrafu 31 tar-Rapport 2014 u l-paragrafu 25 tar-Rapport 2013.

([54]) L-implimentazzjoni tal-programmi (kemm għotjiet kif ukoll kuntratti pubbliċi) hija ddelegata lill-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiż benefiċjarju, prinċipalment fil-qasam tal-FEŻ, permezz tal-Uffiċjal Awtorizzanti Nazzjonali.

([55]) Ir-rata ta' żball medja tal-2012-2014 għall-ġestjoni indiretta ma' pajjiżi benefiċjarji kienet stmata bħala 3,56 % (livell ta' fiduċja ta' 95 %: 1,67 % - 5,45 %) għal 141 tranżazzjoni li żammejna wara l-istudju RER u bħala 3,78 % (livell ta' fiduċja ta' 95 %: 2,19 % - 5,37 %) għall-264 tranżazzjoni li żammejna wara d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

([56]) L-istudju tal-2015 dwar ir-RER eżamina 51 tranżazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni indiretta ma' pajjiżi benefiċjarji.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

49. Barra minn hekk, għall-kuntrarju tal-ġestjoni diretta, il-valutazzjoni li twettqet mid-DĠ DEVCO tal-ġestjoni indiretta ma' pajjiżi benefiċjarji ma tiddistingwix bejn iż-żewġ oqsma prinċipali b'mekkaniżmi distinti ta' nfiq u ta' kontroll, u għaldaqstant bi profili differenti tar-riskju: (i) għotjiet ([57]) u (ii) kuntratti pubbliċi suġġetti għall-akkwist ([58]). Billi d-DĠ DEVCO jqis li għotjiet li jiġu implimentati direttament jippreżentaw riskju għoli, dan jimplika li għotjiet li jiġu implimentati indirettament minn pajjiżi benefiċjarji (pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp) jeħtieġu li ssir analiżi tar-riskju ta' livell simili.

50. L-istima tad-DĠ DEVCO tal-ammont kumplessiv f'riskju ([59]) għall-pagamenti li saru fl-2015 (EUR 5 746 miljun) kienet ta' EUR 174 miljun (3,0 % tal-pagamenti tal-2015). Minn dan l-ammont, id-DĠ DEVCO jistma li EUR 50 miljun (29 %) se jiġu kkoreġuti permezz tal-kontrolli tiegħu fi snin sussegwenti ([60]). Din iċ-ċifra ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tal-ammont annwali medju ta' ordnijiet ta' rkupru li nħarġu għal żbalji u irregolaritajiet bejn l-2009 u l-2015. Madankollu, l-istima tiddikjara b'mod eċċessiv u materjali l-kapaċità korrettiva tad-DĠ DEVCO fil-futur billi ma teskludix (i) irkupri ta' prefinanzjament u ta' mgħax iġġenerat, li ma jaffettwawx korrezzjonijiet futuri ta' nfiq awtorizzat, u (ii) kanċellazzjonijiet ta' ordnijiet ta' rkupru li nħarġu qabel. Huwa diffiċli li jiġi stmat kemm din id-dikjarazzjoni hija eċċessiva għall-perjodu sħiħ 2009-2015 ([61]).

---

([57]) Inklużi stimi ta' programmi.

([58]) Kuntratti ta' xogħlijiet, ta' servizzi u ta' provvista, li għalihom l-akkwist isir mill-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiż benefiċjarju. Id-DĠ DEVCO mhuwiex involut fil-kuntratt iżda japprovah għall-finanzjament.

([59]) L-aħjar stima konservattiva tal-ammont ta' nfiq awtorizzat matul is-sena iżda li ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali u regolatorji applikabbli fiż-żmien meta jsir il-pagament.

([60]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tad-DĠ DEVCO, p. 58.

([61]) Din il-kwistjoni hija illustrata fl-analiżi tagħna tal-ordnijiet ta' rkupru tal-FEŻ li nħarġu fl-2015, li ammontaw għal EUR 65 miljun u li ntużaw fil-kalkolu tal-kapaċità korrettiva tad-DĠ DEVCO fil-futur. Minn dan l-ammont, EUR 18-il miljun biss kienu fil-fatt relatati ma' korrezzjonijiet ta' żbalji, filwaqt li s-EUR 47 miljun li jifdal kienu rkupri li ma jaffettwawx il-kapaċità korrettiva tad-DĠ DEVCO: EUR 45 miljun li jikkorrispondu għal irkupri ta' prefinanzjament (EUR 37 miljun ikkontabbilizzati b'mod korrett kontra prefinanzjament miftuħ + EUR 8 miljun ikkontabbilizzati b'mod skorrett bħala dħul) u EUR 2 miljun li jikkorrispondu għal irkupri ta' mgħax iġġenerat. Mit-EUR 18-il miljun relatati ma' korrezzjonijiet, kien imisshom tnaqqsu EUR 13-il miljun oħra bħala kanċellazzjonijiet ta' rkupru li nħarġu qabel.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

# KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjoni għall-2015

51. Aħna nikkonkludu li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u t-tibdil fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà.

52. Aħna nikkonkludu li, għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015:

(a) id-dħul tal-FEŻ mhuwiex milqut minn livell materjali ta' żball;

(b) it-tranżazzjonijiet ta' pagament tal-FEŻ huma milquta minn livell materjali ta' żball (ara l-paragrafi 26 sa 35). L-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li l-livell ta' żball stmat preżenti fil-popolazzjoni huwa ta' 3,8 % (ara l-***Anness 1***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**51.** *L-indiċi tar-riskju għal ġestjoni indiretta ma' pajjiżi benefiċjarji huwa effettivament ogħla minn dak għall-oqsma ta' nfiq li jkun għad fadal li għalih ma ġiet maħruġa l-ebda riżerva. Madankollu, ma varjax b'mod sinifikanti mill-medja li, fl-2015, hija qrib ħafna tal-livell ta' materjalità. Fl-eżerċizzju AAR li jmiss se ssir valutazzjoni ġdida.*

**52.** *It-tfassil tal-mudelli ta' kontroll intern (ICT) għad-definizzjoni tas-sistema ta' kontroll fl-AAR għandu jsib bilanċ bejn ir-rekwiżiti ta' rappurtar u l-informazzjoni disponibbli. Tabilħaqq hemm il-possibbiltà li l-għotjiet indiretti jkollhom indiċi tar-riskju komparabbli ma' dak għal għotjiet diretti, iżda minħabba l-eteroġeneità ta' kuntratti miġbura f'ICT 4 (Ġestjoni indiretta ma' Pajjiżi Benefiċjarji), u l-kampjun relattivament imnaqqas għal xi wħud minn dawn il-kuntratti, il-Kummissjoni ma setgħetx tmur lil hinn fl-analiżi.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Rakkomandazzjonijiet

53. L-***Anness 2*** juri r-riżultat tal-analiżi tagħna tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti ([62]). Fir-Rapporti Annwali 2012 u 2013, aħna ppreżentajna 12-il rakkomandazzjoni. Id-DĠ DEVCO implimenta bis-sħiħ 11-il rakkomandazzjoni, filwaqt li waħda ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

54. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2015, aħna nirrakkommandaw li d-DĠ DEVCO:

— **Rakkomandazzjoni 1**: jespandi l-użu tal-grilja tal-kwalità għall-awditi u l-verifikazzjonijiet tal-infiq ikkuntrattat direttament mill-benefiċjarji;

— **Rakkomandazzjoni 2**: jadatta t-termini ta' referenza tal-awditi u l-verifikazzjonijiet tal-infiq bil-ħsieb li jikseb l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ix-xogħol li fil-fatt ikun sar, sabiex ikun jista' jivvaluta l-kwalità tagħhom bl-użu tal-grilja tal-kwalità l-ġdida;

— **Rakkomandazzjoni 3**: jivvaluta l-ispejjeż u l-benefiċċji tat-titjib tal-monitoraġġ tal-awditi u l-verifikazzjonijiet tal-infiq ikkuntrattati direttament mill-benefiċjarji, billi jinkludihom fl-applikazzjoni tal-awditjar il-ġdida;

— **Rakkomandazzjoni 4**: japplika sanzjonijiet xierqa lil entitajiet li ma jikkonformawx mal-obbligu tagħhom li jipprovdu dokumentazzjoni essenzjali ta' sostenn għall-awditu tal-Qorti;

— **Rakkomandazzjoni 5**: għal pagamenti taħt ġestjoni indiretta ma' pajjiżi benefiċjarji, (i) isostni d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni bl-evidenza disponibbli li tkun statistikament l-aktar affidabbli, u (ii) jiddistingwi bejn forom ta' għajnuna bi profili differenti tar-riskju, kif isir għal pagamenti taħt ġestjoni diretta; u

— **Rakkomandazzjoni 6**: jirrivedi l-istima tal-kapaċità korrettiva tiegħu fil-futur billi jeskludi mill-kalkolu (i) irkupri ta' prefinanzjament li ma ntnefaqx u ta' mgħax iġġenerat, u (ii) kanċellazzjonijiet ta' ordnijiet ta' rkupru li nħarġu qabel.

([62]) L-objettiv ta' dan is-segwitu kien li jiġu vverifikati l-introduzzjoni u l-eżistenza ta' miżuri korrettivi b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna, iżda mhux li tiġi vvalutata l-effettività tal-implimentazzjoni tagħhom.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***53.*** *L-irkupri ta' prefinanzjament u mgħax iggwadanjat biss li ġew ikkodifikati ma' "erruri" jew "irregolaritajiet" fil-kuntest ta' rkupru ġew inklużi fil-kalkolu tal-kapaċità korrettiva. Dan jirrappreżenta parti biss mill-irkupri ta' prefinanzjament u mgħax iggwadanjat li nħarġu fl-2015. Il-Kummissjoni se tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex teskludi dawn l-ordnijiet ta' rkupru u dawk li ġew ikkanċellati mill-istima tal-kapaċità korrettiva fil-futur.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni diġà qed tiżviluppa adattament tal-grilja tal-kwalità għall-karatteristiċi, ħtiġijiet u modalitajiet ta' implimentazzjoni speċifiċi tal-verifiki tan-nefqa.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni diġà qed taħdem f'dan is-sens.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-inklużjoni tal-verifiki tal-awditi u tan-nefqa kkuntrattati mill-benefiċjarji fl-applikazzjoni tal-awditjar il-ġdida. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk dan il-pass se jittieħidx jew le.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tinforza d-dispożizzjonijiet rigward il-kwistjoni mqajma mill-Qorti.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Fl-eżerċizzju AAR li jmiss se ssir valutazzjoni tar-riskju ġdida. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni magħmula, il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk distinzjoni bejn il-profili tar-riskju differenti fil-ġestjoni indiretta mal-benefiċjarju hijiex possibbli jew rilevanti.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Se jidħlu fis-seħħ miżuri sabiex:*

— *jeskludu l-irkupru ta' prefinanzjament li kienu miġbura b'"erruri" jew "irregolaritajiet" tal-kuntest ta' rkupru u l-kanċellazzjonijiet ta' ordnijiet ta' rkupru maħruġa qabel mill-istima tal-kapaċità korrettiva fil-futur;*

— *jiġu evitati erruri fil-kodifikazzjoni ta' rkupri ta' mgħax iggwadanjat.*

ANNESS 1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP*

| | 2015 | 2014 |
|---|---|---|
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet | **140** | 165 |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | |
| Livell ta' żball stmat | **3,8 %** | 3,8 % |
| Limitu superjuri tal-iżball (UEL) | 6,0 % | |
| Limitu inferjuri tal-iżball (LEL) | 1,6 % | |

ANNESS 2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2013 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-EuropeAid għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega kollha jirkupraw kull sena l-imgħax iġġenerat minn prefinanzjament ta' aktar minn EUR 750 000 (ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 1). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Il-EuropeAid għandu jikkompleta l-iżvilupp tas-sistema CRIS sa tmiem l-2014, biex l-imgħax fuq prefinanzjament ta' bejn EUR 250 000 u EUR 750 000 jkun jista' jiġi rikonoxxut bħala dħul finanzjarju (ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 2). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** Il-EuropeAid għandu jirrevedi l-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-kontrolli implimentati (ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 3). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** Il-EuropeAid għandu jirrapporta fir-RAA dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-indirizzar tad-dgħufijiet fis-sistema ta' kontroll (ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 4). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** Il-EuropeAid għandu jiddivulga fir-RAA l-ambitu tal-istudju dwar ir-RER u l-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball stmati (ir-Rapport Annwali 2013, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 5). | x | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | | | | |
| 2012 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-EuropeAid għandu jirrevedi l-metodoloġija tar-RER tiegħu (ir-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 1). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Il-EuropeAid għandu jipprovdi deskrizzjoni preċiża, fir-RAA, tar-riżultati tal-istudji tar-RER (ir-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 2). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** Il-EuropeAid għandu jiżgura l-approvazzjoni f'waqtha tal-infiq (ir-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 3). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** Il-EuropeAid għandu jippromwovi ġestjoni aħjar tad-dokumenti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u mill-benefiċjarji (ir-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 4). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** Il-EuropeAid għandu jieħu miżuri effettivi sabiex itejjeb il-kwalità tal-verifikazzjonijiet tal-infiq imwettqa minn awdituri esterni (ir-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 5). | | x | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** Il-EuropeAid għandu jiżgura l-applikazzjoni korretta ta' kundizzjonijiet speċifiċi għal pagamenti ta' appoġġ baġitarju (ir-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 6). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 7:** Il-EuropeAid għandu jiżgura li l-ordnijiet ta' rkupru fir-rigward ta' mgħax fuq prefinanzjament ogħla minn EUR 750 000 jinħarġu kull sena (ir-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 51, ir-Rakkomandazzjoni 7). | x | | | | | | |

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT